# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 24

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

22 ta' Jannar 2016


Werrej

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

SESSJONI 2012–2013

Dati tas-seduti: mill-4 sas-7 ta' Frar 2013

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 120 E, 26.4.2013.*

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 5 ta' Frar 2013**


2016/C 024/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2013 dwar it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs (2012/2134(INI)) . . . 2


**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**


2016/C 024/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar is-57 sessjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa (CSW) tan-NU: l-eliminazzjoni u l-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet (2012/2922(RSP)). . . . 8

2016/C 024/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu (2012/2258(INI)) . . . 11

2016/C 024/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar l-objettivi strateġiċi tal-UE għas-16-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), li se ssir f'Bangkok (it-Tajlandja) mit-3 sal-14 ta' Marzu 2013 (2012/2838(RSP)) . . . 19

2016/C 024/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-linji gwida għall-proċedura baġitarja 2014, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew, Taqsima II – Il-Kunsill, Taqsima IV – Il-Qorti tal-Ġustizzja, Taqsima V – Il-Qorti tal-Awdituri, Taqsima VI – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Taqsima VII – Il-Kumitat tar-Reġjuni, Taqsima VIII – L-Ombudsman Ewropew, Taqsima IX – Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, Taqsima X – Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (2013/2003(BUD)) 24


MT

2016/C 024/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar ir-Responsabilità Soċjali Korporattiva: imġiba kummerċjali responsabbli u trasparenti u tkabbir sostenibbli (2012/2098(INI)) . . . . . . . . . . . 28

2016/C 024/07 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar ir-Responsabilità Soċjali Korporattiva: promozzjoni tal-interessi tas-soċjetà u triq lejn l-irkupru sostenibbli u inklużiv (2012/2097(INI)) . . . 33

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

2016/C 024/08 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 (2012/2256(INI)) . . . 49

2016/C 024/09 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Aspetti Soċjali u tal-Impjieg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 (2012/2257(INI)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 55

2016/C 024/10 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-governanza tas-Suq Eniku (2012/2260(INL)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 75

2016/C 024/11 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-7 ta' Frar 2013 dwar it-22 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti (2013/2533(RSP)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 89

2016/C 024/12 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar it-taħriġ ġudizzjarju – koordinaturi tal-qrati (2012/2864(RSP)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 97

2016/C 024/13 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar ir-Rapport Annwali 2011 tal-Bank Ewropew tal-Investiment (2012/2286(INI)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 100

2016/C 024/14 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar il-Laos: il-każ ta' Sombath Somphone (2013/2535(RSP)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 106

2016/C 024/15 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar id-detenzjoni ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem fiż-Żimbabwe (2013/2536(RSP)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 108

2016/C 024/16 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar l-attakki riċenti fuq il-ħaddiema ta' assistenza medika fil-Pakistan (2013/2537(RSP)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 111


---

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 5 ta' Frar 2013**


2016/C 024/17 P7_TA(2013)0034

Miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew (COM(2010)0767 – C7-0003/2011 – 2010/0370(COD))

P7_TC1-COD(2010)0370

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-5 ta' Frar 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 115

2016/C 024/18 P7_TA(2013)0035

Miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni (COM(2010)0498 – C7-0284/2010 – 2010/0256(COD))

P7_TC1-COD(2010)0256

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-5 ta' Frar 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 116

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

2016/C 024/19 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-GATT tal-1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-UE (12213/2012 – C7-0409/2012 – 2012/0167(NLE)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 118

2016/C 024/20 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (COM(2012)0709 – C7-0410/2012 – 2012/0335(NLE)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 118

2016/C 024/21 P7_TA(2013)0039

Trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni ta' sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa (COM(2012)0084 – C7-0056/2012 – 2012/0035(COD))

P7_TC1-COD(2012)0035

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Frar 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni ta' sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa [1] . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 119

2016/C 024/22 P7_TA(2013)0040

Il-Politika Komuni tas-Sajd ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2011)0425 – C7-0198/2011 – 2011/0195(COD))

P7_TC1-COD(2011)0195

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Frar 2013 il-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li temenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 768/2005 u li tħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 134

---

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

2016/C 024/23 P7_TA(2013)0041

Il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur (COM(2011)0856 – C7-0487/2011 – 2011/0409(COD))

P7_TC1-COD(2011)0409

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Frar 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur ([1]) . . . . . 195

2016/C 024/24 P7_TA(2013)0042

Il-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond Ewropew għar-Ritorn u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE, d-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE bil-ħsieb li tiżdied ir-rata ta' kofinanzjament għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond Ewropew għar-Ritorn u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-ġestjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbilità finanzjarja tagħhom (COM(2012)0526 – C7-0302/2012 – 2012/0252(COD))

P7_TC1-COD(2012)0252

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Frar 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE bil-ħsieb li tiżdied ir-rata ta' kofinanzjament għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond Ewropew għar-Ritorn u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-ġestjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom . . . . . 265

2016/C 024/25 P7_TA(2013)0043

Il-Fond tal-Fruntieri Esterni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE bil-ħsieb li tiżdied ir-rata ta' kofinanzjament tal-Fond tal-Fruntieri Esterni għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbilità finanzjarja tagħhom (COM(2012)0527 – C7-0301/2012 – 2012/0253(COD))

P7_TC1-COD(2012)0253

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Frar 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE bil-ħsieb li tiżdied ir-rata ta' kofinanzjament tal-Fond għall-Fruntieri Esterni għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom 266

---

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

2016/C 024/26 P7_TA(2013)0044

Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta’ Frar 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta’ riżorsi tas-sajd permezz ta’ miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta’ żgħar ta’ organiżmi tal-baħar u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1288/2009 (COM(2012)0298 – C7-0156/2012 – 2012/0158(COD))

P7_TC1-COD(2012)0158

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta’ Frar 2013 bil-ħsieb ta’ l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta’ riżorsi tas-sajd permezz ta’ miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta’ żgħar ta’ organiżmi tal-baħar u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1434/98 li jispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jinħattu l-aringi għal skopijiet industrijali li mhux għall-konsum dirett tal-bniedem . . . . . 267

**Il-Ħamis 7 ta’ Frar 2013**

2016/C 024/27 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta’ Frar 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward ta’ mekkaniżmu ta’ reazzjoni rapida kontra l-frodi tal-VAT (COM(2012)0428 – C7-0260/2012 – 2012/0205(CNS)) . . . . . 269

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

# IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2012–2013

Dati tas-seduti: mill-4 sas-7 ta' Frar 2013

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 120 E, 26.4.2013.*

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 5 ta' Frar 2013**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2013)0036

## It-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2013 dwar it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs (2012/2134(INI))**

(2016/C 024/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs' (COM(2011)0870),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Ewropa 2020 – strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni 'L-imminimizzar tal-piż regolatorju għall-SMEs – L-adattament tar-regolamentazzjoni tal-UE għall-bżonnijiet tal-intrapriżi mikro' (COM(2011)0803),

— wara li kkunsidra l-programm tal-Kummissjoni għall-kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, il-programm 'COSME' (COM(2011)0834),

— wara li kkunsidra l-'Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa' (COM(2008)0394), li jirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-SMEs fl-ekonomija tal-UE u għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rwol tal-SMEs u jippromwovi l-potenzjal tagħhom li joħolqu t-tkabbir u l-impjiegi billi jtaffi għadd ta' problemi kkunsidrati bħala fatturi li jimpedixxu l-iżvilupp tal-SMEs,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2011 dwar ir-reviżjoni tal-'Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa' (COM(2011)0078) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Mejju 2011 dwarha ([1]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju (COM(2011)0860),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej (COM(2011)0862),

— wara li kkunsidra l-istudju tal-2011 tal-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew rigward l-Istħarriġ dwar l-Aċċess għall-Finanzi għall-SMEs,

([1]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 102.

**It-Tlieta 5 ta' Frar 2013**

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 2/2012 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-istrumenti finanzjarji għall-SMEs kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar l-iżvilupp tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' ekonomija sostenibbli ġdida ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0001/2013),

A. billi regolamentazzjoni tal-industrija finanzjarja b'dgħufijiet fit-tfassil, flimkien mal-effetti ħorox u mifruxa tal-kriżi finanzjarja, ekonomika u tad-dejn, jistgħu jwasslu għal aċċess għall-finanzi aktar diffiċli għall-SMEs;

B. billi huwa kruċjali li jinħolqu u jiġu żviluppati l-għodod meħtieġa u jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet it-tajbin li jippermettu lill-Unjoni tagħti spinta lit-tkabbir fiż-żona tal-euro u fl-Unjoni b'mod ġenerali;

C. billi s-self bankarju huwa s-sors ewlieni ta' finanzjament għall-SMEs fl-Unjoni Ewropea;

D. billi, skont data tal-BĊE, ir-rati tas-self għall-SMEs ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri u hemm żbilanċi fl-aċċess għal-likwidità, b'rati għolja ta' rifjut fir-rigward ta' self għal proġetti ta' negozju f'ċerti pajjiżi;

E. billi l-SMEs jirrappreżentaw aktar minn 98 % tan-negozji Ewropej u jipprovdu aktar minn 67 % tal-impjiegi fl-Unjoni; billi, għalhekk, huma s-sinsla tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u xpruni importanti tat-tkabbir ekonomiku Ewropew fit-tul u ta' opportunitajiet ta' ħolqien ta' impjiegi sostenibbli fi ħdan is-27 Stat Membru;

F. billi 85 % tal-impjiegi ġodda kollha fl-UE bejn l-2002 u l-2010 nħolqu mill-SMEs, b'mod partikolari minn ditti ġodda; billi 32,5 miljun persuna fl-UE jaħdmu għal rashom;

G. billi hemm tipi differenti ta' SMEs li kollha għandhom ħtiġijiet differenti;

H. billi l-azzjonijiet li jappoġġaw l-SMEs u l-intraprenditorija huma regolati mill-'Att dwar in-Negozji ż-Żgħar' li l-Istati Membri flimkien mal-Kummissjoni Ewropea impenjaw ruħhom li jimplimentawh,

***Kwistjonijiet ġenerali***

1. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u l-ġabra wiesgħa ta' proposti u rakkomandazzjonijiet tagħha rigward l-SMEs;

2. Jaqbel mal-Kummissjoni li s-suċċess ekonomiku, l-eċċellenza u l-koeżjoni tal-Unjoni Ewropea jiddependu fil-wisa' minn tkabbir u ħolqien ta' impjiegi sostenibbli abbażi ta' SMEs impenjati li jipprovdu prodotti u servizzi ta' kwalità; jenfasizza l-importanza li jitħeġġeġ it-tkabbir ekonomiku tul il-firxa kollha ta' kumpaniji; jenfasizza li l-SMEs huma parti minn 'ekosistema' usa' ta' intrapriżi; jinnota li f'din l-'ekosistema' hemm ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata enfasi ugwali fuq it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għal mikrointrapriżi jew għal negozjanti individwali; jinnota li kumpaniji akbar jiddependu b'mod estensiv minn netwerk wiesa' ta' SMEs iżgħar;

3. Jenfasizza li, minħabba l-effett aggravanti tal-kriżi finanzjarja u ekonomika, bosta SMEs għandhom diffikultajiet ta' aċċess għall-finanzi u li l-SMEs jeħtiġilhom jikkonformaw ma' kriterji regolatorji ġodda u xi drabi aktar stretti minn qabel; jenfasizza li l-istituzzjonijiet bankarji li matul il-kriżi bbenefikaw minn għajnuna mill-istat, kif ukoll minn forom impliċiti oħra ta' għoti ta' sussidju bħal garanziji pubbliċi u appoġġ ta' likwidità minn banek ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew, għandhom ikunu suġġetti għal miri rigward l-ammonti ta' finanzjament tagħhom u l-kundizzjonijiet għall-SMEs; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tippromwovi l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tal-prinċipju 'L-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir', li jimplika semplifikazzjoni ulterjuri tal-ambjent regolatorju u amministrattiv għall-SMEs;

([1]) ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 6.

**It-Tlieta 5 ta' Frar 2013**

4. Jenfasizza l-fatt li fis-semplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju u amministrattiv għall-SMEs, jeħtieġ li jiġi pprovdut ħarsien adegwat għall-impjegati fl-oqsma tas-sigurtà soċjali u s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw diskriminazzjoni potenzjali fl-aċċess għall-finanzi fil-każ ta' SMEs immexxija minn persuni jew gruppi soċjali żvantaġġati;

5. Jinnota li f'dawn l-aħħar snin saru sforzi konsiderevoli sabiex titnaqqas il-burokrazija;

6. Jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ is-sistema bankarja lokali; jenfasizza r-responsabilità u l-funzjonijiet tal-banek, minn banek fuq skala lokali għal dawk fuq skala Ewropea, b'rabta mal-investiment għaqli fl-ekonomija u b'mod aktar speċifiku fl-SMEs; jinnota d-differenzi bejn l-Istati Membri fil-prezz tas-self għall-SMEs u fl-aċċess għall-finanzi għall-SMEs minħabba kuntest makroekonomiku mhux favorevoli, li jistgħu jkollhom implikazzjonijiet negattivi għall-kompetizzjoni f'żoni periferiċi; jindika li, għalkemm il-problemi ta' aċċess għall-finanzi għall-SMEs għadhom ivarjaw fost l-Istati Membri, ir-riżultati tal-Istħarriġ tal-BĊE dwar is-Self mill-Banek ta' Ottubru 2011 juru ssikkar sinifikanti ġenerali fl-istandards tal-kreditu għas-self lill-SMEs u juru li tnaqqis fl-investimenti għal livell minimu jista' jwassal għal kriżi tal-kreditu; jirrikonoxxi, minbarra dan, li hemm domanda sinifikanti għal mikrokrediti fl-UE;

7. Itenni li regoli kuntrattwali riveduti għall-akkwist pubbliku u l-konċessjoni m'għandhomx ixekklu l-aċċess tal-SMEs u l-mikrointrapriżi għas-suq tal-akkwist;

8. Ifakkar li fl-Ewropa, is-sors ewlieni tal-finanzjament tal-SMEs huwa s-settur bankarju; jemmen li minħabba l-frammentazzjoni tas-settur bankarju u d-diverġenza kbira sussegwenti fir-rati ta' self u l-offerta ta' kreditu fost il-pajjiżi, jeħtieġ li jkun hemm approċċ differenzjat għat-titjib fl-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-pajjiż;

***Id-diversità tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju***

9. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-SMEs madwar l-Ewropa huma eteroġenji ħafna, minn negozji tradizzjonali ħafna mmexxija mill-familja għal intrapriżi li jikbru b'rata mgħaġġla, ditti ta' teknoloġija avvanzata, mikrointrapriżi, intrapriżi soċjali u negozji li jkunu għadhom kemm jifthu, u li l-approċċi biex jassistuhom għandhom ikunu diversi wkoll;

10. Jindika li fis-sitwazzjoni attwali fejn l-aċċess insuffiċjenti għal sorsi adegwati ta' kapital ta' riskju, partikolarment fl-istadji tal-bidu, għadu wieħed mill-aktar restrizzjonijiet sinifikanti għall-ħolqien u l-iżvilupp tad-ditti orjentati lejn it-tkabbir, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni jenfasizza ħafna l-kapital ta' riskju bħala mezz possibbli ta' finanzjament tat-tkabbir; jenfasizza, madankollu, li dan it-tip ta' finanzjament huwa adegwat biss għal numru żgħir ta' SMEs u li s-self bankarju għadu s-sors ewlieni ta' finanzjament;

11. Jenfasizza li m'hemmx mezz ta' finanzjament wieħed tajjeb għal kulħadd, u jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' programmi, strumenti u inizjattivi mfasslin apposta, minn ekwità (bħal investituri privati (business angels), finanzjament kollettiv u faċilitajiet ta' kummerċ multilaterali) għal kważi ekwità (bħal finanzjament intermedju ('mezzanine finance')) u strumenti tad-debitu (bħal bonds ta' kumpaniji ta' ammonti żgħar ('small-ticket company bonds'), faċilitajiet ta' garanzija u pjattaformi), fi sħubijiet bejn il-banek u operaturi oħra involuti fil-finanzjament tal-SMEs (professjonisti tal-kontabilità, assoċjazzjonijiet tan-negozju jew tal-SMEs jew kmamar tal-kummerċ) sabiex in-negozji jiġu appoġġati fil-fażijiet tal-bidu, tat-tkabbir u tat-trasferiment b'kunsiderazzjoni tal-kobor, id-dħul u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħhom;

12. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tenfasizza r-rwol importanti li jista' jkollu s-suq tal-ishma sabiex itejjeb l-aċċess għal-likwidità kemm għall-SMEs u kemm għall-investituri fi stadji differenti; ifakkar li fiż-żona tal-euro diġà huma stabbiliti swieq tal-ishma mfasslin speċifikament għall-SMEs u li dawn tfasslu b'rispons għar-rekwiżiti speċifiċi tas-suq u tal-finanzjament;

***Il-vulnerabbiltà tal-SMEs***

13. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex ir-regolamenti l-ġodda rilevanti għall-SMEs ikunu suġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ġenerali u inklużiva, inkluż test rigoruż, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet u l-isfidi li jridu jiffaċċjaw l-SMEs;

14. Jenfasizza l-fatt li l-SMEs spiss jinsabu fi tmiem katina twila tal-provvista u għaldaqstant huma dawk li l-aktar li jiġu affettwati minn ħlasijiet tard u perjodi qosra ta' ħlas; jilqa', għalhekk, l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkoraġġixxi bil-qawwa lill-Istati Membri jaċċeleraw l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħlasijiet Tard;

**It-Tlieta 5 ta' Frar 2013**

15. Jissottolinja l-fatt li l-istħarriġ tal-Kummissjoni juri li mhux biss l-aċċess għall-finanzi iżda wkoll l-aċċess għall-ħiliet, inklużi dawk maniġerjali u l-għarfien finanzjarju u tal-kontabilità, jikkostitwixxu fatturi kritiċi għall-SMEs sabiex ikollhom aċċess għall-fondi, ikunu innovattivi, jikkompetu u jikbru; jemmen, għaldaqstant, li d-disponibilità ta' strumenti finanzjarji tal-UE għandu jiġi akkumpanjat minn forniment ta' skemi xierqa ta' gwida, pariri u taħriġ u servizzi tan-negozju bbażati fuq l-għarfien;

16. Iqis li hu meħtieġ li l-SMEs ikunu appoġġati fil-livell lokali sabiex jiġu żviluppati politiki għall-promozzjoni tal-intraprenditorija, sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-SMEs tul il-ħajja operattiva tagħhom u sabiex dawn jiġu megħjuna jkollhom aċċess għal swieq ġodda; jemmen li r-rikonoxximent u l-iskambju ta' prattiki tajba huma elementi ewlenin ta' din il-politika;

***Lejn aktar professjonalità fl-intraprenditorija***

17. Jinnota li n-nuqqas ta' għarfien bażiku tal-imprendituri fil-qasam tal-finanzi jillimita l-kwalità tal-pjanijiet ta' negozju u għaldaqstant ukoll is-suċċess ta' applikazzjonijiet għal kreditu; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ għat-taħriġ professjonali għal imprendituri potenzjali kif ukoll għas-sħubijiet bejn banek, kmamar tal-kummerċ, assoċjazzjonijiet ta' negozju u professjonisti fil-kontabilità;

18. Jemmen li l-intraprenditorija femminili hija riżors mhux sfruttat għat-tkabbir u l-kompetittività tal-UE li għandu jiġi mrawwem u msaħħaħ u li għandhom jitneħħew l-ostakli kollha li jiffaċċjaw in-nisa fis-suq tax-xogħol;

19. Jemmen li fis-sistemi ta' edukazzjoni bażika għandhom jiġu inklużi l-iżvilupp ta' ħiliet imprenditorjali kif ukoll programmi ta' tagħlim dwar kif is-suq, l-ekonomija u s-sistema finanzjarja joperaw, jiffunzjonaw u jaffettwaw lil xulxin; jemmen li pjan ta' negozju mħejji tajjeb huwa l-ewwel pass lejn aċċess aħjar għall-finanzi u l-vijabilità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu mingħajr dewmien l-edukazzjoni finanzjarja fil-programmi edukattivi tagħhom; jappoġġa, f'dan ir-rigward, il-programm "Erasmus għall-Imprendituri Żgħażagħ", imfassal sabiex jippromwovi kultura intraprenditorjali u jiżviluppa s-suq uniku u l-kompetittività;

20. Jemmen li jeħtieġ li jkun hemm strateġija speċjali għal negozji li jkunu għadhom kemm jiftħu u għodod finanzjarji biex jiġu implimentati proġetti innovattivi u tiġi żviluppata l-kreattività tal-imprendituri żgħażagħ;

21. Jenfasizza l-fatt li f'uħud mill-Istati Membri diġà hemm element tal-aħjar prattika fil-qasam tat-titjib fit-tħejjija tal-imprendituri; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-implimentazzjoni tagħha fi Stati Membri oħra;

22. Jenfasizza, li l-fatt li l-imprendituri u l-imprendituri potenzjali u l-banek jiġu infurmati bi kliem sempliċi u fuq bażi regolari dwar l-inizjattivi ta' taħriġ, il-finanzjament mill-UE u l-programmi għall-SMEs, huwa indispensabbli fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, billi jeħtieġ li dawn japprofittaw ruħhom mill-opportunitajiet u l-miżuri kollha disponibbli; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-SMEs jiġu infurmati kif xieraq dwar l-inizjattivi tal-UE u l-proposti ta' politika;

23. Jappella għal aktar sforzi komunikattivi min-naħa tal-grupp tal-BEI sabiex jiġu promossi skemi finanzjarji għall-komunità tal-SMEs b'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-SMEs;

24. Jindika li fid-dawl tal-fatt li 15 % tan-negozji jagħlqu minħabba falliment, huwa indispensabbli li l-imprendituri li fallew jingħataw gwida; jappoġġa s-semplifikazzjoni u t-tqassir fil-proċeduri ta' falliment sabiex l-imprendituri inkwistjoni jingħataw ċans ieħor, billi n-negozji stabbiliti minn persuni li jkunu se jiftħu negozju għat-tieni darba jista' jkollhom prestazzjoni aħjar;

***It-trasparenza***

25. Jinnota li l-għarfien tal-kredituri dwar l-għodod ta' kreditu ġeneralment huwa aħjar minn dak tal-imprendituri u li l-imprendituri għandhom jikkomunikaw aħjar mal-kredituri dwar il-pjan ta' negozju tagħhom u dwar l-istrateġija tagħhom fuq perjodu twil; jenfasizza li dawn il-lakuni fl-informazzjoni joħolqu diffikultajiet fid-diskussjoni dwar applikazzjoni għal kreditu; jirrikonoxxi l-fatt li jeħtieġ li l-SMEs jiksbu pariri mfasslin speċifikament dwar l-opportunitajiet ta' kreditu; jistieden lill-Kummissjoni trawwem l-iskambju tal-aħjar prattiki b'rabta ma' soluzzjonijiet speċifiċi fir-rigward tad-djalogu, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-kredituri u l-imprendituri; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-imprendituri u l-kredituri;

26. Jenfasizza li l-kredituri għandhom jistabbilixxu kriterji ċari u speċifiċi dwar l-applikazzjoni għall-finanzjament b'mod trasparenti; jenfasizza li meta kreditur jiċħad applikazzjoni għal kreditu totalment jew parzjalment, il-kreditur għandu jinforma lill-imprenditur b'mod adegwat u kostruttiv ir-raġunijiet għaċ-ċaħda; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi linji gwida ċari dwar dan l-approċċ kostruttiv lejn it-trasparenza;

**It-Tlieta 5 ta' Frar 2013**

27. Jinnota li fil-ħlas minn qabel ta' self, l-SMEs iridu jħallsu għat-telf ta' finanzjament, u spiss multa addizzjonali lill-kreditur, li twassal għal spiża totali li hija għolja wisq biex jifilħuha; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi aktar trasparenza fil-kuntratti kollha dwar il-ħlas lura qabel il-waqt għall-SMEs u teżamina l-possibilità li jiġi stabbilit punt massimu sabiex l-ispejjeż għal din it-tip ta' operazzjoni jiġu limitati;

28. Jinnota li l-SMEs spiss iħabbtu wiċċhom ma' rekwiżiti dejjem aktar stretti, inklużi garanziji personali, sabiex jiksbu finanzjament mingħand istituzzjonijiet tal-kreditu; jinnota li rati ta' interessi aktar għoljin jistgħu jwasslu għal żieda fit-termini u l-kundizzjonijiet mhux marbuta mal-prezz, inklużi garanziji personali; iqis, għalhekk, li l-leġiżlazzjoni meħtieġa sabiex tiġi rregolata l-industrija finanzjarja għandha tħares u tistimola b'mod espliċitu s-self effikaċi lill-ekonomija reali, b'mod partikolari l-SMEs;

29. Jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-piż amministrattiv fil-bidu u matul il-ħajja operattiva tal-SMEs, fid-dawl tad-differenzi f'dan il-qasam bejn il-pajjiżi li qed jostakolaw l-ikkompletar tas-suq uniku; jenfasizza li huwa importanti li jitnaqqsu n-numru ta' ġranet meħtieġa sabiex jinfetaħ negozju ġdid; jitlob lill-Kummissjoni teżamina l-aħjar prattiki potenzjali li jridu jiġu implimentati fl-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-possibilità li tintroduċi numru ta' identifikazzjoni uniku tal-SMEs, miżmum f'bażi ta' data Ewropea unika għall-SMEs, inkluża d-data finanzjarja kollha, li jippermetti lill-SMEs japplikaw b'mod aktar faċli għall-programmi u l-finanzjament nazzjonali u tal-UE; jindika li fl-introduzzjoni ta' tali numru ta' identifikazzjoni tal-SME, għandha tingħata attenzjoni lill-prinċipji tal-ħarsien tad-data;

30. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni sabiex tippromwovi l-użu ta' klassifikazzjoni kwalitattiva bħala għodda sabiex tiġi kkomplementata l-valutazzjoni kwantitattiva standard tal-affidabilità kreditizja tal-SMEs;

***Modi ġodda ta' finanzjament***

31. Jilqa' l-programmi ġodda ta' finanzjament tal-Kummissjoni, li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-finanzjament tal-UE mfassal apposta għall-SMEs; jenfasizza li l-frammentazzjoni tal-finanzjament għandha tiġi evitata u li l-finanzjament jista' jkun effikaċi biss meta jkun kapaċi jkopri parti sostanzjali ta' dak li huwa meħtieġ mill-SMEs inkwistjoni;

32. Jemmen bis-sħiħ li l-pakkett finanzjarju għall-istrumenti finanzjarji tad-debitu u l-ekwità fl-ambitu tal-Programm COSME u Orizzont 2020 għandu jiżdied sostanzjalment, u li l-aċċess tal-SMEs għal tali strumenti għandu jitjieb konsiderevolment;

33. Huwa tal-opinjoni li l-Kummissjoni għandha tesplora metodi għat-titjib tas-suq ta' kważi ekwità Ewropew, b'mod partikolari l-finanzjament intermedju; jirrakkomanda lill-Kummissjoni tistħarreġ kif għandha ssaħħaħ il-faċilità Mezzanina għat-Tkabbir tal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) u tinvestiga prodotti intermedji ġodda, bħal garanzija għal self intermedju; jirrakkomanda wkoll li jiġu pprovduti data u analiżi dwar l-istrumenti finanzjarji biex jitnaqqsu l-ostakli għal intermedjarji finanzjarji li jkunu jixtiequ jesploraw is-suq tas-self għal kapital intermedju fl-UE;

34. Jitlob li tal-anqas 20 % tal-baġit ta' Orizzont 2020 ikun allokat lill-SMEs;

35. Jinnota li l-garanziji tal-kapital huma apprezzati u użati ħafna mill-SMEs u l-istituzzjonijiet tal-kreditu; jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw qafas adegwat għall-garanziji tal-kapital;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi qafas regolatorju xieraq u mfassal apposta għall-emittenti tal-finanzjament għall-SMEs li ma jkunx ta' piż għalihom u li jakkwista wkoll il-fiduċja tal-investituri (skont il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-istandards tal-kontabilità, id-Direttiva dwar il-Prospett, id-Direttiva dwar it-Trasparenza, id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq u l-MIFID);

37. Jilqa' l-ftehim li ntlaħaq fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-28 u tad-29 ta' Ġunju 2012 dwar iż-żieda fil-kapital tal-BEI bl-ammont ta' EUR 10 biljun, li se jippermetti lill-grupp BEI jżid il-kapaċità ta' self tiegħu ġewwa l-Unjoni b'madwar EUR 60 biljun tul il-perjodu 2012-2015 u jikseb madwar EUR 180 biljun f'investiment totali u li b'hekk ikollu rwol pożittiv fil-kuntest tal-isforzi magħquda biex tingħata spinta lill-ekonomija Ewropea; jilqa' l-fatt li l-BEI, fil-prijoritajiet ta' self tiegħu, identifika b'mod speċifiku l-ħtieġa li tiġi estiża l-firxa ta' sħab bankarji għal self lill-SMEs sabiex jiġu inklużi intermedjarji finanzjarji u mhux konvenzjonali ġodda; jenfasizza li dan l-impenn il-ġdid m'għandux idgħajjef l-isforzi paralleli biex jissaħħu u jittejbu l-istrumenti baġitarji konġunti tal-BEI u tal-Unjoni li jintużaw għall-kondiviżjoni tar-riskju u t-teħid ta' ishma tal-ekwità; fid-dawl ta' dan, jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ u tottimizza l-istrumenti tal-kondiviżjoni tar-riskju tal-Bank Ewropew tal-Investiment u l-programmi tal-Fond Ewropew tal-Investiment għall-portafolli tal-ekwità jew tal-finanzjament intermedju mogħti mill-istituzzjonijiet finanzjarji (intermedjarji) lill-SMEs; jirrikonoxxi li l-politika ta' koeżjoni hija waħda mis-sorsi ewlenin ta' appoġġ finanzjarju għall-SMEs u li programmi ta' finanzjament fl-ambitu tal-Fondi Strutturali, tnaqqis fil-burokrazija, u żieda fir-rapidità u l-effiċjenza huma essenzjali sabiex jitrawwem l-irkupru tal-ekonomija tal-UE u l-kompetittività tagħha;

**It-Tlieta 5 ta' Frar 2013**

38. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi Pjattaforma ta' Garanzija Ewropea permanenti fl-ambitu tal-Fond Ewropew tal-Investiment biex tiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi, li ttejjeb l-iżvilupp tal-garanziji jew tal-prodotti tas-self ibbażati fuq garanziji Ewropej u tnaqqas ir-rekwiżiti tal-kapital bankarju u l-espożizzjoni għar-riskji għall-intermedjarji finanzjarji;

39. Iħeġġeġ lill-BEI jkompli jibni fuq l-inizjattiva ta' Mikrofinanzjament tal-Proġetti u b'hekk ikattar il-kontribut tiegħu lejn l-iżvilupp tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE fil-qasam tal-inklużjoni soċjali;

40. Jinnota li f'uħud mill-Istati Membri hemm ammont rekord ta' tfaddil domestiku fil-kontijiet tal-bank, filwaqt li fi Stati Membri oħrajn id-depożiti qed jonqsu minħabba l-effetti tal-kriżi; jenfasizza li l-ħolqien ta' qafas adatt ta' inċentivi sabiex dan it-tfaddil domestiku jiġi attivat għandu jiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi, kemm dawk nazzjonali u kemm dawk transkonfinali, u jagħti spinta lill-ekonomija tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta dwar l-attivazzjoni ta' dan it-tfaddil, pereżempju billi tintroduċi inċentivi abbażi tal-aħjar prattiki li jeżistu fi ħdan l-Istati Membri;

41. Jinnota li l-SMEs jikkontribwixxu lejn l-okkupazzjoni f'reġjuni fejn il-livelli ta' impjiegi huma aktar baxxi, filwaqt li jistimolaw żieda fl-impjiegi u jgħinu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet attwali tar-residenti u għalhekk ikollhom effett pożittiv fuq l-iżvilupp tal-komunitajiet lokali; jemmen għalhekk, li l-iżvilupp tal-SMEs huwa mod kif titnaqqas id-dispartità fil-livell nazzjonali;

42. Jilqa' l-appoġġ għall-SMEs u l-mikrointrapriżi permezz ta' inizjattivi bħall-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla u l-Innovazzjoni Soċjali (PSCI), il-Programm Ewropa Kreattiva (inkluż il-Mekkaniżmu ta' Garanzija għas-Self favur is-Settur Kulturali u Kreattiv), COSME u Orizzont 2020 li joħolqu mezzi ġodda kif jiġu żviluppati l-ħiliet u l-għarfien li jippermettu lill-SMEs u lill-mikrointrapriżi jiżviluppaw b'mod dinamiku;

43. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw modi kif jista' jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs bil-għan li jiġu pprovduti xogħlijiet, provvisti jew servizzi innovattivi lis-settur pubbliku; jitlob b'mod partikolari miżuri li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-finanzjament billi jiżguraw li l-kapital ta' riskju u l-flussi ta' finanzjament rilevanti l-oħra jirrikonoxxu bis-sħiħ il-potenzjal tat-tkabbir tal-intrapriżi innovattivi li jaħdmu mal-imsieħba mis-settur pubbliku kemm fuq proġetti ta' akkwist prekummerċjali u kemm fil-kuntest tas-Shubijiet għall-Innovazzjoni;

44. Jenfasizza li qafas regolatorju tal-UE dwar l-akkwist pubbliku li jkun ġust, miftuħ u trasparenti u infurzar proporzjonat, trasparenti u mhux diskriminatorju tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi [1] huma indispensabbli sabiex l-SMEs jiksbu aċċess aħjar għall-kuntratti pubbliċi u jkunu jistgħu realment iwettqu b'suċċess dawn il-kuntratti;

45. Iżid jgħid li għandhom jittieħdu l-miżuri sabiex jiġi żgurat li s-semplifikazzjoni tal-attività transkonfinali għall-SMEs ma tiffaċilitax, fl-istess ħin, l-attività transkonfinali fil-kuntest ta' impjiegi indipendenti fittizji, b'mod speċjali fis-settur tal-kostruzzjoni;

o

o o

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Bank Ewropew tal-Investiment, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

(1) ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

P7_TA(2013)0045

## L-eliminazzjoni u l-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u t-tfajliet

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar is-57 sessjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa (CSW) tan-NU: l-eliminazzjoni u l-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet (2012/2922 (RSP)).**

(2016/C 024/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa li saret f'Pekin f'Settembru 1995, id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma għal Azzjoni adottata f'Pekin u d-dokumenti sussegwenti ta' eżitu adottati fis-sessjonijiet specjali tan-Nazzjonijiet Uniti Pekin + 5 u Pekin + 10 dwar aktar azzjoni u inizjattivi biex jimplimentaw id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Pekin, adottati fid-9 ta' Ġunju 2000 u fil-11 ta' Marzu 2005 rispettivament,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Marzu 2006 bl-isem "Il-pjan ta' rotta ghall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irgiel 2006-2010" (COM(2006)0092),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2010 dwar Pekin + 15 – Pjattaforma tan-NU għal Azzjoni favur l-Ugwaljanza bejn is-Sessi ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tiegħu tat-5 ta' April 2011 dwar prijoritajiet u punti prinċipali ta' qafas politiku ġdid tal-UE rigward il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa ([2]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Bniet u dwar il-Ġlieda kontra l-Forom kollha ta' Diskriminazzjoni kontrihom (Kunsill Affarijiet Ġenerali tat-8 ta' Diċembru 2008), kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza tal-Ġeneru u l-Abilitazzjoni tan-Nisa fl-Iżvilupp bħala parti mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju (MDGs) adottat f'Ġunju 2010 (Kunsill Affarijiet Barranin),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa u l-Bniet li saret f'Bangkok mis-17 sal-20 ta' Settembru 2012,

— wara li kkunsidra r-rapport ta' eżitu tal-Forum tan-NU għall-Partijiet Interessati dwar il-Prevenzjoni u l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza fuq in-Nisa, li tlaqqa' fil-kwartieri ġenerali tan-NU fit-13 u l-14 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni fis-57 sessjoni tas-CSW tan-NU: l-eliminazzjoni u l-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet (O-000004/2013 – B7-0111/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Procedura tiegħu,

A. billi l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet għadha waħda mill-vjolazzjonijiet globali u strutturali l-aktar serji tad-drittijiet tal-bniedem, u hija fenomenu li jinvolvi vittmi u awturi ta' kull età, sfond edukattiv, dħul u pożizzjoni soċjali, u li hija sew konsegwenza kif ukoll kawża ta' inugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

B. billi l-vjolenza fuq in-nisa tippersisti f'kull pajjiż tad-dinja bħala vjolazzjoni mxerrda tad-drittijiet tal-bniedem u hija xkiel kbir għall-ilħiq tal-ugwaljanza tal-ġeneru u għall-abilitazzjoni tan-nisa; billi taffettwa nisa u bniet f'kull rokna tad-dinja, irrispettivament minn fatturi bħall-età, il-klassi jew l-isfond ekonomiku, u tagħmel ħsara lil familji u komunitajiet, għandha kostijiet ekonomiċi u soċjali sinifikanti, u tirrestrinġi u timmina t-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp;

---

([1]) GU C 348 E, 21.12.2010, p. 11.
([2]) GU C 296 E, 2.10.2012, p. 26.

C. billi jeħtieġ li jiġu ttrattati l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa, jiġifieri vjolenza fiżika, sesswali u psikoloġika, kif definit fil-Pjattaforma ta' Pekin għall-Azzjoni, ladarba lkoll kemm huma jirrestrinġu kemm in-nisa jistgħu jgawdu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

D. billi l-fastidju u l-vjolenza kontra n-nisa jħaddnu firxa wiesgħa ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, bħalma huma: l-abbuż sesswali, l-istupru, il-vjolenza domestika, l-aggressjoni u l-fastidju sesswali, il-prostituzzjoni, it-traffikar tan-nisa u l-bniet, il-ksur tad-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa, il-vjolenza fuq in-nisa fix-xogħol; il-vjolenza fuq in-nisa f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt, il-vjolenza fuq in-nisa fil-ħabsijiet jew f'istituzzjonijiet ta' kura, il-vjolenza kontra l-lesbjani, it-tiċħid arbitrarju tal-libertà, u diversi prattiki tradizzjonali ta' ħsara bħall-mutilazzjoni ġenitali, delitti tal-unur u żwiġijiet furzati; billi kull wieħed minn dawn l-abbużi jista' jħalli ġrieħi psikoloġiċi profondi u jinvolvi ħsara jew sofferenza fiżika jew sesswali, theddid ta' atti bħal dawn u koerċizzjoni, ħsara għas-saħħa ġenerali tan-nisa u l-bniet, inkluża s-saħħa riproduttiva u sesswali tagħhom, u f'xi każijiet iwassal għall-mewt;

E. billi, filwaqt li l-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni tal-ġeneru jkattru r-riskji ta' vjolenza, forom oħra ta' diskriminazzjoni abbażi ta' fatturi bħalma huma d-diżabilità jew l-appartenenza għal grupp minoritarju jistgħu jkabbru r-riskju li n-nisa jkunu esposti għall-vjolenza u l-isfruttament; billi r-reazzjonijiet attwali għall-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u kwalunkwe strateġija ta' prevenzjoni li tmur magħhom mhumiex inklussivi biżżejjed biex iħaddnu nisa u bniet li jsofru aktar minn forma waħda ta' diskriminazzjoni;

F. billi jeżistu bosta forom ta' vjolenza strutturali fuq in-nisa, fosthom il-limitazzjoni tad-dritt tan-nisa għall-għażla, id-dritt tagħhom fuq ġisimhom u l-integrità fiżika tagħhom, id-dritt tagħhom għall-edukazzjoni, u d-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni, kif ukoll it-tiċħid tan-nisa mid-drittijiet ċivili u politiċi sħaħ tagħhom; ifakkar li soċjetà fejn in-nisa u l-irġiel ma jkunux żgurati drittijiet ugwali tipperpetwa forma ta' vjolenza strutturali kontra n-nisa u l-bniet;

G. billi NGOs sew lokali kif ukoll internazzjonali, bħalma huma gruppi li jġibu 'l quddiem interessi partikolari u dawk li jorganizzaw rifuġji tan-nisa, linji telefoniċi ta' emerġenza u strutturi ta' appoġġ, huma essenzjali biex isir progress lejn il-qerda tal-vjolenza fuq in-nisa u tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

H. billi, biex il-ħidma favur il-qerda tal-vjolenza fuq in-nisa u tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru tkun effikaċi, jeħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni u azzjoni internazzjonali, impenn sod minn mexxejja politiċi fil-livelli kollha, kif ukoll livelli aktar sostanzjali ta' finanzjament;

I. billi politiki u azzjonijiet tan-NU għall-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru huma tal-ogħla importanza biex dawn il-kwistjonijiet jinġiebu fuq quddiem nett tax-xena internazzjonali tat-tfassil tal-politika u tal-azzjoni, u biex l-Istati Membri tal-UE jiġu mħeġġa ħalli jindirizzaw it-tema tal-vjolenza fuq in-nisa b'mod aktar sistematiku;

1. Jikkonferma l-impenn tiegħu favur il-Pjattaforma ta' Pekin għall-Azzjoni u l-firxa ta' azzjonijiet għall-ugwaljanza tal-ġeneru li hemm deskritta fiha; itenni li l-ħidma għal tmiem tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet tirrikjedi approċċ koordinat u multisettorjali, li jinvolvi l-partijiet interessati kollha u wkoll jindirizza l-kawżi sottostanti tal-vjolenza, bħalma huma d-diskriminazzjoni diretta jew indiretta, sterjotipi prevalenti tal-ġeneru, u nuqqas ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

2. Jissottolinja l-importanza ta' eżitu pożittiv fis-57 sessjoni tas-CSW tan-NU li għandha ssir mill-4 sal-15 ta' Marzu 2013, inkluża l-adozzjoni ta' ġabra ta' konklużjonijiet progressivi u maqbula li sejrin jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal tmiem tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, inklużi nisa b'diżabilitajiet, nisa indiġeni, nisa migranti, tfajliet adolexxenti u nisa bl-HIV/AIDS, u b'hekk tassew jagħmlu differenza madwar id-dinja kollha;

3. Iqis li, fost il-prijoritajiet ewlenin biex il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet tiġi indirizzata, għandu jkun hemm l-eliminazzjoni ta' attitudnijiet soċjokulturali diskriminatorji li jirrinforzaw il-pożizzjoni subordinata tan-nisa fis-soċjetà u jwasslu biex il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet tkun tollerata, sew fl-isfera privata kif ukoll f'dik pubblika, fid-djar, fil-postijiet tax-xogħol u fl-istituzzjonijiet edukattivi; f'dan il-kuntest, jittama li jsir progress aċċellerat fl-iżvilupp ta' normi legali, standards u politiki internazzjonali li jtejbu s-servizzi u l-protezzjoni tal-vittmi, ikattru l-għarfien ħalli l-aġir u l-attitudnijiet jinbidlu, u, fuq kollox, jiżguraw implimentazzjoni suffiċjenti u konsistenti f'kull parti tad-dinja;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

4. Iqis li l-UE u l-Istati Membri tagħha, biex isiru atturi aktar effiċjenti fuq livell globali, jeħtiġilhom jintensifikaw l-isforzi domestiċi tagħhom biex jeliminaw il-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; għaldaqstant itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni tipproponi strateġija tal-UE kontra l-vjolenza fuq in-nisa, inkluża direttiva li tistabbilixxi standards minimi; f'dan il-kuntest, jistieden ukoll kemm lill-UE u kemm lill-Istati Membri individwali biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u domestika u l-ġlieda kontra dik il-vjolenza;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrevedu l-politiki, programmi u riżorsi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex jikkonfrontaw il-vjolenza fi ħdan l-UE u barra minnha, u jsaħħu l-istrateġija tagħhom bi strumenti aġġornati u miri ambizzjużi;

6. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex iżidu l-allokazzjoni ta' riżorsi tagħhom għal tmiem tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, inkluż fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew u dinji, u biex jagħtu sostenn lil atturi li qed iħabirku ħalli jtemmu l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, b'mod partikolari lil NGOs li jaħdmu f'dan il-qasam;

7. Jesprimi l-appoġġ qawwi tiegħu għax-xogħol ta' UN WOMEN, li huwa attur ċentrali fis-sitema tan-NU għall-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet madwar id-dinja u li jlaqqa' flimkien il-partijiet interessati kollha ħalli jiġġenera bidla tal-politiki u jikkoordina l-azzjonijiet; jistieden lill-istati membri tan-NU, kif ukoll lill-UE, biex iżidu l-finanzjament tagħhom għall-UN WOMEN;

8. Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jqawwi l-isforzi tiegħu biex jiżgura li d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet jitħarsu u jinġiebu 'l quddiem fl-azzjonijiet u d-djalogi kollha li jkun involut fihom, u li jħaffef l-implimentazzjoni tiegħu tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Bniet u dwar il-Ġlieda kontra l-Forom kollha ta' Diskriminazzjoni kontrihom, kif ukoll li joħloq rabtiet aktar stretti mal-ħidma li qed issir kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet fil-qafas tal-UE ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, filwaqt li jappoġġja wkoll id-difensuri tad-drittijiet tan-nisa, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet tal-persuni LGBT;

9. Jitlob li jiġu żviluppati programmi u mekkaniżmi istituzzjonali fil-livell internazzjonali u f'dak reġjonali, b'tali mod li jkun żgurat li l-istrateġiji preventivi kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet ikunu fil-qalba ta' kull azzjoni internazzjonali mfassla b'reazzjoni għal kriżijiet umanitarji relatati ma' sitwazzjonijiet ta' kunflitt jew ta' wara l-kunflitti, jew ta' diżastri naturali;

10. Jistieden lill-UE tappoġġja bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti li s-CSW 2013 għandha taqbel li tiżviluppa Pjan Globali għall-Implimentazzjoni ta' Tmiem tal-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Bniet, b'attenzjoni partikolari għall-prevenzjoni tal-vjolenza u l-għoti ta' servizz ta' monitoraġġ u gwida operazzjonali rigward l-obbligi internazzjonali eżistenti (CEDAW u BPFA), li għandhom japprovawhom l-istati membri kollha tan-NU u li għandhom jiġu varati fl-2015;

11. Jitlob li l-UE tappoġġja l-varar ta' Kampanja Dinjija favur il-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, ħalli tieħu passi ulterjuri biex il-pajjiżi u l-komunitajiet tagħna tagħmilhom sikuri u biex tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet madwar id-dinja kollha; jemmen li din il-kampanja għandha tissejjes fuq sħubijiet eżistenti bejn stati u atturi relevanti oħra, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet tan-nisa;

12. Jitlob li r-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem jikkunsidra bis-sħiħ rapporti u proposti dwar il-vjolenza fuq in-nisa;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, kif ukoll lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem.

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

P7_TA(2013)0046

## Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b’Saħħtu

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta’ Frar 2013 dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b’Saħħtu (2012/2258(INI))**

(2016/C 024/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta’ Frar 2012, Il-Progress tal-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b’Saħħtu’ (COM(2012)0083),

— wara li kkunsidra l-Pjan ta’ Azzjoni Internazzjonali ta’ Madrid dwar it-Tixjiħ ta’ April 2002,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 940/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Settembru 2011 dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet,

— wara li kkunsidra l-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b’Saħħtu tas-17 ta’ Novembru 2011,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumita tat-Reġjuni dwar “Tixjiħ Attiv: innovazzjoni – saħħa intelliġenti – ħajja aħjar” ta’ Mejju 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Orizzont 2020: Pjanijiet direzzjonali dwar it-tixjiħ” ta’ Mejju 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0029/2013),

1. Jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni għal Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni li tippromwovi paradigma ġdida li tqis it-tixjiħ bħala opportunità għall-futur pjuttost milli bħala piż fuq is-soċjetà; barra minn hekk, jenfasizza li din l-opportunità m’għandhiex tkun limitata għal innovazzjonijiet tekniċi (ICT) u l-potenzjal tagħhom għas-suq intern u għall-industriji u l-intrapriżi tal-UE, billi s-soluzzjonijiet ICT għandhom ikunu faċli biex jintużaw għall-utent kif ukoll orjentati lejn l-utent aħħari, partikolarment lejn l-anzjani; jemmen li għandha tinkludi wkoll strateġija ċara u mhux ambigwa b’objettivi soċjali li jippromwovu u jirrikonoxxu formalment ir-rwol tal-anzjani, u l-valur tal-esperjenza tagħhom u tal-kontribut tagħhom lis-soċjetà u lill-ekonomija, ħielsa minn stigmi u diskriminazzjoni;

2. Jinnota li din l-istrateġija għandha tinkludi wkoll riċerka dwar forom ġodda ta’ okkupazzjoni adatta u xierqa għall-anzjani; jemmen li għandha ssir riċerka f’aktar dettall dwar il-potenzjal u l-valur miżjud li jiġu impjegati l-anzjani, sabiex jiġu żviluppati linji gwida li jinkludu soluzzjonijiet applikabbli u aċċettabbli għal kulħadd; jenfasizza li d-dividend demografiku tal-ġenerazzjonijiet aktar anzjani jista’ jagħti valur soċjetali kbir;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi formalment dimensjoni tal-ġeneru kif ukoll dimensjoni tal-età, u, għalhekk, tinkorpora l-kwistjoni tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fl-istrateġija tagħha għal tixjiħ attiv u b’saħħtu;

4. Jinnota li t-tixjiħ tas-soċjetà huwa attribwibbli għal bidla demografika (tnaqqis fir-rati tat-twelid);

5. Jenfasizza kif l-anzjani jirrappreżentaw il-firxa tal-età li qed tikber b’mod l-aktar mgħaġġel fl-Ewropa; jittama, f’dak il-kuntest u bl-għan li jiġu żviluppati, mill-aktar fis possibbli, infrastruttura, servizzi u strumenti li kapaċi jirrispondu għal din it-tranżizzjoni soċjali, li l-Kummissjoni tkompli tinvolvi lill-gvernijiet nazzjonali, lill-awtoritajiet lokali, lid-WHO u lill-akbar numru possibbli ta’ partijiet interessati fl-implimentazzjoni ta’ miżuri ta’ sensibilizzazzjoni dwar din il-kwistjoni;

([1]) ĠU C 225, 27.7.2012, p. 46.
([2]) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 13.

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

6. Jirrimarka dwar l-għamla demografika differenti ħafna tal-Istati Membri u d-differenzi sinifikanti nazzjonali, politiċi u kulturali fil-perċezzjonijiet tal-isfida demografika u, speċjalment, tal-modi ta’ kif wieħed jindirizzaha u jippjana għaliha; jinnota ż-żieda kostanti fl-istennija tal-għomor f’kull Stat Membru u ż-żieda sinifikanti fl-għadd ta’ nies li jkomplu jaħdmu wara li jirtiraw, bir-rati tal-impjieg fost dawk ta’ età bejn il-65 u l-74 sena jogħlew bi 15 % fil-perjodu 2006-2011;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jisma’ lill-persuni anzjani sabiex tiġi offruta ħbiberija permezz ta’ programmi soċjali li permezz tagħhom iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom ma’ persuni anzjani u jirċievu mingħandhom il-valuri u l-esperjenzi tagħhom; jemmen li l-appoġġ tas-soċjetà ċivili għall-EIP huwa meħtieġ f’termini ta’ għoti ta’ livell iżjed sinifikanti ta’ kura permezz ta’ fondazzjonijiet u assoċjazzjonijiet differenti;

8. Jenfasizza li l-parteċipazzjoni ugwali fil-ħajja hija wkoll dritt fundamentali tal-membri anzjani tas-soċjetà;

9. Jirrimarka li opportunitajiet ta’ xogħol u volontarjat, kif ukoll miżuri ta’ protezzjoni soċjali, huma essenzjali biex jiġi żgurat tixjiħ attiv u b’saħħtu;

10. Jenfasizza li l-anzjani għandhom bżonn diversi forom ta’ appoġġ u kura, u li s-servizzi u s-soluzzjonijiet għandhom għalhekk dejjem ikunu orjentati lejn il-persuni u xprunati mid-domanda;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni abbażi tal-età fl-impjieg sabiex ikun żgurat li l-ħaddiema anzjani jkunu jistgħu jżommu l-impjieg tagħhom jew ikollhom aċċess għal opportunitajiet ta’ impjieg;

12. Jenfasizza r-rwol importanti ta’ atturi lokali u reġjonali fil-modernizzazzjoni, it-titjib u r-razzjonalizzazzjoni tal-provvista ta’ servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali bl-għan li jinħolqu mudelli li jiksbu riżultati aħjar għal individwi fis-suq tax-xogħol;

13. Jenfasizza l-ħtieġa li jinħolqu l-kundizzjonijiet ta’ qafas xierqa li permezz tagħhom in-nies ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u jibqgħu produttivi, kemm billi tittejjeb il-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol permezz tal-introduzzjoni ta’ kontijiet tul il-ħajja u possibbiltajiet ta’ xogħol part-time u billi jiġu previsti forom differenti ta’ kuntratti ta’ impjieg adatti għall-ħaddiema anzjani, kif ukoll arranġamenti flessibbli għall-irtirar, pereżempju permezz ta’ pensjonijiet parzjali jew snin ta’ bonus, filwaqt li dejjem tiġi ggarantita protezzjoni soċjali adegwata;

14. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi adottata d-definizzjoni ta’ tixjiħ attiv u b’saħħtu kif ifformulata mid-WHO; jenfasizza li tixjiħ attiv u b’saħħtu jinkludi l-ħajja kollha u li l-partikolaritajiet tal-kuntest tal-UE għandhom ikunu parti mid-definizzjoni, inklużi, b’mod aktar speċifiku, il-prijoritajiet tal-UE fir-rigward ta’ kundizzjonijiet ambjentali b’saħħithom u ekoloġikament sostenibbli, is-sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa, il-prevenzjoni fir-rigward tas-saħħa u l-iskrinjar bikri segwiti minn djanjożi xierqa u trattament effikaċi, il-litteriżmu rigward is-saħħa, is-saħħa elettronika, l-eżerċizzju fiżiku, is-sikurezza tal-ikel u n-nutrizzjoni adegwata, l-ugwaljanza bejn is-sessi, is-sistemi ta’ sigurtà soċjali (inklużi l-kura tas-saħħa u l-assigurazzjoni fuq is-saħħa), u l-iskemi ta’ protezzjoni soċjali; jinnota li l-età aktar avvanzata mhijiex awtomatikament marbuta mal-mard, u għalhekk m’għandhiex tkun assoċjata mad-dipendenza jew id-diżabbiltà jew titqies daqshom;

15. Jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni biex iżżid in-numru medju ta’ SĦS (Snin ta’ Ħajja b’Saħħitha) b’sentejn bħala parti mill-objettivi ta’ Orizzont 2020, u jilqa’ l-progress mediku li jgħin biex tiżdied l-istennija tal-għomor; madanakollu, jenfasizza li biex jintlaħaq dan l-għan ambizzjuż għandha tiġi applikata perspettiva tul il-ħajja; jenfasizza li l-aċċess għall-prevenzjoni u l-kura primarja għandu jingħata prijorità u li għandhom jiġu żviluppati mekkaniżmi xierqa biex jiġi affrontat l-impatt detrimentali tal-mard kroniku fuq it-tixjiħ attiv u b’saħħtu matul il-ħajja kollha;

16. Jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw is-saħħa bħala kwistjoni orizzontali, billi jinkorporaw kwistjonijiet dwar is-saħħa fil-politiki relevanti kollha tal-UE, inklużi s-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali, il-politika ekonomika u tal-impjieg, l-ugwaljanza bejn is-sessi, u l-politiki ta’ nondiskriminazzjoni u kontra d-diskriminazzjoni;

17. Jistieden lill-Kummissjoni timmoniterja u tipprovdi data bbażata fuq l-evidenza, kompleta u miftuħa għall-aċċess dwar l-inċidenza u l-prevalenza ta’ mard (kroniku), u tinkorpora dik id-data fi strateġiji u f’linji gwida rigward l-aħjar prassi għal tixjiħ attiv u b’saħħtu;

18. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw perkorsi effiċjenti biex jivvalutaw u jimmoniterjaw l-abbuż tal-anzjani kif ukoll l-impatt tiegħu fuq is-saħħa u l-benessri tal-vittmi, u jiżviluppaw proċeduri aċċessibbli biex jgħinu u jipproteġu lill-vittmi;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

19. Jenfasizza li l-kwistjonijiet dwar is-saħħa għandhom jiġu integrati fil-politiki kollha tal-Unjoni Ewropea inklużi s-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali, il-politika tal-ekonomija u tal-impjieg, l-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni bejn is-sessi;

20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tenfasizza aktar li ż-żieda tan-numru medju ta' snin ta' ħajja b'saħħitha taċ-ċittadini tagħna b'sentejn hija l-għan ewlieni u li l-azzjonijiet kollha magħżula għandhom jikkontribwixxu b'mod li jkun jista' jitkejjel għal dan il-għan;

21. Jinkuraġġixxi l-proposta tal-Kummissjoni li taġixxi bħala faċilitatur u koordinatur tal-EIP-AHA, billi tinvolvi ruħha ma' partijiet interessati li jirrappreżentaw kemm in-naħa tad-domanda kif ukoll dik tal-provvista; jirrimarka li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-EIP tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha tal-UE, prinċipalment għal dawk mhux rappreżentati biżżejjed jew li jinsabu fir-riskju ta' esklużjoni; hawnhekk, jilqa' r-rikonoxximent fil-Komunikazzjoni (COM (2012)0083 tar-rwol tal-EIP fl-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, l-Aġenda Diġitali, l-inizjattiva Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda, il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali u l-Istrateġija tal-UE dwar is-Saħħa, inter alia, f'termini tal-ilħuq tal-objettivi tal-inizjattivi ewlenin ta' Ewropa 2020;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa indikaturi li jistgħu jagħtu data dwar il-mard kroniku u t-tixjiħ li tkun paragunabbli, komprensiva u tkun aċċessibbli b'mod faċli, sabiex jiġu żviluppati strateġiji aktar effettivi u tkun iffaċilitata l-kondiviżjoni tal-aħjar prassi kemm f'livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE;

23. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-anzjani fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil tal-politika u li tistimula governanza reġjonali u lokali; jenfasizza, madankollu, li approċċ parteċipatorju minn isfel għal fuq minbarra l-parteċipazzjoni kontinwa tagħhom fil-ħajja soċjali u kulturali jeħtieġ valutazzjonijiet ta' bażi aktar fil-fond u monitoraġġ regolari tal-ħtiġijiet u talbiet attwali u futuri ta' persuni anzjani u ta' dawk li jipprovdulhom il-kura b'mod informali u formali;

24. Jenfasizza li l-informazzjoni u d-data miġbura fil-livell lokali u permezz ta' approċċ parteċipatorju minn isfel għal fuq se jipprovdu lil min ifassal il-politika bl-għarfien meħtieġ biex ifasslu politiki li jkunu aċċettabbli u xierqa għall-komunitajiet lokali; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi bħala rekwiżit l-użu ta' approċċ ta' riċerka parteċipatorja minn isfel għal fuq, kif ukoll l-iżvilupp ulterjuri tal-indikaturi u l-indiċijiet relevanti, sabiex jiġu identifikati u mmoniterjati l-ħtiġijiet attwali għal politiki, programmi u servizzi effikaċi;

25. Ifakkar lill-Kummissjoni li r-restrizzjonijiet u l-limitazzjonijiet rigward il-kura tas-saħħa, is-servizzi tal-kura, il-protezzjoni soċjali u s-sigurtà soċjali adottati u implimentati mill-Kummissjoni u/jew mill-Istati Membri bħala sforz biex isir tfaddil finanzjarju u baġitarju u tnaqqis fin-nefqa pubblika (fil-qasam tas-saħħa u f'dak soċjali) b'riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali, m'għandhom bl-ebda mod jinterferixxu mal-ħtiġijiet bażiċi u mad-dinjità tal-bniedem jew jaffettwawhom b'mod negattiv; jenfasizza li tali tfaddil u tnaqqis, sakemm ma jkunux ikkombinati ma' riformi orjentati lejn il-pazjenti li jkunu meqjusa sew, jista' jaggrava l-inugwaljanzi soċjali u fil-qasam tas-saħħa u jwassal għall-esklużjoni soċjali; jenfasizza li tali tfaddil u tnaqqis jaggrava r-riżultati ġenerali tas-saħħa, l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa, l-inugwaljanzi soċjali u l-esklużjoni soċjali, u konsegwentement ikun theddida għas-solidarjetà interġenerazzjonali u intraġenerazzjonali; għalhekk, jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw Patt tal-Ġenerazzjonijiet li jinkludi strateġija ċara u mhux ambigwa sabiex tiġi salvagwardjata l-koeżjoni soċjali, jittejbu r-riżultati ġenerali tas-saħħa u jiġu ttrattati l-inugwaljanzi fis-saħħa; jenfasizza li l-mira ta' strateġija bħal din għandha tkun li l-iskemi tas-saħħa u l-kura soċjali jkollhom prezzijiet raġonevoli u jkunu disponibbli u aċċessibbli;

26. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa għal finanzjament xieraq fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE biex jiġu appoġġjati l-SMEs u l-intrapriżi soċjali; jiddubita kemm huma biżżejjed ir-riżorsi disponibbli tas-sħubija EIP-AHA li joriġinaw mill-partijiet interessati u jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni l-finanzjament meħtieġ; jilqa' l-allinjament previst tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE biex jiġi ottimizzat l-impatt tal-finanzjament, u jinkuraġġixxi l-użu u t-tkomplija ta' proġetti bħal CASA, "Aktar Snin, Ħajja Aħjar" u proġetti oħrajn li jippromwovu l-interoperabbiltà u l-iskambju ta' għarfien, ta' data u tal-aħjar prassi; jemmen li d-deċiżjoni biex l-"Innovazzjoni għal ħajja b'saħħitha u tixjiħ attiv" tiġi identifikata bħala tema prijoritarja għall-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) fl-2014-2015 tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) hija pass fid-direzzjoni t-tajba li trid tiġi kkomplementata bi strumenti finanzjarji konkreti, pereżempju finanzjament fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2014-2020, inklużi l-FSE, il-FER, il-programm EPSCI, il-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni u Orizzont 2020;

27. Huwa konvint li diversi strumenti finanzjarji, bħall-Fond ta' Intraprenditorija Soċjali, il-Fond Ewropew ta' Kapital ta' Riskju u l-"European Angels Fund" (EAF), huma meħtieġa sabiex jittejjeb l-aċċess tal-intrapriżi soċjali għas-swieq finanzjarji;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

28. Jistenna li l-Istati Membri, meta jużaw il-Fondi Strutturali, jagħtu aktar attenzjoni lill-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-ġenerazzjoni aktar anzjana, joħolqu b'mod konġunt Ewropa adatta għall-ġenerazzjonijiet sal-2020, u jespandu l-infrastruttura soċjali tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu kontra l-faqar fost l- anzjani;

***L-ewwel pilastru: Prevenzjoni, skrining u dijanjożi bikrija***

29. Jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni rigward il-prevenzjoni tal-fraġilità u t-tnaqqis funzjonali; jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni tapplika approċċ olistiku fir-rigward tal-prevenzjoni; jirrimarka dwar il-korrelazzjoni sistematika bejn l-istatus soċjoekonomiku u r-riżultati tas-saħħa tul il-ħajja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jittrattaw kwistjonijiet strutturali, inkluż l-illitteriżmu rigward is-saħħa u jindirizzaw l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi (li jwasslu għal inugwaljanzi fis-saħħa); barra minn hekk, filwaqt li jaċċetta li r-responsabbiltà individwali għandha rwol fit-titjib tal-istatus tas-saħħa, jisfida l-pressjoni li ssir fuq l-individwi biex itejbu l-istatus ta' saħħithom bla ma l-kwistjonijiet strutturali jiġu ttrattati kif xieraq; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati membri joħolqu kundizzjonijiet strutturali li jittrattaw inugwaljanzi strutturali u fis-saħħa, inkluż l-illitteriżmu rigward is-saħħa, u jipprovdu l-finanzjament meħtieġ għal aktar riċerka dwar ir-rwol li l-komunitajiet lokali jista' jkollhom meta jiġu ttrattati dawn l-inugwaljanzi;

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri biex jirrikonoxxu, jippromwovu u jiffinanzjaw il-forom kollha ta' prevenzjoni, i.e. il-promozzjoni ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa, skrining regolari għall-mard, interventi bikrija sabiex il-progressjoni tal-mard tinżamm lura jew titreġġa' lura fl-istadji bikrija, u l-iżvilupp ta' miżuri ta' prevenzjoni bl-għan li titnaqqas ir-rata ta' deterjorament għall-pazjenti affettwati minn mard kroniku;

31. Jirrimarka li l-mobbiltà intellettwali tista' tiżdied b'aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja (LLL), anke f'età aktar avvanzata, u b'hekk tgħin biex tingħeleb il-marda tad-demenzja;

32. Jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward tal-promozzjoni tas-saħħa permezz ta' programmi integrati; madankollu, jenfasizza l-fatt li dawn il-programmi għandhom ikunu bbażati fuq l-evidenza (li tirrefletti l-ħtiġijiet attwali u futuri tal-popolazzjoni li qed tixjieħ); barra minn hekk, jenfasizza li għandhom jinkorporaw approċċ xieraq fir-rigward ta' kwistjonijiet li mhumiex marbuta (b'mod sħiħ jew dirett) mal-imġiba individwali, bħall-kundizzjonijiet ambjentali (il-kwalità tal-arja, il-kwalità tal-ilma, it-tnaqqis tal-istorbju, il-ġestjoni tal-iskart), is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (il-ġestjoni tal-età) u l-ħarsien tal-konsumatur (standards tal-kummerċjalizzazzjoni u tar-reklamar, sikurezza tal-ikel, drittijiet tal-konsumatur);

33. Jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward taż-żieda tal-livelli ta' attività fiżika tal-popolazzjoni sabiex jittejjeb it-tixjiħ attiv u b'saħħtu, filwaqt li jfakkar li nuqqas ta' eżerċizzju regolari jwassal għal għadd ta' problemi tas-saħħa li, skont id-WHO, jikkostitwixxu r-raba' fattur ta' riskju l-aktar komuni li jwassal għall-mewt; huwa preokkupat li l-biċċa l-kbira taċ-ċittadini tal-UE ma jagħmlux l-ammont ta' eżerċizzju rakkomandat għal kuljum;

34. Jinkuraġġixxi l-korrelazzjoni eqreb tat-tixjiħ b'saħħtu ma' inklużjoni usa' tal-eżerċizzju fiżiku fil-programmi edukattivi; jenfasizza l-importanza tal-għażliet ta' kuljum (l-attività fiżika, id-dieta, eċċ.) fil-prevenzjoni tal-problemi tas-saħħa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jinjuraġġixxu lill-persuni ta' kull età jagħmlu aktar eżerċizzju fiżiku bħala mezz biex itejbu s-saħħa individwali tagħhom li jissarraf f'għadd ikbar ta' snin li wieħed iqatta' f'saħħtu, kif ukoll f'benefiċċji konsiderevoli għas-soċjetà fil-forma ta' saħħa pubblika ġenerali u ta' riżultati finanzjarji;

35. Jilqa' l-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu, u speċjalment l-enfasi tiegħu fuq il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-industrija u n-negozju, il-partijiet interessati pubbliċi u privati, il-professjonisti fis-settur tas-saħħa u tal-kura, kif ukoll l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-anzjani u l-pazjenti, fuq l-iskambju u t-trasferiment ta' ideat tajbin u tal-aħjar prassi (eż. il-pjattaforma "Marketplace" bbażata diġitalment), u fuq l-ottimizzazzjoni ta' strumenti eżistenti ta' finanzjament; jenfasizza li t-tixjiħ għandu jitqies bħala opportunità aktar milli piż, u li l-valur tal-anzjani, l-esperjenzi tagħhom u l-kontribut kontinwu tagħhom lejn is-soċjetà għandhom ilkoll jiġu rikonoxxuti u promossi; jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni, li b'mod ċar hu mmirat lejn il-promozzjoni tal-vitalità u d-dinjità tal-anzjani fl-Ewropa permezz ta' innovazzjonijiet ta' relevanza għalihom, biex tissaħħaħ "kultura ta' tixjiħ attiv" f'Ewropa adatta għall-ġenerazzjonijiet u biex dan il-proċess jitfassal flimkien mas-sħab rikonoxxuti fil-qasam tar-riċerka u tas-soċjetà ċivili;

36. Ifakkar fil-ħtieġa ta' rikonoxximent aktar sħiħ tal-edukazzjoni informali u mhux formali tal-anzjani, b'mod partikolari meta tkun inkisbet permezz tal-volontarjat jew tal-kura informali;

37. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-fatturi li jistgħu jinfluwenzaw kif jixjieħu n-nies fl-Ewropa, bħar-rati għoljin ta' konsum ta' alkoħol u tabakk;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

*It-tieni pilastru: Kura u fejqan*

38. Jappoġġja l-objettiv tal-Kummissjoni li tiżviluppa aktar is-sistemi integrati ta' kura u fejqan; filwaqt li jqis l-adegwatezza ta' sistemi ta' kura u fejqan eżistenti, preferuti u futuri b'rabta mal-iżvilupp ulterjuri tagħhom u filwaqt li jikkunsidra l-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-qasma tas-saħħa pubblika, jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti jiżviluppaw sistemi ta' kura u fejqan nazzjonali, reġjonali u lokali li jinkorporaw approċċ olistiku u integrat għall-ġestjoni tal-mard relatat mal-età; jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri f'dan ir-rigward, filwaqt li tirrispetta d-differenzi reġjonali u lokali fl-aspettattivi, in-normi u l-valuri taċ-ċittadini; jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni tagħmel użu mill-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini dwar il-mediċini li jintużaw għall-anzjani u tintegraha sabiex ittejjeb l-aċċess għal mediċini sikuri u adegwati għall-pazjenti anzjani;

39. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li timplimenta skemi ta' ġestjoni ta' każijiet u pjanijiet ta' kura individwali; madanakollu, filwaqt li jirrikonoxxi li approċċ iċċentrat fuq il-klijent/pazjent huwa meħtieġ, jemmen li l-ispejjeż ta' approċċ bħal dan f'termini ta' użu ta' fornituri tal-kura mħarrġa u tal-"għodda" xierqa, m'għandhomx jitħallsu biss mill-individwu iżda għandhom jitqiesu bħala responsabilità soċjali, biex tiġi ggarantita s-solidarjetà interġenerazzjonali u intraġenerazzjonali; jemmen li għandha tingħata kunsiderazzjoni lil forom ġodda ta' solidarjetà li jinsabu moħbija fil-potenzjal tal-ġenerazzjoni anzjana u li għandhom jiġu inkorporati f'soluzzjonijiet għal kwistjonijiet relatati mal-kura u l-fejqan;

40. Jinkuraġġixxi l-ambizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tas-saħħa elettronika, biex issir aspett sinifikanti u sostanzjali tas-sistemi futuri tal-kura u l-fejqan; madanakollu, jirrikonoxxi li s-soluzzjonijiet tas-saħħa elettronika, filwaqt li huma ta' benefiċċju, jistgħu ma jtejbux b'mod sinifikanti r-riżultati tas-saħħa, inkluża l-benessri psikoloġika, jekk jieħdu post l-interazzjoni umana pjuttost milli jiġu integrati ma' approċċ wiċċimbwiċċ bejn pazjenti u professjonisti tal-kura tas-saħħa; jemmen li t-teknoloġija tas-saħħa elettronika m'għandhiex tnaqqas ir-relazzjoni ta' fiduċja bejn l-anzjani u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa;

41. Jirrikonoxxi l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkontribwixxi biex tagħmel is-sistemi tal-kura u l-fejqan aktar kosteffiċjenti; madanakollu, jenfasizza li ż-żieda kontinwa tal-ispejjeż ġenerali tal-kura tas-saħħa u l-appoġġ soċjali ma tistax tiġi attribwita biss għal popolazzjoni li qed tixjieħ; jirrikonoxxi li l-prevalenza li qed tiżdied tal-mard kroniku għandha rwol sostanzjali fl-ispejjeż li qed jiżdiedu tal-kura tas-saħħa u tal-appoġġ soċjali; madankollu, jinnota li meta l-piż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa jiġġarrab dejjem iżjed mill-individwu dan x'aktarx joħloq ċirku vizzjuż li fih is-saħħa u l-benessri tal-persuni jitpoġġew fir-riskju billi jistgħu jkunu sfurzati jirriallokaw ir-riżorsi normalment limitati tagħhom jew meta jkollhom jipposponu, jabbandunaw jew saħansitra jwaqqfu t-trattament, l-assistenza u n-nutrizzjoni adegwata, li mbagħad jista' jwassal għal spejjeż tal-kura tas-saħħa u l-appoġġ soċjali dejjem akbar kemm għall-individwu kif ukoll għas-soċjetà;

42. Jirrikonoxxi l-objettiv tal-Kummissjoni li tittratta l-inċertezzi legali u regolatorji u l-frammentazzjoni tas-suq, iżda jenfasizza li r-riformi meħtieġa kollha tas-suq għandhom iqisu l-importanza li l-kura tas-saħħa tibqa' għall-but taċ-ċittadini kollha, u li l-kompetenzi tal-gvernijiet nazzjonali u reġjonali u tal-awtoritajiet lokali fir-rigward tal-protezzjoni soċjali u tas-saħħa għandhom ikunu rikonoxxuti, rispettati u osservati, mingħajr ma tiġi kompromessa l-ħtieġa li jsir investiment fi skemi tal-kura bbażati fuq il-komunità;

43. Jibqa' jsostni li jinħtieġu riformi ulterjuri tas-sistemi tal-pensjoni sabiex dawn jinżammu adegwati, sostenibbli u sikuri, b'attenzjoni speċjali għat-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fix-xogħol u konsegwentement fil-pensjonijiet, u li l-livelli tal-pensjonijiet iridu wkoll jibqgħu prevedibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri; għal dan il-għan, jitlob li tiġi stabbilita aktar koerenza bejn l-età ta' rtitrar effettiv, l-età ta' rtirar uffiċjali u l-istennija tal-għomor; jistieden lil dawk l-Istati Membri li żiedu l-età statutorja tal-irtirar, jew li se jagħmlu dan, biex jinkuraġġixxu l-impjieg ta' persuni anzjani, eż. permezz ta' eżenzjonijiet fiskali u tas-sigurtà soċjali;

44. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi globali tal-potenzjal tal-kura tas-saħħa tal-Ewropa b'rabta mal-potenzjal nazzjonali fl-Istati Membri, fid-dawl tan-nuqqas serju ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa f'xi Stati Membri minħabba l-fatt li l-kundizzjonijiet tax-xogħol huma aktar attraenti f'pajjiżi Ewropej oħra;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal strateġija bl-għan biex jinkisbu opportunitajiet indaqs għaċ-ċittadini Ewropej kollha fil-qasam tal-kura tas-saħħa, sabiex tinħoloq sistema ta' kooperazzjoni bejn il-pajjiżi Ewropej li qed jitilfu numru kbir ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa u dawk li jibbenefikaw mis-servizzi tagħhom;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

46. Isostni li l-politiki ta' konċiljazzjoni bejn il-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol jippermettu lin-nisa jkampaw aħjar mat-tixjiħ, meta jitqies il-fatt li l-impjieg itejjeb il-kwalità tal-ħajja; jemmen ukoll li tali politiki jippermettu lin-nisa jevitaw differenza fil-pagi u, għaldaqstant, ir-riskju ta' faqar aktar tard f'ħajjithom f'każijiet fejn, sabiex ikunu jistgħu jikkonċiljaw il-ħajja tal-familja mal-ħajja tax-xogħol, ikollhom jagħżlu xogħlijiet part-time, mingħajr irbit jew atipiċi, b'riperkussjonijiet f'termini ta' ħlas tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni;

47. Iqis li jeħtieġ li tissaħħaħ l-adegwatezza tal-pensjonijiet billi tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni skont il-ġeneru fis-suq tax-xogħol, b'mod speċjali billi jitnaqqsu d-differenzi fil-karrieri u l-pagi;

48. Jenfasizza l-ħtieġa għal responsabbiltà personali, filwaqt li jitqies li jeħtieġ ukoll li l-individwi jaħsbu dwar x'jistgħu jagħmlu biex jiżguraw l-età tal-pensjoni tagħhom; jenfasizza wkoll ir-rwol kruċjali tas-solidarjetà tal-familja u dik interġenerazzjonali;

***It-tielet pilastru: Tixjiħ attiv u ħajja indipendenti***

49. Jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward tat-tixjiħ attiv u l-ħajja indipendenti, u aktar speċifikament, il-ħsieb komprensiv tagħha dwar ir-rwol u l-importanza tal-"post fit-tixjiħ" hekk kif ir-radius jew il-perimetru li fih in-nies jgħixu ħajjithom jiċkien aktar ma dawn jixjieħu, u minħabba li l-anzjani għandhom tendenza li jippreferu jgħixu indipendentement għall-itwal żmien possibbli waqt li jibqgħu attivi fil-komunità tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li l-anzjani jiġu mħeġġa jgħixu indipendentement fi djarhom stess sakemm ikun vijabbli, jekk ikunu jixtiequ jagħmlu hekk, sabiex jitnaqqas it-tfixkil għar-rutina normal tagħhom, kemm fiżikament kif ukoll mentalment. jenfasizza wkoll li s-soluzzjoni mhix biss id-djar għall-anzjani, iżda anke l-kwartieri interġenerazzjonalment u komprensivament attivi; iqis li l-AAL JP (il-Programm Konġunt tal-Għajxien Megħjun Kontestwalment) huwa strument importanti għall-użu ta' riżorsi tekniċi li jiffaċilitaw il-ħajja ta' kuljum;

50. Jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tagħha tas-soluzzjonijiet għal Għajxien Indipendenti, biex tikkunsidra l-problemi ppreżżntati mid-distakk li jeżisti f'ħafna Stati Membri bejn l-aspettativa medja ta' ħajja b'saħħitha u l-età tal-pensjoni, li potenzjalment tħalli ħafna persuni b'perjodu li fih ma jkunux għadhom kapaċi jaħdmu iżda jkunu għadhom mhumiex eliġibbli li jirċievu d-drittijiet sħaħ tal-pensjoni tagħhom;

51. Ifakkar li ċ-ċittadini anzjani huma ta' benefiċċju għas-soċjetajiet tagħna, u huwa essenzjali li nibnu fuq l-għarfien u l-esperjenzi tagħhom fl-oqsma kollha tal-ħajja u nappoġġjaw l-għajxien indipendenti tagħhom għall-itwal perjodu ta' żmien possibbli;

52. Jemmen li huwa kruċjali li jiġi miġġieled l-iżolament tal-informazzjoni fost il-ġenerazzjoni anzjana, u li l-aċċess għal u l-użu ta' teknoloġiji ġodda jikkostitwixxu waħda mill-għodda essenzjali għal tixjiħ attiv u b'saħħtu u l-inklużjoni soċjali tal-anzjani;

53. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi ambjent fiżiku aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd u l-adattament tad-djar tal-anzjani bl-għan li tiffaċilita l-indipendenza tagħhom; jenfasizza li l-adattament tad-djar huwa l-aħjar prevenzjoni kontra l-inċidenti domestiċi li jistgħu jikkawżaw diżabbiltajiet serji, li jirriżultaw fi spejjeż kbar għas-servizzi pubbliċi u l-familji u li huma ta' xkiel għal tixjiħ attiv u f'saħħtu;

54. Jappoġġja l-għan tal-Kummissjoni li jinħolqu ambjenti adatti għall-anzjani, sabiex ikun evitat li l-kapaċitajiet potenzjali (u residwi) tal-anzjani ma jiġux ostakolati minn dak li jkun madwarhom u biex jiġu megħjuna jżommu l-kapaċitajiet fiżiċi u konoxxittivi tagħhom għall-itwal żmien possibbli, u jgħixu f'ambjenti familjari u sikuri filwaqt li jiġi evitat ukoll l-iżolament soċjali; jistieden lill-Kummissjoni, madanakollu, tinkuraġġixxi l-ħolqien ta' ambjenti "mfassla għal kulħadd", u jenfasizza li dawn l-ambjenti għandhom jinftiehmu f'kuntest wiesa', li mhux biss jinkorpora l-ambjent urban u rurali bi djar, bankini, bliet, eċċ. komdi, sikuri u aċċessibbli, iżda anke l-ambjent soċjali, psikoloġiku, ekoloġiku, kulturali u naturali, li joffri diversi forom ta' attività u li jagħti lil kull individwu opportunitajiet għal sodisfazzjon personali u motivazzjoni kondiviża; jenfasizza li dan l-ambjent urban għandu jiggarantixxi li l-persuni anzjani jkollhom iktar aċċessibbiltà għall-benefiċċji ta' ħajja f'żona b'densità għolja ta' popolazzjoni permezz ta' aċċess iktar faċli għal kumditajiet vitali, u jirrimarka li, minkejja l-urbanizzazzjoni li għaddejja, ħafna nies għadhom jgħixu fil-kampanja, fejn jinħtieġu wkoll soluzzjonijiet innovattivi;

55. Jenfasizza wkoll l-importanza li l-ambjent ta' ġewwa tad-djar tal-anzjani jiġi adattat sabiex jiġu evitati aħjar l-inċidenti domestiċi u l-waqgħat u jittawwal l-għajxien indipendenti; jinkuraġġixxi lill-Istati Membri jiżguraw li l-anzjani jkunu eliġibbli għal finanzjament għall-adattament ta' darhom; jappoġġja miżuri li jevitaw l-iżolament tal-persuni anzjani u/jew tal-persuni li ma jkunux jistgħu jħallu darhom u li jkissru l-istigma assoċjata mal-mard, kemm jekk ikun relatat mal-età kif ukoll jekk le;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

56. Jenfasizza l-ħtieġa għal bilanċ bejn iż-żoni rurali u urbani f'termini ta' kura għall-persuni anzjani; jemmen li innovazzjonijiet teknoloġiċi permezz ta' ICTs għandhom jindirizzaw l-isfidi ta' mobbiltà li jħabbtu wiċċhom magħhom l-anzjani li jgħixu fiż-żoni rurali;

57. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lill-inklużjoni ta' persuni li qed jixjieħu li jgħixu f'żoni remoti jew f'żoni b'ħafna żvantaġġi;

58. Jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex toħloq ambjenti adatti għall-anzjani biex jiġi żgurat li l-kapaċitajiet potenzjali (u residwi) tal-anzjani ma jkunux ostakolati mill-ambjent tagħhom; jenfasizza li dawn l-ambjenti għandhom jitqiesu f'kuntest wiesa', mhux biss relatat mal-ambjent mibni, iżda anke mal-ambjent soċjali, psikoloġiku, kulturali u naturali; jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, biex tipproponi wkoll Liġi Ewropea dwra l-Aċċessibbiltà;

59. Jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina s-soluzzjonijiet u l-prassi tajba disponibbli relatati ma' approċċ ġdid għal tixjiħ attiva u għall-ħolqien ta' sistema ta' tixjiħ attiv komprensiva u kompatibbli fl-Istati Membri kollha;

60. Jipproponi li l-politiki tal-UE skont it-Titolu XII tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward l-edukazzjoni u l-isport għandhom jinkludu taqsima dwar it-tixjiħ attiv;

61. Jenfasizza li t-tneħħija tal-ostakli arkitettoniċi għall-persuni b'diżabbiltà għandha wkoll effett pożittiv fuq il-mobbiltà tal-anzjani, u tgħinhom biex jgħixu ħajja indipendenti u attiva aktar fit-tul; għalhekk, iqis li huwa importanti li dawn l-ostakli jitneħħew ukoll fil-bliet żgħar, fejn jgħixu numru kbir ta' anzjani;

62. Jipproponi li jittieħdu miżuri li jinkuraġġixxu l-irtirar ikkombinat ma' xi forma ta' attività;

63. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra l-anzjani fir-rigward tal-aċċess għas-suq tax-xogħol, fil-post tax-xogħol u fit-twettiq tax-xogħol, bl-għan li tinkiseb dinja tax-xogħol konsistentement favorevoli għall-ġenerazzjonijiet;

64. Jistieden lill-impjegaturi, fejn meħtieġ, iżidu l-isforzi tagħhom biex jadattaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-istat tas-saħħa u l-kapaċitajiet tal-ħaddiema anzjani u jinkuraġġixxu immaġni aktar pożittiva tal-persuni anzjani fil-post tax-xogħol;

65. Jinnota li t-tixjiħ ma jfissirx biss sfidi iżda joffri wkoll possibbiltajiet, b'mod speċjali opportunitajiet ta' innovazzjoni li, fit-tul, jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi u benessri ekonomiku dejjem akbar fl-Ewropa;

***Kwistjonijiet orizzontali***

66. Jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward ta' strumenti ta' finanzjament, proċessi ta' standardizzazzjoni, żvilupp ta' repożitorji, sinerġiji u faċilitazzjoni ta' kooperazzjoni u kondiviżjoni tal-aħjar prassi bejn l-Istati Membri; jenfasizza, madankollu, li huwa prerekwiżit li dawn l-objettivi jkunu marbuta mal-ħtiġijiet u t-talbiet attwali (i.e. li jkun żgurat li l-politiki, il-programmi u s-servizzi jkunu bbażati fuq l-evidenza u għalhekk ikunu sostnuti minn valutazzjoni rappreżentattiva u monitoraġġ regolari, biex tkun faċilitata u mħaffa l-kreazzjoni ta' UE adatta għall-anzjani); għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tibda l-iżvilupp ta' għodod ta' valutazzjoni u monitoraġġ standardizzati li jipprovdu d-data meħtieġa fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet għall-politika bbażata fuq l-evidenza, l-iżvilupp ta' programmi u l-provvista ta' servizzi (tas-saħħa/kura);

67. Jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward ta' innovazzjonijiet adatti għall-anzjani; jistieden lill-Kummissjoni, madankollu, biex tiżgura li dawn l-innovazzjonijiet ikunu orjentati lejn l-utent u faċli għall-utent u biex tinkorpora l-potenzjal tagħhom b'mod attiv; għaldaqstant, jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija li permezz tagħha l-ħtiġijiet attwali u futuri tal-anzjani jistgħu jiġu evalwati, u tinvolvi aktar lill-utenti finali fil-politiki u l-programmi ta' finanzjament tagħha; ifakkar li karatteristiċi adattati għall-ħtiġijiet tal-anzjani normalment huwa ppruvat li huma ta' vantaġġ għall-ġenerazzjonijiet kollha;

68. Iqis li hija meħtieġa koordinazzjoni aħjar bejn il-livelli differenti involuti fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-benefiċċju tat-tixjiħ attiv u b'saħħtu, u jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza f'diversi livelli f'dan il-qasam; jemmen li l-istituzzjonijiet reġjonali u lokali m'għandhomx jitqiesu sempliċement bħala awtoritajiet ta' implimentazzjoni, iżda għandhom ikunu involuti fil-proċess sħiħ tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tal-valutazzjoni;

69. Jenfasizza r-rwol importanti ta' atturi lokali u reġjonali fil-modernizzazzjoni, it-titjib u r-razzjonalizzazzjoni tal-provvista ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali, bl-għan li jinħolqu mudelli li jiksbu riżultati aħjar għal individwi fis-suq tax-xogħol;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

70. Jilqa' l-inizjattivi eżistenti dwar l-aċċessibbiltà, bħall-Premijiet għal Bliet Aċċessibbli; jistieden lill-Kummissjoni tadotta Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà biex ittejjeb is-suq tal-oġġetti u s-servizzi aċċessibbli;

71. Jinkuraġġixxi l-idea li jiġi offrut taħriġ informali lil membri tal-ġenerazzjonijiet taż-żgħażagħ bl-għan li jiġu promossi forom komuni ta' servizzi ta' kura għall-anzjani;

72. Jenfasizza r-rwol essenzjali ta' aktar investiment u nfiq fil-qasam tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tat-taħriġ addizzjonali, filwaqt li tingħata prijorità lit-tagħlim tul il-ħajja u lill-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, sabiex jinħoloq ambjent tax-xogħol favorevoli għall-ġenerazzjonijiet u sabiex il-ħaddiema anzjani ma jibqgħux lura f'ambjent teknoloġiku li qed jinbidel; f'dan il-kunstest, iħeġġeġ li jkun hemm enfasi qawwija fuq it-tagħlim tul il-ħajja fi ħdan il-programm "Erasmus għal Kulħadd", li huwa għodda effettiva għat-trawwim tal-edukazzjoni u l-iżvilupp professjonali kontinwu għaċ-ċittadini tal-UE ta' kull età;

73. Jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ olistiku għat-tixjiħ u ta' żvilupp u riforma komprensivi, mhux biss fl-oqsma tat-tagħlim tul il-ħajja u tas-suq tax-xogħol iżda anke fir-rigward tal-aċċess għalihom, inklużi fatturi bħat-trasport, l-infrastruttura u l-bini;

74. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu stabbiliti sistemi ta' appoġġ għal dawk li jieħdu ħsieb il-familja;

75. Jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni rigward il-promozzjoni tal-ħolqien ta' ambjenti adatti għall-anzjani, fejn dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala kontributur kruċjali għat-tixjiħ attiv u b'saħħtu tul il-ħajja kollha; jirrimarka, madankollu, li l-promozzjoni biss tal-ħolqien ta' ambjenti adatti għall-anzjani mhijiex se tkun biżżejjed sabiex ikun żgurat titjib effettiv rigward kwistjonijiet bħall-mobbiltà tal-persuni, il-possibbiltà li wieħed ikun jista' jimxi fil-viċinati jew il-faċilitajiet ta' parteċipazzjoni soċjali tal-komunitajiet, kif ukoll aċċess għal servizzi tas-saħħa u l-kura kwalitattivi u għall-but ta' kulħadd u għal djar xierqa u għall-but ta' kulħadd;

76. Jilqa' l-objettiv li jiġu promossi ambjenti adatti għall-anzjani bħala għodda essenzjali biex jiġu appoġġjati l-ħaddiema anzjani u l-anzjani li qed ifittxu xogħol u li jiġu promossi soċjetajiet inklussivi li joffru opportunitajiet indaqs għal kulħadd;

77. Jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati s-saħħa u s-sigurtà fil-posta tax-xogħol bħala prerekwiżit għal ħajja tax-xogħol sostenibbli u għal tixjiħ attiv, b'mod partikolari għal ħaddiema b'diżabbiltà jew b'kundizzjonijiet kroniċi; jirrimarka li l-ICT u r-robotika jista' jkollhom rwol ewlieni f'dak il-kuntest billi jiffaċilitaw ix-xogħlijiet fiżiċi għall-forza tax-xogħol li qed tixjieħ tagħna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu teknoloġiji bħal dawn meta jkun xieraq; jilqa' r-rikonoxximent tas-sinifikat tal-prevenzjoni fl-ewwel pilastru tal-Pjan Strateġiku ta' Implimentazzjoni; huwa konvint li l-prevenzjoni għandha wkoll rwol ewlieni fil-posta tax-xogħol, billi ttejjeb is-saħħa okkupazzjonali, filwaqt li tnaqqas il-pressjoni fuq is-sistemi tas-saħħa u l-kura fit-tul;

78. Huwa konvint li riformi komprensivi huma neċessarji għall-prevenzjoni u l-evitar ta' nuqqasijiet serji fl-aċċess għas-swieq tax-xogħol li jirriżultaw f'aktar tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u f'theddida għal-livell ta' prosperità fl-Ewropa; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata perspettiva wiesgħa li tikkunsidra kwistjonijiet bħal politiki ekonomiċi, impjiegi, sigurtà soċjali, protezzjoni soċjali, ugwaljanza u diskriminazzjoni bejn il-ġeneri;

79. Jilqa' l-inizjattivi attwali fil-qasam tal-istandardizzazzjoni, bħall-mandati dwar "Disinn għal kulħadd" u l-aċċessibbiltà tal-ICT u tal-ambjent mibni; jinnota l-impenn tal-Kummissjoni biex tniedi inizjattivi simili għall-istandards Ewropej dwar is-saħħa elettronika u l-għajxien indipendenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-korpi ta' standardizzazzjoni jinvolvu iżjed lill-utenti f'dawn l-inizjattivi sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet tagħhom b'mod adegwat;

80. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri iniedu kampanji li jtejbu l-perċezzjoni tal-pubbliku fir-rigward tal-kontribut u l-produttività ta' ħaddiema anzjani, speċjalment ta' dawk b'diżabbiltajiet jew b'kundizzjonijiet kroniċi;

81. Iqis li l-anzjani irid ikollhom livelli xierqa ta' dħul, djar, aċċess għal kull tip ta' servizz tas-saħħa, soċjali u kulturali, u netwerks soċjali b'saħħithom sabiex tittejjeb il-kwalità ta' ħajjithom, kif ukoll li jeħtieġu opportunitajiet biex jibqgħu jikkontribwixxu għas-suq tax-xogħol, jekk ikunu jixtiequ, mingħajr restrizzjonijiet minħabba diskriminazzjoni abbażi tal-età;

82. Jenfasizza l-importanza li jiġu appoġġjati u megħjuna voluntiera anzjani u l-volontarjat interġenerazzjonali; jemmen li l-volontarjat u l-inizjattivi "anzjani għall-anzjani" għall-popolazzjoni li qed tixjieħ jistgħu jipprovdu mezz ta' inklużjoni kif ukoll jagħtu kontribut kbir mhux ħażin għas-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura fit-tul; għalhekk, jinkuraġġixxi l-iżvilupp u l-innovazzjoni f'dan il-qasam;

o

o o

83. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2013)0047

# Preparazzjonijiet għal CITES COP 16

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar l-objettivi strateġiċi tal-UE għas-16-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), li se ssir f'Bangkok (it-Tajlandja) mit-3 sal-14 ta' Marzu 2013 (2012/2838(RSP))**

(2016/C 024/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra s-16-il laqgħa li jmiss tal-Konferenza tal-Partijiet (CoP16) tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), li se ssir mit-3 sal-14 ta' Marzu 2013 f'Bangkok, it-Tajlandja,

— wara li kkunsidra l-mistoqsijiet lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-objettivi ewlenin għall-CoP16 tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) f'Bangkok, it-Tajlandja, mit-3 sal-14 ta' Marzu 2013 (O-000201/2012 – B7-0109/2013 u O-000202/2012 – B7-0110/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-CITES hija l-akbar ftehim dinji eżistenti dwar il-konservazzjoni tal-organiżmi selvaġġi, bl-għan li tipprevjeni l-isfruttar żejjed tal-fawna u l-flora selvaġġi minħabba l-kummerċ internazzjonali, b'177 Parti, inklużi s-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

B. billi l-għan tas-CITES huwa li jiżgura li l-kummerċ internazzjonali fl-annimali u l-pjanti selvaġġi ma jkunx theddida għas-sopravivenza tal-ispeċijiet fl-ambjent naturali tagħhom;

C. billi huwa importanti li l-prosperità fit-tul tingħata prijorità fuq l-interessi ekonomiċi għal perjodu qasir ta' żmien;

D. billi l-isfruttar tal-ispeċijiet selvaġġi, il-kummerċ illegali fil-fawna u l-flora selvaġġi, il-qerda tal-ħabitats, it-tibdil fil-klima u l-konsum tar-riżorsi naturali mill-bniedem huma l-kawżi ewlenin tat-tifqir tal-bijodiversità;

E. billi d-delinjament ta' foresti intatti u l-fatt li f'ċerti żoni ma jinbnewx toroq huma metodi kosteffikaċi biex jitħarsu l-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi;

F. billi l-Anness 4 tar-Riżoluzzjoni Conf. 9.24 (Rev. CoP15) tas-CITES jirreferi għal miżuri ta' prekawzjoni li jridu jitqiesu jew jiġu implimentati meta jiġu emendati l-appendiċijiet;

G. billi s-CITES għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha fuq ix-xjenza;

H. billi l-ispeċijiet inklużi fis-CITES huma elenkati f'appendiċijiet skont l-istatus tal-konservazzjoni u l-livelli ta' kummerċ internazzjonali tagħhom, bl-Appendiċi I jinkludi speċijiet fil-periklu ta' estinzjoni li għalihom il-kummerċ huwa pprojbit, u bl-Appendiċi II jinkludi speċijiet li l-kummerċ tagħhom irid jiġi kkontrollat biex jiġi evitat użu inkompatibbli mas-sopravivenza tagħhom;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

I. billi l-ispeċijiet fl-Appendiċi I tas-CITES huma protetti b'mod qawwi, u kwalunkwe tip ta' kummerċ fl-ispeċijiet elenkati fih huwa pprojbit; billi kwalunkwe permess biex jinbiegħu eżemplari jew prodotti kkonfiskati, (pereżempju l-avorju, l-għadam tat-tigra jew il-qarn tar-rinoċeronti) jikkomprometti l-għan tal-Konvenzjoni CITES;

J. billi l-proċess ta' rieżami perjodiku wera li s-CITES irnexxiet fir-rigward ta' ċerti speċijiet elenkati fl-Appendiċi I, li issa jistgħu jiġu ttrasferiti fl-Appendiċi II;

K. billi l-Mira 12 ta' Aichi tal-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020, fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, tipprevedi li, sal-2020, l-estinzjoni tal-ispeċijiet li huwa magħruf li huma mhedda tkun ġiet evitata u l-istatus ta' konservazzjoni tagħhom, b'mod partikolari ta' dawk li l-għadd tagħhom qed jonqos l-aktar, ikun ġie mtejjeb u kkonsolidat;

L. billi l-Mira 6 ta' Aichi tal-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020, fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, tipprevedi li, sal-2020, l-istokkijiet ta' ħut u ta' invertebrati kif ukoll il-pjanti akkwatiċi kollha jkunu ġestiti u sfruttati b'mod sostenibbli, legali u bl-applikazzjoni ta' approċċi bbażati fuq l-ekosistemi, sabiex jiġi evitat is-sajd żejjed, ikunu fis-seħħ pjanijiet u miżuri ta' rkupru għall-ispeċijiet kollha li l-għadd tagħhom naqas, is-sajd ma jkollu l-ebda impatt negattiv sinifikanti fuq l-ispeċijiet fil-periklu u l-ekosistemi vulnerabbli u l-impatti tas-sajd fuq l-istokkijiet, l-ispeċijiet u l-ekosistemi jkunu f'limiti ekoloġiċi sikuri;

M. billi t-trasparenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-istituzzjonijiet ambjentali internazzjonali hija element fundamentali għall-funzjonament effikaċi tagħhom; billi d-Dokument Finali tal-Konferenza Rio+20, "The Future We Want" (Il-Futur li Rridu), jafferma mill-ġdid li "biex nilħqu l-għanijiet tagħna għal żvilupp sostenibbli jeħtieġ li l-istituzzjonijiet fil-livelli kollha jkunu effikaċi, trasparenti, responsabbli u demokratiċi"; u billi l-promozzjoni tat-trasparenza tifforma parti wkoll mill-"Viżjoni Strateġika tas-CITES: 2008-2013" inkluża fir-Riżoluzzjoni Conf. 14.2 tas-CITES;

N. billi r-Regoli ta' Proċedura attwali tas-CITES jistipulaw li l-votazzjonijiet permezz ta' vot sigriet "normalment m'għandhomx jintużaw" għal kwistjonijiet oħra għajr l-elezzjoni ta' uffiċjali u pajjiżi ospitanti; billi, minkejja din ir-regola, fl-aħħar CoP għadd kbir ta' votazzjonijiet saru permezz ta' vot sigriet; billi votazzjonijiet permezz ta' vot sigriet jintużaw regolarment għal kwistjonijiet sensittivi u importanti, pereżempju fir-rigward tal-ispeċijiet tal-baħar jew tal-kummerċ tal-avorju;

O. billi l-pixxiplamti huma vulnerabbli ferm għall-isfruttar żejjed mis-settur tas-sajd;

P. billi l-kurazzi komuni huma fil-periklu fid-dinja kollha minħabba l-kummerċ internazzjonali tal-pinen tagħhom u l-qabdiet inċidentali, li kkawżaw tnaqqis storiku fil-popolazzjonijiet tagħhom;

Q. billi żieda sinifikanti fil-kaċċa illegali tal-iljunfanti issa qed tolqot il-popolazzjonijiet tal-iljunfanti madwar l-erba' subreġjuni Afrikani kollha u hija ta' preokkupazzjoni serja u li qed tiżdied; billi l-kwantitajiet maqbuda ta' avorju illegali laħqu wkoll livelli bħal qatt qabel bejn l-2009 u l-2011;

R. billi l-kaċċa għat-trofej mhux sostenibbli u mhux etika kkawżat tnaqqis fuq skala kbira tal-ispeċijiet fil-periklu elenkati fl-Appendiċijiet I u II tas-CITES; billi l-kaċċa għat-trofej qed tikkomprometti b'mod serju l-għan tal-Konvenzjoni CITES;

S. billi nuqqas ta' infurzar effikaċi jfisser li l-ispeċijiet fil-periklu elenkati fl-Appendiċijiet I u II tas-CITES għadhom qed jinqatlu għall-profitt;

T. billi madwar 80 % tal-popolazzjoni tar-rinoċeronti fl-Afrika tinsab fl-Afrika t'Isfel; billi l-kaċċa illegali ta' dawn l-annimali fl-istati kollha tal-medda ta' distribuzzjoni tagħhom qed tiżdied maljar ħafna;

U. billi t-tigri u felini Asjatiċi kbar oħra fl-Appendiċi I għadhom soġġetti għal kummerċ illegali sinifikanti iżda hemm nuqqas ta' rapportar lis-CITES dwar miżuri ta' infurzar u, speċifikament, nuqqas ta' rapportar dwar konformità mad-Deċiżjoni 14.69 tas-CITES, li l-UE appoġġat fl-2007, biex tinqata' b'mod gradwali t-trobbija tat-tigri u biex jiġi żgurat li t-tigri ma jitrabbewx għall-kummerċ (inkluż il-kummerċ domestiku) fil-partijiet u d-derivati tagħhom;

V. billi t-tibdil fil-klima huwa theddida sinifikanti għall-orsijiet polari (Ursus maritimus); billi l-kaċċa u l-kummerċ internazzjonali fil-partijiet tal-orsijiet polari huma wkoll theddida serja;

W. billi l-Unjoni Ewropea hija suq tal-importazzjoni prinċipali għal rettili bħala annimali domestiċi, inklużi importazzjonijiet ta' speċijiet elenkati fis-CITES;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

X. billi ħafna speċijiet tal-fekruna huma sfruttati b'mod qawwi għas-swieq tal-ikel u għall-kummerċ internazzjonali fl-annimali domestiċi;

Y. billi l-pressjoni li qed tiżdied tas-sajd li ġejja mill-kummerċ internazzjonali fl-iskwami tal-garġi tar-rajjiet wasslet għal rati sinifikanti ta' tnaqqis fid-daqsijiet tal-popolazzjoni tar-rajjiet Manta (*Manta spp*.) u ta' speċijiet oħra ta' rajja;

Z. billi l-istrumenti tas-sajd internazzjonali u s-CITES għandhom jaħdmu biex jintlaħaq l-istess objettiv li tiġi żgurata l-konservazzjoni fit-tul tal-istokkijiet tal-ħut fl-ibħra miftuħa, filwaqt li jitqies, inter alia, l-impatt tal-qabdiet inċidentali fuq l-ispeċijiet mhux fil-mira;

AA. billi l-Konvenzjoni CITES attwalment tinkludi dispożizzjonijiet xejn ċari dwar l-"introduzzjoni mill-baħar" u, b'mod aktar speċifiku, dispożizzjonijiet dwar l-"Istat ta' introduzzjoni" meta l-ispeċijiet jinqabdu fl-ibħra miftuħa;

AB. billi l-Grupp ta' Ħidma tas-CITES dwar l-Introduzzjoni mill-Baħar ippropona soluzzjoni li tirrispetta l-ġurisdizzjoni tal-Istat tal-Bandiera li jkun responsabbli għall-ħruġ tad-dokumentazzjoni tas-CITES, b'xi eċċezzjonijiet żgħar relatati mal-bastimenti tas-sajd mikrija;

AC. billi l-funzjonament xieraq tal-Konvenzjoni CITES aktarx li jirrikjedi li l-Partijiet iżidu konsiderevolment il-finanzjament fis-snin li ġejjin;

AD. billi l-Unjoni Ewropea ma tikkontribwixxix direttament għall-Konvenzjoni CITES; billi, madankollu, hija waħda mid-donaturi ewlenin permezz tal-għajnuna għall-iżvilupp tagħha;

1. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jużaw il-prinċipju ta' prekawzjoni bħala l-prinċipju ewlieni għad-deċiżjonijiet kollha tagħhom dwar dokumenti ta' ħidma u proposti ta' elenkar, filwaqt li jqisu, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' min juża jħallas, l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi u l-prinċipji ta' konservazzjoni tradizzjonali;

2. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jitkellmu b'vuċi waħda u jtejbu l-ħeffa u l-effiċjenza tal-proċeduri interni tagħhom tat-teħid ta' deċiżjonijiet sabiex ikunu jistgħu jaqblu malajr dwar pożizzjoni interna tal-UE għall-CoP16 tas-CITES u sabiex jagħmlu użu sħiħ mis-saħħa ta' 27 Parti fi ħdan l-UE bl-għan li d-deċiżjonijiet meħuda fil-CoP16 iqisu l-prinċipju ta' prekawzjoni;

3. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea biex ikollha rwol ta' tmexxija fil-protezzjoni tal-ispeċijiet fil-periklu, billi tieħu parti attiva fin-negozjati dwar il-Konvenzjoni CITES u billi tippromwovi t-tneħħija ta' lakuni li jaggravaw is-sitwazzjoni; jikkundanna l-fatt li saru allegazzjonijiet dwar Stati Membri u ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jintużaw bħala intermedjarji fit-trasferiment tal-qarn tar-rinoċeronti fil-Vjetnam jew f'pajjiżi oħra fejn għandu valur kummerċjali kbir u b'hekk jistimolaw id-domanda u aktar kaċċa illegali;

4. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jinvolvu pajjiżi terzi, kemm qabel kif ukoll waqt il-Konferenza, u jistabbilixxu alleanzi;

5. Jinkuraġġixxi lill-Partijiet tas-CITES biex iqisu aktar opportunitajiet ħalli jsaħħu l-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u s-sinerġiji fost il-konvenzjonijiet relatati mal-bijodiversità fil-livelli relevanti kollha;

***It-trasparenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet***

6. Jopponi bil-qawwa l-użu ta' votazzjonijiet permezz ta' vot sigriet bħala prassi ġenerali fi ħdan is-CITES, billi r-Regoli ta' Proċedura tas-CITES jipprevedu li dawn jintużaw biss f'ċirkustanzi straordinarji; jappoġġa f'dan il-kuntest il-proposta relevanti mressqa mid-Danimarka f'isem l-Istati Membri tal-UE;

7. Jilqa' l-proposta mressqa mid-Danimarka f'isem l-Istati Membri tal-UE biex fir-Riżoluzzjoni Conf. 11.1 (Rev. CoP15) jiġi inkluż paragrafu ġdid dwar il-kunflitti ta' interess;

***Il-finanzjament***

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura l-kontinwità tal-finanzjament permezz tal-għajnuna għall-iżvilupp tagħha bl-għan li jintlaħqu l-objettivi tas-CITES; jirreferi b'mod speċifiku, f'dan il-kuntest, għall-programm MIKE (Monitoraġġ tal-Qtil Illegali tal-Iljunfanti) li għaddej u li, soġġett għal rieżami u valutazzjoni indipendenti tal-effikaċja tiegħu, jista' jkun l-oġġett ta' impenn imġedded min-naħa tal-Unjoni Ewropea;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

9. Jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex jivvalutaw possibbiltajiet li jagħtu appoġġ finanzjarju fit-tul lill-Konvenzjoni CITES permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp;

10. Jappoġġa l-proposta li s-CITES titlob li l-Fond għall-Ambjent Dinji (GEF) iservi bħala mekkaniżmu finanzjaru għas-CITES kif ukoll li l-istrateġija għall-bijodiversità tinfetaħ biex il-GEF 6 jinkludi komponent tal-ispeċijiet ([1]);

***L-introduzzjoni mill-baħar***

11. Jilqa' d-diskussjonijiet u l-progress li sar fil-Grupp ta' Ħidma tas-CITES dwar l-Introduzzjoni mill-Baħar; jappoġġa d-Dokument 32 tal-CoP16, li l-għan tiegħu huwa li jittejjeb l-infurzar għall-ispeċijiet tal-baħar fil-lista tas-CITES li jinqabdu fl-ibħra barra l-ġurisdizzjoni ta' kwalunkwe Stat, u jħeġġeġ lill-Partijiet biex jikkonkludu l-ħidma fuq il-kwistjoni fil-laqgħa CoP16;

***Il-klieb il-baħar***

12. Jilqa' l-proposta tal-Brażil, tal-Gżejjer Komoros, tal-Kroazja, tal-Eġittu u tad-Danimarka f'isem l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea biex il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) jiġi inkluż fl-Appendiċi II; iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri jappoġġaw din il-proposta;

13. Jilqa' l-proposta tal-Brażil, tal-Kolombja, tal-Kosta Rika, tal-Ekwador, tal-Ħonduras, tal-Messiku u tad-Danimarka f'isem l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea biex tliet speċijiet tal-kurazza komuni (*Sphyrna spp.*) jiġu inklużi fl-Appendiċi II; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw din il-proposta;

14. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri jappoġġaw il-proposta biex il-kelb il-baħar tal-pinen bojod (*Carcharhinus longimanus*) jiġi inkluż fl-Appendiċi II tas-CITES, li tressqet mill-Brażil, mill-Kolombja u mill-Istati Uniti tal-Amerika;

***L-avorju tal-iljunfanti u l-qarn tar-rinoċeronti***

15. Jilqa' l-irtirar tal-proposta tat-Tanżanija biex il-popolazzjoni tagħha tal-iljunfant Afrikan (*Loxodonta africana*) tiġi ttrasferita mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II u biex isir bejgħ ta' darba tal-istokkijiet tat-Tanżanija tal-avorju tal-iljunfanti;

16. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jirrifjutaw kwalunkwe proposta li l-iljunfant Afrikan jew il-kummerċ fl-avorju tal-iljunfant Afrikan jiġu ttrasferiti mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II sakemm tkun tista' ssir valutazzjoni tal-impatt tal-bejgħ ta' darba f'Novembru 2008 mill-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe u jkun ġie stabbilit li l-bejgħ ta' darba ma kellu ebda impatt negattiv fuq il-popolazzjonijiet tal-iljunfanti f'dawk il-pajjiżi jew f'pajjiżi tal-viċinat;

17. Iħeġġeġ lill-Partijiet tas-CITES biex, filwaqt li jqisu l-kriżi attwali tal-kaċċa illegali tal-iljunfanti, jieħdu approċċ ta' prekawzjoni u jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-impatt possibbli fuq il-konservazzjoni tal-iljunfanti u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Iljunfant Afrikan meta jikkunsidraw il-mekkaniżmu tat-teħid ta' deċiżjonijiet għal kummerċ futur fl-avorju tal-iljunfanti wara l-perjodu sħiħ ta' waqfien ta' disa' snin, li jibda mill-bejgħ ta' darba f'Novembru 2008 mill-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe; għaldaqstant, jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jappoġġaw proposta li tiġi emendata d-Deċiżjoni 14.77 dwar mekkaniżmu ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal kummerċ futur fl-avorju tal-iljunfanti, imressqa mill-Benin, il-Burkina Faso, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-Côte d'Ivoire, il-Kenja, il-Liberja, in-Niġerja, u t-Togo;

18. Jinkuraġġixxi lill-Partijiet tas-CITES biex jappoġġaw l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Iljunfant Afrikan, kif imressqa min-Niġerja u mir-Rwanda, u l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan bħala l-aktar triq effiċjenti 'l quddiem għall-konservazzjoni tal-iljunfanti madwar l-Afrika;

19. Jistieden lill-Unjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lill-Partijiet kollha tas-CITES biex jappoġġaw il-proposta tal-Kenja għal kwota żero temporanja fuq l-esportazzjoni ta' trofej ta' rinoċeronti mill-Afrika t'Isfel u mis-Sważiland, u jistieden lill-Partijiet tas-CITES biex jistudjaw miżuri dwar kif titnaqqas id-domanda għall-qarn tar-rinoċeronti;

20. Jistieden lill-Partijiet biex inaqqsu l-kwoti annwali nazzjonali ta' esportazzjoni għall-kaċċa għat-trofej tal-ispeċijiet fil-periklu elenkati fl-Appendiċijiet I u II tas-CITES;

(1) http://www.cites.org/eng/cop/16/doc/E-CoP16-08-04.pdf

21. Jistieden lill-Partijiet kollha li fihom jiġi kkunsmat il-qarn tar-rinoċeronti, u b'mod partikolari lill-Vjetnam, biex jieħdu miżuri urġenti ħalli jwaqqfu l-importazzjoni illegali tal-qrun tar-rinoċeronti, jimponu pieni severi fuq dawk li jiksru l-liġi u jieħdu miżuri biex jedukaw lill-konsumaturi dwar l-impatt tal-konsum tagħhom fuq il-popolazzjonijiet selvaġġi tar-rinoċeronti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet f'negozjati kummerċjali mal-Partijiet rispettivi;

***Il-felini kbar***

22. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jitolbu sospensjonijiet tal-kummerċ mal-Partijiet li jkunu naqsu milli jikkonformaw mad-Deċiżjoni 14.69 tas-CITES dwar it-tigri, u mal-Partijiet li jinkoraġġixxu t-trobbija tat-tigri għall-kummerċ fil-partijiet u d-derivati tagħhom;

23. Iħeġġeġ lill-Partijiet tas-CITES biex iwaqqfu l-kaċċa għat-trofej mhux sostenibbli u mhux etika, li kkawżat tnaqqis fuq skala kbira fil-popolazzjonijiet tal-iljun Afrikan;

24. Jesprimi dispjaċir dwar il-fatt illi ma tressqet l-ebda proposta għat-trasferiment tal-iljun (*Panthera leo*) mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I tas-CITES;

***Ir-rettili***

25. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jappoġġaw sensiela ta' proposti li diversi speċijiet ta' fkieren tal-baħar u fkieren mill-Amerika ta' Fuq u l-Asja jiddaħħlu fl-Appendiċi II tas-CITES u li seba' speċijiet jiġu ttrasferiti għall-Appendiċi I;

26. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri, fir-rigward ta' proposti alternattivi għal tliet speċijiet ta' fkieren tal-ilma ħelu (*Cuora galbinifrons, Mauremys annamensis* u *Geoemyda japonica*), biex jappoġġaw il-proposti aktar qawwija mill-istati tal-medda ta' distribuzzjoni tagħhom (il-Vjetnam u l-Ġappun), skont ir-rakkomandazzjonijiet ta' esperti minn workshop tas-CITES f'Singapor;

27. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jappoġġaw il-proposta li l-wiżgħat il-ħodor tan-New Zealand (*Naultinus spp.*) u l-lifgħa tal-ħofra tal-Mangshan (*Protobothrops mangshanensis*) jiġu inklużi fl-Appendiċi II tas-CITES, li tressqet mill-uniċi stati tal-medda ta' distribuzzjoni tagħhom, in-New Zealand u ċ-Ċina rispettivament;

28. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jappoġġaw abbozz ta' deċiżjoni dwar il-kummerċ fis-sriep u l-ġestjoni tal-konservazzjoni, imressqa mill-Isvizzera;

***Speċijiet oħra***

29. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tal-UE biex jappoġġaw abbozz ta' deċiżjoni, imressaq mill-Etjopja, il-Kenja u l-Uganda, biex jiġi studjat il-kummerċ legali u illegali fiċ-ċiti (*Acinonyx jubatus*);

30. Jilqa' l-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) wara l-momentum li nħoloq fil-CoP15 tas-CITES fl-2010;

31. Jiddispjaċih li ma tressqet l-ebda proposta biex it-tonn tat-Tramuntana (*Thunnus thynnus*) jiġi inkluż fl-Appendiċi I tas-CITES;

32. Jiddispjaċih li ma tressqet l-ebda proposta biex il-*Corallium spp*. u l-*Paracorallium spp*. jiġu inklużi fl-Appendiċi II tas-CITES;

33. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jappoġġaw:

— l-inklużjoni tar-rajjiet Manta (*Manta spp.*) fl-Appendiċi II tas-CITES, kif propost mill-Brażil, il-Kolombja u l-Ekwador; u l-inklużjoni ta' speċijiet oħra ta' rajja fl-Appendiċi II, kif propost mill-Kolombja u l-Ekwador;

— it-trasferiment tal-orsijiet polari (*Ursus maritimus*) mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I tas-CITES, kif propost mill-Istati Uniti tal-Amerika u appoġġat mill-Federazzjoni Russa;

— it-trasferiment tal-lamantin tal-Afrika tal-Punent (*Trichesurus senegalensis*) mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I, kif propost mill-Benin, is-Senegal u s-Sjerra Leone;

— it-trasferiment tal-pixxisega tal-ilma ħelu (*Pristis microdon*) mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I, kif propost mill-Awstralja;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

— l-inklużjoni ta' diversi speċijiet ta' rosewood (*Dalbergia spp.*) u l-ispeċijiet tal-ebanu (*Diospyros spp.*) fl-Appendiċi II tas-CITES, kif propost mill-Madagaskar, il-Beliże, it-Tajlandja u l-Vjetnam;

— l-inklużjoni ta' diversi speċijiet innegozjati internazzjonalment bħal pjanti ornamentali (*Adenia firingalavensis, Adenia subsessifolia, Cyphostemma laza, Operculicarya decaryi, Senna meridionalis, Uncarina stellulifera* u *Uncarina grandidieri*) fl-Appendiċi II tas-CITES, kif propost mill-uniku stat tal-medda ta' distribuzzjoni tagħhom, il-Madagaskar;

34. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tal-UE biex jopponu:

— il-bidla proposta għad-Dikjarazzjoni tal-Viżjoni Strateġika tas-CITES, li tesiġi li s-CITES tikkontribwixxi għal għanijiet oħra miftiehma globalment minflok għall-għan attwali "li tikkontribwixxi biex titnaqqas b'mod sinifikanti r-rata tat-telf tal-bijodiversità";

— ir-rimi jew il-bejgħ ta' eżemplari nnegozjati illegalment u kkonfiskati ta' speċijiet tal-Appendiċijiet I, II u III, kif propost mill-Indoneżja;

— it-trasferiment ta' tliet speċijiet ta' kukkudrill (*Crocodylus acutus, C. porosus,* u *C. siamensis*) mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II tas-CITES, kif propost mill-Kolombja u t-Tajlandja;

— it-trasferiment tal-Greater Prairie Chicken ta'Attwater (*Tympanuchus cupido attwateri*) mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II, kif mitlub mill-Kumitat tal-Annimali, minħabba li, għalkemm l-aħħar sekwestru ta' konsenja illegali seħħ fl-1998, il-popolazzjonijiet selvaġġi ta' din is-subspeċi fl-2012 naqsu bi 58 % għal 46 għasfur biss fl-ambjent naturali tiegħu;

— it-tħassir tas-Serduk ta' Sonnerat (*Gallus sonnerati*) u tal-faġan aħmar demm (*Ithaginis cruentus*) mill-Appendiċi II, kif mitlub mill-Kumitat tal-Annimali, peress li l-popolazzjonijiet selvaġġi taż-żewġ speċijiet qed jonqsu gradwalment, il-kummerċ internazzjonali ta' Gallus sonnerati għal swieq tal-annimali domestiċi huwa konsiderevoli, uħud mis-subspeċijiet ta' *Ithaginis cruentus* huma distribwiti f'żoni limitati, b'popolazzjoni limitata ħafna, u ċ-Ċina, bħala stat tal-medda ta' distribuzzjoni, topponi t-tħassir tal-faġan aħmar demm;

— it-tħassir tat-Tektiek is-Siġar Imperjali (*Campephilus imperialis*) mill-Appendiċi I, minħabba li, għalkemm din l-ispeċi titqies bħala "possibbilment estinta", għadhom jaslu regolarment rapporti aneddottali ta' nies li jgħidu li rawh;

— it-tħassir taż-Żrinġijiet li Jrabbu f'Żaqqhom (*Rheobatrachus silus* u *Rheobatrachus vitellinus*) mill-Appendiċi II tas-CITES, kif propost mill-Awstralja, peress li jista' jkun li dawn l-ispeċijiet għadhom mhumiex estinti, u attwalment qed jitwettqu studji fil-post biex jinstabu l-popolazzjonijiet li fadal;

o

o o

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Partijiet tas-CITES u lis-Segretarjat tas-CITES.

---

P7_TA(2013)0048

## Linji gwida għall-baġit 2014 – Taqsimiet Oħra differenti mill-Kummissjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-linji gwida għall-proċedura baġitarja 2014, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew, Taqsima II – Il-Kunsill, Taqsima IV – Il-Qorti tal-Ġustizzja, Taqsima V – Il-Qorti tal-Awdituri, Taqsima VI – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Taqsima VII – Il-Kumitat tar-Reġjuni, Taqsima VIII – L-Ombudsman Ewropew, Taqsima IX – Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, Taqsima X – Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (2013/2003(BUD))**

(2016/C 024/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2011, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ([3]),

— wara li kkunsidra t-Titolu II, Kapitolu 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0020/2013),

A. billi l-ftehim dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) l-ġdid għall-perjodu 2014-2020 għadu ma ntlaħaqx u, għalhekk, il-limitu massimu għall-Intestatura 5 għall-baġit tal-UE fl-2014 għadu ma ġiex stabbilit, filwaqt li l-limitu massimu għall-Intestatura 5 fl-2013 huwa EUR 9 181 miljun fi prezzijiet kurrenti ([4]) u, jekk ma jintlaħaqx ftehim dwar il-QFP li jmiss fil-ħin, dan il-limitu massimu, wara l-aġġustament tekniku annwali ([5]), jiġi estiż għall-2014;

B. billi, f'kuntest ta' piż kbir ta' dejn pubbliku u ta' trażżin fi żminijiet ta' sforzi kontinwi ta' konsolidazzjoni baġitarja nazzjonali, il-Parlament Ewropew, u l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, għandhom ikomplu jeżerċitaw livell għoli ta' responsabbiltà, kontroll u awtotrażżin fil-qasam baġitarju;

C. billi l-funzjonament mingħajr xkiel tal-Parlament għandu jkun prinċipju gwida ugwalment importanti;

D. billi ċerti investimenti jista' jkollhom impatt sostenibbli fuq il-baġit istituzzjonali u għalhekk għandhom jitqiesu minkejja l-marġnijiet stretti għal manuvrar;

E. billi, f'dan l-istadju tal-proċedura annwali, il-Parlament qed jistenna l-estimi tal-istituzzjonijiet l-oħra u l-proposti tal-Bureau tiegħu stess għall-baġit 2014;

F. billi wieħed se jkollu jżomm quddiem għajnejh l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' darba tal-elezzjonijiet Ewropej f'nofs l-2014;

### *Qafas ġenerali u prijoritajiet għall-baġit 2014*

1. Isostni li l-istituzzjonijiet għandhom ikomplu jillimitaw jew jiffriżaw il-baġits amministrattivi tagħhom f'solidarjetà mal-kundizzjonijiet ekonomiċi u baġitarji diffiċli fl-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għall-kwalità tal-attivitajiet istituzzjonali ewlenin, ir-rispett għall-obbligi legali u l-ħtieġa ta' investiment fl-iżvilupp;

2. Jemmen li l-approprjazzjonijiet għall-2014 għandhom ikunu bbażati fuq analiżi bir-reqqa tal-eżitu tal-approprjazzjonijiet fl-2012 u fl-2013, bl-għan li jsir iffrankar fuq linji fejn qamu problemi fl-implimentazzjoni; iqis li jistgħu jsiru ffrankar u effiċjenzi reali permezz tal-identifikazzjoni tas-sovrappożizzjonijiet u l-ineffiċjenzi fil-linji baġitarji;

3. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet isaħħu l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom biex jikkondividu l-aħjar prattiki fejn ikun possibbli u ġustifikat u jidentifikaw iffrankar permezz tal-akkomunament u l-kondiviżjoni tar-riżorsi umani u tekniċi, pereżempju fis-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, it-traduzzjoni, l-interpretazzjoni u s-servizzi tat-trasport u, possibbilment, oqsma oħra;

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.
([3]) ĠU C 344, 12.11.2012.
([4]) Il-limitu massimu tal-Intestatura 5 jinkludi l-kontribuzzjoni tal-persunal għall-iskema tal-irtirar.
([5]) Artikolu 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba, ĠU C 139, 14.6.2006, p. 3

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***Il-Parlament***

4. Jenfasizza l-fatt li t-trażżin istituzzjonali, meta jitqies il-livell tar-rati ta' inflazzjoni rilevanti, wassal għal tnaqqis fil-baġit tal-PE f'termini reali; ifakkar li dan kien possibbli permezz ta' ppjanar u kontroll baġitarju strett, l-impenn qawwi tal-kumitat responsabbli tiegħu u r-riorganizzazzjoni tax-xogħol, notevolment tnaqqis f'linji baġitarji relatati mal-ivvjaġġar, tnaqqis fit-tul u fin-numru tal-missjonijiet, użu akbar tal-vidjokonferenzi u servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni ottimizzati; ifakkar li r-riformi strutturali li diġà kien hemm qbil dwarhom, li wħud minnhom ilhom japplikaw mill-2011, huma stmati li jippermettu ffrankar annwali ta' madwar EUR 29 miljun – bi ffrankar ulterjuri ta' EUR 10 miljun fir-rata tal-imgħax prevista fuq il-finanzjament tal-proprjetà immobbli fis-snin li ġejjin, ħaġa li saret possibbli minħabba l-pagamenti minn qabel – minkejja l-bżonn li tiġi assorbita ż-żieda tal-kompetenzi u l-ispejjeż addizzjonali ta' 18-il Membru ieħor li jirriżultaw mid-dħul fis-seħħ tat-Trattt ta' Lisbona u t-tħejjija għall-adeżjoni tal-Kroazja;

5. Ifakkar li sinjali viżibbli ta' awtotrażżin huma l-iffriżar tal-allowances kollha tal-Membri fil-livell tal-2011 sal-aħħar tal-mandat parlamentari attwali u l-fatt li l-allowances tal-persunal għall-missjonijiet ma ġewx indiċizzati mill-2007 'l hawn;

6. Jinkoraġġixxi t-tkomplija tar-riformi strutturali u organizzattivi li għandhom l-għan li jiksbu effiċjenzi akbar mingħajr ma jipperikolaw l-eċċellenza leġiżlattiva u l-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol; jappoġġa innovazzjoni organizzattiva biex jittejbu l-effikaċja tal-Parlament u l-kwalità tas-servizzi u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Membri, inklużi, iżda mhux biss, strutturar aktar effiċjenti tar-ritmu ta' ħidma tal-Parlament, u tas-servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni (mingħajr ma jiġi pperikolat il-prinċipju tal-multilingwiżmu), soluzzjonijiet loġistiċi ottimali – inkluża l-loġistika tat-trasport – għall-Membri u għall-assistenti tagħhom, iffrankar fl-ispejjeż tal-catering, assistenza interna mtejba fil-qasam tar-riċerka, u t-tkomplija u l-iżvilupp ulterjuri ta' Parlament mingħajr karti u laqgħat elettroniċi; ifakkar fit-talba għal analiżi tal-ispejjeż, meta mqabbla mal-benefiċċji, tal-laqgħat mingħajr karti, u jistieden lill-amministrazzjoni tippreżentaha lill-Kumitat għall-Baġits sa mhux aktar tard minn nofs l-2013;

7. Jitlob li jiġu implimentati metodi ta' amministrazzjoni razzjonalizzata u effiċjenti fil-Parlament biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u b'hekk l-istituzzjoni tiffranka l-ħin u l-flus;

8. Iqis li l-Grupp ta' Ħidma Konġunt tal-Bureau u tal-Kumitat għall-Baġits dwar il-baġit tal-Parlament jista', abbażi tal-ħidma li beda fl-2012, ikollu rwol utli f'din ir-riforma billi jidentifika ffrankar possibbli u jirrifletti fuq ideat biex tittejjeb l-effiċjenza u jippreżenta dawn l-ideat lill-Kumitat għall-Baġits; jinnota li l-grupp ta' ħidma diġà laħaq fil-parti l-kbira tagħhom l-objettivi stabbiliti għalih fl-aħħar tal-2011, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar; fid-dawl tal-konklużjonijiet preliminari tal-Grupp ibbażati, inter alia, fuq studji kumparattivi tal-baġit tal-Parlament Ewropew mal-baġits tal-Kungress tal-Istati Uniti u kampjun mill-parlamenti tal-Istati Membri, jinkoraġġixxi t-tkomplija tal-ħidma tiegħu u l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni korrispondenti, li għandu jiġi ppreżentat kemm lill-Kumitat għall-Baġits kif ukoll lill-Bureau biex jiġi kkunsidrat matul il-proċess baġitarju tal-Parlament għall-2014; ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2012 ([1]) fejn esprima l-aspettattiva li dawn l-istudji "[joħolqu] iffrankar fit-tul fil-baġit tal-Parlament u jippreżenta[w] ideat għat-titjib tal-effiċjenza tiegħu fl-2013 u fis-snin ta' wara"; jinnota li l-Parlament Ewropew għandu livell ta' nfiq globali aktar baxx għal kull abitant meta mqabbel ma' parlamenti kumparabbli tal-Istati Membri u mal-Kungress Amerikan; jinnota wkoll li hemm bżonn li jissaħħaħ ir-rwol ta' skrutinju tal-Parlament u li jingħata appoġġ għar-riċerka mmirat aħjar biex ikun jista' jaqdi r-rwol tiegħu fir-rappreżentazzjoni demokratika;

9. Jilqa', b'mod aktar ġenerali, il-kooperazzjoni msaħħa bejn il-Kumitat għall-Baġits u l-Bureau matul il-proċedura baġitarja annwali; huwa lest li jsaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn is-Segretarju Ġenerali, il-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits tul is-sena kollha bil-ħsieb li jiġu żgurati proċess baġitarju mingħajr intoppi u implimentazzjoni effikaċi tal-baġit; jistenna li l-Bureau jippreżenta abbozz tal-estimi prudenti bbażat fuq il-bżonnijiet, li jikkunsidra l-possibilità ta' żidiet sussegwenti li jirriżultaw mill-obbligi ġuridikament vinkolanti, b'mod partikolari l-ispejjeż ta' darba relatati mal-arranġamenti ta' tranżizzjoni tal-Membri għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2014; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jipprovdi informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-arranġamenti tranżitorji għall-elezzjonijiet preċedenti tal-Parlament Ewropew;

10. Ifakkar fid-deċiżjoni adottata fil-plenarja li l-Kunsill jippreżenta pjan direzzjonali sa Ġunju 2013 dwar il-postijiet tax-xogħol multipli tal-PE u jistenna li ż-żewġ kumitati kkonċernati, is-Segretarju Ġenerali u l-Bureau jipprovdu lill-Membri b'ċifri u informazzjoni aġġornati dwar l-impatt ambjentali u finanzjarju tal-arranġament ta' postijiet tax-xogħol multipli;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0359, paragrafu 93.

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

jissuġġerixxi li s-servizzi tal-PE għall-valutazzjoni tal-impatt jeżaminaw din il-kwistjoni, inkluż fir-rigward tal-impatt tal-preżenza jew tal-preżenza parzjali tal-PE fuq il-komunitajiet u r-reġjuni rispettivi u jippreżentaw valutazzjoni sa Ġunju 2013 biex il-konklużjonijiet tagħhom jitqiesu fil-kuntest tal-QFP li jmiss;

11. Jitlob lis-servizzi rilevanti tal-Parlament jagħmlu valutazzjoni tal-ftehim bejn l-awtoritajiet fil-Lussemburgu u l-Parlament Ewropew, dwar in-numru ta’ persunal li jrid ikun preżenti fil-Lussemburgu, filwaqt li titqies reviżjoni tal-ħtiġijiet tal-Parlament; iqis li din il-valutazzjoni għandha tinkludi suġġerimenti dwar kif jerġa’ jiġi nnegozjat dan il-ftehim, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet legali;

12. Ifakkar fir-riżoluzzjonijiet baġitarji tal-Parlament, inkluża l-aktar riżoluzzjoni riċenti tiegħu tat-23 ta’ Ottubru 2012 ([1]), li titlob proċess trasparenti ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet fil-qasam tal-politika tal-bini, abbażi ta’ informazzjoni bikrija, u waqfien fl-akkwisti ġodda sa tmiem il-leġiżlatura attwali; jitlob informazzjoni dwar il-konklużjonijiet tas-Segretarju Ġenerali dwar ix-xogħol ta’ rinnovazzjoni u r-rilokazzjoni tal-uffiċċji, u dwar l-iskeda ta’ dawn ix-xogħlijiet, inkluża informazzjoni dwar bini intermedju għall-persunal tal-Parlament fis-snin li ġejjin, speċjalment b’rabta mal-problemi strutturali fil-bini Paul-Henri Spaak (PHS) u l-akkwist tal-bini Trebel;

13. Jirrikonoxxi l-isforzi li saru fl-2012 biex jiġi kkomunikat l-istat ta’ progress tal-bini KAD lill-Kumitat għall-Baġits, u jitlob li din il-komunikazzjoni tkompli sakemm idum għaddej il-proġett, b’mod partikolari fir-rigward tar-riżultat tas-Sejħa emendata għall-Offerti; jinnota li saru adattamenti u tiċkin ta’ 8 000 $m^2$, biex wieħed jibqa’ f’livell aktar baxx mill-qafas finanzjarju predeterminat għall-proġett KAD, jew jaderixxi miegħu, skont it-talba tal-Kumitat għall-Baġits; jilqa’ bi pjaċir l-iffrankar ta’ aktar minn EUR 10 miljun f’pagamenti ta’ mgħaxijiet fis-snin li ġejjin – meta mqabbel mal-estimi ta’ finanzjament tal-proġett għall-2012 – miksub permezz ta’ trasferimenti għal pagamenti bil-quddiem bikrija kemm għall-bini KAD kif ukoll għall-bini Trebel; jemmen li, fil-kuntest tal-maġġoranza li qed tikber fost il-Membri favur arranġamenti ġodda ta’ xogħol ([2]), il-proġetti tal-bini tal-Parlament jeħtieġ li jiġu trattati b’kawtela u li l-kawtela għandha tirbaħ fuq l-ambizzjoni; jinkoraġġixxi t-tkomplija ta’ dan id-djalogu siewi, u jitlob li l-informazzjoni mitluba tingħata fil-ħin;

***L-istituzzjonijiet l-oħrajn***

14. Huwa konxju li l-kuntest u l-eżitu tal-proċeduri baġitarji riċenti ħallew lill-parti l-kbira tal-istituzzjonijiet b’marġni limitat ta’ manuvrar meta jitqiesu l-kompiti dejjem jikbru li jiġu fdati lilhom, partikolarment iż-żieda fl-ammont ta’ xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-ħtiġijiet speċjali tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE);

15. Jifhem li s-SEAE huwa istituzzjoni relattivament ġdida, li għadha fil-fażi ta’ tkabbir, u li n-netwerk tiegħu ta’ missjonijiet jeħtieġ li jissaħħaħ aktar biex jiġu ssodisfati l-prijoritajiet politiċi tal-UE; jinnota li s-SEAE huwa l-unika istituzzjoni li hija esposta għal inflazzjoni f’pajjiżi terzi, għal fluttwazzjonijiet fir-rati tal-kambju u għall-preokkupazzjonijiet partikolari tal-persunal tagħha fir-rigward tas-sigurtà;

16. Iqis kwalunkwe tnaqqis mhux ġustifikat u ġenerali, u kwalunkwe approċċ mhux divrenzjat lejn il-baġits tal-istituzzjonijiet, bħala kontroproduttivi; biħsiebu, minflok, ikompli l-approċċ tiegħu ta’ każ b’każ;

17. Jirrepeti l-pożizzjoni tiegħu adottata f’ċikli baġitarji preċedenti li jistenna li l-istituzzjonijiet kollha jkomplu juru sforzi biex jiksbu ffrankar u jżommu livell għoli ta’ dixxiplina baġitarja meta jkunu qed ifasslu l-estimi baġitarji tagħhom;

o

o o

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data kif ukoll lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0359.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0359.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

P7_TA(2013)0049

## Ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva: imġiba kummerċjali responsabbli u trasparenti u tkabbir sostenibbli

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar ir-Responsabilità Soċjali Korporattiva: imġiba kummerċjali responsabbli u trasparenti u tkabbir sostenibbli (2012/2098(INI))**

(2016/C 024/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-segwitu tal-Green Paper rigward ir-responsabilità soċjali korporattiva ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 dwar ir-responsabilità soċjali korporattiva ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Modernizzazzjoni tal-Liġi tal-Kumpaniji u t-Tisħiħ tal-Governanza Korporattiva fl-Unjoni Ewropea – Pjan għall-Avvanz" (COM(2003)0284) (il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Governanza Korporattiva),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Pakkett 'Negozji Responsabbli'" (COM(2011)0685),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Inizjattiva għan-Negozju Soċjali – Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni" (COM(2011) 0682),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2002 dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni ta' qafas Ewropew għar-responsabilità soċjali tal-intrapriżi ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Mejju 2003 dwar "il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-Responsabilità Soċjali Korporattiva: Kontribut kummerċjali għal Żvilupp Sostenibbli" ([4]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2007 dwar "ir-responsabilità soċjali korporattiva: sħubija ġdida" ([5]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem ta' "Strateġija rinnovata tal-UE 2011-14 għar-Responsabilità Soċjali Korporattiva" ([6]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Strateġija rinnovata tal-UE 201114 għar-Responsabilità Soċjali Korporattiva" (COM(2011)0681),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni(A7-0017/2013),

***Kunċett modern tar-Responsabilità Soċjali Korporattiva (RSK): rimarki preliminari***

1. Jenfasizza li n-negozju ma jistgħux jieħdu f'idejhom ir-responsabilità tal-awtoritajiet pubbliċi f'dak li għandu x'jaqsam mal-promozzjoni, l-implimentazzjoni u l-kontroll ta' standards soċjali u ambjentali;

---

([1]) ĠU C 86, 10.4.2002, p. 3.
([2]) ĠU C 39, 18.2.2003, p. 3.
([3]) ĠU C 187 E, 7.8.2003, p. 180.
([4]) ĠU C 67 E, 17.3.2004, p. 73.
([5]) ĠU C 301 E, 13.12.2007, p. 45.
([6]) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 77.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

2. Jenfasizza li l-kriżi ekonomika globali attwali kienet riżultat ta' żbalji fundamentali rigward it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u r-responsabiltià, kif ukoll minn kunsiderazzjoni ta' medda qasira ta' żmien biss, u li l-UE għandha d-dmir tiżgura li dawn il-lezzjonijiet jitgħallimhom kulħadd; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li twettaq stħarriġiet tal-Ewrobarometru dwar il-fiduċja fin-negozju; jappella biex ir-riżultati ta' dawn l-istħarriġiet jiġu diskussi bis-sħiħ u biex il-partijiet interessati kollha jieħdu azzjoni; huwa bil-qawwa favur ir-responsabilità soċjali korporattiva (RSK), u huwa tal-fehma li din – jekk tkun implimentata b'mod korrett u titħaddem mill-impriżi kollha, mhux biss minn dawk kbar – tista' tagħti kontribut kbir biex terġa' titkattar il-fiduċja mitlufa, li hija meħtieġa għal irkupru ekonomiku sostenibbli, u tista' ttaffi l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi ekonomika; jinnota li meta n-negozju jassumi responsabilità għas-soċjetà, l-ambjent, u l-impjegati, huwa joħloq sitwazzjoni ta' benefiċċju għal kulħadd li sservi biex twessa' l-bażi ta' fiduċja meħtieġa għas-suċċess ekonomiku; iqis li huwa fl-interess tan-negozju u tas-soċjetà kollha kemm hi li l-RSK issir parti minn strateġija ta' negozju sostenibbli; jirrimarka li diversi negozji – speċjalment impriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs) – qed jagħtu eżempju eċċellenti f'dan il-qasam;

3. Huwa tal-fehma li l-impriżi jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' ekonomija soċjali tas-suq u għall-ilħiq tal-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020, filwaqt li jipprovdu postijiet tax-xogħol u jwittu t-triq għall-irkupru ekonomiku;

4. Jemmen li d-dibattitu dwar l-RSK għandu jitqiegħed f'kuntest usa' li, filwaqt li jiżgura li s-CRS tibqa' primarjament politika volontarja, iħalli wkoll lok għal djalogu dwar miżuri regolatorji, kull fejn dan ikun f'postu;

5. Japprova d-definizzjoni l-ġdida tal-RSK proposta mill-Kummissjoni, li twarrab id-dikotomija bejn l-approċċi volontarji u dawk obbligatorji;

6. Iqis li l-governanza korporattiva tikkostitwixxi element fundamentali tar-responsabilità soċjali korporattiva, speċjalment f'dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet mal-awtoritajiet pubbliċi, mal-ħaddiema u mal-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom, u rigward il-politika dwar il-bonusijiet, ir-rimunerazzjoni u s-salarji; jemmen li, b'mod partikolari f'każijiet meta negozju jsib ruħu f'diffikultajiet, bonusijiet, rimunerazzjoni u salarji eċċessivi mħallsa lill-maniġers mhumiex kompatibbli ma' mġiba soċjalment responsabbi;

7. Jemmen li l-politika fiskali ta' negozju għandha titqies bħala parti integrali mill-RSK u li, b'konsegwenza ta dan, imġiba soċjalment responsabbli ma tħalli l-ebda lok għal strateġiji maħsuba biex jevadu t-taxxa jew jisfruttaw ir-rifuġji fiskali;

8. Iqis li, fil-valutazzjoni tar-responsabilità soċjali ta' kumpanija, jeħtieġ li titqies l-imġiba tal-kumpaniji li joperaw fil-katina ta' provvista tagħha u, fejn dan ikun applikabbli, tas-subkuntratturi tagħha;

***It-tisħiħ tar-rabta bejn l-RSK, il-pubbliku ġenerali, il-kompetittività u l-innovazzjoni***

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali biex jippromwovu mudelli ta' negozju innovattivi, imfassla biex isawru rabtiet aktar stretti bejn l-impriżi u l-ambjent soċjali li joperaw fih;

10. Jitlob li l-Kummissjoni tikunsidra d-diskussjonijiet attwali li qed isiru rigward ir-reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kontabilità u t-Trasparenza sabiex l-istrateġija tal-RSK il-ġdida li ġiet proposta tikkumplimenta d-Direttiva riveduta.

11. Jenfasizza l-importanza li jintrifdu soluzzjonijiet innovattivi li permezz tagħhom l-impriżi jkunu jistgħu jindirizzaw sfidi soċjali u ambjentali bħalma huma l-introduzzjoni ta' sistemi ta' trasport intelliġenti u prodotti ekoeffiċjenti, aċċessibbli u ddisinjati għal kulħadd;

12. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tkabbar il-viżibilità tal-RSK u xxerred l-aqwa prattiki, u jiffavorixxi bis-sħiħ l-introduzzjoni ta' skema ta' premju Ewropew għal impriżi u sħubijiet li jħaddmu l-RSK; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra, fost azzjonijiet oħra, jekk għal dan il-għan tistax tiġi introdotta tikketta soċjali Ewropea;

13. Jilqa' l-idea li jinħolqu pjattaformi tal-RSK b'diversi partijiet interessati, u jaqbel mal-approċċ settorjali li ntgħażel;

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

14. Jagħraf l-importanza u l-potenzjal tal-inizjattiva “Impriża 2020” tan-netwerk CSR Europe, li jista’ jkolha rwol sostanzjali fit-tisħiħ tar-rabta bejn l-RSK u l-kompetittività billi trawwem id-disseminazzjoni tal-aqwa prattiki; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex irawmu aktar sinerġiji rigward l-objettiv ta’ politiki u inizjattivi li jġibu ‘l quddiem l-innovazzjoni soċjali u l-ħolqien tal-impjiegi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirfed l-isforzi tan-netwerk CSR Europe, filwaqt li l-ewwel u qabel kollox taħdem biex issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn in-negozji u l-Istati Membri b’tali mod li jissawru l-pedamenti għal pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali u għat-tixrid tal-prattiki tajbin;

15. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni li tagħmel stħarriġiet perjodiċi dwar il-fiduċja pubblika fin-negozju u l-attitudnijiet tal-pubbliku lejn strateġiji tal-RSK implimentati mill-impriżi; jirrakkomanda li l-kontenut ta’ dawn l-istħarriġiet jintrabat mar-reviżjoni tal-pjan ta’ azzjoni għall-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, bil-għan li jiġu identifikati l-ostakoli għal konsum aktar responsabbli;

***Titjib tat-trasparenza u l-effikaċja ta’ politiki tal-RSK***

16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tfassal miżuri speċifiċi maħsuba ħalli jikkumbattu informazzjoni żvijanti u falza rigward impenji favur ir-responsabilità soċjali korporattiva u relatata mal-impatt ambjentali u soċjali ta’ prodotti u servizzi, lil hinn mill-miżuri stabbiliti fid-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali, b’attenzjoni partikolari għal kwistjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni u l-kunsiderazzjoni ta’ lmenti abbażi ta’ proċedura miftuħa u ċara kif ukoll dwar il-ftuħ ta’ investigazzjonijiet; iqis li l-“greenwashing” mhuwiex biss forma ta’ qerq li jiżvija lill-konsumaturi, lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-investituri, iżda wkoll li jnaqqas il-fiduċja fl-RSK bħala mezz effikaċi għall-promozzjoni ta’ tkabbir sostenibbli u inklussiv;

17. Jaqbel li kunsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali għandhom jitqiesu aktar fl-akkwisti pubbliċi; jitlob, f’dan il-kuntest, li l-kriterju tal-prezz l-aktar baxx ma jibqax jintuża għall-għoti ta’ appalti, u li jkun hemm aktar responsabilizzazzjoni matul il-katina tas-subappalti;

18. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu inizjattivi ħalli tiżblokka u ssaħħaħ il-potenzjal tal-RSK fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima (billi torbotha mal-effiċjenza tar-riżorsi u tal-enerġija), pereżempju fil-proċessi li l-kumpaniji jużaw għax-xiri ta’ materja prima;

19. Jenfasizza li l-għajnuna li l-UE tagħti lil gvernijiet ta’ pajjiżi terzi biex jimplimentaw regolamentazzjoni soċjali u ambjentali kif ukoll reġimi ta’ spezzjoni effikaċi tikkostitwixxi komplement meħtieġ sabiex l-RSK tan-negozji Ewropej tinġieb ‘il quddiem madwar id-dinja kollha;

20. Jenfasizza li l-Investiment Soċjalment Responsabbli (SRI) jagħmel parti mill-proċess ta’ implimentazzjoni tal-RSK fid-deċiżjonijiet marbutin mal-investiment; jinnota li, għalkemm bħalissa ma teżisti l-ebda definizzjoni universali tal-SRI, is-soltu dan jgħaqqad l-għanijiet finanzjarji tal-investituri mal-preokkupazzjonijiet tagħhom rigward kwistjonijiet soċjali, ambjentali, etiċi u ta’ governanza korporattiva;

21. Jagħraf li huwa importanti li n-negozji jiżvelaw informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, bħal fatturi soċjali u ambjentali, bil-għan li jiġu identifikati riskji ta’ sostenibbiltà u li titkattar il-fiduċja tal-investituri u tal-konsumaturi; jindika l-progress notevoli li qed isir f’dan ir-rigward, u jitlob li l-Kummissjoni tappoġġja l-mira tal-Kunsill Internazzjonali dwar lir-Rappurtar Integrat (IIRC) li r-appurtar integrat (IR) isir l-istandard globali fid-deċennju li ġej;

22. Jisħaq li jeħtieġ li jitharsu r-rispett rigoruż għad-drittijiet tal-bniedem, id-diliġenza u t-trasparenza biiex l-RSK tkun żgurata tul il-katina ta’ provvista kollha kemm hi, biex jitkejjel l-impatt tan-negozji Ewropej fuq is-sostenibbiltà, u biex jiġu miġġielda l-evitar tat-taxxi u l-fluss ta’ flejjes illeċiti;

23. Jenfasizza li r-responsabbiltà korporattiva m’għandhiex tiġi ristretta għal strument ta’ marketing, u li l-uniku mod biex l-RSK tiġi żviluppata bis-sħiħ huwa li din tkun integrata fl-istrateġija komprensiva tan-negozju u tkun implimentata u msarrfa fir-realtà fl-operazzjonijiet ta’ kuljum u fl-istrateġija finanzjarja; ikun favur rabta bejn responsabilita korporattiva tajba u governanza korporattiva tajba; jemmen li l-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi lill-kumpaniji biex jiddeċiedu dwar strateġija tal-RSK fil-livell tal-bord tad-diretturi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jintroduċu kodiċijiet ta’ ġestjoni korporattiva li jirriflettu l-importanza tar-responsabilità għal kulħadd fil-kumpanija, u li jistabbilixxu rabta soda bejn il-prestazzjoni tal-kumpanija mil-lati tal-ambjent, is-soċjetà u d-drittijiet tal-bniedem u r-riżultati finanzjarji tagħha;

24. Jenfasizza li l-investituri u l-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw faċilment l-impriżi li jkunu impenjaw ruħhom favur l-RSK, għax dan iservi biex iħeġġeġ lil dawn tal-aħħar fl-isforzi tagħhom;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

25. Jisħaq li l-Investiment Soċjalment Responsabbli (SRI), bħala parti mill-proċess ta' implementazzjoni tal-RSK f'deċiżjonijiet tal-investiment, jikkombina l-objettivi finanzjarji u ekonomiċi tal-investituri ma' kunsiderazzjonijiet soċjali, ambjentali, etiċi, kulturali u edukattivi;

26. Qiegħed isegwi mill-qrib id-diskussjonijiet attwali dwar il-proposta leġiżlattiva dwar it-trasparenza tal-informazzjoni soċjali u ambjentali mogħtija mill-kumpaniji; huwa favur l-adozzjoni ta' proposta leġiżlattiva li tippermetti flessibilità ta' azzjoni kbira, fil–qies tan-natura multidimensjonali tal-RSK u tad-diversità tal-politiki tal-RSK implimentati min-negozji, akkumpanjata b'livell suffiċjenti ta' paragunabbilità li jaqdi l-ħtiġijiet tal-investituri u tal-partijiet interessati l-oħra, kif ukoll il-ħtieġa li l-konsumaturi jingħataw aċċess faċli għall-informazzjoni dwar l-impatt tan-negozji fuq is-soċjetà, inkluż dwar aspetti ta' governanza u tal-metodoloġija ta' kostijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja; iqis li l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà għandha tkopri wkoll, fejn dan ikun f'loku, il-ktajjen ta' subappalti u ta' provvista, u għandha tissejjes fuq metodoloġiji aċċettati globalment bħal dawk tal-Inizjattiva Globali dwar ir-Rappurtar jew tal-Kunsill dwar ir-Rappurtar Integrat; jitlob, barra minn hekk, li għall-SMEs jiġu applikati eżenzjoni jew qafas semplifikat;

27. Jitlob li jitkattar il-monitoraġġ aktar inklussiv u aktar trasparenti tal-prinċipjio tal-RSK fil-politika kummerċjali tal-UE, b'punti ta' riferiment ċari biex jitkejjel it-titjib, bl-għan li titħeġġeġ il-fiduċja fis-sistema;

28. Iħeġġeġ lill-UE kif ukoll lill-Istati Membri biex jagħtu tagħrif konkret dwar l-RSK, u tagħlim u taħriġ dwarha, ħalli l-impriżi jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-RSK u jimplementawha fil-kultura organizzattiva tagħhom;

29. Iħeġġeġ lill-kumpaniji tal-midja biex jinkludu standards trasparenti ta' ġurnaliżmu fil-politiki tal-RSK tagħhom, inklużi garanziji ta' protezzjoni tal-fonti u l-jeddijiet tal-whistleblowers;

30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra ulterjormanet miżuri vinkolanti u mhux vinkolanti maħsuba biex jiffaċilitaw r-rikonoxximent u l-promozzjoni tal-isforzi magħmula min-negozji rigward it-trasparenza u d-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja;

31. Jopponi bil-qawwa l-introduzzjoni ta' parametri speċifiċi, bħall-iżvilupp ta' indikaturi ta' prestazzjoni fil-livell tal-UE kollha kemm hi, li jistgħu jikkawżaw burokrazija żejda u strutturi operazzjonali ineffiċjenti; minflok, jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti lill-kumpaniji, u tippromwovi fosthom, l-użu ta' metodoloġiji aċċettati internazzjonalment, bħalma huma dawk tal-Inizjattiva Globali dwar ir-Rappurtar u tal-Kunsill dwar ir-Rappurtar Integrat;

32. Iqis li huwa essenzjali, madankollu, li l-Kummissjoni, mill-aktar fis, tiżviluppa l-metodoloġija komuni prevista biex tkejjel il-prestazzjonijiet ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja; jemmen li din il-metodoloġija tkun utli kemm mil-lat ta' trasparenza tal-informazzjoni tal-negozji kif ukoll għall-finijiet tal-valutazzjoni li l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu rigward il-prestazzjonijiet ambjentali tal-kumpaniji;

33. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tvara "Komunità ta' Prattika" dwar l-RSK u azzjoni soċjali min-naħa tan-negozji; jemmen li dan jeħtieġlu jkun kumplimentarju għal kodiċi ta' prattika tajba għall-koregolamentazzjoni u l-awtoregolamentazzjoni, li permezz tiegħu l-partijiet interessati kollha jkunu jistgħu jimpenjaw ruħhom fi proċess ta' tagħlim kollettiv biex itejbu l-effiċjenza u l-obbligu ta' rendikont f'azzjonijiet b'diversi partijiet interessati;

34. Jitlob li jkun hemm konsultazzjoni sħiħa u attiva u involviment ta' organizzazzjonijiet rappreżentattivi, inklużi t-trejdjunjins, fl-iżvilupp, l-operat u l-monitoraġġ tal-proċessi u l-istrutturi tal-RSK tal-kumpaniji, filwaqt li jaħdmu ma' min iħaddem f'approċċ ta' sħubija ġenwina;

35. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li obbligu ta' rappurtar sistematiku fuq informazzjoni essenzjali dwar is-sostenibbiltà ma jkunx ta' piż żejjed fuq il-kumpaniji, ladarba jeħtieġ li dawn tal-aħħar jilqgħu kwalunkwe strateġija ġdida tal-RSK; jitlob li l-Kummissjoni taħseb għal perjodu ta' tranżizzjoni qabel ma jidħol fis-seħħ ir-rappurtar mhux finanzjarju fuq bażi regolari għall-kumpaniji, minħabba li dan jagħtihom l-opportunità inizjali li jimplimentaw sewwa l-RSK internament, b'tali mod li jistabbilixxu politika akkurata u dettaljata tal-RSK bħala parti mis-sistemi ta' ġestjoni interna tagħhom;

36. Jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li tobbliga lill-fondi ta' investiment u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha biex jinfurmaw lill-klijenti tagħhom (ċittadini, negozji, awtoritajiet pubbliċi, eċċ.) dwar kriterji ta' investiment etiku jew responsabbli li japplikaw jew dwar kwalunkwe standard jew kodiċi li jimxu miegħu;

37. Japprova d-direttiva tal-Kummissjoni dwar l-istandards minimi għall-vittmi; jappella biex il-politiki tal-RSK tal-kumpaniji fis-setturi rilevanti (bħall-ivvjaġġar, l-assigurazzjoni, l-akkomodazzjoni u t-telekomunikazzjonijiet) jinkludu strateġiji u strutturi pożittivi u prattiċi biex jappoġġjaw il-vittmi ta' reati u l-familji tagħhom waqt kriżi, u biex jistabbilixxu politiki speċifiċi għal kwalunkwe impjegat li, fil-post tax-xogħol jew barra minnu, jisfa vittma ta' reat;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

38. Jirrikonoxxi l-valur u l-potenzjal sostanzjali ta' strumenti ta' awtoregolamentazzjoni u koregolamentazzjoni bħalma huma kodiċijiet ta' kondotta speċifiċi għas-settur; jilqa' għalhekk ix-xewqa tal-Kummissjoni li ttejjeb l-istrumenti eżistenti billi tiżviluppa kodiċi ta' prattiki tajba għal dan il-qasam; huwa kontra, madanakollu, l-introduzzjoni ta' approċċ uniku li ma jikkunsidrax l-ispeċifiċitajiet ta' kull settur u r-rekwiżiti speċifiċi tan-negozji;

***L-RSK u l-SMEs: mit-teorija għall-prattika***

39. Ifakkar fil-karatteristiċi speċjali tal-SMEs, li joperaw prinċipalment fuq livell lokali u reġjonali ġewwa setturi speċifiċi; iqis li huwa essenzjali, għalhekk, li l-politiki tal-Unjoni dwar l-RSK, inklużi pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar l-RSK, jikkunsidraw sewwa r-rekwiżiti essenzjali tal-SMEs, bi qbil mal-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir", u jirrikonoxxu l-approċċ informali u intuwittiv tal-SMEs lejn l-RSK;

40. Jindika l-importanza li l-impriżi żgħar u ta' daqs medju jkunu involuti fl-RSK u li l-kisbiet tagħhom f'dan il-qasam jiġu rikonoxxuti;

41. Jirrikonoxxi li bosta SMEs fl-Ewropa diġà jħaddmu politiki tal-RSK, bħall-impjieg lokali, l-involviment fil-komunità, l-applikazzjoni ta' politiki ta' governanza tajba fil-katina ta' provvista tagħhom, eċċ.; jirrimarka, madankollu, li l-maġġoranza ta' dawn l-SMEs ma jafux li fil-fatt qed jimplimentaw fil-prattika sostenibbiltà, RSK u prattiki tajba ta' governanza korporattiva; jistieden lill-Kummisjsoni, għalhekk, biex l-ewwel teżamina l-prattiki attwali tal-SMEs qabel ma tikkunsidra strateġiji speċifiċi tal-RSK għall-SMEs;

42. Jesprimi l-oppożizzjoni tiegħu għal kull miżura li tista' tikkawża piżijiet amministrattivi jew finanzjarji addizzjonali għall-SMEs, filwaqt li juri l-appoġġ tiegħu għal miżuri li jħallu lill-SMEs jagħmlu azzjonijiet konġunti;

43. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali biex jagħmlu użu intelliġenti mill-fondi ta' koeżjoni bil-għan li jirfdu attivitajiet promozzjonali rigward l-RSK minn organizzazzjonijiet intermedjarji tal-SMEs, fuq l-eżempju tal-programm ewlieni Ġermaniż kofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew;

44. Jitlob lill-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, ma' organizzazzjonijiet intermedjarji tal-SMEs u ma' partijiet interessati oħra, biex tfassal strateġiji u miżuri ħalli tgħin lill-SMEs jaqsmu bejniethom l-aqwa prattiki tal-RSK, pereżempju permezz ta' database għall-ġbir ta' informazzjoni fuq politiki tal-RSK implimentati mill-SMEs, b'dettalji ta' proġetti mwettqa f'pajjiżi differenti;

45. Jirrakkomanda li jitfasslu gwidi u manwali dwar l-RSK għall-SMEs; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-urġenza ta' aktar riċerka akkademika fuq kif tista' titqawwa l-aċċettazzjoni tal-RSK min-naħa tal-SMEsm kif ukoll dwar l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-politiki tal-RSK fil-livell lokali u reġjonali;

46. Huwa tal-fehma li, biex ikollha impatt ġenwin fuq it-tnaqqis tal-faqar, l-aġenda tal-RSK għandha wkoll tiffoka fuq l-SMEs, minħabba li l-impatt soċjali u ambjentali kumulattiv tagħhom huwa sinifikanti;

47. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jidentifikaw strategiji ta' żvilupp u ta' appoġġ maħsuba għad-disseminazzjoni tal-RSK fost l-SMEs; jirrakkomanda, b'mod partikolari, li jitfasslu miżuri speċifiċi għal-impriżi żgħar u għall-mikroimpriżi;

***Kwistjonijiet ta' konformita' u relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi***

48. Jenfasizza li, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament għandu jinżamm infurmat bis-sħiħ dwar kif ir-riżultati tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt fir-rigward tas-Sostenibilità (SIA) tal-ftehimiet jiġu inkorporati fin-negozjati qabel il-konklużjoni tagħhom, u li l-Parlament ikun mgħarraf dwar liema kapitoli ta' dawn il-ftehimiet ikunu nbidlu, bil-għan li jiġu evitati impatti negattivi identifikati fl-SIA;

49. Jenfasizza li jeħtieġ li trattati bilaterali futuri dwar l-investiment iffirmati mill-UE jiżguraw li jintlaħaq bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li l-investituri jkunu protetti u l-ħtieġa li jkun previst intervent mill-istat, speċjalment b'rabta ma' standards soċjali, tas-saħħa u ambjentali;

50. Jistieden li l-idea ta' sponsorizzazzjoni tiġi promossa fost min iħaddem;

51. Ifakkar li, għas-soluzzjoni ta' tilwim kummerċjali u/jew għat-talba ta' kumpens għal esternalitajiet negattivi ta' attività tan-negozju irresponsabbli jew illegali tan-negozju, diġà jeżistu kemm il-kawżi fil-qrati kif ukoll alternattivi għal dawn tal-aħħar; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex taħdem aktar ħalli tkattar l-għarfien dwar iż-żewġ triqat kemm fost

il-komunità tan-negozju kif ukoll fost il-pubbliku ġenerali; ifakkar li l-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ (ICC) tipprovdi servizzi ta' soluzzjoni tat-tilwim għal individwi, negozji, stati, entitajiet statali u organizzazzjonijiet internazzjonali li jfittxu alternattivi għal kawżi fil-qrati, liema alternattivi jistgħu jikkontribwixxu biex itejbu l-aċċess effikaċi għall-ġustizzja għall-vittmi f'każ ta' ksur ta' prattiki kummerċjali responsabbli li jikkawżaw danni ekonomiċi, soċjali u ambjentali fl-UE u/jew barra minnha;

52. Jenfasizza li s-sensibilizzazzjoni fil-livell korporattiv dwar l-importanza tal-RSK u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' ottemperanza, bħala kompitu għall-Kummissjoni, jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn sensibilizzazzjoni u tisħiħ xieraq tal-kapaċitajiet fil-livell tal-gvernijiet tal-pajjiżi ospitanti, biex ikunu żgurati l-implimentazzjoni effikaċi tad-drittijiet tal-RSK u l-aċċess għall-ġustizzja;

53. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-kumpaniji tal-UE biex jieħdu inizjattivi immirati li jippromwovu l-RSK u jiskambjaw prattiki tajba ma' sħabhom f'pajjiżi oħra;

***Konklużjonijiet***

54. Jenfasizza l-ħtieġa li l-miżuri regolatorji jitfasslu fi ħdan qafas legali solidu u f'konformità ma' standards internazzjonali, bil-għan li jiġu evitati interpretazzjonijiet nazzjonali differenti u riskji ta' vantaġġi jew żvantaġġi kompetittivi fuq skala reġjonali, nazzjonali jew makroreġjonali;

55. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tissokta bl-isforzi tagħha għall-promozzjoni tal-RSK f'relazzjonijiet ma' pajjiżi u reġjuni oħra madwar id-dinja; jitlob, f'dan ir-rigward, li jsiru sforzi akbar biex ir-reċiproċità ssir prinċipju ċentrali tar-relazzjonijiet kummerċjali;

56. Jerġa' jsostni l-konvinzjoni tiegħu li l-iżvilupp tal-RSK għandu jiġi avvanzat primarjament permezz tal-approċċ li jħaddan diversità ta' partijiet interessati filwaqt li jalloka rwol ewlieni lin-negozji, li jeħtieġ li jkunu jistgħu jiżviluppaw approċċ imfassal għas-sitwazzjoni speċifika tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' miżuri u approċċi speċifiċi għall-iżvilupp tal-RSK fost l-SMEs;

57. Jinnota li l-istrateġija attwali tal-Kummissjoni dwar l-RSK tkopri l-perjodu 2011-2014; jitlob li l-Kummissjoni tiżgura li tiġi adottata strateġija ambizzjuża fil-ħin għall-perjodu ta' wara l-2014;

o

o o

58. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0050

## Ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva: promozzjoni tal-interessi tas-soċjetà u triq lejn l-irkupru sostenibbli u inklużiv

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar ir-Responsabilità Soċjali Korporattiva: promozzjoni tal-interessi tas-soċjetà u triq lejn l-irkupru sostenibbli u inklużiv (2012/2097(INI))

(2016/C 024/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5, 12, 14, 15, 16, 21, 23, 26, 27, 28, 29, 31, 32, 33, 34 u 36 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 5, 6 u 19 tagħha,

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fix-Xogħol, adottata fl-1998, u l-konvenzjonijiet tal-ILO li jistabbilixxu standards universali fundamentali tax-xogħol fir-rigward ta': l-abolizzjoni tax-xogħol furzat (Nri 29 (1930) u 105 (1957)); il-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt ta' negozjar kollettiv, (Nri 87 (1948) u 98 (1949); l-abolizzjoni tat-tħaddim tat-tfal (Nri 138 (1973) u 182 (1999)); u n-nondiskriminazzjoni fl-impjieg, (Nri 100 (1951) u 111 (1958)),

— wara li kkunsidra wkoll il-konvenzjonijiet tal-ILO dwar il-klawsoli tax-xogħol (kuntratti pubbliċi) (Nru 94) u dwar in-negozjar kollettiv (Nru 154),

— wara li kkunsidra l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti u l-Patt Globali għall-Impjiegi tal-ILO, adottati b'kunsens dinji fid-19 ta' Ġunju 2009 waqt il-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, adottata bil-kunsens tal-183 Stat Membru tal-ILO fl-10 ta' Ġunju 2008,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (1948) u strumenti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (1966) u dak dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (1966), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (1965), il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (1979), il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-familji tagħhom (1990) u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet (2006),

— wara li kkunsidra l-Prinċipji tat-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa tan-NU mnedija f'Marzu 2010, li joffru gwida dwar kif in-nisa jistgħu jingħataw is-setgħa fuq il-post tax-xogħol, fis-suq u fil-komunità u huma riżultat ta' kollaborazzjoni bejn il-UN Women u l-Patt Dinji tan-Nazzjonijiet Uniti;

— wara li kkunsidra l-"Consistency Project", proġett kollaborattiv bejn il-"Climate Disclosure Standards Board" (CDSB), il-"Global Reporting Initiative" (GRI), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) imfassal biex jappoġġa approċċ aktar konsistenza għad-domanda u l-forniment ta' informazzjoni korporattiva relatata mat-tibdil fil-klima;

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tat-8 ta' Diċembru 2009 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali, aġġornati f'Mejju 2011,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda Kontra t-Tixħim tal-OECD tal-1997,

— wara li kkunsidra l-Global Reporting Initiative,

— wara li kkunsidra t-twaqqif tal-Kunsill Internazzjonali dwar ir-Rapportar Integrat (International Integrated Reporting Council – IIRC),

— wara li kkunsidra l-Att dwar id-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji (2008) tad-Danimarka,

— wara li kkunsidra l-Patt Dinji tan-NU,

— wara li kkunsidra l-istudju ta' Ottubru 2010 prodott għall-Kummissjoni dwar il-lakuni fil-governanza bejn l-istrumenti u l-istandards internazzjonali fil-qasam tar-Responsabilità Soċjali Korporattiva u l-leġiżlazzjoni Ewropea fis-seħħ (magħrufa bħala l-"Istudju ta' Edinburgh) ([2]), li l-konklużjonijiet tiegħu ġew rapportati fir-Rapport Annwali tal-Parlament Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-2011 ([3]), u li kienu approvati kompletament mill-Kunsill Ewropew,

---

([1]) http://www.business-humanrights.org/SpecialRepPortal/Home/Protect-Respect-Remedy-Framework u http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/EN/foraff/111819.pdf
([2]) http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sustainable-business/files/business-human-rights/101025_ec_study_final_report_en.pdf
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0126.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

— wara li kkunsidra l-paragrafi 46 u 47 tad-dokument finali tas-Summit Dinji tal-2012 Rio+20 dwar l-Izvilupp Sostenibbli,

— wara li kkunsidra l-Principji tan-NU għall-Investiment Responsabbli (UNPRI),

— wara li kkunsidra l-Istandard Internazzjonali ISO 26000 li jipprovdi linji gwida għar-responsabilità socjali, u li nħareġ fl-1 ta' Novembru 2010,

— wara li kkunsidra l-istudju "Green Winners" tal-2009 li sar fuq 99 kumpanija ([1]),

— wara li kkunsidra t-twaqqif tal-Forum Multilaterali Ewropew dwar ir-Responsabilità Socjali Korporattiva, imniedi fis-16 ta' Ottubru 2002,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ([2]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku (COM(2011)0896);

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ([3]), li ħadet post il-Konvenzjoni ta' Brussel tal-1968 minbarra fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn id-Danimarka u Stati Membri Oħra,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-segwitu tal-Green Paper rigward ir-responsabilità soċjali korporattiva ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 dwar ir-responsabilità soċjali korporattiva ([5]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd – Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-aġenda tax-xogħol deċenti għal kulħadd" (COM(2006)0249) (komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ix-xogħol deċenti),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Il-Modernizzazzjoni tad-dritt soċjetarju u t-tisħiħ tal-governanza tal-impriżi fl-Unjoni Ewropea – Pjan għall-avvanz" (COM(2003)0284) (Pjan ta' Azzjoni dwar il-Governanza tal-Impriżi),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija – Il-Politika tal-Kummerċ bħala element prinċipali mill-Istrategija tal-UE 2020" (COM(2010)0612),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Pakkett 'Negozji responsabbli'" (COM(2011)0685),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi" (COM(2012)0173),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Inizjattiva għan-negozju soċjali – Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intraprizi socjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni" (COM(2011) 0682),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

---

(1) http://www.atkearney.com/documents/10192/6972076a-9cdc-4b20-bc3a-d2a4c43c9c21
(2) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.
(3) ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.
(4) ĠU C 86, 10.4.2002, p. 3.
(5) ĠU C 39, 18.2.2003, p. 3.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015" (COM(2010)0491),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2002 dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni ta' qafas Ewropew għar-responsabilità soċjali korporattiva ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Mejju 2003 dwar "il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-responsabilità soċjali korporattiva: kontribut tal-impriżi għall-Iżvilupp Sostenibbli" ([2]),

— wara li kkunsidra r-rizoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2007 dwar "ir-responsabilità soċjali tal-intraprizi: sħubija ġdida" ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar l-UE 2020, li tafferma li teżisti rabta inestrikabbli bejn ir-reponsabilità korporattiva u l-governanza korporattiva ([5]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2012 bl-isem "Inizjattiva għan-Negozju Soċjali – Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni" ([6]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija rinnovata tal-UE 2011-14 għar-Responsabilità Soċjali Korporattiva" ([7]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija rinnovata tal-UE 2011-2014 għar-Responsabilità Soċjali Korporattiva" (COM(2011)0681),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Procedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali kif ukoll tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0023/2013),

A. billi t-terminu "responsabilità soċjali korporattiva (RSK)" jeħtieġ ma jintużax b'mod ħażin għad-definizzjoni mill-ġdid tal-istandards minimi applikabbli maqbula f'livell internazzjonali, iżda jintuża biex titkejjel l-implimentazzjoni tagħhom u jinftiehem aħjar kif dawn jistgħu jiġu applikati malajr u direttament mill-impriżi ta' kull daqs;

B. billi l-kunċett tal-RSK tipikament użat fl-istituzzjonijiet tal-UE għandu jitqies bħala prinċipalment mhux distingwibbli mill-kunċetti relatati ta' impriżi responsabbli u etiċi, "ambjent, soċjetà u governanza", żvilupp sostenibbli u responsabilità korporattiva;

C. billi approċċ multilaterali jeħtieġ li jibqa' l-ġebla tax-xewka tal-inizjattivi kollha appoġġati mill-UE dwar l-RSK, kif ukoll il-bażi tal-RSK l-aktar kredibbli mwettqa mill-impriżi stess, u li jibda mil-livell lokali;

D. billi l-Global Reporting Initiative ipprovdiet il-metodoloġija l-aktar aċċettata fil-livell internazzjonali għat-trasparenza tal-impriżi u billi l-formazzjoni tal-International Integrated Reporting Council (IIRC), li tinvolvi l-entitajiet internazzjonali l-aktar importanti dwar it-twaqqif ta' standards tal-kontabbiltà, tindika li r-rappurtar ta' sostenibbiltà korporattiva integrat fil-kontijiet finanzjarji se jsir in-norma globali f'inqas minn għaxar snin;

---

([1]) ĠU C 187 E, 7.8.2003, p. 180.
([2]) ĠU C 67 E, 17.3.2004, p. 73.
([3]) ĠU C 301 E, 13.12.2007, p. 45.
([4]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 101.
([5]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 57.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2012)0429.
([7]) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 77.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

E. billi x-xogħol innovattiv tal-"Prince's Accounting for Sustainability Project", tat-TEEB (L-Ekonomija tal-Ekosistemi u l-Bijodiversità) għall-Impriżi u tal-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti issa għamilha possibbli għall-impriżi li jifhmu sew u b'mod preċiż il-valutazzjoni monetarja tal-impatt soċjali u ambjentali estern tagħhom u b'hekk jinserixxu dan bħala parti mill-ġestjoni finanzjarja tal-kumpanija;

F. billi kien hemm bidla radikali fil-komunità ta' investituri b'1 123 investitur (li jirrappreżentaw USD 32 triljun ta' assi totali ġestiti) li japprovaw il-Prinċipji ta' Investiment Responsabbli tan-NU (UNPRI); billi l-Forum għall-Investiment Sostenibbli Ewropew jikkalkula li s-suq globali tal-investiment soċjalment responsabbli laħaq madwar EUR 7 triljun minn Settembru 2010, u billi 82 investitur immexxija minn Aviva Global Investors u li jirrappreżentaw USD 50 triljun ta' assi totali ġestiti talbu, fl-okkażjoni tas-Summit tan-NU għal Żvilupp Sostenibbli, sabiex ir-rappurtar tas-sostenibbiltà korporattiva jsir obbligatorju;

G. billi t-twaqqif tal-Pjattaforma Multilaterali Ewropea dwar l-RSK, it-twettiq ta' għadd ta' proġetti pilota u ta' proġetti ta' riċerka, l-attivitajiet tal-Alleanza preċedenti għall-Impriżi stabbilixxew rekord passat ċar ta' azzjoni Ewropea fil-qasam tal-RSK, flimkien mal-kontribut kontinwu u ta' siwi li sar minn "familja" ta' organizzazzjonijiet tal-RSK Ewropej li tinkludi CSR Europe, l-Akkademja Ewropea tan-Negozju fis-Soċjetà (EABIS), il-Forum għall-Investiment Sostenibbli Ewropew (Eurosif), u l-Koalizzjoni Ewropea għall-Ġustizzja Korporattiva (ECCJ);

H. billi ċerti standards komuni għall-RSK huma essenzjali, billi differenzi fil-materjalità jeħtieġu wkoll approċċi differenzjati mill-industrija u billi, f'soċjetà libera, l-RSK qatt ma tista' tagħmel azzjoni tal-karità obbligatorja, li tista' tnaqqas ir-rieda tan-nies li jagħtu;

I. billi l-kodiċijiet ta' kondotta tal-kumpanija kellhom rwol importanti biex jinbeda u jitkabbar l-għarfien dwar l-RSK, iżda huma rispons insuffiċjenti minħabba n-nuqqas frekwenti ta' speċifiċità, ta' inkonsistenza mal-istandards internazzjonali eżistenti, ta' eżempji ta' evitar ta' kwistjonijiet materjali u ta' nuqqas ta' paragunabilità u trasparenza fl-applikazzjoni;

J. billi l-Prinċipji ta' Linji Gwida dwar in-Negozji u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU ġew maqbula unanimament fin-NU bl-appoġġ sħiħ tal-Istati Membri tal-UE, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Impjegaturi u tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ, inkluż appoġġ għall-kunċett ta' "smart mix" (taħlita intelliġenti) bejn azzjonijiet regolatorji u dawk volontarji;

K. billi r-Rappreżentant Speċjali preċedenti tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, John Ruggie, appella lill-Istati Membri tal-UE, bħala parti mill-Konferenza tal-RSK imsejħa mill-Presidenza Svediża ta' dak iż-żmien, biex jikkjarifikaw u jappoġġaw il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni extraterritorjali għal każijiet ta' ksur minn kumpaniji f'pajjiżi terzi fraġli; billi l-appell tiegħu kien sussegwentement approvat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, imma attwalment għadha ma ttieħdet l-ebda azzjoni bħala risposta;

L. billi l-istudju tal-Kummissjoni dwar lakuni ta' governanza bejn l-istrumenti u l-istandards tal-RSK u leġiżlazzjoni eżistenti Ewropea, magħruf bħala l-Istudju ta' Edinburgh, ippubblikat f'Ottubru 2010 u li r-riżultati tiegħu ġew irrappurtati fir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-2011, ġie approvat b'mod sħiħ mill-Kunsill Ewropew u mill-Parlament Ewropew;

M. billi l-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Impriżi Multinazzjonali huma l-istandard RSK internazzjonali l-aktar kredibbli u li l-aġġornament maqbul f'Mejju 2011 jirrappreżenta opportunità sinifikanti biex l-implimentazzjoni tal-RSK timxi 'l quddiem;

N. billi kien hemm għadd ta' inizjattivi internazzjonali biex jiżguraw rappurtar ta' sostenibbiltà mill-impriżi, inklużi r-rekwiżiti għall-impriżi mmexxija mill-Istat Ċiniż li jirrappurtaw, u għall-impriżi li jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-RSK żviluppati mill-Gvern tal-Indja, flimkien mal-fatt li l-impriżi għandhom jiżvelaw ir-rendiment ta' sostenibbiltà tagħhom mitlub bħala rekwiżit fil-lista uffiċjali tal-Borża fil-Brażil, fl-Afrika tan-Nofsinhar u l-Malasja, u bħala rekwiżit tal-Kummissjoni għat-Titoli u l-Kambju tal-Istati Uniti;

O. billi l-Att dwar id-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Daniż (2008) fir-rigward tar-rappurtar tas-sostenibilità korporattiva li għandu rekwiżiti addizzjonali speċifiċi ta' rappurtar dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima u tad-drittijiet tal-bniedem, kien ferm popolari mal-impriżi Daniżi, li 97 % minnhom jagħżlu li jirrappurtaw minkejja d-dispożizzjoni ta' "kkomforma jew spjega" li tkopri l-ewwel tliet snin tal-applikazzjoni tal-Att;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

P. billi Franza u d-Danimarka huma tnejn mill-erba' gvernijiet tal-Istati Membri tan-NU li qablu li jmexxu l-implimentazzjoni tal-impenn tan-NU Rio+20 għar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà korporattiva;

Q. billi l-aġġornament tal-Linji Gwida dwar l-Impriżi Multinazzjonali tal-OECD, immexxi mill-Pajjiżi l-Baxxi, offra l-opportunità li jtejjeb il-viżibilità u l-istatus ta' dawk il-linji gwida, permezz ta' sistema ta' punti ta' kuntatt nazzjonali, temm "in-nexus ta' investiment" li fixkel l-applikazzjoni sħiħa tagħhom mal-katina tal-provvista u integra bis-sħiħ il-Prinċipji dwar in-Negozji u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;

R. billi r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Ewropa 2020 tiddikjara li hemm rabta qawwija bejn ir-responsabilità korporattiva u l-governanza korporattiva;

S. billi l-istudju "Green Winners" 2009 li jiġbor fih 99 kumpanija wera li f'16-il settur industrijali separat, kumpaniji bi strateġiji RSK kellhom rendiment aħjar mill-medja industrijali b'mill-inqas 15 %, b'hekk jirrappreżentaw kapitalizzazzjoni tas-suq addizzjonali ta' EUR 498 miljun (USD 650 miljun) għal kull kumpanija;

T. billi l-Istħarrig "Global CEO 2012" juri li l-impriżi jirrikonoxxu li t-tkabbir jitlob ħidma mill-qrib mal-popolazzjoni lokali; billi, pereżempju, aktar minn 60 % ta' dawk mistħarrġa kienu qed jippjanaw li jżidu l-investiment tagħhom fit-tliet snin ta' wara biex jgħinu ħalli titħares is-saħħa tal-ħaddiema;

1. Jirrikonoxxi li l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni hija parti minn sensiela ta' dikjarazzjonijiet politiċi li bis-saħħa tagħhom l-RSK hija promossa b'mod aktar wiesa', hija integrata fil-politiki tal-UE u se ssir prinċipju stabbilit għall-azzjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw l-istrateġija RSK 2014-2020 bħala l-bażi għal miżuri prattiċi li jinkoraġġixxu lill-kumpaniji jinvolvu ruħhom fl-RSK;

2. Jenfasizza li għarfien attiv tar-responsabilità soċjali jwassal għal fiduċja u aċċettazzjoni soċjali akbar fl-impriżi;

3. Jaqbel, madankollu, mal-analiżi stabbilita fil-komunikazzjoni, skont liema l-prattiki tal-RSK għadhom limitati, fil-biċċa l-kbira, għal minoranza tal-impriżi l-kbar, minkejja l-appelli diretti fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-2001 u 2006 biex aktar impriżi jħaddnu l-RSK; iqis, madankollu, li l-impriżi dejjem kienu involuti fis-soċjetà li fiha joperaw u li l-RSK tista' tiġi introdotta f'kumpaniji ta' kwalunkwe daqs; jinnota wkoll il-ħtieġa li l-SMEs ikunu involuti fid-dibattitu dwar l-RSK, li ħafna minnhom jadottawha abbażi ta' approċċ aktar informali u intuwittiv li jinvolvi l-ammont minimu ta' amministrazzjoni u l-ebda żieda fl-ispejjeż;

4. Jiġbed l-attenzjoni fuq ir-rwol strateġiku tal-SMEs, li billi huma qrib it-territorju li jaħdmu fih, jistgħu jiffaċilitaw it-tixrid tal-RSK; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-pjattaformi multilaterali, forom ta' kooperazzjoni settorjali bejn l-SMEs li jippermettulhom jieħdu azzjoni konġunta dwar problemi soċjali u ambjentali;

5. Jiddispjaċih li l-RSK tkompli tkun iffokata fuq standards ambjentali u tħalli barra standards soċjali, anke jekk dawn huma essenzjali sabiex tinkiseb klima soċjali li twassal għal tkabbir ekonomiku u għal konverġenza soċjali;

6. Jemmen li fil-kriżi finanzjarja globali hemm ir-riskju reali li dawk li jfasslu l-politika, inkluż fl-UE, se jsofri konsegwenzi negattivi minħabba ppjanar fuq terminu qasir ta' żmien, b'konċentrazzjoni esklużiva fuq miżuri ta' trasparenza u kontabilità definiti b'mod ristrett fis-swieq finanzjarji, filwaqt li qed tiġi traskurata l-ħtieġa urġenti li s-setturi finanzjarji kif ukoll dawk industrijali jindirizzaw l-isfidi fundamentali tad-degradazzjoni ambjentali u tad-diżintegrazzjoni soċjali b'mod integrat;

7. Iwissi li l-impriżi jistgħu biss ikunu sostenibbli fil-futur jekk ikunu jeżistu f'ekonomija sostenibbli, u li ma jistax ikun hemm alternattiva għall-bidla futura b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju li tinkludi wkoll il-preservazzjoni tal-kapital soċjali u naturali fid-dinja, proċess li fih l-RSK għandu jkollu rwol deċisiv;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

8. Jemmen li "t-tisħiħ"tal-RSK jeħtieġ jitjieb permezz ta': enfasi fuq l-istrumenti globali tal-RSK; impetu ġdid minn impriżi li huma l-mexxejja fost il-pari tagħhom; żvelar mill-impriżi ta' informazzjoni soċjali u ambjentali; l-użu ta' linji gwida xierqa; appoġġ milll-amministrazzjoni pubblika għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jwasslu għal kooperazzjoni tal-RSK u l-provvediment ta' għodda u strumenti xierqa, bħal pereżempju sistema ta' inċentiva; analiżi tal-impatt robusta ta' inizjattivi eżistenti tal-RSK; appoġġ għal inizjattivi ġodda fl-isfera soċjali; adattament tal-RSK sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-SMEs; u żieda fir-rikonoxximent fi ħdan kemm il-komunità tan-negozju kif ukoll is-soċjetà ġenerali tal-iskala kbira ħafna tal-isfidi globali soċjali u ambjentali li qed jiffaċċjaw l-Ewropa u d-dinja;

9. Jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ l-RSK fl-Ewropa billi tipproduċi linji gwida u tappoġġa inizjattivi multilaterali għal setturi industrijali individwali, u jappella lill-kumpaniji u l-assoċjazzjonijiet ewlenin biex iħaddnu din l-inizjattiva;

10. Itenni li l-RSK għandha tgħaddi mill-proċess għar-riżultat;

11. Jilqa' favorevolment il-fatt li d-definizzjoni tal-RSK stabbilita fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni, li tirrifletti l-approċċ ġdid adottat għall-ewwel darba mill-Kummissjoni fil-Forum Multilaterali tal-2009, toffri opportunità indispensabbli f'termini ta' inklużjoni u ta' ħolqien ta' kunsens, u tirrifletti korrettament il-kunsens il-ġdid li ntlaħaq bejn l-impriżi u l-partijiet interessati l-oħrajn f'dan l-ambitu bis-saħħa tal-qbil unanimu tal-Prinċipji Gwida tan-NU u strumenti oħra bħall-Gwida Standard dwar ir-Responsabilità Soċjali ISO 26000; jilqa' l-integrazzjoni tat-tħassib soċjali, ambjentali, etiku u rigward id-drittijiet tal-bniedem fl-operazzjonijiet tan-negozju; jinsisti li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiddifferenzja aktar bejn: (1) atti ta' karità minn impriżi; (2) atti socjali minn imprizi bbażati fuq il-ligijiet, ir-regoli u l-istandards internazzjonali; u (3) atti antisoċjali minn impriżi li jiksru l-liġijiet, ir-regoli u l-istandards internazzjonali u li huma atti kriminali u abużivi, bħal pereżempju x-xogħol tat-tfal jew ix-xogħol furzat, u li għandhom jiġu kkundanati bil-kbir;

12. Itenni li l-RSK teħtieġ testendi wkoll għall-aġir tal-impriżi fil-konfront ta' pajjiżi terzi u fihom stess;

13. Jinnota b'interess li l-Kummissjoni bdiet tinkludi referenzi għall-RSK fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE; huwa tal-fehma li, meta jitqies ir-rwol ewlieni tal-korporazzjonijiet, is-sussidjarji tagħhom u l-ktajjen ta' provvista tagħhom fil-kummerċ internazzjonali, ir-responsabilità soċjali u ambjentali korporattiva għandha ssir parti integrali tal-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti konkreti għall-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji tal-RSK fil-politika kummerċjali;

14. Iqis li "r-responsabilità soċjali" għandha wkoll tirrispetta l-prinċipji u d-drittijiet fundamentali bħal dawk speċifikati mill-ILO, inkluż b'mod partikolari l-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt għall-ftehim kollettiv, il-projbizzjoni ta' xogħol furzat, l-abolizzjoni tax-xogħol tat-tfal u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol;

15. Jirrakkomanda bil-qawwa l-kontribut magħmul mill-Kummissarji għall-Impjiegi, l-Intrapriża u s-Suq Intern u s-servizzi tagħhom għall-approċċ progressiv u kostruttiv adottat fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni; jagħraf il-kontribut ta' partijiet oħra tal-Kummissjoni permezz tal-Grupp Inter-Servizz dwar l-RSK; madankollu jitlob lill-President tal-Kummissjoni jipprovdi tmexxija personali fil-qasam tal-RSK u jiżgura li tittieħed "responsabilità" sħiħa tal-impenn tal-Kummissjoni għall-RSK b'mod partikolari fid-Direttorati Ġenerali għall-Ambjent u f'dawk li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet esterni;

16. Itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-RSK għandha tinkludi miżuri soċjali li jiġbru fihom taħriġ vokazzjonali, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, u kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa; jiddikjara mill-ġdid il-konvinzjoni tiegħu fil-"każ kummerċjali" għall-RSK, iżda jtenni li, meta tali każ ma japplikax fit-terminu qasir f'sitwazzjoni jew f'kumpanija partikolari, dan qatt ma jista' jintuża bħala skuża għall-aġir irresponsabbli u antisoċjali; jemmen li teżisti riċerka suffiċjenti li turi li l-"każ kummerċjali" u li d-disseminazzjoni ta' dik ir-riċerka għandha tkun il-prijorità; jitlob li r-riċerka ġdida dwar l-RSK tkun idedikata għall-valutazzjoni tal-impatt kumulattiv ta' bidliet relatati mal-RSK fl-imġiba tal-impriżi meta jiffaċċjaw sfidi globali Ewropej u dinjija bħall-emissjonijiet tal-karbonju, l-aċidifikazzjoni tal-ilma, il-faqar estrem, ix-xogħol tat-tfal jew l-inugwaljanza, u li l-esperjenza pożittiva ssir parti mill-input futur Ewropew li jgħin biex jiġu żviluppati inizjattivi globali tal-RSK;

17. Jirrikonoxxi li jirriżulta difett kbir fl-inizjattivi tal-RSK jekk il-kumpaniji li jiddikjaraw li jipprattikaw l-RSK jirnexxilhom jevitaw gruppi ta' interess kruċjali jew kwistjonijiet sensittivi rilevanti għall-attività tagħhom u l-katina tal-provvista globali tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet finanzjarji u s-sħab soċjali, tibni fuq ix-xogħol preċedenti tal-"laboratorji" tal-RSK biex tidentifika aħjar il-mod kif il-kumpaniji u l-partijiet interessati tagħhom

jistgħu jidentifikaw oġġettivament il-kwistjonijiet soċjali u ambjentali essenzjali għall-impriża kkonċernata, u jitlob li ssir għażla ġusta u bilanċjata ta' partijiet interessati li jkunu involuti f'inizjattivi tal-RSK ta' kumpanija;

18. Jemmen li l-konsumaturi qegħdin dejjem aktar jiffukaw l-attenzjoni fuq kumpaniji b'attivitajiet tal-RSK, u għalhekk iħeġġeġ lill-kumpaniji jieħdu approċċ trasparenti, speċjalment fl-operazzjonijiet korporattivi relatati ma' tħassib etiku, socjali u ambjentali;

19. Jenfasizza l-fatt li l-RSK tkun vijabbli biss jekk ikunu rrispettati d-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ u r-regolamentazzjoni dwar tariffi lokali tas-sħab soċjali;

20. Jinnota li waqt li qed tiġi vvalutata r-responsabilità soċjali ta' impriża, għandha titqies l-imġiba tal-impriżi involuti fil-katina tal-provvista tagħha u kwalunkwe subkuntrattur eventwali;

***Irkupru sostenibbli***

21. Isostni r-rikonoxximent, fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni, li "l-kontribuzzjoni għall-mitigazzjoni tal-effetti soċjali tal-kriżi attwali" u s-sejba ta' mudelli ta' negozju sostenibbli huma parti mir-responsabilità soċjali tal-impriżi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħinu lin-negozji, f'kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, isiru involuti fl-RSK; jistieden lill-impriżi jqisu inizjattivi maħsuba biex jippreservaw u joħolqu l-impjiegi, speċjalment għaż-żgħażagħ u n-nisa, fl-oqsma kollha ta' attività (bħal pereżempju l-ġestjoni u t-taħriġ, is-swieq, il-persunal, l-ambjent u s-soċjetà), b'attenzjoni partikolari għal dawk affettwati minn żvantaġġi multipli, bħal pereżempju r-Roma u l-persuna b'diżabilità, u biex mis-suq tax-xogħol lokali jirreklutaw mhux biss ħaddiema komuni imma wkoll uffiċjali għolja tal-maniġment u biex jistabbilixxu, pereżempju, sistema li tippermetti li gradwati universitarji jwettqu apprendistati ta' kwalità sabiex jiksbu l-esperjenza ta' xogħol meħtieġa minn impjegaturi tas-settur privat;

22. Iqis li l-impriżi għandhom ikunu involuti fir-riżoluzzjoni ta' problemi soċjali aggravati mill-kriżi ekonomika, bħan-nuqqas ta' abitazzjoni u l-faqar, kif ukoll fl-iżvilupp tal-komunitajiet li fihom jaħdmu;

23. Jirrikonoxxi li l-kriżi ekonomika ġiet akkumpanjata minn żieda fil-każwalizzazzjoni tal-impjiegi, speċjalment għan-nisa, minn differenzi fil-kundizzjonijiet ta' ħidma, li jirriżultaw parzjalment minħabba subkuntrattar, xogħol part time furzat għal ħafna li jixtiequ jaħdmu full time u minn żieda ta' xogħol u prattiki ta' xogħol li xi drabi jkunu abużivi u minn spinta tas-settur informali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Forum Multilaterali Ewropew speċifikament jeżaminaw iż-żieda tas-subkuntrattar. iħeġġeġ li dan ix-xogħol ikun infurmat mill-Prinċipji Gwida tan-NU applikabbli għall-katina tal-provvista u b'mod partikolari għall-kunċett tal-valutazzjoni tal-impatt irrispettivament mil-livelli differenti ta' fornituri;

24. Jinnota li l-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet fiżiċi tax-xogħol, l-iżvilupp ta' proċeduri u politika dwar ir-reklutaġġ u s-sensji, il-protezzjoni tad-data u tal-privatezza tal-ħaddiema u l-ħlas fil-ħin tar-remunerazzjoni u ta' benefiċċji oħra huma wkoll parti mill-RSK, u jitlob li dawn l-aspetti jkunu rispettati;

25. Jirrikonoxxi li l-kriżi qed ikollha effett fuq l-istruttura soċjali; jilqa' l-firxa ta' passi li ttieħdu minn ċerti impriżi biex jinkorporaw gruppi vulnerabbli u żvantaġġati fis-suq tax-xogħol; jitlob lill-kumpaniji jżommu l-pass ma' din it-tip ta' inizjattiva; Jenfasizza, madankollu, li l-għeluq tal-impriżi u l-awsterità qegħdin jikkompromettu wħud mit-titjib li ntlaħaq bis-saħħa tal-RSK, bħal pereżempju l-impjieg għall-gruppi vulnerabbli fis-soċjetà, partikolarment il-persuni b'diżabilitajiet, filwaqt li jtejbu t-taħriġ u l-istatus għal dawn il-ħaddiema, jippromwovu forom ġodda inovattivi ta' produzzjoni u servizzi ta' siwi soċjali, pereżempju permezz ta' unjins ta' kreditu, u jippromovu mudelli ġodda ta' impjiegi permezz tal-impriżi soċjali, tal-kooperattivi u tal-kummerċ ġust; iqis li huwa għalhekk essenzjali li jiġu determinati limiti għall-miżuri soċjali; jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi importanti tal-impatt soċjali tal-kriżi fuq dawn l-inizjattivi, billi tinkorpora approċċ ibbażat fuq il-ġeneru b'attenzjoni fuq il-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Ewropa, u tikkonsulta b'mod sħiħ mas-sħab soċjali u mal-partijiet interessati tal-RSK dwar l-eżitu tagħha;

26. Jemmen li l-azzjonijiet tal-RSK ma jibbenefikawx biss lis-soċjetà b'mod ġenerali, imma jgħinu wkoll kumpanija ttejjeb l-immaġni tagħha u l-pożizzjoni tagħha f'għajnejn il-konsumaturi potenzjali, b'hekk tista' tkun ekonomikament vijabbli fuq perjodu twil ta' żmien;

27. Jinnota li t-twaqqif ta' programmi ta' żvilupp ta' ħiliet u ta' tagħlim tul il-ħajja għall-ħaddiema, valutazzjonijiet individwali regolati għall-ħaddiema u programm ta' ġestjoni tat-talent kif ukoll it-twaqqif ta' impriżi individwali u l-iżvilupp ta' objettivi għall-ħaddiema jżidu l-motivazzjoni tagħhom u l-impenn tagħhom u huma parti essenzjali mill-RSK;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

28. Jinnota li, partikolarment fi żminijiet ta' kriżi, kumpaniji li joperaw bi qbil mal-RSK għandhom jgħinu biex jiġu żviluppati kapaċitajiet innovattivi fir-reġjun tagħhom billi jintroduċu soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi u li jkunu favur l-ambjent u permezz ta' investimenti ġodda u l-modernizzazzjoni; jenfasizza li l-integrazzjoni tat-tħassib ambjentali bħad-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, l-effiċjenza tar-riżorsi u s-saħħa ambjentali fl-operazzjonijiet tal-impriżi toffri potenzjal li jippromovi rkupru sostenibbli;

29. Iqis li l-kriżi finanzjarja f'xi każijiet setgħet mermret il-fiduċja tal-impjegati fil-konfront tal-obbligi tal-kumpaniji li jikkonformaw mad-drittijiet għall-pensjoni privata fit-tul, b'kunsiderazzjoni tad-differenzi bejn sistemi ta' pensjoni fl-UE, wara l-kriżi; jistieden lil kumpaniji responsabbli biex jindirizzaw din il-problema flimkien mal-Kummissjoni u s-sħab soċjali, inkluż bit-twaqqif ta' arranġamenti miftuħa, inklużivi u bbażati fuq ir-regoli biex jiġu ġestiti l-investimenti tal-pensjoni, u bħala parti mill-isfida usa' fi ħdan l-RSK biex jindirizzaw it-tixjiħ attiv fi żmien ta' tibdil demografiku; sabiex ikun hemm irkupru ekonomiku sostenibbli hu essenzjali li terġa' tinbena l-fiduċja bejn l-impjegati u l-kumpaniji;

***Organizzazzjoni internazzjonali u approcci multilaterali***

30. Jirrakkomanda bil-qawwa l-enfasi mogħtija fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni għat-tisħiħ u l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali, u – fid-dawl tal-aġġornament tal-2011 tal-Linji Gwida tal-OECD u l-qbil mal-Prinċipji Gwida tan-NU – jemmen li llum trid tingħata attenzjoni partikolari mill-azzjoni tal-UE għall-implimentazzjoni sħiħa ta' tali linji gwida u prinċipji fost l-impriżi Ewropej; jenfasizza li dawn il-linji gwida tal-OECD ġew definiti u rikonoxxuti fil-livell internazzjonali biex jiġu stabbiliti u jinżammu kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni, filwaqt li jitrawmu prattiki kummerċjali miftuħa, ġusti u responsabbli fid-dinja kollha; jissuġġerixxi lill-Kummissjoni li tirrapporta kull sena kemm lill-Parlament kif ukoll lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida tal-OECD fl-UE;

31. Jissottolinja l-importanza li jkunu żviluppati politiki tal-Unjoni dwar l-RSK f'konformità mal-istandards internazzjonali, għall-fini li jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti u riskji ta' vantaġġi jew żvantaġġi kompetittivi f'livell nazzjonali jew internazzjonali;

32. Jinsisti li kull wieħed mis-27 Stat Membru jeħtieġ jaċċellera r-reviżjoni tal-pjanijiet tiegħu ta' azzjoni dwar l-RSK, u l-iżvilupp tal-pjanijiet nazzjonali li jimplementaw il-Linji Gwida tal-OECD u l-Prinċipji Gwida tan-NU, li għandhom ikunu ffinalizzati sa mhux aktar tard minn tmiem Diċembru 2013; iqis li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-pjanijiet jitfasslu bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati relevanti kollha, inkluzi l-NGOs, is-socjetà civili, it-trejdjunjins, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem (NHRI); jitlob lill-UE tiffaċilita t-tagħlim mill-esperjenza ta' dawk l-Istati tal-UE li għaddejjin bħalissa mill-proċess; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jitnebbħu mil-linji gwida li jinsabu fl-istandard ISO 26000, mill-aħħar verżjoni tal-linji gwida tal-Global Reporting Initiative u mill-gwida żviluppata mill-Grupp Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-bniedem (NHRIs);

33. Jitlob li jkun hemm koerenza akbar fil-politiki f'livell ta' UE billi l-politiki u l-ftehimiet dwar l-akkwist pubbliku, il-kreditu tal-esportazzjoni, il-governanza t-tajba, il-konkorrenza, l-iżvilupp, il-kummerċ, l-investiment u oħrajn jinġiebu f'konformità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali u ambjentali, stabbiliti fil-linji gwida u l-principji tal-OECD u tan-NU; jitlob, f'dan is-sens, għal kooperazzjoni mal-korpi li jirrappreżentaw l-impjegati, l-impjegaturi u l-konsumaturi filwaqt li jittieħed il-parir tal-NHRIs, bħalma huma s-sottomissjoni tal-Grupp Ewropew tal-NHRIs lill-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-akkwist; jitlob li jkun hemm valutazzjonijiet sinifikanti u adegwati tal-impatt tal-proposti legizlattivi għal inkoerenza potenzjali mal-Principji Gwida tan-NU, u jinsisti fuq il-koordinazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, ħalli tkun evitata interpretazzjoni ma ssegwix u inkonsistenti ta' dawk il-Principji Gwida;

34. Jilqa' b'mod partikolari l-inklużjoni tas-settur tal-ICT għal linji gwida speċifiċi Ewropej dwar l-impriżi u d-drittijiet tal-bniedem; jirrikonoxxi d-dilemmi ġenwini maħluqa mill-ħtieġa li tkun protetta l-privatezza u l-ġlieda kontra kontenut kriminali fuq naħa, bl-objettiv li tkun difiża l-libertà tal-espressjoni fuq l-oħra, kif evidenzjat mill-kontroversja reċenti maħluqa mill-vidjow antiiżlamiku mtella' fuq YouTube; jistieden ħafna aktar kumpaniji Ewropej jkunu involuti fl-inizjattiva li tinkludi diversi partijiet interessati f'dan ir-rigwrd, l-Inizjattiva Global Network (GNI), li s-sħubija fiha hi attwalment dominata mill-kumpaniji bbazati fl-Istati Uniti;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

35. Jinsisti li t-totalità tal-"finanzi favur il-kummerċ u l-iżvilupp" konċessi lill-atturi tas-settur privat mill-faċilitajiet ta' investiment tal-UE, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp għandha tinkludi l-klawsoli kuntrattwali li jeħtieġu l-konformità mal-Linji Gwida tal-OECD dwar Impriżi Multinazzjonali u mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozji u d-Drittijiet tal-Bniedem, b'dispożizzjonijiet dwar ir-responsabilità ta' rendikont u mekkaniżmu ċar ta' lmenti; itenni s-sejħa tiegħu lill-Istati Membri biex jagħmlu l-istess fir-rigward tal-ħruġ ta' krediti tal-esportazzjoni lill-impriżi;

36. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozji u d-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jiżvolġi rwol ferm akbar biex jikkontribwixxi fit-tmexxija tal-implimentazzjoni f'livell għoli u biex jinkoraġġixxi monitoraġġ u rappurtar effetttiv; jappella għal "proċess ta' riezami inter pares" li jseħħ bejn l-Istati Membri ħalli jsir progress fl-implimentazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lis-SEAE jwettqu evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni u valutazzjoni tal-azzjoni meħuda fil-livell tal-UE, u jirrapportaw lura lill-Kunsill Ewropew u lill-Parlament sa tmiem l-2014;

37. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji qed joperaw dejjem iżjed fi stati fraġli u li huma għandhom dmir li jipproteġu l-persunal tagħhom mill-kunflitt, it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata; madankollu jinsisti li l-kumpaniji għandhom dmir ugwali li jassiguraw li l-arranġamenti ta' sigurtà ma jippreġudikawx il-paċi jew is-sigurtà ta' oħrajn f'postijiet fejn joperaw, u li bihom jistgħu jkunu akkużati b'kompliċità fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw adozzjoni ferm akbar tal-Prinċipji tas-Sigurtà Volontarja internazzjonali u li jfittxu ftehim dwar qafas regolatorju internazzjonali fuq ir-regolazzjoni, il-monitoraġġ u s-superviżjoni tal-attivitajiet tal-kumpaniji militari u ta' sigurtà privati (PMSCs);

38. Jistieden lill-impriżi u partijiet interessati oħra jkunu involuti b'mod kostruttiv fil-proċess tal-Kummissjoni biex jiżviluppaw gwida tad-drittijiet tal-bniedem speċifika għas-settur, u biex jużaw il-gwida li tirriżulta meta din tkun kompluta;

39. Jistieden lill-Kummissjoni, partikolarment id-DĠ Ġustizzja tagħha, tressaq proposti biex tiffaċilita aħjar l-aċċess għall-ġustizzja fil-qrati tal-UE għall-każijiet l-aktar impressjonanti u estremi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew tax-xogħol min-naħa ta' impriżi bbażati fl-Ewropa, jew mis-sussidjarji, mis-sottokuntratturi jew mis-sħab kummerċjali tagħhom, kif rakkomandat mis-Segretarju Ġenerali u Rappreżentat Għoli tan-NU dwar in-Negozji u d-Drittijiet tal-Bniedem;

40. Jinnota, ukoll, il-ħtieġa li jiġu żviluppati u mwaqqfa mekkaniżmi għar-rappurtar ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'impriżi individwali;

41. Jemmen li l-istudju "Green Matters" juri definittivament ir-rabta pożittiva bejn kumpaniji li qed isegwu l-RSK u l-ilħuq ta' rendiment finanzjarju aħjar hekk kif qed joħorġu mill-kriżi; japprova l-kunċett ta' "kompetittività responsabbli" u jenfasizza li s-suq potenzjali għal prodotti u servizzi soċjalment u ambjentalment utli jibqa' opportunità kruċjali tas-suq għal kumpaniji kif ukoll jissodisfa l-ħtiġijiet tas-soċjetà;

42. Huwa tal-istess fehma tal-impriżi, identifikata fl-Istħarriġ Global CEO 2012, li tkabbir sostenibbli tan-negozju jesiġi ħidma mill-qrib mal-popolazzjonijiet lokali, mal-gvernijiet u mas-sħab tan-negozju, u investiment fil-komunitajiet lokali; jappoġġa u jitlob intensifikazzjoni tal-inizjattivi tan-negozju marbutin mal-ħolqien tal-impjiegi, it-taħriġ, l-għajnuna biex ikunu ġestiti l-limiti tar-riżorsi u l-kontribuzzjoni għas-soluzzjonijiet tas-saħħa;

43. Jistieden lill-Kummissjoni, partikolarment id-DĠ Kummerċ, titlaq minn approċċ "passiv" u tadotta approċċ "attiv" fil-konfront tal-Linji Gwida tal-OECD, inkluż billi taderixxi mad-Dikjarazzjoni tal-OECD dwar l-Investiment Internazzjonali u l-Impriżi Multinazzjonali, li tinkludi l-Linji Gwida tal-OECD, filwaqt li tiżgura l-promozzjoni u s-sostenn kontinwu tal-Linji Gwida tal-OECD permezz tad-Delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi, tiżgura l-finanzjament ta' inizjattivi għall-bini tal-kapaċità flimkien mal-impriżi, it-trejdunjins u s-soċjetà ċivili f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Linji Gwida, u tiżgura li l-Linji Gwida jkunu speċifikament imsemmija fil-ftehimiet il-ġodda kollha bejn l-UE u pajjiżi terzi, inklużi t-trattati kollha ta' kummerċ u ta' investiment; jitlob lill-UE tagħmel sforz diplomatiku kbir biex tikkonvinċi aktar pajjiżi fil-livell internazzjonali ħalli jsiru firmatarji u biex tipprovdi lil gruppi tas-soċjetà ċivili b'appoġġ konkret għal "każijiet speċifiċi" ta' ksur allegat, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

44. Jemmen li l-RSK tista' tkun għodda importanti biex tgħin lill-UE tappoġġa l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO); jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-organizzazzjonijiet u s-sħab soċjali Ewropej li jkunu qed ifittxu li jwettqu proġetti pilota bi qbil mal-Linji Gwida tal-OECD u standards internazzjonali oħra tal-RSK bil-għan li tinbena l-kapaċità fil-pajjiżi terzi; jitlob lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi mira speċifika għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet qafas ġodda dwar kwistjonijiet relatati mal-RSK u biex tistieden lis-sħab soċjali jikkonkludu dawn il-ftehimiet fil-kuntest tal-approċċ settorjali l-ġdid tagħhom għall-RSK; jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari d-DĠ Impjiegi, biex tintegra l-istandards tax-xogħol fl-RSK billi twettaq proġetti pilota dwar xogħol deċenti flimkien ma' gvernijiet ta' pajjiżi terzi;

45. Jaqbel mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija rinnovata tal-UE 2011-2014 għar-Responsabilità Soċjali Korporattiva" li "r-rispett għal-leġiżlazzjoni applikabbli, u għall-ftehimiet kollettivi bejn is-sħab soċjali, huwa prerekwiżit biex titwettaq responsabilità [soċjali korporattiva]"; jemmen li RSK għandha tikkumplimenta, imma bl-ebda mod tieħu post, il-leġiżlazzjoni eżistenti, in-negozjar kollettiv u d-djalogu mal-ħaddiema organizzati fi trejdunjins; jemmen li l-kumpaniji għandhom jikkommettu lilhom infushom li jiddiskutu l-politika tagħhom tal-RSK – u elementi bħal rapport annwali tal-kumpanija dwar l-impatt soċjali u ambjentali tal-attivitajiet tagħhom – mal-impjegati u r-rappreżentanti tagħhom; jemmen li għandu jkun adottat sett ta' regoli fakultattiv għall-EFAs fuq il-bażi tal-kontenut possibbli ta' tali qafas, kif deskritt fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett;

46. Jitlob lil-UE, u b'mod partikolari l-Kummissjoni:

— tiżgura li t-tema tal-RSK u d-drittijiet tal-bniedem tkun tidher fost il-prijoritajiet tal-istrumenti finanzjarji individwali fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) l-ġdid għall-perijodu 2014-2020; kif ukoll

— tiżviluppa appoġġ speċifiku skont l-EIDHR għat-taħriġ u l-bini globali tal-kapaċità fil-qasam tal-RSK u d-drittijiet tal-bniedem għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-NHRIs, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, it-trejdunjins, u organizzazzjonijiet oħrajn tad-drittijiet tal-bniedem;

47. Jilqa' l-fatt li wħud fis-settur tan-negozju użaw is-samit tan-NU Rio+20 biex jappoġġaw konvenzjoni globali ġdida dwar ir-responsabilità korporattiva fis-sistema tan-NU; jemmen li għalkemm tali konvenzjoni probabilment għad fadlilha ftit snin, l-UE għandha, b'mod kostruttiv, tinvolvi lilha nnifisha fid-dibattitu; madankollu jemmen li tali diskussjonijiet ma għandhomx jaljenaw lil dawk responsabbli mill-politika tal-impriżi u lill-gvern milli jipproċedu b'urġenza bl-implimentazzjoni tal-istrumenti eżistenti tal-RSK; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li hemm mudelli differenti dwar kif jistgħu joħorġu forom ġodda ta' governanza globali tal-RSK flimkien mas-sistema tan-NU, pereżempju billi jiġi promoss it-tkabbir tal-Linji Gwida tal-OECD fost dawk li mhumiex membri jew permezz ta' inizjattiva indipendenti minn gvernijiet tal-istess opinjoni; jistieden lill-UE, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jappoġġaw proposti speċifiċi għal kontribut konkret u verifikabbli għall-impriżi li jrid ikun hemm qbil dwarhom bħala parti mill-għanijiet proposti tan-NU dwar l-iżvilupp sostenibbli għal wara l-2015;

***Politiki pubbliċi għall-RSK***

48. Japprova l-fehma, li ġejja mill-ewwel rapport ta' Ġunju 2004 tal-Forum Multilaterali, li l-awtoritajiet pubbliċi jista' jkollhom rwol sinifikanti billi jagħmlu użu mill-funzjonijiet tagħhom ta' konvokazzjoni u ta' inċentivazzjoni biex isir progress fl-RSK, mhux l-inqas fl-akkwist pubbliku, u jistieden lill-Istati Membri, permezz tal-Grupp ta' Livell Għoli u alternattivi oħra, biex jagħtu spinta kbira ġdida lil tali sforzi;

49. Jitlob li fejn l-UE jew l-Istati Membri tagħha jkunu sħab fin-negozju (eż. fil-kuntest tal-akkwist pubbliku, l-impriżi tal-istat, l-impriżi konġunti, il-garanziji tal-kreditu għall-esportazzjoni u l-proġetti fuq skala kbira f'pajjiżi terzi), il-konsistenza mal-OECD u l-Linji Gwida u l-prinċipji tan-NU għandha tkun prijorità, riflessa fi klawsoli speċifiċi b'konsegwenzi għall-kumpaniji li jiksru b'mod ċar l-istandards soċjali, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem;

50. Jisħaq fuq l-importanza tal-qafas tan-NU "Protezzjoni, Rispett u Rimedju" u jqis li dawn it-tliet pilastri – ir-responsabilità tal-Istat li jipproteġi mill-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, ir-responsabilità tal-kumpaniji li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-bżonn ta' aċċess aktar effettiv għar-rimedju – għandhom ikunu appoġġati permezz ta' miżuri xierqa li jippermettu l-implimentazzjoni tagħhom;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

51. Jenfasizza li, minħabba l-piż tagħhom fil-kummerċ internazzjonali, il-kumpaniji Ewropej u s-sussidjarji u s-sottokuntratturi tagħhom għandhom rwol fundamentali fil-promozzjoni u t-tixrid tal-istandards soċjali u tax-xogħol mad-dinja kollha; jirrikonoxxi li l-ilmenti kontra l-kumpaniji tal-UE li joperaw barra huma ta' spiss solvuti b'mod aktar utli *in situ*; ifaħħar lill-punti nazzjonali ta' kuntatt tal-OECD bħala mekkaniżmi mhux legali bbażati fl-istati li jistgħu jimmedjaw fuq firxa wiesgħa ta' tilwim tan-negozju u tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob, madankollu, li jkun hemm sforzi akbar mill-kumpaniji biex jiżviluppaw mekkaniżmi ta' lmentar allinjati mal-kriterji ta' effikaċja msemmija fil-Prinċipji Gwida tan-NU u biex ifittxu aktar gwida awtorevoli pprovduta minn prinċipji u linji gwida rikonoxxuti internazzjonalment, b'mod partikolari l-Linji Gwida tal-OECD aġġornati reċentement għal Impriżi Multinazzjonali, l-għaxar prinċipji tal-Patt Globali tan-NU, l-istandard ta' gwida dwar ir-responsabilità soċjali ISO 26000 u d-Dikjarazzjoni Tripartitika ta' Prinċipji fir-rigward tal-Impriżi Nazzjonali u l-Politika Soċjali tal-ILO;

52. Jitlob għall-iżvilupp ta' standards ta' trasparenza u responsabilità aktar effettivi għall-kumpaniji teknoloġiċi tal-UE fir-rigward tal-esportazzjoni ta' teknoloġiji li jistgħu jintużaw sabiex jiksru id-drittijiet tal-bniedem jew jaġixxu kontra l-interessi tas-sigurtà tal-UE;

53. Jitlob li jiġi implimentat il-prinċipju "kun af l-utent aħħari tiegħek" biex jiġi żgurat aktar skrutinju u biex jiġi evitat milli jseħħ ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-istadji tal-bidu jew dawk sussegwenti fil-ktajjen tal-provvista u fil-flussi tal-produzzjoni jew tas-swieq;

54. Iqis li l-Istati Membri għandhom iżommu lill-kumpaniji responsabbli għall-adozzjoni ta' prinċipji u politiki proattivi biex jikkumbattu d-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali, jippromovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u jirrispettaw id-drittijiet fundamentali ta' kulħadd;

55. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, meta jitqies l-approċċ multilaterali għall-RSK, biex jikkunsidraw li jwessgħu l-attendenza ta' osservaturi fil-laqgħat biennali tal-Grupp ta' Livell Għoli biex jinkludu rappreżentanti bħala osservaturi li jinkludu żewġ rapporteurs mill-kumitati relevanti tal-Parlament, rappreżentanti mill-Programm tal-Ambjent tan-NU, il-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u persuna maħtura mis-settur tan-negozji Ewropej, mit-trejdunjins u mis-soċjetà ċivili, li jrid ikun hemm qbil dwarhom mill-kumitat ta' koordinazzjoni tal-Forum Multilaterali;

56. Jirrikonoxxi li l-ħtieġa, imsemmija fid-Dikjarazzjoni ta' Laeken tal-2001, li l-istituzzjonijiet tal-UE jitressqu aktar qrib taċ-ċittadini tal-Unjoni għadha għaddejja; jappoġġa għalhekk eżami formali tal-"proposta Solidarité" għal programm interistituzzjonali fil-qasam tar-riżorsi umani fl-istituzzjonijiet tal-UE bil-għan li jiffaċilita l-involviment tal-persunal u tal-apprendisti tagħhom fil-volontarjat, permezz tal-attivitajiet umanitarji benevolenti u soċjali pożittivi, kemm bħala parti mit-taħriġ tal-persunal kif ukoll fil-forma ta' volontarjat; jenfasizza l-fatt li l-programm propost jiffranka l-ispejjeż u għandu valur miżjud għoli kif ukoll jista' jgħin fil-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jinkludu l-volontarjat tal-impjegati fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom; jitlob għal 'patt' li jkun iffirmat permezz taċ-Ċentru Ewropew għall-Volontarjat (CEV) bil-għan li jinvolvi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-Ewropa kollha li jipprovaw jilħqu dan l-objettiv;

57. Jistieden lill-impriżi biex iħeġġu l-impjegati tagħhom biex jagħmlu xogħol volontarju internazzjonali, bil-għan li jiġu promossi s-sinerġiji bejn is-settur pubbliku u s-settur privat fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp; jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi appoġġ, permezz tal-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja, għal azzjoni meħuda min-negozji f'dan il-qasam;

58. Iqis li l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu kumpaniji jiżviluppaw politiki u jwettqu miżuri li jindirizzaw il-ħtieġa li jkunu rispettati l-ħajja privata u tal-familja tal-impjegati kollha tagħhom; jemmen li dawn il-politiki u l-miżuri għandhom jikkonformaw mal-prinċipju tal-ugwaljanza, u għandhom jestendu għal negozjati dwar it-tul u l-organizzazzjoni tas-sigħat tax-xogħol, il-livelli tas-salarji, id-disponibilità ta' ċerti faċilitajiet prattiċi għall-ħaddiema, u kundizzjonijiet flessibbli ta' xogħol, inkluża n-natura tal-kuntratti tal-impjieg u d-disponibilità ta' waqfien waqt il-karriera;

59. Jirrikonoxxi li l-indikaturi soċjali għadhom lura fir-rigward tal-indiċi ambjentali f'termini ta' valutazzjoni ekonomika u l-ispeċifiċità ġenerali f'ħafna inizjattivi tal-RSK; jemmen, minkejja l-manwal dwar l-akkwist soċjali, li l-UE stess kienet wisq limitata f'dan il-qasam; jitlob għal studju dwar "valutazzjoni tal-kapital soċjali" li jwassal għal dibattitu Ewropew wiesa' dwar integrazzjoni aħjar tal-impatt soċjali fuq it-tmexxija ta' negozju sostenibbli; jappoġġa fondi għall-proġetti pilota li jiżviluppaw l-indiċi soċjali, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni soċjali u l-prattika ta' awditjar soċjali f'uħud mill-Istati Membri u s-setturi tan-negozju;

60. Jilqa' r-rikonoxximent tar-rwol li jrid ikollu s-settur tal-akkwist pubbliku biex iħeġġeġ fil-prattika l-RSK, inkluż l-aċċess għat-taħriġ, l-ugwaljanza, il-kummerċ ġust u l-integrazzjoni soċjali ta' ħaddiema żvantaġġati u ta' persuni b'diżabilitajiet, sabiex jipprovdu lill-impriżi b'inċentiv li jżidu r-responsabilità soċjali tagħhom; madankollu jqis li mhuwiex ċar sa liema punt ġew verament segwiti mill-awtoritajiet pubbliċi l-emendi suċċessivi għar-regoli tal-akkwist tal-UE u x'impatt globali kien hemm f'termini ta' titjib tar-rendiment ambjentali u soċjali tan-negozju kif ukoll ta' inċentivi għall-RSK; jitlob għal aktar riċerka u valutazzjonijiet tal-impatt li jwasslu għal rakkomandazzjonijiet ċari bil-għan li jipprovdu inċentivi li jinftiehmu faċilment mill-impriżi; jitlob biex dan jinkludi analiżi tal-prattika li qed tikber ta' bini ta' negozji fuq klawsoli RSK fl-akkwist privat tagħhom i.e. fil-kuntratti impriża ma' impriża, u jitlob biex ikunu identifikati prattiki tajba f'dan il-qasam;

61. Jinkoraġġixxi l-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-midja soċjali biex iħeġġeġ lil dawk globalment interessati li jieħdu sehem aktar attiv fil-konsultazzjonijiet multilaterali;

62. Ifaħħar lill-Istati Membri għall-isforzi konsiderevoli tagħhom biex jiżviluppaw u jimplimentaw il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar l-RSK f'konsultazzjoni ma' pjattaformi multilaterali nazzjonali f'bosta pajjiżi tal-UE; madankollu, jesprimi tħassib li varjetà kbira ta' miżuri tal-politika pubblika għad irid ikollhom impatt viżibbli sinifikanti fuq il-progress tal-RSK; jitlob biex ikun hemm aktar riċerka u evalwazzjoni tal-miżuri tal-politika pubblika relatati mal-RSK fil-livell Ewropew; jitlob lill-Kummissjoni stess biex turi "tmexxija bl-eżempju" bħala impjegatur responsabbli billi tippubblika r-rapport dwar l-RSK tagħha bi qbil mas-Suppliment tas-Settur Pubbliku tal-GRI, filwaqt li toffri lill-persunal tal-Kummissjoni "time-off" biex jieħu inizjattivi ta' volontarjat tal-impjegati u billi tirrevedi l-użu tal-investimenti tal-fondi tal-pensjoni skont kriterji etiċi;

63. Jitlob biex is-Sena Ewropea taċ-Ċittadinanza 2013 tinkludi parti speċifika dwar iċ-ċittadinanza tan-negozju, filwaqt li jistieden l-intraprendituri u n-negozjanti biex jinvolvu lilhom infushom fl-inizjattivi eżistenti tal-RSK fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE bil-għan li jiġi promoss u żviluppat il-kunċett ta' "ċittadin korporattiv tajjeb";

64. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibbaża l-iskema ġdida tal-premjijiet tagħha fuq prattiki eżistenti f'dan il-qasam; jemmen li l-premjijiet jistgħu jinċentivaw l-RSK ladarba r-rebbieħa jirrappreżentaw ġenwinament l-aħjar prattika fil-livell nazzjonali, Ewropew u globali; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi panel indipendenti ta' esperti li jevalwaw dan u li "jawditjaw" l-iskema f'din is-sena u fi snin futuri fuq bażi kontinwa; jitlob biex il-pubbliċità dwar il-premjijiet tirrifletti l-kumplessità reali tal-isfidi li qed jiġu affaċċjati u jenfasizza li għandhom jittieħdu lezzjonijiet mhux biss għar-rebbieħa imma wkoll għall-kumpaniji kollha;

65. Iqis bħala essenzjali għall-Kummissjoni li tiżviluppa malajr kemm jista' jkun il-metodoloġija komuni mħabbra għall-kejl tar-rendiment ambjentali bbażat fuq l-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja; jemmen li tali metodoloġija tista' tkun utli f'termini kemm ta' trasparenza tal-informazzjoni tal-kumpaniji kif ukoll tal-valutazzjoni mill-awtoritajiet tar-rendiment ambjentali tal-kumpaniji;

66. Jistieden lill-Kummissjoni taċċelera l-isforzi tagħha intiżi li jressqu proposti ġodda fil-programm ta' ħidma tagħha biex jimtlew il-lakuni f'termini ta' governanza fir-rigward tal-istandards internazzjonali fil-qasam tal-RSK, kif jirrakkomanda l-"Istudju ta' Edinburgh" li hi kkummissjonat;

67. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni li ssaħħaħ l-effikaċja ta' politiki li jippromovu l-RSK billi, pereżempju, jintroduċu premjijiet għal imġiba korporattiva responsabbli fil-forma ta' inċentivi ta' politika ta' investiment u ta' aċċess għall-investiment pubbliku;

68. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni tippjana biex tressaq inizjattivi fl-oqsma tal-produzzjoni u tal-konsum responsabbli; jemmen li l-UE tista' tibni fuq l-esperjenza ta' inizjattivi tal-RSK li jkun fihom taħriġ speċifiku u bini tal-kapaċità għax-xerrejja fil-kumpaniji; jemmen li l-inizjattiva ppjanata dwar trasparenza tista' tkun mutur ewlieni għall-moviment tal-konsumatur etiku; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex iqisu l-fattibbiltà u x-xewqa li tiġi żviluppata tikketta soċjali Ewropea għall-kumpaniji kollha involuti fl-RSK, sabiex l-isforzi tagħhom ikunu aktar viżibbli għall-konsumaturi u l-investituri, u billi jibnu fuq l-inizjattivi ta' tikketti eżistenti, biex tiġi kontinwament promossa l-kollaborazzjoni minn "isfel għal fuq" taħt il-patroċinju tal-Alleanza tal-Akkreditazzjoni Internazzjonali Soċjali u Ambjentali u ta' Tikkettar (ISEAL); jissuġġerixxi li l-kumpaniji li jkollhom tali tikketta Ewropea jkunu sorveljati regolarment dwar il-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet soċjali tal-RSK stabbiliti fit-tikketta;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***Rabta bejn l-investiment soċjalment responsabbli u l-informazzjoni***

69. Josserva li mutur fundamentali tas-suq tal-investiment responsabbli b'mod soċjali u sostenibbli jibqa' d-domanda tal-investituri istituzzjonali, għalkemm l-attenzjoni primarja m'għandhiex tibqa' marbuta biss mal-aspetti ambjentali; josserva, f'dan ir-rigward, li l-informazzjoni hija mutur fundamentali tal-RSK u trid tkun ibbażata fuq prinċipji soċjali u ambjentali faċilment applikabbli u li jistgħu jitkejlu; jilqa' l-azzjoni tal-Kummissjoni li tinvolvi lilha nnifisha mal-komunità tal-investituri dwar kwistjonijiet tal-RSK; jitlob biex dan l-involviment ikun ibbażat sew fuq appoġġ għall-Prinċipji tan-NU għal Investiment Responsabbli u l-prinċipju dwar rappurtar integrat (IR);

70. Jinnota li l-benefiċjarji ta' investituri fit-tul bħal pereżempju fondi tal-pensjonijiet għandhom interess fir-rendiment sostenibbli u fl-imġiba korporattiva responsabbli; jemmen li huwa importanti li l-inċentivi tal-aġenti tal-investiment ikunu allinjati b'mod effikaċi mal-interessi tal-benefiċjarji, u ma jillimitawhomx għal interpretazzjoni ristretta ta' dawk l-interessi li tiffoka biss fuq il-massimizzazzjoni tar-rendiment għal terminu qasir; japprova qafas legali li jappoġġa dan l-għan; jilqa' l-iżvilupp tal-proposti tal-Kummissjoni dwar l-investiment fit-tul u dwar il-governanza korporattiva li se jikkontribwixxu għall-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet.

71. Jappoġġa l-Kummissjoni biex tressaq proposta dwar żvelar mhux finanzjarju min-negozji; jinsab kuntent li din il-proposta hija bbażata fuq konsultazzjoni pubblika wiesgħa kif ukoll fuq sensiela ta' workshops ma' partijiet interessati rilevanti; javża li l-użu tat-terminu "mhux finanzjarju" m'għandux jaħbi l-konsegwenzi finanzjarji verament reali għan-negozju fir-rigward tal-kwistjonijiet soċjali, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem; jemmen li l-proposta tagħti lill-UE l-opportunità li tirrakkomanda li n-negozji Ewropej japplikaw il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Patt Globali tan-NU u li għandhom jiġu armonizzati b'rapportar integrat kif attwalment qed jiġi żviluppat mill-Kunsill Internazzjonali dwar ir-Rapportar Integrat (IIRC); jenfasizza li kwalunkwe soluzzjoni trid tkun flessibbli u ma toħloqx piżijiet u spejjeż amministrattivi eċċessivi;

72. Jinnota li sabiex tissaħħaħ il-kredibilità tal-azzjonijiet tan-negozju, ir-rapport soċjali għandu jiġi vverifikat minn korp estern;

***Promozzjoni tal-RSK***

73. Huwa favur rwol ta' tmexxija kontinwa tal-Forum Multilaterali Ewropew għas-sostenn tal-implimentazzjoni tal-proposti stabbiliti fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni; jirrimarka li kieku l-RSK tkun adattata aktar mill-qrib għall-SMEs, hi tkun tista' tinfirex aktar fil-partijiet kollha tal-Ewropa; jistieden lill-parteċipanti kollha jimpenjaw ruħhom fil-ħidma tal-forum b'approċċ li jkun flessibbli, b'moħħ miftuħ u orjentat lejn il-kunsens fl-ispirtu reali tal-RSK;

74. Jinsisti li d-drittijiet u l-libertajiet tat-trejdunjins u r-rappreżentazzjoni ta' korpi li jirrappreżentaw il-ħaddiema u li jkunu eletti b'mod demokratiku jinsabu fiċ-ċentru ta' kwalunkwe strateġija tal-RSK; ifaħħar il-qafas estensiv tal-UE tal-istrutturi tad-djalogu soċjali settorjali u transsettorjali u jitlob li jkun hemm konsultazzjoni u involviment sħaħ u attivi tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi u t-trejdunjins, b'mod partikolari fl-iżvilupp, l-operat u l-monitoraġġ tal-proċessi u l-istrutturi tal-RSK tal-kumpaniji, f'kollaborazzjoni mal-impjegaturi b'approċċ ġenwin ta' sħubija; jistieden lill-Kummissjoni tittratta r-rappreżentanti tal-unjins u tal-persunal, li huma atturi essenzjali, bħala sħab fi djalogu f'konnessjoni ma' temi relatati mal-RSK, flimkien ma' impriżi u partijiet interessati oħra; huwa tal-fehma li s-sħab soċjali jista' jkollhom rwol ewlieni fil-promozzjoni tar-responsabilità soċjali korporattiva li, għandu jkun innutat, tikkontribwixxi għad-djalogu soċjali u tiffaċilitah;

75. Jitlob li l-politiki tal-RSK jinkludu miżuri speċifiċi li jindirizzaw il-prattika illegali li permezz tagħha ħaddiema jitqiegħdu fuq "lista sewda"u jinċaħdu l-aċċess għall-impjieg, ħafna drabi minħabba s-sħubija jew l-attivitajiet tagħhom f'xi trejdjunjin jew ir-rwol bħala rappreżentanti fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza;

76. Jinsisti li kwalunkwe impriża li tinsab li qed tqiegħed il-ħaddiema fuq "lista sewda" jew tikser id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards tax-xogħol għandha tiġi eskluża milli tirċievi għotjiet u finanzjament tal-UE u milli tieħu parti f'sejħiet għal offerti għal kuntratti ta' akkwist pubbliku oħrajn fil-livell tal-UE, nazzjonali jew fil-livell tal-awtorità pubblika;

77. Jinnota li l-politiki tal-RSK jeħtieġu jiġu rispettati mhux biss mill-kumpanija ewlenija jew mill-kuntrattur iżda wkoll minn kull sottokuntrattur jew katina tal-provvista li tista' tintuża, kemm fil-provvista tal-oġġetti, ħaddiema jew servizzi u kemm jekk ikunu bbażati fl-UE jew f'pajjiż terz, biex b'hekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bbażati fuq paga ġusta u kundizzjonijiet ta' xogħol diċenti, u jiġu ggarantiti d-drittijiet u l-libertajiet tat-trejdunjins;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

78. Japprova d-Direttiva tal-Kummissjoni dwar standards minimi għall-vittmi u jitlob li l-politiki tal-RSK tal-kumpaniji fis-setturi rilevanti (bħall-ivvjaġġar, l-assigurazzjoni, l-akkomodazzjoni u t-telekomunikazzjonijiet) jinkludu strateġiji u strutturi pożittivi u prattiċi biex jappoġġaw il-vittmi ta' reati u l-familji tagħhom waqt kriżi, u biex jistabbilixxu politiki speċifiċi għal kwalunkwe impjegat li jisfa vittma ta' reat, kemm jekk fil-post tax-xogħol u kemm barra minnu;

79. Jaqbel li ma jistax ikun hemm approċċ "universali" fil-konfront tal-RSK iżda jirrikonoxxi li l-abbundanza ta' inizjattivi varji tal-RSK, għalkemm turi kuxjenza lejn l-importanza tal-politiki tal-RSK, tista' tiġġenera spejjeż addizzjonali, tkun ta' ostakolu għall-implimentazzjoni u ddgħajjef il-fiduċja u s-sens ta' ġustizzja; jemmen li jeħtieġ li jkun hemm biżżejjed flessibilità fl-implimentazzjoni tal-linji gwida tal-RSK sabiex jipprovdu għar-rekwiżiti speċifiċi ta' kull Stat Membru u reġjun, u b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċitajiet tal-SMEs; jilqa', madankollu, il-kooperazzjoni attiva tal-Kummissjoni bil-parteċipazzjoni tal-Parlament u l-Kunsill, flimkien ma' korpi internazzjonali oħra biex tintlaħaq konverġenza fundamentali tal-inizjattivi tal-RSK fuq tul ta' żmien twil u l-iskambju u l-promozzjoni ta' prattika korporattiva tajba rigward l-RSK, kif ukoll biex jitmexxew 'il quddiem il-linji gwida li jinsabu fl-Istandard Internazzjonali ISO 26000 sabiex tiżgura definizzjoni unika globali, koerenti u trasparenti tal-RSK; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkontribwixxi b'mod effettiv fil-gwida u l-koordinament tal-politiki tal-Istati Membri tal-UE, b'hekk timminimizza r-riskju ta' spejjeż addizzjonali fuq l-impriżi li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed bħala riżultat ta' dispożizzjonijiet diverġenti;

80. Jemmen li l-kunċett li l-RSK huwa "oġġett ta' lussu" appoġġat biss min-negozji fi żminijiet ta' prosperità ġie rrifjutat b'mod deċiżiv mil-livelli kontinwament għoljin ta' impenn tan-negozji għall-RSK; jemmen li din kienet suppożizzjoni qadima li tinjora l-importanza tar-reputazzjoni u wkoll il-livell ta' riskju estern għall-profitabilità tan-negozji moderni; jitlob lil-leġiżlaturi Ewropej kollha biex huma stess jintegraw lill-RSK fil-livelli kollha tal-politika ekonomika inkluż it-tisħiħ tal-RSK fi ħdan l-Istateġija Ewropa 2020;

81. Jenfasizza li l-RSK għandha tapplika għall-katina kollha tal-provvista globali, inklużi l-livelli kollha ta' sottokuntrattar, li fil-provvista kemm ta' prodotti, kemm ta' ħaddiema kif ukoll ta' servizzi, għandha tinkludi dispożizzjonijiet biex testendi l-protezzjoni għall-ħaddiema migranti, il-ħaddiema tal-aġenziji u l-ħaddiema stazzjonati, u li għandha tkun imsejsa fuq pagi ġusti u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u tiggarantixxi d-drittijiet u l-libertajiet fir-rigward tat-trejdunjins; huwa tal-fehma li l-kunċett tal-Ġestjoni Responsabbli tal-Katina tal-Provvista jeħtieġ li jiġi elaborat aktar bħala mekkaniżmu għat-twettiq tal-RSK;

82. Ifaħħar il-ħidma li saret minn ċerti skejjel ta' ġestjoni tal-kumpaniji għall-promozzjoni tal-RSK, iżda jirrikonoxxi li dawn huma biss f'minoranza; jistieden lill-Grupp ta' Livell Għoli u l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u, kif xieraq, mal-universitajiet, biex jindirizzaw mezzi li bihom jiġu integrati l-RSK, il-ġestjoni responsabbli u ċ-ċittadinanza responsabbli fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali dwar il-ġestjoni għall-mexxejja futuri kollha tan-negozji sabiex din issir ċentrali għall-governanza korporattiva strateġika u sabiex titrawwem kuxjenza tal-konsum sostenibbli; jemmen li dan jista' jinkludi tfal involuti fi skemi ta' intraprenditorija għaż-żgħażagħ; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju ulterjuri għall-proġetti ta' edukazzjoni u taħriġ dwar l-RSK taħt il-programmi tal-UE għat-Tagħlim tul il-Ħajja u Żgħażagħ Attivi;

83. Itenni li l-RSK għandha tkun applikabbli għall-impriżi kollha biex ikun hemm kundizzjonijiet ġusti u ekwi għal kulħadd; madanakollu, jirrimarka li l-mod kif l-industriji estrattivi joperaw fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jirrikjedi li wieħed imur lil hinn minn approċċ volontarju; jenfasizza li l-investiment fin-Niġerja min-naħa tal-industrija tal-pitrolju huwa eżempju tajjeb tal-limitazzjonijiet tal-RSK kif implimentata bħalissa, fejn kumpaniji naqsu milli jieħdu inizjattivi tal-RSK biex joħolqu prattiki ta' negozju sostenibbli jew jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-istati ospitanti tagħhom; isostni bil-qawwi l-proposta leġiżlattiva għal rappurtar għal kull pajjiż abbażi tal-istandards tal-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi (EITI) u rappurtar tal-bejgħ u l-profitti, kif ukoll it-taxxi u d-dħul, sabiex tiġi skoraġġita l-korruzzjoni u jiġi evitat l-evitar tat-taxxa; jistieden ukoll lill-industriji estrattivi Ewropej li joperaw f'pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jagħtu eżempju ta' responsabilità soċjali u jippromwovu x-xogħol deċenti;

84. Jitlob li jkun hemm standards ta' diliġenza dovuta għad-drittijiet tal-bniedem u għall-katina tal-provvista fil-livell tal-UE li, fost ħwejjeġ oħra, jissodisfaw ir-rekwiżiti mniżżlin fil-Gwida tal-OKŻE dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta'Riskju Għoli u jindirizzaw, fost kwistjonijiet oħrajn, oqsma b'potenzjal sinifikattiv ta' impatt negattiv jew pożittiv fuq id-drittijiet tal-bniedem bħalma huma l-ktajjen tal-provvista globali u lokali, il-minerali tal-kunflitti, l-outsourcing, il-ħtif tal-art, u reġjuni fejn id-dritt tax-xogħol

u l-ħarsien tal-ħaddiema huma insuffiċjenti jew fejn jiġu mmanifatturati l-prodotti li huma perikolużi għall-ambjent u għas-saħħa; jilqa' l-programmi diġà stabbiliti mill-UE, partikolarment il-programm tal-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ (FLEGT) fil-qasam tal-forestrija, u jappoġġa l-inizjattivi privati bħal ma hija l-Inizjattiva tat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi (EITI);

85. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu inizjattivi ulterjuri mmirati lejn l-iżblukkar u t-tisħiħ tal-potenzjal tal-RSK li tindirizza t-tibdil fil-klima (billi torbotha mal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u tal-enerġija), pereżempju fil-proċess tax-xiri ta' materji primi mill-kumpaniji;

86. Jenfasizza li l-għajnuna li l-UE tagħti lill-gvernijiet ta' pajjiżi terzi biex jimplimentaw regolazzjoni soċjali u ambjentali kif ukoll reġimi ta' spezzjoni effikaċi tikkostitwixxi komplement meħtieġ sabiex l-RSK tan-negozji Ewropej tikseb progress fid-dinja kollha;

87. Jissuġġerixxi li l-gvernijiet tal-Istati Membri jistiednu lill-BEI jinkludi klawsola dwar l-RSK fl-operazzjonijiet tiegħu;

88. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-RSK f'forums multilaterali billi tappoġġa kooperazzjoni msaħħa bejn id-WTO u forums multilaterali oħra li jittrattaw l-RSK, bħall-ILO u l-OECD;

89. Jitlob li tiġi stabbilita sistema ta' kooperazzjoni legali transnazzjonali bejn l-UE u l-pajjiżi terzi firmatarji ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali sabiex jiġi żgurat aċċess effikaċi għall-ġustizzja fil-pajjiż fejn ikun twettaq il-ksur għall-vittmi ta' ksur ta' liġijiet soċjali jew ambjentali, jew ta' nuqqas ta' osservanza ta' impriżi fil-qasam tal-RSK min-naħa ta' multinazzjonali jew is-sussidjarji immedjati tagħhom, kif ukoll bħala appoġġ għall-istabbiliment ta' proċeduri ġudizzjarji internazzjonali sabiex ikun żgurat, fejn xieraq, għoti ta' kastig fil-każ ta' ksur tal-liġi mill-kumpaniji;

90. Jitlob li l-valutazzjonijiet tal-impatt tat-teknoloġiji l-ġodda fuq id-drittjiet tal-bniedem isiru kmieni kemm jista' jkun possibbli fil-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp, u jitlob sabiex tali valutazzjonijiet jinkludu studji ta' xenarji u kunsiderazzjonijiet għall-identifikazzjoni ta' standards sabiex jiġu inkorporati d-drittijiet tal-bniedem fit-tfassil ("id-Drittijiet tal-Bniedem fit-Tfassil");

91. Jinnota li l-RSK hija mekkaniżmu li tippermetti lil min iħaddem jappoġġa l-ħaddiema tiegħu u l-komunitajiet lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li r-rispett għall-RSK u għall-istandards tax-xogħol jippermettu lil dawn il-pajjiżi jibbenefikaw minn aktar kummerċ internazzjonali, u li l-RSK tista' tiżgura li l-gwadann jinqasam b'mod ekwu sabiex tiġi żviluppata l-prosperità ekonomika u soċjali sostenibbli u sabiex aktar persuni jinqalgħu mill-faqar, speċjalment fi żmien ta' kriżi finanzjarja;

92. Jinkoraġġixxi lill-UE twettaq rwol attiv fis-sensibilizzazzjoni tal-kontribut li jistgħu jagħtu l-impriżi lis-soċjeta permezz tal-RSK fil-qasam tal-kultura, l-edukazzjoni, l-isport u ż-żgħażagħ;

93. Iħeġġeġ lill-kumpaniji tal-midja jinkludu standards ta' ġurnaliżmu trasparenti fil-politiki tagħhom tal-RSK, inklużi garanziji ta' protezzjoni tal-fonti u d-drittijiet tal-whistle blowers;

94. Jistieden lill-Kummissjoni tissalvagwardja l-inizjattivi tal-RSK stabbiliti u li jiffunzjonaw sew billi tintroduċi Test tal-RSK, li għandu jivvaluta l-impatt tal-inizjattivi leġiżlattivi u amministrattivi li jmiss dwar il-miżuri tal-RSK, u tqis ir-riżultati rilevanti meta tfassal il-proposti;

95. Jilqa', għal raġunijiet ta' sostenibilità, l-obbligi imposti fuq l-operaturi tas-suq u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tevalwa l-inizjattivi tal-RSK;

o

o o

96. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

P7_TA(2013)0052

# Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 (2012/2256(INI))**

(2016/C 024/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 9 u 151 u l-Artikolu 153(1)(e) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 u d-29 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 136 flimkien mal-Artikolu 121(2) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2012 fir-rigward tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 (COM(2012)0750),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0032/2013),

A. billi ż-żona kollha tal-Euro qiegħda tesperjenza riċessjoni doppja kkaġunata minn dejn eċessiv u mill-kriżi finanzjarja;

B. billi l-kriżi kellha konsegwenzi devastanti għall-ħajja ta' miljuni ta' Ewropej, kif iddokumentat mill-istatistika uffiċjali dwar l-impjiegi: fl-UE, aktar minn 8 miljun persuna diġà tilfu l-impjieg tagħhom mill-2008; aktar minn 25 miljun Ewropew huma attwalment bla xogħol, li minnhom kważi 11-il miljun ilhom qiegħda għal aktar minn sena; attwalment il-qgħad qed jaffettwa kważi 10 miljun żagħżugħ u żagħżugħa; fis-sena li għaddiet biss, 2 miljun ruħ tilfu l-impjieg tagħhom;

C. billi r-riġidità tar-regolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol f'bosta Stati Membri tonqsilha dik il-flessibilità biex tassorbi b'mod effikaċi xokkijiet bħall-kriżi attwali; billi l-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tas-suq tax-xogħol tippproteġi sproporzjonatament "l-insders" (ħaddiema relattivament protetti) u tolqot negattivament l-inklużjoni ta' żgħażagħ fil-forza tax-xogħol;

D. billi d-disparità fir-rati tal-qgħad bejn l-Istati Membri żdiedet drastikament;

E. billi għandu jiġi mfakkar li, fl-2007, fil-bidu tal-kriżi, l-iżbilanċ pubbliku fil-medja għaż-żona tal-euro kien ta' 0,7 % biss;

F. billi għandu jiġi mfakkar li, fl-2007, fil-bidu tal-kriżi, xi pajjiżi li llum qegħdin jesperjenzaw diffikultajiet l-aktar iebsin, kienu akkumulaw defiċits eċċessivi fil-kont kurrenti;

G. billi d-defiċit pubbliku medju għaż-żona tal-euro laħaq il-quċċata fl-2009 b'6,3 % u minn dak iż-żmien l-andament biddel il-kors tiegħu billi d-defiċits pubbliċi medji fl-2010 kienu 6,2 %, fl-2011 4,1 % u bi tnaqqis ulterjuri fl-ewwel żewġ trimestri tal-2012;

H. billi impenji kredibbli għal miżuri ta' konsolidament favur it-tkabbir huma prerekwiżit għal kwalunkwe soluzzjoni sostenibbli fir-rigward tad-dejn eċċessiv u s-sitwazzjoni ta' defiċit tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri;

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

I. billi l-kriżi tenfasizza l-bżonn kruċjali li jitniedu jew jitlestew riformi strutturali sostenibbli, ibbilanċjati, differenzjati li jkattru t-tkabbir;

J. billi s-suq uniku jirrappreżenta mutur fundamentali għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi fl-Ewropa u billi implimentazzjoni aktar ambizzjuża tad-Direttiva dwar is-Servizzi waħedha tista' tforni diġà madwar 1,8 % addizzjonali tal-PDG; billi fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi attwali, partikolarment, l-Unjoni ma tistax ma tisfruttax tali potenzjali ta' tkabbir; billi traspożizzjoni, implimentazzjoni, applikazzjoni u eżekuzzjoni rigorużi tad-dispożizzjonijiet tas-suq uniku huma għalhekk indispensabbli biex jinsilet vantaġġ minn dawk il-potenzjali immedjati li għadhom ma ntużawx;

K. billi l-livelli ta' dejn mhux sostenibbli għandhom effetti detrimentali fuq is-sitwazzjoni ekonomika ġenerali; u billi d-dixxiplina fiskali u makroekonomika kif ukoll il-koordinament għandu jkunu sostnuti u msaħħa enerġikament sabiex jiġu evitati defiċits u livelli ta' dejn ġenerali tat-tip li rajna fl-Ewropa matul dawn l-aħħar għaxar snin, peress li dawn kellhom effett devastanti fir-rigward tat-tkabbir sostenibblu u l-istabbiltà finanzjarja kif ukoll fuq l-impjieg f'għadd ta' Stati Membri;

L. billi din l-istrateġija tal-issikkar fiskali timmira li żżomm it-tkabbir tal-infiq pubbliku taħt ir-rata ta' tkabbir tal-PDG tal-andament fit-terminu medju;

M. billi l-prosperità ekonomika futura tal-Ewropa tiddependi b'mod kruċjali fuq il-kapaċità tagħha li tuża bis-sħiħ ir-riżorsi tax-xogħol tagħha, anki billi żżid il-parteċipazzjoni tan-nisa u taz-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol;

N. billi l-konsolidament fiskali gradwali u bla xkiel huwa ppreferut minn strateġija biex jitnaqqsu l-iżbilanċi fil-finanzi pubbliċi wisq malajr u f'daqqa iżda l-qagħda tal-ekonomija ta' ċerti Stati Membri ma tħallix alternattiva biex jerġa' jinkiseb aċċess għas-suq u jerġa' lura l-investiment;

O. billi r-rati tal-pajjiżi fqar b'ħafna dejn (HIPC) juru differenzi konsiderevoli fl-UEM kollha;

P. billi l-miżuri ta' konsolidament adottati minn diversi Stati Membri laħqu dimensjoni bla preċedent;

Q. billi, minkejja l-isforzi ta' riforma u konsolidament tal-Istati Membri, is-swieq tal-bonds sovrani taż-żona tal-euro għadhom f'sitwazzjoni problematika kif inhu rifless fid-differenzi kbar u f'volatilità tar-rati ta' mgħax; billi fattur li qajjem u kaġun primarju tad-diverġenzi mingħajr preċedent kien it-tħassib min-naħa tas-swieq finanzjarji dwar is-solidità tal-finanzi pubbliċi u privati f'diversi Stati Membri;

R. billi d-distakk fil-kompetittività fi ħdan ż-żona tal-euro għandu impatt fuq id-diverġenzi fir-rati ta' mgħax sovrani;

S. billi r-rati ta' mgħax sovrani f'ċerti Stati Membri taż-żona tal-euro huma dovuti parzjalment għal nuqqas perċeput ta' kredibbiltà tal-kapaċità tagħhom li jmexxu riformi strutturali;

T. billi ż-żona tal-euro ma rnexxilhiex tuża t-tnaqqis ġenerali tar-rati ta' mgħax sovrani fl-ewwel għaxar snin tal-euro biex tneħħi d-distakk ta' kompetittività, li fost affarijiet oħra kien rifless fid-defiċits persistentement kbar tal-kontijiet kurrenti u fil-kostijiet ta' unità lavorattiva li qed jiżdiedu b'ritmu mgħaġġel f'xi Stati Membri;

U. billi l-aġġustament attwali f'ċerti pajjiżi jkun anqas diffiċli mil-lat politiku, ekonomiku u soċjali kieku l-klima ekonomika pożittiva fl-ewwel għaxar snin tal-euro intużat għall-aġġustament;

V. billi s-self lis-settur privat, li huwa detrimentali għall-finanzjament tal-ekonomija reali, jibqa' dgħajjef u l-flussi tal-kreditu privat jinsabu mrażżna f'diversi Stati Membri, minkejja d-diversi programmi ta' likwidità stabbiliti mill-BĊE;

W. billi l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs) jikkostitwixxu l-mutur tal-ekonomija Ewropea u l-Istati Membri għandhom isostnuhom billi jnaqqsu l-piż amministrattiv li qegħdin iġorru;

X. billi l-aġġustament għandu jiġi perċeput bħala kredibbli jekk irridu li l-flussi ta' investiment jiġu lura;

Y. billi l-kapaċità ta' kontribuzzjoni tal-kontribwenti tinsab taħt pressjoni severa f'diversi Stati Membri; billi l-ekonomija moħbija Ewropea hija stmata li tirrappreżenta 22,1 % tal-attività ekonomika totali u t-telf ta' taxxa li jirriżulta huwa madwar EUR triljun fis-sena; billi sistemi fiskali sempliċi, prevedibbili u baxxi jtejbu l-konformità fiskali;

Z. billi l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 (AGS 2013) ifittex li jistabbilixxi l-prijoritajiet ekonomiċi għas-sena 2013;

AA. billi l-pilastru tal-konsolidazzjoni fiskali favur it-tkabbir għandu jiġi żviluppat id f'id mar-riformi strutturali għat-tkattir tat-tkabbir u l-pilastri tas-solidarjetà u tad-demokrazija f'kull Stat Membru;

AB. billi s-suq uniku jikkostitwixxi l-mutur fundamentali tal-UE għat-tkabbir u l-impjiegi permezz ta' ekonomiji ta' skala u kompetizzjoni akbar iżda l-Istati Membri juru kompjaċenza fl-implimentazzjoni interna tal-leġiżlazzjoni dwar is-swieq, partikolarment id-Direttiva dwar is-Servizzi;

AC. billi jeħtieġ li kull Stat Membru jsib l-unità nazzjonali rigward strateġija ta' riforma bil-għan li din tkun tista' tiġi mifhuma u rispettata mill-poplu u mid-diversi atturi ekonomiċi, b'hekk ikunu evitati firdiet, reżistenza u azzjonijiet ibbażati fuq interessi proprji għat-terminu qasir, li jheddu r-realizzazzjoni tal-objettivi stabbiliti;

AD. billi l-politika tal-kompetizzjoni msejsa fuq il-prinċipji tas-swieq miftuħa u parità ta' kundizzjonijiet fis-setturi kollha hija pedament tal-funzjonament mhux ristrett tas-suq intern;

1. Jilqa' favorevolment l-ispirtu tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (AGS) 2013, kif ippreżentat mill-Kummissjoni; jemmen li huwa segwitu adegwat għas-Semestru Ewropew 2012 inġenerali u b'mod partikolari għall-AGS 2012; jilqa' b'mod partikolari ż-żieda fiċ-ċarezza tal-istrateġiji speċifiċi għal kull pajjiżi li l-Kummissjoni introduċiet permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-progress fil-pajjiżi taż-żona tal-euro kif ukoll il-progress li sar f'termini strutturali aktar milli nominali;

2. Jilqa' r-rikonoxximent fil-AGS 2013 li setturi u attivitajiet li jkattru t-tkabbir b'mod sostenibbli u dawk rikki b'impjiegi ħodor huma meħtieġa sabiex noħorġu mill-kriżi, jenfasizza li s-soluzzjonijiet immirati b'mod speċifiku lejn il-kriżi attwali sovrana u finanzjarja, jiġifieri r-riformi strutturali xierqa, għandhom jimxi id f'id ma' miżuri li jagħtu spinta lill-kompetittività u lit-tkabbir fit-tul tal-ekonomija Ewropea u għandhom ikattru mill-ġdid il-fiduċja;

3. Jaqbel mal-Kummissjoni li konsolidazzjoni fiskali favur it-tkabbir hija meħtieġa biex noħorġu mill-kriżi; ifakkar li l-element ewlieni fir-relazzjoni bejn it-tkabbir u l-konsolidazzjoni huwa l-kompożizzjoni tal-konsolidazzjoni; jenfasizza f'dan ir-rigward li taħlita xierqa ta' miżuri mil-lat tal-infiq u tad-dħul tiddependi mill-kuntest, madankollu l-konsolidazzjonijiet ibbażati fuq it-tnaqqis tal-infiq aktar milli fuq iż-żieda fid-dħul għandhom tendenza li jservu aktar u jkattru aktar it-tkabbir fuq perjodu medju ta' żmien, iżda jkunu aktar riċessivi fuq perjodu qasir;

4. Jilqa' d-dispożizzjoni miftiehma dwar "it-two pack" dwar sorveljanza u valutazzjoni aktar kwalitattivi tal-finanzi pubbliċi kif ukoll valutazzjoni tal-kostijiet meta mqabbla mal-benefiċċji tal-investimenti pubbliċi;

5. Jilqa' l-abbozz tad-dispożizzjonijiet "fit-two pack" li jsaħħew id-djalogu ekonomiku u l-iskrutinju ġenerali fuq il-proċess tas-Semestru tal-Parlamenti Nazzjonali u tal-Parlament Ewropew;

6. Jiddeplora n-nuqqas ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri, ta' politiki u azzjonijiet miftiehma fl-livell tal-UE, li qed iżommu lura l-miżuri miftiehma milli jagħtu l-potenzjal kollu tagħhom;

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tibqa' viġilanti dwar il-pożizzjoni tal-politika tagħha u taġġustaha skont valutazzjoni ġenerali tal-kostijiet meta mqabbla mal-benefiċċji tat-taħlita tal-politika implimentata fl-Unjoni kollha, u tirrevedi, jekk ikun xieraq u tiċċara aktar ir-rakkomandazzjonijiet politiċi tagħha għas-sena d-diehla, kif imniżżlin fl-AGS tagħha;

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkoreġu defiċit eċċessiv sal-iskadenzi stabbiliti mill-Kunsill, ifakkar li livell ta' flessibilità huwa previst fis-6-pack;

9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu l-oqfsa fiskali nazzjonali tagħhom bil-għan li jippromwovu politiki fiskali effiċjenti u sostenibbli;

10. Jenfasizza l-fatt li l-Istati Membri għandhom iħaddmu strateġiji differenzjati skont il-qagħda baġitarja tagħhom u jinsisti li l-Istati Membri għandhom iżommu n-nefqa pubblika taħt ir-rata tat-tkabbir tal-PDG fuq żmien medju;

11. Jilqa' pożittivament ir-rikonoxximent tar-rwol tas-suq uniku u l-bżonn li l-ostakli li għadhom jeżistu fis-settur tas-servizzi jiġu indirizzati; ifakkar li għad hemm ħafna xi jsir biex jinkiseb suq Ewropew tassew uniku;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja s-sitwazzjoni l-Istati Membri qegħdin jaffrontaw fid-dawl tat-tnaqqis ekonomiku gravi kif stabbilit fl-SGP rivedut;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jibbilanċjaw il-ħtiġijiet produttivi ta' investiment pubbliku ma' objettivi tad-dixxiplina fiskali billi jikkunsidraw investiment li jżid it-tkabbir fil-valutazzjoni tagħhom tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza, filwaqt li josservaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE; iqis li konsolidament li jiffavorixxi t-tkabbir jista' simultanjament ipoġġi l-finanzi pubbliċi fi triq sostenibbli u jerġa' jikseb il-fiduċja tal-investituri;

14. Jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-kwalità tal-infiq pubbliku u r-reviżjoni tal-ambitu għal azzjoni possibbli fi ħdan il-limiti tal-qafas tal-UE dwar il-kwalifika ta' programmi ta' investiment;

15. Jistieden lill-Kummissjoni biex tibda tiżviluppa b'urġenza modi biex jiġi żgurat li l-elementi ta' dixxiplina fiskali sostenibbli huma paralleli u ssegwi bi proposti konkreti għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi u għat-tħeġġiġ tal-investimenti privati li joħolqu elementi ta' tkabbir, is-solidarjetà fost l-Istati Membri u l-leġittimità demokratika, u r-riformi strutturali meħtieġa, jiġifieri li jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ inkluż billi jitqabblu aħjar il-kwalifiki taż-żgħażagħ mad-domanda tax-xogħol, il-ġlieda kontra s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, li titjieb is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet, tiżdied l-effiċjenza tas-sistemi ta' tassazzjoni, tissaħħaħ il-kompetizzjoni fl-oqsma relevanti tas-settur tas-servizzi, jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kreditu, titnaqqas il-burokrazija, jitneħħew saffi żejda tal-gvern u titkompla l-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa; jilqa' l-leġittimità demokratika mtejba fi ħdan is-Semestru Ewropew; ifakkar il-ħtieġa li tissaħħaħ il-leġittimità demokratika fi ħdan is-Semestru Ewropew;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jaħdmu biex jirfinaw u itejbu kontinwament il-kwalità, l-ispeċifiċità nazzjonali u l-adegwatezza tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż;

17. Itenni li, sabiex tiġi ppreservata l-kredibilità tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u tal-proċess tas-Semestru kollu, il-Kunsill jeħtieġlu jiġġustifika r-raġunijiet tiegħu jekk jirrifjuta li jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni bbażati fuq l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir; jilqa' l-prinċipju "konformità jew spjegazzjoni" introdott "mis-six pack" dwar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, li skontu l-Kunsill huwa pubblikament responsabbli għal kwalunkwe bidla li jintroduċi għall-proposti tal-Kummissjoni, u jqis li dan il-prinċipju għandu jissaħħaħ fil-prattika;

18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw li l-investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni jiġu intensifikati u integrati u li r-riżultati jiġu trasformati malajr mis-settur pubbliku u dak privat fl-Ewropa f'vantaġġ kompetittiv u produttività miżjuda;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jintensifikaw l-isforzi biex inaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija u l-materji primi sabiex joħolqu Ewropa iktar sostenibbli mil-lat ambjentali, ekonomiku u soċjali;

20. Jistieden lill-Istati Membri jaqblu b'urġenza dwar Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), biex jiżguraw li r-rwol tiegħu jissaħħaħ bħala sors ta' investiment tant meħtieġ fuq perjodu twil f'setturi u attivitajiet li jtejbu t-tkabbir sostenibbli u li jinvolvu attivitajiet u setturi li jiġġeneraw ħafna impjiegi; jenfasizza l-importanza tal-istruttura tal-baġits tal-UE, li għandhom irawmu l-investiment f'oqsma ta' valur miżjud;

21. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tressaq approċċ olistiku li jindirizza t-tkabbir sostenibbli lejn l-lħuq tal-objettivi EU2020, li għandu jinkludi t-tlestija tas-suq intern, żieda fil-kompetizzjoni, politika industrijali Ewropea ġenwina, politika ta' koeżjoni soda u mmirata b'mod adegwat u l-garanzija li l-Ewropa se tuża l-qawwa u l-influwenza kollha tagħha fir-relazzjonijiet kummerċjali esterni tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta bis-sħiħ is-sorsi ta' tkabbir ġejjin mill-attrazzjoni tal-IDB [investiment dirett barrani] u l-kummerċ ma' pajjiżi terzi jiġifieri permezz tal-approfondament u l-espansjoni tar-relazzjonijiet ekonomiċi Transatlantiċi; tali aġenda għandha tħaddan il-miri relatati mat-tiġdid u l-ftuħ tas-suq Transatlantiku, it-tisħiħ tar-regoli bażiċi tal-ordni tal-ekonomija internazzjonali, u l-estensjoni tas-sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli biex din tinkludi membri ġodda u oqsma ġodda ta' opportunitajiet ekonomiċi; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tħaffef il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles li għaddejjin;

22. Jilqa' r-rikonoxximent tar-rwol tas-Suq Uniku u l-bżonn li l-ostakli li għadhom jeżistu fis-settur tas-servizzi jiġu indirizzati; ifakkar li għad hemm ħafna xi jsir biex jinkiseb suq Ewropew tassew uniku; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-infurzar tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern, partikolarment id-Direttiva dwar is-Servizzi;

23. Jilqa' l-ewwel rapport dwar l-Istat tal-Integrazzjoni tas-Suq Uniku tal-2013 li jakkumpanja u jikkumplimenta l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir; jenfasizza li s-suq uniku għandu rwol prinċipali biex jerġa' jġib il-kompetittività tal-Unjoni għal li kienet u, b'hekk, jingrana t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod adegwat in-nuqqasijiet relatati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż u jsaħħu l-valutazzjoni kontinwa u regolari tal-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tas-Suq Uniku għal tkabbir ekonomiku mtejjeb;

24. Jinsab mħasseb dwar il-fatt li ħafna Stati Membri qed jaqgħu lura f'termini ta' produttività; jinsisti dwar ir-rwol tar-riformi strutturali biex tiġi indirizzata din il-problema; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir li jmiss dwar il-monitoraġġ tal-kapital u l-iżviluppi fil-produttività tar-riżorsi;

25. Jenfasizza li politika tal-kompetizzjoni tal-UE bbażata fuq il-prinċipji ta' swieq miftuħa u parità tal-kundizzjonijiet fis-setturi kollha hija l-pedament ta' suq intern ta' suċċess u prekundizzjoni għall-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli u bbażati fuq l-għarfien;

26. Jenfasizza li sforzi determinati mill-Istati Membri biex isostnu l-finanzi pubbliċi, b'pass adegwat, jistgħu jirnexxu biss jekk jitnaqqsu l-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi; jinnotaw li dawn l-objettivi jistgħu jinkisbu biss f'daqqa permezz ta' tkabbir fiż-żona tal-euro kollha kemm hi;

27. Jieħu nota taż-żieda ta' indikatur ġdid fit-tabella għall-iżbilanċi makroekonomiċi dwar is-settur finanzjarju; jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma rrispettatx il-proċedura prevista fir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 li skontha: "il-Kummissjoni għandha tikkoopera mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill fit-tfassil tat-tabella ta' valutazzjoni u s-sett ta' indikaturi makroekonomiċi u makrofinanzjarji għall-Istati Membri" u b'mod iktar speċifiku li skontha: "Il-Kummissjoni għandha tippreżenta suġġerimenti għal kummenti lill-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjanijiet biex jiġu stabbiliti u aġġustati l-indikaturi u l-livelli ta' limitu";

28. Ifakkar lill-Kummissjoni li sabiex tinbena l-fiduċja interistituzzjonali u djalogu ekonomiku ta' kwalità huwa ta' importanza kbira li tirrispetta l-proċedura prevista fir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 b'mod iktar fidil fil-futur;

29. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jaġixxu malajr sabiex jagħtu sustanza reali u effettività lill-Patt għal Tkabbir u Impjiegi kif maqbul fil-Kunsill Ewropew tat-28 u d-29 ta' Ġunju 2012;

30. Jitlob għall-adozzjoni rapida tal-hekk imsejjaħ "2-pack";

31. Jieħu nota tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (Patt Fiskali); iqis li l-Patt Fiskali għandu jiġi traspost fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni sekondarja mill-aktar fis possibbli fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni tagħha u skont il-TUE u t-TFUE;

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

32. Jilqa' "l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa", ir-rakkomandazzjonijiet dwar "miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu lill-pajjiżi terzi japplikaw standards minimi ta' governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa" u "l-ippjanar fiskali aggressiv" adottati mill-Kummissjoni fis-6 ta' Diċembru 2012; jappoġġja l-pożizzjoni proattiva meħuda mill-Kummissjoni u b'mod partikolari mill-Kummissarju għat-Tassazzjoni, id-Dwana, Kontra l-Frodi, l-Awditjar u l-Istatistiki; jistieden lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, jieħdu azzjoni immedjata u koordinata kontra r-rifuġji fiskali u l-ippjanar fiskali aggressiv u b'hekk jiggarantixxu distribuzzjoni aktar ġusta tal-isforz fiskali u introjtu miżjud tal-Istati Membri;

33. Iqisha ħaġa pożittiva li finalment "l-Istati Membri kollha jirrikonoxxu l-importanza tat-teħid ta' passi effettivi fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa, anki fi żminijiet ta' restrizzjonijiet baġitarji u ta' kriżi ekonomika" kif dikjarat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Monetarju tat-13 ta' Novembru 2012;

34. Ifakkar li l-iskop ta' leġiżlazzjoni komuni dwar l-oqfsa fiskali tal-Istati Membri huwa li jkun żgurat li l-Istati Membri jibqgħu marbuta mar-regoli komuni li sar ftehim dwarhom u mhux li jiġu speċifikati l-għażliet politiki tal-Istat Membru;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tersaq quddiem il-kumitati kompetenti tal-Parlament biex tippreżenta l-AGS kull sena fil-bidu ta' Novembru, li jibda mill-4-5 ta' Novembru 2013, ħalli jkun hemm biżżejjed żmien biex il-Parlament jkun jista' jressaq il-fehmiet tiegħu f'Semestri Ewropej sussegwenti;

36. Jiddispjaċih li, fil-Komunikazzjoni tagħha "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013" (COM(2012)0750), il-Kummissjoni ma indirizzatx b'mod xieraq ir-rwol tal-baġit tal-UE fil-proċess tas-Semestru Ewropew; jiddispjaċih, b'mod partikolari, li l-KE, fil-waqt li pproponiet prijoritajiet ewlenin, naqset milli tipprovdi data fattwali u konkreta dwar kif il-baġit tal-UE jista' attwalment ikollu rwol multiplikatur, katalitiku, sinerġetiku u kumplementari fir-rigward tal-politiki lokali, reġjonali u nazzjonali u tal-investimenti mnedija biex jiġu implimentati dawn il-prijoritajiet;

37. Jinsab konvint li l-finanzjament fil-livell tal-UE jista' jiġġenera tfaddil għall-baġits tal-Istati Membri kollha u li dan għandu jiġi enfasizzat; iqis li l-baġit tal-UE għandu rwol vitali li jistimula t-tkabbir, it-tisħiħ tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tnaqqis b'suċċess tal-iżbilanċi makroekonomiċi fl-Unjoni, u bażikament jikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu l-objettivi tal-istrateġija "UE-2020"; jiddispjaċih mill-ġdid li l-Kummissjoni qed tonqos milli tindirizza din il-kwistjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-AGS;

38. Jirrikonoxxi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-livelli ta' dejn akkumulat minn atturi pubbliċi u privati jirrestrinġu l-ambitu ta' attivitajiet u investimenti ġodda fl-Istati Membri; jistieden, madankollu, lill-Istati Membri, biex la jqisu l-kontribuzzjoni nazzjonali tagħhom tal-ING għall-baġit tal-UE bħala varjant ta'aġġustament fl-isforzi tagħhom ta' konsolidazzjoni, u lanqas ifittxu li jnaqqsu b'mod artifiċjali l-volum tal-infiq li jsaħħaħ it-tkabbir tal-baġit tal-UE, għall-kuntrarju għall-impenji politiċi li għamlu fl-ogħla livell; madankollu, huwa konxju tat-tensjoni ekonomika bejn il-ħtieġa li jkun hemm konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi fi żmien qasir, u kwalunkwe żieda potenzjali għal xi Stati Membri fil-kontribuzzjoni tagħhom ibbażata fuq l-ING ikkaġunata minn żieda fil-livell tal-pagamenti fil-baġit tal-UE; għaldaqstant, itenni mill-ġdid l-appelli qawwija tiegħu għar-riforma fl-arranġamenti finanzjarji għall-baġit tal-UE – permezz ta' qbil fil-qafas tan-negozjati tal-QFP 2014-2020 – billi jitnaqqas is-sehem tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bbażati fuq l-ING għall-baġit tal-UE għal 40 % sal-2020, u b'hekk dan jikkontribwixxi għall-isforzi tagħhom ta' konsolidazzjoni ([1]);

39. Ifakkar li l-baġit Ewropew huwa primarjament baġit ta' investiment, b'94 % tat-total tiegħu jiġi investit mill-ġdid fl-Istati Membri;

40. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-isforzi attwali tal-Istati Membri biex jiġi pprogrammat mill-ġdid u aċċellerat l-użu tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni sabiex jiġu appoġġjati t-tkabbir u l-koeżjoni soċjali, l-aktar għall-SMEs, u għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0245.

41. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2013)0053

## Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Aspetti Soċjali u tal-Impjieg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Aspetti Soċjali u tal-Impjieg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 (2012/2257(INI))

(2016/C 024/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9, 151 u 153 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 145, 148, 152 u 153(5) tat-TFUE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2012 dwar l-Istħarriġ Annwali ta' Tkabbir 2013 (COM(2012)0750), u l-Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi anness magħha,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2011 dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 (AGS) (COM(2011)0815), u l-Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi anness magħha,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2012 dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika: implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-2012 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bl-isem "Ewropa 2020: strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għal politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri: Parti II tal-Linji gwida Integrati Ewropa 2020 ([3]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ([4]),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0408.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0542.
([3]) ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 116.
([4]) ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bl-isem "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi" (COM(2012)0173),

— wara li kkunsidra l-Mistoqsija Orali O-000120/2012 lill-Kummissjoni u r-riżoluzzjoni relatata tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi" ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2010 bl-isem "Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi: Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi" (COM(2010)0682) ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar l-Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjiegi ([3]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2010 bl-isem "Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali" (COM(2010)0758),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2011 dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali ([4]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol ([5]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bl-isem "Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ" (COM (2011)0933),

— wara li kkunsidra l-Mistoqsija Orali B7-0113/2012 lill-Kummissjoni u r-riżoluzzjoni relatata tiegħu tal-24 ta' Mejju 2012 dwar l-Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ ([6]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2010 bl-isem "Żgħażagħ Mobbli: Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażagħ biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni Ewropea" (COM(2010)0477),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar Żgħażagħ Mobbli: qafas biex jittejbu s-sistemi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-6 ta' Lulju 2010 dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-istejtus ta' min jitħarreġ, tal-internship u l-perjodu ta' taħriġ, ([8])

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar l-iżvilupp tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' ekonomija sostenibbli ġdida ([9]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([10]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2012 dwar il-Patt dwar l-Investiment Soċjali – bħala reazzjoni għall-kriżi ([11]),

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020) adottat mill-Kunsill fis-7 ta' Marzu 2011,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP ([12]),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0260.
([2]) Ara l-verżjoni tar-rettifika tas-26 ta' Novembru 2010.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0466.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2011)0495.
([5]) ĠU L 307, 18.11.2008, p. 11
([6]) Testi adottati, P7_TA(2012)0224.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2011)0230.
([8]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 29.
([9]) ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 6.
([10]) ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.
([11]) Testi adottati, P7_TA(2012)0419.
([12]) ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0024/2013),

A. billi l-impjiegi u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi huma approfonditi, u issa qed jiġu aggravati mill-impatt tal-konsolidazzjoni fiskali introdotta f'ċerti pajjiżi bi tweġiba għall-kriżi tad-dejn sovran u politika monetarja kostretta fiż-żona tal-euro, li tmur kontra dak implimentat minn reġjuni ekonomiċi prinċipali oħra u ma tistax tagħti tweġiba effettiva għall-kriżi tad-dejn sovran u tippromwovi t-tkabbir; billi l-kriżi qed ikollha effetti negattivi fuq il-kwalità u l-kwantità tal-investimenti soċjali fl-Ewropa; billi ż-żona tal-euro hija f'reċessjoni u attwalment l-UE hija l-uniku reġjun prinċipali fid-dinja fejn għadu qed jiżdied il-qgħad;

B. billi fl-2012, is-sitwazzjoni tal-impjiegi marret għall-agħar u l-prospetti għall-2013 huma pessimisti; billi s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol kompliet tiżdied, il-qgħad fit-tul laħaq livelli allarmanti, il-faqar fost il-persuni b'impjieg għadu problema maġġuri, dħul medju tal-familji naqas f'ħafna Stati Membri u l-indikaturi juru xerja ta' livelli ogħla u forom aktar profondi ta' faqar u esklużjoni soċjali, b'żieda fil-faqar fost il-persuni b'impjieg u fil-polarizzazzjoni soċjali f'ħafna Stati Membri.

C. billi l-qgħad żdied b'mod sinifikanti mill-2008 u laħaq livell ta' 25 miljun persuna qiegħda fl-UE, li jikkorrispondi għal 10,5 % tal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol; billi, matul dawn l-aħħar tnax-il xahar biss, in-numru ta' persuni qiegħda żdied b'2 miljuni; billi t-tnaqqis fl-impjiegi kien aktar intens f'dawk il-pajjiżi li qed iwettqu aktar konsolidazzjoni fiskali sostanzjali;

D. billi s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol hija partikolarment kritika għaż-żgħażagħ, minkejja l-livell tagħhom ta' edukazzjoni, li ħafna drabi jispiċċaw b'kuntratti ta' impjieg prekarji u f'apprendistati mhux imħallsa; billi s-sitwazzjoni diffiċli taż-żgħażagħ hija parzjalment minħabba f'diskrepanzi bejn ħiliet akkwistati u d-domanda fis-suq tax-xogħol, mobilità ġeografika limitata, tluq bikri mill-iskola mingħajr kwalifiki, nuqqas ta' ħiliet u esperjenza ta' xogħol rilevanti, kundizzjonijiet prekarji ta' impjiegi, opportunitajiet ta' taħriġ illimitati, u politiki tas-suq tax-xogħol attivi u ineffiċjenti;

E. billi fl-UE kollha aktar minn żagħżugħ wieħed minn ħamsa huma qiegħda (22,8 %), b'qgħad fost iż-żgħażagħ ogħla minn 50 % f'ċerti Stati Membri; billi aktar minn 7 miljun Ewropew taħt l-età ta' 25 sena mhumiex f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEET); billi dawn iċ-ċifri qed ikomplu jiżdiedu u hemm riskju ta' ġenerazzjoni mitlufa; billi l-prezz tan-nuqqas ta' azzjoni fir-rigward tan-NEETs huwa stmat li jilħaq il-EUR 153 biljun madwar l-UE kollha;

F. billi wara l-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Jannar 2012, bħala parti mill-"Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ", il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw inizjattivi komprensivi għall-impjiegi, l-edukazzjoni u l-ħiliet taż-żgħażagħ, u biex jiżviluppaw pjanijiet għal impjiegi għaż-żgħażagħ fi ħdan il-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom; billi, madankollu, tali inizjattivi għadhom iridu jitressqu fil-parti l-kbira tal-Istati Membri;

G. billi l-persuni li se jilħqu l-età tal-pensjoni, ħaddiema qiegħda fit-tul, ħaddiema mhux tal-UE u ħaddiema b'ħiliet baxxi huma wkoll fost dawk li l-aktar intlaqtu mill-kriżi;

H. billi r-riformi meħtieġa għandhom jitwettqu biex tiġi ggarantita s-sostenibilità tas-sistemi tal-pensjoni; billi, f'dan ir-rigward, huwa possibbli li l-età attwali tal-irtirar titgħolla mingħajr ma titgħolla l-età mandatorja tal-irtirar, billi jitnaqqas il-għadd ta' nies li jitilqu kmieni mis-suq tax-xogħol; billi, biex jiżdiedu b'suċċess l-etajiet attwali tal-irtirar, ir-riformi fis-sistemi tal-pensjonijiet jeħtieġ li jiġu akkumpanjati minn politiki li jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjiegi

([1]) ĠU L 14, 20.01.1998, p. 9.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

għall-aċċess ta' ħaddiema akbar fl-età għat-tagħlim tul il-ħajja, idaħħlu politiki ta' benefiċċji tat-taxxa li jagħtu inċentivi biex dak li jkun jibqa' jaħdem għal aktar żmien, u jappoġġjaw it-tixjiħ attiv u b'saħħtu;

I. billi l-qgħad fit-tul laħaq livelli allarmanti fit-tieni kwart tas-sena tal-2012, meta ċ-ċifri wrew li 11,1 miljun Ewropew li jinsabu qiegħda ilhom qiegħda għal aktar minn 12-il xahar, li jammonta għal 4,6 % tal-popolazzjoni attiva; billi l-probabbiltà li persuni qiegħda jsibu impjieg naqas fil-maġġoranza tal-Istati Membri, speċjalment dawk soġġetti għal miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali sinifikanti;

J. billi madwar 120 miljun persuna jinsabu mhedda mill-esklużjoni soċjali fl-UE-27 peress li jinsabu f'riskju gravi tal-faqar, ibatu minn deprivazzjoni materjali gravi jew jgħixu f'familji b'parteċipazzjoni ta' xogħol baxxa ħafna;

K. billi n-nefqa fuq il-ħarsien soċjali naqset fi kważi l-Istati Membri kollha u billi l-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali (SPC) qed iwissi dwar in-numri li qed jiżdiedu ta' persuni li jinsabu f'riskju ta' faqar fl-introjtu tagħhom, faqar tat-tfal, deprivazzjoni materjali gravi u esklużjoni soċjali minħabba l-impatt tal-miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali;

L. billi l-kisba tat-tkabbir u livell għoli ta' impjieg huma meħtieġa għall-irkupru tal-ekonomija, għall-konsolidazzjoni fiskali u għas-sostenibbiltà tal-qagħda soċjali u l-finanzi pubbliċi fit-tul;

M. billi l-investimenti soċjali mmirati għandhom jiffurmaw parti ewlenija tar-reazzjoni tal-Istati Membri għall-kriżi peress li huma deċiżivi biex jintlaħqu l-objettivi tal-impjiegi, l-objettivi soċjali u dawk edukattivi tal-istrateġija Ewropa 2020;

N. billi l-Kunsill Ewropew iddikjara fit-30 ta' Jannar 2012 li "it-tkabbir u l-impjiegi ser jerġgħu jibdew biss jekk insegwu approċċ konsistenti u fuq bażi wiesgħa, li jgħaqqad konsolidazzjoni fiskali intelliġenti li tippreserva l-investiment fit-tkabbir futur, politiki makroekonomiċi sodi u strateġija attiva dwar l-impjiegi li tippreserva l-koeżjoni soċjali".

O. billi l-konsolidazzjoni fiskali għandu jkompli minħabba l-livelli għolja ta' dejn u l-isfidi fit-tul li hemm għall-finanzi pubbliċi, imma filwaqt li jitqies kif dovut il-fatt li għandu jkun objettiv għall-futur medju u fit-tul; billi l-konsolidazzjoni fiskali jista' jkollha effetti negattivi ta' tkabbir u tal-impjiegi fuq perjodu ta' żmien qasir, speċjalment f'pajjiżi f'reċessjoni jew b'rati ta' tkabbir marġinali, li jikkompromettu l-potenzjal futur tat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi; billi l-konsolidazzjoni fiskali għandu għalhekk jiġi ġestit b'mod li jkun jiffavorixxi t-tkabbir ħalli ma jagħmilx ħsara lill-potenzjal tat-tkabbir u tal-ħolqien tal-impjiegi tal-ekonomija jew tat-tessut soċjali tagħha;

P. billi t-tensjonijiet fis-swieq finanzjarji għadhom għolja u l-iżbilanċi fl-aċċess għall-iffinanzjar huma prevalenti bejn l-Istati membri; billi r-riskji tal-premiums għoljin iżidu l-oneri tad-dejn sovran bla bżonn, billi jeħtieġu konsolidazzjoni fiskali aktar qawwija u jaggravaw il-kriżi u konsegwentement ixekklu t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi;

Q. billi, minkejja l-urġenza tas-sitwazzjoni, l-Unjoni Ewropea qed tfalli milli tilħaq kważi l-miri kollha tal-Ewropa 2020 u l-progress fl-Istati Membri fit-twettiq tal-objettivi tal-Ewropa 2020 kien diżappuntanti; billi l-impenji stabbiliti fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali 2012 mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-maġġoranza tal-miri fil-livell tal-UE;

R. billi l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fir-riċerka u l-innovazzjoni – oqsma ewlenin għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi – għadu aktar baxx fl-UE milli fl-imsieħba u l-kompetituri ekonomiċi ewlenin tagħha f'partijiet oħra tad-dinja; billi l-investiment produttiv f'dawn l-oqsma huwa essenzjali biex noħorġu b'mod sostenibbli mill-kriżi imma wkoll biex l-ekonomija tal-UE tiġi kkonsolidata fuq it-triq tal-kompetittività u l-produttività;

S. billi d-dimensjoni tal-ġeneru hija kruċjali biex jinkisbu l-miri ewlenin tal-UE 2020, peress li n-nisa jiffurmaw l-akbar riżerva ta' forza tax-xogħol li s'issa mhijiex qed tintuża; billi n-nisa jiffurmaw il-maġġoranza ta' dawk li jgħixu fil-faqar fl-UE; billi t-tnaqqis għal servizzi pubbliċi bħalma hi l-kura tat-tfal u l-kura ta' persuni dipendenti oħra se jkollu impatt

negattiv fuq in-nisa u konsegwentement fuq l-abilità tagħhom li jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol; billi għalhekk għandha tingħata attenzjoni speċifika kemm fir-rigward tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll fir-rigward tal-politiki mmirati lejn in-nisa tul il-proċess kollu tas-Semestru Ewropew; billi l-età statutorja tal-irtirar tan-nisa jeħtieġ li tiġi allinjata ma' dik tal-irġiel;

T. billi hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata interazzjoni akbar bejn il-politika tal-impjiegi, dik soċjali u dik ekonomika fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, kif spjegat fl-Artikoli 121 u 148 tat-TFUE;

U. billi huwa essenzjali li titrawwem ir-responsabbiltà, is-sjieda u l-leġittimità demokratika tal-atturi kollha involuti fis-Semestru Ewropew; billi parti essenzjali ta' dan hija l-involviment xieraq tal-Parlament Ewropew;

V. billi l-parlamenti nazzjonali huma r-rappreżentanti u l-garanti tad-drittijiet akkwistati u ddelegati miċ-ċittadini; billi l-introduzzjoni tas-Semestru Ewropew għandha tirrispetta għal kollox il-prerogattivi tal-parlamenti nazzjonali;

**Messaġġi ewlenin bil-perspettiva tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa**

1. Iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew jiżgura li l-messaġġi li ġejjin jiffurmaw parti mill-gwida politika tiegħu għas-Semestru Ewropew 2013, u jagħti mandat lill-President tiegħu biex jiddefendi din il-pożizzjoni matul il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa tal-14-15 ta' Marzu 2013; jirreferi, b'mod partikolari, għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi li jridu jiġu adottati mill-Kunsill Ewropew fil-gwida politika tiegħu, annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

2. Jikkundanna l-fatt li l-prijoritajiet identifikati matul iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tas-sena l-oħra, b'mod partikolari dawk relatati mal-ħolqien tal-impjiegi, il-kwalità tal-impjiegi u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali ma tawx ir-riżultati mistennija;

3. Jindika li s-sitwazzjoni ekonomika u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi ddeterjoraw aktar matul l-aħħar sena u għalhekk jenfasizza l-importanza tal-intensifikar tal-impenn tal-Istati Membri li jwegwu l-gwida politika tal-2013, b'mod partikolari fil-qasam tal-impjiegi u l-politika soċjali;

I. ***Objettivi tal-Ewropa 2020***

4. Jistieden lill-Kunsill Ewropew jiżgura li l-gwida politika ta' kull sena stabbilita fuq il-bażi tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tkun iffokata bis-sħiħ biex tissodisfa l-objettivi kollha tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv; jiddispjaċih li l-ebda rapport ta' progress dwar Ewropa 2020 ma ġie inkluż fl-AGS 2013, u jistieden lill-Kummissjoni toħroġ dan ir-rapport fil-ħin qabel il-laqgħa tar-Rebbiegħa tal-Kunsill Ewropew;

5. Jikkundanna l-fatt li l-gwida politika tal-2012 u l-implimentazzjoni tagħha ma kinux effettivi biżżejjed fir-rigward tal-kisba tal-miri politiċi minquxa fl-istrateġija Ewropa 2020; jiddeplora l-fatt li xi Stati Membri qed jitbiegħdu aktar mill-miri tal-2020;

6. Jikkundanna l-fatt li l-impenji stabbiliti fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali 2012 mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-maġġoranza tal-miri fil-livell tal-UE; jenfasizza t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-miri nazzjonali attwali mhumiex biżżejjed biex jiksbu l-miri ewlenin tal-Ewropa 2020 għall-impjiegi, l-edukazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar;

7. Jitlob lill-Istati Membri jadottaw l-impenji meħtieġa fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali 2013 lejn it-twettiq tal-objettivi Ewropa 2020;

8. Jistieden lill-Kunsill Ewropew jiżgura, fil-linji gwida politiċi tiegħu, li livell suffiċjenti ta' fondi tal-UE jiġu ddedikati għall-kisba tal-objettivi Ewropa 2020; iħeġġeġ lill-Istati Membri jassenjaw fondi b'mod aktar effettiv għall-kisba tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020;

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

II. ***Il-ħolqien tal-impjiegi permezz ta' riformi strutturali u investimenti mmirati lejn it-tkabbir***

9. Jikkunsidra li huwa ta' dispjaċir li s-sena l-oħra l-maġġoranza tal-Istati Membri ma rrispettawx l-impenn tagħhom li jissottomettu Pjan Nazzjonali dwar l-Impjiegi (PNI) bħala parti mill-PRN tal-2012 tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw dan l-impenn fl-2013; jenfasizza li PNI għandhom jinkludu miżuri komprensivi għall-ħolqien ta' impjiegi u ta' impjiegi ekoloġiċi, rabta bejn il-politiki dwar l-impjiegi u l-istrumenti finanzjarji, riformi tas-swieq tax-xogħol, skeda ta' żmien ċara għall-introduzzjoni tal-aġenda pluriennali tar-riformi tul it-12-il xahar li ġejjin u indikazzjoni kemm tal-oqsma kif ukoll tar-reġjuni li qegħdin jesperjenzaw skarsezzi u eċċessi ta' speċjalizzazzjonijiet;

10. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni m'għamlitx il-PNI rekwiżit obbligatorju u jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja t-tħejjija tagħhom matul kull ċiklu tas-Semestru Ewropew ta' kull sena;

11. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri favorevoli għall-ħolqien tal-impjiegi bħar-riformi tat-taxxa fuq ix-xogħol li jinkoraġġixxu l-impjiegi, jippromwovu u jappoġġjaw impjieg indipendenti ġenwin u volontarju u l-bidu ta' negozju, itejbu l-qafas biex isir negozju u jiffaċilitaw l-aċċess għal finanzjament għall-SMEs, jittrasformaw xogħol informali u mhux iddikjarat f'impjieg regolari, jirriformaw swieq tax-xogħol, jekk ikun meħtieġ, biex isiru aktar adattabbli, dinamiċi, kompetittivi u inklussivi filwaqt li jiżguraw sigurtà adegwata għall-impjegati, jipprovdu lill-impjegaturi u lill-impjegati l-ħiliet u l-istrumenti li jippermettulhom jadattaw għall-ħtiġijiet tas-suq li qed jinbidlu, jimmodernizzaw is-sistemi tal-iffissar tal-pagi – fil-qafas ta' djalogu soċjali bil-parteċipazzjoni attiva tas-sħab soċjali, filwaqt li tiġi rispettata d-diversità tal-mudelli nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali – sabiex il-pagi jiġu allinjati max-xejriet tal-produttività fil-limiti ta' pagi għal għajxien diċenti u jisfruttaw il-potenzjal għoli ta' impjegar ta' setturi bħalma huma l-ekonomija ekoloġika, il-kura tas-saħħa u l-kura soċjali, u s-settur tal-ICT biex jinħolqu impjiegi sostenibbi u ta' kwalità;

III. ***Impjiegi għaż-żgħażagħ***

12. Jitlob lill-Kunsill Ewropew biex jagħmel il-qgħad fost iż-żgħażagħ prijorità fil-gwida politika tal-2013;

13. Jitlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri deċiżivi fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ, inklużi miżuri tal-politika tas-suq tax-xogħol immirati u attivi, miżuri li jindirizzaw diskrepanzi f'ħiliet fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari billi jevitaw it-tluq bikri mill-iskola jew minn skemi ta' perjodi ta' taħriġ u jiżguraw li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ jipprovdu liż-żgħażagħ bil-ħiliet rilevanti b'mod effiċjenti, u jippromwovu l-intraprenditorija u l-appoġġ għall-iżvilupp tan-negozju effettiv għaż-żgħażagħ u oqfsa li jiżguraw it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol;

14. Jappoġġja bis-saħħa l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-Iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ; jitlob li tiġi implimentata malajr u li jiġi pprovdut finanzjament suffiċjenti għaliha; iqis li l-FSE għandu jwettaq rwol ewlieni fil-finanzjament tal-Iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ u li għandu jinstab bilanċ xieraq bejn il-finanzjament mill-UE u dak mill-Istati Membri;

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji komprensivi għaż-żgħażagħ li mhumiex f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEET); iħeġġiġhom ukoll biex, huma u jiżviluppaw dawn l-istrateġiji, juru solidarjetà finanzjarja ma' dawk l-Istati Membri li għandhom spazju fiskali limitat;

IV. ***Swieq tax-xogħol aktar adattabbli, dinamiċi u inklussivi u impjiegi ta' kwalità aħjar***

16. Jiddispjaċih li l-AGS tal-2013 ma jindirizzax il-kwalità tal-impjiegi u li tingħata ftit wisq attenzjoni biex jiġu stabbiliti l-prekundizzjonijiet meħtieġa biex tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari dik tan-nisa, ħaddiema ta' 45 sena u aktar, persuni b'diżabbiltajiet u dawk l-aktar fil-bżonn;

17. Ifakkar li l-isbilanċi interni ta' bejn l-Istati Membri, speċjalment fl-impjiegi u fl-indikaturi soċjali, qed jikbru; jindika li l-Istati Membri bi swieq tax-xogħol relattivament mhux segmentati, sistemi b'saħħithom tas-sigurtà soċjali u abilità li temporanjament jaġġustaw is-sigħat tax-xogħol, il-ħin tax-xogħol u arranġamenti oħra flessibbli tax-xogħol (flessibbiltà interna) u mudelli effiċjenti ta' negozjar kollettiv urew li huma aktar reżiljenti quddiem il-konsegwenzi tal-kriżi li jolqtu l-qasam tal-impjiegi u dak soċjali;

18. Jitlob li s-swieq tax-xogħol ikunu aktar adattabbli u dinamiċi, ikunu jistgħu jaġġustaw għal tfixkil fis-sitwazzjoni ekonomika mingħajr ma jiġu kkawżati sensji, u jkunu aktar inklussivi, jiffavorixxi parteċipazzjoni miżjuda tax-xogħol, speċjalment għal dawk in-nies vulnerabbli u żvantaġġjati;

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

19. Iwissi li l-miżuri tal-awsterità m'għandhomx jikkompromettu l-kwalità tal-impjieg, lanqas il-protezzjoni soċjali u l-istandards tas-saħħa u s-sigurtà; iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu l-identifikazzjoni ta' kumpaniji u SMEs li jkunu qed jagħmlu sforz biex aktar juru kuxjenza soċjali milli sempliċement jissodisfaw l-obbligi legali minimi tagħhom;

V. ***Investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ***

20. Jissottolinja r-rwol ewlieni tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-kisba tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020;

21. Jenfasizza kemm hu importanti li titnaqqas ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola bil-għan li jitnaqqsu n-numri fil-grupp NEET;

22. Jistieden lill-Istati Membri, filwaqt li jsegwu konsolidazzjoni fiskali sostenibbli, li tirrispetta t-tkabbir u li tkun iddivrenzjata, jiżguraw investiment effiċjenti u suffiċjenti fl-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja *bil-għan li jiġu ssodisfati l-impenji kollha miftiehma* fl-*Istrateġija Europa 2020*;

23. Jistieden lill-Istati Membri jinkorporaw il-programmi ta' skambju Ewropej għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport fil-miżuri meħuda fil-qafas tas-Semestru Ewropew;

VI. ***Il-garanzija tal-kwalità ta' servizzi pubbliċi u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali***

24. Huwa ppreokkupat ħafna dwar iż-żieda fil-faqar u fil-qgħad fost il-gruppi tal-etajiet kollha mill-aħħar ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2012;

25. Jilqa' l-fatt li l-AGS tal-2013 tindirizza l-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll tindirizza l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi; jistieden lill-Kummissjoni tenfasizza dawn il-miżuri fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u, b'mod partikolari, li tindirizza l-faqar fost il-persuni b'impjieg, il-faqar fost persuni b'rabtiet illimitati jew l-ebda rabta mas-suq tax-xogħol u l-faqar fost l-anzjani; jistieden lill-Kunsill Ewropew biex japprova din il-gwida bħala prijorità.

26. Jitlob li l-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati dwar l-inklużjoni attiva għandha tkun element ċentrali tal-aġendi tal-politika soċjali fil-livell nazzjonali u dak tal-UE.

VII. ***Issir ħidma fuq il-konsolidazzjoni fiskali proporzjonata u differenzjata li tiffavorixxi t-tkabbir filwaqt li jkunu żgurati l-irkupru ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi***

27. Jagħraf il-ħtieġa li tiġi implimentata konsolidazzjoni fiskali proporzjonata u ddivrenzjata li tkun tirrispetta t-tkabbir biex jiġu evitati l-effetti negattivi fuq it-tkabbir u l-impjiegi għall-futur qrib, fuq żmien medju u għall-futur il-bogħod filwaqt li tiġi ggarantita s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi; jenfasizza l-fatt li l-impatt tal-programmi ta' konsolidazzjoni fiskali għandu jiġi vvalutat abbażi tal-effetti tagħhom għall-futur qrib fuq it-tkabbir, l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, speċjalment fil-pajjiżi li jinsabu f'reċessjoni jew b'rati marġinali ta' tkabbir; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Ewropew biex fi żminijiet ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jagħmlu użu tal-flessibilità li jipprovdu għaliha ir-Regolamenti (UE) Nru 1175/2011 u (UE) Nru 1177/2011;

28. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tqis aktar it-tendenzi lokali, reġjonali u nazzjonali speċifiċi, kif ukoll l-iżbalji potenzjali fil-previżjoni tagħha, li tirrappreżenta l-bażi tas-SAT;

29. Jikkunsidra li l-konsolidazzjoni fiskali għandha tiġi implimentata b'mod proporzjonat u li jiffavorixxi t-tkabbir u li r-ritmu tal-konsolidazzjoni għandu jiġi ddivrenzjat fil-pajjiżi kollha skont l-ispazju fiskali tagħhom u dak tal-ekonomija Ewropea usa', sabiex jiġu evitati l-effetti negattivi fuq it-tkabbir u fuq l-impjiegi filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tikkalibra mill-ġdid il-mudelli tagħha dwar l-impatt tal-effett multiplikatur fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi li jirriżulta mit-tnaqqis fiskali fuq il-baġits tal-Istati Membri f'konformità mar-reviżjonijiet reċenti mill-FMI;

31. Jistieden lill-Kunsill Ewropew jiżgura l-koerenza bejn il-prijoritajiet differenti fil-gwida politika tiegħu, sabiex ma jiġix kompromess il-potenzjal tat-tkabbir sostenibbli u tal-ħolqien tal-impjiegi, ma jiżdidux il-faqar u l-esklużjoni soċjali, jew jiġi pprevenut l-aċċess universali għall-provvediment ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità; jemmen li l-prijorità ewlenija trid tkun li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri integrati ta' riforma u investimenti li jippromwovu t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi filwaqt illi tiġi ggarantita s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi;

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

32. Jistieden lill-Kunsill Ewropew, biex jekk japprova l-ewwel prijorità tal-AGS, "konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tgħin fit-tkabbir", jispjega b'mod speċifiku kif dan jista' jiġi implimentat f'konformità sħiħa mal-għan li tiżdied il-koeżjoni soċjali u li jiġi miġġieled il-faqar, kif hemm delineat fir-raba' prijorità tiegħu, "jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi";

33. Jenfasizza l-ħtieġa li tinkiseb koerenza sħiħa bejn il-konsolidazzjoni baġitarja u l-miżuri ekonomiċ min-naħa l-waħda u l-politika soċjali, it-tkabbir u l-miżuri tal-impjiegi min-naħa l-oħra;

34. Jindika li, fi żmien ta' restrizzjonijiet fiskali qawwija u ta' tnaqqis fil-kapaċità tas-self fis-settur privat, il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni, permezz tad-daqs finanzjarju tagħhom u l-objettivi segwiti, jirrappreżentaw xprun essenzjali, għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, biex tiġi stimulata l-ekonomija u biex ikunu jistgħu jintlaħqu l-objettivi tat-tkabbir u tal-impjiegi li hemm minquxa fl-Istrateġija Ewropa 2020; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li fid-dawl tar-rwol ewlieni tal-politika ta' koeżjoni fl-iżvilupp tal-programmi nazzjonali fi ħdan il-qafas tas-Semestru Ewropew, din il-politika għandha tikkostitwixxi element essenzjali tal-SAT u għandha tikkontribwixxi għad-dibattitu annwali dwar it-tkabbir u l-impjiegi fl-UE;

VIII. ***Il-leġittimità demokratika u l-involviment tas-soċjetà ċivili***

35. Jinsab imħasseb minħabba l-fatt li l-Parlament Ewropew, il-parlamenti nazzjonali, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili għadhom iwettqu rwol limitat fis-Semestru Ewropew; jenfasizza l-fatt li l-gwida politika fl-AGS mibdija mill-Kummissjoni, u li trid tiġi approvata mill-Kunsill Ewropew, hija nieqsa mill-involviment parlamentari u ċivili u għalhekk mill-leġittimità demokratika;

36. Iqis li l-Parlament Ewropew għandu rwol essenzjali fil-ħolqien tal-leġittimità demokratika meħtieġa; iqis li, fin-nuqqas ta' bażi legali għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja applikabbli għall-AGS, il-Kunsill Ewropew għandu jqis il-kummenti parlamentari meta japprova l-gwida politika sabiex jiggarantixxi leġittimità demokratika;

37. Jitlob lill-Kummissjoni tirrikjedi li l-Istati Membri jiggarantixxu trasparenza massima fl-elaborazzjoni tal-PRN kif ukoll involviment wiesa' tal-parlamenti nazzjonali u tas-sħab soċjali f'dan il-proċess;

**Sforzi addizzjonali li għandhom jiġu segwiti fil-qasam tal-impjiegi u soċjali**

***Il-ħolqien tal-impjiegi permezz ta' riformi strutturali u investimenti mmirati lejn it-tkabbir***

38. Ifakkar li t-tisħiħ tat-tkabbir li jġib miegħu abbundanza ta' impjiegi jitlob politiki dwar l-impjiegi li jiġġeneraw kundizzjonijiet favorevoli għall-ħolqien tal-impjiegi, jiffaċilitaw tranżizzjonijiet pożittivi minn impjieg għal impjieg u minn qgħad għal impjieg, iżidu il-provvista tax-xogħol u jtejbu t-tqabbil ġeografiku u tal-ħiliet mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

39. Jenfasizza l-ħtieġa li jsiru riformi fis-suq tax-xogħol biex tiżdied il-produttività u l-effiċjenza tax-xogħol sabiex tittejjeb il-kompetittività ekonomika tal-UE u jkunu jistgħu jseħħu t-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi sostenibbli filwaqt li jiġu rispettati b'mod strett kemm il-forma u kemm is-sustanza tal-Aquis Soċjali Ewropew u l-prinċipji tiegħu; jemmen li r-riformi fis-swieq tax-xogħol għandhom jiġu implimentati b'tali mod li jippromwovu l-kwalità tal-impjiegi;

40. Jissuġġerixxi li l-Istati Membri jnaqqsu t-tassazzjoni fuq ix-xogħol meta l-kundizzjonijiet fiskali jippermettu dan, b'mod speċjali fir-rigward ta' ħaddiema b'pagi baxxi u b'ħiliet baxxi u gruppi vulnerabbli; jikkunsidra li tnaqqis temporanju mmirat sew fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew skemi tas-sussidji tal-impjiegi għal rekluti ġodda, speċjalment għal persuni qiegħda b'ħiliet baxxi u li ilhom ħafna bla xogħol, huma inċentivi effettivi ħafna biex jiġi promoss il-ħolqien tal-impjiegi;

41. Jinnota li t-tibdil demografiku għandu impatt ċar fuq il-provvediment tal-infrastruttura soċjali, u jippreżenta sfida serja għall-ġenerazzjonijiet kollha fl-UE kollha kemm hi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li r-rwol tal-politiki ta' koeżjoni fl-indirizzar determinat tal-isfidi demografiċi għandu jiġi kkunsidrat aktar fl-istħarriġ tal-Kummissjoni.

42. Jenfasizza l-ħtieġa li jitwettqu r-riformi meħtieġa sabiex tiġi garantita s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet; jemmen li l-età tal-irtirar tista' tiġi vvalutata abbażi tal-evoluzzjoni tal-istennija tal-għomor b'saħħtu, iżda jfakkar li huwa possibbli li l-età attwali tal-irtirar tiżdied mingħajr ma tiżdied l-età mandatorja tal-irtirar billi jitnaqqas il-għadd tan-nies li jitilqu bikri mis-suq tax-xogħol; jemmen li biex l-etajiet effettivi tal-irtirar jiżdiedu b'suċċess, ir-riformi fis-sistemi tal-pensjonijiet jeħtieġ li jiġu akkumpanjati minn politiki li jillimitaw l-aċċess għall-iskemi tal-irtirar bikri u toroq oħra ta' ħruġ bikri, jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjiegi għall-ħaddiema aktar kbar fl-età, jiggarantixxu aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, jintroduċu politiki ta' benefiċċji tat-taxxa li jagħtu inċentivi biex dak li jkun jibqa' jaħdem għal aktar żmien, u jappoġġjaw it-tixjiħ b'saħħtu attiv;

43. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex jiġi żgurat li l-programmi ta' awsterità ma jxekklux il-miżuri tal-ħolqien tal-impjiegi u l-politiki tal-promozzjoni tat-tkabbir, u li ma jikkompromettux il-protezzjoni soċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprijoritizzaw l-infiq li jiffavorixxi t-tkabbir bħalma huma l-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-effiċjenza enerġetika, u fl-istess ħin jiżguraw l-effiċjenza ta' dan l-infiq;

44. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-istrumenti finanzjarji innovattivi tal-UE jistgħu jservu bħala katalisti għall-investiment immirat, jilħqu effett multiplikatur fuq il-baġit tal-UE u jżidu l-potenzjal tat-tkabbir tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għalhekk, tipprovdi informazzjoni dettaljata, aktar għajnuna u gwida lill-Istati Membri u lir-reġjuni rigward titjib fl-applikazzjoni ta' strumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni fl-2013 u tal-perjodu ta' programmar futur (2014-2020); jistieden lill-Istati Membri jimxu fil-passi tal-Kummissjoni u jindikaw ukoll b'mod ċar fil-programmi ta' riforma nazzjonali rispettivi tagħhom kif bi ħsiebhom jużaw l-allokazzjonijiet tal-Fond Strutturali biex jippromwovu l-prijoritajiet ta' titjib tat-tkabbir u tal-impjiegi bl-użu ta' strumenti finanzjarji;

45. Jilqa' l-attenzjoni mogħtija lill-isfruttament tal-potenzjal tal-ħolqien tal-impjiegi ta' setturi ewlenin bħalma huma l-industriji innovattivi, is-servizzi, l-ekonomija ekoloġika, il-kura tas-saħħa u dik soċjali (hekk imsejjaħ "is-settur l-abjad"), u s-settur tal-ICT fil-prijoritajiet tal-AGS għall-2013; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw inizjattivi li jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' dawn is-setturi b'potenzjal għoli ta' impjiegi;

46. Ifakkar li l-isfruttar sħiħ tal-potenzjal tal-ħolqien tal-impjiegi ta' dawn is-setturi l-ġodda se jitlob adattament, speċjalment tal-ħaddiema b'ħiliet baxxi u ta' dawk aktar kbar fl-età, u ħiliet ġodda; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jantiċipaw il-ħiliet meħtieġa f'dawn is-setturi u jiggarantixxu l-investimenti meħtieġa fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jiġu pprovduti dawk il-ħiliet;

47. Jiddispjaċih li assolutament mhumiex qed jissemmew il-passi biex tiġi implimentata l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2013; jikkunsidra li ż-żieda sinifikanti fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol hija kruċjali għall-kisba tal-mira ewlenija Ewropa 2020 għar-rata tal-impjiegi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiġu promossi rati ogħla ta' impjiegi fost in-nisa, bħall-kura affordabbli u l-kura tat-tfal, skemi adegwati ta' maternità, paternità u liv tal-ġenituri u flessibbiltà fil-ħinijiet tax-xogħol u postijiet tax-xogħol;

48. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-ambjent għan-negozji speċjalment għall-SMEs, u jistieden lill-Kummissjoni u l-Kunsill Ewropew jintensifikaw l-isforzi sabiex jittejjeb is-Suq Uniku, tittejjeb l-ekonomija diġitali u biex jiffokaw fuq regolamentazzjoni intelliġenti sabiex titnaqqas il-burokrazija mhux meħtieġa. jilqa' l-Att dwar is-Suq Uniku II u jitlob implimentazzjoni mgħaġġla u sħiħa tiegħu;

49. Jistieden lill-Kummissjoni biex il-governanza tas-Suq Uniku tagħmilha prijorità ewlenija, peress li tagħti kontribut sostanzjali biex jintlaħqu l-miri tas-Semestru Ewropew, jiġifieri għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u għall-impjiegi; huwa tal-fehma li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni speċifiċi għal kull pajjiż għandhom, fl-istess waqt, joffru lill-Istati Membri aktar soluzzjonijiet prattiċi biex jittejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku, ħalli jinħolqu appoġġ pubbliku u impenn politiku aktar b'saħħithom biex jitħeġġeġ l-ikkompletar għalkollox tas-Suq Uniku;

50. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rikonoxximent tal-importanza tal-aċċess għall-finanzjamenti għall-SMEs, li jikkostitwixxu l-pedament tal-impjiegi u tal-ħolqien tagħhom fl-UE u għandhom potenzjal konsiderevoli biex jiġġieldu l-qgħad fost iż-żgħażagħ u d-disparitajiet bejn is-sessi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu l-aċċess għall-finanzjamenti għall-SMEs prijorità assoluta fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom tat-tkabbir; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu aċċess faċli għall-Fondi Ewropej dedikati għal dan l-iskop;

51. Jirrikonoxxi l-importanza tal-kapaċità tal-kapital ta' self ikbar tal-BEI u jirrakkomanda li din tiġi allinjata mal-prijoritajiet tal-UE li huma ffokati sabiex jeliminaw id-disparitajiet reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw parti mill-allokazzjonijiet tal-Fondi Strutturali tagħhom sabiex jinqasmu r-riskji tas-self tal-BEI u tkun pprovduta

garanzija għas-self lill-SMEs u l-mikroimpriżi, b'hekk tintlaħaq iż-żieda tal-attività ekomomika fis-setturi u r-reġjuni kollha, u jkunu garantiti iktar opportunitajiet ta' impjiegi u jingħeleb in-nuqqas ta' aċċess għall-kreditu li qed ixekkel lill-SMEs bħalissa;

52. Jitlob lill-Istati Membri jippromwovu u jappoġġjaw l-intraprenditorija, inkluż l-intraprenditorija soċjali, u l-bidu ta' negozji, partikolarment permezz tal-programmi tal-iżvilupp tan-negozji u l-aċċess għall-finanzjament;

53. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-intraprenditorija soċjali tirċievi appoġġ qawwi skont il-Qafas Pluriennali 2014-2020, peress li dan il-qasam għandu potenzjal għoli evidenti għal impjiegi ġodda u għal tkabbir innovattiv;

54. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmobilizza għal kollox strumenti u appoġġ finanzjarju tal-UE biex jinkisbu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020; jitlob lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-Fondi Strutturali sabiex tittejjeb l-impjegabilità u jiġi miġġieled il-qgħad strutturali, fit-tul u taż-żgħażagħ b'mod effikaċi;

55. Jinnota li l-politika ta' koeżjoni, bħala għodda ewlenija ta' investiment tal-UE li twettaq rwol importanti fl-ambitu tal-Istrateġija Ewropa 2020 u li hija mmirata preċiżament għall-ħtiġijiet lokali, reġjonali u nazzjonali fir-rigward tal-investmenti, tikkontribwixxi mhux biss għat-tnaqqis tad-disparitajiet ta' bejn ir-reġjuni, iżda wkoll għall-irkupru ekonomiku tal-Istati Membri u biex iseħħu b'mod effikaċi t-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Istati Membri u fl-Unjoni in ġenerali; jinnota li dan jagħmel il-politika ta' koeżjoni waħda mill-aħjar stumenti disponibbli sabiex l-irkupru jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi, kif tipprevedi l-Kummissjoni fl-SAT 2013; huwa tal-fehma, f'dan ir-rigward, li kwalunkwe tnaqqis fil-baġit tal-politika ta' koeżjoni jista' jkollu konsegwenzi negattivi għall-miri tal-Ewropa 2020 u jinsisti, għalhekk, li fil-perjodu ta' programmar il-ġdid jiġi allokat livell adegwat ta'riżorsi lill-politika ta' koeżjoni, tal-inqas f'livell bħal dak li ġie miftiehem għall-perjodu ta' programmar attwali 2007-2013, u li jibqgħu jkunu koperti r-reġjuni kollha tal-UE;

56. Jilqa' r-rikonoxximent tal-Kummissjoni fl-SAT 2013 li l-kapaċitajiet amministrattivi għandhom jiżdiedu sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni aktar malajr tar-riżorsi tal-Fond Strutturali li għadhom ma ntefqux; jirrimarka li tali sforzi għandhom ikunu ffokati fuq l-awtoritajiet fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali; jenfasizza li żborżament aktar mgħaġġel ta' riżorsi ta' Fondi Strutturali li għadhom ma ntefqux jista' jsaħħaħ il-likwidità tas-suq;

57. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-politika reġjonali tibqa' twettaq rwol importanti fl-iżvilupp tal-programmi nazzjonali fl-ambitu tas-Semestru Ewropew u li tirrappreżenta għodda ewlenija biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti, fir-rigward tal-politiki soċjali u l-impjiegi, fuq perjodu ta' żmien medju sa żmien fit-tul;

58. Iqis li huwa essenzjali li l-politika ta' koeżjoni tikkontribwixxi biex jitnaqqsu d-disparitajiet kompetittivi interni u l-iżbilanċi strutturali permezz tal-possibiltà li tadatta ruħha għall-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet speċifiċi li jiġu identifikati fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali; jilqa', f'dan ir-rigward, l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex ikunu riprogrammati, fejn hu possibbli, ir-riżorsi li għadhom ma ntefqux tal-Fond Strutturali favur l-effiċjenza enerġetika, l-impjiegi taż-żgħażagħ u l-SMEs; jitlob li huwa jibqa' jinżamm infurmat debitament dwar l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva fil-livell nazzjonali;

***Impjiegi għaż-żgħażagħ***

59. Jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq tax-xogħol; jindika, f'dan ir-rigward, is-suċċess ta' "taħriġ vokazzjonali doppju" f'ċerti Stati Membri, li pprovda l-ogħla rata ta' impjiegi fost iż-żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea.

60. Iqis li huwa kruċjali li ż-żgħażagħ jiġu megħjuna jiksbu ħiliet b'mod aktar effettiv, ħaġa li teħtieġ kooperazzjoni u komunikazzjoni akbar bejn il-kumpaniji, il-gvernijiet u dawk li jipprovdu l-edukattivi;

61. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni li se tippreżenta pakkett għall-impjiegi taż-żgħażagħ; jitlob lill-Istati Membri jippromwovu u jiżviluppaw, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, Garanzija għaż-Żgħażagħ, bil-għan li kull persuna żagħżugħa fl-UE tiġi offruta xogħol, perjodu ta' taħriġ, taħriġ addizzjonali jew xogħol u taħriġ ikkumbinati wara perjodu massimu ta' 4 xhur qgħad; iqis li l-finanzjament mill-Unjoni, speċjalment il-FSE, għandu jwettaq rwol ewlieni fil-

kofinanzjament tal-Iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Istati Membri u lir-reġjuni assistenza teknika biex jimplimentaw tali skemi u jagħmlu użu tajjeb mill-FSE sabiex jiġu żviluppati l-Iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ; jenfasizza li s-sħab settorjali nazzjonali f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom iwettqu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ;

62. Jinnota li l-Iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ għandhom ikunu akkumpanjati minn qafas ta' kwalità sabiex tiġi żgurata l-kwalità ta' dawn l-iskemi u jiġi żgurat li t-taħriġ, il-perjodi ta' taħriġ u l-impjiegi offruti jkunu jinkludu kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa u jkunu konformi ma' standards tas-saħħa u tas-sikurezza; iqis li, f'dan il-qafas, iż-żgħażagħ kollha għandhom jirċievu valutazzjoni personalizzata tal-ħtiġijiet tagħhom, u jiġu pprovduti servizzi mfassla speċifikament għalihom u personalizzati;

63. Jilqa' s-suġġeriment tal-Kummissjoni li tiġi stabbilita sorveljanza multilaterali tal-implimentazzjoni tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ permezz tal-"Kumitat tal-Impjiegi" u biex il-Parlament jiġi assoċjat;

64. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tiġi proposta Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ; jitlob lill-Istati Membri u r-reġjuni jippromwovu intraprenditorija u impjieg indipendenti fost iż-żgħażagħ u jimplimentaw programmi ta' appoġġ ta' żvilupp tal-intraprenditorija speċifiċi u mmirati għaż-żgħażagħ;

65. Jenfasizza li, f'Jannar 2012, il-Kunsill Ewropew ressaq azzjoni pilota biex jgħin it-tmien Stati Membri bl-ogħla livelli ta' qgħad fost iż-żgħażagħ sabiex jallokaw mill-ġdid parti mill-allokazzjonijiet tal-fond strutturali tagħhom tal-UE biex jindirizzaw b'mod deċiżiv il-qgħad fost iż-żgħażagħ; jiddispjaċih li f'Mejju 2012 il-Kummissjoni baxxiet b'mod sinifikanti l-istimi dwar il-fondi disponibbli għar-riallokazzjoni minn EUR 82 biljun għal EUR 29 800 miljun u b'hekk naqqset l-ambitu tal-azzjonijiet pilota; jiddeplora l-fatt li huwa biss porzjon żgħir minn dawn il-fondi li sa issa ġie dirett mill-ġdid biex iż-żgħażagħ jiġu megħjuna jsibu impjieg;

66. Jilqa' l-proposta biex isir aktar użu mill-Fond Soċjali Ewropew għall-miżuri tal-impjieg taż-żgħażagħ fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020; jitlob l-użu ta' fondi tal-FSE biex miżuri relatati maż-żgħażagħ jiġu ffokati b'mod speċjali fuq perjodi ta' taħriġ/apprendistati u intraprenditorija; jilqa' r-ridistribuzzjoni ta' flejjes tal-Fond Strutturali li ma jkunux intefqu mill-perjodu finanzjarju tal-UE tal-2007-13 għall-għan li tiġi indirizzata r-rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ u l-promozzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

***Investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ***

67. Jenfasizza l-importanza li jittejbu l-ħiliet ta' monitoraġġ f'setturi u/jew reġjuni speċifiċi u li jiġu rimedjati dawn id-diskrepanzi fil-ħiliet malajr kemm jista' jkun; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkoperaw fl-elaborazzjoni tal-Panorama tal-Ħiliet tal-UE sabiex tiġi provduta deskrizzjoni komprensiva tal-ħtiġijiet tal-ħiliet tal-UE;

68. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jrawmu l-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn is-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ minn naħa u l-intrapriżi min-naħa l-oħra biex jantiċipaw il-ħiliet meħtieġa u jadattaw is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol bl-objettiv li l-forza tax-xogħol tiġi pprovduta l-ħiliet meħtieġa, abbażi tal-ambjenti tax-xogħol li jinbidlu u l-bżonnijiet individwali ta' forza tax-xogħol li qed tixjieħ, u li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol;

69. Jitlob lill-Istati Membri jipprovdu, bħala prijorità, għal investimenti fl-edukazzjoni, it-taħriġ, il-promozzjoni ta' ħiliet intraprenditorjali u t-tagħlim tul il-ħajja għall-gruppi tal-etajiet kollha, mhux biss permezz ta' tagħlim formali iżda anke permezz tal-iżvilupp ta' tagħlim mhux formali u informali; iwissi dwar l-ispejjeż soċjali u ekonomiċi fit-tul li jirriżultaw mit-tnaqqis fil-baġits tal-edukazzjoni u t-taħriġ peress li dan it-tnaqqis ixekkel il-possibilità li dak li jkun joħroġ mill-kriżi u jnaqqas il-kompetittività tal-ekonomiji tal-Istati Membri;

70. Jenfasizza l-fatt li l-użu ta' opportunitajiet ġodda ta' tagħlim u li jsir l-aħjar użu ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi akkwistati barra mill-edukazzjoni formali jista' jkollhom rwol importanti fit-titjib tal-impjegabbiltà; jissottolinja l-importanza ta' validazzjoni mhux formali u informali; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi ta' validazzjoni sal-2015, marbuta mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, inkluża l-possibbiltà li tinkiseb kwalifika sħiħa jew parzjali abbażi tat-tagħlim mhux formali jew informali;

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

71. Iħeġġeġ l-implimentazzjoni effettiva tal-Qafas ta' Kwalifiki Nazzjonali bħala għodda li tippromwovi l-iżvilupp tat-tagħlim tul il-ħajja; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex il-Passaport Ewropew tal-Ħiliet isir realtà sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u tiġi promossa l-mobilità transkonfinali tal-ħaddiema;

72. Jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità, il-kompetenza u l-istatus tal-għalliema bħala kundizzjoni indispensabbli (sine qua non) għal sistema Ewropea tal-edukazzjoni u t-taħriġ bi prestazzjoni għolja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiddedikaw l-isforzi u r-riżorsi meħtieġa għal dan l-għan;

***Swieq tax-xogħol aktar adattabbli, dinamiċi u inklussivi u impjieg ta' kwalità aħjar***

73. Jemmen li r-riformi tas-suq tax-xogħol għandhom jiġu mmirati lejn iż-żieda fil-produttività u l-kompetittività u, fl-istess ħin, is-salvagwardjar tal-kwalità tal-impjiegi; jistieden lill-Kunsill Ewropew jagħti attenzjoni għall-kwalità tal-impjiegi fil-gwida politika tal-2013 tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess tal-ħaddiema għal sett ewlieni ta' drittijiet tax-xogħol, kif minquxa fit-Trattati, u mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri;

74. Jemmen li r-riformi strutturali fis-suq tax-xogħol għandhom jintroduċu flessibbiltà interna biex jiġu sostnuti l-impjiegi fi żminijiet ta' tfixkil ekonomiku, u biex tiġi żgurata l-kwalità tal-impjiegi, is-sigurtà fit-tranżizzjonijiet tal-impjiegi, l-iskemi tal-benefiċċji tal-qgħad ibbażati fuq ir-rekwiżiti ta' attivazzjoni u konnessi ma' politiki ta' integrazzjoni mill-ġdid li jsostnu inċentivi tax-xogħol filwaqt illi jiġi żgurat introjtu suffiċjenti, arranġamenti kuntrattwali għall-ġlieda kontra s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, l-antiċipazzjoni ta' ristrutturar ekonomiku, u jiġi żgurat l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja;

75. Jitlob lill-Istati Membri jiġġieldu kontra l-eżistenza u l-proliferazzjoni ta' kundizzjonijiet prekarji tax-xogħol u impjieg indipendenti falz u biex jiġi żgurat li persuni b'kuntratti temporanji jew part-time jew li huma impjegati għal rashom ikollhom protezzjoni soċjali u aċċess għat-taħriġ adegwat;

76. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi fejn meħtieġ u bil-ħsieb li jippromwovu relazzjonijiet stabbli relatati mal-impjieg, jappoġġjaw u jiżviluppaw kundizzjonijiet biex jiġu offruti arranġamenti tax-xogħol aktar flessibbli flimkien ma' livelli adegwati ta' sigurtà soċjali, speċjalment għall-ħaddiema aktar kbar fl-età u ħaddiema aktar żgħażagħ, u jippromwovu l-mobilità volontarja tal-ħaddiema permezz ta' skemi ta' appoġġ għall-mobilità;

77. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-livell baxx ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-gruppi żvantaġġjati, inklużi persuni li jappartjenu għal minoranzi (eż. Roma) u persuni b'diżabbiltà, u jirrispettaw pagi għal għajxien deċenti fil-mumenti kollha;

78. Jitlob lill-Istati Membri jżidu l-kopertura u l-effikaċja ta' politiki attivi fis-suq tax-xogħol, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, li jkunu appoġġati b'mod reċiproku minn inċentivi ta' attivazzjoni, bħal pereżempju programmi għat-tranżizzjoni minn dipendenza fuq il-benefiċċji għas-suq tax-xogħol, u sistemi ta' benefiċċji adegwati sabiex tinżamm l-impjegabilità, jappoġġaw lill-persuni biex imorru lura għax-xogħol u jissalvagwardjaw il-kundizzjonijiet ta' għajxien deċenti;

79. Jitlob lill-Istati Membri jantiċipaw proċessi ta' ristrutturar bil-għan li jiġu salvati l-impjiegi, titrawwem il-mobilità interna u esterna u jiġu minimizzati l-effetti negattivi possibbli tal-proċessi tar-ristrutturar; jitlob lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod effettiv il-liġi nazzjonali u direttivi eżistenti tal-UE, bħad-Direttiva dwar is-Sensji Kollettivi, id-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi u d-Direttiva Qafas dwar l-Informazzjoni u l-Konsultazzjoni, filwaqt illi jitqies kif mistħoqq il-prinċipju tas-sussidjarjetà; jikkunsidra li l-fondi tal-UE għandu jkollhom rwol importanti biex jiġu evitati, minimizzati jew jittaffew effetti negattivi possibbli ta' proċessi ta' ristrutturar;

80. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw l-infurzar effettiv tad-Direttiva 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol;

81. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, bil-għan li japprofondixxu l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol Ewropew, jieħdu passi sabiex itejbu l-mobilità fi ħdan u fost is-swieq tax-xogħol billi jneħħu ostakli legali u amministrattivi għall-moviment liberu ta' ħaddiema fi ħdan l-UE bħar-restrizzjonijiet ta' tranżizzjoni tas-suq tax-xogħol għall-ħaddiema mir-Rumanija u l-Bulgarija u billi jtejbu d-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema li jagħmlu użu miid-dritt tagħhom għall-moviment liberu; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-użu tagħhom tal-EURES sabiex jittejjeb it-tqabbil tal- impjiegi u dawk li jfittxu l-impjiegi min-naħa għall-oħra tal-fruntieri;

82. Jiġbed l-attenzjoni għaż-żieda li seħħet fil-faqar u l-qgħad fost il-gruppi tal-etajiet kollha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, sabiex jadottaw impenji ġodda biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni, speċjalment fir-rigward tal-faqar fost il-persuni b'impjieg, il-faqar fost il-persuni b'rabtiet limitati jew l-ebda rabta mas-suq tax-xogħol, inklużi l-ħaddiema akbar fl-età li ilhom żmien twil qiegħda u l-faqar fost persuni akbar fl-età;

83. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li effetti negattivi ta' konsolidazzjoni fiskali fuq l-ugwaljanza tas-sessi, l-impjiegi tan-nisa u l-faqar fost in-nisa jinqalbu bl-adozzjoni ta' approċċ ta' integrazzjoni tal-ugwaljanza tas-sessi fil-baġits nazzjonali, bl-indirizzar ta' rakkomandazzjonijiet aktar b'saħħithom fir-rigward ta' kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-sessi lill-Istati Membri, u bid-diżaggregazzjoni tal-miri ewlenin tal-Ewropa 2020 u l-miri nazzjonali korrispondenti skont is-sessi;

### *Il-garanzija tal-kwalità ta' servizzi pubbliċi, il-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali*

84. Jitlob lill-Istati Membri jtejbu l-adegwatezza u l-effikaċja tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u jiżguraw li jkomplu jaġġixxu bħala protetturi kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; jinnota, fl-istess ħin, li l-Mudell Soċjali Ewropew jeħtieġ modernizzazzjoni fid-direzzjoni ta' "attivazzjoni tal-welfare states", li jinvestu fin-nies u jipprovdu strumenti u inċentivi bil-ħsieb li joħolqu impjiegi sostenibbli u tkabbir kif ukoll jipprevjenu d-distorsjonijiet soċjali;

85. Jitlob lill-Istati Membri jimplimentaw strateġiji attivi ta' inklużjoni u servizzi ta' kwalità għolja adegwati u affordabbli u approċċi direzzjonali għal impjiegi ta' kwalità bil-għan li jipprevjenu l-marġinalizzazzjoni ta' gruppi b'introjtu baxx u vulnerabbli;

86. Jitlob lill-Istati Membri jispeċifikaw fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali tagħhom kif il-fondi tal-UE se jintużaw biex jappoġġaw il-kisba tal-miri nazzjonali fir-rigward tal-faqar u miri oħra soċjali, tal-impjiegi u tal-edukazzjoni biex jiżguraw l-ilħuq tal-miri tal-Ewropa 2020;

87. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe riforma fis-sistema tas-saħħa tkun iffokata fuq it-titjib tal-kwalità u fuq l-iżgurar tal-adegwatezza, l-affordabilità u l-aċċess universali u l-garanzija tas-sostenibbiltà;

88. Jemmen li sussidji mmirati għall-proċess tat-tfittix tal-ħaddiema fost gruppi żvantaġġjati huma mod effettiv kif jiżdiedu l-livelli tal-parteċipazzjoni tagħhom fix-xogħol;

89. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-konsolidazzjoni fiskali tkun kompatibbli mad-dimensjoni tal-impjiegi u dik soċjali ta' Ewropa 2020;

90. Huwa mħasseb dwar l-impatt soċjali tal-kriżi fuq il-faqar fost in-nisa; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-effetti tal-konsolidazzjoni fiskali fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-impjiegi tan-nisa;

91. Jitlob lill-Istati Membri jiżviluppaw miżuri biex jitnaqqas il-faqar fost il-persuni b'impjieg, bħat-trawwim ta' livelli suffiċjenti ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ġo familji u l-iffaċilitar ta' tranżizzjonijiet 'il fuq għal dawk f'impjiegi bi ħlas baxx jew prekarji; jitlob lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar fost il-persuni b'impjiegi billi jsegwu politiki tas-suq tax-xogħol li jkollhom l-għan li jiżguraw pagi għall-għajxien għal dawk li jaħdmu;

92. Jistieden lill-Kummissjoni tersaq quddiem il-kumitati kompetenti tal-Parlament biex tippreżenta l-AGS kull sena fil-bidu ta' Novembru, ibda mill-4 sal-5 ta' Novembru 2013, ħalli jkun hemm biżżejjed żmien biex il-Parlament iressaq il-fehmiet tiegħu f'Semestri Ewropej sussegwenti;

### **Sforzi addizzjonali meħtieġa biex itejbu l-governanza, l-impenn u l-leġittimità demokratika**

93. Jistieden lill-Kunsill Ewropew u lill-Istati Membri jiżguraw li parlamenti nazzjonali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili jkunu involuti mill-qrib fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-gwida politika taħt l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-proċess ta' governanza ekonomika, sabiex jiżguraw is-sjieda;

94. Jistieden lill-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni jintegraw il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-għanijiet tal-impjiegi, dawk soċjali u dawk edukattivi tal-istrateġija Ewropa 2020 b'mod aktar effikaċi fis-Semestru Ewropew 2013;

95. Itenni l-appell tiegħu biex tiżdied il-leġittimità demokratika tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kunsill Ewropew biex jikkunsidra t-tħassib u l-proposti espressi mill-Parlament Ewropew meta jadotta l-gwida politika tal-2013 tiegħu;

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

96. Jistieden lill-Parlament biex jinvolvi ruħu b'mod xieraq fis-Simestru Ewropew bl-għan li jirrappreżenta l-interessi taċ-ċittadini u anke biex iżid il-leġittimità fir-rigward tal-politiki soċjali li għandhom jitwettqu mill-istati Membri;

97. Jixtieq jara r-rwol tal-parlamenti nazzjonali msaħħaħ fir-rigward tal-involviment tagħhom fil-proċess tat-tfassil tal-politika ekonomika u soċjali fil-qafas tas-Semestru Ewropew, sabiex tiżdied il-leġittimità tad-deċiżjonijiet meħuda;

98. Jitlob għall-involviment tas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili bil-għan li tiżdied l-adegwatezza u l-effikaċja tal-politiki soċjali;

o

o o

99. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

ANNESS

RAKKOMANDAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI LI GĦANDHOM JIĠU ADOTTATI MILL-KUNSILL EWROPEW FIL-GWIDA POLITIKA TIEGĦU

***Objettivi tal-Ewropa 2020***

**Ir-Rakkomandazzjoni 1: It-Twettiq tal-Objettivi tal-Ewropa 2020**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Twettaq l-objettivi kollha tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv;

L-impenji stabbiliti fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali 2013 iridu jkunu biżżejjed sabiex jilħqu l-objettivi Ewropa 2020.

L-Istati Membri għandhom jassenjaw b'mod aktar effettiv l-użu tal-baġits nazzjonali tagħhom għall-kisba tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020.

Jiġi garantit li livell suffiċjenti tal-fondi tal-UE huwa ddedikat għall-kisba tal-objettivi Ewropa 2020

***Il-ħolqien tal-impjiegi permezz ta' riformi strutturali u investimenti mmirati lejn it-tkabbir***

**Rakkomandazzjoni 2.1 dwar Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Impjiegi**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

L-Istati Membri għandhom jissottomettu Pjan Nazzjonali dwar l-Impjiegi (PNI) bħala parti mill-PRN tal-2013 tagħhom.

PNI iridu jinkludu:

— miżuri komprensivi għall-ħolqien tal-impjiegi u l-impjiegi ekoloġiċi, speċjalment is-setturi li għandhom potenzjal qawwi li joħolqu l-impjiegi,

— rabta bejn il-politiki dwar l-impjiegi u l-istrumenti finanzjarji,

— ir-riformi tas-swieq tax-xogħol, jekk ikunu meħtieġa,

— politiki attivi tas-suq tax-xogħol immirati lejn iż-żgħażagħ qiegħda, il-persuni qiegħda fit-tul, il-persuni qiegħda ta' età avvanzata u gruppi kollettivi vulnerabbli oħra,

— skeda ta' żmien preċiża għall-introduzzjoni tal-aġenda pluriennali tar-riformi tul it-12-il xahar li ġejjin u indikazzjoni kemm tal-oqsma kif ukoll tar-reġjuni li qegħdin jesperjenzaw skarsezzi u eċċessi ta' speċjalizzazzjonijiet;

**Rakkomandazzjoni 2.2 dwar riformi tat-taxxa fuq ix-xogħol**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

L-Istati Membri għandhom jadottaw riformi tat-taxxa fuq ix-xogħol li jagħtu inċentivi għall-impjiegi.

L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jnaqqsu t-tassazzjoni fuq ix-xogħol, speċjalment tnaqqis temporanju mmirat sew fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew skemi ta' sussidji tal-impjiegi għal rekluti ġodda, speċjalment fuq ħaddiema b'pagi baxxi u b'ħiliet baxxi, gruppi ta' persuni li ilhom qiegħda għal żmien twil u gruppi vulnerabbli oħra, filwaqt li jiżguraw is-sostenibilità tas-sistemi tal-pensjoni pubbliċi għal żmien fit-tul.

**Ir-Rakkomandazzjoni 2.3: il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Ttittrasforma x-xogħol informali u mhux iddikjarat f'impjieg regolari anki billi tiżdied il-kapaċità tal-ispezzjonijiet tax-xogħol.

**Ir-Rakkomandazzjoni 2.4: dwar sistemi tal-iffissar tal-pagi**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Timmodernizza s-sistemi tal-iffissar tal-pagi – fi ħdan qafas ta' djalogu soċjali u bil-parteċipazzjoni attiva tas-sħab soċjali, filwaqt li tirrispetta d-diversità tal-mudelli nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali – sabiex il-pagi jiġu allinjati max-xejriet tal-produttività fil-limiti ta' pagi għal għajxien diċenti,

**Ir-Rakkomandazzjoni 2.5: Riformi biex tiġi garantita s-sostenibbiltà ta' sistemi ta' pensjonijiet**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Jitwettqu r-riformi meħtieġa biex tiġi ggarantita s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet abbażi ta' dan li ġej:

— L-età tal-irtirar tista' tiġi vvalutata b'kunsiderazzjoni tal-evoluzzjoni tal-istennija tal-għomor b'saħħtu,

— L-età effettiva tal-irtirar tiżdied billi jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, jitnaqqas il-ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol (pereżempju billi jiġu introdotti politiki dwar il-benefiċċji tat-taxxa li jagħtu inċentivi biex dak li jkun jibqa' għal aktar żmien fix-xogħol) u l-ħaddiema jiġu megħjuna jagħmlu tranżizzjonijiet flessibbli mix-xogħol għall-irtirar,

— Il-politiki biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' impjiegi għall-ħaddiema li huma akbar fl-età, aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, u appoġġ għat-tixjiħ b'saħħtu attiv jeħtieġu jkunu fil-qalba tar-riformi fis-sistemi tal-pensjonijiet biex jiġu pprevenuti perjodi itwal ta' qgħad għall-ħaddiema li huma akbar fl-età;

**Recommendation 2.6 investimenti mmirati lejn it-tkabbir**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Programmi ta' awsterità m'għandhomx ixekklu l-miżuri tal-ħolqien tal-impjiegi u l-politiki dwar il-promozzjoni tat-tkabbir, u lanqas ma għandhom jikkompromettu l-protezzjoni soċjali.

L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-investimenti li jiffavorixxu t-tkabbir fl-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja, ir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll l-effiċjenza enerġetika.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

**Ir-Rakkomandazzjoni 2.7: l-isfruttar tal-potenzjal tal-ħolqien tal-impjiegi tas-setturi ewlenin bħall-ekonomija ekoloġika, il-kura tas-saħħa u soċjali, u l-ICT**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw inizjattivi u investimenti li jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' setturi li għandhom potenzjal għoli ta' impjiegi bħalma huma l-industriji innovattivi, l-ekonomija ekoloġika, is-servizzi, il-kura tas-saħħa u dik soċjali, u l-ICT.

Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jantiċipaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet f'dawn is-setturi u l-investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ biex jipprovdu dawn il-ħiliet u biex jiffavorixxu l-adattament ta' ħaddiema, speċjalment ħaddiema b'ħiliet baxxi u ħaddiema aktar anzjani.

**Ir-Rakkomandazzjoni 2.8: Riformi strutturali għall-promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi fost in-nisa**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Tiġi applikata l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-gwida politika li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew

Jiġu adottati l-miżuri meħtieġa biex jiġu promossi rati ogħla ta' impjiegi fost in-nisa, bħall-kura affordabbli u l-kura tat-tfal, skemi adegwati ta' maternità, paternità u liv tal-ġenituri u flessibbiltà fil-ħinijiet tax-xogħol u l-postijiet tax-xogħol;

**Ir-Rakkomandazzjoni 2.9: jitwettaq għal kollox is-Suq Uniku**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Il-Kummissjoni u l-Kunsill Ewropew għandhom isaħħu l-isforzi biex jitjieb is-Suq Uniku, biex tiżdied l-ekonomija diġitali u biex tingħata attenzjoni partikolari fir-rigward ta' regolamentazzjoni intelliġenti sabiex titnaqqas il-burokrazija żejda; L-Att dwar is-Suq Uniku II għandu jiġi implimentat mingħajr dewmien.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni speċifiċi għal kull pajjiż għandhom, fl-istess waqt, joffru lill-Istati Membri aktar soluzzjonijiet prattiċi biex itejbu l-funzjonament tas-suq uniku, ħalli jinħolqu appoġġ pubbliku u impenn politiku aktar b'saħħithom biex jitħeġġeġ l-ikkompletar għalkollox tas-suq uniku;

**Ir-Rakkomandazzjoni 2.10: Jittejjeb l-embjent għan-negozji, speċjalment għall-SMEs**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

L-Istati Membri għandhom iwettqu l-azzjonijiet leġiżlattivi u amministrattivi meħtieġa biex jittejjeb il-qafas għan-negozju, speċjalment għall-SMEs.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jadottaw aċċess għall-finanzjament għal SMEs bħala prijorità assoluta fl-aġenda tal-politika tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jippromwovu u jappoġġjaw l-intraprenditorija, inkluż l-intraprenditorija soċjali, u l-bidu ta' negozji, speċjalment permezz tal-programmi tal-iżvilupp tan-negozji u l-aċċess għall-finanzjament;

**Ir-Rakkomandazzjoni 2.11: jiġu mobilizzati għalkollox fondi tal-UE**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

*L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu sħiħ tal-Fondi Strutturali sabiex tiżdied l-impjegabilità u jiġi missielet b'mod effikaċi l-qgħad fost iż-żgħażagħ, dak strutturali u dak fit-tul u jintlaħqu l-objettivi tal-Ewropa 2020;*

Jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi biex iżżid ir-rata tal-kofinanzjament tal-Fondi Strutturali fil-każ ta' dawk l-Istati Membri bl-ogħla rati ta' qgħad, sabiex dawn jiġu megħjuna jagħmlu tajjeb għal-limitazzjonijiet fl-ispazju għall-immanuvrar tal-politiki nazzjonali tagħhom, u jiġu megħjuna fil-finanzjament ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra tfittex fondi ulterjuri għal dan il-għan minn sorsi oħra ta' finanzjament.

Jitlob li tal-anqas 25 % tal-Fondi ta' Koeżjoni jiġu allokati lill-FSE għall-ipprogrammar tal-2014 – 2020.

***Impjiegi għaż-żgħażagħ***

**Ir-Rakkomandazzjoni 3.1: Impjiegi għaż-żgħażagħ bħala prijorità**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Il-Kunsill Ewropew għandu jagħmel l-impjiegi għaż-żgħażagħ prijorità fil-gwida tal-politika tiegħu tal-2013. Il-Pjanijiet dwar l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ iridu jiġu ppreżentati mill-Istati Membri fi ħdan il-Programmi Nazzjonali dwar l-Impjiegi u l-Kummissjoni Ewropea għandha tissorvelja l-miri tal-politiki li jkun fihom.

Il-Miżuri biex jiġi miġġieled il-qgħad fost iż-żgħażagħ għandhom jinkludu:

— Miżuri tal-politika tas-suq tax-xogħol attivi u b'miri speċifiċi,

— L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jimplimentaw, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, Skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ bil-għan li kull persuna ta' taħt l-età ta' 25 sena fl-UE tirċievi offerta ta' kwalità tajba ta' impjieg, edukazzjoni kontinwa, perjodu ta' prattika jew apprendistat fi żmien erba' xhur minn meta tkun ġiet qiegħda jew tkun telqet mill-edukazzjoni formali; Il-finanzjament mill-Unjoni għandu jwettaq rwol ewlieni, speċjalment il-FSE, fil-finanzjament ta' dawn l-iskemi.

— Miżuri li jindirizzaw b'mod deċiżiv id-diskrepanzi tal-ħiliet li hemm fis-suq tax-xogħol, speċjalment permezz tal-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola jew minn skemi ta' perjodi ta' prattika u permezz tal-iżgurar li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jipprovdu liż-żgħażagħ ħiliet rilevanti b'mod effikaċi,

— Oqfsa li jiżguraw it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol,

— Il-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-impjieg indipendenti u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' negozji għaż-żgħażagħ li jkunu speċifiċi u mmirati.

**Ir-Rakkomandazzjoni 3.2: dwar iż-żgħażagħ li mhumiex f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEET)**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

L-Istati Membri, bis-sostenn tal-Istituzzjonijiet tal-UE, għandhom jiżviluppaw strateġiji komprensivi għaż-żgħażagħ li mhumiex f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEET);

L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jippromwovu u jiżviluppaw, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, Garanzija għaż-Żgħażagħ, bil-għan li kull persuna taħt l-età tal-25 sena fl-UE tiġi offruta xogħol, perjodu ta' taħriġ, taħriġ addizzjonali jew xogħol u taħriġ ikkumbinati wara perjodu massimu ta' 4 xhur qgħad;

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri u r-reġjuni b'assistenza teknika biex jagħmlu użu tajjeb mill-FSE sabiex jiġu żviluppati skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ;

**Ir-Rakkomandazzjoni 3.3: Aktar użu tal-fondi tal-UE fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Isir użu akbar tal-Fond Soċjali Ewropew għall-miżuri għall-impjiegi għaż-żgħażagħ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020;

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

Issir enfasi fuq l-użu ta' fondi tal-FSE għal miżuri relatati maż-żgħażagħ b'mod speċjali fuq il-perjodi ta' prattika/apprendistati u l-intraprenditorija.

***Investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ***

**Ir-Rakkomandazzjoni 4.1: L-indirizzar tad-diskrepanzi bejn il-ħiliet**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Jitwettaq monitoraġġ aħjar ta' ħtiġijiet ta' ħiliet f'setturi u/jew reġjuni speċifiċi u r-rimedju mgħaġġel ta' dawn id-diskrepanzi bejn il-ħiliet.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoperaw fl-elaborazzjoni tal-Panorama tal-Ħiliet tal-UE sabiex tiġi provduta deskrizzjoni komprensiva tal-ħtiġijiet tal-ħiliet tal-UE.

Jitrawmu l-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn is-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-intrapriżi biex jantiċipaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet u jkunu adattati s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, bil-għan li l-forza tax-xogħol tiġi provduta bil-ħiliet meħtieġa u biex tiġi faċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol;

Jiġi promoss l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja għall-gruppi tal-etajiet kollha, mhux biss permezz ta' tagħlim formali iżda anke permezz tal-iżvilupp tat-tagħlim mhux formali u informali.

Tiġi stabbilita sistema ta' validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali sal-2015 marbuta mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;

Jiġi implimentat b'mod effettiv il-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki u l-Passaport Ewropew tal-Ħiliet isir realtà.

**Ir-Rakkomandazzjoni 4.2: Investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Jiġi żgurat investiment effiċjenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ filwaqt illi tiġi segwita l-konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi.

Jiġu adottati miżuri u riżorsi biex jittejbu l-kwalità, il-kompetenza u l-istatus tal-għalliema.

***Swieq aktar adattabbli, dinamiċi u inklussivi u impjiegi ta' kwalità aħjar***

**Rakkomandazzjoni 5.1 dwar riformi tas-suq tax-xogħol**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Jiġu promossi riformi strutturali fis-suq tax-xogħol biex jiżdiedu l-produttività u l-effiċjenza tax-xogħol sabiex tittejjeb il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE u jiġu garantiti t-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi.

Ir-riformi fis-suq tax-xogħol għandhom jiġu bbażati fuq:

— L-introduzzjoni ta' flessibbiltà interna flimkien ma' livell adegwat ta' sigurtà soċjali, bl-objettiv li l-impjieg jiġi sostnut fi żminijiet ta' ċirkostanzi ekonomiċi ta' kriżi,

— L-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-kombinazzjoni tar-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-għoti ta' kura,

— L-iffaċilitar ta' tranżizzjonijiet pożittivi u sikuri minn impjieg għal impjieg u mill-qgħad għall-impjieg,

— Skemi ta' benefiċċji għall-qgħad ibbażati fuq ir-rekwiżiti ta' attivazzjoni u marbuta mal-politiki tax-xogħol effikaċi u attivi u li jsostnu inċentivi għax-xogħol filwaqt illi jiżguraw introjtu suffiċjenti,

— Ir-rispett strett tad-drittijiet tax-xogħol u d-drittijiet soċjali tal-ħaddiema,

— Il-ġlieda kontra s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u kontra x-xogħol prekarju,

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

— It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tad-Djalogu Soċjali fil-livell tal-UE.

— L-antiċipazzjoni tar-ristrutturar ekonomiku,

— Il-garanzija tal-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja,

— L-indirizzar tal-parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol tal-gruppi żvantaġġjati, inklużi persuni li jappartjenu għall-minoranzi (eż. Roma) u l-persuni b'diżabbiltà;

— Iż-żieda fil-provvista ta' ħaddiema billi jittejjeb it-tqabbil ġeografiku u tal-ħiliet mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol,

— Iż-żieda tal-kopertura u l-effikaċja tal-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, li jkunu appoġġati b'mod reċiproku minn politiki tas-suq tax-xogħol attivi, bħal pereżempju programmi għat-tranżizzjoni minn dipendenza fuq il-benefiċċji soċjali għas-suq tax-xogħol, u sistemi ta' benefiċċji adegwati sabiex tinżamm l-impjegabilità, jiġu appoġġjati l-persuni biex imorru lura għax-xogħol u jkunu salvagwardjati l-kundizzjonijiet tal-għajxien deċenti;

— It-titjib tal-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi u l-appoġġ u l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet għal arranġamenti tax-xogħol aktar flessibbli, speċjalment għall-ħaddiema aktar kbar fl-età u dawk aktar żgħażagħ.

__**Ir-Rakkomandazzjoni 5.2: Il-promozzjoni tal-mobilità ta' ħaddiema**__

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Jiġu adottati politiki u miżuri biex tiġi promossa l-mobilità fi ħdan u fost is-swieq tax-xogħol, pereżempju permezz ta' skemi ta' appoġġ tal-mobilità.

Jitneħħew ostakoli legali u amministrattivi u jitjiebu l-kundizzjonijiet ta' xogħol u s-sigurtà soċjali għas-sostenn tal-moviment liberu ta' ħaddiema fi ħdan l-UE sabiex tiġi approfondita l-integrazzjoni Ewropea fis-suq tax-xogħol.

L-Istati Membri għandhom iżidu l-użu tagħhom ta' EURES sabiex jittejjeb it-tqabbil ta' impjiegi u dawk li jfittxu l-impjiegi min-naħa għall-oħra tal-fruntieri;

__**Rakkomandazzjoni 5.3 dwar il-kwalità tal-impjiegi**__

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Il-Kunsill Ewropew għandu jagħti attenzjoni għall-kwalità tal-impjiegi fil-gwida politika tal-2013 tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess tal-ħaddiema għal sett ewlieni ta' drittijiet tax-xogħol, kif minquxa fit-Trattati, u mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri.

Jiġi ggarantit li riformi fis-swieq tax-xogħol jiġu implimentati b'tali mod li jippromwovu l-kwalità tal-impjiegi;

Jiġu miġġielda l-eżistenza u l-proliferazzjoni ta' kundizzjonijiet prekarji tax-xogħol u impjieg indipendenti falz u jiġi żgurat li persuni b'kuntratti temporanji jew part-time jew li huma impjegati għal rashom ikollhom protezzjoni soċjali u aċċess għat-taħriġ adegwat;

Jiġi żgurat l-infurzar effettiv tad-Direttiva 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol;

***Il-garanzija tal-kwalità ta' servizzi pubbliċi, il-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali***

__**Ir-Rakkomandazzjoni 6.1: Il-garanzija tal-kwalità tas-servizzi pubbliċi**__

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Jiġi żgurat li l-konsolidazzjoni fiskali tkun kompatibbli mad-dimensjoni tal-impjiegi u dik soċjali tal-Ewropa 2020 u ma tfixkilx il-provvista ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

Ir-riformi tas-sistema tas-saħħa għandhom jiffokaw fuq it-titjib fil-kwalità u l-iżgurar tal-adegwatezza, affordabbiltà u aċċess universali, u l-garanzija tas-sostenibbiltà.

**<u>Ir-Rakkomandazzjoni 6.2: Il-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali</u>**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Il-Kunsill Ewropew għandhu jagħmel prijorità fil-gwida politika tiegħu l-ġlieda kontra l-faqar u l-qgħad fost il-gruppi tal-etajiet kollha, speċjalment fil-faqar fost il-persuni b'impjiegi, il-faqar fost persuni b'rabtiet limitati jew bl-ebda rabta mas-suq tax-xogħol u l-faqar fost l-anzjani;

Tittejjeb l-adegwatezza u l-effikaċja tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u jiġi żgurat li dawn ikomplu jaġixxu bħala protetturi kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;

Jiġu implimentati strateġiji ta' inklużjoni attiva u servizzi ta' kwalità għolja adegwati u affordabbli u approċċi direzzjonali għal impjiegi ta' kwalità bil-għan li tiġi prevenuta l-marġinalizzazzjoni ta' gruppi b'introjtu baxx u vulnerabbli;

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effetti tal-konsolidazzjoni fiskali fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-impjieg u l-faqar fost in-nisa.

Jiġi żgurat li l-effetti negattivi tal-konsolidazzjoni fiskali fuq l-ugwaljanza tas-sessi, l-impjieg u l-faqar tan-nisa jinqalbu billi jiġu indirizzati lill-Istati Membri rakkomandazzjonijiet aktar b'saħħithom speċifiċi għas-sessi, u billi jiġu diżaggregati l-miri ewlenin tal-istrateġija UE 2020 u l-miri nazzjonali korrispondenti skont il-ġeneru.

Jiġu żviluppati politiki u miżuri biex jitnaqqas il-faqar fost il-persuni b'impjieg, bħat-trawwim ta' livelli suffiċjenti ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ġo familji u l-iffaċilitar ta' tranżizzjonijiet 'il fuq għal dawk maqbuda f'impjiegi bi ħlas baxx jew prekarji.

L-Istati Membri għandhom jiġġieldu kontra l-faqar fost il-persuni b'impjieg billi jsegwu politiki tas-suq tax-xogħol li jkollhom l-għan li jiżguraw pagi għall-għajxien għal dawk li jaħdmu.

L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' sussidji mmirati għall-proċess tat-tfittix tal-ħaddiema fost gruppi żvantaġġjati.

L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali tagħhom kif il-fondi tal-UE se jintużaw biex jappoġġaw il-miri nazzjonali fir-rigward tal-faqar u miri oħra soċjali, tal-impjiegi u tal-edukazzjoni, u jiżguraw l-ilħuq tal-miri tal-Ewropa 2020;

***Issir ħidma fuq il-konsolidazzjoni fiskali proporzjonata u differenzjata li tiffavorixxi t-tkabbir filwaqt li jkunu żgurati l-irkupru ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi***

**Ir-Rakkomandazzjoni 7: *Issir ħidma fuq il-konsolidazzjoni fiskali proporzjonata u differenzjata li tiffavorixxi t-tkabbir filwaqt li jkunu żgurati l-irkupru ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi***

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Timplimenta programmi ta' konsolidazzjoni fiskali, sabiex tiġi garantita s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, b'mod proporzjonat u ddivrenzjat li jiffavorixxi t-tkabbir li jippermetti li l-investimenti jilħqu l-istrateġija UE 2020 u tiġi użata sal-massimu l-flessibbiltà prevista mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Jiġu riveduti l-multiplikaturi fiskali biex tiġi evitata sottovalutazzjoni sistematika tal-effett tal-konsolidazzjoni fiskali fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi f'kuntest ta' reċessjoni;

Issir reviżjoni tar-ritmu tal-konsolidazzjoni sabiex isir iddivrenzjar fil-pajjiżi kollha skont l-ispazju fiskali tagħhom biex jiġu evitati l-effetti negattivi potenzjali fuq it-tkabbir u l-impjiegi, filwaqt li tiġi ggarantita s-sostenibbiltà tad-dejn;

Tiġi żgurata l-koerenza bejn il-prijoritajiet differenti fil-gwida politika tiegħu, sabiex il-konsolidazzjoni fiskali ma jikkompromettix il-potenzjal tat-tkabbir sostenibbli u tal-ħolqien tal-impjiegi, ma żżidx il-faqar u l-esklużjoni soċjali, jew tevita l-provvista tas-servizzi pubbliċi ta' kwalità.

Tinkiseb koerenza totali bejn il-konsolidazzjoni baġitarja u l-miżuri ta' riforma ekonomika proposti min-naħa l-waħda u t-tnaqqis tal-faqar u ż-żieda tar-rati ta' impjieg min-naħa l-oħra;

**Sforzi addizzjonali meħtieġa biex itejbu l-governanza, l-impenn u l-leġittimità demokratika**

**Ir-Rakkomandazzjoni 8: Tiżdied il-leġittimità demokratika għas-Semestru Ewropew**

*Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li trid tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew abbażi tal-AGS għandha timmira li:*

Jiġi żgurat li parlamenti nazzjonali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili jkunu involuti profondament fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-gwida politika taħt l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-proċess ta' governanza ekonomika, sabiex jiżguraw is-sjieda.

Il-Parlament Ewropew għandu jiġu involut b'mod xieraq fis-Semestru Ewropew.

Il-Kunsill Ewropew għandu jikkunsidra t-tħassib u l-proposti espressi mill-Parlament Ewropew meta jadotta l-gwida politika tal-2013 tiegħu.

---

P7_TA(2013)0054

## Il-governanza tas-Suq Uniku

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-governanza tas-Suq Eniku (2012/2260(INL))**

(2016/C 024/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26(3) tat-TFUE,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Gunju 2012 bit-titolu "Governanza Aqwa tas-Suq Uniku" (COM(2012)0259),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2012 bit-titolu "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013" (COM(2012)0750) u r-Rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "L-Istat ta' Integrazzjoni tas-Suq Uniku 2013 – Kontribuzzjoni għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013" (COM(2012)0752),

— wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew dwar Governanza Aħjar tas-Suq Uniku, bħala kontribut għall-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew, imwettaq mill-Unità tal-Valur Miżjud Ewropew tal-Parlament Ewropew u trasmess lill-Kumitat tiegħu dwar is-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur fis-7 ta' Frar 2013,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu: "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2010 bit-titolu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna – 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma" xulxin (COM(2010)0608),

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' April 2011 bit-titolu "L-Att dwar is-Suq Uniku – Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja – 'Flimkien għal tkabbir ġdid'" (COM(2011)0206),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "Att dwar is-Suq Uniku II – Flimkien għal tkabbir ġdid" (COM(2012)0573),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ġunju 2012 bit-titolu "Dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi – Sħubija għal tkabbir ġdid fis-servizzi 2012-2015" (COM(2012)0261),

— wara li kkunsidra r-rapport lill-President tal-Kummissjoni Ewropea minn Mario Monti tad-9 ta' Mejju 2010 bit-titolu "Strateġija ġdida għas-Suq Uniku – Li Taqdi l-Ħtiġijiet tal-Ekonomija u tas-Soċjetà tal-Ewropa",

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2011 bit-titolu "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (COM(2011)0144),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-President tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Ġunju 2012 bit-titolu "Lejn unjoni ekonomika u monetarja ġenwina", ir-rapport interim tat-12 ta' Ottubru 2012 u r-rapport finali tal-5 ta' Diċembru 2012 dwaru,

— wara li kkunsidra t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern Nru 23 (Settembru 2011) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-22 Mejju 2012 ([1]) dwarha,

— wara li kkunsidra t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern Nru 25 (Ottubru 2012),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2012 bit-titolu "Nagħmlu Suċċess mis-Suq Uniku – Kontroll annwali fuq il-governanza 2011" (SWD(2012)0025),

— wara li kkunsidra l-Konkluzjonijiet tal-Kunsill Kompetittività tat-30 u l-31 ta' Mejju 2012 dwar is-Suq Uniku Digitali u l-Governanza tas-Suq Uniku,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Kompetittività tal-10 u l-11 ta' Ottubru 2012 dwar l-Att dwar is-Suq Uniku,

— wara li kkunsidra l-Konkluzjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 u d-29 ta' Gunju 2012,

— wara li kkunsidra l-Konkluzjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ottubru 2012,

— wara li kkunsidra l-kontribuzzjoni u l-konklużjonijiet tat-tmienja u erbgħin Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (COSAC) mill-14sas-16 ta' Ottubru 2012,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar ir-realizzazzjoni tas-suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar governanza u sħubija fis-suq uniku ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2012 bit-titolu "L-Att dwar is-Suq Uniku – Il-Passi li Jmiss għal Tkabbir" ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2011 dwar suq tal-konsumaturi aktar effiċjenti u aktar ġust ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 42 u 48 tar-Regoli ta' Procedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Harsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Socjali kif ukoll tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0019/2013),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0211.
([2]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 84.
([3]) ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 51Texts
([4]) Testi adottati, P7_TA(2012)0258.
([5]) ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 9.

A. billi Suq Uniku effettiv u li jiffunzjona tajjeb, ibbażat fuq ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, huwa meħtieġ aktar minn qatt qabel sabiex jagħti spinta lit-tkabbir u lill-kompetittività u biex jinħolqu l-impjiegi sabiex l-ekonomija tal-Ewropea terġa' tieħu r-ruħ; billi s-Suq Uniku għandu jaħdem għal dak l-objettiv billi jipprovdi rispons konkret għall-kriżi filwaqt li jiżgura s-sikurezza tal-konsumaturi u jheġġeġ il-koeżjoni soċjali;

B. billi s-Suq Uniku għandu rwol indispensabbli fl-ilħuq tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv;

C. billi, 20 sena wara l-ħolqien uffiċjali tiegħu, is-Suq Uniku għadu ma tlestiex għalkollox, prinċipalment minħabba li l-Istati Membri għadhom ma ttrasponewx jew għadhom ma implimentawx bis-sħiħ madwar 1 500 direttiva u madwar 1 000 regolament;

D. billi hemm ħtieġa urġenti li tissaħħaħ il-governanza tas-Suq Uniku u li jittejbu t-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli li jirregolawh;

E. billi s-Suq Uniku għandu jitlesta bl-ikbar determinazzjoni u kemm jista' jkun malajr, filwaqt li jinżamm bilanċ meħtieg bejn id-dimensjoni ekonomika, soċjali u ambjentali tiegħu;

F. billi s-Suq Uniku m'għandux jiġi maqtugħ minn politiki orizzontali oħra, bħall-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-ħaddiema, id-drittijiet soċjali, l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli;

G. billi t-tlestija tas-Suq Uniku Ewropew tifforma l-bażi għat-tlestija tal-proċess ta' integrazzjoni politika u ekonomika tal-Unjoni Ewropea u tipprovdi r-rabta meħtieġa bejn l-Istati Membri kollha, kemm dawk membri taż-żona tal-euro kif ukoll dawk li mhumiex;

H. billi governanza tajba tas-Suq Uniku u aktar żvilupp tar-reġjuni jikkumplimentaw lil xulxin, jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-prospetti għal tkabbir lokali u reġjonali u joħolqu b'mod konġunt Ewropa b'saħħitha li l-karatteristiċi tagħha jkunu l-koezjoni u l-kompetittività; billi, b'mod partikolari, il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea hija bbażata fuq kunċetti simili għas-Suq Uniku f'termini tal-promozzjoni ta' interazzjonijiet transkonfinali u benefiċċju reċiproku minn infrastrutturi, investimenti u swieq reġjonali u lokali; billi s-Suq Uniku jista' jissaħħaħ aktar billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-swieq, tiġi kkonsolidata l-kooperazzjoni territorjali transkonfinali u billi jiġu ffaċilitati l-attivitajiet u l-finanzjament tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qafas tal-ftehimiet territorjali;

I. billi, minkejja l-impenji politiċi li ngħataw fl-ogħla livell u l-isforzi li saru mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, id-defiċit medju tat-traspożizzjoni żdied minn 0,7 % fl-2009 għal 1,2 % fi Frar 2012 u, wara xi progress f'dawn l-aħħar xhur, issa laħaq 0,9 %; billi jeħtieġ li jsiru aktar sforzi peress li dak id-defiċit iwassal għal nuqqas ta' fiduċja fl-Unjoni inġenerali u fis-Suq Uniku b'mod partikolari;

J. billi s-Suq Uniku bħala s-sinsla tal-Unjoni, u l-funzjonament tajjeb tiegħu bħala l-bażi u l-qafas għal irkupru ekonomiku u soċjali fl-Ewropa, huma ta' importanza kbira; billi f'dak il-kuntest ir-rispett għad-drittijiet soċjali, f'konformità mal-liġi nazzjonali u l-prassi li jirrispettaw il-liġi tal-Unjoni, huwa indispensabbli;

K. billi, kif indikat fit-Tabelli ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur u l-eżami tal-integrazzjoni tas-Suq Uniku għall-erba' libertajiet, żieda fil-kompetizzjoni li tirriżulta mill-proċess ta' integrazzjoni sservi ta' inċentiv qawwi biex tiġi offruta varjetà aktar mifruxa ta' prodotti irħas u ta' kwalità aktar għolja għall-konsumaturi Ewropej;

L. billi l-kisbiet ekonomiċi potenzjali minn implimentazzjoni sħiħa u kif suppost tad-Direttiva 2006/123/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern [1] jammontaw għal potenzjal ta' tkabbir ta' bejn 0,8 % u 2,6 % tal-prodott domestiku gross (PDG), li jimmaterjalizza bejn ħames u għaxar snin wara l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva;

---

[1] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

M. billi l-Kummissjoni tistma li l-Unjoni tista' tikseb 4 % addizzjonali tal-PDG fuq l-għaxar snin li jmiss billi tistimula l-iżvilupp rapidu tas-Suq Uniku;

N. billi l-istrateġija tas-Suq Uniku għandha tiġi kkoordinata u bbażata fuq ftehim pragmatiku, komprensiv u mifrux appoġġjat mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej kollha; billi għadha tinħtieġ tmexxija b'saħħitha min-naħa tal-istituzzjonijiet Ewropej kollha u sjieda politika ċara min-naħa tal-Istati Membri sabiex jiġu implimentati u infurzati bis-sħiħ id-direttivi u r-regolamenti relatati mas-Suq Uniku, u biex tiżdied il-kredibbiltà tas-Suq Uniku u l-fiduċja fih;

O. billi l-President tal-Kunsill Ewropew enfasizza, fir-rapport tiegħu msemmi hawn fuq tas-26 ta' Ġunju 2012, l-importanza ta' kompatibilità sħiħa mas-Suq Uniku kif ukoll ta' ftuħ u trasparenza fil-proċess lejn unjoni ekonomika u monetarja aktar profonda; billi, fir-rapport finali tal-5 ta' Diċembru 2012, il-President tal-Kunsill Ewropew enfasizza aktar l-importanza, fuq perjodu qasir, li jitlesta s-Suq Uniku peress li jservi ta' strument b'saħħtu għall-promozzjoni tat-tkabbir;

P. billi azzjonijiet konkreti, kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-Unjoni, għadhom meħtieġa sabiex tiġi implimentata bis-sħiħ il-libertà tal-moviment ta' oġġetti, persuni, servizzi u kapital fl-Unjoni Ewropea; billi l-ftuħ ta' opportunitajiet ġodda tan-negozju għall-kumapniji, b'mod partikolari l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), anke permezz ta' applikazzjoni rigoruża tat-test tal-SMEs fi ħdan il-valutazzjonijiet tal-impatt kif imwettqa mill-Kummissjoni u l-Parlament, il-progress rapidu fir-rigward tal-aġenda ta' regolamentazzjoni intelliġenti u leġiżlazzjoni adattata apposta għal tipi differenti ta' kumpaniji, fejn xieraq, u mingħajr ma jiddgħajfu l-objettivi ġenerali bħas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, jista' jigħin ukoll biex l-ekonomiji tal-Ewropa jerġgħu jieħdu r-ruħ;

Q. billi, fil-kuntest tas-Suq Uniku, għandu jiġi rikonoxxut ir-rwol siewi ta' punti uniċi ta' servizz, fosthom dawk elettroniċi u fiżiċi, li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u l-ispejjeż ta' tranżazzjoni, itejbu l-effiċjenza, jiftħu s-suq, itejbu t-trasparenza u l-kompetizzjoni, u jwasslu għal inqas infiq pubbliku u għal aktar opportunitajiet biex in-negozji, inklużi SMEs u mikroimpriżi, ikollhom aċċess għas-swieq u jżommu u joħolqu impjiegi ġodda;

***Leġiżlazzjoni aħjar***

R. billi l-Kummissjoni għandha timmira għal koordinazzjoni u koerenza aktar orizzontali fit-tħejjija ta' proposti leġiżlattivi li huma relevanti għas-Suq Uniku; billi l-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjonijiet tal-impatt fil-fond, li jinkludu valutazzjonijiet tal-impatt fuq it-territorji, fejn tistabbilixxi argumenti konvinċenti għall-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni dwar is-Suq Uniku qabel ma tadotta proposti leġiżlattivi;

S. billi l-Kummissjoni għandha, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà u kull fejn ikun xieraq, u prinċipalment fejn ma jkun hemm l-ebda ħtieġa għal aktar diskrezzjoni fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, tagħżel regolamenti aktar milli direttivi bħala l-istrument legali ppreferut għar-regolamentazzjoni tas-Suq Uniku;

T. billi l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jintroduċu "test tas-Suq Uniku" fil-livell nazzjonali bil-għan li jiġi vvalutat jekk kwalunkwe leġiżlazzjoni ġdida adottata fil-livell nazzjonali jistax ikollha impatt negattiv fuq il-funzjonament effettiv tas-Suq Uniku; billi l-Kummissjoni għandha tqis il-vijabbiltà ta' sistema ta' notifika għal abbozzi ta' liġijiet nazzjonali li jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-funzjonament tas-Suq Uniku, biex b'hekk tissupplimenta l-proċedura stipulata fid-Direttiva 98/34/KE għall-ħolqien ta' strument orizzontali, biex tissaħħaħ in-natura preventiva tagħha meta l-Kummissjoni tressaq opinjoni dettaljata dwar abbozz ta' liġi biex tiżgura l-applikazzjoni tagħha sabiex tirrimedja l-applikazzjoni mhux sodisfaċenti ta' leġiżlazzjoni tal-UE fil-livell lokali;

U. billi huwa essenzjali li kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri titwettaq b'mod effiċjenti, effikaċi u kosteffikaċi, kif inhu l-każ bis-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI); billi l-IMI għandha tintuża dejjem, anki f'oqsma oħra, sabiex tissaħħaħ il-funzjonalità tagħha u titnaqqas il-burokrazija, biex tiżdied it-trasparenza u biex l-atturi kollha fis-Suq Uniku jkunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ mill-benefiċċji li tipprovdi;

***Traspozizzjoni, implimentazzjoni u applikazzjoni aħjar***

V. billi kull Stat Membru għandu jittrasponi kull direttiva b’mod konsistenti u jadotta l-miżuri ta’ traspożizzjoni kollha relatati ma’ att sħiħ leġiżlattiv tal-Unjoni b’mod konġunt u f’daqqa, sabiex jiġi żgurat li t-traspożizzjoni nazzjonali ta’ dak l-att tirrifletti l-kompromess li ntlaħaq fl-livell tal-Unjoni, peress li traspożizzjoni ħażina u tard tfixkel kompetizzjoni fis-Suq Uniku u tostakola liċ-ċittadini u lin-negozji milli jieħdu vantaġġ bis-sħiħ mis-Suq Uniku;

W. billi jeħtieġ li tinkiseb aktar trasparenza fl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-ligi tal-Unjoni fl-Istati Membri; billi tabelli ta’ korrelazzjoni se jservu ta’ strument dejjem aktar utli f’Suq Uniku integrat sabiex tigi riflessa t-traspozizzjoni nazzjonali tar-regoli tal-Unjoni u billi l-Kummissjoni għandha għalhekk titlob dawn it-tabelli aktar ta’ spiss;

***Monitoraġġ tal-implimentazzjoni***

X. billi l-iskambju ta’ esperjenza u l-aħjar prattika bejn l-Istati Membri huwa kruċjali sabiex wieħed jifhem il-mekkaniżmi nazzjonali għall-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-bqija tal-ostakoli għas-Suq Uniku; billi l-Istati Membri għandhom jagħmlu skambju tal-informazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni qabel it-traspożizzjoni sabiex jiżguraw traspożizzjoni korretta u jipprevjenu l-frammentazzjoni; billi l-monitoragg tal-implimentazzjoni tal-ligijiet tal-Unjoni huwa waħda mill-kompetenzi ewlenin tal-Kummissjoni u tal-ħaddiema tac-civil tagħha; billi, sabiex tissodisfa l-impenji tagħha biex tgħin lill-Istati Membri bit-trażpożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista’ tibda u tikkoordina netwerk ta’ ħaddiema taċ-ċivil inkarigati mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida kollha tal-Unjoni lil hinn minn SOLVIT, u b’hekk tipprovdi pjattaforma għall-iskambju u l-analiżi bejn il-pari għal kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, sabiex tittejjeb il-kwalità globali tal-implimentazzjoni u jiġu solvuti problemi li jikkonċernawl-implimentazzjoni mill-Istati Membri; billi għandu jiġi promoss skambju ta’ ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali inkarigati mill-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni bejn l-Istati Membri, sabiex jitheġġeġ fluss aħjar ta’ informazzjoni u tal-aħjar prassi;

Y. billi statistici purament kwantitattivi dwar l-implimentazzjoni ta’ legizlazzjoni dwar is-Suq Uniku ma jippermettux kejl tal-kwalità tal-implimentazzjoni u l-impatt partikolari fuq is-Suq Uniku ta’ strumenti ewlenin specifici; billi evalwazzjoni politika u kwalitattiva tal-implimentazzjoni u l-progress tas-Suq Uniku hija għalhekk meħtieġa, partikolarment fir-rigward tar-rilevanza ekonomika tal-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar is-Suq Uniku u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti;

Z. billi din l-evalwazzjoni għandha tiddifferenzja bejn in-nuqqas ta’ traspożizzjoni, li huwa nuqqas identifikabbli b’mod ċar mill-Istat Membru, u l-possibbiltà ta’ nonkonformità li jista’ jkun ibbażat fuq interpretazzjoni u fehim differenti tal-liġi tal-Unjoni; billi t-Trattati jipprevedu li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss tista’, fl-aħħar mill-aħħar u pubblikament tistabbilixxi n-nonkonformità tal-liġi nazzjonali mal-liġi tal-Unjoni; billi, għalhekk, l-ebda istituzzjoni oħra ma tista’ tiddikjara nonkonformità ta’ dan it-tip; billi l-Parlament għandu jiġi pprovdut kull sena b’lista ta’ leġiżlazzjoni tal-Unjoni mhux trasposta jew mhux trasposta b’mod korrett fl-Istati Membri kkonċernati;

AA. billi forom ta’ kundizzjonalità fil-Fondi Strutturali relatati mat-traspożizzjoni ta’ direttivi dwar is-Suq Uniku fl-Istati Membri għadhom qed jiġu negozjati fil-proċess leġiżlattiv għall-adozzjoni ta’ Regolamenti ġodda; billi tali miżuri għandhom jintużaw biss meta ma jkunx fadal għażla oħra, u billi l-użu tal-lieva tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni biex jipprovdi inċentivi għat-traspożizzjoni f’waqtha ta’ regoli dwar is-Suq Uniku għandu jiġi bbilanċjat sew;

***Infurzar aħjar***

AB. billi, sabiex titjieb il-governanza tas-Suq Uniku, għandu jkun hemm politika ta’ ‘tolleranza żero fir-rigward tal-Istati Membri li ma jimplimentawx ir-regoli tas-Suq Uniku b’mod xieraq;

AC. billi proċedimenti ta’ ksur, kif stabbiliti fl-Artikolu 258 tat-TFUE, u kif implimentati mill-Kummissjoni, ma jippermettux nuqqasijiet fl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta’ dispożizzjonijiet tas-Suq Uniku fl-Istati Membri li jridu jiġu indirizzati u kkoreġuti malajr;

AD. billi l-proċeduri ta’ ksur spiss urew serje ta’ limitazzjonijiet konnessi mal-adegwatezza fl-issodisfar tal-aspettattivi tal-konsumaturi individwali u tan-negozji, u billi jeħtieġ li jiġi stabbilit strument ta’ rikors uniku fil-livell tal-Unjoni li jkun rapidu u ekonomikament aċċessibbli;

AE. billi l-Istati Membri u l-Kunsill Ewropew għandhom għalhekk ikomplu jiżviluppaw aktar il-proċedimenti ta' ksur fil-qafas ta' reviżjonijiet futuri tat-TFUE; billi fl-istess ħin għandu jsir kull sforz lejn użu aktar strinġenti tal-proċedimenti ta' ksur għal każijiet ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tas-Suq Uniku; billi f'dak il-kuntest proċeduri aktar mgħaġġla fi ħdan il-Kummissjoni u, fejn xieraq, rikors għal proċedimenti interim quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, f'konformità mal-Artikolu 279 tat-TFUE, għandhom jiġu applikati b'mod aktar attiv; billi xi atti legali tal-Unjoni jipprevedu miżuri provviżorji li jistgħu jittieħdu mill-qrati nazzjonali biex jipprevjenu ksur imminenti, bħal inġunzjonijiet; billi dan jista' jservi bħala mudell għal proċeduri aktar effiċjenti u billi l-użu ta' tali miżuri provviżorji għandu għalhekk jitqies fl-oqsma kollha relevanti;

AF. billi l-użu tal-EU Pilot kellu riżultati pożittivi fl-iżgurar tal-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-Unjoni u qed jipprovdi soluzzjonijiet aktar rapidi għal problemi li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini u n-negozji; billi l-Kummissjoni għandha għalhekk tippromwovi l-użu tal-EU Pilot u ttejjeb aktar l-effettività tiegħu, sabiex tidentifika u tikkoreġi aħjar il-ksur tar-regoli tas-Suq Uniku mingħajr il-ħtieġa li tuża proċeduri ta' ksur li jieħdu ż-żmien;

AG. billi SOLVIT għandu rwol importanti bħala strument għas-soluzzjoni tal-problemi ewlenin fil-livell nazzjonali u għalhekk biex jiżgura konformità aħjar mal-liġi tal-Unjoni marbuta mas-Suq Uniku, iżda l-potenzjal tas-SOLVIT għadu ma ġiex sfruttat bis-sħiħ; billi għandhom jitħeġġew azzjonijiet konkreti li jtejbu l-viżibbiltà ta' SOLVIT u aktar komunikazzjoni intensiva liċ-ċittadini Ewropej dwar SOLVIT, sabiex jiġi sfruttat aħjar il-potenzjal tiegħu, mingħajr ma jinqabeż il-baġit kurrenti; billi għandhom isiru aktar sforzi biex SOLVIT jiġi integrat aħjar fil-firxa ta' servizzi ta' għajnuna u strumenti ta' infurzar disponibbli fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni; billi, fl-istess sens, titjib rigward l-użu faċli u ċ-ċarezza tal-informazzjoni tal-Punti ta' Kuntatt Uniku fl-Istati Membri huwa meħtieġ;

AH. billi l-Kummissjoni għandha tirrinforza l-azzjonijiet tagħha fl-iżgurar tal-implimentazzjoni kif suppost u l-infurzar tar-regoli kollha adottati fl-Istati Membri, filwaqt illi tirreaġixxi b'mod aktar mgħaġġel għal avviżi u lmenti dwar l-implimentazzjoni mhux korretta tal-liġi tal-Unjoni u tieħu l-passi meħtieġa sabiex jitneħħew inkonsistenzi eżistenti;

AI. billi jeħtieġ li l-Kummissjoni – wara evalwazzjoni politika – tagħmel użu sod mis-setgħat kollha tagħha u tisfrutta għalkollox il-mekkaniżi kollha ta' sanzjonar għad-dispożizzjoni tagħha;

AJ. billi s-sweeps tal-UE, li huma azzjonijiet ta' monitoraġġ ikkoordinati mill-Kummissjoni u eżegwiti fl-istess ħin fl-Istati Membri minn awtoritajiet nazzjonali rilevanti, taw prova li huma għodda utli sabiex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu jistgħu jimmonitorjaw b'azzjonijiet konġunti l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-Suq Uniku fl-Istati Membri; billi sweeps riċenti żvelaw konformità fqira mar-regoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fis-settur bankarju fl-Unjoni kollha; billi, għalhekk, il-Kummissjoni għandha toffri użu aktar estensiv ta' sweeps tal-UE lill-Istati Membri sabiex tiġi ffaċilitata s-sorveljanza b'mod partikolari minn awtoritajiet nazzjonali inqas attrezzati u anqas imħejjija; billi l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet sweep tal-UE f'oqsma oħra għandhom jiġu kkunsidrati u billi sweeps tal-UE għandhom jiġu estiżi wkoll għal prodotti u servizzi offlajn;

***Atti dwar is-Suq Uniku***

AK. billi l-Atti dwar is-Suq Uniku jagħmlu parti mill-isforzi għat-tisħiħ tal-governanza tas-Suq Uniku permezz ta' titjib u koordinazzjoni aħjar b'mod partikolari tal-fażi preleġiżlattiva;

AL. billi l-metodu ċikliku tal-preżentazzjoni ta' Atti dwar is-Suq Uniku għandu jitqies b'mod pożittiv, minħabba li jippermetti l-identifikazzjoni u d-diskussjoni tal-prijoritajiet għall-iżvilupp tas-Suq Uniku fuq bażi regolari;

AM. billi l-Att dwar is-Suq Uniku kkostitwixxa strateġija trażversali importanti għar-rimedju ta' nuqqasijiet kbar li fadal tas-Suq Uniku; billi din l-istrateġija ddeterminat b'mod orizzontali miżuri konkreti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li jistgħu jirrilaxxaw potenzjali ta' tkabbir mhux użati u jneħħu ostakli għas-Suq Uniku; billi jidher li f'dan ir-rigward sar xi progress fil-proposti ppreżentati mill-Kummissjoni, iżda għadhom jinħtieġu aktar sforzi f'termini ta' prospettiva fit-tul; billi l-Kummissjoni għandha ssegwi, bħala prijorità, il-proposti li diġà jinsabu fl-Att dwar is-Suq Uniku, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-istrument orizzontali għas-sorveljanza tas-suq u t-trasparenza tal-imposti bankarji u informazzjoni mhux finanzjarja minn negozji;

AN. billi l-Att dwar is-Suq Uniku II ikompli b'dan l-approċċ billi jidentifika netwerks integrati, il-mobilità taċ-ċittadini u n-negozji, l-ekonomija diġitali u l-intraprenditorija soċjali flimkien mal-fiduċja tal-konsumatur bħala l-erba' assi għal tkabbir fil-ġejjieni; billi proposti leġiżlattivi li jiżguraw id-dritt ta' aċċess għal kont bankarju bażiku, ir-reviżjoni tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern ([1]) u l-iffaċilitar ta' investiment fit-tul fl-ekonomija reali jistgħu jagħmlu kontribut importanti f'dan ir-rigward; billi l-Kummissjoni, meta tipproponi l-miżuri, u l-Parlament u l-Kunsill, meta jiddiskutuhom, għandhom jevalwaw bir-reqqa kull waħda mill-miżuri maħsuba u l-potenzjali tagħhom sabiex tinkiseb ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ferm u għandhom jaħdmu għal adozzjoni rapida;

AO. billi l-Att dwar is-Suq Uniku għandu jindirizza l-problemi soċjoekonomiċi tal-Unjoni u jiffavorixxi suq li jkun għas-servizz taċ-ċittadini;

AP. billi l-għan tal-approċċi orizzontali tal-ġejjieni għandu jkun it-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mis-soluzzjonijiet diġitali u biex tiġi żgurata l-kompetittività tan-negozji fl-Unjoni;

***Oqsma prinċipali***

AQ. billi l-Kummissjoni tipproponi li timmira l-attivitajiet tagħha lejn oqsma principali u strumenti specifici; billi, madankollu, tinħtieġ enfasi aktar qawwija fuq numru limitat ta' strumenti u azzjonijiet sabiex jinkiseb titjib tanġibbli fl-applikazzjoni tar-regoli tas-Suq Uniku; billi s-Suq Uniku Diġitali, is-settur tas-servizzi, is-settur tal-enerġija, l-akkwist pubbliku, ir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll il-protezzjoni tal-konsumatur u l-mobbiltà akbar taċ-ċittadini, b'mod partikolari il-ħaddiema u l-professjonisti, huma fost l-oqsma ewlenin l-aktar importanti għat-tkabbir;

AR. billi dawn l-oqsma u l-istrumenti ewlenin jistgħu jiġu riveduti fuq bażi annwali sabiex l-iżviluppi attwali fl-Istati Membri, u b'mod partikolari fl-oqsma li huma ekonomikament l-aktar relevanti għas-Suq Uniku, kif turi valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza, ikunu riflessi u meqjusa kif xieraq fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni; billi l-metodoloġija għad-definizzjoni tal-oqsma ewlenin għat-titjib tal-funzjonament tas-Suq Uniku għandha tiġi riveduta regolarment, filwaqt li jitqiesu l-miri tat-tkabbir u l-prospetti ta' tkabbir;

AS. billi l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jiffukaw fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapida ta' miżuri leġiżlattivi marbuta mal-oqsma ewlenin, li huma essenzjali għat-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol, kif enfasizzat fil-Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi;

AT. billi għandhom jittieħdu iktar passi lejn regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji li tipprovdi informazzjoni adegwata u protezzjoni għall-konsumaturi, tippermetti evalwazzjoni trasparenti ta' prodotti finanzjarji, b'mod partikolari dawk riskjużi, u li tippermetti l-possibilità ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim u mezzi li jiggarantixxu li l-konsumaturi jiġu kkumpensati u rimborżati kif xieraq;

AU. billi Suq Uniku kkompletat bis-sħiħ li jiffunzjona kif suppost ma jistax ikun effettiv mingħajr sistema tat-trasport Ewropea unika, interkonnessa u effiċjenti li hija kruċjali għall-moviment bla xkiel ta' oġġetti, persuni u servizzi: il-libertajiet essenzjali u sottostanti għal Suq Uniku;

---

([1]) ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

AV. billi Żona Unika Ewropea tat-Trasport għandha tiffaċilita l-movimenti ta' ċittadini u merkanzija, tnaqqas l-ispejjeż u ttejjeb is-sostenibbiltà tat-trasport Ewropew, permezz tat-tlestija ta' netwerks tat-trasport trans-Ewropej interoperabbli u sostenibbli, u billi telimina l-ostakoli kollha residwi bejn modi u sistemi nazzjonali filwaqt li tiffaċilita l-emerġenza ta' operaturi multinazzjonali u multimodali; billi, għat-tlestija taż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport, is-servizzi ferrovjarji, it-trasport marittimu, it-trasport tal-merkanzija bit-triq kif ukoll l-Ajru Uniku Ewropew u l-interpretazzjoni uniformi tad-drittijiet tal-passiġġieri għandhom rwol ċentrali;

***Suq Uniku għall-atturi kollha***

AW. billi ċ-ċittadini tal-Unjoni u, b'mod partikolari l-istudenti, il-professjonisti u l-imprendituri, kif ukoll l-SMEs, fl-Istati Membri kollha għandhom jiġu mistiedna jagħmlu suġġerimenti dwar kif l-aħjar li jinkiseb twettiq sħiħ tas-Suq Uniku, u billi l-istituzzjonijiet kollha għandhom jiġu inkoraġġuti jistabbilixxu konsultazzjoni pubblika u djalogu mas-soċjetà ċivili sabiex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u tan-negozji jiġu kkunsidrati kif xieraq u li l-politika proposta tipprovdi valur miżjud għall-atturi kollha; billi jinħtieġu strumenti xierqa għall-komunikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni liċ-ċittadini;

AX. billi s-Suq Uniku għandu jiffoka fuq id-drittijiet tal-partijiet interessati kollha; billi involviment aktar b'saħħtu u aktar kmieni tas-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati l-oħra kollha fit-tfassil, l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-miżuri meħtieġa biex jistimulaw it-tkabbir u d-drittijiet taċ-ċittadini fis-Suq Uniku, ibbażat ukoll fuq forom ta' parteċipazzjoni onlajn u demokrazija elettronika, huwa essenzjali biex tiġi restawrata l-fiduċja fis-Suq Uniku;

AY. billi, permezz ta' awtoġovernanza lokali u reġjonali, atturi lokali u reġjonali jwettqu bosta dmirijiet li huma previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-Suq Uniku, speċjalment fil-qasam tal-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-istat, is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u l-konċessjonijiet; billi dawk il-politiki għandhom jiġu implimentati b'mod xieraq, inter alia sabiex jitnaqqsu r-rati ta' żbalji fil-politika ta' koeżjoni; billi l-għoti ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja għall-persuni li jgħixu f'kull reġjun tal-Unjoni huwa prerekwiżit għal Suq Uniku dinamiku u qawwi, u billi l-governanza effettiva tas-Suq Uniku għandha għalhekk tqis l-interessi tal-partijiet interessati lokali u reġjonali;

AZ. billi l-istrateġija tas-Suq Uniku għandha ssaħħaħ il-benesseri soċjali, il-konverġenza u d-drittijiet tal-ħaddiema, tipprevjeni d-dumping soċjali u tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi għall-Ewropej kollha;

BA. billi hemm bżonn ta' servizz għall-għoti tal-ewwel għajnuna faċilment aċċessibbli, fil-livell nazzjonali li n-negozji u ċ-ċittadini jistgħu jirrikorru għalih meta jiltaqgħu ma' problemi x'ħin jippruvaw jagħmlu użu mid-drittijiet u l-opportunitajiet li joffrilhom is-Suq Uniku; billi għandha tingħata attenzjoni biex jitnaqqsu l-ostakli għall-aċċessibbiltà fl-ambjent urban u jingħataw servizzi sabiex iċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mis-Suq Uniku;

***Semestru Ewropew***

BB. billi s-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas għall-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi u jqis is-sitwazzjoni baġitarja u ekonomika fl-Istati Membri iżda ma jqisx l-istat tas-Suq Uniku minkejja l-importanza fundamentali tiegħu għal ekonomiji madwar l-Istati Membri kollha;

BC. billi s-Suq Uniku jista' jkollu rwol importanti fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali fl-Unjoni; billi t-titjib tal-qafas tal-governanza ekonomika għandu jkun ibbażat fuq sett ta'politiki interkonnessi u reċiprokament konsistenti li jistimulaw it-tkabbir u l-impjieg, u billi l-iżvilupp sħiħ tas-Suq Uniku huwa prerekwiżit biex dan iseħħ;

BD. billi l-Kummissjoni għandha tissorvelja t-tlestija tas-Suq Uniku u l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri relevanti fi ħdan l-eżerċizzju annwali tas-Semestru Ewropew, filwaqt li tikkunsidra l-kontroll annwali tal-governanza u tal-mekkaniżmi ta' rapportar tat-Tabella ta' valutazzjoni; billi, barra minn hekk, il-kontroll annwali għandu jevalwa x'vantaggi joffri s-Suq Uniku lill-konsumaturi u lin-negozji u jirraporta dwar l-ostakli li jfixklu l-funzjonament tiegħu;

BE. billi kull sessjoni tar-rebbiegħa tal-Kunsill Ewropew għandha tkun dedikata wkoll lill-evalwazzjoni tal-qagħda tas-Suq Uniku, appoġġjata minn proċess ta' monitoraġġ;

BF. billi huwa xieraq li wieħed iħares b'mod individwali lejn kull Stat Membru, filwaqt li jiżviluppa kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-parlamenti nazzjonali, sabiex jiġu identifikati defiċits fit-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni u sabiex dawn jiġu indirizzati f'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

BG. billi l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 nieda t-tielet ċiklu tas-Semestru Ewropew u issa jinkludi għall-ewwel darba rapport annwali dwar l-istat tal-integrazzjoni tas-Suq Uniku; billi dan l-iffokar aktar qawwi fuq is-Suq Uniku fil-kuntest tas-Semestru Ewropew huwa neċessarju sabiex jiġi sfruttat aħjar it-tkabbir tiegħu u l-potenzjali tax-xogħol fl-Ewropa u sabiex jippermetti liċ-ċittadini u n-negozji jibbenefikaw bis-sħiħ minnu;

BH. billi r-rapport imsemmi hawn fuq dwar l-Istat tal-Integrazzjoni tas-Suq Uniku 2013 ma jipprovdix, madankollu, xi għarfien ġdid dwar is-sitwazzjoni attwali fl-Istati Membri u lanqas ma jasal għal konklużjonijiet elaborati biżżejjed fir-rigward ta' potenzjal konkreti ta' tkabbir iġġenerat mis-Suq Uniku; billi l-għażla ta' oqsma ta' prijorità fir-rapport ta' integrazzjoni għandu jkun appoġġjat minn data komprensiva;

BI. billi rapporti futuri dwar l-istat tal-integrazzjoni tas-Suq Uniku għandhom għalhekk ikunu aktar ċari dwar nuqqasijiet kurrenti fis-Suq Uniku, u jipprovdu gwida aktar konkreta dwar rimedji possibbli u l-benefiċċji mistennija, sabiex jippermettu reazzjonijiet sinifikanti mill-Istati Membri;

BJ. billi r-rapport dwar l-Istat tal-Integrazzjoni tas-Suq Uniku 2013 jenfasizza b'mod partikolari s-settur tas-servizzi u jitlob, inter alia, għal konformità sħiħa mad-Direttiva 2006/123/KE; billi din hija sejħa valida iżda mhux ta' interess kbir, jekk ma tkunx akkumpanjata minn miżuri kemm ta' sostenn kif ukoll strinġenti dwar it-traspożizzjoni u l-interpretazzjoni korretti ta' dik id-Direttiva;

BK. billi r-rapport jelenka numru ta' prijoritajiet għas-swieq tal-enerġija u t-trasport, u billi ħafna minn dawk il-prijoritajiet jindikaw in-nuqqas ta' investiment u kompetizzjoni nazzjonali u Ewropej f'xi oqsma; billi jinħtieġu aktar riċerka u informazzjoni bbażata fuq l-evidenza għal dawn is-swieq sabiex isir każ b'saħħtu għal azzjonijiet speċifiċi u għal sejħiet lill-Istati Membri; billi infrastruttura tat-trasport Ewropea integrata, interoperabbli u aċċessibbli, l-istabbiliment ta' suq intern tal-enerġija filwaqt li tiġi żgurata l-kompetizzjoni soda u t-tisħiħ tal-protezzjoni tal-konsumaturi, u politika industrijali Ewropea ambizzjuża huma vitali biex jiżguraw il-funzjonament xieraq tas-Suq Uniku;

BL. billi l-ekonomija diġitali hija wkoll meqjusa bħala qasam ta' prijorità; billi s-Suq Uniku Diġitali jeħtieġ mekkaniżmi ta' trasparenza u għall-protezzjoni tal-konsumatur, aġġornati u prattikabbli; billi t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni f'waqthom u korretti tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur ([1]) huma għalhekk wieħed mill-fatturi essenzjali għall-iżvilupp tal-ekonomija diġitali;

BM. billi ċ-ċittadini tal-Unjoni għadhom ma bbenefikawx bis-sħiħ mill-potenzjal tas-Suq Uniku f'ħafna oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-moviment liberu tal-persuni u tal-ħaddiema; billi l-mobbiltà tal-ħaddiema madwar l-Ewropa għadha baxxa wisq u jinħtieġu miżuri aktar b'saħħithom sabiex jitneħħew l-ostakli li fadal u jiġi ggarantit il-prinċipju ta' trattament ugwali tal-ħaddiema fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati u f'konformità mal-liġi u l-prassi nazzjonali;

BN. billi d-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali ([2]) hija strument fundamentali biex jitnaqqas id-dejn enormi tal-amministrazzjonijiet pubbliċi lejn bosta kumpaniji, speċjalment l-SMEs, u billi t-traspożizzjoni tagħha għandha sseħħ malajr u kif xieraq sabiex jitnaqqsu n-numri ta' sitwazzjonijiet ta' insolvenza;

([1]) ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64.
([2]) ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

BO. billi huma meħtieġa azzjonijiet aktar innovattivi sabiex jappoġġaw is-Suq Uniku bbażat fuq l-ekonomija soċjali tas-suq; billi l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 ressaq proposta interessanti dwar l-introduzzjoni ta' reġim ta' insolvenza tal-konsumatur, u billi din il-proposta għandha tiġi mistħarrġa aktar, minħabba li dan it-tip ta' miżura jista' jkollha rwol fundamentali kemm għall-protezzjoni tal-konsumatur kif ukoll għall-prevenzjoni ta' riskji sistemiċi possibbli għas-settur finanzjarju;

BP. billi huwa importanti li titfassal aġenda ambizzjuża għall-konsumaturi, li tinkludi miżuri leġiżlattivi u ta' programmar, bl-għan li l-konsumatur normali jitħeġġeġ biex ikun responsabbli u biex tiżdied il-protezzjoni għall-konsumaturi vulnerabbli;

BQ. billi t-twettiq tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, li għandu jkun l-għan tas-Semestru Ewropew, jiddependi mill-iżvilupp sħiħ tal-potenzjal tas-Suq Uniku, mill-impenn kollettiv tal-Unjoni Ewropea u mill-parteċipazzjoni effettiva tal-Istati Membri;

BR. billi s-Semestru Ewropew għandu jiġi konness b'mod aktar sistematiku mal-inizjattivi attwali tal-Unjoni u għandu jieħu kont tal-finalizzazzjoni tas-Suq Uniku biex jiżgura l-koerenza tal-politika ekonomika tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jiżgura l-konverġenza meħtieġa bejn pajjiżi li huma parti miż-żona tal-euro u dawk li mhumiex;

BS. billi l-kwalità tal-programmi nazzjonali ta' riforma fi ħdan is-Semestru Ewropew tvarja ħafna fil-konkretezza, it-trasparenza, il-vijabilità u l-kompletezza u dawk il-programmi għandhom jiġu eżaminati aktar fil-fond, għandhom jittejbu u għandhom ikunu ambizzjużi biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi tal-integrazzjoni ekonomika u tal-finalizzazzjoni tas-Suq Uniku;

BT. billi l-Istati Membri għandhom jagħtu informazzjoni kemm jista' jkun dettaljata anki rigward l-arranġamenti għall-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli fl-oqsma ewlenin tas-Suq Uniku;

BU. billi jeħtieġ li tiġi applika metodoloġija ġdida għas-Semestru Ewropew, li tikkonsisti fid-diskussjoni tal-prijoritajiet tas-Suq Uniku flimkien ma' dawk ekonomiċi u baġitarji, li tgħaqqadhom, flimkien ma' prijoritajiet tal-impjieg u soċjali, f'qafas uniku integrat ta' koordinament;

BV. billi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż għandhom jikkunsidraw il-progress li sar u l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-leġżilazzjoni tas-Suq Uniku, b'referenza partikolari għall-oqsma ewlenin u għall-prijoritajiet identifikati fuq bażi annwali;

BW. billi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż għandhom, fl-istess ħin, joffru lill-Istati Membri soluzzjonijiet aktar prattiċi biex itejbu l-funzjonament tas-Suq Uniku, sabiex jiġi ġġenerat sostenn pubbliku u impenn politiku aktar qawwija biex titħeġġeġ it-tlestija tas-Suq Uniku;

BX. billi l-evalwazzjoni tal-istat tas-Suq Uniku għandha ssir parti integrali tas-Semestru Ewropew, fejn pilastru tal-Governanza tas-Suq Uniku jitqiegħed maġenb il-pilastru tal-Governanza Ekonomika; billi l-proposta tal-Kummissjoni sabiex jitħejja rapport annwali dwar l-integrazzjoni tas-Suq Uniku li jikkontribwixxi għall-bażi tal-evidenza li fuqha huma bbażati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż, tista' tqiegħed il-pedament għal ċiklu tas-Suq Uniku annwali fil-ġejjieni fi ħdan is-Semestru Ewropew;

BY. billi l-introduzzjoni tas-Semestru Ewropew għandha sseħħ bl-involviment sħiħ tal-parlamenti nazzjonali u għandha sseħħ mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Parlament Ewropew;

1. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq kemm jista' jkun malajr, filwaqt li tqis bħala l-bażi legali possibbli d-dispożizzjonijiet relevanti kollha tat-TFUE relatati mas-suq intern, inkluż l-Artikolu 26(3) tat-TFUE, proposta għal att li l-għan tiegħu jkun it-tisħiħ tal-governanza tas-Suq Uniku, filwaqt li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet dettaljati li jinsabu fl-Anness;

2. Jinnota li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' sussisdjarjetà;

3. Hu tal-fehma li l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proposta mitluba jridu jkunu koperti mill-allokazzjonijiet baġitarji eżistenti;

o

o o

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet dettaljati li jinsabu fl-annessi lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kif ukoll lill-Kunsill Ewropew u lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

---

**ANNESS**

**RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI DWAR IL-KONTENTUT TAL-PROSPOSTA MITLUBA**

**Rakkomandazzjoni 1: Li jiġi stabbilit qafas koerenti għall-governanza tas-Suq Uniku.**

*Il-Parlament Ewropew iqis li l-proposta leġiżlattiva li għandha tiġi sottomessa għandu jkollha l-għan li tirregola kif ġej:*

— Proposta għal att leġiżlattiv immirat lejn it-tisħiħ tal-governanza tas-Suq Uniku għandha titressaq bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-funzjonament tas-Suq Uniku tal-Unjoni u biex tippromwovi t-tkabbir ekonomiku inklussiv fl-Ewropa. Il-proposta għandha tkun ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet relevanti tat-TFUE relatati mas-suq intern. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll it-tressiq ta' proposta bbażata fuq l-Artikolu 26(3) tat-TFUE.

— Il-proċedura għandha tipprevedi involviment xieraq tal-Parlament Ewropew fl-istabbiliment ta' qafas ta' governanza tas-Suq Uniku. Għandha tipprevedi wkoll l-adozzjoni, min-naħa tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, ta' miżuri oħra meħtieġa għat-tisħiħ tal-governanza tas-Suq Uniku, b'mod partikolari miżuri li jindirizzaw l-oqsma fejn il-qafas regolatorju tal-Unjoni jkun ġie stabbilit skont l-Artikolu 294 tat-TFUE.

— L-att għandu jkun mingħajr preġġudizzju għall-qafas regolatorju tas-Suq Uniku digà fis-seħħ jew ir-regoli li jridu jiddaħħlu fis-seħħ f'setturi differenti. Għandu jkun ukoll mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-istituzzjonijiet kif stabbilit fit-Trattati, b'mod partikolari l-Kummissjoni, jew għall-obbligi tal-Istati Membri bbażati fuq it-Trattati jew li joħorgu *mill-acquis* tas-Suq Uniku.

— L-att għandu jikkumplimenta l-qafas regolatorju tas-Suq Uniku u jiffaċilita t-traspozizzjoni, l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tar-regoli u l-libertajiet tas-Suq Uniku.

— L-att għandu jipprevedi l-adozzjoni tal-linji gwida tal-Unjoni dwar is-Suq Uniku. Dawk il-linji gwida għandhom jinkludu objettivi li jridu jintlaħqu, prijoritajiet għall-azzjoni u kondizzjonijiet li jridu jiġu żgurati, u għandhom jiġu akkumpanjati minn metodi ta' ħidma u proċeduri li jridu jiġu stabbiliti bil-għan li tissaħħaħ il-governanza tas-Suq Uniku.

— Il-proċeduri għas-sottomissjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u għad-determinazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mas-Suq Uniku għandhom jiġu fformulati.

— Għandhom jiġu definiti miżuri kumplimentari meħtieġa sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-qafas regolatorju tas-Suq Uniku.

— Ir-rabta bejn iċ-ċiklu tal-governanza tas-Suq Uniku u ċ-ċiklu tal-politika annwali tas-Semestru Ewropew għandha tiġi ċċarata.

**Rakkomandazzjoni 2: Jiġu ddeterminati l-objettivi u l-prijoritajiet tal-Unjoni bil-għan li jittejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku**

*Il-Parlament Ewropew iqis li l-proposta leġiżlattiva li għandha tiġi sottomessa għandu jkollha l-għan li tirregola kif ġej:*

— Sabiex ikun żgurat li s-Suq Uniku jwassal b'mod effettiv it-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u jkattar il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozji, għandhom jiġu stabbiliti linji gwida tal-Unjoni bl-għan tat-titjib tal-funzjonament tas-Suq Uniku. Dawk il-linji gwida għandhom jinkludu:

(a) objettivi u prijoritajiet għal azzjoni mill-Unjoni u l-Istati Membri;

(b) kondizzjonijiet li jridu jiddaħħlu fis-seħħ sabiex tittejjeb aktar il-governanza tas-Suq Uniku.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

— Għandu jiġi determinat sett limitat ta' objettivi u prijoritajiet għall-azzjoni f'oqsma fejn Suq Uniku li jiffunzjona aħjar x'aktarx iġib l-aktar kisbiet sinifikanti fit-tkabbir u fl-impjiegi fl-Unjoni kollha.

— L-għażla ta' objettivi u prijoritajiet għal azzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin:

(a) Paragun tal-produzzjoni permezz ta' għażla ta' indikaturi kwantitattivi li jkopru l-kontributi fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi, biex jiġu identifikati setturi li fihom jidher l-ogħla potenzjal mhux sfruttat biex jiġi ġġenerat it-tkabbir;

(b) Importanza ekonomika, li tanalizza jekk is-settur huwiex sinifikanti biżżejjed f'termini ta' skala tal-ekonomija tant li jħalli impatt mhux negliġibbli fuq it-tkabbir li kieku jiġu indirizzati r-raġunijiet għall-isfruttament insuffiċjenti tal-potenzjal;

(c) Fatturi dinamiċi li janalizzaw jekk is-settur ikunx jidher li diġà qiegħed jindirizza l-potenzjal mhux sfruttat tiegħu, abbażi ta' fatturi bħalma huma l-kapaċità tas-settur li joħloq it-tkabbir tal-impjiegi, u l-possibbiltà tiegħu li jilħaq il-livelli ta' riferiment għall-produttività tax-xogħol;

(d) Fatturi tas-Suq Uniku li janalizzaw jekk hemmx evidenza li t-titjib tas-Suq Uniku jista' jwassal għall-użu ta' potenzjal mhux sfruttat;

(e) Fatturi rigward elementi addizzjonali għall-protezzjoni u s-salvagwardja tal-konsumaturi, il-ħaddiema u ċ-ċittadini.

**Rakkomandazzjoni 3: Jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu żgurati biex titjieb il-governanza tas-Suq Uniku**

*Il-Parlament Ewropew iqis li l-proposta leġiżlattiva li għandha titressaq għandu jkollha l-għan li tirregola kif ġej:*

— Il-kondizzjonijiet li jridu jiddaħħlu fis-seħħ sabiex tittejjeb aktar il-governanza tas-Suq Uniku għandhom jinkudu:

(a) L-applikazzjoni ta' prinċipji ta' regolamentazzjoni intelliġenti fejn ir-regoli tas-Suq Uniku isiru u jiġu implimentati sabiex jiżguraw li dawk ir-regoli jsiru, jiġu trasposti u implimentati b'tali mod li jaħdmu b'mod effettiv għal dawk li huma maħsuba għalihom;

(b) Tnaqqis fil-livell ta' piżijiet amministrattivi, speċjalment għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, sal-livell minimu;

(c) In-negozji u ċ-ċittadini jkunu jistgħu, fejn jinħtieġu li jikkonformaw mal-proċeduri, jagħmlu dan b'mod mgħaġġel permezz ta' mezzi elettroniċi;

(d) L-iżgurar li n-negozji u ċ-ċittadini jsibu informazzjoni u jgħinu u jkollhom access għal rimedji mgħaġġla, effettivi u ekonomikament aċċessibbli fejn ikunu meħtieġa;

(e) Użu aktar intelliġenti ta' teknoloġija tal-informazzjoni sabiex jiġu infurmati negozji u ċittadini, u jkunu jistgħu jagħmlu użu mid-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom, u jgħaqqdu aħjar l-inizjattivi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni;

(f) Użu mtejjeb ta' għodda onlajn, bħas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI), f'kooperazzjoni transkonfinali bejn amministrazzjonijiet;

(g) Aktar żvilupp tal-Punti ta' Kuntatt Uniku;

(h) Użu effettiv ta' mekkaniżmi rapidi u effettivi għas-soluzzjoni ta' problemi, anke permezz tal-istabbiliment ta' servizz għall-għoti tal-ewwel għajnuna faċilment aċċessibbli fil-livell nazzjonali li n-negozji u ċ-ċittadini jistgħu jirrikorru għalih meta jiltaqgħu ma' problemi x'ħin jippruvaw jużaw id-drittijiet u l-opportunitajiet offruti mis-Suq Uniku;

**Rakkomandazzjoni 4: Jiġu ddefiniti miżuri supplimentari meħtieġa sabiex jittejbu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-qafas regolatorju tas-Suq Uniku**

*Il-Parlament Ewropew iqis li l-proposta leġiżlattiva li għandha titressaq għandu jkollha l-għan li tirregola kif ġej:*

— Sabiex tittejbu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-qafas regolatorju tas-Suq Uniku, il-Kummissjoni għandha:

(a) Ittejjeb l-għajnuna tat-traspożizzjoni tagħha lill-Istati Membri għal direttivi li għad iridu jiġu trasposti;

(b) Twettaq kontrolli ta' konformità sistematiċi u tieħu miżuri ta' appoġġ sabiex ir-regoli jaħdmu fil-prattika fl-Istati Membri kollha;

(c) Għal leġiżlazzjoni li ġiet trasposta u implimentata, twettaq reviżjonijiet fil-fond biex tivvaluta kif ir-regoli jiġu implimentati u kif jaħdmu fil-prattika, f'termini prattiċi kif ukoll ekonomiċi;

(d) Ittejjeb ir-rappurtar tal-implimentazzjoni ex-post filwaqt illi tiffoka fuq il-konformità mill-Istati Membri u l-valutazzjonijiet tal-prestazzjoni tagħha filwaqt illi tiffoka fuq l-effiċjenza ta' miżuri tal-politika adottati;

(e) Torganizza eżerċizzji ta' rieżami bejn il-pari mal-Istati Membri.

— Sabiex jittejbu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-qafas regolatorju tas-Suq Uniku, l-Istati Membri għandhom:

(a) Jissottomettu lill-Kummissjoni abbozz tal-miżuri tat-traspożizzjoni, fejn l-Istati Membri jew il-Kummissjoni jqisu li huwa xieraq, sabiex tiġi żgurata wkoll evalwazzjoni ex-ante ta' traspożizzjoni tajba u jiġu żgurati l-konformità u l-implimentazzjoni mgħaġġla;

(b) Jikkonsultaw regolarment mal-partijiet interessati u s-soċjetà ċivili, inklużi l-konsumturi, in-negozji u l-awtoritajiet reġjonali u lokali matul il-proċess tat-traspożizzjoni u matul l-implimentazzjoni;

(c) Jipprovdu spjegazzjoni onlajn ta' kif ittrasponew ir-regoli u kif dawk ir-regoli jaħdmu fil-prattika;

**Rakkomandazzjoni 5: Jiġu previsti s-sottomissjoni, l-valutazzjoni u l-monitoraġġ ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali**

*Il-Parlament Ewropew iqis li l-proposta leġiżlattiva li għandha titressaq għandu jkollha l-għan li tirregola kif ġej:*

— L-Istati Membri għandhom ifasslu u jressqu lill-Kummissjoni pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali immirati lejn l-implimentazzjoni tal-objettivi u l-prijoritajiet tal-Unjoni għal azzjoni bil-għan li jittejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku. Il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom jinkludu lista ta' miżuri ddettaljati li jridu jitwettqu u pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tagħhom.

— Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandhom jitfasslu f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti li jirrappreżentaw interessi ekonomiċi u soċjali, kif ukoll l-interessi tal-konsumaturi.

— Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Suq Intern, għandha tivvaluta l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

— Il-valutazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandha tqis it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern u r-Rapport dwar il-Governanza tas-Suq Uniku.

— Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti kollha meqjusa bħala meħtieġa sabiex jiġi vvalutat il-progress li jkun sar.

— It-tressiq u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandhom jitqiesu bħala azzjonijiet koordinati li jagħmlu parti, fi ħdan qafas integrat, ta' ċiklu annwali għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet politiċi għat-tlestija sħiħa tas-Suq Uniku, filwaqt li titqies id-dimensjoni ekonomika, soċjali u ambjentali.

**Rakkomandazzjoni 6: Tiġi prevista l-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet distinti speċifiċi għall-pajjiż u relatati mas-Suq Uniku**

*Il-Parlament Ewropew iqis li l-proposta leġiżlattiva li għandha titressaq għandu jkollha l-għan li tirregola kif ġej:*

— Abbażi tal-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u bl-użu ta' għodda oħra relevanti tas-Suq Uniku, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, għandu jifformula, kif xieraq, u abbażi tal-prijoritajiet politiċi għal azzjoni fl-oqsma meqjusa bħala ewlenin, rakkomandazzjonijiet relatati mas-Suq Uniku lill-Istati Membri bil-għan li jittejbu t-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli tas-Suq Uniku.

— Meta jindirizza r-rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri, il-Kunsill għandu jagħmel użu sħiħ mill-istrumenti previsti fit-TFUE.

— Fejn issir rakkomandazzjoni relatata mas-Suq Uniku, il-Kumitat relevanti tal-Parlament Ewropew għandu jkollu l-possibbiltà li jistieden rappreżentanti tal-Istat Membru kkonċernat biex jipparteċipaw fi skambju tal-opinjonijiet, u rappreżentanti tal-Kummissjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jiġu mistiedna biex jiskambjaw l-opinjonijiet tagħhom mal-parlament ta' dak l-Istat Membru.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

**Rakkomandazzjoni 7: Jiġi definit pilastru tas-Suq Uniku tas-Semestru Ewropew**

*Il-Parlament Ewropew iqis li l-proposta leġiżlattiva li għandha titressaq għandu jkollha l-għan li tirregola kif ġej:*

— Sabiex jiġi żgurat li s-Suq Uniku jwassal riżultati konkreti għaċ-ċittadini, il-konsumaturi, il-ħaddiema u n-negozji, iċ-ċiklu annwali tas-Semestru Ewropew għandu jintuża bħala pjattaforma għall-gwida politika, ir-rappurtar, il-monitoraġġ tal-progress li jkun sar mill-Istati Membri u l-Unjoni fl-ilħuq tal-objettivi tas-Suq Uniku u d-definizzjoni ta' azzjoni ta' rimedju.

— Għandu jiġi definit pilastru tas-Suq Uniku tas-Semestru Ewropew.

— Il-pilastru tas-Suq Uniku tas-Semestru Ewropew għandu jinkludi.

(a) It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern, inklużi rapporti ddettaljati speċifiċi għall-pajjiż fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-Suq Uniku;

(b) L-arranġamenti ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-Suq Uniku, kif iċċarati mill-Istati Membri, b'referenza partikolari għall-oqsma ewlenin u għall-prijoritajiet politiċi identifikati fuq bażi annwali;

(c) Il-proposti mill-Kummissjoni għal prijoritajiet politiċi għas-sena li ġejja, fl-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, ippreżentati fi ħdan l-Istħarriġ dwar it-Tkabbir Annwali u r-rapport annwali dwar l-integrazzjoni tas-Suq Uniku. Ir-rapport annwali għandu jipprovdi wkoll valutazzjoni ta' kif is-Suq Uniku jiffunzjona fil-prattika. Dawk il-proposti dwar prijoritajiet politiċi għandhom jiġu bbażati fuq is-sejbiet tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern u strumenti oħra ta' monitoraġġ tas-Suq Uniku, sabiex tiġi evitata sovrappożizzjoni u jiġu prodotti rakkomandazzjonijiet effiċjenti u ċari u tiġi żgurata l-koerenza tal-politika ekonomika Ewropea;

(d) Il-formulazzjoni ta' prijoritajiet politiċi biex tittieħed azzjoni u jintlaħqu l-miri biex jingħelbu l-ostakoli li jibqgħu fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali fil-forma ta' linji gwida tas-Suq Uniku;

(e) Is-sottomissjoni mill-Istati Membri ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali bl-għan tal-implimentazzjoni tal-linji gwida tas-Suq Uniku;

(f) Il-valutazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Suq Intern, u filwaqt illi jitqiesu t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern u r-Rapport Annwali dwar il-Governanza tas-Suq Uniku;

(g) L-adozzjoni mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew ta' rakkomandazzjonijiet distinti relatati mas-Suq Uniku lill-Istati Membri, abbazi ta' proposta mill-Kummissjoni.

**Rakkomandazzjoni 8: Tigi mizjuda l-kontabilità demokratika u r-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Parlamenti nazzjonali**

*Il-Parlament Ewropew iqis li l-proposta leġiżlattiva li għandha titressaq għandu jkollha l-għan li tirregola kif ġej:*

— Il-Parlament Ewropew għandu jkun involut fl-istabbiliment tal-qafas ta' governanza tas-Suq Uniku skont it-Trattati. Għandu jiġi involut ukoll, u mill-inqas kkonsultat mill-Kunsill, fl-adozzjoni ta' miżuri oħra meħtieġa biex tissaħħaħ il-governanza tas-Suq Uniku, anke fir-rigward ta' objettivi, prijoritajiet u azzjonijiet ta' politika ppjanati tal-Unjoni.

— Qabel il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa, il-Parlament Ewropew għandu jiddiskuti l-Istħarriġ dwar it-Tkabbir Annwali u jivvota dwar l-emendi relatati mar-rapport annwali dwar l-integrazzjoni tas-Suq Uniku li jrid jiġi sottomess lill-Kunsill Ewropew.

— Il-President tal-Parlament Ewropew għandu, fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa, jippreżenta l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar l-integrazzjoni tas-Suq Uniku.

— Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ikunu preżenti f'laqgħat interparlamentari bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali meta tiġi diskussa l-integrazzjoni tas-Suq Uniku.

P7_TA(2013)0055

## It-22 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-7 ta' Frar 2013 dwar it-22 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti (2013/2533(RSP))

(2016/C 024/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-konvenzjonijiet tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-protokolli fakultattivi tagħhom,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 60/251 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li tistabbilixxi l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (UNHRC),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti tat-8 ta' Settembru 2000 u r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwarha,

— wara li kkunsira l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta Soċjali Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, kif adottati fit-3179 laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-25 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHRC), inklużi l-prijoritajiet tal-Parlament f'dan il-kuntest; wara li kkunsidra, b'mod partikolari, ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Parlament fuq id-19-il sessjoni tal-Kunsill tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni mis-Sottokumitat tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar iż-żjara tagħha lid-19-il sessjoni tal-UNHRC, u dak tad-delegazzjoni konġunta mill-Kumitat tiegħu għall-Affarijiet Barranin, is-Sottokumitat tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem u s-Sottokumitat tiegħu għas-Sigurtà u d-Difiża, li attendew is-67 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet ta' urġenza tiegħu dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar ir-rieżami tal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar ir-Rapport Annwali tal-2011 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3(5), 18, 21, 27 u 47 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0250.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0058.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0504.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2012)0503.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

— wara li kkunsidra s-sessjonijiet li jmiss tal-UNHRC fl-2013, b'mod partikolari t-22 sessjoni regolari li se ssir mill-25 ta' Frar sat-22 ta' Marzu 2013,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-rispett għall-universalità tad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni u l-protezzjoni tagħha jagħmlu parti mill-acquis etiku u ġuridiku tal-Unjoni Ewropea u huma wieħed mill-pedamenti tal-għadqa u tal-integrità Ewropej ([1]);

B. billi l-implimentazzjoni b'suċċess tar-rieżami reċenti tal-UE tal-istrateġija tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem għandha ssaħħaħ il-kredibbiltà tal-UE fil-UNHRC billi żżid il-konsistenza bejn il-politiki interni u esterni tagħha;

C. billi l-UE għandha tagħmel ħilitha biex issemma' leħinha kontra l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'pożizzjonijiet komuni u uniti sabiex tikseb l-aħjar riżultati possibbli u, f'dan il-kuntest, għandha tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni u ttejjeb l-arranġamenti organizzattivi u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri;

D. billi l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta Qafas Strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tiegħu, bl-għan li jikseb politika tal-UE aktar effikaċi, viżibbli u konsistenti f'dan il-qasam;

E. billi fil-25 ta' Lulju 2012 inħatar Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem (RSUE) li jaġixxi taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, li r-rwol tiegħu hu li jtejjeb l-effikaċja u l-viżibbiltà tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku u tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija;

F. billi delegazzjoni mis-Sottokumitat tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem se tmur Ġinevra matul it-22 sessjoni tal-UNHRC, kif diġà seħħ għas-sessjonijiet tal-UNHRC ta' snin preċedenti;

1. Jieħu nota tal-proċess kontinwu biex jiġu kkonfermati l-prijoritajiet tal-UE għat-22 sessjoni tal-UNHRC; jilqa' l-attenzjoni mogħtija mill-UE lis-sitwazzjoni fis-Sirja, f'Burma/Mjanmar, fir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea (RDPK) u f'Mali, kif ukoll l-appoġġ tagħha għall-estensjoni tal-mandat tar-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran; japprova wkoll l-enfasi fuq kwistjonijiet tematiċi bħal-libertà tal-ħsieb, tar-reliġjon u tat-twemmin, l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet kummerċjali u tal-bniedem, il-vjolenza fuq in-nisa u d-drittijiet tal-LGBTI;

2. Jilqa' l-fatt li l-aġenda għat-22 sessjoni regolari tinkludi diskussjonijiet minn panels dwar l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-impatt negattiv tal-kriżi ekonomika u finanzjarja u tal-korruzzjoni fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem, u l-kommemorazzjoni tal-20 anniversarju tal-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Vjenna u l-Programm ta' Azzjoni, dibattiti interattivi, inter alia dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltajiet, u laqgħat estensivi dwar diversi kwistjonijiet, bħad-dritt tat-tfal li jgawdu l-ogħla standards tas-saħħa li jistgħu jinkisbu; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri biex jikkontribwixxu attivament għal dawn id-dibattiti u biex jiddikjaraw b'mod ċar li d-drittijiet tal-bniedem huma universali, indiviżibbli u interdipendenti;

3. Jilqa' r-rapporti li għandhom jiġu ppreżentati mir-Rapporteurs Speċjali dwar, inter alia, is-sitwazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, f'Burma/Mjanmar u fit-territorji Palestinjani okkupati sa mill-1967, flimkien mar-rapport bil-miktub li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissarju Għoli dwar id-Drittijiet tal-Bniedem rigward is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'Mali, partikolarment fit-Tramuntana tal-pajjiż, kif ukoll dwar il-housing bħala komponent tad-dritt għal standard ta' għajxien xieraq, dwar id-dritt għan-nondiskriminazzjoni f'dan il-kuntest, dwar il-libertà tal-ħsieb, tar-reliġjon jew tat-twemmin u dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali waqt li jiġi miġġieled it-terroriżmu;

***Il-ħidma tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU***

4. Jinnota li ġew eletti 18-il membru ġdid tal-UNHRC f'Settembru 2012 u li dawn issieħbu fl-1 ta' Jannar 2013, jiġifieri l-Arġentina, il-Brażil, il-Côte d'Ivoire, l-Estonja, l-Etjopja, il-Gabon, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Ġappun, il-Kazakistan, il-Kenja, il-Montenegro, il-Pakistan, ir-Repubblika tal-Korea, Sjerra Leone, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Istati Uniti tal-Amerika, u r-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela; u jinnota li issa disa' Stati Membri tal-UE huma membri tal-UNHRC;

([1]) Artikoli 2, 3(5) u 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

5. Jinnota l-elezzjoni ta' President ġdid tal-UNHRC, Remigiusz A. Henzcel, mill-Polonja, u ta' erba' Viċi Presidenti għall-2013, Cheikh Ahmed Ould Zahaf (il-Mawritanja), Iruthisham Adam (il-Maldive), Luis Gallegos Chiriboga (l-Ekwador) u Alexandre Fasel (l-Isvizzera);

6. Jisħaq fuq il-fatt li l-elezzjonijiet għall-UNHRC jeħtieġ li jkunu kompetittivi, u jesprimi l-oppożizzjoni tiegħu għall-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet mhux ikkontestati minn gruppi reġjonali; itenni l-importanza ta' standards għas-sħubija fil-UNHRC fir-rigward tal-impenn u l-prestazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq fuq il-fatt li membri tal-UNHRC jeħtieġ li jżommu l-ogħla standards fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; itenni l-importanza ta' kriterji sodi u trasparenti għar-reintegrazzjoni ta' membri sospiżi;

7. Jiddispjaċih li l-awtoritajiet tal-Kazakistan, li huwa membru li għadu kif ġie elett tal-UNHRC, sal-lum irrifjutaw li jippermettu li ssir investigazzjoni internazzjonali indipendenti dwar l-avvenimenti f'Zhanaozen, minkejja t-talbiet tal-Kummissarju Gћoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Parlament;

8. Jibqa' preokkupat dwar il-fenomenu tal-'bloc politics' u l-effett tiegħu fuq il-kredibbiltà tal-UNHRC u l-effettività tal-ħidma tiegħu;

9. Jilqa' l-ħatra mill-Assemblea Ġenerali tan-NU ta' Navanethem Pillay għat-tieni mandat bħala Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem; itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem, u għall-indipendenza u l-integrità tiegħu;

10. Ifaħħar lill-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem għall-isforzi tagħha fil-proċess ta' tisħiħ tal-korpi stabbiliti bit-Trattat u jilqa' r-rapport tagħha dwar din il-kwistjoni li ġie ppubblikat fit-22 ta' Ġunju 2012; jafferma mill-ġdid in-natura b'diversi partijiet interessati tal-korpi stabbiliti bit-Ttrattat u jenfasizza li jeħtieġ li s-soċjetà ċivili tkun inkluża kontinwament f'dawn il-proċessi; jenfasizza, barra minn hekk, li l-indipendenza u l-effikaċja tal-korpi satbbiliti bit-Trattat iridu jitħarsu u jissaħħu; jisħaq li jeħtieġ li jiġi żgurat biżżejjed finanzjament sabiex ikopri l-ammont ta' xogħol li qed jiżdied għall-korpi stabbiliti bit-Trattat; jitlob lill-UE tadotta rwol ta' tmexxija fl-iżgurar tal-funzjonament effikaċi tas-sistema tal-korpi stabbiliti bit-Trattat, anke fir-rigward ta' finanzjament xieraq;

***Il-pajjiżi tar-Rebbiegћa Għarbija***

11. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-vjolenza li kulma jmur qed tiżdied u mingħajr distinzjoni użata mir-reġim ta' Assad kontra l-popolazzjoni Sirjana, inklużi l-użu ta' artillerija peżanti u bumbardamenti fuq żoni populati, l-eżekuzzjonijiet sommarji u l-għajbien sfurzat; jikkundanna b'mod inekwivokabbli l-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem mir-reġim, li jista' jitqies bħala delitt kontra l-umanità; jesprimi preokkupazzjoni kbira dwar is-sitwazzjoni li qed tiddeterjora kontinwament għall-popolazzjoni ċivili; jikkundanna, barra minn hekk, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-gruppi u l-forzi tal-oppożizzjoni; jistieden lill-atturi armati kollha biex itemmu minnufih il-vjolenza fis-Sirja; u jtenni t-talba tiegħu biex ir-reġim ta' Assad jirriżenja minnufih u biex jibda proċess paċifiku ta' tranżizzjoni politika; iheġġeġ lill-partijiet kollha fil-kunflitt biex jiżguraw aċċess transkonfinali sħiħ u sikur għall-isforzi internazzjonali ta' għajnuna umanitarja;

12. Jesprimi l-preokkupazzjoni tiegħu dwar l-effetti tal-kriżi Sirjana fuq is-sigurtà u l-istabbiltà fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu għajnuna lill-pajjiżi fir-reġjun fl-isforzi tagħhom biex jipprovdu għajnuna umanitarja lir-rifuġjati mis-Sirja;

13. Jilqa' l-attenzjoni kontinwa mogħtija mill-UNHRC lis-sitwazzjoni umanitarja u tad-drittijiet tal-bniedem orribbli fis-Sirja, kif intwera mir-riżoluzzjonijiet dwar is-sitwazzjoni f'dak il-pajjiż li ġew adottati fid-19, fl-20 u fil-21 sessjoni tal-UNHRC u fis-Sessjoni Speċjali tiegħu dwar is-Sirja li saret fl-1 ta' Ġunju 2012; iheġġeġ lis-SEAE u lill-Istati Membri jiżguraw li s-sitwazzjoni fis-Sirja tibqa' tiġi ttrattata bl-ogħla prijorità fil-qafas tan-NU, partikolarment fil-UNHRC; itenni l-importanza tal-iżgurar tar-responsabbiltà għal ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali li twettaq matul il-kunflitt;

14. Jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-Kummissjoni Indipendenti ta' Inkjesta dwar is-Sirja u għall-estensjoni mill-UNHRC tal-mandat tiegħu; jisħaq fuq l-importanza tal-ammissibbiltà tal-evidenza diġitali ta' delitti, vjolenza u ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jilqa' l-ħatra ta' Carla del Ponte u Vitit Muntarbhorn bħala membri ġodda, u l-ħatra ta' Paolo Pinheiro bħala Rapporteur Speċjali dwar is-Sirja, li se jibda l-ħidma tiegħu ladarba jispiċċa l-mandat tal-Kummissjoni ta' Inkjesta; jilqa' r-rapport tal-Kummissjoni li jiżvela l-atroċitajiet li twettqu fis-Sirja;

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

15. Jiddispjaċih li għadu ma ntlaħaqx ftehim dwar l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU) dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja u, b'mod partikolari, li dan qed jostakola l-kapaċità li tiġi eżerċitata pressjoni effikaċi bl-għan li tintemm il-vjolenza fil-pajjiż; jistieden lill-membri tal-KSNU biex jiftakru r-responsabbiltà tagħhom fil-konfront tal-poplu Sirjan; ifaħħar l-isforzi diplomatiċi tal-VP/RGħ u tal-Istati Membri tal-UE biex jinvolvu liċ-Ċina u lir-Russja f'din il-kwistjoni; jistedinhom ikomplu b'dawn l-isforzi; ifakkar ukoll lill-Istati Membri kollha tan-NU dwar il-prinċipju tar-"responsabbiltà li tipproteġi" mħaddan mill-Assemblea Ġenerali tan-NU; jistieden lill-istati kollha jaħdmu biex is-sitwazzjoni fis-Sirja titressaq quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), u jilqa' l-inizjattiva mmexxija mill-Isvizzera ta' ittra konġunta f'isem 58 pajjiż, inklużi 26 Stat Membru tal-UE, f'din id-direzzjoni; iħeġġeġ lir-Rappreżentant Għoli tal-UE biex jinvolvi ruħu personalment fil-bini ta' koalizzjoni kbira u inklużiva biex tappoġġa dan it-tressiq'

16. Jilqa' r-rapport bil-miktub finali mill-Kummissjoni Indipendenti ta' Inkjesta (COI) dwar il-Libja, li ġie ppreżentat matul id-19-il sessjoni tal-UNHRC, li enfasizza l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż; iħeġġeġ lill-UNHRC jesprimi tħassib dwar il-ksur kontinwu, ikompli jimmonitorja s-sitwazzjoni u jitlob lill-Kummissarju Għoli tirrapporta dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Libja;

17. Jistieden lill-Emirati Għarab Magħquda, bħala membru ġdid elett tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u wieħed mill-14-il stat li kellhom ir-rekords tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom eżaminati mis-sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Eżami Perjodiku Universali, biex itemm ir-ripressjoni attwali tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-attivisti politiċi paċifiċi u biex jonora l-impenji tiegħu li jżomm l-ogħla standards fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

18. Jesprimi tħassib dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti politiċi tal-oppożizzjoni fil-Baħrejn; itenni t-talba tiegħu biex l-Istati Membri jaħdmu favur l-adozzjoni waqt it-22 sessjoni tal-UNHRC ta' riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Baħrejn, li tinkludi l-istabbiliment ta' mekkaniżmu internazzjonali sabiex jimmonitorja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Indipendenti ta' Inkjesta tal-Baħrejn, fosthom dawk rigward id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

19. Jilqa' r-riżoluzzjoni adottat mill-UNHRC f'Ottubru 2012 dwar l-għajnuna teknika u l-bini ta' kapaċità għall-Jemen fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-istabbiliment ta' Uffiċċju għall-Pajjiż tal-OHCHR fil-Jemen; iħeġġeġ lill-UNHRC jkompli jimmonitorja s-sitwazzjoni fil-pajjiż;

20. Jesprimi tħassib kbir dwar in-nuqqas kontinwu ta' stabbiltà politika u dwar il-fatt li reġgħet feġġet il-vjolenza fl-Eġittu; jappoġġa bis-sħiħ tranżizzjoni għal soċjetà demokratika, ibbażata fuq l-istat tad-dritt u qafas kostituzzjonali, li tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni, id-drittijiet tan-nisa u r-rispett għall-minoranzi; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Eġizzjani jibdew investigazzjoni trasparenti dwar l-użu ta' vjolenza mill-forzi tas-sigurtà u mill-pulizija kontra dimostranti u jiżguraw responsabbiltà għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem; itenni l-pożizzjoni tal-UE kontra l-piena tal-mewt u jitlob, f'dan ir-rigward, għal moratorju fuq l-eżekuzzjoni tal-pieni tal-mewt fl-Eġittu, inkluż il-każ tal-21 ruħ li reċentement ingħataw il-piena tal-mewt għad-diżastru tas-sena li għaddiet fl-istadium tal-futbol ta' Port Said;

21. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem fis-Saħara tal-Punent; jitlob li jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, inklużi l-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà tal-espressjoni u d-dritt għal protesti; jitlob għall-ħelsien tal-priġunieri politiċi Saħrawi kollha; jilqa' t-twaqqif ta' Mibgħut Speċjali għas-Saħel u jenfasizza l-ħtieġa għal monitoraġġ internazzjonali tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Saħara tal-Punent; jappoġġa soluzzjoni ġusta u dewwiema tal-kunflitt abbażi tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni tal-poplu Saħrawi, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet relevanti tan-Nazzjonijiet Uniti;

***Kwistjonijiet oħra***

22. Jilqa' d-deċiżjoni tal-UNHRC li jinħatar Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Bjelorussja, u jieħu nota tal-appoġġ transreġjonali għar-riżoluzzjoni li tistabbilixxi dan il-mandat, li turi li s-sitwazzjoni terribbli tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż qed tiġi rikonoxxuta minn stati madwar id-dinja kollha;

23. Jilqa' l-estensjoni tal-mandati tal-esperti indipendenti dwar il-Côte d'Ivoire, Ħaiti u s-Somalja; iħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' dawn il-pajjiżi jikkooperaw bis-sħiħ mad-detenturi tal-mandati;

24. Jitlob l-estensjoni tal-mandat tar-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran;

25. Jitlob l-estensjoni tal-mandat tar-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea (RDPK) għal sena oħra; jilqa' l-fatt li r-riżoluzzjoni dwar ir-RDPK ġiet adottata b'kunsens, li juri l-livell qawwi ta' appoġġ għall-mandat; iħeġġeġ lill-Gvern tar-RDPK biex jikkoopera bis-sħiħ mar-Rapporteur u jiffaċilita ż-żjarat tiegħu fil-pajjiż; iħeġġeġ lill-UNHRC jagħixxi fuq it-talba tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem biex tiġi stabbilita kummissjoni internazzjonali ta' inkjesta dwar delitti serji li ilhom iseħħu fir-RDPK għal għexieren ta' snin;

26. Jilqa' r-riżoluzzjoni adottata mill-UNHRC dwar Burma/Mjanmar u jitlob l-estensjoni tal-mandat tar-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż; jinnota l-passi meħuda mill-Gvern ta' Burma mill-bidu tal-2011 biex jerġa' jdaħħal il-libertajiet ċivili fil-pajjiż; madankollu, jesprimi preokkupazzjoni kbira ferm dwar l-għadd kbir ta' ċivili midruba jew maqtula minħabba l-operazzjonijiet militari fl-Istat ta' Kashin kif ukoll iż-żieda f'daqqa fil-vjolenza komunali fl-Istat ta' Rakhine u li b'konsegwenza tagħha mietu u ndarbu n-nies, inqerdet il-proprjetà u ġew spostati popolazzjonijiet lokali; jemmen li l-kawża sottostanti tas-sitwazzjoni hija l-politiki diskriminatorji li ilhom jeżistu kontra l-popolazzjonijiet tar-Rohingya u tal-Kashin; jisħaq li jinħtieġu sforzi akbar biex tiġi riżolta l-kawża li minnha toriġina l-problema; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Mjanmar biex jaċċellera l-implimentazzjoni tal-impenn tiegħu li jwaqqaf Uffiċċju għall-Pajjiż tal-OHCHR fil-Mjanmar u jenfasizza li rappurtar u monitoraġġ kontinwi mir-Rapporteur Speċjali għandhom jinżammu fil-kuntest attwali;

27. Jilqa' wkoll ir-riżoluzzjoni dwar is-Sri Lanka li tenfasizza r-rikonċiljazzjoni u r-responsabbiltà f'dak il-pajjiż; itenni l-appoġġ tiegħu għar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Panel ta' Esperti tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar is-Sri Lanka, inkluż ir-rispett sħiħ għall-indipendenza tal-ġudikatura bl-għan, inter alia, tal-prosekuzzjoni effikaċi tad-delitti tal-gwerra fl-imgħoddi;

28. Jilqa' r-riżoluzzjoni adottata fl-20 sessjoni tal-UNHRC li tistabbilixxi Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea; jinnota li din hija l-ewwel darba li l-UNHRC indirizza din il-kwistjoni u jfaħħar is-sens ta' tmexxija muri mill-pajjiżi Afrikani rigward din il-kwistjoni;

29. Jilqa' l-fatt li s-sitwazzjoni f'Mali qed tinżamm taħt skrutinju strett mill-UNHRC u jfaħħar is-sens ta' tmexxija muri mill-istati Afrikani li ġabu l-kwistjoni għall-attenzjoni tal-UNHRC; iħeġġeġ lill-UNHRC biex jappoġġa l-introduzzjoni rapida ta' kapaċitajiet ta' monitoraġġ f'Mali u biex jitlob li l-OHCHR ikompli jirrapporta dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż;

30. Jilqa' l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), iżda jibqa' mħasseb dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż, b'mod partikolari fil-provinċja ta' Kivu tat-Tramuntana fil-Lvant tal-pajjiż; jikkundanna bil-qawwa l-attakki mill-forzi ribelli fil-Lvant tal-pajjiż, b'mod partikolari mill-moviment M23, fuq il-popolazzjoni ċivili, inklużi n-nisa u t-tfal; jikkundanna bil-qawwa l-użu sistematiku tal-istupru bħala arma tal-gwerra; jesprimi preokkupazzjoni kbira dwar użu kontinwu tat-tfal bħala suldati u jitlob li jitneħħewlhom l-armi, u jiġu riabilitati u reintegrati; jilqa' l-isforzi li qed isiru biex tinstab soluzzjoni politika paċifika għall-kriżi mill-Istati Membri tal-Konferenza Internazzjonali dwar ir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar, l-Unjoni Afrikana u n-NU; jerġa' jitlob l-istabbiliment mill-ġdid ta' Espert Indipendenti tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK sabiex jipprovdi mekkaniżmu affidabbli li jiffoka fuq it-tijib tas-sitwazzjoni rigward il-preokkupazzjonijiet serji u li ilhom jeżistu rigward id-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż;

31. Jesprimi tħassib dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, fejn gruppi armati attakkaw u okkupaw diversi bliet fil-Grigal tal-pajjiż; jilqa' l-ftehimiet iffirmati f'Libreville fil-11 ta' Jannar 2013, inklużi l-ftehim ta' waqfien mill-ġlied u l-ftehim politiku dwar ir-riżoluzzjoni tal-kriżi fil-pajjiż; jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni rapida ta' dawn il-ftehimiet; jilqa' d-dikjarazzjoni tal-VP/RGħ tal-UE tal-11 ta' Jannar 2013, li titlob li l-firmatarji kollha jonoraw dawn il-ftehimiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iqajmu din il-kwistjoni fil-UNHRC sabiex jagħtu prijorità lill-kwistjoni tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana fl-aġenda internazzjonali;

32. Jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Iżrael u f'Gaża wara ż-żieda fil-kunflitt fl-aħħar tal-2012 u jikkundanna l-atti kollha ta' vjolenza; itenni t-talba tiegħu biex jitneħħa l-imblokk tal-Istrixxa ta' Gaża filwaqt li jitqiesu l-preokkupazzjonijiet leġittimi tal-Iżrael rigward is-sigurtà, u jitlob li jittieħdu passi lejn ir-rikostruzzjoni u l-irkupru ekonomiku tal-Istrixxa ta' Gaża; jilqa' l-missjoni internazzjonali għall-ġbir tal-informazzjoni dwar insedjamenti Iżraeljani fit-territorji Palestinjani okkupati stabbilita matul id-19-il sessjoni tal-UNHRC, u jistenna bil-ħerqa r-rendikont tagħha matul it-22 sessjoni tal-UNHRC; jesprimi t-tħassib tiegħu dar il-fatt li l-Iżrael issospenda l-kooperazzjoni tiegħu mal-UNHRC u l-Eżami Perjodiku Universali; jinkuraġġixxi bil-qawwa l-isforzi kollha favur soluzzjoni ta' żewġ stati;

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

33. Jilqa' l-adozzjoni mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fid-29 ta' Novembru 2012 tar-riżoluzzjoni li tagħmel lill-Palestina stat osservatur mhux membru tan-NU; itenni l-appoġġ tiegħu għal dan l-isforz; jinnota l-appoġġ espress mill-UE biex il-Palestina ssir membru sħiħ tan-NU bħala parti minn soluzzjoni politika għall-kunflitt bejn l-Iżrael u l-Palestinjani; jafferma mill-ġdid li l-UE mhi se tirrikonoxxi l-ebda bidla fil-fruntieri ta' qabel l-1967, anke fir-rigward ta' Ġerusalemm, għajr dawk miftiehma mill-partijiet;

34. Jilqa' l-enfasi li saret mill-UNHRC fuq id-dritt għall-housing u jistieden lill-Unjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-aċċess għal housing adegwat bħala dritt fundamentali;

35. Jikkundanna l-eżekuzzjonijiet tal-massa reċenti li twettqu fl-Iran; jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni soda tiegħu kontra l-piena tal-mewt fil-każijiet kollha u fiċ-ċirkostanzi kollha;

36. Jiddeplora l-eżekuzzjonijiet imwettqa fil-Ġappun fl-2012 wara l-moratorju fuq din il-prattika matul l-2011, is-sitt eżekuzzjonijiet imwettqa fit-Tajwan f'Diċembru 2012 u l-użu kontinwu tal-piena kapitali fl-Arabja Sawdija matul l-2012; iqis tassew ta' dispjaċir il-ksur tal-moratorju de facto fuq il-piena tal-mewt osservat mill-Indja mill-2004, permezz tal-eżekuzzjoni ta' priġunier f'Novembru 2012, li jmur ukoll kontra t-tendenza globali lejn l-abolizzjoni; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha li għadhom japplikaw il-piena tal-mewt biex ineħħuha kompletament jew tal-anqas jimplimentaw moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet;

37. Ifakkar fl-importanza kritika mogħtija mill-UE lill-ġlieda kontra t-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri juru l-impenn komuni tagħhom biex jiġi eradikat il-kastig tat-tortura u biex jingħata appoġġ lill-vittmi, partikolarment billi jikkontribwixxu għall-Fond Volontarju tan-NU għall-Vittmi tat-Tortura u għall-Fond Speċjali stabbilit mill-Protokoll Fakultattiv tal-Konvenzjoni kontra t-Tortura;

38. Jinnota b'sodisfazzjon l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-UNHRC dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin; jisħaq fuq l-enfasi li l-UE tagħmel fuq din il-kwistjoni; jistieden lill-Istati Membri jkompli jaħdmu fuq il-kwistjoni, u jistenna bil-ħerqa l-Linji gwida ġodda tal-UE li għandhom jitlestew fil-bidu ta' din is-sena; ifaħħar l-ħidma mwettqa mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin; jenfasizza l-importanza tat-tiġdid ta' dan il-mandat matul it-22 sessjoni tal-UNHRC; jenfasizza l-ħtieġa kontinwa li tiġi indirizzata b'mod sħiħ il-problema tad-diskriminazzjoni kontra l-minoranzi reliġjużi madwar id-dinja; itenni li l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, inkluża l-libertà li wieħed jibdel jew jabbanduna r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, hija dritt fundamentali tal-bniedem;

39. Jilqa' l-proċess li għaddej ta' segwitu għar-rapport tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-liġijiet u l-prassi diskriminatorji u l-atti ta' vjolenza kontra individwi abbażi tal-orjentament sesswali u l-identità tal-ġeneru tagħhom; jinkuraġġixxi segwitu ulterjuri, anke permezz ta' laqgħat reġjonali, u l-parteċipazzjoni attiva tal-Istati Membri tal-UE, tal-Kunsill u tas-SEAE; f'dan ir-rigward, assolutament jikkundanna l-għoti tal-piena tal-mewt, ta' sentenzi ta' priġunerija jew ta' kundanni kriminali abbażi tal-orjentament sesswali f'xi pajjiżi, u jitlob li dan jieqaf immedjatament; jilqa' t-tmexxija tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem rigward din il-kwistjoni, kemm fil-UNHRC kif ukoll barra; jiddispjaċih rigward it-tentattivi li għaddejjin biex jikkompromettu l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment permezz ta' riżoluzzjoni dwar il-"valuri tradizzjonali";

40. Jinnota l-ewwel Forum annwali dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li sar f'Ġinevra mill-4 sas-6 ta' Diċembru 2012, li laqqa' flimkien firxa wiesgħa ta' partijiet interessati biex jiddiskutu l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU f'dan il-qasam; jappoġġa l-konsultazzjonijiet inizjali tal-Forum dwar kif il-gvernijiet u n-negozji jistgħu jiġu mġiegħla jadottaw oqfsa regolatorji, politiċi u ta' implimentazzjoni biex jiġġieldu kontra l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem relatati mal-kummerċ;

41. Jilqa' x-xogħol tal-grupp ta' ħidma intergovernattiv miftuħ dwar il-kumpaniji privati fil-qasam militari u tas-sigurtà (PMSCs), li għandu mandat biex jikkunsidra l-possibbiltà ta' qafas regolatorju internazzjonali; jirrikonoxxi l-attenzjoni dettaljata mogħtija lill-possibbiltà li jiġi elaborat strument legalment vinkolanti dwar ir-regolamentazzjoni, il-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-attivitajiet tal-PMScs u jesprimi l-appoġġ tiegħu għal tali qafas regolatorju legalment vinkolanti; jinsisti fuq komponent qawwi ta' responsbbiltà u jistieden lill-PMSCs li għadhom ma ffirmawx il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Forrnituri Privati ta' Servizzi tas-Sigurtà (ICoC) biex jaderixxu miegħu; jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tar-rapport tal-grupp ta' ħidma; jitlob li jiġġedded il-mandat ta' dan il-grupp ta' ħidma;

42. Jenfasizza s-sinifikat tan-natura universali tal-eżerċizzju tal-Eżami Perjodiku Universali (EPU), u jafferma mill-ġdid l-importanza tal-EPU bl-għan li jinkiseb fehim sħiħ tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-post fl-Istati Membri kollha tan-NU;

43. Jilqa' l-bidu tat-tieni ċiklu tal-EPU u l-adozzjoni tal-ewwel riżultati tiegħu; itenni l-importanza li t-tieni ċiklu jiffoka fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet aċċettati matul l-ewwel ċiklu; jerġa' jitlob, madankollu, biex ir-rakkomandazzjonijiet li ma ġewx aċċettati mill-istati matul l-ewwel ċiklu jerġgħu jiġu kkunsidrati fit-tkomplija tal-proċess tal-EPU;

44. Jemmen li l-implimentazzjoni hija aspett ewlieni fit-twettiq tal-potenzjal tal-proċess tal-EPU; itenni, għalhekk, l-importanza li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jipprovdu għajnuna teknika sabiex jgħinu lill-istati soġġetti għall-eżami jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet; jinkuraġġixxi lill-istati, barra minn hekk, biex jippreżentaw aġġornamenti ta' nofs il-perjodu sabiex jgħinu biex tittejjeb l-implimentazzjoni;

45. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE li qed jipparteċipaw fid-djalogi interattivi tal-EPU biex iressqu rakkomandazzjonijiet li jkunu speċifiċi u li jistgħu jitkejlu, sabiex itejbu l-kwalità tas-segwitu u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet aċċettati;

46. Jirrakkomanda l-inklużjoni sistematika tar-rakkomandazzjonijiet tal-EPU fid-djalogi u l-konsultazzjonijiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u fl-istrateġiji għall-pajjiż tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, biex jiġi żgurat is-segwitu għar-riżultati tal-EPU; jirrakkomanda, bl-istess mod, li l-Parlament jirreferi għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet matul iż-żjarat tad-delegazzjonijiet tiegħu stess f'pajjiżi terzi;

47. Jilqa' passi li jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa fil-proċess tal-EPU ta' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati; jilqa', f'dan ir-rigward, il-bidliet fil-lista tal-kelliema, li jagħtu lill-istati kollha li jixtiequ jitkellmu matul il-proċess tal-EPU l-possibbiltà li jagħmlu dan; itenni l-apprezzament tiegħu tar-rwol aktar b'saħħtu miksub mill-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, skont il-Prinċipji ta' Pariġi; jilqa' l-parteċipazzjoni msaħħa mill-post bis-sħiħa tal-użu akbar tal-vidjokonferenzi;

48. Jemmen li jista' jsir iżjed biex is-soċjetà ċivili tiġi involuta fil-proċess tal-EPU, anke fl-implimentazzjoni tar-riżultati tiegħu, u b'mod aktar ġenerali fil-ħidma tal-UNHRC;

***Il-Proċeduri Speċjali***

49. Jafferma mill-ġdid ir-rwol kruċjali tal-Proċeduri Speċjali fil-kredibbiltà u l-effikaċja tal-ħidma tal-UNHRC u l-pożizzjoni ewlenija tagħhom fil-mekkaniżmu tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU; itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għall-Proċeduri Speċjali u jenfasizza l-importanza fundamentali tal-indipendenza ta' dawn il-mandati;

50. Iħeġġeġ lill-istati jikkooperaw bis-sħiħ mal-Proċeduri Speċjali, anke billi jilqgħu lid-detenturi tal-mandati għal żjarat fil-pajjiż mingħajr dewmien, iwieġbu għall-azzjonijiet urġenti tagħhom u l-allegazzjonijiet ta' ksur u jiżguraw segwitu xieraq għar-rakkomandazzjonijiet magħmula mid-detenturi tal-mandati; iħeġġeġ lill-membri tal-UNHRC jmexxu billi jagħtu l-eżempju fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;

51. Jilqa' l-azzjoni meħuda mill-UE biex tiġi estiża b'mod konġunt stedina permanenti lill-Proċeduri Speċjali kollha tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, u b'hekk tmexxi billi tagħti l-eżempju fir-rigward ta' din il-kwistjoni; jinkuraġġixxi lil stati membri oħra tan-NU biex jagħmlu l-istess;

52. Jikkundanna l-forom kollha ta' ritaljazzjoni kontra persuni li jikkooperaw mal-proċess tal-EPU u l-Proċeduri Speċjali; jenfasizza li azzjoni bħal din tikkomprometti s-sistema sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE; iħeġġeġ lill-istati kollha jipprovdu protezzjoni adegwata kontra atti ta' intimidazzjoni bħal dawn;

***L-involviment tal-UE***

53. Itenni bl-aktar mod qawwi l-importanza tal-parteċipazzjoni attiva tal-UE fil-mekkaniżmi tan-NU tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-UNHRC; jinkuraġġixxi lill-Istati Membri jagħmlu dan billi jikkosponsorjaw riżoluzzjonijiet, billi jipparteċipaw attivament f'dibattiti u fi djalogi interattivi, u billi joħorġu stqarrijiet; jappoġġa bil-qawwa r-rikors li qed jiżdied min-naħa tal-UE għal inizjattivi transreġjonali;

54. Jenfasizza l-importanza li l-ħidma li qed issir f'Ġinevra fil-kuntest tal-UNHRC tiġi integrata fl-attivitajiet interni u esterni rilevanti tal-UE, fosthom f'dawk tal-Parlament;

55. Jissottolinja l-importanza tal-istabbiliment tal-pożizzjoni tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem (RSUE); jinkuraġġixxi lill-RSUE jsaħħaħ l-effikaċja, il-koerenza u l-viżibbiltà tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-UNHRC u jiżviluppa kooperazzjoni mill-qrib mal-OHCHR u mal-Proċeduri Speċjali;

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

56. Jinkuraġġixxi lill-VP/RGħ tal-UE u lir-RSUE jkunu preżenti fis-Segment ta' Livell Għoli tal-UNHRC;

57. Itenni l-effikaċja potenzjai tal-azzjoni tal-UE meta l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jużaw il-piż kollettiv tagħhom; jisħaq fuq l-importanza li jkomplu jitjiebu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan ir-rigward sabiex tintlaħaq pożizzjoni komuni dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem; jerġa' jitlob għal azzjoni aktar soda u ambizzjuża u impenji konkreti minflok ma jiġi aċċettat id-denominatur komuni l-aktar baxx; jinkuraġġixxi, f'dan il-kuntest, lis-SEAE, b'mod partikolari permezz tad-delegazzjonijiet tal-UE f'Ġinevra u fi New York, biex iżid il-koerenza tiegħu permezz ta' konsultazzjoni sostantiva u f'waqtha;

58. Jisħaq fuq is-sinifikat tar-ratifika tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltajiet, l-ewwel okkażjoni li fiha l-UE rratifikat konvenzjoni tan-NU bħala entità ġuridika; u jistieden lill-UE tiffirma u tirratifika l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika;

59. Itenni għal darb'oħra l-importanza li l-Istati Membri tal-UE jaħdmu sabiex jiġu ssodisfati l-indiviżibbiltà u l-universalità tad-drittijeit tal-bniedem u biex jappoġġaw ix-xogħol tal-UNHRC f'dan ir-rigward, b'mod particolari billi jirratifikaw l-istrumenti internazzjonali kollha tad-drittijiet tal-bniedem li jkun stabbilixxa dan il-korp; itenni d-dispjaċir tiegħu li l-ebda Stat Membru tal-UE ma rratifika l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom; itenni wkoll, id-dispjaċir tiegħu li diversi Stati Membri għadhom ma adottawx u/jew għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat jew il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħrajn u li żewġ Stati Membri biss irratifikaw il-Protokoll Fakultattiv tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali; itenni l-istedina tiegħu lill-Istati Membri kollha biex jirratifikaw dawn il-konvenzjonijiet u l-protokolli, u jħeġġiġhom jiffirmaw u jirratifikaw il-Protokoll Fakultattiv reċenti tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar proċedura ta' komunikazzjoni, li nfetħet għall-iffirmar f'Ġinevra, l-Isvizzera, fit-28 ta' Frar 2012; jisħaq fuq l-importanza li l-Istati Membri jippreżentaw ir-rapporti perjodiċi tagħhom lill-korpi ta' monitoraġġ tan-NU fil-ħin;

60. Itenni kemm huwa importanti li l-UE tiddefendi l-indipendenza tal-OHCHRu li tiżgura li jista' jkompli jeżerċita l-kompiti tiegħu b'mod imparzjali; u jfakkar fl-importanza li jiġi żgurat li jingħata biżżejjed finanzjament biex l-uffiċċji reġjonali tal-OHCHR jibqgħu miftuħin;

61. Jinnota li l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem hija prijorità ewlenija tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li r-ritaljazzjoni u l-intimidazzjoni kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDD) li jikkooperaw mal-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU jheddu li jdgħajfu din is-sistema; japprezza, għalhekk, l-appoġġ prattiku u finanzjarju allokat għall-protezzjoni urġenti u l-appoġġ tad-DDB taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR);

62. Jilqa' l-istabbiliment fl-2012 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM) ibbażat fi Brussell; jirrikonoxxi l-isforzi tal-COHOM biex itejjeb it-tħejjija u l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-UE għas-sessjonijiet tal-UNHRC, inkluża l-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-COHOM f'Ġinevra; itenni l-aspettattivi tiegħu li l-COHOM se jkun strumentali fl-indirizzar tal-kwistjoni tal-konsistenza bejn il-politika interna u esterna tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

63. Jistenna li l-iżvilupp tal-istrateġiji għall-pajjiż tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem jiġi kkorrdinat kif xieraq mal-azzjoni tal-UE fil-fora tan-NU; itenni r-rakkomandazzjoni tiegħu li l-istrateġiji għall-pajjiż tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ikunu ikkomunikati lill-Parlament Ewropew u jsiru pubbliċi meta dan ikun possibbli sabiex jagħtu viżibbiltà lill-impenn tal-UE favur id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi u sabiex dawk li qed jissieltu għad-drittijiet tal-bniedem isibu appoġġ f'dawn id-dokumenti;

64. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi enfasizzata fil-UNHRC l-kwistjoni inkwetanti tal-ispazju dejjem jonqos għall-NGOs f'għadd ta' pajjiżi madwar id-dinja; jinkuraġġixxi lis-SEAE u lill-Istati Membri jagħmlu sforzi konġunti biex iqajmu din il-kwistjoni;

65. Jerġa' jistieden, fid-dawl ta' rapporti ġodda li kumpaniji tal-UE qed ikunu kompliċi f'abbużi tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi, lill-VP/RGħ biex jiġbed l-attenzjoni lejn din il-kwistjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa politika aktar ambizzjuża dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji; iħeġġeġ lis-SEAE, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri effikaċi biex tkun żgurata r-responsabbiltà tal-kumpanniji għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem; itenni, f'dan il-kuntest, l-importanza li l-politiki interni u esterni jsritu aktar konsistenti u r-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem fil-politiki interni sabiex jiġu evitati standards doppji;

66. Jagħti mandat lid-delegazzjoni tiegħu għat-22 sessjoni tal-UNHRC biex tleħħen it-tħassib u l-fehmiet espressi f'din ir-riżoluzzjoni; jistieden lid-delegazzjoni tirrapporta lis-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar iż-żjara tagħha; iqis li huwa indispensabbli li tissokta l-prattika li tintbagħat delegazzjoni tal-Parlament għal sessjonijiet relevanti tal-UNHRC u tal-Assemblea Ġenerali tan-NU;

o

o o

67. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-President tas-67 Assemblea Ġenerali tan-NU, lill-President tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u lill-Grupp ta' Ħidma UE-NU mwaqqaf mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin.

---

P7_TA(2013)0056

## Taħriġ ġudizzjarju – koordinaturi tal-qrati

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar it-taħriġ ġudizzjarju – koordinaturi tal-qrati (2012/2864(RSP))**

(2016/C 024/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jipprevedu l-adozzjoni permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja ta' miżuri li jkollhom l-għan li jiżguraw "appoġġ fit-taħriġ tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 1991 dwar l-istabbiliment ta' Akkademja tal-Liġi Ewropea ([1]), il-pożizzjoni tiegħu tal-24 ta' Settembru 2002 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju ([2]), ir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2008 dwar l-irwol tal-imħallef nazzjonali fis-sistema ġudizzjarja Ewropea ([3]), u r-rakkomandazzjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2009 lill-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' żona tal-UE għall-ġustizzja kriminali ([4]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-20 ta' April 2010 dwar Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma(COM(2010)0171)

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill – Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadinidwar il-Programm ta' Stokkolma ([5]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tat-13 ta' Settembru 2011, "Inkattru l-Fiduċja f'Ġustizzja Ewropea – Dimensjoni Ġdida Għat-Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew"(COM(2011)0551)

---

([1]) ĠU C 267, 14.10.1991, p. 33.
([2]) GU C 273 E, 14.11.2003, p. 99.
([3]) GU C 294 E, 3.12.2009, p. 27.
([4]) GU C 212 E, 5.8.2010, p. 116.
([5]) GU C 285 E, 21.10.2010, p. 12.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

— wara li kkunsidra l-proġett pilota dwar it-taħriġ ġudizzjarju propost mill-Parlament fl-2011,

— wara li kkunsidra l-istudju kumparattiv dwar it-taħriġ ġudizzjarju fl-Istati Membri mill-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ALE) f'kollaborazzjoni man-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ (NETĠ) Ġudizzjarju, ikkummissjonat mill-Parlament ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 ([2]) u tal-14 ta' Marzu 2012 ([3]) dwar it-taħriġ ġudizzjarju,

— wara li kkunsidra l-esperjenza fil-Pajjiżi l-Baxxi b'Eurinfra u n-netwerk tagħha ta' koordinaturi tal-qrati għad-dritt Ewropew, kif qed tibda tkun imitata fi Stati Membri oħra, b'mod partikolari l-Italja bil-proġett Ewropew tagħha Gaius, id-Danimarka, ir-Rumanija u l-Bulgarija, imfassla madwar it-tliet pilastri (a) tat-titjib tal-aċċessibbiltà tar-riżorsi ta' informazzjoni dwar id-dritt Ewropew bl-użu tat-teknoloġija tal-web, (b) tat-titjib tal-għarfien tad-dritt Ewropew fost il-ġudikatura u (c) tat-twaqqif u ż-żamma ta' netwerk ta' koordinaturi tal-qrati għad-dritt Ewropew,

— wara li kkunsidra l-passi kbar 'il quddiem li qed tieħu t-teknoloġija tal-informazzjoni, li permezz tagħha, pereżempju, it-tagħlim elettroniku jista' jintuża dejjem aktar bħala għodda flessibbli biex jintlaħqu aktar utenti finali, indipendentament mill-ħin u mill-post, filwaqt li t-teknoloġija avvanzata – b'mod partikolari magni ta' tiftix sofistikati – jistgħu jintużaw biex jiġbru informazzjoni biex tittejjeb l-aċċessibbiltà tad-dritt,

— wara li kkunsidra il-mistoqsija tal-Kummissjoni dwar taħriġ ġudizzjarju – koordinaturi tal-qrati (O-000186/2012 – B7-0112/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-oriġini tas-sistemi ġudizzjarji tagħna huma kumplessi b'tali mod li, skont studju akkademiku riċenti ([4]), id-dritt Ruman għandu jitqies aktar bħala proġett multikulturali aktar milli evoluzzjoni speċifika ta' kultura waħda, u l-common law (filwaqt li tiġi injorata l-oħt pretorjana tagħha, l-ekwità, u l-influenza tad-dritt kanoniku) tista' tkun magħrufa aħjar bħala d-dritt "Anglo-Normann"; billi l-istat ta' dritt huwa ħaġa waħda li nikkondividu u wieħed mill-valuri li d-dritt Ewropew ta lid-dinja; billi dak li hu meħtieġ huwa approċċ olistiku min-naħa kemm tal-prattikanti kif ukoll tal-ġudikatura;

B. billi m'hemmx skuża għal nuqqas ta' għarfien tad-dritt Ewropew min-naħa tal-imħallfin nazzjonali, li huma u għandhom ikunu mħallfin Ewropej, li huma mitluba jiżvolġu rwol fundamentali f'sitwazzjoni li fiha se jkun meħtieġ rwol akbar għall-Ewropa; billi dan ma jipprekludix it-trawwim ta' kultura ġudizzjarja Ewropea fejn id-diversità tkun iċċelebrata bħala ġid komuni;

C. billi kull qorti nazzjonali hija qorti tad-dritt Ewropew;

D. billi ż-żieda fl-għadd ta' Stati Membri u l-piż li qed jiżdied fuq il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja jfissru li l-qrati nazzjonali għandhom jużaw kull mezz għad-dispożizzjoni tagħhom biex jiffaċilitaw aċċess effikaċi u rapidu għall-ġustizzja;

E. billi dak li hu meħtieġ huwa mezzi kosteffikaċi kif jittejjeb it-taħriġ tal-imħallfin u l-aċċess tagħhom għad-dritt;

F. billi jkun siewi ħafna li tiġi promossa l-idea ta' koordinaturi tal-qrati nazzjonali għad-dritt Ewropew u l-interkonnessjoni tagħhom fil-livell Ewropew; billi l-funzjoni ewlenija ta' netwerk interkonnessa ta' koordinaturi tal-qrati tkun li tippermetti lill-imħallfin jikkonsultaw faċilment fil-ħidma tagħhom ta' kuljum mal-kontropartijiet tagħhom fi Stati Membri oħrajn fuq kwistjonijiet bħall-interpretazzjoni ta' kliem partikolari fil-liġi Ewropea applikabbli (direttiva jew regolament) f'ambjent diġitali sikur (permezz ta' medium soċjali maħluq apposta jew permezz tal-portal e-justice); billi dawn iċ-"ċirki ta' koerenza" iwasslu għal uniformità akbar fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE filwaqt li jnaqqsu l-għadd ta' rinviji għal deċiżjonijiet preliminari, mingħajr ma jnaqqsu mir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja;

---

([1]) http://www.europarl.europa.eu/delegations/en/studiesdownload.html?languageDocument=EN&file=60091
([2]) GU C 236 E, 12.8.2011, p. 130.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0079.
([4]) P.G. Monateri, *Black Gaius. A Quest for the Multicultural Origins of the Western Legal Tradition*, fi 51 *Hastings Law Journal*, 2000, 479 *et seq.*; http/.jus.unitn.it/cardozo/users/pigi/blackgaius/bge.pdf.

G. billi, kif il-Parlament iddetermina diġà, mod wieħed kif jiġu solvuti l-problemi (spejjeż, taħriġ lingwistiku, kosteffikaċja) ikun li tintuża t-teknoloġija moderna u jiġi ffinanzjat il-ħolqien ta' "Apps" (applikazzjonijiet ibbażati fuq il-kompjuters għal użu fuq il-PCs, it-telefons mobbli, it-tablets, eċċ.);

H. billi wieħed jista' jibda bil-parti ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, peress li l-ġestjoni elettronika tal-għarfien tippermetti aċċes dettaljat għall-aktar informazzjoni aġġornata;

I. billi sitwazzjoni li fiha kull Stat Membru jibda jiżviluppa t-teknoloġija u l-istrutturi diġitali tiegħu stess biex jippermetti l-provvista ta' għodda diġitali tkun ħela ta' enerġija u riżorsi finanzjarji, speċjalment f'dawn iż-żminijiet ta' trażżin ekonomiku;

J. billi l-isforzi doppji għandhom ikunu evitati u l-użu mill-ġdid ta' proġetti ta' taħriġ ta' kwalità għandu jiġi promoss; billi dan jitlob interkonnessjoni akbar bejn l-Istati Membri fil-ġestjoni tal-għarfien tad-dritt tal-UE;

K. billi b'mod partikolari fl-iżvilupp ta' magni tat-tiftix għat-tiftix tas-sentenzi, tal-opinjonijiet u tad-dritt tal-UE b'mod ġenerali, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw jekk din it-teknoloġija tistax tkun ta' benefiċċju għall-ġudikatura fi Stati Membri oħrajn ukoll, f'liema każ it-teknoloġija tista' tinġabar, tiġi kkoordinata u żviluppata b'mod komuni;

L. billi għandna tiġi mnedija skema għall-użu mill-ġdid tal-prodotti tat-taħriġ, permezz pereżempju tar-reġistrazzjoni u t-traduzzjoni/l-iddoppjar/l-issottotitolar ta' lekċers fuq bażi ta' kofinanzjament;

M. billi dan kollu għandu jinġabar flimkien fi pjan ewlieni għall-ġestjoni tal-għarfien għall-ġudikatura, bl-użu tal-portal e-justice skont kif ikun xieraq;

N. Billi d-Dritt Komuni Ewropew tal-Bejgħ, meta jiġi adottat, se jipprovdi spazju ta' sperimentazzjoni għan-netwerk ta' koordinaturi tal-qrati tad-dritt Ewropew billi jipprovdi opportunità biex tinkiseb koerenza orizzontali bejn l-imħallfin nazzjonali f'oqsma fejn teżisti ftit jew xejn ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, mingħajr, ovvjament, ma jiġu rduppjati n-netwerks speċjalizzati f'dan il-qasam;

O. billi l-kurżità dwar is-sistemi l-oħra, il-mentalitajiet miftuħa – anke għall-użu ta' teknoloġiji u metodi ġodda – u d-djalogu għandhom ikunu kliem muftieħ f'Ewropa – u f'dinja – fejn id-dritt u l-prattikanti tiegħu se jkollhom ikunu aktar innovattivi fl-approċċ tagħhom għall-ġestjoni tal-għarfien;

P. billi dan jista' jkollu impatt pożittiv fuq il-perċezzjonijiet pubbliċi tal-Unjoni Ewropea – iktar ma jkun hemm disponibbli informazzjoni bbażata fuq il-fatti, inqas jitwemmnu l-miti u l-qerq dwar l-Unjoni nnifisha, dwar id-dritt tagħha u dwar il-mod kif taħdem, u aktar ikun hemm spazju għal dibattitu u diskussjoni politiċi onesti ([1]);

Q. billi dan huwa aspett ieħor tal-bini ta' kultura ġudizzjarja Ewropea, iżda mhuwiex l-istorja kollha; billi jeħtieġ li jiġu estiżi għall-universitajiet u għall-iskejjel tad-dritt metodi ġodda ta' taħriġ u curricula ġodda li jenfasizzaw it-tagħlim tal-lingwi u li jippromwovu l-istudju tad-dritt kumparattiv u tad-dritt internazzjonali – Erasmus (għall-istudenti tad-dritt u għall-imħallfin) kien biss bidu;

R. billi wasal iż-żmien li wieħed imur lil hinn qabel kollox b'diskussjoni mingħajr kundizzjonijiet tat-taħriġ legali – għall-imħallfin u għall-prattikanti – u tal-edukazzjoni legali f'forum li jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' membri tal-ġudikatura, l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti inklużi l-kunsilli tal-ġudikatura u l-iskejjel tat-taħriġ ġudizzjarju u l-Akkademja tal-Liġi Ewropea, in-Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju, in-Netwerk Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura u l-Istitut tad-Dritt Ewropew;

1. Itenni u jerġa' jafferma r-riżoluzzjonijiet tiegħu hawn fuq msemmija tas-17 ta' Ġunju 2010 u tal-14 ta' Marzu 2012 dwar it-taħriġ ġudizzjarju;

---

([1]) Ara, pereżempju, fir-rigward tal-miti dwar l-involviment tal-UE fid-dritt kriminali, ix-xogħol eċċellenti, *Opting out of EUR Criminal law: What is actually involved?*, ta' Hinarejos, Spencer and Peers, CELS Working Paper, New Series, No 1, http://www.cels.law.cam.ac.uk/publications/working_papers.php

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

2. Jistieden lill-Kummissjoni tħaffef l-aġġudikazzjoni tal-appalti tal-proġett pilota;

3. Jistieden lill-Kummissjoni trawwem u tisponsorja l-koordinaturi tal-qrati nazzjonali tad-dritt Ewropew u l-interkonnessjoni li qed titfaċċa bejn in-netwerks nazzjonali tal-koordinaturi tal-qrati, filwaqt li tinkoraġġixxi u tippromwovi l-ideat stabbiliti fil-premessi ta' din ir-riżoluzzjoni u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament tas-17 ta' Ġunju 2010 u tal-14 ta' Marzu 2012;

4. Jiġbed l-attenzjoni għall-benefiċċji pożittivi potenzjali għall-ekonomija, b'mod partikolari għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju, tal-iżvilupp u l-isfruttament tat-tagħlim elettroniku u t-teknoloġiji l-ġodda, speċjalment il-magni tat-tiftix;

5. Iqis li l-iżvilupp professjonali tal-avukati għandu jenfasizza l-ħtieġa ta' standards komuni ta' etika professjonali, il-ħtieġa li l-ġudikatura tkun indipendenti u imparzjali u approċċ għar-regolamentazzjoni Ewropea li jkun jirrispetta d-diversità, peress li huwa biss b'dan il-mod li tkun tista' tinkiseb fiduċja reċiproka ġenwina;

6. Jinnota li s-sistema legali tal-Istati Membri, minkejja d-diversità tagħhom, huma bbażati fuq prinċipji komuni u għandhom l-istess oriġini komuni; ifakkar li, sa ftit sekli ilu, il-professjonijiet legali fl-Ewropa kienu meqjusa li huma korp unifikat ta' prattikanti, li huma kapaċi jagħtu pariri, jħejju dokumenti legali u jittrattaw quddiem il-qrati fi kwalunkwe parti tal-Ewropa; iqis li l-politika ta' taħriġ legali tal-Unjoni Ewropea għandha tkun ispirata minn dan il-fatt, li juri li l-mobbiltà sħiħa tal-prattikanti legali hija fattibbli;

7. Jipproponi, fl-aħħar nett, li l-Kummissjoni torganizza forum fis-sajf tal-2013 – "Kungress ta' Messina għall-bini ta' kultura ġudizzjarja Ewropea" – fejn imħallfin tal-livelli kollha ta' anzjanità jkunu jistgħu jiltaqgħu u jkollhom diskussjonijiet dwar qasam jew oqsma riċenti ta' kontroversja jew diffikultà legali, biex tkun inkoraġġita d-diskussjoni, jinbnew il-kuntatti, jinħolqu kanali ta' komunikazzjoni u tinbena l-fiduċja u l-fehim reċiproċi; forum ta' dan it-tip jista' jkun ukoll opportunità storika għall-awtoritajiet kompetenti u għall-esperti, inklużi l-universitajiet u l-korpi professjonali, biex jiddiskutu l-politika tat-taħriġ ġudizzjarju u l-ġejjieni tal-edukazzjoni legali fl-Ewropa;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2013)0057

## Il-Bank Ewropew tal-Investiment – Rapport Annwali 2011

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar ir-Rapport Annwali 2011 tal-Bank Ewropew tal-Investiment (2012/2286(INI))**

(2016/C 024/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali 2011 tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 15, 126, 175, 208, 209, 271, 308 u 309 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 5 tiegħu dwar l-Istatut tal-BEI,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2012 dwar il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) – Rapport Annwali 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 u d-29 ta' Ġunju 2012, li, b'mod partikolari, jipprevedu żieda fil-kapital tal-BEI ta' EUR 10 biljun,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-summit Ewropew tad-29 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra r-rapport mill-President tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Ġunju 2012, "Lejn unjoni ekonomika u monetarja ġenwina",

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0119.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

— wara li kkunsidra r-rapport dwar "Strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskji" (fajl ta' kodeċiżjoni adottat is-sena li għaddiet), u b'mod partikolari l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,

— wara li kkunsidra ż-żieda kapitali tal-BERŻ, speċjalment fir-rigward tal-kwistjoni tar-relazzjonijiet bejn il-BEI u l-BERŻ u t-trikkib possibbli,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-ambitu tal-BERŻ għaż-żona tal-Mediterran,

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) u r-Regolament (KE) Nru 680/2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (COM(2011)0659), li tintroduċi l-fażi pilota għall-Inizjattiva dwar bonds li jiffinanzjaw proġetti Ewropa 2020,

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Kunsill li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (COM(2012)0511), u l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) fir-rigward tal-interazzjoni tiegħu mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru …/… li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (COM(2012)0512), li għandu l-għan li jistabbilixxi Unjoni Bankarja Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 48 u 119(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0016/2013),

A. billi l-kombinazzjoni ta' baġits pubbliċi stretti, dejn sovran eċċessiv u l-miżuri korrettivi relatati li ta' sikwit jippenalizzaw id-domanda aggregata, b'istituzzjonijiet finanzjarji rregolati b'mod mhux adegwat li f'xi każijiet qed toħloq garigor ekonomiku dejjem nieżel 'l isfel fil-livell tal-UE, filwaqt li qed jippressaw 'l isfel fuq l-investiment, speċjalment għall-SMEs, u qed ikollhom impatt negattiv fuq it-tkabbir, il-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Unjoni;

B. billi l-BEI twaqqaf bit-Trattat ta' Ruma u għandu r-rwol tal-"bank tal-Unjoni Ewropea", li l-għan tiegħu huwa li jgħin biex jitwettqu l-prijoritajiet tal-Unjoni permezz tal-għażla ta' proġetti ekonomikament sodi għal investiment mill-UE; billi bħala bank mingħajr skop ta' qligħ jikkomplementa wkoll il-banek kummerċjali u l-qafas finanzjarja globali billi jindirizza l-fallimenti tas-suq;

C. billi d-dejn u l-kriżi ekonomika u fiskali attwali affettwaw serjament l-iżvilupp ekonomiku ta' ħafna Stati Membri u aggravaw il-kundizzjonijiet soċjali, filwaqt li ħeġġew lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod adegwat b'miżuri maħsuba biex jirrestawraw ekonomiji b'saħħithom u jħejju pedament sod għal impjiegi u tkabbir futuri; billi l-BEI għandu l-kapaċità, permezz ta' self miżjud u parteċipazzjoni fi proġetti ta' investiment ekonomikament affidabbli, minħabba wkoll l-iskarsezza tar-riżorsi pubbliċi, li jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali u t-tkabbir ekonomiku ta' dawk l-Istati Membri li qed jesperjenzaw problemi finanzjarji;

D. billi l-operazzjonijiet tal-BEI barra mill-UE jitwettqu bħala appoġġ għal proġetti ekonomikament vijabbli li jkunu f'konformità mal-politiki ta' azzjoni esterni tal-Unjoni;

E. billi l-BEI jissokta l-isforzi tiegħu f'ambjent ikkaratterizzat b'ġurisdizzjonijiet irregolati b'mod dgħajjef, mhux trasparenti jew mhux kooperattivi, inkluż permezz ta' i): skrinjar tal-kapaċità tal-AML-CFT (l-anti-money laundering u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu) tal-intermedjarji użati għas-self intermedjat tiegħu, sabiex jidentifikaw kif dovut il-benefiċjarji finali tal-fondi tal-BEI b'konformità mad-direttivi tal-UE dwar l-AML-CFT jew l-istandards tal-FATF (Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja), skont kif ikun applikabbli; u ii): monitoraġġ tal-iżborżament tal-BEI permezz ta' tali ġurisdizzjonijiet;

([1]) ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

F. billi ġie introdott sett ġdid ta' regoli għas-sorveljanza u d-dixxiplina ekonomika, fiskali u baġitarja fl-UE, u speċjalment fiż-żona tal-euro, sabiex tiġi żgurata s-sostenibilità tad-dejn pubbliku;

G. billi dan is-sett ta' regoli jeħtieġ li jkun appoġġat urġentement b'miżuri mfassla biex jagħtu spinta lill-ekonomija, l-industrija, it-tkabbir, il-kompetittività, l-innovazzjoni u l-impjiegi, li jirrikjedu l-mobilizzazzjoni tal-baġit tal-UE u tal-kapaċità ta' self u l-kompetenza tal-BEI;

H. billi hemm ħtieġa urġenti li jiġi żgurat li l-BEI jżomm il-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tiegħu, sabiex iżomm l-aċċess tiegħu għas-swieq kapitali madwar id-dinja b'kundizzjonijiet ta' finanzjament attraenti li jistgħu jiġu ttrasferiti lill-promoturi tal-proġett finali; billi jeħtieġ ukoll li l-investimenti tiegħu ikunu konformi mal-politiki tal-UE, b'attenzjoni partikolari fir-rigward tat-tkabbir u l-impjiegi;

I. billi s-self tal-BEI niżel minn EUR 72 biljun fl-2010 għal EUR 61 biljun fl-2011 minħabba li ż-żieda kbira pprovduta fl-2009 u fl-2010 b'reazzjoni għall-ewwel mewġa tal-kriżi rriżultat fl-eżawriment tal-bażi kapitali tiegħu;

1. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Gvernaturi tal-BEI rigward iż-żieda kapitali ta' EUR 10 biljun għall-Bank, li għandha tippermettilu jżid is-self b'massimu ta' EUR 60 biljun matul il-perjodu 2013-2015, u jkollu effett ta' lieva ta' madwar EUR 180 biljun ta' investimenti totali; jinnota, madankollu, li dawn l-investimenti, anki jekk permezz tal-effett ta' lieva bħal hawn fuq, jammontaw annwalment għal 0,5 % tal-PGD tal-UE; jemmen, għalhekk, li żieda ulterjuri f'dan il-kapital tkun ta' benefiċċju kbir għall-Unjoni fil-kuntest tal-bżonn tagħha ta' tkabbir ekonomiku;

2. Jistieden lill-BEI jagħmel valutazzjoni tal-effettività u s-sostenibilità tal-miżuri tal-kriżi tal-2009 u l-2010, li s-sejbiet tagħha għandhom iservu ta' bażi għad-deċiżjonijiet futuri dwar il-prijoritajiet għal pjanijiet ta' investiment għal żieda kapitali;

3. Jirrakkomanda li l-kapaċità ta' self ġdida tkun allinjata mal-prijoritajiet tal-UE għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi u li tkun iffokata b'mod partikolari fuq erba' oqsma (l-Inizjattiva tal-UE dwar l-Aċċess tal-SMEs għall-Finanzi; l-Inizjattiva tal-UE dwar l-Innovazzjoni u l-Ħiliet; l-Inizjattiva tal-UE dwar l-Effiċjenza fir-Riżorsi; u l-Inizjattiva tal-UE dwar l-Infrastruttura Strateġika), filwaqt li tkopri lill-Istati Membri kollha iżda tkun iffokata fuq ir-reġjuni inqas żviluppati filwaqt li jinżamm portafoll ta' investiment diversifikat;

4. Iħeġġeġ l-użu ta' rimborżi ta' kapital ta' riskju u strumenti finanzjarji għal investimenti ġodda f'konformità mal-mandat ta' self tal-BEI;

5. Ifakkar li l-kooperazzjoni organizzata bejn entitajiet tal-UE (il-Kummissjoni u l-BEI), li ġġib flimkien istituzzjonijiet oħra, x'aktarx tkun iktar effiċjenti minn kompetizzjoni fl-istess livell;

6. Jitlob orjentazzjoni strateġika tar-riżorsi tal-BEI lejn il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull Stat Membru fi ħdan il-qafas tal-mandat tiegħu;

7. Jenfasizza l-bżonn li jsir użu akbar mill-inizjattivi konġunti eżistenti tal-Kummissjoni u tal-Grupp FEI/BEI bħal JEREMIE li jiffinanzjaw intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) flimkien mal-Fondi Strutturali (kif ukoll ELENA jew EPEC), sabiex jiġu offruti servizzi ta' konsulenza teknika u finanzjarja, kif ukoll strumenti bħalma huma PROGRESS u JASMINE għall-finanzjament ta' proġetti ta' mikrofinanzjament, speċjalment f'dawk ir-reġjuni tal-UE fejn dawk qiegħda għaddejjin minn diffikultà estrema biex isibu xogħol; b'mod parallel, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel riżorsi baġitarji adegwati disponibbli għall-BEI/FEI għal dan l-iskop, sabiex jiżdied l-għadd ta' proġetti ffinanzjati b'dawn il-programmi,

8. Jafferma mill-ġdid l-importanza li l-BEI jikkonforma b'mod volontarju mar-rekwiżiti kapitali attwali ta' Basel II, u jissuġġerixxi li jissodisfa l-obbligi futuri ta' Basel III filwaqt li jżomm f'moħħu n-natura speċifika tal-attivitajiet tiegħu;

9. Jemmen li l-BEI, bħala bank li għandu bżonn iżomm il-klassifikazzjoni tiegħu ta' "AAA", m'għandux ikun espost għal interventi finanzjarji li normalment jaqgħu fis-sezzjoni ta' investiment ta' baġit pubbliku, ħaġa li hija nieqsa fil-baġit tal-UE;

10. Ifakkar fl-insistenza tiegħu, li ġiet imtennija matul diversi snin, dwar in-neċessità ta' superviżjoni bankarja prudenzjali tal-BEI;

11. Jipproponi li din is-superviżjoni bankarja prudenzjali għandha tkun:

(i) eżerċitata mill-BĊE abbażi tal-Artikolu 127(6) TFUE; jew

(ii) eżerċitata fil-kuntest tal-Unjoni Bankarja futura prevista fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2012 ([1]); jew

(iii) fin-nuqqas ta' dan, u abbażi ta' approċċ volontarju mill-BEI, imwettaq mill-Awtorità Bankarja Ewropea, bil-parteċipazzjoni ta' wieħed jew diversi superviżuri nazzjonali jew mingħajrha, jew inkella minn awditur indipendenti;

jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma pproponiet l-ebda azzjoni f'dan ir-rigward, minkejja t-talbiet tal-Parlament, li jmorru lura għall-2007;

12. Jitlob li l-Kummissjoni tipprovdi assigurazzjoni lill-Parlament li l-attivitajiet tal-BEI jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu oħra;

13. Itenni l-proposta tiegħu li l-Unjoni Ewropea ssir membru tal-BEI;

14. Jikkunsidra li, matul il-perjodu attwali u sakemm ir-rati tal-interessi għan-negozji jkunu jvarjaw b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-azzjonijiet tal-BEI huma ta' importanza dejjem ikbar fil-qafas tal-isforzi tal-UE biex tindirizza din il-problema;

15. Jikkunsidra li, sabiex jiġu żviluppati strumenti finanzjarji konġunti tal-BEI/UE, għandu jitwaqqaf qafas xieraq f'waqtu għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-BEI u sabiex tiżdied ir-responsabilità demokratika permezz tal-involviment tal-Parlament u l-Kunsill; dan il-qafas għandu jippermetti li l-BEI jkompli jivvaluta l-proġetti skont il-mertu tagħhom stess, sabiex jiġi żgurat l-użu sostenibbli u fit-tul tar-riżorsi kapitali tal-BEI, u għandu jindirizza l-ħtieġa li jiġu evitati piżijiet amministrattivi eċċessivi għall-entitajiet ta' ġestjoni, l-intermedjarji finanzjarji u l-benefiċjarji finali;

16. Jirrakkomanda li l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji tal-BEI/UE għandha tkun ibbażata fuq kriterji u objettivi ta' politika ex ante, flimkien ma' sistema trasparenti u effiċjenti ta' rappurtar ex post li żżomm l-indipendenza tal-BEI fir-rigward tal-għażla tal-proġetti u d-diliġenza dovuta;

17. Jilqa' l-inizjattiva dwar bonds li jiffinanzjaw proġetti UE 2020, u jitlob titjib iktar rapidu tal-fażi pilota u valutazzjoni fil-pront tal-kisbiet tagħha, bl-għan li tibda t-tieni fażi tal-bonds li jiffinanzjaw il-proġetti; jemmen li din l-inizjattiva għandha tikkontribwixxi għal żvilupp ibbilanċjat tal-industrija u l-infrastrutturi fl-Istat Membri kollha u m'għandhiex tispiċċa tkabbar id-differenzi bejn is-swieq tal-PPP u s-swieq tal-Iffinanzjar tal-Proġetti tal-UE aktar avvanzati u dawk anqas avvanzati;

18. Jemmen li l-BEI għandu jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u n-nuqqas ta' trasparenza fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi mhux membri tal-UE fejn jopera, b'mod partikolari billi jiġbor informazzjoni rilevanti dwar il-benefiċjarji u l-intermedjarji finanzjarji, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari fir-rigward tal-aċċessibilità tal-SMEs għas-self u r-rabtiet tagħhom mal-ekonomija lokali, u filwaqt li jippubblika informazzjoni dwar l-ammonti aggregati żborżati, l-għadd u l-ismijiet tar-riċevituri tal-fondi kkonċernati, b'mod partikolari l-SMEs, kif ukoll ir-reġjuni u s-setturi li lilhom ġew allokati; jistieden, barra minn hekk, lill-BEI jaġixxi skont l-Artikolu 3(5) tat-Trattat UE, li, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Diċembru 2011 fis-sentenza ATAA tagħha, jirrikjedi li l-Unjoni tikkontribwixxi għall-osservanza stretta tad-dritt internazzjonali, u b'mod partikolari tal-Karta tan-NU;

19. Iħeġġeġ lill-BEI biex ikompli bl-isforzi tiegħu sabiex jiġi evitat li jsir rikors għal ċentri finanzjarji offshore jew ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx fi ħdan l-operazzjonijiet finanzjarji tiegħu; f'dan il-kuntest, jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni rigward il-kriterji li għandhom jintużaw biex jiġu identifikati pajjiżi terzi li ma jissodisfawx l-istandards ta' governanza tajba fi kwistjonijiet fiskali; jemmen li l-Kummissjoni għandha tidħol f'dibattitu mal-BEI sabiex jiġi żgurat li dawn il-kriterji jiġu applikati kif dovut fl-għażla tal-proġetti, il-benefiċjarji u l-intermedjarji; jistieden lill-BEI, wara każ riċenti fis-settur tal-minjieri, jindika liema proċeduri u standards jistgħu jiġu adottati fi kwalunkwe każ futur ta' dan it-tip;

20. Ifakkar li n-nuqqas ta' finanzjament huwa biss wieħed mill-ostakli potenzjali għall-investiment, u li ta' sikwit kapaċità amministrattiva u ta' ġestjoni tal-proġetti dgħajfa tista' twassal għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-investimenti; iħeġġeġ lill-BEI, għalhekk, biex jespandi iktar il-provvediment tiegħu ta' konsulenza teknika u finanzjarja, iħeġġeġ lis-sħab bankarji u lil intermedjarji finanzjarji oħra jiżviluppaw servizzi ta' konsulenza teknika u finanjarja huma stess u jikkunsidra li joħroġ b'sett ta' linji gwida bbażati fuq l-aħjar prattika;

([1]) COM(2012)0510.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

21. Ifakkar li n-nuqqas ta' finanzjament, speċjalment għall-SMEs, huwa l-problema ewlenija f'ħafna Stati Membri; jitlob it-tisħiħ tal-azzjonijiet tal-BEI biex jappoġġaw il-finanzjament tal-SMEs, l-intraprenditorjat u l-esportazzjonijiet, peress li huma kruċjali għall-irkupru ekonomiku; jikkunsidra li kwalunkwe miżura mfassla biex ittejjeb il-kundizzjonijiet ta' finanzjament għall-SMEs għandha tinkludi t-tliet karatteristiċi ewlenin li ġejjin: i) kapillarità tan-netwerk suffiċjenti; ii) massimizzazzjoni tat-trasferiment tal-ispejjeż ta' finanzjament preferenzjali tal-BEI għall-SMEs, iii) allinjament mal-bżonnijiet speċifiċi għall-pajjiż u l-objettivi ta' politika tal-UE;

22. Iħeġġeġ lill-BEI jkompli jiżviluppa strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, sabiex tiġi ottimizzata l-kapaċità ta' riskju tal-UE u l-kapaċità ta' self tal-BEI;

23. Jikkunsidra li l-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi nazzjonali għandhom il-kapaċità li jiżguraw it-trasferiment tal-ispejjeż ta' finanzjament preferenzjali tal-BEI lill-SMEs; jissuġġerixx, għalhekk, li l-BEI għandu jkompli jimplimenta strumenti finanzjarji għall-SMEs permezz tal-istituzzjonijiet pubbliċi nazzjonali meta dawn ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' self tiegħu; jilqa' l-attivitajiet tal-Klabb tal-Investituri fit-Tul immirati biex isaħħu l-kooperazzjoni bejn il-BEI u l-istituzzjonijiet pubbliċi nazzjonali ewlenin;

24. Iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-Kummissjoni u lill-BEI jiżviluppaw "tieqa" ta' self tal-BEI għall-SMEs, għas-servizz ta' tali sħab, sabiex is-self tal-BEI għall-SMEs jiġi estiż għal tali intermedjarji iżgħar (u SMEs iżgħar), li attwalment mhumiex moqdija sew speċjalment minħabba l-profil ta' kreditu limitat tagħhom;

25. Bl-għan li jinżammu l-livelli attwali ta' assistenza soċjali waqt li l-Istati Membri qed jirristrutturaw il-finanzjament pubbliku, iħeġġeġ lill-grupp tal-BEI u lill-Kummissjoni jkomplu jappoġġaw is-settur tal-ekonomija soċjali u lill-intraprendituri żgħażagħ permezz ta' inizjattivi differenti bħal pereżempju skemi ta' garanzija u self imfassla apposta: jilqa', b'mod partikolari, it-tnedija tal-pjattaforma ta' investiment innovattiv li tipprovdi aċċess għal finanzjament lill-intrapriżi soċjali li huma attivi fl-indirizzar tal-kwistjonijiet soċjali attwali permezz tal-mudell ta' negozju tagħhom, u jħeġġeġ lill-BEI jaħdem fil-qrib mal-Kummissjoni u r-rappreżentanti tas-settur fil-qafas tal-Inizjattiva ta' Negozju Soċjali;

26. Jistieden lill-BEI jappoġġa, inter alia, lil dawk l-Istati Membri li ġew affettwati l-aktar mill-kriżi, billi jiffinanzja attivitajiet vijabbli mfassla biex jippromwovu l-impjiegi u jagħtu spinta lill-ekonomija fit-triq tat-tkabbir; ifakkar li l-kooperazzjoni bejn il-BEI u l-Fondi Strutturali fl-Istati Membri f'diffikultà hija neċessarja sabiex jiġu implimentati investimenti pubbliċi u privati affidabbli u produttivi, u proġetti infrastrutturali;

27. Jilqa' l-qafas ta' self strutturali għall-programmi tal-BEI, li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kofinanzjament mill-baġits nazzjonali fil-kuntest tal-Fondi Strutturali tal-UE; iħeġġeġ lill-Bank iwessa' dan l-appoġġ sabiex jiġġenera l-investimenti meħtieġa f'dawk l-Istati Membri affettwati serjament mill-kriżi ekonomika; jinnota, madankollu, li din il-miżura għandha tibqa' separata mill-programmi tal-Fondi Strutturali u għandha titneħħa gradwalment ma' tmiem il-kriżi;

28. Jilqa' r-rwol tal-BEI biex jgħin fit-tfassil ta' faċilità finanzjarja ddedikata għas-settur kulturali, edukattiv u kreattiv, u jikkunsidra li għandu jkompli jiżviluppa inizjattivi li jappoġġaw azzjonijiet kulturali u edukattivi;

29. Iħeġġeġ lill-BEI jkompli, fil-kuntest ta' riżorsi pubbliċi skarsi, l-appoġġ finanzjarju tiegħu għas-settur tas-saħħa, u jassisti, b'mod partikolari, il-bini, is-sostituzzjoni u l-immodernizzar tal-infrastrutturi tal-isptarijiet;

30. Jappoġġa l-isforzi tal-BEI favur l-investiment ulterjuri fi proġetti ta' riċerka u innovazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskju u mill-perspettiva tal-programm Orizzont 2020, b'attenzjoni partikolari fuq il-ħruġ fis-suq ta' teknoloġiji ġodda, filwaqt li jitqiesu wkoll it-teknoloġiji ekoloġiċi; jistieden lill-BEI jsegwi azzjonijiet immirati lejn it-tnaqqis tad-differenza fir-riċerka u l-innovazzjoni fost l-ekonomiji tal-UE, peress li din tfixkel il-funzjonament xieraq u fit-tul tas-suq uniku;

31. Iħeġġeġ lill-BEI jkompli bl-isforzi tiegħu, flimkien mal-Kummissjoni, favur l-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji innovattivi, bl-għan li jkun hemm effett ta' ingranaġġ fuq ir-riżorsi baġitarji limitati tal-UE bl-aktar mod effiċjenti, jiġu mmobilizzati sorsi ta' finanzjament privat u jiġu promossi strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju għall-finanzjament ta' investimenti ewlenin għall-UE, filwaqt li jitqiesu, inter alia, oqsma bħall-agrikoltura, l-azzjoni klimatika, l-effiċjenza tal-enerġija u r-riżorsi, l-enerġija rinnovabbli, il-mezzi tat-trasport sostenibbli, l-innovazzjoni, in-netwerks trans-Ewropej, l-edukazzjoni u r-riċerka, u b'hekk tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal tkabbir immexxi mill-għarfien u l-iżvilupp sostenibbli għal Unjoni msejsa fuq kompetittività sostenibbli;

32. B'attenzjoni speċifika fuq l-effiċjenza fl-enerġija, jilqa' l-attività ikbar tal-BEI fis-settur matul l-aħħar ftit snin, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u l-BEI jaħdmu flimkien fl-isfruttament tas-sinerġiji u t-tnedija ta' inizjattivi konġunti ġodda, b'mod partikolari fid-dawl tal-opportunitajiet u l-bżonnijiet ta' investiment maħluqa mid-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika adottata reċentament; jistieden lill-BEI jikkunsidra, fost l-oħrajn, ir-rwol speċifiku tal-ESCOs fid-definizzjoni tal-inizjattiva konġunta l-ġdida dwar l-effiċjenza enerġetika;

33. Jilqa' r-rieżami tal-mandat tal-BEI għall-operazzjonijiet barra mill-Unjoni; jappoġġa l-attenzjoni partikolari tal-BEI rigward l-investiment fil-prosperità u l-istabilità fit-tul tal-viċinat tal-UE, b'mod partikolari ż-żona tal-Mediterran u fil-pajjiżi li qed iħejju ruħhom għas-sħubija mal-UE, permezz ta' finanzjament ta' appoġġ fl-oqsma ta' interkonnessjoni, tkabbir, tibdil fil-klima, IDB Ewropew u SMEs;

34. Jirrakkomanda azzjoni biex jiġi żgurat aċċess aħjar tal-Bank tal-UE għall-għotjiet tal-Unjoni u biex jiżdiedu s-sinerġiji mal-istrumenti tal-UE fil-qafas tal-mandat il-ġdid, u jħeġġeġ il-promozzjoni ta' użu akbar tal-għodod finanzjarji innovattivi barra mill-UE, inklużi l-istrumenti ta' kondiviżjoni tar-riskju u ekwità għall-SMEs, u l-forniment ta' opportunitajiet ta' finanzjament tal-mikrokreditu;

35. Jilqa l-inizjattivi reġjonali tal-Bank, speċjalment fir-reġjuni tal-Baħar Baltiku u tad-Danubju, immirati biex itejbu s-sostenibilità u l-kompetitività ġenerali tar-reġjuni kkonċernati; jikkunsidra dawn l-inizjattivi bħala l-aqwa prattika fir-rigward tal-possibilità li jiġi estiż l-appoġġ għal reġjuni oħra tal-UE;

36. Jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Bank fl-Inizjattiva "Vjenna" tal-Koordinazzjoni tal-Banek Ewropej (EBCI), immirata biex tipprevjeni l-irtirar fuq skala kbira u mhux ikkoordinat tal-gruppi bankarji transkonfinali mir-reġjuni tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u tal-Baltiku, kif ukoll fil- Pjan ta' Azzjoni Konġunt li jmiss tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali għall-Irkupru u t-Tkabbir għall-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati tal-Ewropa Ċentrali, tal-Lvant u tax-Xlokk;

37. Iħeġġeġ lill-BEI biex ikompli jtejjeb l-isforzi tiegħu biex iwettaq operazzjonijiet ta' self barra mill-UE u biex iżid il-kooperazzjoni tiegħu ma' banek oħra ta' żvilupp globali u reġjonali, kif ukoll ma' aġenziji ta' finanzjament għall-iżvilupp tal-Istati Membri, sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u jinkiseb użu aktar effiċjenti tar-riżorsi;

38. Jikkunsidra, fil-qafas tal-Pjattaforma futura tal-UE għall-Kooperazzjoni Esterna u l-Iżvilupp li mistennija tiġi proposta mill-Kummissjoni, li l-BEI għandu jkollu rwol speċjali bħala l-"Bank tal-UE" u sieħeb naturali tal-KE/SEAE, fl-appoġġ tal-objettivi ta' politika esterna tal-UE fil-kuntest tal-Pjattaforma u fil-provvediment tal-kompetenza teknika u finanzjarja tiegħu;

39. Ifakkar li huwa importanti fil-kuntest tal-faċilitajiet ta' taħlit li jiġi mmassimizzat l-ippuljar tar-riżorsi baġitarji skarsi, mhux biss mill-baġit tal-UE imma wkoll minn sorsi oħrajn, u li tiġi żgurata l-konformità mal-politiki u l-istandards tal-UE;

40. Iħeġġeġ lill-BEI biex, fejn ikun possibbli, jagħmel użu sħiħ mis-sinerġiji potenzjali permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-BERŻ;

41. Jilqa', filwaqt li jqis il-l-kriżi tal-kapital attwali fir-rigward tal-ekonomija ekoloġika, l-attivitajiet tal-BEI maħsuba biex jappoġġaw it-tranżizzjoni tal-Ewropa għal ekonomija iktar intelliġenti, iktar ekoloġika u iktar sostenibbli;

42. Jistieden lill-BEI jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Aarhus u r-Regolamenti (KE) Nru 1367/2006 u (KE) Nru 1049/2001 billi jwaqqaf reġistru pubbliku ta' dokumenti, peress li dan huwa neċessarju biex jiġi garantit id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti, inkluż fir-rigward tal-benefiċjarji finali tas-self globali tal-BEI;

43. Ifakkar li hija r-responsabilità tal-BEI li jissalvagwardja, inter alia, l-acquis Ewropew li jikkonċerna d-drittijiet ambjentali, tax-xogħol u soċjali, it-trasparenza, l-akkwist pubbliku u d-drittijiet tal-bniedem;

44. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0058

## Il-Laos: il-każ ta' Sombath Somphone

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar il-Laos: il-każ ta' Sombath Somphone (2013/2535 (RSP))

(2016/C 024/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Laos,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-21 ta' Diċembru 2012 mill-kelliem tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Laos,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-21 ta' Diċembru 2012 mill-kelliem tar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar l-għajbien ta' Sombath Somphone fil-Laos,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-16 ta' Jannar 2013 mis-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti, Hillary Clinton, dwar l-għajbien tal-mexxej tas-soċjetà ċivili tal-Laos Sombath Somphone,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-19 ta' Diċembru 2012 mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Laos u dik tal-4 ta' Jannar 2013 mill-Ambaxxatur tal-Laos għan-NU,

— wara li kkunsidra l-ittri mingħand bosta Membri tal-Parlament Ewropew u minn membri parlamentari nazzjonali u l-Ittra Miftuħa Konġunta tas-17 ta' Jannar 2013 minn 65 NGO lill-Prim Ministru tal-Laos, dwar l-għajbien ta' Sombath Somphone,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-4 ta' Jannar 2013 mill-Forum Asjatiku għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Iżvilupp lill-President tal-Kummissjoni Intergovernattiva dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE tal-2008 dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha kontra l-Għajbien Sfurzat (ICCPED), li l-Laos huwa firmatarju tagħha, u d-Dikjarazzjoni tan-NU tat-18 ta' Diċembru 1992 dwar il-Protezzjoni tal-Persuni Kollha minn Għajbien Sfurzat,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tal-1966, irratifikat mil-Laos fl-2009,

— wara li kkunsidra l-Eżami Perjodiku Universali tal-UNHRC li jikkonċerna l-Laos fil-21 ta' Settembru 2010,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos tal-1 ta' Diċembru 1997,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Sombath Somphone, figura prominenti fl-iżvilupp soċjali u l-edukazzjoni taż-żgħażagħ, għeb fil-15 ta' Diċembru 2012 fil-kapitali ta' Laos, Vientiane; billi l-filmat fuq is-CCTV miksub mill-familja tiegħu juri li Sombath Somphone deher għall-aħħar darba mal-pulizija lokali fl-għassa tal-pulizija ta' Thadeau għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija, fid-data tal-għajbien tiegħu, u ttieħed band' oħra b'karozza minn irġiel lebsin ħwejjeġ pajżana;

B. billi f'dikjarazzjoni tad-19 ta' Diċembru 2012, il-Gvern tal-Laos ikkonferma l-inċident kif irreġistrat bil-kamera tas-sigurtà; billi l-awtoritajiet jisħqu li huwa kien vittma ta' ħtif motivat minn kunflitti personali jew kummerċjali;

C. billi n-NU u 65 organizzazzjoni internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem esprimew il-biżgħat tagħhom li Sombath Somphone seta' kien soġġett għal għajbien sfurzat, possibbilment relatat ma' xogħlu, kif ukoll it-tħassib serju tagħhom dwar is-sikurezza tiegħu u n-nuqqas ta' progress u informazzjoni fl-investigazzjonijiet mill-awtoritajiet tal-Laos dwar il-fatti tal-għajbien tiegħu;

D. billi l-familja ta' Sombath Somphone ma kinitx kapaċi ssib fejn jinsab minn dakinhar, minkejja l-appelli ripetuti lill-awtoritajiet lokali u tiftix fiż-żona tal-madwar;

E. billi Sombath Somphone huwa apprezzat b'mod wiesa' u huwa magħruf sewwa minħabba x-xogħol estensiv li wettaq fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u ġust, speċjalment permezz tat-twaqqif tal-PADETC, iċ-Ċentru ta' Taħriġ għall-Iżvilupp Parteċipattiv, fl-1996; billi fl-2005 ngħata l-Premju Ramon Magsaysay għat-Tmexxija tal-Komunità;

F. billi f'Ottubru tal-2012 Sombath Somphone, bħala membru tal-Kumitat Nazzjonali Organizzattiv tal-Laos, kien wieħed minn dawk li organizzaw id-9 Forum tal-Popli Asja-Ewropa li sar fi Vientiane qabel l-ASEM 9, u kien ukoll wieħed mill-kelliema ewlenin;

G. billi grupp ta' parlamentari tal-ASEAN għamlu żjara fil-Laos fil-ġimgħa tal-14 sat-18 ta' Jannar 2013 biex jinvestigaw dwar Sombath Somphone;

H. billi jeżisti ksur ta' libertajiet fundamentali, partikolarment tal-libertà tal-istampa u l-midja, il-libertà tar-reliġjon, il-libertà ta' għaqda, il-libertà akkademika u d-drittijiet tal-minoranzi, li qed iseħħ fil-Laos;

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-għajbien, is-sikurezza u l-benessri ta' Sombath Somphone;

2. Jinsab imħasseb dwar id-dewmien u n-nuqqas ta' trasparenza tal-investigazzjonijiet dwar l-għajbien ta' Sombath Somphone; jistieden lill-awtoritajiet tal-Laos biex iwettqu investigazzjonijiet fil-pront, trasparenti u bir-reqqa, skont l-obbligi tagħhom taħt il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u biex jiżguraw ir-ritorn immedjat u sigur ta' Sombath Somphone għand il-familja tiegħu;

3. Jistieden lill-VP/RGħ biex tissorvelja mill-qrib l-investigazzjonijiet tal-Gvern tal-Laos dwar l-għajbien ta' Sombath Somphone;

4. Jitlob lill-awtoritajiet tal-Laos biex jerġgħu jaffermaw pubblikament il-legalità u l-leġittimità tax-xogħol li qed isir favur l-iżvilupp sostenibbli u l-ġustizzja soċjali, sabiex tiġi miġġielda l-intimidazzjoni provokata mill-għajbien, bħal dak ta' Sombath Somphone;

5. Jilqa' ż-żjara tal-grupp ta' parlamentari tal-ASEAN ġewwa l-Laos f'Jannar tal-2013 biex jiġbor informazzjoni dwar Sombath Somphone, u jistieden lill-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN twaqqaf kumitat ta' inkjesta biex jinvestiga l-ġrajjiet relatati mal-għajbien sfurzat ta' Sombath Somphone;

6. Jistieden lill-UE tinkludi lil-Laos fil-prijoritajiet għat-22 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;

7. Jisħaq li l-awtoritajiet tal-Laos għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex itemmu l-prattika ta' arresti arbitrarji u tad-detenzjoni sigrieta; jistedinhom jagħmlu l-għajbien sfurzat reat kriminali u jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha minn Għajbien Sfurzat; jisħaq li l-għajbien sfurzat huwa ksur ċar tad-drittijiet bażiċi u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem;

8. Jistieden lill-Gvern tal-Laos jirrispetta d-drittijiet tal-libertà ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni u d-drittijiet tal-minoranzi, u biex iħares id-dritt għal-libertà tar-reliġjon jew twemmin, filwaqt li jtemm ir-restrizzjonijiet kollha fuq l-eżerċizzju ta' dan id-dritt kif rakkomandat fl-Eżami Perjodiku Universali tan-NU tal-21 ta' Settembru 2010;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lil Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarjat tal-ASEAN, lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, u lill-Gvern u l-Parlament tal-Laos.

P7_TA(2013)0059

# Id-detenzjoni ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem fiż-Żimbabwe

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar id-detenzjoni ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem fiż-Żimbabwe (2013/2536(RSP))**

(2016/C 024/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar iż-Żimbabwe u dik l-aktar reċenti tas-17 ta' Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (il-Ftehim ta' Cotonou),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tat-23 ta' Lulju 2012 dwar iż-Żimbabwe u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/124/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-UE dwar iż-Żimbabwe mir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, Catherine Ashton, fil-15 ta' Frar 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tad-Delegazzjoni tal-UE għar-Repubblika taż-Żimbabwe tas-17 ta' Awwissu 2012 u tat-12 ta' Novembru 2012 dwar inċidenti reċenti ta' fastidju fil-konfront ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (HCHR) tal-24 ta' Mejju 2012 u tad-29 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-kelliem għall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) tat-18 ta' Jannar 2013 dwar l-attakki reċenti fuq difensuri tad-drittijiet tal-bniedem qabel l-elezzjonijiet,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-NU tat-8 ta' Settembru 2000, li tistabbilixxi l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli ta' Ġunju 1981, li ż-Żimbabwe rratifika,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza ta' Jannar 2007, li ż-Żimbabwe rratifika,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Diċembru 1998,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi kien hemm żieda sinifikanti fl-intimidazzjoni, l-arresti arbitrarji, il-fastidju ġudizzjarju u l-għajben ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u ta' avversarji politiċi tal-partit Zanu-PF ta' Robert Mugabe f'perjodu li issa jitqies bħala dak ta' qabel l-elezzjonijiet, b'ħafna membri tal-MDC, diversi deputati tal-MDC, u membri ewlenin tat-tmexxija tal-MDC, bħall-Ministru tal-Enerġija Elton Mangoma, il-Koministru tal-Intern Theresa Makone u l-iSpeaker imkeċċi tal-Parlament taż-Żimbabwe Lovemore Moyo, ikunu fil-mira;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0024.

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

B. billi Okay Machisa, Direttur Eżekuttiv Nazzjonali tal-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem taż-Żimbabwe (ZimRights) u President tal-Koalizzjoni "Kriżi fiż-Żimbabwe", ġie arrestat fl-14 ta' Jannar 2013;

C. billi Okay Machisa ġie akkużat b'"pubblikazzjoni ta' informazzjoni falza", "falsifikazzjoni" u "frodi", u għalhekk ikkontraviena t-Taqsimiet 31, 136 u 137 tal-Att dwar id-Dritt Kriminali (Kodifikazzjoni u Riforma) u allegatament ipprova jiffroda l-Uffiċċju tar-Reġistratur Ġenerali billi ffalsifika u mmanifattura kopji foloz ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni tal-votanti;

D. billi Okay Machisa baqa' detenut fl-għases tal-pulizija f'Ħarare u f'Rhodesville; billi ngħata l-ħelsien taħt garanzija mill-Qorti Suprema soġġetta għal kundizzjonijiet eċċessivi;

E. billi membri oħra ta' ZimRights – Leo Chamahwinya, l-Uffiċjal għall-Programmi Edukattivi, u Dorcas Shereni, il-President tat-taqsima lokali ta' Highfield – qed jaffaċċjaw ukoll detenzjoni arbitrarja u fastidju ġudizzjarju u qed jiġu detenuti sal-4 ta' Frar 2013 skont deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati fil-21 ta' Jannar 2013;

F. billi l-arrest u d-detenzjoni ta' Machisa, Chamahwinya u Shereni seħħew wara rejd tal-pulizija fuq l-uffiċċji ta' ZimRights fit-13 ta' Diċembru 2012;

G. billi dawn l-arresti seħħew biss ftit ġimgħat wara li ZimRights iddenunzjat it-tendenza ta' żieda fil-brutalità min-naħa tal-pulizija fiż-Żimbabwe kollu u talbet li tittieħed azzjoni b'urġenza mill-awtoritajiet kompetenti biex jiġi indirizzat dan il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

H. billi r-rejd tal-5 ta' Novembru 2012 mill-pulizija fl-uffiċċju tal-Unità għas-Servizzi ta' Counselling (CSU) taż-Żimbabwe, klinika medika reġistrata li tipprovdi servizzi mediċi u ta' counselling lil vittmi tal-vjolenza organizzata u tat-tortura, u d-detenzjoni ta' tliet membri tal-persunal mingħajr akkużi formali, huma allarmanti;

I. billi l-libertà tal-għaqda, il-libertà tal-assoċjazzjoni u l-libertà tal-espressjoni huma komponenti essenzjali ta' kwalunkwe demokrazija, partikolarment fil-kuntest tal-konklużjoni tal-proċess ta' tfassil tal-kostituzzjoni u tat-tħejjija għal elezzjonijiet demokratiċi;

J. billi l-NGOs taż-Żimbabwe li ġew irrejdjati mill-pulizija fl-2012 jinkludu l-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem taż-Żimbabwe (ZimRights), l-Unità għas-Servizzi ta' Counselling (CSU) ,il-Forum tal-NGOs taż-Żimbabwe għad-Drittijiet tal-Bniedem, iċ-Ċentru ta' Riżorsi Elettorali (ERC), u l-Assoċjazzjoni ta' Gays u Leżbjani taż-Żimbabwe (GALZ);

K. billi fl-2009 kien iffurmat gvern ta' koalizzjoni wara ftehim ta' qsim tal-poteri li ntlaħaq f'Settembru bejn il-partiti ZANU-PF u MDC biex jintemmu l-impass politiku u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem wara l-elezzjonijiet leġiżlattivi u presidenzjali fl-2008;

L. billi l-Gvern ta' Unità Nazzjonali (GNU) impenja ruħu, fil-Ftehim Politiku Globali tiegħu (GPA), li joħloq kostituzzjoni ġdida, jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u l-libertà tal-attività politika u li jagħti spinta lill-ekonomija; billi minkejja li talab li jitneħħew il-miżuri restrittivi tal-UE, naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont il-GPA, tħabat biex iġib l-istabbiltà fil-pajjiż u naqas milli jwitti t-triq għal tranżizzjoni demokratika permezz ta' elezzjonijiet kredibbli, minħabba ostakli deliberati mill-partit Zanu-PF;

M. billi Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem effikaċi tkun pass importanti fl-implimentazzjoni tal-Ftehim Politiku Globali u tal-pjan direzzjonali miftiehem għal elezzjonijiet paċifiċi u kredibbli;

N. billi d-dispożizzjonijiet rigward il-governanza tajba, it-trasparenza fil-karigi politiċi u d-drittijiet tal-bniedem iridu jiġu rispettati skont l-Artikoli 11b, 96 u 97 tal-Ftehim ta' Cotonou;

O. billi l-irkupru ekonomiku tal-pajjiż għadu fraġli u ċerti politiki tal-Istat huma theddida għal relazzjonijiet ekonomiċi futuri bejn l-Unjoni u ż-Żimbabwe;

1. Jikkundanna l-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-intimidazzjoni politika, il-fastidju u l-arrest arbitrarju ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem;

2. Jistieden lill-awtoritajiet taż-Żimbabwe jeħilsu lid-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem li ġew detenuti talli eżerċitaw attivitajiet marbuta mad-drittijiet tal-bniedem, iwaqqfu l-fastidju ġudizzjarju u jinvestigaw bis-sħiħ l-abbużi li jaffaċċjaw id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

3. Jistieden lill-awtoritajiet taż-Żimbabwe jeħilsu lis-Sa Dorcas Shereni u lis-Sur Leo Chamahwinya minnufih u bla kundizzjonijiet;

4. Jistieden lill-awtoritajiet taż-Żimbabwe jiggarantixxu f'kull ċirkustanza l-integrità fiżika u psikoloġika tas-Sinjuri Okay Machisa u Leo Chamahwinya, tas-Sa Dorcas Shereni u tas-Sa Faith Mamutse;

5. Jistieden liż-Żimbabwe jirrispetta d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-1998, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tagħha, li jiddikjara li "kulhadd għandu d-dritt, individwalment u b'assoċjazzjoni ma' oħrajn, li jippromwovi u jiġġieled għall-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-livell nazzjonali u f'dak internazzjonali";

6. Ifakkar li skont il-Ftehim Politiku Globali (GPA) iż-Żimbabwe impenja ruħu li jiżgura li kemm il-leġiżlazzjoni kif ukoll il-proċeduri u l-prassi tiegħu jkunu konformi mal-prinċipji u l-liġijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

7. Jistieden lill-GNU jdaħħal bidliet fil-liġijiet ripressivi bħalma huma l-Att dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tal-Privatezza, l-Att dwar l-Ordni Pubbliku u s-Sigurtà Pubblika, u l-Att dwar id-Dritt Kriminali (Kodifikazzjoni u Riforma) qabel ma jsejjaħ l-elezzjoni ġenerali, peress li dawn il-liġijiet intużaw biex jillimitaw severament id-drittijiet fundamentali;

8. Huwa preokkupat dwar il-fatt li sal-lum ma saret ebda bidla fis-sistema tal-ġustizzja taż-Żimbabwe li hija kkunsidrata b'mod ġenerali bħala waħda estremament favorevoli għal Zanu-PF;

9. Jappoġġa, kif mitlub fl-Emenda tal-Att Elettorali reċentement ippubblikata fil-gazzetta uffiċjali u f'dan il-kuntest elettorali, il-parteċipazzjoni attiva tal-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, li għandha tittratta b'mod indipendenti u trasparenti l-kwistjonijiet urġenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u hija mistennija tinvestiga lmenti marbuta mad-drittijiet tal-bniedem, tagħti pariri dwar leġiżlazzjoni favur id-drittijiet tal-bniedem, u tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem inġenerali;

10. Jirrikonoxxi l-istabbiliment tal-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem taż-Żimbabwe, iżda huwa preokkupat li ma ngħatat ebda kapaċità sinifikanti li biha taġixxi b'mod indipendenti u tilħaq l-objettivi tagħha fir-rigward tal-kwistjonijiet urġenti dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-pajjiż qed jaffaċċja;

11. Jistieden lill-Gvern taż-Żimbabwe jieħu l-passi meħtieġa, inklużi r-restituzzjoni tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, jorganizza referendum kostituzzjonali paċifiku u kredibbli u tħejjijiet elettorali li jissodisfaw l-istandards internazzjonali rikonoxxuti, ħalli l-miżuri mmirati jkunu jistgħu jiġu sospiżi;

12. Iħeġġeġ, f'dan il-kuntest, parteċipazzjoni aktar attiva mill-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC); iqis li din l-organizzazzjoni reġjonali għandha rwol importanti bħala garanti tal-GPA, u jinsisti, inter alia, fuq l-implimentazzjoni tal-ftehim u b'mod partikolari tal-Artikolu 13 tiegħu biex tkun żgurata azzjoni mhux partiġana mill-pulizija u minn forzi oħra tas-sigurtà;

13. Jistieden lis-SADC tivvaluta s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-Prinċipji u l-Linji gwida tas-SADC li Jirregolaw l-Elezzjonijiet Demokratiċi qabel l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet li jmiss fiż-Żimbabwe;

14. Iħeġġeġ il-fatt li jintbagħtu osservaturi internazzjonali, b'mod partikolari mis-SADC u l-Parlament Pan-Afrikan, fi stadju bikri u f'ammont suffiċjenti, u li jibqgħu fil-post qabel u wara l-elezzjonijiet biex jevitaw il-vjolenza u l-intimidazzjoni u, f'dan il-kuntest, biex jikkooperaw mal-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;

15. Jappoġġa l-miżuri mmirati tal-UE li attwalment qegħdin fis-seħħ, li huma reazzjoni għas-sitwazzjoni politika u tad-drittijiet tal-bniedem fiż-Żimbabwe, b'deċiżjonijiet annwali li jippermettu lill-UE żżomm lil uffiċjali għoljin fil-Gvern taż-Żimbabwe taħt sorveljanza kostanti; iħeġġeġ lill-GNU jieħu l-passi meħtieġa li jippermettu li dawk il-miżuri jiġu sospiżi fi żmien debitu;

16. Jistieden lid-delegazzjoni tal-UE f'Ħarare tibqa' toffri l-għajnuna tagħha lill-Gvern ta' Unità Nazzjonali taż-Żimbabwe sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem bl-għan li jsiru elezzjonijiet paċifiċi u kredibbli skont l-istandards li l-UE tistenna minn kwalunkwe wieħed mis-sħab kummerċjali tagħha;

17. Jiddeplora n-nuqqas ta' klawżola b'saħħitha dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Ftehim interim ta' Shubija Ekonomika konkluż ma' erba' Stati tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Afrika (ESA), inkluż iż-Żimbabwe; itenni t-talba tiegħu biex ftehimiet kummerċjali konklużi mill-UE ikun fihom klawżoli vinkolanti u mhux negozjabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tagħti prijorità lil din il-kwistjoni fin-negozjati kontinwi għal FSE shiħ mal-Istati ESA;

18. Jenfasizza li s-sospensjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE (skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou) għandha tinżamm, fiċ-ċirkustanzi attwali, iżda l-UE għandha żżomm l-impenn tagħha ta' appoġġ lill-popolazzjoni lokali;

19. Jistieden lill-Bank Dinji u liż-Żimbabwe jirrispettaw id-deċiżjonijiet tal-qrati internazjzonali;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lis-SEAE, lill-Gvern u lill-Parlament taż-Żimbabwe, lill-Gvernijiet tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika, lill-Bank Dinji, lis-Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth u lill-Parlament Pan-Afrikan.

---

P7_TA(2013)0060

## Attakki riċenti fuq il-ħaddiema tal-għajnuna medika fil-Pakistan

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar l-attakki riċenti fuq il-ħaddiema ta' assistenza medika fil-Pakistan (2013/2537(RSP))

(2016/C 024/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Pakistan,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u mill-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (Unicef) fit-18 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Post Speċjali għat-Tfal fl-Azzjoni Esterna tal-UE" (COM (2008)0055),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2012 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni, inklużi l-implikazzjonijiet għall-politika strateġika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ([1]),

— wara li kkunsidra l-pjan ta' involviment fuq ħames snin bejn l-UE u l-Pakistan ta' Marzu 2012, li jistipula prijoritajiet bħall-governanza tajba, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-għoti tas-setgħa lin-nisa u d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pakistan tal-25 ta' Ġunju 2012, li jtennu l-aspettattivi tal-UE rigward il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett ta' dawn id-drittijiet,

— wara li kkunsidra l-programm nazzjonali għall-qerda tal-poljo, mibdi mill-Pakistan fl-1994,

— wara li kkunsidra l-Inizjattiva Globali tal-WHO għall-Qerda tal-Poljo (GPEI) u l-Pjan Strateġiku l-ġdid tagħha għall-Qerda tal-Poljo u l-Aħħar Battalja Kontrih (2013-2018),

— wara li kkunsidra l-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0126.

A. billi l-Pakistan, skont il-WHO, huwa wieħed mil-aħħar tliet pajjiżi fejn il-poljo għadu endemiku, b'198 infezzjoni fl-2011; billi, skont il-WHO, nuqqas li jitwaqqaf il-poljo jfisser riskji serji għas-saħħa għar-reġjun u lil hinn minnu, peress li l-poljo huwa marda infettiva ħafna;

B. billi fl-1 ta' Jannar 2013 sitt ħaddiema ta' assistenza medika u tabib inqatlu b'tiri ta' arma tan-nar fi triqthom lura d-dar miċ-ċentru komunitarju fejn kienu impjegati minn organizzazzjoni mhux governattiva fir-reġjun Swabi fil-Majjistral, madwar 75 kilometru (45 mil) fil-Majjistral tal-kapitali, Islamabad;

C. billi mis-17 sad-19 ta' Diċembru 2012, disa' ħaddiema tas-saħħa involuti fil-kampanja tal-Pakistan għall-qerda tal-poljo, sitta minnhom nisa, inqatlu b'tiri ta' arma tan-nar f'Karachi u f'Peshawar;

D. billi fid-29 ta' Jannar 2013, pulizija li kien qed jipprovdi sigurtà għal tim ta' tilqim kontra l-poljo protett min-NU nqatel viċin ta' Swabi, u billi fil-31 ta' Jannar 2013 żewġ ħaddiema tat-tilqim kontra l-poljo nqatlu fi splużjoni ta' mina fil-Majjistral tal-Pakistan, għalkemm mhuwiex ċar jekk dan kienx attakk immirat;

E. billi f'attakk ieħor f'Lulju 2012, tabib Ganjan tal-WHO u x-xufier tiegħu, li kienu qed jgħinu fil-ġlieda kontra l-poljo f'Karachi, indarbu;

F. billi huwa ssuspettat li dawn l-attakki kollha kienu marbuta ma' kampanji biex it-tfal Pakistani jitlaqqmu kontra l-poljo;

G. billi l-aħħar serje ta' qtil wasslu lill-WHO u lill-Unicef biex jissospendu l-kampanji tal-poljo fil-pajjiż; billil l-Gvern tal-Pakistan u l-provinċji ta' Sindh u Khyber ukoll issospendew temporanjament il-kampanji ta' tilqim minħabba tħassib rigward is-sikurezza tal-ħaddiema tas-saħħa;

H. billi l-Gvern tal-Pakistan iddikjara l-poljo bħala emerġenza nazzjonali u bħalissa qiegħed iwettaq kampanja ta' tilqim kontra l-poljo fi sforz biex jeqred il-marda fit-territorju tiegħu; billi din il-kampanja hija appoġġata internazzjonalment mill-WHO, mill-Unicef u minn oħrajn u hija parti mill-Inizjattiva Globali għall-Qerda tal-Poljo; billi l-kampanja qed tiffoka fuq 33 miljun tifel u tifla għat-tilqim, b'bosta mijiet ta' eluf ta' ħaddiema tas-saħħa, ħafna minnhom nisa, iwettqu tilqim fil-pajjiż kollu;

I. billi l-infiq fuq is-settur tas-saħħa fil-Pakistan jirċievi inqas minn 0,3 % tal-baġit annwali, kemm fil-livell federali kif ukoll fil-livelli provinċjali;

J. billi l-parti l-kbira tal-attakki fuq il-ħaddiema tas-saħħa seħħew f'żoni tal-Majjistral viċin ta' fortizzi militanti, u huma allegatament konnessi mat-Taliban;

K. billi attakki bħal dawn iċaħħdu lit-tfal fil-Pakistan mid-dritt tagħhom għal interventi tas-saħħa bażiċi li jsalvaw il-ħajja, u jqiegħduhom f'riskju ta' mard li jikkawża diżabbiltà tul il-ħajja kollha;

L. billi r-raġuni għall-attakki riċenti jidher li hi l-oppożizzjoni għall-kampanji ta' tilqim fost il-gruppi estremisti Iżlamiċi, li jallegaw li t-tilqima hija maħsuba biex it-tfal Musulmani tagħmilhom sterili;

M. billi, biex jiġġustifikaw l-atti kriminali tagħhom, it-Taliban użaw l-iskuża li fil-passat aġenziji barranin tas-servizzi sigrieti użaw timijiet lokali tat-tilqim fil-Pakistan għall-iskop li jiġbru l-informazzjoni;

N. billi l-edukaturi u l-ħaddiema tas-saħħa qegħdin dejjem aktar ikunu fil-mira ta' gruppi Iżlamiċi militanti bħal Tehreek-e-Taliban (TTP) u Jundullah, li jopponu l-isforzi ta' kontra l-poljo fil-Pakistan, peress li jqisuhom mezz kif tiġi promossa aġenda barranija u liberali;

O. billi l-attakki fatali jirriflettu n-nuqqas ta' sigurtà li qed jikber u li qed jaffaċċjaw il-ħaddiema umanitarji fil-Pakistan; billi, skont ir-rapport tal-2012 tal-Bażi ta' Dejta tas-Sigurtà tal-Ħaddiema Umanitarji, il-Pakistan huwa fost il-ħames l-aktar pajjiżi perikolużi għall-ħaddiema umanitarji;

P. billi l-NGOs u l-ħaddiema umanitarji għandhom rwol vitali f'ħafna żoni u provinċji tal-Pakistan, b'mod partikolari f'żoni tribali, fejn il-gvern ma kienx kapaċi jipprovdi servizzi bħal kliniki mediċi jew skejjel;

Q. billi l-parti l-kbira tal-vittmi tal-attakki fuq il-ħaddiema mediċi kienu nisa, fatt li jikkoinċidi mal-prattiki tas-soltu tal-militanti tat-Taliban li jattakkaw il-ħaddiema u l-attivisti nisa biex jibgħatu l-messaġġ li n-nisa ma jistgħux jaħdmu barra d-dar;

1. Jikkundanna b'mod qawwi d-diversi każijiet ta' qtil ta' ħaddiema mediċi u tal-forzi tas-sigurtà assenjati biex jipproteġuhom, kif ukoll l-attakki fuqhom, li seħħew f'xhur riċenti; jenfasizza li dawn l-attakki jċaħħdu lill-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli tal-Pakistan, speċjalment it-tfal, minn interventi tas-saħħa bażiċi li jsalvaw il-ħajja;

2. Jesprimi l-kondoljanzi tiegħu mal-familji tal-vittmi;

3. Jilqa' l-kundanna ġenerali tal-attakki mill-Gvern tal-Pakistan u mis-soċjetà ċivili tal-pajjiż;

4. Jistieden lill-Gvern tal-Pakistan iressaq lil dawk responsabbli għall-attakki fix-xhur riċenti quddiem il-ġustizzja;

5. Jesprimi l-ammirazzjoni tiegħu għall-kuraġġ u d-determinazzjoni ta' dawk il-ħaddiema tas-saħħa, ħafna minnhom nisa, li minkejja li jaffaċċjaw periklu kbir, jaħdmu b'altruiżmu biex jeqirdu l-poljo u jipprovdu servizzi oħra tas-saħħa lit-tfal fil-Pakistan;

6. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ħaddiema umanitarji jkunu jistgħu joperaw f'ambjent sikur; għadu mħasseb serjament li l-ħaddiema umanitarji internazzjonali qegħdin dejjem aktar jiġu konnessi mill-militanti ma' aġenti tas-servizzi sigrieti u forzi militari tal-Punent;

7. Jenfasizza li l-interruzzjoni tal-programm tat-tilqim kontra l-poljo fil-Pakistan jagħti daqqa ta' ħarta serja lill-isforzi dinjija biex tinqered il-poljo darba għal dejjem fil-futur qarib;

8. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali ta' Emerġenza tal-Gvern Pakistani għall-Qerda tal-Poljo fl-2012 u jenfasizza l-importanza li jitkompla b'suċċess biex tiġi evitata żieda fl-għadd ta' infezzjonijiet; jinnota li mill-bidu tal-aħħar kampanja ta' tilqim, l-għadd ta' infezzjonijiet laħaq livelli baxxi storiċi;

9. Jilqa' l-impenn espress mill-WHO u minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn biex ikomplu jappoġġaw lill-Gvern tal-Pakistan u lill-poplu tal-Pakistan fl-isforzi tagħhom biex jeħilsu lill-pajjiż mill-poljo u minn mard ieħor;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jikkunsidraw li jaħdmu mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-appoġġ għall-Programm "Lady Health Worker", li għandu l-għan li jżid l-aċċess għal servizzi bażiċi tas-saħħa preventiva, b'mod partikolari f'żoni rurali;

11. Jilqa' l-isforzi li diġà saru mill-Gvern tal-Pakistan biex jiżgura s-sikurezza waqt kampanji mediċi u biex jiżviluppa strateġija ġdida biex jipproteġi l-ħaddiema umanitarji; jistieden lill-Gvern tal-Pakistan, madankollu, iżid b'mod sinifikanti l-miżuri ta' sigurtà għall-organizzazzjonijiet umanitarji u għall-ħaddiema tagħhom;

12. Jistieden lil-gvernijiet madwar id-dinja jissalvagwardjaw in-newtralità tal-ħidma umanitarja, peress li n-nuqqas li jsir dan iwassal sabiex għexieren ta' eluf ta' persuni jkunu vulnerabbli għall-mard u jipperikola dawk li jipprovdu servizzi tas-saħħa leġittimi u essenzjali;

13. Huwa mħasseb serjament dwar is-sitwazzjoni tan-nisa fil-Pakistan, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet li jsiru attivi fis-soċjetà u li ġew mhedda mit-Taliban u minn gruppi estremisti oħrajn;

14. Jinkoraġġixxi lill-Gvern tal-Pakistan jimplimenta kampanja ta' informazzjoni komprensiva biex jibni aktar appoġġ u sjieda fis-soċjetà Pakistana u jsaħħaħ il-livell tal-fiduċja rigward kampanji ta' tilqim; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Gvern Pakistani jidħol fi djalogu mal-mexxejja komunitarji biex jindirizza l-kawżi li minnhom toriġina l-problema;

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

15. Jemmen li kemm il-midja kif ukoll is-soċjetà ċivili fil-Pakistan, f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u NGOs involuti fl-azzjoni umanitarja, għandhom obbligu li jgħinu biex jiżdied l-għarfien tar-rwol importanti u indipendenti li għandhom il-ħaddiema ta' assistenza medika fl-għoti ta' assistenza lill-popolazzjoni;

16. Itenni r-rieda tal-UE li tipprovdi assistenza għall-elezzjonijiet li se jsiru dalwaqt fil-Pakistan, li se jkunu kruċjali għall-futur demokratiku tiegħu u għall-istabbiltà fir-reġjun; jinnota li l-UE għadha ma rċevitx ittra ta' stedina formali mill-awtoritajiet Pakistani biex tagħmel dan;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lil UN Women, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, lill-Unicef, lill-WHO u lill-Gvern u l-Parlament tal-Pakistan.

**It-Tlieta 5 ta' Frar 2013**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2013)0034

## Miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew (COM(2010)0767 – C7-0003/2011 – 2010/0370(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 024/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0767),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-ewwel paragrafu tal-Artikoli 42 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0003/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-15 ta' Marzu 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-19 ta' Novembru 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0319/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 132, 3.5.2011, p. 82.

**It-Tlieta 5 ta’ Frar 2013**

## P7_TC1-COD(2010)0370

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-5 ta’ Frar 2013 bil-ħsieb ta’ l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma’ l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 229/2013.)*

---

**Anness mar-riżoluzzjoni leġiżlattiva**

**Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni**

Minħabba l-ispeċifiċitajiet tal-miżuri favur l-agrikoltura fil-gżejjer minuri tal-Eġew taħt l-iskema SAI, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li l-ftehim li ntlaħaq dwar kwestjonijiet ta’ allinjament għal dan ir-regolament mhuwa se jippreġudika l-pożizzjoni tal-ebda waħda mit-tliet Istituzzjonijiet dwar kwestjonijiet simili li jistgħu jitressqu għal proposti leġiżlattivi oħra tal-UE.

---

P7_TA(2013)0035

## Miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta’ Frar 2013 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni (COM(2010)0498 – C7-0284/2010 – 2010/0256(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 024/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0498),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-ewwel paragrafu tal-Artikoli 42 u l-Artikolu 43 (2), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0284/2010),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tas-17 ta’ Frar 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-19 ta’ Novembru 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 37 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Baġits, kif ukoll il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0321/2011),

---

([1]) ĠU C 107, 6.4.2011, p. 33.

**It-Tlieta 5 ta’ Frar 2013**

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni annessa ma’ din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b’mod sostanzjali jew li tibdilha b’test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## P7_TC1-COD(2010)0256

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-5 ta’ Frar 2013 bil-ħsieb ta’ l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma’ l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 228/2013.)*

**Anness mar-riżoluzzjoni leġiżlattiva**

**Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni**

Minħabba l-ispeċifiċitajiet tal-miżuri favur l-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda taħt l-iskema POSEI, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li l-ftehim li ntlaħaq dwar kwestjonijiet ta’ allinjament għal dan ir-regolament mhuwa se jippreġudika l-pożizzjoni tal-ebda waħda mit-tliet Istituzzjonijiet dwar kwestjonijiet simili li jistgħu jitressqu għal proposti leġiżlattivi oħra tal-UE.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

P7_TA(2013)0037

## Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-GATT tal-1994: modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-UE ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-GATT tal-1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-UE (12213/2012 – C7-0409/2012 – 2012/0167(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2016/C 024/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12213/2012),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea (12214/2012),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0409/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0430/2012),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Istati Uniti tal-Amerika.

---

P7_TA(2013)0038

## Il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (COM(2012)0709 – C7-0410/2012 – 2012/0335 (NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

(2016/C 024/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2012)0709),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 148(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0410/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0010/2013),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2013)0039

## Trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni ta' sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa (COM(2012)0084 – C7-0056/2012 – 2012/0035(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 024/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0084),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0056/2012),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Awstrija u mill-Kamra tad-deputati Lussemburgiża, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Lulju 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 37 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0015/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 299, 4.10.2012, p. 81.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

## P7_TC1-COD(2012)0035

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Frar 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni ta' sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/105/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-persuna u li jkunu parti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa ([3]) ġiet adottata sabiex jitneħħew id-distorsjonijiet għall-kummerċ intra-Komunitarju fil-prodotti mediċinali.

(2) Sabiex jittieħed kont tal-evoluzzjoni tas-suq farmaċewtiku u ta' politiki nazzjonali biex jikkontrollaw l-infiq pubbliku fuq prodotti mediċinali, huma meħtieġa bidliet sostantivi lid-dispożizzjonijiet prinċipali kollha tad-Direttiva 89/105/KEE. Għaldaqstant, f'ġieħ iċ-ċarezza, id-Direttiva 89/105/KEE trid titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Direttiva.

(3) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprovdi qafas armonizzat għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem. Skont id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ([4]), il-prodotti mediċinali jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni biss wara li jkunu rċevew awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni bbażata fuq l-evalwazzjoni tal-kwalità, is-sigurtà u l-effikaċja tagħhom.

(4) Matul l-aħħar deċennji l-Istati Membri ġew ikkonfrontati b'żieda kostanti fl-infiq farmaċewtiku, li wassal għall-adozzjoni ta' politiki dejjem aktar innovattivi u kumplessi biex jimmaniġġaw il-konsum ta' ~~mediċini~~***prodotti mediċinali*** fil-qafas tas-sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa tagħhom. B'mod partikolari, l-awtoritajiet tal-Istati Membri implimentaw firxa wiesgħa ta' miżuri biex jikkontrollaw il-preskrizzjoni ~~tal-mediċini~~***ta' prodotti mediċinali***, biex jirregolaw il-prezzijiet tagħhom jew biex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-finanzjament pubbliku tagħhom. Dawn il-miżuri għandhom l-għan prinċipali li jippromwovu s-saħħa pubblika ***għaċ-ċittadini kollha*** billi jiżguraw id-disponibbiltà ta' provvista *suffiċjenti* ta' prodotti mediċinali ***effettivi b'termini indaqs għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni*** bi prezz raġonevoli, filwaqt li ~~tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja tas-sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni~~li ***jiġi żgurat l-aċċess ugwali għal kura*** tas-saħħa ***ta' kwalità għolja lil kulħadd. Dawk il-miżuri għandhom ukoll ikunu intiżi sabiex jippromwovu r-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti mediċinali ġodda u sabiex jippromwovu l-innovazzjoni medika. Mediċini kklassifikati bħala essenzjali fil-lista tal-WHO għandhom ikunu disponibbli għall-pazjenti fl-Istati Membri kollha, irrispettivament mid-daqs tas-suq.*** **[Em. 3]**.

***(4a) L-iżgurar tal-aċċess tal-pazjenti għall-prodotti mediċinali fl-Unjoni kollha u l-moviment liberu effettiv tal-merkanzija jesiġu li l-Istati Membri jagħmlu użu raġonevoli minn tfassil tal-prezzijiet skont referenza esterna, jiġifieri billi ssir referenza għall-Istati Membri li għandhom livell ta' introjtu komparabbli. L-użu mingħajr kundizzjonijiet tat-tfassil tal-prezzijiet skont referenza esterna ta' prova li jnaqqas id-disponibbiltà ta' prodotti mediċinali billi jħeġġeġ in-nuqqas ta' dawn il-prodotti fi Stati Membri fejn il-prezzijiet tagħhom huma relativament irħas.*** **[Em. 4]**

(5) Differenzi fil-miżuri nazzjonali jistgħu jxekklu u jfixklu l-kummerċ fl-Unjoni ta' prodotti mediċinali u jfixklu l-kompetizzjoni, u b'hekk jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern tal-prodotti mediċinali.

---

([1]) ĠU C 299, 4.10.2012, p. 81.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013.
([3]) ĠU L 40, 11.2.1989, p. 8.
([4]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(6) Sabiex jitnaqqsu l-effetti tad-disparitajiet fis-suq intern, il-miżuri nazzjonali jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti proċedurali minimi li jippermettu lill-partijiet ikkonċernati jivverifikaw li dawk il-miżuri ma jikkostitwixxux restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni jew fuq miżuri li jħallu effett ekwivalenti. ***Dawk ir-rekwiżiti proċedurali minimi għandhom jiżguraw ukoll iċ-ċertezza legali u t-trasparenza għall-awtoritajiet kompetenti fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet relatati mal-ipprezzar u l-kopertura ta' prodotti mediċinali mis-sistemi pubbliċi ta' assigurazzjoni tas-saħħa, filwaqt li jippromwovu l-produzzjoni ta' prodotti mediċinali, iħaffu d-dħul fis-suq ta' prodotti mediċinali ġeneriċi u jinkoraġġixxu r-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti mediċinali ġodda.*** Madankollu, dawk ir-rekwiżiti ma għandhomx jaffettwaw il-politiki ta' dawk l-Istati Membri li primarjament jiddependu fuq il-kompetizzjoni ħielsa biex jiffissaw il-prezz ta' prodotti mediċinali. Lanqas ma għandhom jaffettwaw il-politiki nazzjonali dwar l-iffissar tal-prezzijiet u dwar l-għażla ta' skemi tas-sigurtà soċjali, ħlief sa fejn ikun neċessarju sabiex tintlaħaq it-trasparenza fis-sens ta' din id-Direttiva u biex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern. **[Em. 5]**

(7) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-suq intern fil-prodotti mediċinali, din id-Direttiva trid tapplika għall-prodotti mediċinali kollha għall-użu mill-bniedem fis-sens tad-Direttiva 2001/83/KE.

(8) Minħabba d-diversità ta' miżuri nazzjonali għall-immaniġġar tal-konsum tal-prodotti mediċinali, li jirregolaw il-prezzijiet tagħhom jew jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-finanzjament pubbliku tagħhom, hu meħtieġ li tiġi ċċarata d-Direttiva 89/105/KEE. B'mod partikolari din id-Direttiva għandha tkopri l-miżuri mfassla mill-Istati Membri u li se jkollhom impatt fuq is-suq intern. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 89/105/KEE, il-proċeduri tal-ipprezzar u r-rimborż evolvew u saru aktar kumplessi. Filwaqt li xi Stati Membri interpretaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/105/KEE b'mod restrittiv, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħetha li dawk il-proċeduri dwar l-ipprezzar u r-rimborż jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/105/KEE, u dan skont l-objettivi ta' dik id-Direttiva u l-ħtieġa li tipi ċċarata l-effettività tagħha. Għaldaqstant, din id-Direttiva għandha tirrifletti l-iżviluppi fl-politiki nazzjonali tal-ipprezzar u r-rimborż. Minħabba li jeżistu regoli u proċeduri speċifiċi fil-qasam tal-akkwisti pubbliċi u l-ftehimiet kuntrattwali volontarji, il-miżuri nazzjonali li jinvolvu l-akkwisti pubbliċi u l-ftehimiet kuntrattwali volontarji għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

***(8a) L-awtoritajiet kompetenti u d-detenturi ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni qed jikkonkludu aktar u aktar ftehimet kuntrattwali intiżi sabiex il-pazjenti jiġu provduti b'aċċess għal trattamenti innovattivi, billi jippermettu li prodott mediċinali jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistemi pubbliċi ta' assigurazzjoni tas-saħħa filwaqt li jiġu monitorjati l-elementi definiti minn qabel u għal perjodu ta' żmien definit sabiex, b'mod partikolari, jiġu indirizzati l-inċertezzi fil-qasam tal-prova ta' effettività u/jew effikaċja relattiva jew l-użu xieraq ta' prodott mediċinali speċifiku. Id-dewmien fid-definizzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' ftehimiet kuntrattwali bħal dawn ta' spiss jaqbeż l-iskadenzi fissi u jiġġustifika l-esklużjoni ta' ftehimiet bħal dawn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dawn il-ftehimiet għanhom ikunu limitati għal oqsma terapewtiċi fejn il-konklużjoni tagħhom ikollha verament l-effett li tiffaċilita u tippermetti l-aċċess tal-pazjenti għal prodotti mediċinali innovattivi, għandhom jibqgħu volontarji u ma għandhomx jaffettwaw id-dritt tad-detentur ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni li jippreżenta applikazzjoni b'mod konformi ma' din id-Direttiva.*** **[Em. 6]**

(9) Kull miżura biex direttament jew indirettament, tirregola l-prezzijiet ta' prodotti mediċinali, kif ukoll kull miżura ***inklużi rakkomandazzjonijiet*** li ***jistgħu jkunu meħtieġa, li*** tiddetermina l-kopertura tagħhom mis-sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa għandha tkun ibbażata fuq kriterji ***trasparenti*** oġġettivi u verifikabbli li huma indipendenti mill-oriġini tal-prodott u għandha tipprovdi rimedju legali, ~~inklużi dawk ġudizzjarji,~~***skont proċeduri nazzjonali*** lill-kumpaniji milquta. Dawn ir-rekwiżiti għandhom japplikaw ugwalment għal miżuri nazzjonali, reġjonali jew lokali li jikkontrollaw jew jippromwovu l-preskrizzjoni ta' prodotti mediċinali speċifiċi peress li dawn il-miżuri jiddeterminaw ukoll il-kopertura effettiva tagħhom minn sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa. **[Em. 7]**

***(9a) Il-kriterji li fuqhom huma bbażati d-deċiżjonijiet li jirregolaw, direttament jew inidirettament, il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali, kif ukoll kull miżura li tiddetermina sa fejn dawn se għandhom ikunu koperti mis-sistemi ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika għandhom jinkludu l-valutazzjoni tal-bżonnijiet medikali mhux sodisfatti, il-benefiċċji kliniċi u soċjetali u l-innovazzjoni, kif stabbilit fl-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Lulju 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni ta' sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa*** [1]***. Tali kriterji għandhom jinkludu wkoll il-protezzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni.*** **[Em. 8]**

---

(1) ***ĠU C 299, 4.10.2012, p. 81.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(10) Applikazzjonijiet biex jiġi approvat il-prezz ta' prodott mediċinali jew biex tiġi ddeterminata l-kopertura tiegħu mis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa ma għandhomx idewmu l-kummerċjalizzazzjoni ta' dak il-prodott iktar milli hemm bżonn. Huwa għalhekk mixtieq li din id-Direttiva tistabbilixxi limiti obbligatorji ta' żmien li fihom għandhom jittieħdu d-deċiżjonijiet nazzjonali. Sabiex ikunu effettivi, il-perjodi ta' żmien preskritti għandhom jibdew jiddekorru mill-irċevuta ta' applikazzjoni sad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni korrispondenti. Għandhom jinkludu ***r-rakkomandazzjonijiet u*** l-evalwazzjonijiet kollha tal-esperti, inklużi l-valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa fejn ikun applikabbli, u l-passi amministrattivi kollha meħtieġa sabiex id-deċiżjoni tiġi adottata u jkollha effett legali. **[Em. 9]**

***(10a) Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità ma' dawk il-limiti ta' żmien, jista' jkun utli għall-applikanti li jibdew il-proċeduri għall-approvazzjoni tal-prezz jew għall-inklużjoni ta' prodott mediċinali fis-sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa minn qabel ma l-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni tingħata formalment. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-applikanti l-possibbiltà li jressqu applikazzjoni hekk kif tinħareġ opinjoni pożittiva dwar l-għoti ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għall-prodott mediċinali kkonċernat, mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem jew mill-awtorità nazzjonali kompetenti inkarigata mill-proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, skont kif ikun xieraq. F'każijiet bħal dawn, il-limiti ta' żmien għandhom jibdew jgħoddu mill-wasla formali tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni.*** **[Em. 10]**

***(10b) L-appoġġ tal-Unjoni għall-kooperazzjoni fuq il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa b'mod konformi mal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa*** [1] ***transkonfinali huwa intiż sabiex jottimizza u jikkoordina l-metodoloġiji tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa, li għandu fl-aħħar mill-aħħar ukoll inaqqas id-dewmien fil-proċċess tal-ipprezzar u tar-rimborż ta' prodotti mediċinali li għalihom l-Istati Membri jużaw il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa bħala parti mill-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni tagħhom. Il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa tinkludi, b'mod partikolari, informazzjoni dwar l-effikaċja relattiva kif ukoll dwar l-effettività fuq medda ta' żmien qasir u fit-tul, fejn hu xieraq, tat-teknoloġiji tas-saħħa, filwaqt li tieħu kont tal-benefiċċji ekonomiċi u soċjali usa' jew il-kosteffikaċja tal-prodott mediċinali vvalutat, skont il-metodoloġija tal-awtoritajiet kompetenti. Il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa hija proċess multidixxiplinari li jiġbor fil-qosor informazzjoni dwar kwistjonijiet mediċi, soċjali, ekonomiċi u etiċi relatati mal-użu ta' teknoloġija tas-saħħa b'mod sistematiku, trasparenti, oġġettiv u sod. L-għan tagħha huwa li tagħti informazzjoni għat-tfassil ta' politiki tas-saħħa siguri u effikaċi li jiffukaw fuq il-pazjent u li jippruvaw jiksbu l-aħjar valur.*** **[Em. 11]**

(11) Kif iċċarat mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-limiti ta' żmien għall-inklużjoni ta' prodotti mediċinali fis-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa spjegati fid-Direttiva 89/105/KEE għandhom ikunu mandatorji. L-esperjenza wriet li dawk il-limiti ta' żmien ma jkunux rispettati dejjem u li hemm ħtieġa li tkun żgurata ċ-ċertezza legali u li jittejbu r-regoli ta' proċedura marbuta mal-inklużjoni ta' prodotti mediċinali fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistemi pubbliċi ta' assigurazzjoni tas-saħħa. Għaldaqstant, għandha tiddaħħal fis-seħħ sistema ta' rimedju effettiva u rapida.

(12) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-8 ta' Lulju 2009 bl-isem "Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport ta' Inkjesta tas-Settur Farmaċewtiku", il-Kummissjoni wriet li l-proċeduri ta' pprezzar u ta' rimburżar ta' spiss idewmu bla bżonn it-tnedija ta' ~~mediċini~~ ***prodotti mediċinali bijosimili jew***ġeneriċi fis-swieq Ewropej. L-approvazzjoni tal-prezz ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ***jew bijosimili*** u l-kopertura tagħhom mis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa ma għandhiex teħtieġ xi valutazzjoni ġdida jew dettaljata meta l-prodott ta' referenza jkun diġà ġie pprezzat u inkluż fis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa. Huwa għalhekk xieraq li f'dawk il-każijiet jiġu stabbiliti limiti ta' żmien iqsar għall-prodotti mediċinali ġeneriċi ***jew bijosimili.*** **[Em. 12]**

(13) Ir-rimedji ġudizzjarji disponibbli fl-Istati Membri kellhom rwol limitat f'li jiżguraw il-konformità mal-istess limiti ta' żmien minħabba l-proċeduri ta' spiss twal fil-ġurisdizzjonijiet nazzjonali~~, li jżommu lill-kumpaniji milquta milli jibdew azzjoni legali~~. Għaldaqstant, hemm il-ħtieġa ta' mekkaniżmi effettivi ***sabiex tiġi żgurata s-soluzzjoni rapida ta' ksur permezz ta' intervent amministrattiv qabel il-proċeduri ġudizzjarji, kif ukoll dawn*** biex jikkontrollaw u jinfurzaw il-konformità mal-limiti taż-żmien għal deċiżjonijiet marbuta mal-ipprezzar u r-rimborż.***Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jinnominaw entità amministrattiva, li tista' tkun waħda li diġà teżisti.*** **[Em. 13]**

[1] ***ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(14) Il-kwalità, is-sigurtà u l-effikaċja ta' prodotti mediċinali, inkluża l-bijoekwivalenza ***jew il-bijosimilarità*** ta' prodotti mediċinali ~~ġeneriċi~~***bijosimili*** mal-prodott ta' referenza, jiġu aċċertati fil-qafas tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni. Fil-qafas ~~tal-proċeduri~~ ***tad-deċiżjonijiet*** dwar l-ipprezzar u r-rimborż, ~~l-Istati Membri~~***l-awtoritajiet kompetenti responsabbli minn dawk id-deċiżjonijiet*** għalhekk ma għandhomx jirrivalutaw l-elementi ***essenzjali*** li hi bbażata fuqhom l-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, inklużi dawk tal-kwalità, is-sikurezza, l-effikaċja ***il-bijoekwivalenza*** jew ~~il-bijoekwivalenza~~ ***il-bijosimilarità*** tal-prodott mediċinali. ***B'mod simili, fil-każ ta' mediċini orfni, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jirrivalutaw il-kriterji għall-indikazzjoni ta' orfni. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess sħiħ għad-data użata mill-awtoritajiet responsabbli għall-għoti ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni ta' prodott mediċinali kif ukoll il-possibbiltà li tiġi inkluża jew ġġenerata data rilevanti addizzjonali sabiex jiġi valutat prodott mediċinali fil-kuntest tal-inklużjoni tiegħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema pubblika ta' assigurazzjoni tas-saħħa.*** **[Em. 14]**

*(14a)* ***In-nuqqas ta' valutazzjoni mill-ġdid tal-elementi li fuqhom hija bbażata l-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni fi ħdan il-qafas tal-proċeduri ta' ppezzar u rimborż ma għandux, mandankollu, jimpedixxi l-awtoritajiet kompetenti milli jitolbu, jaċċedu u jużaw data maħluqa matul il-proċess tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għall-iskop tal-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa. Il-kondiviżjoni ta' data bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni u għall-ipprezzar u r-rimborż għandha tkun possibbli fil-livell nazzjonali jekk kondiviżjoni bħal din teżisti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jinkludu jew jiġġeneraw data rilevanti addizzjonali għall-finijiet tal-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa.*** **[Em. 15]**

(15) Skont id-Direttiva 2001/83/KE, id-drittijiet tal-proprjetà industrijali u intellettwali ma jipprovdux raġuni valida għal rifjut, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni. Bl-istess mod, applikazzjonijiet, proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet u deċiżjonijiet biex jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali jew biex jiddeterminaw il-kopertura tagħhom mis-sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa għandhom jitqiesu bħala proċeduri amministrattivi li, bħala tali, ikunu indipendenti mill-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà industrijali. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli minn dawk il-proċeduri, meta jeżaminaw applikazzjoni rigward prodott mediċinali ġeneriku ***bijoekwivalenti jew bijosimili***, ma għandhomx jitolbu informazzjoni li tikkonċerna l-istatus tal-privattiva tal-prodott mediċinali ta' referenza~~u ma għandhomx~~ , ***iżda għandhom ikunu jistgħu*** jeżaminaw il-validità ta' allegata vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kemm-il darba l-prodott mediċinali ġeneriku ***jew bijosimili*** jkun manifatturat jew ikkumerċjalizzat wara d-deċiżjoni tagħhom. ~~Konsegwentement~~ ***Dik il-kompetenza għandha tibqa' f'idejn l-Istati Membri. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Istati Membri li jeżaminaw l-informazzjoni***, il-kwistjonijiet tal-proprjetà intellettwali la għandhom jinterferixxu mal-~~proċeduri ta'~~ ipprezzar u ***l-proċeduri*** ta' rimburżar fl-Istati Membri u lanqas idewmuhom. **[Em. 16]**

*(15a)* ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà għall-pubbliku ta' dokumenti u informazzzjoni f'pubblikazzjoni adatta, b'mod konformi mal-prattika nazzjonali, li tista' tinkludi format elettroniku jew format onlajn. Għandhom jiżguraw ukoll li l-informazzjoni li tingħata tkun tista' tinftiehem u tingħata fi kwantità raġonevoli. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jeżaminaw ukoll kif ikomplu jikkooperaw dwar il-funzjonament tal-bażi ta' data ta' informazzjoni dwar il-prezzijiet, EURIPID, li tipprovdi valur miżjud fl-Unjoni kollha f'termini ta' trasparenza tal-prezzijiet.*** **[Em. 17]**

*(15b)* ***Il-prinċipju tat-trasparenza, l-integrità u l-indipendenza tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni fi ħdan l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiġu żgurati permezz tal-iżvelar pubbliku tal-ismijiet ta' esperti li jipparteċipaw fl-entitajiet responsabbli għad-deċiżjonijiet tal-ipprezzar u r-rimborż, flimkien mad-dikjarazzjonijiet ta' interess tagħhom u l-passi proċedurali li jwasslu għal deċiżjonijiet tal-ipprezzar u r-rimborż.*** **[Em. 18]**

(16) L-Istati Membri spiss emendaw l-iskemi tal-assigurazzjoni tas-saħħa tagħhom jew adottaw miżuri ġodda li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/105/KEE. Huwa għalhekk meħtieġ li ~~jiġu stabbiliti mekkaniżmi~~ li ***jiġi stabbilit mekkaniżmu*** ta' informazzjoni ~~maħsuba, min-naħa waħda,~~***maħsub*** biex ~~jiżguraw il-konsultazzjoni~~***jiżgura l-konsultazzjoni*** mal-partijiet interessati ~~u, min-naħa l-oħra, biex jiffaċilitaw djalogu preventiv mal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.~~***kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***. **[Em. 19]**

(17) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-istipular ta' regoli minimi għat-trasparenza biex ikun żgurat il-funzjonament tas-suq intern, ma tistax tiġi attwata għalkollox mill-Istati Membri, minħabba li l-idea ta' trasparenza ta' miżuri nazzjonali tiftiehem u tiġi applikata b'mod differenti f'kull Stat Membru u tista', għaldaqstant, minħabba l-iskala tal-azzjoni tiġi attwata aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex dan l-objettiv jintlaħaq.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(18) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([1]) l-Istati Membri ntrabtu li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom ma' dokument wieħed jew aktar li jispjega r-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Dwar din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis it-trażmissjoni ta' tali dokumenti bħala waħda ġustifikata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## Kapitolu I

## Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

### Artikolu 1

### Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull miżura nazzjonali, reġjonali jew lokali, sew jekk stabbilita permezz ta' liġi, ta' regolament jew ta' azzjoni amministrattiva, biex jikkontrollaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew biex jistabbilixxu jekk il-firxa ta' prodotti mediċinali koperti mis-sistemi ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika, inkluż dwar sa liema punt tasal il-kopertura tagħhom u l-kundizzjonijiet ta' din il-kopertura, tikkonformax mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-miżuri ma jkunux idduplikati fil-livell reġjonali jew lokali fit-territorji rispettivi tagħhom.*** **[Em. 20]**

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal li ġej:

(a) ftehimiet kuntrattwali ~~volontarji~~ konklużi ***b'mod volontarju*** bejn l-awtoritajiet pubbliċi u d-detentur ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, ***li jkollhom l-għan li jinkludu prodott mediċinali fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistemi pubbliċi*** ta' ***assigurazzjoni tas-saħħa filwaqt li jiġu monitorjati l-elementi definiti minn qabel bejn iż-żewġ partijiet relatati mal-effettività u/jew effikaċja relattiva jew l-użu xieraq ta'*** prodott mediċinali li ~~għandhom l-għan li~~ j***partikolari, u bil-ħsieb*** ippermettu l-provvista effettiva ta' ~~din~~ ***dik*** il-mediċina lil pazjenti skont kundizzjonijiet speċifiċi ***u għal perjodu ta' żmien miftiehem;*** **[Em. 21]**

(b) miżuri nazzjonali maħsuba biex jiddeterminaw il-prezzijiet jew il-kopertura ta' prodotti mediċinali minn sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa li huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, partikolarment id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE ([2]), id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE ([3]) u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

Din id-Direttiva tapplika għal miżuri maħsuba biex jistabbilixxu liema prodotti mediċinali jistgħu jiġu inklużi fi ftehim kuntrattwali jew proċeduri ta' akkwist pubbliku. ***B'mod konformi mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali relatata mas-segretezza tan-negozju, informazzjoni bażika relatata ma' prodotti mediċinali inkluża fil-ftehimiet kuntrattwali jew proċeduri ta' akkwist pubbliku, bħall-isem tal-prodott u l-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, għandha tkun disponibbli għall-pubbliku meta l-ftehimiet jew il-proċeduri jiġu konklużi.*** **[Em. 22]**

3. Xejn f'din id-Direttiva ma jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott mediċinali li ma jkunx irċieva awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/83/KE.

***3a. Din id-Direttiva ma tistax tqiegħed inkwistjoni awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni marbuta ma' prodott mediċinali li tingħata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/83/KE.*** **[Em. 23]**

---

([1]) ĠU C 369,17.12.2011, p. 14.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 33).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta' Frar 1992 li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għallapplikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fissetturi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (ĠU L 76, 23.3.1992, p. 14).

([4]) Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114).

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "prodott mediċinali" tfisser prodott mediċinali kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE;

(2) "prodott mediċinali ta' referenza" tfisser prodott mediċinali ta' referenza kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2001/83/KE;

(3) "prodott mediċinali ġeneriku" tfisser prodott mediċinali ġeneriku kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2001/83/KE;

***(3a) "prodott mediċinali bijosimili" tfisser prodott mediċinali kif definit fl-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2001/83/KE;*** **[Em. 24]**

(4) "teknoloġija tas-saħħa" tfisser teknoloġija tas-saħħa kif definit fil-punt (l) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/24/UE;

(5) "valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa" tfisser valutazzjoni ~~tal-~~***li bħala minimu tinkludi l-***effikaċja relattiva jew ~~tal-~~ effettività fit-terminu l-qasir u t-twil tal-prodott mediċinali meta mqabbel mat-teknoloġiji tas-saħħa ***jew l-interventi*** l-oħrajn li jintużaw fit-trattament tal-kundizzjoni assoċjata; **[Em. 25]**

***(5a)" ftehimiet kuntrattwali volontarji" tfisser ftehim konkluż bejn l-awtoritajiet pubbliċi u d-detentur ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni ta' prodott mediċinal, i li la jkun obbligatorju u lanqas meħtieġ mil-liġi u l-ftehim ma jkunx jikkostitwixxi l-unika alternattiva sabiex il-prodott ikun inkluż fl-iskema nazzjonali ta' ipprezzar u rimborż;*** **[Em. 26]**

***(5b)" gruppi vulnerabbli" tfisser dawk il-gruppi tal-popolazzjoni l-aktar sensittivi għall-miżuri li jiddeterminaw il-koperatura tal-prodotti mediċinali min-naħa tas-sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni pubblika, bħat-tfal, il-penzjonanti, il-persuni qiegħda, dawk dipendenti fuq il-prodotti mediċinali orfni u dawk li jbatu minn mard kroniku.*** **[Em. 27]**

Kapitolu II

L-ipprezzar ta' prodotti mediċinali

Artikolu 3

Approvazzjoni tal-prezz

1. Il-paragrafi minn 2 sa 9 japplikaw jekk il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott mediċinali jiġi permess biss wara li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat ikunu approvaw il-prezz tal-prodott.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li applikazzjoni biex jiġi approvat il-prezz tal-prodott tista' tiġi introdotta mid-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni ~~f'kull ħin.~~***ladarba tingħata l-awtoritzzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodott***. ***L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu lill-applikant ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni l-possibbiltà li jressaq applikazzjoni għal approvazzjoni tal-prezz wara li l-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini*** ([1]) ***jew l-awtorità nazzjonali kompetenti jkunu ħarġu opinjoni pożittiva dwar l-għoti ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għall-prodott mediċinali kkonċernat.*** L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-applikant b'konferma uffiċjali tal-wasla ***fi żmien 10 ijiem minn meta tiġi rċevuta l-applikazzjoni***. **[Em. 28]**

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tittieħed deċiżjoni dwar il-prezz li għandu jintalab għall-prodott mediċinali kkonċernat u li tiġi kkomunikata lill-applikant fi żmien ~~60 ġurnata~~ ***90 jum*** mill-wasla ta' applikazzjoni ippreżentata, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat, mid-detentur ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni. ~~Madankollu, għall-mediċini li~~ Fil-każ ~~tagħhom l-Istati Membri jużaw il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa bħala parti mill-proċess tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-limitu ta' żmien għandu jkun 90 jum. Fil-każ ta'~~ prodotti mediċinali ġeneriċi, dan il-limitu jkun ~~15-il ġurnata~~ ta' ***30 jum*** u dan kemm-il darba l-prezz tal-prodott mediċinali ta' referenza jkun ġie approvat mill-awtoritajiet kompetenti. ***Fejn ikun xieraq, l-Istati Membri għandhom jużaw il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa bħala parti mill-proċess tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar ta' prodotti mediċinali.*** **[Em. 29]**

---

([1]) ***ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu b'mod ċar id-dettalji u d-dokumenti li jrid iressaq l-applikant.

5. Jekk l-informazzjoni b'appoġġ tal-applikazzjoni tkun inadegwata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw minnufih lill-applikant bl-informazzjoni ddettaljata addizzjonali meħtieġa u jieħdu d-deċiżjoni finali tagħhom fi żmien ~~60 ġurnata~~ ***90 jum*** mill-wasla ta' din l-informazzjoni addizzjonali. ~~Madankollu, għall-mediċini li fil-każ tagħhom l-Istati Membri jużaw il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa bħala parti mill-proċess tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-limitu ta' żmien hu 90 jum. Fil-każ ta'~~ prodotti mediċinali ġeneriċi, dan il-limitu jkun ~~15-il ġurnata,~~***30 jum,*** u dan kemm-il darba l-prezz tal-prodott mediċinali ta' referenza jkun ġie approvat mill-awtoritajiet kompetenti~~. L-Istati Membri ma għandhomx jitolbu informazzjoni addizzjonali li ma tkunx espliċitament meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-linji gwidi amministrattivi.~~ **[Em. 30]**

6. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni fil-limitu ta' żmien spjegat biċ-ċar fil-paragrafi minn 3 sa 5, l-applikant għandu d-dritt li jikkummerċjalizza l-prodott bil-prezz propost.

7. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li ma jħallux il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott mediċinali kkonċernat bil-prezz propost mill-applikant, id-deċiżjoni għandha tinkludi dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli, inklużi kull evalwazzjoni, opinjoni jew rakkomandazzjoni tal-esperti li fuqhom tkun ibbażata. L-applikant jiġi infurmat bir-rimedji kollha disponibbli, inklużi dawk ġudizzjarji, u bil-limiti ta' żmien biex japplika għal dawn ir-rimedji.

8. L-Istati Membri għandhom ~~jippubblikaw f'pubblikazzjoni xierqa u~~ jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti fl-approvazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti mediċinali. ***Dawk il-kriterji u l-informazzjoni dwar l-entitajiet responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali u dak reġjonali għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.*** **[Em. 31]**

9. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jnaqqsu l-prezz ta' prodott mediċinali speċifiku b'inizjattiva tagħhom stess, id-deċiżjoni għandha tinkludi dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli, ~~inkluża kull evalwazzjoni, opinjoni jew rakkomandazzjoni tal-esperti li fuqhom tkun ibbażata~~. Id-deċiżjoni għandha tiġi kkomunikata lid-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, li għandu jiġi mgħarraf bir-rimedji kollha disponibbli, inklużi dawk ġudizzjarji, u bil-limiti ta' żmien biex japplika għal dawn ir-rimedji. ***Id-deċiżjoni u s-sommarju tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku mingħajr dewmien.*** **[Em. 32]**

Artikolu 4

Żidiet fil-prezzijiet

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 5, il-paragrafi minn (2) sa (6) għandhom japplikaw kemm-il darba żieda fil-prezz ta' prodott mediċinali tithalla ssir biss wara li tkun ingħatat approvazzjoni minn qabel mingħand l-awtoritajiet kompetenti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li applikazzjoni biex jiżdied il-prezz tal-prodott tista' tiġi mressqa mid-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni ~~f'kull ħin.~~***skont il-liġi nazzjonali.*** L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-applikant b'konferma uffiċjali tal-wasla ***fi żmien 10 ijiem minn meta tkun waslet l-applikazzjoni***. **[Em. 33]**

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjoni ~~dwar~~ ***li japprovaw jew jirrifjutaw*** applikazzjoni li ġiet ippreżentata, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat, minn detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni biex jgħolli l-prezz ta' prodott mediċinali tiġi adottata u kkomunikata lill-applikant fi żmien ~~60 ġurnata~~ ***90 jum*** mill-wasla tagħha. **[Em. 34]**

Fil-każ ta' numru eċċezzjonali ta' applikazzjonijiet, il-limitu ta' żmien spjegat biċ-ċar fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi estiż darba biss għal 60 jum oħra. L-applikant għandu jiġi nnotifikat b'tali estensjoni qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien spjegat b'mod ċar fl-ewwel subparagrafu.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu b'mod ċar id-dettalji u d-dokumenti li jrid iressaq l-applikant.

L-applikant għandu jagħti lill-awtoritajiet kompetenti biżżejjed informazzjoni, inklużi d-dettalji ta' dawk l-avvenimenti li jkunu ġraw sa minn meta l-prezz tal-prodott mediċinali jkun ġie l-aħħar iddeterminat li fil-fehma tiegħu jiġġustifika ż-żieda mitluba fil-prezz. Jekk l-informazzjoni b'appoġġ tal-applikazzjoni tkun inadegwata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw minnufih lill-applikant bl-informazzjoni ddettaljata addizzjonali meħtieġa u jieħdu d-deċiżjoni finali tagħhom fi żmien ~~60 ġurnata~~ ***90 jum*** mill-wasla ta' din l-informazzjoni addizzjonali. ~~L-Istati Membri ma għandhomx jitolbu informazzjoni addizzjonali li ma tkunx espliċitament meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-linji gwidi amministrattivi.~~ **[Em. 35]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

~~5. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni fil-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafi 3 u 4, l-applikant għandu d-dritt li japplika ż-żieda fil-prezz mitluba.~~ **[Em. 36]**

6. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li ma jippermettux iż-żieda kollha jew parti miż-żieda mitluba fil-prezz, id-deċiżjoni għandha tinkludi dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli u l-applikant għandu jiġi mgħarraf bir-rimedji kollha disponibbli, inklużi r-rimedji ġudizzjarji, u bil-limiti ta' żmien biex japplika għal dawn ir-rimedji.

Artikolu 5

Iffriżar tal-prezzijiet u tnaqqis fil-prezzijiet

1. Fil-każ ta' ffriżar tal-prezzijiet jew ta' tnaqqis tal-prezzijiet imposti fuq il-prodotti mediċinali kollha jew fuq xi kategoriji ta' prodotti mediċinali mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jippubblika dikjarazzjoni tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu abbażi ta' kriterji oġġettivi u verifikabbli, inkluża, jekk applikabbli, ġustifikazzjoni tal-kategoriji ta' prodotti suġġetti għall-iffriżar tal-prezzijiet jew għat-tnaqqis fil-prezzijiet.***L-Istati Membri għandhom jwettqu rieżami annwali ta' dawk id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom.*** **[Em. 37]**

2. Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni jistgħu japplikaw għal deroga mill-iffriżar tal-prezzijiet jew tnaqqis fil-prezzijiet jekk din tkun iġġustifikata permezz ta' raġunijiet partikolari. L-applikazzjoni għandu jkollha dikjarazzjoni tajba ta' dawn ir-raġunijiet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet għal deroga tkun tista' tiġi introdotta mid-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni f'kull ħin. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-applikant b'konferma uffiċjali tal-wasla ***fi żmien 10 ijiem minn meta tkun waslet l-applikazzjoni***. **[Em. 38]**

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjoni motivata dwar applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tiġi adottata u kkomunikata lill-applikant fi żmien ~~60 ġurnata~~ ***90 jum*** mill-wasla tal-applikazzjoni. Jekk l-informazzjoni b'appoġġ tal-applikazzjoni tkun inadegwata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw minnufih lill-applikant bl-informazzjoni ddettaljata addizzjonali meħtieġa u jieħdu d-deċiżjoni finali tagħhom fi żmien ~~60 ġurnata~~ ***90 jum*** mill-wasla ta' din l-informazzjoni addizzjonali. F'każ li d-deroga tingħata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw minnufih avviż ta' żieda fil-prezz permess. **[Em. 39]**

Jekk ikun hemm numru eċċezzjonali ta' applikazzjonijiet, il-limitu ta' żmien stipulat fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi estiż darba biss għal 60 jum oħra. L-applikant għandu jiġi nnotifikat b'din l-estensjoni qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien stipulat fl-ewwel subparagrafu.

Artikolu 6

Kontrolli fuq il-profitti

Meta Stat Membru jadotta sistema ta' kontrolli diretti jew indiretti fuq il-profittabbiltà ta' persuni responsabbli għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippubblika l-informazzjoni segwenti f'pubblikazzjoni xierqa u jgħarraf lill-Kummissjoni biha:

(a) il-metodu jew il-metodi użati fl-Istat Membru kkonċernat biex jiddefinixxu l-profittabbiltà: qligħ mill-bejgħ u/jew qligħ mill-kapital;

(b) il-firxa ta' qligħ ipproġettat attwalment permess lil persuni responsabbli għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali tal-Istat Membru kkonċernat;

(c) il-kriterji li skonthom jingħataw rati proġettati ta' qligħ lil individwu responsabbli għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali, flimkien mal-kriterji skont liema se jitħallew jżommu qligħ 'il fuq mill-miri tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat;

(d) il-perċentwali massimu ta' qligħ li kull persuna responsabbli għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali titħalla żżomm 'il fuq mill-mira tagħha fl-Istat Membru kkonċernat.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi aġġornata darba fis-sena jew meta jsiru bidliet sostanzjali.

Meta, minbarra mit-tħaddim ta' sistema ta' kontrolli diretti jew indiretti fuq il-qligħ, Stat Membru jħaddem sistema ta' kontrolli fuq il-prezzijiet ta' ċerti tipi ta' prodotti mediċinali li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema tal-kontroll ta' qligħ, l-Artikoli 3, 4 u 5 għandhom, fejn rilevanti, japplikaw għal kontrolli ta' prezzijiet. Madankollu, dawn Artikoli ma għandhomx japplikaw fejn it-tħaddim normali ta' sistema ta' kontrolli diretti jew indiretti fuq il-qligħ issir mezz eċċezzjonali biex jiġi ffissat prezz għal prodott mediċinali individwali.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Kapitolu III

Kopertura ta' prodotti mediċinali minn sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa

Artikolu 7

Inklużjoni ta' prodotti mediċinali fis-sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa

1. Il-paragrafi minn 2 sa 8 għandhom japplikaw jekk prodott mediċinali jkun kopert mis-sistema ta' assigurazzjoni pubblika tas-saħħa biss wara li l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddeċidew li jinkludu l-prodott mediċinali kkonċernat fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik is-sistema:

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li applikazzjoni biex prodott mediċinali jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa tista' tiġi introdotta mid-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni ~~f'kull ħin. Fil-każ li s-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa tkun tinkludi diversi skemi jew kategoriji~~ ***ladarba tingħata l-awtorizzazzjoni għall-*** ~~kopertura, id-detentur tal-awtorizzazzjoni~~***kummerċjalizzazzjoni tal-prodott. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu lill-applikant ta' awtorizzazzjoni*** ta' kummerċjalizzazzjoni ~~għandu jkun intitolat li japplika għall-inklużjoni tal-prodott tiegħu fl-iskema jew fil-kategorija tal-għażla tiegħu~~***l-possibbiltà li jressaq applikazzjoni ta' inklużjoni wara li l-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew l-awtorità nazzjonali kompetenti jkunu ħarġu opinjoni pożittiva dwar l-għoti ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għall-prodott mediċinali kkonċernat***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-applikant b'konferma uffiċjali tal-wasla ***fi żmien 10 ijiem minn meta tkun waslet l-applikazzjoni***. **[Em. 40]**

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu b'mod ċar id-dettalji u d-dokumenti li jrid iressaq l-applikant.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjoni dwar applikazzjoni biex prodott mediċinali jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa, li tkun tressqet mid-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat, tiġi adottata u kkomunikata lill-applikant fi żmien ~~60 ġurnata~~ ***90 jum*** mill-wasla tagħha. ~~Madankollu, għall-mediċini li fil-każ tagħhom l-Istati Membri jużaw il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa bħala parti mill-proċess tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-limitu ta' żmien għandu jkun 90 jum~~. Fir-rigward tal-prodotti mediċinali ġeneriċi, dan il-limitu ta' żmien jkun ta' ~~15-il ġurnata~~***30 jum***, u dan kemm-il darba l-prodott mediċinali ta' referenza jkun diġà ġie inkluż fis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa. ***Fejn ikun xieraq, l-Istati Membri għandhom jużaw il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa bħala parti mill-proċess tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-inklużjoni ta' prodotti mediċinali fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa.*** **[Em. 41]**

5. Jekk l-informazzjoni b'appoġġ tal-applikazzjoni tkun inadegwata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw minnufih lill-applikant bl-informazzjoni ddettaljata addizzjonali meħtieġa u jieħdu d-deċiżjoni finali tagħhom fi żmien ~~60 ġurnata~~ ***90 jum*** mill-wasla ta' din l-informazzjoni addizzjonali. ~~Madankollu, għall-mediċini li fil-każ tagħhom l-Istati Membri jużaw il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa bħala parti mill-proċess tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-limitu ta' żmien għandu jkun 90 jum~~. Fir-rigward tal-prodotti mediċinali ġeneriċi, dan il-limitu ta' żmien jkun ta' ~~15-il ġurnata~~***30 jum***, u dan kemm-il darba l-prodott mediċinali ta' referenza jkun diġà ġie inkluż fis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa. ~~L-Istati Membri ma għandhomx jitolbu informazzjoni addizzjonali li ma tkunx espliċitament meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-linji gwidi amministrattivi.~~ **[Em. 42]**

6. Irrispettivament mill-organizzazzjoni tal-proċeduri interni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-perjodu kollu taż-żmien meħud mill-proċedura ta' inklużjoni spjegata b'mod ċar fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u l-proċedura ta' approvazzjoni tal-prezzijiet spjegata fid-dettall fl-Artikolu 3 ma jisboqx ~~il-120 ġurnata. Madankollu, għall-prodotti mediċinali li fil-każ tagħhom l-Istati Membri jużaw il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa bħala parti mill-proċess tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-limitu ta' żmien ma għandux jaqbeż il-180 jum.~~***il-180 jum***. Fir-rigward tal-prodotti mediċinali ġeneriċi, dan il-limitu ta' żmien ma għandux jaqbeż it-~~30 jum~~***60 jum***, u dan kemm-il darba l-prodott mediċinali ta' referenza jkun diġà ġie inkluż fis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa. Dawk il-limiti ta' żmien jistgħu jiġu estiżi skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 3(5). **[Em. 43]**

7. Kull deċiżjoni biex prodott mediċinali ma jiġix inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa għandu jkun fiha dikjarazzjoni tar-raġunijiet, imsejsa fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli. Kull deċiżjoni biex prodott mediċinali jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa għandu jkun fiha dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tiġġustifika d-deċiżjoni, inkluż il-limitu u l-kundizzjonijiet tal-kopertura tal-prodott, abbażi ta' kriterji oġġettivi u verifikabbli.

Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu jinkludu wkoll kull evalwazzjoni, opinjoni esperta jew rakkomandazzjoni li jkunu ġew ibbażati fuqhom. L-applikant jiġi infurmat ~~bir-rimedji~~***bil-proċeduri ta' medjazzjoni u rimedji*** kollha disponibbli~~, inklużi dawk ġudizzjarji, u bil-proċedura ta' rimedju stabbilita fl-Artikolu 8, u~~ u bil-limiti ta' żmien ~~biex japplika~~***applikabbli*** għal ~~dawn ir-rimedji.~~***dawk il-proċeduri.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***Il-kriterji li jirregolaw id-deċiżjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu valutazzjonijiet ta' ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati u tal-benefiċċji kliniċi u soċjetali, tal-innovazzjoni u tal-protezzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli tal-popolazzjoni.*** **[Em. 44]**

8. L-Istati Membri għandhom ~~jippubblikaw lista f'pubblikazzjoni xierqa u~~ jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kriterji li jridu jikkunsidraw l-awtoritajiet kompetenti fid-deċiżjoni dwar jekk jinkludux jew le prodotti mediċinali fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa. ***Dawk il-kriterji u l-informazzjoni dwar l-entitajiet responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali u dak reġjonali għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.*** **[Em. 45]**

Artikolu 8

*~~Il-proċedura~~ ta**Proċeduri ta' medjazzjoni u** rimedju ~~fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-limiti ta' żmien relatati mal-inklużjoni ta' prodotti mediċinali fis-sistemi tal-assigurazzjoni tas-saħħa~~*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***jkun hemm proċeduri effettivi u rapidi ta' medjazzjoni jew rimedju disponibbli għall-applikant*** fil-każ ta' ***dewmien jew*** nuqqas ta' konformità mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 7, ~~għall-applikant ikun hemm rimedji effettivi u li ma jihdux fit-tul.~~***mingħajr ġustifikazzjoni***, ***u skont il-liġi nazzjonali tagħhom***.

2. Għall-finijiet ~~tal-proċedura ta'~~***tal-proċeduri ta'medjazzjoni jew*** rimedju, l-Istati Membri ~~għandhom~~ ***jistgħu*** jaħtru entità ***amministrattiva*** u ~~jgħaddulha dawn ir-responsabbiltajiet:~~ ***jagħtuha s-setgħa biex,***

~~(a)~~ mal-ewwel opportunità u permezz ta' proċeduri interlokutorji, tieħu miżuri temporanji bl-għan li tikkoreġi l-allegat ksur jew li tipprevjeni kontra aktar ħsara għall-interessi kkonċernati.

~~(b) tippenalizza lill-applikant f'każ li ma jikkonformax mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 7 kemm-il darba tiġi ddikjarata xi ħsara, u dan jekk l-awtorità kompetenti tkun tista' tipprova li d-dewmien ma ġiex minnha;~~

~~(c) timponi ħlas ta' penali, ikkalkulat skont it-tul tad-dewmien.~~

~~Għall-finijiet tal-punt (c), il-ħlas tal-penali għandu jiġi kkalkulat skont il-gravità tal-ksur, id-dewmien tiegħu, il-ħtieġa li jkun żgurat li l-penali sservi, minnha nfisha, ta' deterrent għal aktar ksur.~~

~~L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-korp responsabbli msemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jqis il-konsegwenzi probabbli tal-miżuri potenzjali skont dan il-paragrafu għall-interessi kollha li jistgħu jsofru dannu, kif ukoll l-interess pubbliku, u jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dawn il-miżuri meta l-konsegwenzi negattivi tagħhom jistgħu jkunu akbar mill-benefiċċji tagħhom.~~

~~3. Deċiżjoni li ma tingħatax miżuri temporanja ma għandha tippreġudika l-ebda pretensjoni oħra tal-applikant li jkun qed jitlob tali miżuri.~~

~~4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjonijiet meħuda mill-entitajiet responsabbli mill-proċeduri ta' rimedju jkunu jistgħu jiġu infurzati b'mod effettiv.~~

~~5. L-entità msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun indipendenti mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-kontroll tal-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew responsabbli mid-determinazzjoni tal-firxa ta' prodotti mediċinali koperti mis-sistemi tal-assigurazzjoni tas-saħħa.~~

~~6. L-entità msemmija fil-paragrafu 2 għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. Barra minn hekk, meta dik l-entità ma tkunx waħda ġuridika, għandu jkun hemm dispożizzjoni li tiggarantixxi proċeduri li bihom kull miżura illegali allegatament meħuda mill-entità indipendenti, jew kull nuqqas allegat fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilha, ikunu jistgħu jiġu soġġetti għal reviżjoni ġudizzjarja jew reviżjoni minn entità oħra li tkun qorti jew tribunal fis-sens tal-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u indipendenti kemm mill-awtorità kompetenti kif ukoll mill-entità msemmija fil-paragrafu 2.~~

~~Il-membri tal-entità msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jinħatru u jtemmu l-kariga bl-istess kundizzjonijiet tal-membri tal-ġudikatura fir-rigward tal-awtorità responsabbli għall-ħatra tagħhom, il-perjodu tal-mandat tagħhom, u t-tneħħija tagħhom. Tal-anqas il-president ta' din l-entità indipendenti għandu jkollu l-istess kwalifiki legali u professjonali bħall-membri tal-ġudikatura. Din l-entità indipendenti għandha tieħu d-deċiżjonijiet tagħha skont proċedura li fiha jinstemgħu ż-żewġ naħat, u dawn id-deċiżjonijiet, b'mezzi stabbiliti minn kull Stat Membru, ikunu jorbtu legalment.~~ **[Em. 46]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Artikolu 9

Esklużjoni ta' prodotti mediċinali mis-sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa

1. Kull deċiżjoni biex prodott mediċinali jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa, jew biex jiġi mmodifikat il-limitu jew il-kundizzjonijiet ta' kopertura tal-prodott ikkonċernat, għandha tinkludi dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli. Tali deċiżjonijiet għandhom jinkludu ***valutazzjonijiet ta' ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, tal-impatt kliniku u l-kostijiet soċjali, tal-protezzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli tal-popolazzjoni u*** kull valutazzjoni, opinjoni jew rakkomandazzjoni tal-esperti li jkunu ġew ibbażati fuqhom. L-applikant jiġi infurmat bir-rimedji kollha disponibbli, inklużi dawk ġudizzjarji, u bil-limiti ta' żmien biex japplika għal dawn ir-rimedji. **[Em. 47]**

2. Kull deċiżjoni biex kategorija ta' prodotti mediċinali tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa, jew biex jiġi mmodifikat il-limitu jew il-kundizzjonijiet ta' kopertura tal-kategorija kkonċernata, għandu jkun fiha dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli ~~u tiġi ppubblikata f'pubblikazzjoni xierqa.~~ **[Em. 48]**

***2a. Kull deċiżjoni li tirrigwarda l-esklużjoni ta' prodott mediċinali jew kategorija ta' prodotti mediċinali mill-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa għandha tkun disponibbli għall-pubbliku, flimkien ma' sommarju tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet.*** **[Em. 49]**

Artikolu 10

Klassifikazzjoni ta' prodotti mediċinali bl-għan li jiġu inklużi fis-sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa

1. Il-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom japplikaw meta prodotti mediċinali jiġi raggruppati jew ikklassifikati skont kriterji terapewtiċi jew kriterji oħra għall-iskop tal-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa.

2. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw lista f'pubblikazzjoni xierqa u jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kriterji oġġettivi u verifikabbli skont liema l-prodotti mediċinali jkunu ġew ikklassifikati fid-dawl tal-inklużjoni tagħhom fis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa.

3. Għall-prodotti mediċinali suġġetti għal raggruppament jew klassifikazzjoni bħal din, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw lista f'pubblikazzjoni xierqa u jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-metodoloġiji użati biex jiġi ddeterminat il-limitu jew il-kundizzjonijiet tal-inklużjoni tagħhom fis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa.

4. B'talba tad-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jispeċifikaw l-informazzjoni oġġettiva li abbażi tagħha jkunu ddeterminaw l-arranġamenti ta' kopertura għall-prodott mediċinali tagħhom, fl-applikazzjoni tal-kriterji u l-metodoloġiji msemmija fil-paragrafi 2 u 3. F'każ bħal dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw ukoll lid-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni bir-rimedji kollha disponibbli, inklużi dawk ġudizzjarji, u bil-limiti ta' żmien biex japplika għal dawn ir-rimedji.

Artikolu 11

Miżuri biex jikkontrollaw jew jippromwovu l-preskrizzjoni ta' prodotti mediċinali speċifiċi

1. Il-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom *għandhom* japplikaw meta Stat Membru jadotta miżuri maħsuba li jikkontrollaw jew jippromwovu l-preskrizzjoni ta' prodotti speċifiċi mediċinali msemmija ***jew ta' kategorija ta' prodotti mediċinali***. **[Em. 50]**

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli.

3. Id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, inklużi kull valutazzjoni, opinjoni jew rakkomandazzjoni tal-esperti li huma bbażati fuqhom, għandhom jiġu ppubblikati f'pubblikazzjoni adegwata ***u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku***. **[Em. 51]**

4. B'talba tad-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni li l-interessi jew il-pożizzjoni legali tiegħu jkunu affettwati mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jispeċifikaw l-informazzjoni oġġettiva u l-kriterji li abbażi tagħhom dawn il-miżuri jkunu ttieħdu fir-rigward tal-prodott mediċinali tiegħu. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw ukoll lid-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni bir-rimedji kollha disponibbli, inklużi dawk ġudizzjarji, u bil-limiti ta' żmien biex japplika għal dawn ir-rimedji.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Kapitolu IV

Rekwiżiti speċifiċi

Artikolu 12

Effettività tal-limiti ta' żmien

1. Il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 3, 4, 5 u 7 għandhom jinftiehmu bħala l-perjodu bejn il-wasla ta' applikazzjoni jew ta' informazzjoni addizzjonali, kif ikun il-każ, u d-dħul fis-seħħ effettiv tad-deċiżjoni korrispondenti. L-evalwazzjonijiet kollha tal-esperti u l-passi amministrattivi meħtieġa biex tittieħed id-deċiżjoni u biex din tidħol fis-seħħ għandhom isiru fil-limiti ta' żmien preskritt.

***1a. Fir-rigward tal-prodotti mediċinali ġeneriċi, ċertu perjodu għat-tressiq ta' applikazzjoni u ċertu perjodu għad-dħul fis-seħħ effettiv tad-deċiżjoni korrispondenti għandhom, madankollu, ma jiġux inklużi fil-limiti ta' żmien, sakemm l-ebda wieħed minn dawn il-perjodi ma jaqbeż xahar kalendarju u li dawk il-perjodi jkunu espliċitament regolati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew minn linji gwida amministrattivi.***[Em. 52]

***1b. Jekk jinħtieġ proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jinvolvi negozjati bejn id-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni u l-awtorità kompetenti, il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 3, 4, 5 u 7 għandhom jiġu sospiżi mill-ħin li l-awtorità kompetenti tibgħat il-proposti tagħha lid-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni sakemm tirċievi t-tweġiba tad-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għall-proposti tagħha.*** [Em. 53]

Artikolu 13

~~*Prova addizzjonali ta' kwalità, sigurtà, effikaċja jew bijoekwivalenza*~~***Eżenzjoni minn rivalutazzjoni ta' elementi essenzjali ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni***

1. Fil-qafas tad-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar u r-rimborż~~, l-Istati Membri,~~ ***l-awtoritajiet kompetenti*** ma għandhomx jirrivalutaw l-elementi ***essenzjali*** li hi bbażata fuqhom l-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, ~~inklużi dawk tal-~~***bħall-***kwalità, is-sikurezza, l-effikaċja ~~jew~~ il-bijoekwivalenza ~~tal-prodott mediċinali.~~***il-bijosimilarità jew il-kriterji ta' klassifikazzjoni ta' orfni.***

***1a. Il-paragraph 1 għandu, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtoritajiet kompetenti li jitolbu u jkollhom aċċess sħiħ għad-data ġenerata waqt il-proċess ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għall-finijiet ta' evalwazzjoni u valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa, sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw l-effikaċja relattiva kif ukoll l-effettività fuq terminu ta' żmien qasir u twil, fejn xieraq, ta' prodott mediċinali fil-kuntest tal-inklużjoni tiegħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa.***

***1b. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu wkoll jinkludu jew jiġġeneraw data rilevanti addizzjonali għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-prodotti mediċinali.*** [Em. 54]

Artikolu 14

L-ebda interferenza fid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali

1. Applikazzjonijiet, proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet u deċiżjonijiet biex jirregolaw il-prezzijiet tal-prodotti mediċinali skont l-Artikolu 3 jew li jiddeterminaw l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa skont l-Artikoli 7 u 9 għandhom jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri bħala proċeduri amministrattivi li, bħala tali, huma indipendenti mill-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

2. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ma għandhiex tkun raġuni valida biex jiġu rrifjutati, sospiżi jew irrevokati deċiżjonijiet marbuta mal-prezz ta' prodott mediċinali jew mal-inklużjoni tiegħu fis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mingħajr ħsara għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali marbuta mal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Kapitolu V

Mekkaniżmi ta' trasparenza

Artikolu 15

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jadotta jew jemenda xi miżura ***leġiżlattiva*** li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, għandu jagħti lill-partijiet interessati***, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħall-gruppi tal-pazjenti u tal-konsumaturi,*** l-opportunità li jikkummentaw dwar l-abbozz ta' miżuri fi żmien raġonevoli. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw ir-regoli li japplikaw għall-konsultazzjonijiet. Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet għandhom jsiru disponibbli għall-pubbliku, bl-eċċezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali. **[Em. 55]**

***Artikolu 15a***

***It-trasparenza tal-entitajiet responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-prezzijiet***

***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li jikkontrollaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali jew jiddeterminaw il-kopertura ta' prodotti mediċinali mis-sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa jrendu disponibbli għall-pubbliku lista aġġornata regolarment tal-membri tal-entitajiet responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet, flimkien mad-dikjarazzjonijiet ta' interess tagħhom.***

***2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-entità amministrattiva msemmija fl-Artikolu 8(2).***

***3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw f'pubblikazzjoni xierqa u jittrażmettu lill-Kummissjoni, tal-inqas darba fis-sena, lista sħiħa tal-prodotti mediċinali koperti mis-sistemi pubbliċi tagħhom tal-assigurazzjoni tas-saħħ u l-prezzijiet li ġew iffissati matul il-perjodu rilevanti.*** *[Em. 56]*

~~*Artikolu 16*~~

~~*Notifika ta' abbozz ta' miżuri nazzjonali*~~

~~1. Fejn l-Istati Membri jkollhom l-intenzjoni li jadottaw jew li jemendaw xi miżura li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, għandhom immedjatament jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-abbozz tal-miżura prevista, flimkien mar-raġunijiet li fuqhom il-miżura hija bbażata.~~

~~2. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom simultanjament jikkomunikaw it-testi tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolatorji bażiċi li huma prinċipalment u direttament ikkonċernati, f'każ li l-għarfien ta' dawn it-testi jkun meħtieġ għall-evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-miżura proposta.~~

~~3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-abbozz tal-miżura msemmi fil-paragrafu 1 għal darb'oħra jekk jagħmlu tibdil lill-abbozz li jkollu l-effett li sinifikament jibdel il-kamp ta' applikazzjoni jew is-sustanza tiegħu, jew iqassru l-iskeda mfassla oriġinarjament għall-implimentazzjoni.~~

~~4. Il-Kummissjoni tista' twassal l-osservazzjonijiet tagħha lill-Istat Membru li jkun ikkomunika l-abbozz tal-miżura fi żmien tliet xhur.~~

~~L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni għandhom kemm jista' jkun jitqiesu mill-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari jekk l-osservazzjonijiet jindikaw li l-abbozz ta' miżura jista' jkun inkompatibbli mal-liġi tal-Unjoni Ewropea.~~

~~5. Meta l-Istat Membru kkonċernat jadotta b'mod definittiv l-abbozz ta' miżura, għandu jikkomunika t-test finali lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Jekk il-Kummissjoni tkun għamlet osservazzjonijiet skont il-paragrafu 4, din il-komunikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn rapport dwar l-azzjonijiet meħuda b'risposta għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni~~**[Em. 57]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Artikolu 17

Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-limiti ta' żmien

1. Sal-31 ta' Jannar ta' (*) … u sal-31 ta' Jannar ~~u l-1 ta' Lulju~~ ta' kull sena ta' wara, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u, f'pubblikazzjoni adegwata, jippubblikaw rapport dettaljat li jagħti l-informazzjoni li ġejja: **[Em. 58]**

(a) in-numru ta' applikazzjonijiet li jkunu waslu skont l-Artikoli 3, 4 u 7 tul is-sena preċedenti;

(b) l-ammont ta' żmien meħud biex tinħareġ deċiżjoni dwar kull waħda mill-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 3, 4 u 7;

(c) analiżi tar-raġunijiet ewlenin għad-dewmien, jekk ikun hemm, flimkien ma' rakkomandazzjonijiet biex il-proċessi għat-teħid ta' deċiżjonijiet jinġiebu f'konformità mal-limiti ta' żmien stabbiliti f'din id-Direttiva;

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, trid issir distinzjoni bejn il-prodotti mediċinali ġeneriċi suġġetti għal-limiti ta' żmien iqsar skont l-Artikoli 3, 4 u 7 u prodotti mediċinali oħrajn.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, kull sospensjoni tal-proċedura li titlob informazzjoni addizzjonali lill-applikant għandha tiġi rrappurtata b'indikazzjoni ċara tat-tul tas-sospensjoni u r-raġunijiet dettaljati għas-sospensjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport kull ~~sitt xhur~~ ***sena*** abbażi tal-informazzjoni mressqa mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1. **[Em. 59]**

Kapitolu VI

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 18

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill… (**) il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jinfurmaw minnufih it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill… (***).

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandom ikunu stipulati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 19

Rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva

1. L-Istati Membri għandhom jgħaddu rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sal… (****) u kull tliet snin minn dakinhar.

2. Sal… (*****) il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport jista' jkun akkumpanjat mill-proposta xierqa.

(*) Is-sena wara d-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1).
(**) L-aħħar jum tat-12-il xahar wara l-pubblikazzjoni ta 'din id-Direttiva fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
(***) Il-jum wara d-data stipulata fl-ewwel subparagrafu.
(****) Sentejn wara d-data msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1).
(*****) Tliet snin wara d-data msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1).

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

Artikolu 20

Revoka

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/105/KEE hija rrevokata minn… (*).

L-effetti tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 89/105/KEE ma jinbidlux.

Ir-referenzi għad-Direttiva rrevokata għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva.

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ 20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 22

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-Presiden*

---

P7_TA(2013)0040

## Il-Politika Komuni tas-Sajd ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta’ Frar 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2011)0425 – C7-0198/2011 – 2011/0195 (COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 024/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0425),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0198/2011),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-28 ta’ Marzu 2012 [1],

---

(*) Id-data stipulata fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1).

[1] ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183.

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-4 ta’ Mejju 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 37 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd, kif ukoll l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0008/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Ġunju 2011 bl-isem ”Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inkluživa ([2]); itenni li huma meħtieġa riżorsi addizzjonali suffiċjenti fl-QFM li jmiss sabiex l-Unjoni tkun tista’ tissodisfa l-prijoritajiet politiċi eżistenti tagħha u twettaq il-kompiti ġodda provduti fit-Trattat ta’ Lisbona, kif ukoll biex tirreaġixxi għal avvenimenti mhux previsti; jisfida lill-Kunsill, jekk ma jaqbilx ma’ dan l-approċċ, jidentifika b’mod ċar liema mill-prijoritajiet jew proġetti politiċi tiegħu jistgħu jitneħħew kompletament, minkejja li taw prova tal-valur miżjud Ewropew tagħhom;

3. Jirrimarka li l-impatt finanzjarju stmat tal-proposta jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġiżlattiva u li dan ma jistax jiġi ffissat qabel ma jkun intlaħaq qbil dwar il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Multiannwali għas-snin 2014-2020;

4. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b’mod sustanzjali jew li tibdilha b’test ġdid;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0195

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta’ Frar 2013 il-ħsieb ta’ l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li temenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 768/2005 u li tħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz ta’ att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

---

([1]) ĠU C 225, 27.7.2012, p. 20.
([2]) ĠU C 380 E 11.12.2012, p. 89.
([1]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183.
([2]) ĠU C 225 27.7.2012, p. 20.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta’ Frar 2013.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ([1]) stabbilixxa sistema Komunitarja għall-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd.

(2) L-ambitu tal-Politika Komuni tas-Sajd jinkludi l-konservazzjoni~~, il-ġestjoni u l-isfruttar~~ tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ***u l-ġestjoni tas-sajd iffukata fuqhom***. Barra minn hekk tinkludi, fir-rigward ta' miżuri tas-suq u miżuri finanzjarji b'appoġġ għall-għanijiet tagħha,~~għar-riżorsi bijoloġiċi tal-ilma helu u l-~~ ***attivitajiet tal-***akkwakultura, kif ukoll l-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, meta tali attivitajiet iseħħu fit-territorju tal-Istati Membri, jew fl-ilmijiet tal-Unjoni, inkluż minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta', u li jkunu rreġistrati f'pajjiżi terzi, jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, jew minn ċittadini tal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 117 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar. **[Em. 2]**

(3) Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura jikkontribwixxu għal ~~kundizzjonijiet~~ ***sostenibilità*** ambjentali, ~~ekonomiċi~~ ***ekonomika*** u soċjali ~~sostenibbli~~ fit-tul. ~~Barra minn hekk hija~~ Għandha ~~tikkontribwixxi għal żieda fil-produttività~~ ***tinkludi regoli bil-għan li jiżguraw it-traċċabilità***, ***is-sikurezza u l-kwalità tal-prodotti importati tal-Unjoni,*** standard xieraq tal-għajxien għas-settur tas-sajd, ***sikurezza tal-ikel,*** swieq stabbli, tiżgura d-disponibbiltà tar-riżorsi u li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. **[Em. 3]**

(4) L-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 (Unclos) ([2]) u rratifikat il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatat mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Tranżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna tal-4 ta' Awwissu 1995 (il-Ftehim tan-NU dwar l-Istokkijiet tal-Ħut) ([3]). Aċċettat ukoll il-Ftehim għall-Promozzjoni tal-Konformità mal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni minn Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Miftuħa tal-24 ta' Novembru 1993 tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Alimentazzjoni u l-Agrikoltura (il-Ftehim ta' Konformità tal-FAO) ([4]). Dawn l-istrumenti internazzjonali b'mod predominanti jipprevedu obbligi ta' konservazzjoni, inklużi fost oħrajn obbligi biex jittieħdu miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni mfassla biex iżommu jew ireġġgħu lura r-riżorsi tal-baħar għal livelli li jistgħu jipproduċu rendiment massimu sostenibbli kemm fiż-żoni tal-baħar taħt ġurisdizzjoni nazzjonali kif ukoll fl-ibħra miftuħa, u biex jikkooperaw ma' Stati oħra għal dan il-għan, obbligi biex jiġi applikat b'mod wiesa' l-approċċ prekawzjonarju għall-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttar ta' stokkijiet tal-ħut, obbligi biex jiżguraw il-kompattibbiltà tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni fejn ir-riżorsi tal-baħar qegħdin f'żoni tal-baħar bi status ġurisdizzjonali differenti u obbligi biex ikun hemm qies xieraq għal użi leġittimi oħra tal-ibħra. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tikkontribwixxi għall-qadi xieraq tal-Unjoni tal-obbligi internazzjonali tagħha skont dawn l-istrumenti internazzjonali. Fejn Stati Membri jadottaw miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li ingħataw is-setgħa għalihom fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd, huma għandhom jaġixxu wkoll b'mod li huwa konsistenti għalkollox mal-obbligi internazzjonali ta' konservazzjoni u kooperazzjoni skont l-imsemmija strumenti internazzjonali.

(5) Fis-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar f'Johannesburg fl-2002, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom li jaġixxu kontra t-tnaqqis kontinwu ta' bosta stokkijiet ta' ħut. Għalhekk, l-Unjoni għandha ttejjeb il-Politika Komuni tas-Sajd tagħha sabiex tiżgura li bħala materja ta' prijorità, ~~il-livelli~~ ***sal-2015, ir-rati*** ta' ~~sfruttar tal-istokkijiet ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jitreġġgħu lura u jinżammu~~ ***mortalità mis-sajd jiġu stabbiliti*** f'livelli li ***għandhom jippermettu lill-istokkijiet tal-ħut li jirkupraw, sa mhux aktar tard mill-2020, fuq livelli li huma*** kapaċi jipproduċu ~~rendiment~~ ***r-rendiment*** massimu sostenibbli ~~mill-popolazzjonijiet tal-istokkijiet maqbuda sal-2015~~ ***u li għandhom jippermettu li l-istokkijiet kollha rkuprati jkunu jistgħu jinżammu f'dawn il-livelli***. Fejn tkun disponibbli inqas informazzjoni xjentifika, dan jista' jitlob li jiġu applikati alternattivi għar-rendiment massimu sostenibbli. **[Em. 5]**

***(5a) Il-kunċett ta' prodott massimu sostenibbli kif minqux fl-Unclos, hu mira tal-ġestjoni tas-sajd li ilha legalment vinkolanti fuq l-Unjoni mir-ratifika fl-1998.*** **[Em. 6]**

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([2]) ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1.
([3]) ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14.
([4]) ĠU L 177, 16.7.1996, p. 24.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

*(5b)* ***L-adozzjoni ta' rati ta' mortalità fis-sajd li jkunu anqas minn dawk neċessarji għaż-żamma tal-istokkijiet tal-ħut f'livelli ogħla minn dawk kapaċi jipproduċu l-MSY hija l-unika mezz biex ikun żgurat li l-industrija tas-sajd issir ekonomikament vijabbli fuq perjodu ta' żmien twil mingħajr ma jkollha għalfejn tiddependi mill-għajnuna pubblika.*** **[Em. 232]**

*(5c)* ***Il-pjani multiannwali għandhom ikunu l-għodda ewlenija biex jiġi żgurat li, sal-2015, ir-rati ta' mortalità mis-sajd jiġu stabbiliti f'livelli li għandhom jippermettu lill-istokkijiet tal-ħut li jirkurpaw, sa mhux aktar tard mill-2020, fuq livelli li huma kapaċi jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli u li għandhom jippermettu li l-istokkijiet kollha rkuprati jkunu jistgħu jinżammu f'dawn il-livelli. Huwa biss impenn ċar u vinkolanti lejn dawn id-dati li jista' jiżgura li tittieħed azzjoni immedjata u li l-proċess ta' rkupru ma jiddewwimx iktar. Għal dawk l-istokkijiet li għalihom għadu ma ġie adottat l-ebda pjan multiannwali, hu essenzjali li jiġi żgurat li, meta jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd għal dawn l-istokkijiet, il-Kunsill jaderixxi bis-sħiħ mal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd.*** **[Em. 7]**

*(5d)* ***Sabiex jinħolqu kundizzjonijiet iktar stabbli għas-settur tas-sajd għandu jkun possibbli wkoll li l-pjani multiannwali jkun fihom dispożizzjonijiet li jillimitaw ċaqliq annwali tal-qabda totali permissibbli għal stokkijiet irkuprati. Il-limiti eżatti għal dan iċ-ċaqliq għandu jissemma' fil-pjani multiannwali.*** **[Em. 8]**

*(5e)* ***Id-deċiżjonijiet ta' ġestjoni b'rabta mar-rendiment massimu sostenibbli fis-sajd imħallat għandhom iqisu d-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'rendiment massimu sostenibbli fl-istess waqt, f'każijiet fejn il-pariri xjentifiċi jindikaw li huwa diffiċli ħafna li jiġi evitat il-fenomenu tal-ispeċijiet "choke" billi tiżdied is-selettività tal-irkaptu tas-sajd użat. L-ICES u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandhom jintalbu jipprovdu pariri dwar il-livelli adegwati tal-livelli ta' mortalità mis-sajd f'tali ċirkostanzi.*** **[Em. 9]**

*(5f)* ***Jekk tul perjodu ta' tranżizzjoni ikun jeħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jitnaqqsu drastikament biex jinkiseb ir-rendiment massimu sostenibbli, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu applikati miżuri soċjali u finanzjarji adegwati, sabiex biżżejjed intrapriżi jinżammu attivi tul il-katina ta' produzzjoni, biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn il-kapaċità tal-flotta u r-riżorsi disponibbli meta jintlaħaq ir-rendiment massimu sostenibbli.*** **[Em. 10]**

(6) Il-miri tas-sajd ġew stipulati fid-Deċiżjoni mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Diversità Bijoloġika dwar il-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011/2020 ([1]), il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tiżgura l-koerenza mal-miri tal-bijodiversità adottati mill-Kunsill Ewropew ([2]), u l-miri tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna: Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020" ([3]), b'mod partikolari biex jinkiseb ir-rendiment massimu sostenibbli sal-2015.

(7) L-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ***dejjem*** għandu jkun ibbażat fuq l-approċċ prekawzjonarju, li għandu jiġi derivat mill-prinċipju prekawzjonarju msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***, filwaqt li għandha titqies id-data xjentifika disponibbli***. **[Em. 12]**

(8) Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-ambjent tal-baħar ~~kompatibbli mal-kisba~~***, għall-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet sfruttati għal skop kummerċjali, u b'mod partikolari għall-kisba*** ta' status ambjentali tajjeb sa mhux aktar tard mill-2020, kif stipulat fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin [tal-baħar] (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina [tal-baħar]) ([4]). **[Em. 13]**

*(8a)* ***Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha wkoll tikkontribwixxi għall-forniment tas-suq tal-Unjoni b'ikel li jkun nutrittiv ħafna, u għat-tnaqqis tad-dipendenza tas-suq intern fejn jidħol l-ikel, u għall-ħolqien dirett u indirett tal-impjiegi u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żona tal-kosta.*** **[Em. 14]**

---

([1]) Deċiżjoni COP X/2

([2]) UE CO 7/10 tas-26 ta' Marzu 2010.

([3]) COM(2011)0244.

([4]) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(9) Jeħtieġ li jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema, ~~l-impatti ambjentali~~ ***biex jiġi żgurat li jiġi minimizzat l-impatt*** tal-attivitajiet ~~tas-sajd għandhom jiġu limitati u l-qabdiet~~ ***umani fuq l-ekosistema marittima u biex jiġi żgurat li qabdiet*** mhux mixtieqa ~~għandhom~~ jiġu ***evitati,*** minimizzati u ***, fejn ikun possibbli, eliminati, u li*** progressivament ~~eliminati~~ ***tinħoloq sitwazzjoni bejn il-qabdiet kollha jinħattu l-art***. **[Em. 15]**

(10) Huwa importanti li l-ġestjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd tkun iggwidata minn prinċipji ta' governanza tajba. Dawk il-prinċipji jinkludu teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, involviment wiesa' tal-partijiet interessati u perspettiva fit-tul. Il-ġestjoni b'suċċess tal-Politika Komuni tas-Sajd tiddependi wkoll fuq definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet fuq livelli tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali u fuq il-kompatibbiltà u l-konsistenza reċiproka tal-miżuri meħuda ma' politiki oħra tal-Unjoni.

(11) Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tagħti attenzjoni sħiħa, fejn hu rilevanti, għas-saħħa tal-annimali, għall-benesseri tal-annimali, is-sikurezza tal-ikel u l-għalf.

(12) Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tkun implimentata b'mod ***li ġeneralment ikun konsistenti ma' politika oħra tal- Unjoni u, b'mod partikolari, li*** tqis l-interazzjonijiet ma' azzjoni tal-Unjoni f'oqsma oħra tal-politika marittima ~~kif indirizzati mill-Politika Marittima Integrata (1)~~, billi tirrikonoxxi li l-kwistjonijiet kollha relatati mal-oċeani u l-ibħra Ewropej huma interkonnessi, inkluż l-ippjanar tal-ispazju marittimu. Għandhom jiġu żgurati l-koerenza u l-integrazzjoni fil-ġestjoni ta' politiki settorjali differenti fi ħdan il-baċiri tal-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, l-Ibħra Ċeltiċi, il-Bajja ta' Biscay u l-Kosta tal-Iberja, il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed. **[Em. 17]**

(13) Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikollhom aċċess indaqs għall-ilmijiet u r-riżorsi tal-Unjoni suġġett għar-regoli tal-PKS.

(14) Ir-regoli fis-seħħ li jillimitaw l-aċċess għar-riżorsi fi ħdan iż-żoni ta' 12-il mil nawtiku tal-Istati Membri ħadmu b'mod sodisfaċenti u kienu ta' benefiċċju għall-konservazzjoni billi llimitaw l-isforz tas-sajd fl-iżjed parti sensittiva tal-ilmijiet tal-Unjoni. Dawk ir-regoli ppreservaw ukoll l-attivitajiet tradizzjonali tas-sajd li minnhom jiddependi ħafna l-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' ċerti komunitajiet kostali. Dawk ir-regoli għalhekk għandhom ikomplu japplikaw ***u għandhom, meta jkun possibbli, jissaħħu biex jingħata aċċess preferenzjali għal sajjieda fuq skala żgħira, artiġjanali jew tal-kosta***. **[Em. 18]**

***(14a) Id-definizzjoni tas-sajd fuq skala żgħira jeħtieġ titwessa' sabiex tqis kriterji lil hinn mid-daqs tad-dgħajjes, inklużi fost l-oħrajn il-kundizzjonijiet klimatiċi, l-impatt tat-tekniki tas-sajd fuq l-ekosistema marittima, iż-żmien imqatta' fuq il-baħar, il-karatteristiċi tal-unità ekonomika li tisfrutta r-riżors. Il-gżejjer żgħar lil hinn mill-kosta li jiddependu mis-sajd għandhom ikunu rikonoxxuti b'mod speċjali u megħjuna kemm finanzjarjament kif ukoll permezz tal-allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali, sabiex ikunu permessi s-sopravivenza u l-prosperità futuri tagħhom.*** **[Em. 19]**

(15) Ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar madwar l-Azores, Madejra u l-Gżejjer Kanarji għandhom ikomplu jiġu protetti b'mod partikolari billi huma jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tal-ekonomija lokali ta' dawn il-gżejjer, meta titqies is-sitwazzjoni strutturali, soċjali u ekonomika ta' dawk il-gżejjer. Għalhekk għandha tinżamm il-limitazzjoni ta' ċerti attivitajiet tas-sajd f'dawk l-ilma għal bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-portijiet tal-Azores, Madejra u l-Gżejjer Kanarji.

(16) L-għan tal-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jintlaħaq b'mod iżjed effettiv permezz ta' approċċ multiannwali għall-ġestjoni tas-sajd,***. Għal dak il-għan***, ***l-Istati Membri,*** li ***jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet pubbliċi u l-Kunsilli Konsultattivi, għandhom joħolqu l-kundizzjonijiet għas-sostenibbiltà, inkluż fil-livell lokali,*** li jistabbilixxi bħala prijorità pjani multiannwali li jirriflettu l-ispeċifiċitajiet ta' setturi differenti tas-sajd. ***Dan jista' jinkiseb permezz ta' azzjonijiet komuni fil-livell reġjonali u, b'mod iktar vinkolanti, permezz ta' proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jwasslu għat-tfassil ta' pjani multiannwali.*** **[Em. 20]**

~~(1) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea, COM(2007)575finali.~~

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(17) Il-pjani multiannwali għandhom fejn ikun possibbli jkopru diversi stokkijiet meta dawk l-istokkijiet jiġu sfruttati flimkien. Il-pjani multiannwali għandhom jistabbilixxu l-bażi għall-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd u miri kwantifikabbli għall-isfruttar sostenibbli tal-istokkijiet u l-ekosistemi tal-baħar ikkonċernati, billi jiddefinixxu skedi ta' żmien ċari u mekkaniżmi ta' salvagwardja għal żviluppi mhux previsti. ***Il-pjani multiannwali għandhom ukoll ikunu rregolati minn objettivi ta' ġestjoni ddefiniti b'mod preċiż sabiex jikkontribwixxu għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet u l-ekosistemi tal-baħar ikkonċernati. Meta x-xenaji ta' ġestjoni jista' jkollhom impatt soċjo-ekonomiku fuq ir-reġjuni kkonċernati, dawn il-pjani għandhom jiġu adottati b'konsultazzjoni mal-operaturi fl-industrija tas-sajd, max-xjenzati u mas-sħab istituzzjonali.*** **[Em. 21]**

(18) Hemm bżonn ta' miżuri sabiex jitnaqqsu ~~u jiġu eliminati~~ l-livelli għolja preżenti ta' qabdiet mhux mixtieqa u ***li jiġi eliminat gradwalment*** l-iskartar tal-ħut. ***B'xorti ħażina, il-leġiżlazzjoni preċedenti ta' sikwit obbligat lis-sajjieda jarmu riżorsi ta' valur.*** Fil-fatt, ~~il-qabdiet mhux mixtieqa u~~ l-iskartar ~~tal-ħut jikkostitwixxu~~ ***jikkostitwixxi*** skart sostanzjali u jaffettwaw ħażin l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ekosistemi marittimi kif ukoll il-vijabbiltà finanzjarja tas-sajd. Għandu jiġi stabbilit u gradwalment implimentat obbligu ta' ħatt l-art tal-qabdiet kollha tal-istokkijiet immaniġġjati waqt l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni. ***Għandha tingħata prijorità lill-miżuri u inċentivi ta' żvilupp, promozzjoni u inkoraġġiment li għandhom il-mira li jkunu evitati l-qabdiet mhux mixtieqa fl-ewwel lok.*** **[Em. 22]**

***(18a) L-obbligu ta' ħatt tal-qabdiet kollha għandu jiġi introdott skont l-attività tas-sajd b'mod individwali. Is-sajjieda għandhom jitħallew ikomplu jiskartaw dawk l-ispeċijiet li, skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli, għandhom rata ta' sopravivenza għolja meta jiġu rilaxxati fil-baħar skont kundizzjonijiet definiti għal sajd partikolari.*** **[Em. 23]**

***(18b) Sabiex l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha u biex jittaffa l-effett ta' kompożizzjonijiet differenti tal-qabdiet annwali, l-Istati Membri għandhom jitħallew jittrasferixxu kwoti bejn is-snin, sa ċertu perċentwali.*** **[Em. 24]**

(19) Il-ħatt l-art ta' qabdiet mhux mixtieqa ma għandhomx jirriżultaw f'vantaġġi ekonomiċi sħaħ għall-operatur. Għall-ħatt l-art ta' qabdiet ta' ħut taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni, id-destinazzjoni ta' qabdiet bħal dawn għandha tkun limitata u teskludi l-bejgħ għall-konsum mill-bniedem. ***Kull Stat Membru għandu jkun jista' jiddeċiedi jekk jixtieqx jippermetti li l-ħut imħatt l-art ikun imqassam b'xejn għal skopijiet ta' benefiċċju jew karità.*** **[Em. 25]**

(20) Għall-ġid tal-konservazzjoni tal-istokkijiet ***u l-adattabilità tal-flotot u s-sajd,*** għandhom jiġu applikati għanijiet ċari fir-rigward ta' ċerti miżuri tekniċi***, u livelli tal-governanza għandhom isiru apposta għar-rekwiżiti tal-ġestjoni***. **[Em. 26]**

(21) Għal stokkijiet li għalihom ma ġie stabbilit l-ebda pjan multiannwali, għandhom jiġu żgurati rati ta' sfruttar li jagħtu rendiment massimu sostenibbli billi jiġu stabbiliti limiti ta' qbid u/jew tal-isforz tas-sajd. ***Jekk ma jkunx hemm biżżejjed data disponibbli, l-azjendi tas-sajd għandhom ikunu ġestiti bl-użu ta' standards analogi.*** **[Em. 27]**

***(21a) L-Unjoni għandha żżid l-intensità tal-isforzi tagħha biex tikseb kooperazzjoni internazzjonali u ġestjoni tal-istokkijiet effikaċi fl-ibħra li jikkonfinaw kemm mal-Istati Membri kemm ma' pajjiżi terzi, billi tiddisponi għall-ħolqien, fejn ikun xieraq, ta' organizzazzjonijiet reġjonali ta' ġestjoni tas-sajd għal tali zoni. B'mod partikolari, l-Unjoni għandha tiffavorixxi l-ħolqien ta' Organizzazzjoni ta' Ġestjoni tas-Sajd Reġjonali għall-Baħar l-Iswed.*** **[Em. 28]**

(22) Minħabba l-qagħda ekonomika prekarja ~~tal-~~***ta' parti mill-***industrija tas-sajd u d-dipendenza ta' ċerti komunitajiet kostali fuq l-attivitajiet tas-sajd, huwa neċessarju li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri, fuq il-bażi ta' sehem prevedibbli ta' stokkijiet għal kull Stat Membru. **[Em. 29]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(23) Tali stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd, minħabba s-sitwazzjoni bijoloġika temporanja tal-istokkijiet, għandha tħares il-ħtiġijiet partikolari ta' reġjuni fejn il-komunitajiet lokali jiddependu b'mod partikolari fuq is-sajd u l-attivitajiet relatati kif deċiż mill-Kunsill fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Novembru 1976, dwar ċerti aspetti esterni tal-ħolqien ta' żona tas-sajd ta' 200 mil fil-Komunità [1] b'effett mill-1 ta' Jannar 1977, u b'mod partikolari l-Anness VII tagħha. Għalhekk, huwa f'dan is-sens li għandu jinftiehem il-kunċett ta' stabbiltà relattiva fil-mira.

(24) L-Istati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jippreżentaw talbiet issostanzjati lill-Kummissjoni sabiex ifasslu miżuri skont il-Politika Komuni tas-Sajd għall-miżuri identifikati mill-Istati Membri bħala neċessarji sabiex jikkonformaw mal-obbligi fir-rigward taż-Żoni Speċjali ta' Protezzjoni skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/147/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi [2] iż-Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa [3] u ż-żoni protetti tal-baħar skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE.

(25) Il-Kummissjoni***, wara li kkonsultat lill-Kunsilli Konsultattivi u lill-Istati Membri kkonċernati,*** għandha tkun kapaċi tadotta miżuri temporanji f'każ ta' theddida serja, li tkun teħtieġ azzjoni immedjata, għall-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew għall-ekosistema tal-baħar li tirriżulta minn attivitajiet tas-sajd. ***Dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti fi skadenzi definiti u għandhom ikunu operattivi għal perijodu fiss ta' żmien.*** **[Em. 30]**

(26) L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jadottaw***, wara li jkunu qiesu debitament l-opinjonijiet tal-Kunsilli Konsultattivi u l-partijiet interessati rilevanti,*** miżuri ta' konservazzjoni u miżuri tekniċi għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd sabiex jippermettu l-politika tindirizza aħjar ir-realtajiet u l-ispeċifiċitajiet ***tad-diversi baċiri tal-baħar u s-setturi*** tas-sajd individwali u biex iżidu l-osservanza tal-politika. **[Em. 31]**

***(26a L-Istati Membri għandhom jitħeġġu jikkooperaw ma' xulxin fuq bażi reġjonali.*** **[Em. 32]**

(27) Fiż-żona ta' 12-il mil nawtiku tagħhom, l-Istati Membri għandhom jitħallew jadottaw miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni applikabbli għall-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li, fejn tali miżuri japplikaw għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni minn Stati Membri oħra, il-miżuri adottati ma jkunux diskriminatorji, tkun saret konsultazzjoni qabel ma' Stati Membri oħra interessati u li l-Unjoni ma tkunx adottat miżuri li jindirizzaw speċifikament il-konservazzjoni u l-ġestjoni fi ħdan dik iż-żona ta' 12-il mil nawtiku.

(28) L-Istati Membri għandhom jitħallew jadottaw miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għal stokkijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni li jkunu applikabbli biss għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom.

***(28a) L-aċċess għas-sajd għandu jkun imsejjes fuq kriterji ambjentali u soċjali trasparenti u oġġettivi bħala mezz ta' promozzjoni ta' sajd responsabbli li jservi biex jiżgura li dawk l-operaturi li jistadu b'mod li jikkawża l-anqas ħsara għall-ambjent u jagħtu l-akbar benefiċċji lis-soċjetà jkunu inkoraġġiti.*** **[Em. 234]**

~~(29) Sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għall-maġġoranza tal-istokkijiet immaniġġjati taħt il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tiġi implimentata sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013 għall-bastimenti kollha b'tul ta' 12-il metru jew aktar u l-bastimenti l-oħra kollha li jistadu b'irkaptu rmunkat. L-Istati Membri jistgħu jeskludu bastimenti ta' sa 12-il metru tul minbarra l-bastimenti li jużaw irkaptu rmunkat mill-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli. Sistema bħal din għandha tikkontribwixxi għal tnaqqis fil-flotta u titjib fil-prestazzjoni ekonomika prodott mill-industrija filwaqt li fl-istess hin toħloq konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli legalment siguri u esklużivi tal-opportunitajiet annwali tas-sajd ta' Stat Membru. Billi r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar huma ġid komuni, il-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għandhom jistabbilixxu biss drittijiet għall-utent għal parti mill-opportunitajiet annwali tas-sajd ta' Stat Membru li jistgħu jiġu rtirati skont regoli stabbiliti.~~ **[Em. 33]**

---

[1] ĠU C 105, 7.5.1981, p. 1.
[2] ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7.
[3] ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***(29a)*** ***Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kull Stat Membru għandu jkun permess li jagħżel il-metodu tiegħu kif jalloka l-opportunitajiet ta' sajd allokati lilu mingħajr ma jkun hemm l-impożizzjoni ta' sistema ta' allokazzjoni fuq livell tal-Unjoni. B'dan il-mod, l-Istati Membri jibqgħu liberi li jistabbilixxu, jew ma jistabbilixxux, sistema ta' konċessjonijiet trasferibbli ta' sajd.*** **[Em. 37]**

~~(30) Il-konċessjonijiet tas-sajd għandhom ikunu jistgħu jiġu trasferiti u mikrija sabiex il-ġestjoni tal-opportunitajiet tas-sajd tiġi deċentralizzata lejn l-industrija tas-sajd u jkun żgurat li s-sajjieda li jitilqu mill-industrija ma jkollhomx għalfejn jiddependu fuq għajnuna finanzjarja pubblika skont il-Politika Komuni tas-Sajd.~~ **[Em. 35]**

~~(31) Il-karatteristiċi speċifiċi u l-vulnerabbiltà soċjoekonomika ta' xi flotot fuq skala żgħira jiġġustifikaw il-limitazzjoni tas-sistema obbligatorja tal-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għal bastimenti kbar. Is-sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għandha tapplika għal stokkijiet li hemm opportunitajiet tas-sajd allokati għalihom.~~ **[Em. 36]**

***(31a)*** ***Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjonijiet tal-flotot sabiex tikseb data kredibbli rigward il-livell preċiż tal-kapaċità żejda fil-livell tal-Unjoni, u b'hekk tagħmilha possibbli li jiġu proposti strumenti xierqa u fil-mira għat-tnaqqis tagħha.*** **[Em. 34]**

***(31b)*** ***Għandha tkun stabbilita sistema vinkolanti li tivvaluta r-reġistri tal-flotot u tivverifika l-limiti massimi tal-kapaċità sabiex tiżgura li kull Stat Membru jirrispetta l-limitu massimu tal-kapaċità assenjat lilu u li jsaħħaħ is-sistema ta' kontroll tas-sajd sabiex il-kapaċità tas-sajd tkun allinjata mar-riżorsi disponibbli.*** **[Em. 38]**

(32) ~~Fil-każ tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma joperawx taħt sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli, jistgħu jittieħdu~~ ***F'xi każijiet, l-Istati Membri għad iridu jieħdu*** miżuri speċifiċi sabiex ~~l-għadd ta' bastimenti~~ ***il-kapaċità*** tas-sajd ~~tal-Unjoni jiġi allinjat~~ ***tagħhom tiġi allinjata*** mar-riżorsi disponibbli. ~~Tali miżuri għandhom jistabbilixxu limiti massimi obbligatorji għall-kapaċità tal-flotta u jistabbilixxu skemi nazzjonali ta' dħul/ħruġ fir-rigward tal-finanzjament għall-irtirar mis-servizz, mogħti taħt il-Fond Ewropew għas-Sajd.~~ ***Għalhekk, il-kapaċità għandha tiġi vvalutata għal kull stokk u baċir tal-Unjoni. Din il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq linji gwida komuni. Kull Stat Membru għandu jkun jista' jagħżel il-miżuri u strumenti li jixtieq jadotta biex inaqqas il-kapaċità eċċessiva*** ta' ***sajd***. **[Em. 39]**

(33) L-Istati Membri għandhom jirreġistraw l-informazzjoni minima dwar il-karatteristiċi u l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom. Dawk ir-rekords għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni sabiex timmonitorja d-daqs tal-flotot tal-Istati Membri.

(34) Ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq ~~l-aħjar~~ parir xjentifiku ~~disponibbli~~ ***sħiħ u preċiż*** titlob settijiet ta' data armonizzati, affidabbli u preċiżi. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jiġbru *data* dwar il-flotot u l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, b'mod partikolari *data* dwar il-qabdiet, inkluż l-iskartar tal-ħut, informazzjoni minn stħarriġ dwar l-istokkijiet tal-ħut u dwar l-impatt ambjentali potenzjali tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar. ***Il-Kummissjoni għandha tkattar il-kundizzjonijiet neċessarji għall-armonizzazzjoni tad-data sabiex tippromwovi interpretazzjoni msejsa fuq l-ekosistema tar-riżorsi.*** **[Em. 40]**

(35) Il-ġbir tad-data għandu jinkludi data li tiffaċilita l-valutazzjoni ekonomika ~~ta' impriżi~~ ***tal-impriżi kollha*** attivi fis-settur tas-sajd, fl-akkwakultura u fl-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura***, ikun xi jkun id-daqs tagħhom,*** u ~~ta~~x-xejriet tal-impjiegi f'dawn l-industriji***, kif ukoll data dwar l-impatt ta' żviluppi bħal dawn fuq il-komunitajiet tas-sajjieda***. **[Em. 41]**

(36) L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw u jagħmlu disponibbli għall-utenti finali ta' *data* xjentifika, *id-data* miġbura, fuq il-bażi ta' programm multiannwali tal-Unjoni***, bl-għoti ta' riżultati rilevanti lill-partijiet kollha interessati. L-awtoritajiet reġjonali għandhom ikunu involuti aktar attivament fl-attivitajiet tal-ġbir tad-data.*** L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ukoll ma' xulxin sabiex jikkoordinaw l-attivitajiet ta' ġbir *tad-data*. Fejn ikun rilevanti, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ukoll ma' pajjiżi terzi ~~fl-istess baċir tal-baħar~~ dwar il-ġbir *tad-data****, jekk ikun possibbli billi jaġixxu permezz ta' entità reġjonali stabbilita għal din ir-raġuni, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jkun hemm konformità mal-liġi internazzjonali u b'mod partikolari mal-Unclos***. **[Em. 42]**

(37) Ix-xjenza tas-sajd orjentata lejn il-politika għandha tiġi msaħħa permezz ta' programmi ***indipendenti*** adottati b'mod nazzjonali ta' ġbir ta' *data* xjentifika dwar is-sajd, ir-riċerka u l-innovazzjoni flimkien ma' Stati Membri oħra kif ukoll permezz ta' strumenti tal-qafas tal-Unjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni***, u permezz tal-armonizzazzjoni neċessarja tad-data u s-sistemizzazzjoni li għandha titwettaq mill-Kummissjoni***. **[Em. 43]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(38) L-Unjoni għandha tippromwovi l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd fuq livell internazzjonali. Għal dan il-għan, l-Unjoni għandha taħdem sabiex ittejjeb il-prestazzjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali fil-konservazzjoni u l-ġestjoni ***sostenibbli*** ta' stokkijiet internazzjonali tal-ħut, billi tippromwovi teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza ~~u~~ titjib fil-konformità, żieda fit-trasparenza ~~u l-parteċipazzjoni~~***, l-iżgurar effettiv ta' parteċipazzjoni*** tal-partijiet interessati, u billi tiġġieled l-attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrappurtati u mhux irregolati (IUU). **[Em. 44]**

(39) Il-ftehimiet dwar sajd sostenibbli konklużi ma' pajjiżi terzi għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi jkunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, li jiżgura sfruttar sostenibbli ***u l-konservazzjoni*** tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar***, filwaqt li josservaw il-prinċipju tal-eċċess imsemmi fl-Unclos***. Il-ftehimiet li jipprovdu għal drittijiet ta' aċċess fi skambju ma' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, għandhom jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' ***sistema ta' ġbir ta' data xjentifika u ta'*** qafas ta' governanza ta' kwalità għolja biex jiżguraw b'mod partikolari miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza effikaċi. **[Em. 45]**

(40) L-introduzzjoni ta' klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli għandha tkun konsistenti għalkollox mal-għanijiet ġenerali tal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp.

(41) Ir-rispett lejn il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u strumenti internazzjonali rilevanti oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem, u lejn il-prinċipju tal-istat tad-dritt, għandu jikkostitwixxi element essenzjali tal-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli u jkun suġġett għal klawżola speċifika dwar id-drittijiet tal-bniedem.

***(41a) Fid-dawl tal-problema serja ta' piraterija li tolqot dawk il-bastimenti tal-Unjoni li jistadu f'pajjiżi terzi bis-saħħa ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali u l-vulnerabilità partikolari ta' bastimenti bħal dawn għall-piraterija, għandhom jissaħħu l-miżuri u l-operazzjonijiet sabiex jipproteġuhom.*** **[Em. 46]**

(42) L-akkwakultura għandha tikkontribwixxi għall-preservazzjoni tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-ikel fuq bażi sostenibbli mal-Unjoni kollha biex tiggarantixxi s-sigurtà tal-ikel ***inklużi l-provvisti tal-ikel, kif ukoll it-tkabbir u l-impjiegi*** fit-tul għaċ-ċittadini Ewropej u biex tikkontribwixxi għad-domanda dinjija dejjem tibker għal ikel akkwatiku. **[Em. 47]**

(43) L-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea ([1]) adottata fl-2009, li kienet milqugħa u approvata mill-Kunsill u milqugħa mill-Parlament Ewropew, innotat il-ħtieġa għall-ħolqien u l-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi għall-akkwakultura bħala l-bażi għall-iżvilupp sostenibbli tagħha.

(44) Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tikkontribwixxi għall-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, u tgħin lejn il-kisba tal-għanijiet stipulati f'dik l-istrateġija ([2]).

(45) L-attivitajiet tal-akkwakultura fl-Unjoni huma influwenzati minn kundizzjonijiet differenti f'pajjiżi differenti, inkludi dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-operaturi, il-linji gwida strateġiċi tal-Unjoni għal pjani strateġiċi nazzjonali għandhom jiġu żviluppati biex titjieb il-kompetittività tal-industrija tal-akkwakultura, b'appoġġ għall-iżvlupp tagħha u l-innovazzjoni, u l-inkoraġġiment tal-attività ekonomika, id-diversifikazzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni kostali u rurali, kif ukoll il-mekkaniżmi għall-iskambju bejn l-Istati Membri ta' informazzjoni u l-aqwa prassi permezz ta' metodu miftuħ ta' koordinazzjoni ta' miżuri nazzjonali dwar is-sigurtà tan-negozju, l-aċċess għall-ilmijiet u l-ispazju tal-Unjoni, u s-simplifikazzjoni amministrattiva tal-liċenzjar.

(46) In-natura speċifika tal-akkwakultura titlob Kunsill Konsultattiv għal konsultazzjoni mal-partijiet interessati dwar elementi tal-politiki tal-Unjoni li jistgħu jaffettwaw l-akkwakultura.

***(46a) Fid-dawl tal-karatteristiċi speċjali tar-reġjuni li jinsabu l-aktar imbiegħda, l-aktar il-bgħid ġeografiku tagħhom u l-importanza tas-sajd għall-ekonomiji tagħhom, għandu jitwaqqaf Kunsill Konsultattiv għall-ibgħad reġjuni li jkun maqsum fi tliet taqsimiet li jkopru l-baċini tal-baħar tal-Atlantiku tal-Punent, tal-Atlantiku tal-Lvant u tal-Oċean Indjan. Wieħed mill-għanijiet ta' dak il-Kunsill Konsultattiv għandu jkun li jikkontribwixxi għal miżuri kontra s-sajd madwar id-dinja kollha li jkun illegali, mhux iddikjarat u mhux ġestit.*** **[Em. 48]**

---

([1]) COM(2009)0162.
([2]) COM(2010)2020.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(47) Hemm bżonn li tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura tal-Unjoni u li jkun hemm enfasi fuq is-simplifikazzjoni b'appoġġ għal ġestjoni aħjar tal-attivitajiet ta' produzzjoni u kummerċ tas-settur. Meta jsir dan huwa meħtieġ li ***tiġi żgurata r-reċiproċità fl-iskambji kummerċjali ma' pajjiżi terzi b'tali mod li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għal kulħadd fis-suq tal-Unjoni, mill-aspett mhux biss tas-sostenibilità tas-sajd iżda wkoll fir-rigward tal-kontroll sanitarju***; l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura għandha tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-prodotti kollha tas-sajd u l-akkwakultura kkummerċjalizzati***, kemm jekk dawn il-prodotti għandhom l-oriġini tagħhom*** fl-Unjoni ***kif ukoll f'pajjiżi terzi***, għandha tippermetti li l-konsumaturi jagħmlu għażliet informati aħjar ***ibbażati fuq it-traċċabilità, għandha*** tappoġġa l-konsum responsabbli u għandha ttejjeb l-għarfien u l-fehim ekonomiku tas-swieq tal-Unjoni matul il-katina tal-provvista. ***Il-parti ta' dan ir-Regolament dwar l-Organizzjoni Komuni tas-Swieq għandha tinkludi dispożizzjonijiet li jagħmlu l-importazzjonijiet tas-sajd u tal-prodotti tal-akkwakultura soġġetti għall-konformità mal-istandards soċjali u ambjentali rikonoxxuti internazzjonalment.*** **[Em. 49]**

(48) L-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq għandha tiġi implimentata f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Is-suċċess tal-Politika Komuni tas-Sajd tirrikjedi sistema effikaċi ta' kontroll, spezjoni u infurzar, inkluża l-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd IUU (illegali, mhux irrappurtati u mhux irregolati). ***Konsegwentement, il-leġiżlazzjoni eżistenti f'dan il-qasam*** għandha tiġi ***implimentata b'mod effettiv u għandha tiġi*** stabbilita sistema ta' kontroll, spezzjoni, u infurzar tal-Unjoni sabiex tiżgura l-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. **[Em. 50]**

(49) L-użu ta' teknoloġiji moderni ***u effettivi*** għandu jiġi promoss fil-qafas tas-sistema ta' kontroll, spezzjoni, u infurzar tal-Unjoni. L-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom ikollhom il-possibbiltà li jwettqu proġetti pilota fuq teknoloġiji ta' kontroll u sistemi ta' ġestjoni *tad-data* ġodda. **[Em. 51]**

(50) Sabiex jiżguraw l-involviment tal-operaturi kkonċernati fis-sistema ta' kontroll, spezzjoni, u infurzar tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jitolbu ***lill-operaturi*** tagħhom, sabiex jikkontribwixxu b'mod proporzjonali għall-kosti ***operazzjonali*** ta' dik is-sistema.

(51) L-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-problemi li jiltaqgħu magħhom fl-iżvilupp tal-industrija tas-sajd u l-ġestjoni tagħha, u l-limiti fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri. Għalhekk, sabiex ikun hemm kontribut għall-kisba ta' dawn l-għanijiet, għandha tingħata għajnuna finanzjarja multiannwali tal-Unjoni, li tkun iffukata fuq il-prijoritajiet tal-Politika Komuni tas-Sajd ***u mfassla għall-fatturi speċifiċi tal-industrija tas-sajd fi Stati Membri inividwali***. **[Em. 52]**

***(51a) L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tiffaċilita l-iżvilupp ta' beni u servizzi pubbliċi fis-settur tas-sajd, u b'mod partikolari tappoġġja l-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ, il-ġbir ta' informazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp ta' attivitajiet immirati sabiex jiżguraw ekosistema tal-baħar sana.*** **[Em. 245]**

(52) L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun kundizzjonali fuq il-konformità mill-Istati Membri u l-operaturi***, inklużi s-sidien tal-bastimenti,*** mal-Politika Komuni tas-Sajd. Għaldaqstant tali għajnuna finanzjarja għandha tiġi interrotta, sospiża jew korretta f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd mill-Istati Membri u ksur serju ta' dawk ir-regoli mill-operaturi. **[Em. 53]**

(53) Id-djalogu mal-partijiet interessati kien essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd. Meta jitqiesu l-kundizzjonijiet differenti fl-ilmijiet tal-Unjoni u ż-żieda fir-reġjonalizzazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd, il-Kunsilli Konsultattivi għandhom jippermettu lill-Politika Komuni tas-Sajd li tibbenefika mill-għerf u l-esperjenza tal-partijiet kollha interessati***, b'mod partikolari fit-tfassil tal-pjani multiannwali***. **[Em. 54]**

(54) ~~Jidher~~ ***Fid-dawl tal-karatteristiċi speċjali tal-aktar reġjuni mbiegħda, tal-akkwakultura u s-sajd fl-ilmijiet interni, tas-swieq u tal-Baħar l-Iswed, huwa*** xieraq li ~~l-Kummissjoni jkollha s-setgħa permezz ta' atti delegati li toħloq~~ ***jiġi stabbilit*** Kunsill Konsultattiv ~~ġdid u biex timmodifika l-oqsma ta' kompetenza ta' kunsilli eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispeċifitajiet tal-Baħar l-Iswed~~ ***għal kull wieħed minnhom***. **[Em. 55]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(55) Għall-kisba tal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini ~~tal-ispeċifikazzjoni ta' miżuri relatati mas-sajd biex jittaffa' l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd f'żoni speċjali ta' konservazzjoni,~~ ***tat-taffija, meta jkun hemm raġunijiet urġenti li jirrikjedu dan, tat-theddid serju għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, jew l-ekosistema tal-baħar,*** l-adattament tal-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha għall-fini ta' konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, il-miżuri default ta' konservazzjoni fil-qafas ta' pjani multiannwali jew miżuri tekniċi, ~~il-kalkolu mill-ġdid tal-limiti massimi tal-kapaċità tal-flotta,~~ id-definizzjoni tal-informazzjoni dwar il-karatteristiċi u l-attività għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, ir-regoli għat-twettiq ta' proġetti pilota dwar sistemi ġodda ta' teknoloġiji ta' kontroll u ġestjoni *tad-data*, ~~l-emendi għall-Anness III fir-rigward tal-oqsma ta' kompetenza għall-Kunsilli Konsultattivi~~ u l-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi. **[Em. 56]**

(56) Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha għall-adozzjoni tal-atti delegati, inkluż f'livell ta' esperti.

(57) Meta tipprepara u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(58) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' rekwiżiti operattivi tekniċi għall-modalitajiet għat-trażmissjoni tal-informazzjoni relatata mar-reġistri tal-flotot tas-sajd u mar-rekwiżiti tad-data għall-ġestjoni tas-sajd, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([1]).

(59) Sabiex jintlaħaq l-għan bażiku tal-Politika Komuni tas-Sajd, jiġifieri li tipprovdi kundizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli fit-tul għas-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, u li tikkontribwixxi għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel, huwa neċessarju u xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ***u regoli li jiżguraw is-sostenibilità ekonomika u soċjali tas-settur tas-sajd u ġbir tal-molluski fl-Unjoni, fejn ikun xieraq, billi jiġi pprovdut finanzjament suffiċjenti.*** **[Em. 57]**

(60) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(61) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE tad-19 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi Kunsilli Konsultattivi Reġjonali taħt il-Politika Komuni tas-Sajd ([2]) għandha tiġi rrevokata malli jidħlu fis-seħħ ir-regoli korrispondenti skont dan ir-Regolament.

~~(62) Ir-Regolament (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data [data] fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni tas-Sajd ([3]) għandu jiġi revokat, iżda għandu jkompli japplika għall-programmi nazzjonali adottati għall-ġbir u l-ġestjoni ta' data għas-snin 2011 — 2013.~~ **[Em. 58]**

(63) Minħabba l-għadd u l-importanza tal-emendi li għandhom isiru, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 għandu jiġi rrevokat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## PARTI I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### Artikolu 1

### Ambitu

1. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tkopri:

---

([1]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
([2]) ĠU L 256, 3.8.2004, p. 17.
~~([3]) ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.~~

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(a) il-konservazzjoni, ~~il-ġestjoni u l-isfruttar~~ ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ***u l-isfruttar sostenibbli u l-ġestjoni tas-setturi tas-sajd immirati għal dawn ir-riżorsi***;

(b) ir-riżorsi bijoloġiċi tal-ilma ħelu, l-akkwakultura u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, fir-rigward ta' miżuri dwar is-swieq u miżuri finanzjarji b'appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd***, miżuri strutturali u l-ġestjoni tal-kapaċità tal-flotta;***

***(ba) il-vijabilità soċjali u ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd, il-promozzjoni tal-impjieg fil-komunitajiet kostali u l-iżvilupp tagħhom u l-problemi speċifiċi tas-sajd fuq skala żgħira u dak artiġjanali u l-akkwakultura.*** *[Em. 59]*

2. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tkopri l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 meta dawn jitwettqu:

(a) fit-territorju tal-Istati Membri; jew

(b) fl-ilmijiet tal-Unjoni, inkluż minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta', u jkunu rreġistrati f'pajjiżi terzi; jew

(c) minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni barra l-ilmijiet tal-Unjoni; jew

(d) minn ċittadini tal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera.

Artikolu 2

Għanijiet ġenerali

1. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura ~~jipprovdu kundizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli fit-tul u jikkontribwixxu~~ ***jkunu sostenibbli ambjentalment għal żmien twil u jiġu ġestiti b'mod li jkun konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, li jsir kontribut*** għall-provvisti tal-ikel ***u l-opportunitajiet ta' sajd rikreattiv, u li tippermetti l-industriji tal-ipproċessar u l-attivitajiet tal-art direttament marbuta mal-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jitqiesu l-interessi kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-produtturi***.

2. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura, sal-2015, li ~~l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar ireġġa' lura u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada~~ ***r-rati tal-mortalità mis-sajd jiġu stabbiliti f'livelli li għandhom jippermettu li l-istokkijiet tal-ħut jirkupraw, mhux iktar tard mill-2020,*** 'l fuq ~~minn~~ ***mil***-livelli li ***jkunu*** jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli ***u li l-istokkijiet kollha rkuprati jistgħu jinżammu f'dawn il-livelli***.

3. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha timplimenta l-approċċ abbażi tal-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd ***u l-akkwakultura*** sabiex tiżgura li ~~l-impatti~~ ***s-sajd u l-akkwakultura jikkontribwixxu għall-objettiv tal-minimizzazzjoni tal-impatt*** tal-attivitajiet ~~tas-sajd~~ ***tal-bniedem*** fuq l-ekosistema tal-baħar, ~~ikunu limitati~~ ***li ma jikkontribwixxux għad-degradazzjoni tal-ambjent marittimu u li jkunu mfassla b'mod effettiv skont is-setturi tas-sajd u r-reġjuni individwali***.

***3a. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli u l-benesseri tal-komunitajiet kostali, u l-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sikurezza tal-operaturi tas-sajd.***

4. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha ~~tintegra r-rekwiżiti tal-~~***tkun konsistenti mal-***leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni ***kif ukoll ma' politiki oħra tal-Unjoni***.

***4a. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tiżgura li l-kapaċità tas-sajd tal-flotot tkun integrata mal-livelli tal-isfruttament li jikkonformaw mal-paragrafu 2.***

***4b. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tikkontribwixxi għall-ġbir ta' data xjentifika komprensiva u kredibbli.*** **[Em. 60]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Artikolu 3

Għanijiet speċifiċi

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 2, il-Politika Komuni tas-Sajd għandha b'mod partikolari:

(a) ***tevita, timminimizza u kemm jista' jkun*** telimina l-qbid mhux mixtieq ~~ta' stokkijiet kummerċjali u gradwalment tiżgura li l-qbid kollu ta' dawn l-istokkijiet jinħatt l-art~~;

***(aa) tiżgura li l-qbid kollu ta' stokkijiet mistada u stokkijiet regolati jinħatt, filwaqt li jitqies l-aħjar parir xjentifiku u jiġi evitat il-ħolqien ta' swieq ġodda jew l-espansjoni ta' dawk eżistenti;***

(b) tipprovdi kundizzjonijiet għal attivitajiet tas-sajd effiċjenti ~~fi ħdan~~ ***u ambjentalment sostenibbli fl-Unjoni biex jerġa' jkun hemm*** industrija tas-sajd ekonomikament vijabbli u kompetittiva***, filwaqt li jkunu żgurati kundizzjonijiet ġusti fis-suq Intern***;

(c) tippromwovi l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-akkwakultura ~~fl-Unjoni biex tikkontribwixxi~~ ***u tal-industrij marbuta magħhom, filwaqt li tiżgura li dawn ikunu ambjentalment sostenibbli u li jikkontribwixxu*** għas-sikurezza tal-ikel u l-impjiegi f'żoni kostali u rurali;

(d) ***tippromwovi distribuzzjoni ekwa tar-riżorsi tal-baħar sabiex*** tikkontribwixxi għal standard tal-għajxien ġust ***u standards soċjali*** għal dawk li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd;

(e) tqis l-interessi tal-konsumaturi;

(f) tiżgura ġbir ***sistematiku, armonizzat, regolari*** u ***affidabbli tad-data u*** ġestjoni ***trasparenti tad-data u tindirizza l-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-ġestjoni tal-istokkijiet li ma jkollhiex biżżejjed data;***

***(fa) tippromwovi attivitajiet ta' sajd kostali fuq skala żgħira;***

***(fb) tikkontribwixxi għall-ksib u ż-żamma ta' status ambjentali tajjeb kif stipulat fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE;*** *[Em. 61 u 235]*

Artikolu 4

Prinċipji ta' governanza tajba

Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha ~~tkun immexxija mill-prinċipji~~ ***tapplika l-prinċipji*** ta' governanza tajba li ġejjin:

(a) id-definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet fil-livelli tal-Unjoni, ***reġjonali,*** nazzjonali~~, reġjonali~~ u lokali***, b'rispett lejn l-arranġamenti kostituzzjonali ta' kull Stat Membru***;

***(aa) il-ħtieġa li jittieħed approċċ deċentralizzat u reġjonalizzat għall-immaniġġjar tal-attivitajiet tas-sajd;***

(b) l-istabbiliment ta' miżuri skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli;

(c) perspettiva fit-tul;

***(ca) it-tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi;***

(d) involviment ~~wiesa'~~ ***xieraq*** tal-partijiet interessati***, b'mod partikolari tal-Kunsilli Konsultattivi u s-sħab soċjali,*** fl-istadji kollha mill-konċepiment sal-implimentazzjoni tal-miżuri***, li jiżgura li l-elementi reġjonali speċifiċi jinżammu, permezz ta' approċċ reġjonalizzat***;

(e) ir-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera;

(f) konsistenza mal-politika marittima integrata, u ma' politiki oħra tal-Unjoni;

***(fa) il-ħtieġa li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u strateġiċi;***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***(fb) parità bejn id-dimensjoni interna u esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd, sabiex l-istandards u l-mekkaniżmi ta' infurzar applikati internament fl-Unjoni jiġu applikati wkoll esternament, meta jkun il-każ;***

***(fc) immaniġġjar trasparenti tad-data u t-teħid ta' deċiżjonijiet bi qbil mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid tad-deiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus"), approvata f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE*** [1]. **[Em. 62 u 220]**

Artikolu 5

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ilmijiet tal-Unjoni" tfisser l-ilmijiet ***u qiegħ il-baħar*** taħt is-sovranità jew il-ġuris dizzjoni tal-Istati Membri ħlief ~~l-ilmijiet~~ ***dawk*** li jmissu mat-territorji msemmija fl-Anness II għat-Trattat; **[Em. 63]**

(2) "riżorsi bijoloġiċi tal-baħar" tfisser speċijiet akkwatiċi tal-baħar disponibbli u aċċessibbli, inklużi speċijiet anadromi u katadromi matul l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;

(3) "riżorsi bijoloġiċi tal-ilma ħelu" tfisser speċijiet akkwatiċi ħajjin tal-ilma ħelu li huma disponibbli u aċċessibbli;

(4) "bastiment tas-sajd" tfisser kwalunkwe bastiment mgħammar għas-sajd kummerċjali ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

(5) "bastiment tas-sajd tal-Unjoni" tfisser bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;

***(5a) "sajjieda" tfisser kwalunkwe persuna involuta f'sajd professjonali, kif rikonoxxut minn Stat Membru, abbord bastiment operattiv tas-sajd jew involuta f'qabdiet professjonali ta' organiżmi tal-baħar, kif rikonoxxut mill-Istat Membru, mingħajr bastiment;*** **[Em. 64]**

***(5b) "dħul fil-flotta tas-sajd" tfisser reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd ta' Stat Membru;*** **[Em. 65]**

(6) "rendiment massimu sostenibbli" tfisser ~~il-qabda massima li tista' tittieħed~~ ***l-akbar rendiment teoretiku ta' ekwilibriju li jista' jittieħed kontinwament (bħala medja)*** minn stokk ~~ta' ħut b'mod indefinit~~ ***f'kundizzjonijiet ambjentali eżistenti (medji) mingħajr ma jiġi affettwat b'mod sinifikanti l-proċess tar-riproduzzjoni***; **[Em. 66]**

***(6a) "speċijiet mistada" tfisser speċijiet soġġetti għal pressjoni/sfruttar ta' sajd inklużi speċijiet li jinqabdu bħala qabda sekondarja jew effettwati mis-sajd iżda mhux maħtutin;*** **[Em. 67]**

(7) "approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd"***, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istokkijiet tal-Ħut*** tfisser approċċ li skontu n-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika adegwata m'għandux jiġġustifika l-posponiment jew in-nuqqas ta' teħid ta' miżuri ta' ġestjoni sabiex jiġu kkonservati l-ispeċijiet fil-mira, speċijiet assoċjati jew dipendenti u speċijiet mhux fil-mira u l-ambjent tagħhom; **[Em. 68]**

(8) "approċċ għall-ġestjoni tas-sajd ibbażat fuq l-ekosistema" tfisser approċċ li jiżgura li ~~l-benefiċċji mir-riżorsi akkwatiċi ħajjin ikunu għoljin filwaqt li l-impatti diretti u indiretti tal-operazzjonijiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar ikunu baxxi u mhux detrimentali għall-funzjonament, id-diversità u l-integrità futuri ta' dawk l-ekosistemi~~ ***t-teħid ta' deċiżjoni jikkunsidra l-impatti tas-sajd, l-attivitajiet l-oħra tal-bniedem u fatturi ambjentali fuq stokkijiet immirati u l-ispeċijiet kollha l-oħra li jappartjenu għall-istess ekosistema jew li huma assoċjati mal-istokkijiet immirati jew jiddependu minnhom, filwaqt li jiġi żgurat li l-pressjoni kollettiva ta' tali attivitajiet tinżamm f'livelli kompatibbli mal-kisba ta' status ambjentali tajjeb***; **[Em. 237]**

(1) ***ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(9) "rata ta' mortalità mis-sajd" tfisser ~~il-qbid ta'~~ ***ir-rata li biha l-bijomassa u individwi ta' speċijiet qed jitneħħew minn*** stokk ~~matul perjodu partikolari bħala proporzjon tal-istokk medju disponibbli għas-sajd f'dak il-perjodu~~ ***permezz ta' attivitajiet tas-sajd***; **[Em. 70]**

***(9a) "RMSR" tfisser rata ta' mortalità tas-sajd li hi konsistenti mal-kisba tar-Rendiment Massimu Sostenibbli;*** **[Em. 71]**

(10) "stokk" tfisser riżorsa bijoloġika tal-baħar li ~~jkollha karatteristiċi distinti u li sseħħ~~ ***tkun tinsab*** f'żona ta' ġestjoni partikolari; **[Em. 72]**

(11) "limitu ta' qbid" tfisser limitu kwantitattiv fuq ~~il-ħatt l-art~~ ***il-qabdiet*** ta' stokk ta' ħut jew ta' grupp ta' stokkijiet ta' ħut matul perjodu partikolari; **[Em. 73]**

***(11a) "qabdiet mhux mixtieqa" tfisser qabdiet ta' speċijiet taħt id-daqs minimu ta' referenza jew id-daqs minimu ta' ħatt l-art jew qabdiet ta' speċijiet projbiti jew protetti, jew ta' speċijiet li ma jistgħux jinbigħu jew individwi ta' speċijiet li jistgħu jinbigħu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifikati fid-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sajd li tistipula miżuri tekniċi, ta' monitoraġġ u ta' konservazzjoni;*** [Em. 74]

(12) "punt ta' referenza dwar konservazzjoni" tfisser il-valuri ta' parametri tal-popolazzjoni ta' stokk ta' ħut (bħall-bijomassa ***(B), il-bijomassa ta' stokk riproduttiv (SSB)*** jew ir-rata ta' mortalità mis-sajd ***(F)***) użati fil-ġestjoni tas-sajd, ***biex jiddefinixxu,*** pereżempju ~~fir-rigward~~ ta' livell aċċettabbli ta' riskju bijoloġiku jew livell mixtieq ta' rendiment; **[Em. 75]**

***(12a) "punt ta' referenza dwar il-limitu" tfisser il-valuri ta' parametri tal-popolazzjoni ta' stokk ta' ħut (bħall-bijomassa jew ir-rata ta' mortalità mis-sajd) użati fil-ġestjoni tas-sajd biex jindikaw limitu li 'l fuq jew 'l isfel minnu l-ġestjoni tas-sajd tkunkonsistenti ma' objettiv tal-ġestjoni bħal livell aċċettabbli ta' riskju bijoloġiku jew livell mixtieq ta' rendiment;*** [Em. 76]

***(12b) – "stokk fil-limiti bijoloġiċi sikuri" tfisser stokk li hu probabbli ħafna li l-bijomassa stmata ta' stokk riproduttiv tiegħu fl-aħħar tas-sena preċedenti hija ogħla mill-punt ta' referenza limitu tal-bijomassa (Blim) u r-rata stmata tiegħu ta' mortalità mis-sajd għas-sena preċedenti hija inqas mill-punt ta' referenza limitu tar-rata ta' mortalità (Flim);*** [Em. 77]

(13) "salvagwardja" tfisser miżura prekawzjonarja maħsuba biex tipproteġi ~~jew timpedixxi~~ milli sseħħ xi ħaġa mhux mixtieqa; **[Em. 78]**

(14) "miżuri tekniċi" tfisser il-miżuri li jirregolaw il-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, il-kompożizzjoni tad-daqs tal-qabdiet u l-impatti fuq komponenti tal-ekosistemi ***jew il-funzjonament tagħhom*** li jirriżultaw mill-attivitajiet tas-sajd billi jiġu imposti kundizzjonijiet dwar l-użu u ~~l-istruttura~~ ***l-karatteristiċi*** tal-irkaptu tas-sajd u ~~r-restrizzjoni tal-aċċess~~ ***permezz tal-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet relatati mal-ħin jew mal-ispazju għall-aċċess*** għal żoni tas-sajd; **[Em. 79]**

***(14a) "ħabitats essenzjali tal-ħut" tfisser ħabitats tal-baħar fraġli li jeħtieġu protezzjoni minħabba r-rwol vitali tagħhom li jissodisfaw il-ħtiġijiet ekoloġiċi u bijoloġiċi tal-ispeċijiet tal-ħut, inkluż it-territorju għall-bidien, it-trobbija u t-tmigħ;*** [Em. 80]

***(14b) "sit ta' sajd protett" tfisser sit tal-baħar definit ġeografikament fejn ċerti attivitajiet ta' sajd, jew kollha kemm huma, li jseħħu fih huma pprojbiti temporanjament jew b'mod permanenti sabiex jittejbu l-isfruttament u l-konservazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jew il-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar;*** [Em. 81]

(15) "opportunità tas-sajd" tfisser dritt legali kkwantifikat għas-sajd ***ta' ċertu stokk ta' ħut***, espress f'termini ta' qabdiet ~~u/ jew~~ ***massimi jew*** sforz ***massimu*** tas-sajd ~~u l-kundizzjonijiet marbuta funzjonalment magħhom li jkunu neċessarji sabiex jiġu kkwantifikati f'ċertu livell~~ ***għal sit partikolari ta' ġestjoni***; **[Em. 82]**

(16) "sforz tas-sajd" tfisser il-prodott tal-kapaċità u l-attività ta' bastiment tas-sajd; għal grupp ta' bastimenti tas-sajd ikun it-total tal-isforz tas-sajd tal-bastimenti kollha fil-grupp;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

~~(17) "konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli" tfisser id-drittijiet revokabbli tal-utenti għal parti speċifika tal-opportunitajiet tas-sajd allokati lil Stat Membru jew stabbiliti f'pjani ta' ġestjoni adottati minn Stat Membru skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ([1]), li d-detentur jista' jittrasferixxi lil detenturi oħra eliġibbli ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli bħal dawn; **[Em. 83]**~~

~~(18) "opportunitajiet individwali tas-sajd" tfisser opportunitajiet annwali tas-sajd allokati lil detenturi ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli fi Stat Membru fuq il-bażi tal-proporzjon tal-opportunitajiet tas-sajd li jappartjenu lil dak l-Istat Membru;~~ **[Em. 84]**

(19) "kapaċità għas-sajd" tfisser ***l-abilità ta' bastiment li jaqbad il-ħut, imkejla mil-lat tal-karatteristiċi tal-bastiment, inklużi*** t-tunnellaġġ ta' bastiment f'TG (Tunnellaġġ Gross) ~~u l-qawwa~~***, il-qawwa*** tiegħu f'kW (Kilowatt) kif definit fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta' Settembru 1986 li jiddefinixxi l-karatteristiċi tad-dgħajjes tas-sajd ([2])***, kif ukoll in-natura u d-daqs tal-irkapti tas-sajd tiegħu u kwalunkwe parametru ieħor li jaffettwa l-abilità tiegħu li jaqbad il-ħut***; **[Em. 85]**

***(19a) 'il-kapaċità tal-akkomodazzjoni' tfisser iż-żoni abbord maħsuba biss biex jipprovdu spazju ta' għajxien u mistrieħ għall-ekwipaġġ;*** **[Em. 86]**

(20) 'akkwakultura' tfisser it-tkabbir u l-kultivazzjoni ta' organiżmi akkwatiċi bl-użu ta' tekniki mfassla biex tiżdied il-produzzjoni tal-organiżmi inkwistjoni lil hinn mill-kapaċità naturali tal-ambjent~~, fejn l-organiżmi jibqgħu l-proprjetà tal-persuna fiżika jew ġuridika matul l-istadju tat-tkabbir u tal-kultivazzjoni, sa u inkluż il-ħsad~~; **[Em. 87]**

(21) 'liċenzja tas-sajd' tfisser liċenzja kif imsemmija fl-Artikolu 4(9) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([3]);

(22) 'awtorizzazzjoni tas-sajd' tfisser awtorizzazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 4(10) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(23) 'sajd' tfisser il-ġbir jew il-qabda ta' organiżmi akkwatiċi li jgħixu fl-ambjent naturali tagħhom, jew l-użu intenzjonat ta' kwalunkwe mezz li jippermetti ġbir jew qbid bħal dan;

(24) 'prodotti tas-sajd' tfisser l-organiżmi akkwatiċi li jirriżultaw minn kwalunkwe attività tas-sajd;

(25) 'operatur' tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li topera jew li tikkontrolla kwalunkwe impriża li twettaq xi waħda mill-attivitajiet relatati ma' xi stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar, it-tqegħid fis-suq, il-ktajjen ta' distribuzzjoni u tal-bejgħ lill-konsumatur tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura***, jew kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tirrappreżenta l-professjonisti tas-sajd li jkollha rikonoxximent ġuridiku u li tkun inkarigata mill-ġestjoni tal-aċċess għar-riżorsi tas-sajd kif ukoll tal-attivitajiet professjonali tas-sajd u tal-akkwakultura***; **[Em. 88]**

(26) 'ksur serju' tfisser ksur kif definit fl-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ([4]) u fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(27) 'utent finali ta' data xjentifika' tfisser korp ***ta' riċerka, jew korp ta' ġestjoni*** b'interess ta' ~~riċerka jew ġestjoni~~ fl-analiżi xjentifika ta' data fis-settur tas-sajd; **[Em. 89]**

(28) 'eċċess tal-qabda permissibbli' tfisser dik il-parti tal-qabda permissibbli li Stat kostali ma jkollux il-kapaċità li ~~jaħsad;~~ ***jistad matul perjodu partikolari ta' żmien, li jirriżulta f'li r-rata ta' sfruttament globali għall-istokkijiet individwali tinżamm anqas mill-livelli li fihom l-istokkijiet kapaċi jreġġgħu lura lilhom infushom għal li kienu u ż-żamma ta' popolazzjonijiet ta' speċijiet maqbuda 'l fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli***; **[Em. 90]**

(29) 'prodotti tal-akkwakultura' tfisser l-organiżmi akkwatiċi fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom li jirriżultaw minn kwalunkwe attività tal-akkwakultura;

---

~~([1]) ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11.~~
([2]) ĠU L 274, 25.9.1986, p. 1.
([3]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([4]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(30) 'bijomassa ta' stokk riproduttiv tfisser stima tal-massa tal-ħut ta' riżorsa partikolari li ~~jirriproduċi~~ ***jkunu maturi biżżejjed biex jirriproduċu*** fi żmien definit, ~~li tinkludi ħut kemm irġiel kif ukoll nisa u ħut li jirriproduċi bit-tifriħ~~; **[Em. 91]**

(31) 'sajd imħallat' tfisser sajd ~~fejn~~ ***li fih*** tkun preżenti iżjed minn speċi waħda ~~fiż-żona fejn ikun qiegħed isir is-sajd~~ ***f'żona speċifika*** u jkunu ~~vulnerabbli li~~ ***jistgħu*** jinqabdu ~~fl-irkaptu tas-sajd~~ ***fl-istess qabda***; **[Em. 92]**

(32) 'ftehimiet dwar sajd sostenibbli' tfisser ftehimiet internazzjonali konklużi ma' stat ieħor għall-fini li jinkiseb aċċess għar-riżorsi jew l-ilmijiet ***bil-għan li tiġi sfruttata b'mod sostenibbli parti mill-eċċess tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar*** fi skambju ma' kumpens finanzjarju mill-Unjoni***, li jsostnu lis-settur lokali tas-sajd, b'enfasi partikolari fuq il-ġbir tad-data xjentifika, il-monitoraġġ u l-kontroll, u għall-fini li jinkiseb aċċess reċiproku għal riżorsi jew ilmijiet permezz tal-iskambju ta' opportunitajiet tas-sajd bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz***; **[Em. 93]**

***(32a) 'qabda inċidentali' tfisser il-qabda ta' kwalunkwe organiżmu mhux intenzjonat li jinqabad sew jekk jinżamm u jinħatt l-art jew jekk jintrema;*** **[Em. 95]**

***(32b) 'qabda' tfisser kwalunkwe riżors bijoloġiku tal-baħar li jinqabad bis-sajd;*** **[Em. 96]**

***(32c) "impatt baxx tas-sajd" tfisser l-użu ta' tekniki selettivi tas-sajd, li jkollhom impatt detrimentali minimu fuq l-ekosistemi tal-baħar u jirriżultaw f'emissjonijiet baxxi ta' fjuwil;*** **[Em. 97]**

***(32d) "sajd selettiv" tfisser sajd b'metodi ta' sajd jew irkapti tas-sajd li jimmiraw għal organiżmi u jaqbadhom skont id-daqs u l-ispeċi tagħhom matul l-operazzjoni tas-sajd, li jippermettu li speċji li ma jkunux fil-mira jiġu evitati jew rilaxxati mingħajr dannu;*** **[Em. 98]**

## PARTI II

## AĊĊESS GĦALL-ILMIJIET

### Artikolu 6

### Regoli ġenerali dwar l-aċċess għall-ilmijiet

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikollhom aċċess indaqs għall-ilmijiet u r-riżorsi fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, suġġett għall-miżuri adottati skont il-Parti III.

2. Fl-ilmijiet sa 12-il mil nawtiku mil-linji bażi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2022 li jillimitaw is-sajd għal bastimenti tas-sajd li tradizzjonalment jistadu f'dawk l-ilmijiet minn portijiet fuq il-kosta maġenb, mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri oħra skont relazzjonijiet eżistenti dwar il-viċinat bejn l-Istati Membri u l-arranġamenti li jinsabu fl-Anness I, li jistabbilixxu għal kull Stat Membru ż-żoni ġeografiċi fi ħdan il-faxex kostali ta' Stati Membri oħra fejn isiru attivitajiet tas-sajd u l-ispeċijiet ikkonċernati. ***L-Istati Membri jistgħu jipprevedu aċċess esklussiv jew preferenzjali għal sajjieda artiġjanali jew tal-kosta fuq skala żgħira, b'kunsiderazzjoni ta' fatturi soċjali u ambjentali, inkluż il-benefiċċji potenzjali derivati mill-għoti ta' aċċess esklussiv jew preferenzjali għall-intrapriżi lokali jew mikronegozji u għas-sajjieda li jsegwu prattiki tas-sajd selettivi u b'impatt baxx.*** L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-restrizzjonijiet imdaħħla skont dan il-paragrafu. **[Em. 251]**

3. Fl-ilmijiet sa 100 mil nawtiku mil-linji bażi tal-Azores, Madejra u l-Gżejjer Kanarji, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2022 jillimitaw is-sajd għal bastimenti rreġistrati fil-portijiet ta' dawk il-gżejjer. Tali restrizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għal bastimenti tal-Unjoni li tradizzjonalment jistadu f'dawk l-ilmijiet, sakemm dawk il-bastimenti ma jaqbżux l-isforz tas-sajd eżerċitat tradizzjonalment. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-restrizzjonijiet imdaħħla skont dan il-paragrafu.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***3a. L-istatus taż-żona bijoloġikament sensittiva eżistenti kif definit fl-Artikolu 6 fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar l-immaniġġjar ta' l-isforz għas-sajd li jirrigwarda ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità*** [1] ***għandu jinżamm fil-forma attwali tiegħu.*** **[Em. 99]**

4. Id-dispożizzjonijiet li se jsegwu l-arranġamenti stipulati fil-paragrafu 2 u 3 għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Diċembru 2022.

## PARTI III

MIŻURI GĦALL-KONSERVAZZJONI U ***L-ISFRUTTAR SOSTENIBBLI*** TAR-RIŻORSI BIJOLOĠIĊI TAL-BAĦAR
**[Em. 100]**

## TITOLU I

## TIPI TA' MIŻURI

### *Artikolu - 7*

### *Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-miżuri ta' konservazzjoni*

***1. Bil-għan li jintlaħqu l-objettivi ġenerali tal-Politika Komuni tas-Sajd stipulati fl-Artikolu 2, l-Unjoni għandha tadotta miżuri għall-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kif spjegat fl-Artikoli 7 u 8. Dawn għandhom, b'mod partikolari, jiġu adottati fil-forma ta' pjani multiannwali skont l-Artikoli 9, 10 u 11.***

***2. Tali miżuri għandhom jikkonformaw mal-objettivi spjegati fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan ir-Regolament u għandhom jiġu adottati b'kunsiderazzjoni tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli u l-opinjonijiet li jaslu mingħand il-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.***

***3. L-Istati Membri għandhom jingħataw is-setgħa li jadottaw miżuri ta' konservazzjoni skont l-Artikoli 17 sa 24 u dispożizzjonijiet rilevanti oħra ta' dan ir-Regolament.*** *[Em. 101]*

### Artikolu 7

### Tipi ta' miżuri ta' konservazzjoni

Il-miżuri għall-konservazzjoni ***u l-isfruttar sostenibbli*** tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

(a) l-adozzjoni ta' pjani multiannwali skont l-Artikoli 9 – 11;

(b) l-istabbiliment ta' miri għall-isfruttar sostenibbli ***u l-konservazzjoni*** tal-istokkijiet ***u għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar mill-impatt tal-attivitajiet tas-sajd***;

(c) l-adozzjoni ta' miżuri sabiex l-għadd ta' bastimenti tas-sajd u/jew it-tipi ta' bastimenti tas-sajd jiġu adattati għall-opportunitajiet disponibbli ta' sajd;

(d) l-istabbiliment ta' inċentivi~~, inklużi dawk ta' natura ekonomika,~~ sabiex jippromwovu sajd iżjed selettiv ~~jew b'impatt baxx~~***u metodi ta' sajd li jkollhom impatt baxx fuq l-ekosistema tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd, inkluż l-għoti ta' aċċess preferenzjali għal opportunitajiet nazzjonali tas-sajd u inċentivi*** ta' natura ekonomika;

(e) ***l-adozzjoni ta' miżuri dwar*** l-iffissar ***u l-allokazzjoni*** ta' opportunitajiet tas-sajd, ***kif definit fl-Artikolu 16***;

(1) ***ĠU L 289, 7.11.2003, p. 1.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(f) l-adozzjoni ta' miżuri tekniċi kif imsemmija fl-Artikolu ***fl-Artikoli 8 u*** 14;

(g) l-adozzjoni ta' miżuri fir-rigward tal-obbligu li jitniżżlu l-qabdiet kollha ***biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 15***;

(h) it-twettiq ta' proġetti pilota dwar tipi alternattivi ta' tekniki għall-ġestjoni tas-sajd ***u rkapti tas-sajd li jżidu s-selettività jew li jimminimizzaw l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar;***

***(ha) l-adozzjoni ta' miżuri li jgħinu lill-Istati Membri biex jissodisfaw ir-rekwiżiti skont il-leġiżlazzjoni ambjentali;***

***(hb) l-adozzjoni ta' miżuri oħra li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-Artikoli 2 u 3***. **[Em. 102]**

***Artikolu 7a***

***L-istabbiliment ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut***

***1. Sabiex tiġi żgurata l-konservazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin u tal-ekosistemi tal-baħar, u bħala parti minn approċċ ta' prekawzjoni, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu netwerk koerenti ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut li fihom l-attivitajiet kollha tas-sajd jiġu pprojbiti, inkluż, b'mod partikolari, żoni li huma importanti għar-riproduzzjoni tal-ħut.***

***2. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jagħżlu ż-żoni li huma neċessarji biex jiġi stabbilit netwerk koerenti ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut.*** *[Em. 103]*

Artikolu 8

Tipi ta' miżuri tekniċi

Il-miżuri tekniċi jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

(a) id-daqsijiet tal-malji ***definizzjonijiet tal-karatteristiċi tal-irkapti tas-sajd*** u regoli dwar l-użu tal-irkapti tas-sajd ***tagħhom***;

(b) restrizzjonijiet ***speċifikazzjonijiet*** għall-kostruzzjoni tal-irkaptu tas-sajd, li jinkludu

(i) modifiki jew apparat addizzjonali sabiex itejbu s-selettività jew inaqqsu ***jimminimizzaw*** l-impatt ***negattiv*** fuq iż-żona bentika *minn* fuq ***l-ekosistema***;

(ii) modifiki jew apparat addizzjonali sabiex inaqqsu l-qbid aċċidentali ta' speċijiet *li jinsabu* fil-periklu, mhedda u protetti***, kif ukoll qabdiet oħra mhux mixtieqa***;

(c) projbizzjonijiet tal-użu ***jew restrizzjonijiet fuq l-użu*** ta' ċerti rkapti tas-sajd f'ċerti żoni jew staġuni ***jew ta' tagħmir tekniku ieħor***;

(d) projbizzjoni***projbizzjoniijiet*** jew restrizzjoni tal-attivitajiet ***fuq l-attivitajiet*** tas-sajd f'ċerti żoni u/jew ***jew*** perjodi;

(e) rekwiżiti għall-bastimenti tas-sajd biex jieqfu joperaw f'żona ***definita*** għal perjodu minimu definit sabiex tiġi protetta aggregazzjoni temporanja ***jiġu protetti l-ħabitats essenzjali tal-ħut, l-aggregazzjonijiet temporanji*** ta' riżorsa tal-baħar vulnerabbli ***l-ispeċijiet fil-periklu, ħut li jkun qed iferragħ jew ħut li jkun għadu żgħir***;

(f) miżuri speċifiċi sabiex inaqqsu ***jiġi minimizzat*** l-impatt ***negattiv*** tal-attivitajiet tas-sajd fuq ***il-bijodiversità u*** l-ekosistemi tal-baħar ***partikolarment dawk identifikati bħala bijoġeografikament sensittivi bħall-għoljiet ta' qiegħ il-baħar madwar ir-reġjuni ultraperifiċi, li r-riżorsi tagħhom għandhom jiġu sfruttati mill-flotta lokali li tuża rkaptu tas-sajd selettiv*** u ***li jirrispetta l-ambjent, inklużi miżuri intiżi sabiex jevitaw, inaqqsu, u kemm jista' jkun jeliminaw il-qabdiet*** u speċijiet mhux fil-mira ***mixtieqa***;

(g) miżuri tekniċi oħra mmirati sabiex jipproteġu l-bijodiversità tal-baħar. **[Em. 104 u 295]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

**TITOLU II**

**MIŻURI TAL-UNJONI**

Artikolu 9

Pjan multiannwali

1. ~~Għandhom jiġu stabbiliti bħala prijorità pjani multiannwali li jipprovdu għal~~ ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom, bħala prijorità u sa mhux aktar tard minn …*** (*)***, jistabbilixxu pjani multiannwali li jsegwu l-parir xjentifiku mill-STECF u mill-ICES u li jinkludu*** miżuri ta' konservazzjoni sabiex l-istokkijiet tal-ħut jinżammu jew jitreġġgħu lura fuq livelli li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli ***skont l-Artikolu 2(2). Il-pjani multiannwali għandhom jippermettu wkoll li jintlaħqu objettivi oħra spjegati fl-Artikoli 2 u 3***.

2. Il-pjani multiannwali għandhom jipprovdu għal:

(a) il-bażi sabiex jiġu stabbiliti opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet tal-ħut ikkonċernati fuq il-bażi ta' punti ta' referenza definiti minn qabel dwar il-konservazzjoni u***/jew punti ta' referenza dwar il-limitu li għandhom ikunu konsistenti mal-objettivi stipulati fl-Artikolu 2 u skont il-parir xjentifiku; u***

(b) miżuri li kapaċi jimpedixxu b'mod effettiv il-ksur tal-punti ta' referenza dwar ~~il-konservazzjoni~~ ***il-limitu u li jimmiraw li jilħqu l-punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni***.

3. Il-pjani multiannwali għandhom, fejn possibbli, ikopru jew sajd li jisfrutta stokkijiet waħdiena ta' ħut jew sajd li jisfrutta taħlita ta' stokkijiet, filwaqt li jqisu l-interazzjonijiet bejn l-istokkijiet ~~u s-sajd~~***, is-sajd u l-ekosistemi tal-baħar***.

4. Il-pjani multiannwali għandhom ikunu bbażati fuq l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd u għandhom iqisu l-limitazzjonijiet *tad-data* disponibbli u l-metodi ta' valutazzjoni***, inklużi valutazzjonijiet tal-istokkijiet li m'għandhomx biżżejjed data,*** u s-sorsi kwantifikati kollha tal-inċertezza b'mod xjentifikament validu. **[Em. 105]**

Artikolu 10

Għanijiet tal-pjani multiannwali

1. Il-pjani multiannwali għandhom jipprovdu għal ~~addattamenti tar-rata~~ ***adattament tar-rati*** ta' mortalità mis-sajd, ~~li tirriżulta f'rata~~ ***ħalli, sal-2015, ir-rati*** ta' mortalità mis-sajd ~~li treġġa' lura u żżomm il-livelli tal-istokkijiet~~ ***jiġu stabbiliti f'livelli li għandhom jippermettu li l-istokkijiet tal-ħut jirkupraw, sa mhux iktar tard mill-2020,*** 'il fuq minn livelli li ***huma*** kapaċi jipproduċu ***r***-rendiment massimu sostenibbli ~~sal-2015~~***u li jippermettu li l-istokkijiet kollha rkuprati jinżammu f'dawn il-livelli***.

2. F'każijiet fejn ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita ~~rata ta'~~ mortalità mis-sajd ~~li treġġa' lura u żżomm l-istokkijiet 'il fuq minn livelli li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli~~***, kif stabbilita fil-paragrafu 1***, il-pjani multiannwali għandhom ~~jipprovdu għal~~ ***japplikaw l-approċċ*** prekawzjonarji ~~li jiżguraw~~ ***għall-ġestjoni tas-sajd u għandhom jispjegaw standards u*** miżuri ***sostituti li jiżguraw mill-inqas*** livell komparabbli ta' konservazzjoni tal-istokkijiet rilevanti.

***2a. Bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, il-miżuri li għandhom jiġu inklużi fil-pjani multiannwali, u l-kalendarju tal-implimentazzjoni tagħhom, għandhom ikunu proporzjonati mal-objettivi u l-miri segwiti u l-qafas ta' żmien ikkunsidrat. Qabel ma l-miżuri jiġu inklużi fil-pjani multiannwali għandu jitqies l-impatt ekonomiku u soċjali li probabbilment ikollhom. Ħlief f'każijiet urġenti, tali miżuri għandhom jiġu implimentati gradwalment.***

***2b. Il-pjani multiannwali jista' jkun fihom dispożizzjonijiet li jindirizzaw il-problemi speċifiċi tas-sajd imħallat b'rabta maż-żamma u l-irkupru tal-istokkijiet 'il fuq mil-livelli li kapaċi jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, fejn il-parir xjentifiku jindika li ż-żidiet fis-selettività biex jiġi evitat il-fenomenu tal-"ispeċijiet choke" ma jistgħux jinkisbu.*** **[Em. 106 u 107]**

(*) ***Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Artikolu 11

Kontenut tal-pjani multiannwali

**1.** Pjan multiannwali għandu jinkludi:

(a) l-ambitu, f'termini ***taż-żona ġeografika,*** tal-istokkijiet, ~~is-sajd~~ u ~~l-ekosistema~~ ***it-tipi ta' sajd*** u ***l-ekosistemi*** tal-baħar li għalihom għandu jiġi applikat il-pjan multiannwali;

(b) għanijiet li huma konsistenti ~~mal-għanijiet~~ ***ma' objettivi*** stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 ***u mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli - 7a, 9 u 10***;

***(ba) valutazzjoni tal-kapaċità tal-flotta u, fejn ma hemm l-ebda bilanċ effettiv bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli, pjan għat-tnaqqis tal-kapaċità inkluża skeda ta' żmien u l-passi speċifiċi li għandhom jittieħdu minn kull Stat Membru kkonċernat sabiex ikun hemm allinjament ta' tali kapaċità tas-sajd mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fi żmien skeda ta' żmien vinkolanti; mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 34, tali valutazzjoni għandha tinkludi wkoll valutazzjoni tad-dimensjoni soċjoekonomika tal-flotta li tkun qed tiġi vvalutata;***

***(bb) valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku tal-miżuri meħuda fil-pjan multiannwali;***

(c) miri kwantifikabbli espressi f'termini ta':

(i) ir-rati ta' mortalità mis-sajd, u/jew

(ii) il-bijomassa ta' stokk riproduttiv, u

***(iia) il-perċentwali massimi ta' qabdiet mhux mixtieqa u mhux awtorizzati, u***

***(iib) il-bidliet annwali massimi fl-opportunitajiet tas-sajd;***

~~(iii) l-istabbiltà tal-qabdiet.~~

(d) skedi ta' żmien ċari biex jintlaħqu l-miri kwantifikabbli ***kollha***;

***(da) dispożizzjonijiet biex jitnaqqsu sistematikament l-opportunitajiet tas-sajd meta tonqos il-kwalità jew il-kwantità tad-data disponibbli miż-żona tas-sajd;***

(e) miżuri ***ta' konservazzjoni u*** tekniċi ~~fosthom miżuri rigward l-eliminazzjoni tal-qabdiet~~ ***li għandhom jittieħdu sabiex jintlaħqu l-miri spjegati fl-Artikolu 15 u miżuri mfassla biex jiġu evitati u kemm jista' jkun eliminati l-qabdiet*** mhux mixtieqa;

(f) indikaturi kwantifikabbli għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni perjodiċi tal-progress fir-rigward tal-kisba tal-miri tal-pjan multiannwali ***u tal-impatt soċjoekonomiku tiegħu***;

(g) ***fejn xieraq,*** miżuri u għanijiet speċifiċi għall-parti tal-ilma ħelu taċ-ċiklu tal-ħajja ta' speċijiet anadromi u katadromi;

(h) ~~tnaqqis tal-impatti~~ ***miżuri għat-tnaqqis tal-impatt*** tas-sajd fuq l-ekosistema;

(i) salvagwardji u kriterji li jattivaw dawk is-salvagwardji;

***(ia) miżuri għall-iżgurar tal-osservanza tal-pjan multiannwali;***

(j) kull miżura oħra ~~xierqa~~ ***adattata u proporzjonata*** sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjani multiannwali.

***1a. Il-pjani multiannwali għandhom jipprovd għal rieżami perjodiku tagħhom sabiex jiġi vvalutat il-progress li jkun sar lejn l-ilħuq tal-objettivi tagħhom. B'mod partikolari, tali rieżamijiet perjodiċi għandhom iqisu elementi ġodda, bħalma huma t-tibdiliet li jkun hemm fil-parir xjentifiku bil-għan li jkunu jistgħu jsiru kwalunkwe aġġustamenti intermedjarji.*** **[Em. 108 u 239]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Artikolu 12

Konformità mal-obbligi skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni ***fir-rigward taż-żoni protetti***

1. ~~F'żoni speċjali ta' konservazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu~~***Il-Politika Komuni tas-Sajd u l-miżuri sussegwenti kollha adottati mill-Istati Membri dwar żoni speċjali ta' konservazzjoni għandhom jikkonformaw għalkollox mad-Direttiva 92/43/KEE, mad-Direttiva 2009/147/KE u mad- Direttiva 2008/56/KE. Fejn Stat Membru jkun għażel iż-żoni msemmija fl-Artikolu*** 6 tad-Direttiva 92/43/KEE, ~~tal-Artikolu~~***fl-Artikolu*** 4 tad-Direttiva 2009/147/KE u ***fl-Artikolu*** ~~tal-Artikolu~~ 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE, ***huwa għandu, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, mal-Kunsilli Konsultattivi u partijiet interessati rilevanti oħra, jirregola*** l-attivitajiet tas-sajd ~~għandhom jitwettqu mill-Istati Membri b'tali mod li jtaffu l-impatt mill-attivitajiet tas-sajd f'żoni speċjali ta' konservazzjoni bħal dawn.~~***b'tali mod li jkun jikkonforma għalkollox mal-objettivi ta' dawk id-Direttivi***. **[Em. 109]**

***1a. L-azzjonijiet kollha meħuda mill-Unjoni u mill-Istati Membri skont il-PKS għandhom ikunu f'konformità sħiħa mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, ir-Riżoluzzjonijiet 61/105, 64/72 u 66/68 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, u l-Ftehim għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġar ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali jew Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna.*** **[Em. 257]**

***1b. Għal sajd li jsir f'ilmijiet li jkunu kompletament taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru wieħed, l-Istat Membru konċernat għandu jkollu s-setgħa li jadotta miżuri li jkunu meħtieġa għal konformità mal-obbligi tiegħu skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni fir-rigward ta' żoni protetti. Tali miżuri għandhom ikunu kompatibbli mal-objettivi stipulati fl-Artikolu 2 u m'għandhomx ikunu inqas stretti mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni.*** **[Em. 258]**

***1c. L-Istati Membri li jkollhom interess dirett tas-sajd fiż-żoni li se jiġu affetwati mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkooperaw ma' xulxin skont l-Artikolu 21(1a). Kwalunkwe tali Stat Membru jista' jitlob li l-Kummissjoni tadotta l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1.*** **[Em. 111]**

***1d. Biex il-Kummissjoni taġixxi fuq talba msemmija f'paragrafu 1c, l-Istat Membru jew Stati Membri li jagħmlu t-talba għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni relevanti kollha dwar il-miżuri mitluba, inkluża stqarrija tar-raġunijiet għat-talba, kif ukoll data u dettalji xjentifiċi dwar l-implimentazzjoni prattika tal-miżuri. Hi u tadotta l-miżuri, il-Kummissjoni għandha tqis kull parir xjentifiku rilevanti li jkollha għad-disponibilità tagħha.*** **[Em. 260]**

~~2. Il-Kummissjoni se jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55, biex tispeċifika miżuri relatati mas-sajd biex itaffu l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd f'żoni speċjali ta' konservazzjoni.~~ **[Em. 114]**

***2a. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u fuq proposta tal-Kummissjoni, għandhom jadottaw miżuri biex inaqqsu l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi negattivi li jinħolqu b'riżultat tal-konformità mal-obbligi msemmija fil-paragrafu 1.*** **[Em. 262]**

Artikolu 13

Miżuri mill-Kummissjoni f'każ ta' theddida serja għal riżorsi bijoloġiċi tal-baħar

1. ~~Fuq il-bażi ta'~~ ***Meta jkun hemm*** evidenza ***, fuq il-bażi ta' data xjentifika affidabbli,*** ta' theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, jew għall-ekosistema tal-baħar u li tkun teħtieġ azzjoni immedjata, il-Kummissjoni, ~~fuq talba raġunata ta' xi Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi miżuri temporanji~~ ***għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 55,*** sabiex ittaffi t-theddida.

***Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati biss meta jirrikjedu hekk raġunijiet imperattivi ta' urġenza u għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 55a.***

~~2. L-Istat Membru għandu jikkomunika b'mod simultanju t-talba raġunata msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kunsilli Konsultattivi kkonċernati.~~ **[Em. 115]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***Artikolu 13a***

***Miżuri ta' emerġenza tal-Istati Membri***

***1. Jekk ikun jidher li teżisti xi theddida serja u li ma kenitx prevista qabel għall-konservazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin, jew għall-ekosistema tal-baħar b'riżultat ta' attivitajiet tas-sajd, f'ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li kwalunkwe dewmien żejjed ikun jirriżulta fi ħsara li tkun diffiċli biex tissewwa, dak l-Istat Membru jista' jieħu miżuri ta' emerġenza li m'għandhomx idumu għal aktar minn tliet xhur.***

***2. Stati Membri li jkunu bi ħsiebhom jieħdu miżuri ta' emerġenza għandhom, qabel jadottawhom, jinnotifikaw lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kunsilli Konsultattivi rilevanti bl-intenzjoni tagħhom billi jibagħtu abbozz ta' dawk il-miżuri, flimkien ma' memorandum ta' spjegazzjoni.***

***3. L-Istati Membri u l-Kunsilli Konsultattivi rilevanti jistgħu jressqu l-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jikkonfermaw, jikkanċellaw jew jemendaw il-miżura. Dawk l-atti implimentattivi għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).***

***Għal raġunijiet imperattivi dovutament ġustifikati ta' urġenza relatati ma' theddida serja u imprevedibbli għall-konservazzjoni ta' riżorsi akkwatiċi ħajjin jew għall-ekosistema tal-baħar li tirriżulta minn attivitajiet tas-sajd, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(3).*** **[Em. 116]**

Artikolu 14

Oqfsa ta' miżuri tekniċi

Għandhom jiġu stabbiliti oqsfa ta' miżuri tekniċi sabiex jiżguraw il-protezzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u t-tnaqqis tal-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-istokkijiet tal-ħut u fuq l-ekosistemi tal-baħar. Il-miżuri tekniċi għandhom:

(a) jikkontribwixxu sabiex l-istokkijiet tal-ħut jinżammu jew jitreġġgħu lura 'l fuq minn livelli li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli permezz ta' titjib fl-għażla tad-daqs u fejn ikun xieraq, fl-għażla tal-ispeċi;

(b) inaqqsu l-qbid ta' individwi ta' daqs iżgħar milli suppost mill-istokkijiet tal-ħut;

(c) inaqqsu l-qbid ta' organiżmi tal-baħar mhux mixtieqa;

(d) ~~itaffu~~ ***jimminimizzaw*** l-impatt tal-irkaptu tas-sajd fuq l-ekosistema u l-ambjent ***tal-baħar***, b'attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta' stokkijiet u habitats ***fraġili*** bijoloġikament sensittivi***, partikolarment dawk il-ħabitats identifikati bħala bijoġeografikament sensittivi bħall-għoljiet ta' qiegħ il-baħar madwar ir-reġjuni ultraperifiċi, li r-riżorsi tagħhom għandhom jiġu sfruttati mill-flotta lokali li tuża rkaptu tas-sajd selettiv u li jirrispetta l-ambjent***. **[Em. 296]**

***Artikolu 14a***

***Evitar u minimizzazzjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa***

***1. Qabel l-introduzzjoni tal-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha fl-attività tas-sajd rispettiva bi qbil mal-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun meħtieġ, imexxu proġetti pilota, fuq il-bażi tal-aħjar parir xjentifiku u b'kunsiderazzjoni tal-opinjonijiet tal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti, bil-ħsieb li jesploraw għalkollox il-metodi prattikabbli kollha għall-evitar, il-minimizzazzjoni u l-eliminazzjoni tal-qabdiet mhux mixtieqa f'attività tas-sajd. Dawn il-proġetti pilota għandhom, fejn jixraq, jitmexxew mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Ir-riżultati ta' dawk il-proġetti pilota għandhom jiġu riflessi fil-pjan pluriennali għal kull tip ta' sajd fil-forma ta' inċentivi addizzjonali għall-użu tal-irkaptu tas-sajd u tal-metodi tas-sajd l-aktar selettivi disponibbli. L-Istati Membri għandhom jipproduċu wkoll "atlas tar-rimi" li juri l-livell ta' rimi f'kull waħda mill-attivitajiet tas-sajd koperti mill-Artikolu 15(1). Dak l-atlas għandu jkun ibbażat fuq data oġġettiva u rappreżentattiva.***

***2. L-Unjoni għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota introdotti f'konformità mal-paragrafu 1, kif ukoll għall-użu ta' rkapti tas-sajd selettivi sabiex jitnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa u mhux awtorizzati. Meta jkunu qed jiġu adottati miżuri ta' appoġġ finanzjarju, għandha tingħata kunsiderazzjoni speċjali lis-sajjieda li huma soġġetti għall-obbligu li jħottu l-art il-qabdiet kollha u li joperaw f'kuntest ta' sajd imħallat.*** *[Em. 118]*

Artikolu 15

Obbligu tal-ħatt l-art ***u r-reġistrazzjoni*** tal-qabdiet kollha ***ta' speċijiet maqbuda jew regolati***

1. Il-qabdiet kollha ~~tal-istokkijiet tal-ħut li ġejjin suġġetti għal limiti ta' qbid, li jinqabdu~~ ***ta' speċijiet maqbuda u regolati li jinqabdu fit-tipi ta' sajd li ġejjin*** waqt attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni barra l-ilmijiet tal-Unjoni, għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd u jiġu rreġistrati u jinħattu l-art~~, ħlief meta jintużaw bħala lixka ħajja~~, skont l-iskeda ta' żmien li ġejja:

(a) Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014:

— ***sajd pelaġiku żgħir, jiġifieri sajd għal*** kavall, aringa, sawrell, stokkafixx, inċova, arġentin, sardin u laċċa kaħla ~~, sardinella, capelin~~;

— ***sajd pelaġiku kbir, jiġifieri sajd għal*** tonn, pixxispad, alonga, tonn għajnu kbira, kastardell ieħor;

— ***sajd għal skopijiet industrijali, inter alia sajd għal capelin, ċiċċirell u Norway pout;***

— ***salamun fil-Baħar Baltiku.***

(b) Mhux aktar tard ~~mill-1 ta' Jannar 2015: merluzz, marlozz, lingwata~~***mill-1 ta' Jannar 2016***;

— ***is-sajd li ġej fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Atlantiku tat-Tramuntana:***

***Il-Baħar tat-Tramuntana***

— ***sajd għal merluzz, haddock, merlang u pollakkju;***

— ***sajd għal ksampu;***

— ***sajd għal lingwata komuni u barbun tat-tbajja';***

— ***sajd għal marlozz;***

— ***sajd għal gambli tat-Tramuntana;***

— ***sajd ieħor li għad irid jiġi analizzat aktar;***

— ***sajd fil-Baħar Baltiku ħlief għas-salamun;***

***L-ilmijiet tal-Majjistral***

— ***sajd għal merluzz, haddock, merlangu u pollakkju;***

— ***sajd għal ksampu;***

— ***sajd għal lingwata komuni u barbun tat-tbajja';***

— ***sajd għal marlozz;***

— ***sajd ieħor li għad irid jiġi analizzat aktar;***

***L-ilmijiet tal-Lbiċ***

— ***sajd għal merluzz, haddock, merlangu u pollakkju;***

— ***sajd għal ksampu;***

— ***sajd għal lingwata komuni u barbun tat-tbajja';***

— ***sajd għal marlozz;***

— ***sajd ieħor li għad irid jiġi analizzat aktar.***

(c) Mhux aktar tard ~~mill-1 ta' Jannar 2016: haddock, merlangu, megrim, petriċi, barbun tat-tbajja', mova, pollakju (saithe), pollakkju, lemon sole, barbun imperjali, barbun lixx, linarda, ċinturin iswed, roundnose grenadier, orange roughy, halibatt tal-Groenlandja, tusk, redfish u stokkijiet demersali tal-Mediterran~~***mill-1 ta' Jannar 2017***, ***attivitajiet ta' sajd mhux koperti mill-paragrafu 1(a) fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet mhux tal-Unjoni***.

***1a. Malli l-obbligu tal-ħatt l-art tal-qabdiet kollha jiġi introdott f'attività tas-sajd, il-qabdiet kollha ta' dawk l-ispeċijiet soġġetti għal dak l-obbligu għandhom jiġu reġistrati u għandhom, fejn ikun applikabbli, jitnaqqsu mill-kwota tas-sajjieda, tal-organizzazzjoni tal-produtturi jew tal-grupp ta' ġestjoni kollettiva kkonċernati, bl-eċċezzjoni tal-ispeċijiet li jistgħu jiġu rilaxxati għal ġol-baħar skont il-paragrafu 1b***

***1b. L-ispeċijiet li ġejjin għandhom jiġu esklużi mill-obbligu ta' ħatt l-art stipulat fil-paragrafu 1:***

— ***speċijiet maqbuda biex jintużaw bħala lixka ħajja;***

— ***speċijiet li l-informazzjoni xjentifika disponibbli dwarhom turi li għandhom rata għolja ta' sopravivenza meta jinqabdu, b'kunsiderazzjoni tat-tip ta' rkaptu tas-sajd, il-prattiki tas-sajd u ċ-ċirkostanzi fiż-żona tas-sajd;***

***1c. Għall-iskop ta' simplifikazzjoni u armonizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-obbligu li l-qabdiet kollha jitħattu l-art u biex jiġu evitati interruzzjonijiet mhux xierqa fiż-żoni tas-sajd fil-mira u biex jonqos l-ammont ta' qabdiet mhux mixtieqa, il-pjani multiannwali msemmija fl-Artikolu 9 jew atti legali speċifiċi tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art jew atti legali oħra al-Unjoni, meta jkun xieraq, għandhom jistipulaw:***

***(a) lista ta' speċijiet li mhumiex fil-mira li b'mod naturali mhumiex abbundanti li jistgħu jingħaddu mal-kwota tal-ispeċijiet fil-mira ta' dik l-attività tas-sajd fejn:***

— ***il-kwota annwali nazzjonali għal din l-ispeċi li mhix fil-mira tkun intużat kollha;***

— ***il-qabdiet akkumulati tal-ispeċi li mhix fil-mira ma jaqbżux sehem ta' 3 % tal-qabda ġenerali tal-ispeċi fil-mira; kif ukoll***

— ***l-istokk tal-ispeċi li mhix fil-mira hu ta' daqs bijoloġikament sikur;***

***(b) regoli dwar inċentivi biex jiġi skuraġġut il-qbid ta' ħut li għadu qed jikber, inklużi żiediet fil-partijiet tal-kwoti li jkollhom jitnaqqsu mill-kwota ta' sajjied f'każ ta' qbid ta' ħut li għadu qed jikber;***

2. ***Fuq il-bażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli u l-parir xjentifiku l-aktar eżatt u aġġornat u, meta jkun neċessarju sabiex jiġi protett il-ħut li għadu qed jikber billi jiġi skoraġġut is-sajd deliberat għalih,*** għandhom jiġu stabbiliti daqsijiet ta' referenza minimi għall-konservazzjoni ~~li jkunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli~~***, li jkunu jirriflettu l-età u d-daqs għall-ewwel riproduzzjoni,*** għall-istokkijiet tal-ħut ***li huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art tal-qabdiet kollha*** stipulati fil-paragrafu 1. ~~Il-bejgħ~~ ***Il-qabdiet*** ta' tali stokkijiet ta' ħut taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni għandu jiġi limitat ~~għal tnaqqis għall-ikel~~ ***għal użi barra dawk għall-konsum tal-bniedem bħalma hu l-ikel*** tal-ħut ~~jew~~ ***, żejt tal-ħut,*** ikel tal-annimali ta' kumpanija ~~biss~~***jew lixka. L-Istat Membru kkonċernat jista' wkoll jippermetti li tali ħut jingħata b'donazzjoni għal finijiet ta' għajnuna jew karità***.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

3. ***Għall-istokkijiet soġġetti għal obbligu ta' ħatt l-art, l-Istati Membri jistgħu jużaw marġini ta' flessibilità ta' minn sena għal sena ta' sa 5 % mill-kwantità tal-ħatt l-art permess tagħhom, bla preġudizzju għal rati ogħla ta' flessibilità stabbiliti f'leġiżlazzjoni speċifika.*** L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni ***u r-regoli tal-kummerċjalizzazzjoni*** għal qabdiet ta' ħut maqbud f'kwantitajiet akbar mill-opportunitajiet tas-sajd fissi ~~għandhom~~ ***jistgħu*** jiġu stabbiliti skont l-Artikolu ~~27~~***39*** tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura] ([1]) (*).

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom ikunu mgħammra sabiex jiżguraw dokumentazzjoni sħiħa tal-attivitajiet kollha tas-sajd u tal-ipproċessar bl-għan li tiġi mmonitorjata l-konformità mal-obbligu ta' ħatt l-art tal-qabdiet kollha. ***Meta qed jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-effiċjenza u l-proporzjonalità.***

5. Il-paragrafu 1 għandu jkun bla preġudizzju għall-obbligi internazzjonali.

6. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 ~~biex tispeċifika~~ ***li jistipulaw*** l-miżuri stipulati fil-paragrafu 1 bl-għan li jkun hemm konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni. **[Em. 119]**

Artikolu 16

Opportunitajiet tas-sajd

1. ***Fl-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, il-Kunsill għandu jaġixxi f'konformità mal-Artikoli 2, 9, 10 u 11, japplika perspettiva fit-tul u jsegwi l-aħjar parir xjentifiku disponibbli.*** L-opportunitajiet tas-sajd ~~allokati lill-Istati~~ ***għandhom jitqassmu fost l-Istati*** Membri ~~għandhom jiżguraw lil kull Stat Membru~~ ***b'tali mod li, għal kull wieħed minnhom, tiġi żgurata*** l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd għal kull stokk ~~ta' ħut~~ jew tip ta' sajd. Għandhom jitqiesu l-interessi ta' kull Stat Membru meta jiġu allokati l-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda.

***Il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni u għandu jalloka dawk l-opportunitajiet lil dawn il-pajjiżi terzi.***

***L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd lil Stat Membru jew pajjiż terz għandha tkun bil-kundizzjoni li dawn josservaw ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.***

***1a. Fil-proċess annwali biex jiddeċiedi l-allokazzjoni tal-kwoti, il-Kunsill għandu jqis ir-reġjuni fejn il-komunitajiet lokali jiddependu b'mod speċjali fuq is-sajd u attivitajiet relatati kif deċiż mill-Kunsill permezz tar-Riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Novembru 1976 dwar ċerti aspetti esterni tal-ħolqien ta' żona tas-sajd ta' 200 mil fil-Komunità b'effett mill-1 ta' Jannar 1977, u b'mod partikolari l-Anness VII tagħha.***

2. L-opportunitajiet tas-sajd tal-qabdiet inċidentali jistgħu jiġu rriservati taħt it-total tal-opportunitajiet tas-sajd.

3. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom ikunu konformi mal-miri ***kwantifikabbli tal-qabdiet***, l-iskedi taż-żmien u l-marġini stabbiliti ***fil-pjani multiannwali*** skont l-Artikolu 9(2) u 11(b), (c) u (h) ***Jekk ma jkun ġie adottat l-ebda pjan multiannwali korrispondenti għal stokk ta' ħut użat kummerċjalment, il-Kunsill għandu jiżgura li, sal-2015, il-qabdiet totali permissibbli jkunu ġew stabbiliti f'livelli li għandhom jippermettu li l-istokkijiet tal-ħut jirkupraw, mhux iktar tard mill-2020, 'il fuq mil-livelli li jkunu kapaċi jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli u jippermettu li l-istokkijiet kollha rkuprati jinżammu f'dawn il-livelli.***

***3a. Meta jkunu qed jittieħdu deċiżjonijiet mill-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd, għandhom ikunu preżenti delegazzjonijiet mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsilli Konsultattivi.***

***3b. Meta, għal stokkijiet partikolari, ma jkunx possibbli, minħabba nuqqas ta' data, li jiġu determinati rati ta' sfruttament li jkunu konsistenti mar-rendiment massimu sostenibbli:***

***(i) għandu jiġi applikat l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd;***

([1]) ĠU L …

(*) In-numru, d-data u l-isem ta' dan ir-Regolament (2011/0380(COD))

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***(ii) għandhom jiġu adottati standards sostituti abbażi tal-metodoloġiji stipulati fil-punti 3.1 u 3.2 tal-Parti B tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/477/UE tal- 1 ta' Settembru 2010 dwar kriterji u standards metodoloġiċi għal status ambjentali tajjeb ta' ilmijiet tal-baħar*** [1]***, u l-mortalità mis-sajd għandha tkompli titnaqqas aktar f'konformità mal-prinċipju tal-prekawzjoni jew, tinżamm stabbli f'każijiet fejn ikun hemm indikazzjonijiet li l-istatus tal-istokkijiet hu sodisfaċenti;***

***(iii) il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jevalwaw l-ostakoli għar-riċerka u għall-akkwist tal-għarfien u għandhom jieħdu passi biex mingħajr dewmien tiġi pprovduta data addizzjonali dwar l-istokkijiet u dwar l-ekosistemi.***

***3c. Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi, għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu, dwar il-metodu ta' allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd assenjati lil dak l-Istat Membru skont il-liġi tal-Unjoni. Huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dak il-metodu ta' allokazzjoni.***

4. L-Istati Membri jistgħu, wara li jinnotifikaw lill-Kummissjoni, iwettqu skambju ta' parti mill-opportunitajiet tas-sajd jew l-opportunitajiet kollha ta' sajd allokati lilhom.

***4a. Jekk Stat Membru jitqies mill-Kummissjoni, skont il-valutazzjoni mwettqa b'applikazzjoni tal-Artikolu 19 jew 23, li jkun naqas milli jadotta miżuri xierqa f'konformità mal-Artikoli 17 sa 24, dan jirriżulta fi tnaqqis fis-sena jew is-snin ta' wara mill-opportunitajiet tas-sajd allokati mill-Unjoni li dak l-Istat Membru u fl-interruzzjoni jew is-sospensjoni ta' pagamenti lil dak l-Istat Membru jew fl-applikazzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni skont il-Politika Komuni tas-Sajd f'konformità mal-Artikolu 50. Dawn il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati għan-natura, il-firxa, it-tul ta' żmien u r-ripetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità.***

***4b. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali li jivvaluta jekk l-opportunitajiet tas-sajd attwali humiex qed ikunu effikaċi biex il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maqbuda jiġu rkuprati u miżmuma f'livelli ogħla minn dawk li jistgħu jipproduċu l-mira stipulata fl-Artikolu 2(2).*** **[Em. 120, 264, 293, u 301]**

***Artikolu 16a***

***Kriterji għall-allokazzjoni mill-Istati Membri ta'opportunitajiet tas-sajd***

***Meta jallokaw opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom kif jingħad fl-Artikolu 16, l-Istati Membri għandhom jużaw kriterji ambjentali u sojali trasparenti u oġġettivi, bħall-impatt tal-attività tas-sajd fuq l-ambjent, il-passat fir-rigward tal-konformità u l-kontribuzzjoni għall-ekonomija lokali. Jistgħu wkoll jintużaw kriterji oħra bħal-livelli ta' qabdiet fil-passat. Fi ħdan l-opportunitajiet tas-sajd assenjati lilhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għal dawk il-bastimenti tas-sajd li jużaw irkaptu selettiv tas-sajd jew li jużaw tekniki tas-sajd b'impatt ambjentali mnaqqas, bħal b'konsum imnaqqas tal-enerġija jew ta' ħsara għall-ħabitat.*** **[Em. 227]**

## TITOLU III

## REĠJONALIZZAZZJONI

## KAPITOLU I

## PJANIJIET MULTIANNWALI

### Artikolu 17

### Miżuri ta' konservazzjoni adottati skont il-pjani multiannwali

1. Fi pjan multiannwali stabbilit skont l-Artikoli 9, 10 u 11, l-Istati Membri ~~jistgħu~~ ***li jikkondividu l-attività ta' sajd ikkonċernat għandhom*** jiġu awtorizzati***, wara l-proċeduri spjegati f'dan l-Artikolu, li*** jadottaw miżuri, f'konformità ma' dak il-pjan multiannwali, li jispeċifikaw il-miżuri ta' konservazzjoni applikabbli għal bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom fir-rigward ta' stokkijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni li għalihom ġew allokati opportunitajiet tas-sajd.

---

[1] ***ĠU L 232, 2.9.2010, p. 14.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li miżuri ta' konservazzjoni adottati skont il-paragrafu 1:

(a) huma kompatibbli mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3***, u mal-prinċipji tal-governanza tajba stipulati fl-Artikolu 4***;

(b) huma kompatibbli mal-ambitu u l-għanijiet tal-pjan multiannwali;

(c) jilħqu b'mod effettiv l-objettivi u l-miri kwantifikabbli stabbiliti fi pjan multiannwali ***sal-kalendarju speċifikat***; kif ukoll

(d) mhumiex inqas stretti minn dawk li jeżistu fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

***2a . L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin biex jiżguraw l-adozzjoni ta' miżuri kompatibbli li jilħqu l-objettivi spjegati fil-pjani multiannwali u għandom jikkoordinaw l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri bejniethom. Għal dan il-għan, l-Istati Membri, fejn ikun prattiku u xieraq, għandhom jużaw strutturi u mekkaniżmi istituzzjonali reġjonali eżistenti, inklużi dawk fil-qafas tal-Konvenzjonijiet tal-Ibħra Reġjonali li jkopru ż-żona jew l-attività tas-sajd rilevanti.***

***L-isforzi ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri li jikkondividu attività tas-sajd għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament taħt il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS), skont ir-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il- Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd*** [1] (*).

***2b. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti u l-ICES u/jew l-STEFC billi jibagħtulhom abbozz tal-miżuri li għandhom jiġu adottati, akkumpanjati minn memorandum ta' spjegazzjoni. Tali abbozzi għandhom fl-istess ħin jiġu notifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li jikkondividu l-attività tas-sajd. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jinvolvu f'din il-konsultazzjoni, fi stadju bikri u b'mod miftuħ u trasparenti, partijiet ikkonċernati rilevanti oħra tal-attività tas-sajd ikkonċernata, biex jiġu identifikati l-opinjonijiet u l-proposti tal-partijiet rilevanti kollha waqt it-tfassil tal-miżuri ppjanati.***

***L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-disponibilità tal-pubbliku sommarji tal-abbozz ta' miżuri ta' konservazzjoni li huma proposti għall-adozzjoni .***

***2c. L-Istati Membri għandhom iqisu kif jixraq l-opinjonijiet imressqa mill-Kunsilli Konsultattivi rilevanti, l-ICES u/ jew l-STECF u, fejn il-miżuri finali adottati jiddevjaw minn dawn l-opinjonijiet, jipprovdu raġunijiet dettaljati ta' għalfejn ikunu qed jiddevjaw.***

***2d. Meta l-Istati Membri jkunu jixtiequ jemendaw il-miżuri adottati, għandhom japplikaw ukoll il-paragrafi 2 sa 2c.***

***2e. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida li jispjegaw id-dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita għall-applikazzjoni tal-paragrafi 2a, 2b u 2c, sabiex jiġi żgurat li l-miżuri adottati jkunu koerenti u kkoordinati fil-livell reġjonali u bi qbil mal-pjani multiannwali stabbiliti. Dawk il-linji gwida jistgħu wkoll jidentifikaw jew jistabbilixxu oqfsa amministrattivi, bħal Gruppi ta' Ħidma Reġjonali dwar is-Sajd, bil-għan li jorganizzaw, fuq livell prattiku l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, partikolarment fid-dawl tal-promozzjoni u l-iffaċilitar tal-adozzjoni tal-miżuri minn kull wieħed mill-Istati Membri.***

***2f. L-Istati Membri li jikkondividu l-istess attività tas-sajd jistgħu jiftiehmu bejniethom u jikkooperaw biex jimplimentaw miżuri konġunti fil-kuntest tal-pjani multiannwali adottati qabel l-2014, f'konformità mal-proċedura spjegata fl-Artikolu 25.***

***2 g. Għal sajd li jsir għalkollox fl-ilmijiet fl-ambitu tas-sovranità u tal-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru wieħed, l-Istat Membru kkonċernat għandu joħloq kumitat ta' koġestjoni wieħed jew iktar li jkun jinkludi l-partijiet interessati rilevanti kollha. Tali kumitati għandhom jiġu kkonsultati dwar il-miżuri li għandhom jiġu adottati. Jekk l-Istat Membru jkollu l-intenzjoni li jiddevja b'xi mod mill-parir li jirċievi mingħand tali kumitati hu għandu jippubblika valutazzjoni li tkun tagħti fid-dettall ir-raġunijiet tiegħu għalfejn ikun qed jiddevja mill-parir.*** **[Em. 121]**

---

(1) ĠU L …

(*) In-numru, d-data u l-isem ta' dan ir-Regolament (2011/0194(COD))

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Artikolu 18

Notifika ta' miżuri ta' konservazzjoni mill-Istati Membri

L-Istati Membri li jadottaw miżuri ta' konservazzjoni skont l-Artikolu 17(1) għandhom ***jippubblikawhom u*** jinnotifikaw ~~b'dawn il-miżuri~~ ***bihom*** lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra interessati u lill-Kunsilli Konsultattivi rilevanti. **[Em. 122]**

Artikolu 19

Valutazzjoni

***1.*** Il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe żmien tevalwa l-kompatibbiltà u l-effikaċja tal-miżuri ta' konservazzjoni adottati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 17 ***u għandha, fi kwalunkwe każ, tivvaluta u tirrapporta dwar dawk l-aspetti mhux inqas minn darba kull tliet snin jew skont kemm ikun meħtieġ mill-pjan multiannwali rilevanti. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli.***

***Skont id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire)*** [1]***, u sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tagħha tal-Politika Komuni tas-Sajd l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni aċċess u drittijiet tal-utent fir-rigward tal-materjal imħejji, u d-data użata, b'rabta mat-tfassil u l-adozzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni nazzjonali, adottati skont l-Artikolu 17.***

***Fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni ambjentali, għandhom japplikaw id-Direttiva 2003/4/KE*** [2] ***u r-Regolamenti (KE) Nru 1049/2001*** [3] ***u (KE) Nru 1367/2006*** [4]***.*** **[Em. 123]**

***1a . Il-Kummissjoni għandha tippubblika kwalunkwe valutazzjoni magħmula skont dan l-Artikolu, u għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku billi tippubblikaha fuq il-websajts rilevanti jew inkella billi tipprovdi "hyperlink" diretta għaliha. Fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni ambjentali, għandhom japplikaw ir-Regolamenti (KE) Nru 1049/2001 u (KE) Nru 1367/2006.*** **[Em. 124]**

Artikolu 20

Miżuri default ta' konservazzjoni adottati fil-qafas tal-pjani multiannwali

1. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 biex tispeċifika miżuri ta' konservazzjoni għal sajd kopert minn pjan multiannwali, jekk l-Istati Membri awtorizzati biex jieħdu miżuri skont l-Artikolu 17 ma jinnotifikawx dawn il-miżuri lill-Kummissjoni ***fi żmien il-perjodu previst fil-pjan multiannwali jew, fin-nuqqas ta' dak,*** fi żmien ~~tliet~~ ***sitt*** xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-pjan multiannwali.

2. ***Fejn*** il-Kummissjoni ~~għandha jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 biex tispeċifika miżuri ta' konservazzjoni għal sajd kopert minn pjan multiannawli, jekk~~ ***tkun tal-fehma li***

(a) il-miżuri tal-Istat Membru ~~ma jitqisux~~ ***mhumiex*** kompatibbli mal-objettivi ta' pjan multiannwali abbażi ta' valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 19, jew

(b) il-miżuri tal-Istat Membru ~~ma jitqisux bħala li jilħqu~~ ma ***jilħqux*** l-objettivi u l-miri kwantifikabbli spjegati fil-pjani multiannwali b'mod effikaċi, abbażi ta' valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 19, jew

(c) jiġu attivati salvagwardji stabbiliti skont l-Artikolu 11(i).,

***hija għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li tagħtih ir-raġunijiet tagħha.***

---

[1] ***ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.***

[2] ***Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).***

[3] ***Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).***

[4] ***Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***2a. F'każ li l-Kummissjoni tagħti opinjoni skont il-paragrafu 2, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkollu tliet xhur biex fihom jimmodifika l-miżuri tiegħu sabiex dawn isiru kompatibbli mal-objettivi tal-pjan multiannwali u biex fihom jilħqu dawk l-objettivi.***

***2b. F'każ li Stat Membru jonqos milli jimmodifika l-miżuri tiegħu skont il-paragrafu 2a, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 fejn huma stabbiliti l-miżuri ta' konservazzjoni għas-sajd koperti mill-pjan multiannwali.***

3. Il-miżuri ta' konservazzjoni adottati mill-Kummissjoni għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li jintlaħqu l-għanijiet u l-miri stipulati fil-pjan multiannwali. Mal-adozzjoni tal-att delegati mill-Kummissjoni, il-miżuri tal-Istati Membri għandhom jieqfu milli jkunu effettivi.

***3a. Qabel ma tadotta l-atti delegati msemmija f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Kunsilli Konsultattivi rilevanti u l-ICES u/jew l-STECF dwar abbozz tal-miżuri li għandhom jiġu adottati, akkumpanjat minn memorandum ta' spjegazzjoni.*** **[Em. 125]**

KAPITOLU II

MIŻURI TEKNIĊI

Artikolu 21

Miżuri tekniċi

***1.*** F'qafas ta' miżuri tekniċi stabbilit skont l-Artikolu 14 l-Istati Membri ~~jistgħu jiġu awtorizzati~~ ***għandhom jingħataw is-setgħa*** jadottaw miżuri, f'konformità ma' dak il-qafas, li jispeċifikaw il-miżuri tekniċi applikabbli għal bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom fir-rigward ta' stokkijiet fl-ilmijiet ~~tagħhom~~ ***tal-Unjoni*** li għalihom ġew allokali opportunitajiet tas-sajd. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali miżuri tekniċi:

(a) huma kompatibbli mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3;

(b) huma kompatibbli mal-għanijiet stabbiliti f'miżuri adottati skont l-Artikolu 14;

(c) jilħqu b'mod effettiv l-għanijiet stipulati f'miżuri adottati skont l-Artikolu 14; u

(d) ~~mhumiex inqas stretti minn~~ ***mhumiex f'konflitt ma'*** dawk li jeżistu fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni***u m'humiex inqas stretti minnhom***.

***1a. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin biex jiżguraw l-adozzjoni ta' miżuri kompatibbli li jilħqu l-objettivi spjegati fl-oqfsa tal-miżuri tekniċi u għandom jikkoordinaw l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri bejniethom. Għal dan l-iskop, l-Istati Membri, fejn ikun prattiku u xieraq, għandhom jużaw strutturi u mekkaniżmi istituzzjonali reġjonali eżistenti ta' kooperazzjoni, inklużi dawk fil-qafas tal-Konvenzjonijiet tal-Ibħra Reġjonali li jkopru ż-żona jew l-attività tas-sajd rilevanti.***

***1b. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-Kunsilli Konsultattivi u l-ICES u/jew l-STECF dwar abbozz tal-miżuri li għandhom jiġu adottati, akkumpanjat minn memorandum ta' spjegazzjoni. Tali abbozzi għandhom, fl-istess ħin, jiġu notifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li jikkondividu l-attività tas-sajd. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jinvolvu f'din il-konsultazzjoni, fi stadju bikri u b'mod miftuħ u trasparenti, partijiet interessati rilevanti oħra tal-attività tas-sajd ikkonċernata, bil-għan li jiġu identifikati l-opinjonijiet u l-proposti tal-partijiet rilevanti kollha waqt it-tfassil tal-miżuri ppjanati.***

***1c. L-Istati Membri għandhom iqisu kif jixraq l-opinjonijiet ippreżentati mill-Kunsilli Konsultattivi rilevanti u l-ICES u/jew l-STECF u, fejn il-miżuri finali adottati jiddevjaw minn dawn l-opinjonijiet, għandhom jipprovdu spjegazzjonijiet dettaljati tar-raġunijiet għalfejn ikunu qed jiddevjaw.***

***1d. Meta l-Istati Membri jkunu jixtiequ jemendaw il-miżuri adottati, għandhom japplikaw ukoll il-paragrafi 1a, 1b u 1c.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***1e. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida li jistipulaw id-dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1a, 1b u 1c, sabiex jiġi żgurat li l-miżuri adottati jkunu koerenti, ikkoordinati fil-livell reġjonali u konformi mal-qafas stabbilit tal-miżuri tekniċi. Dawn il-linji gwida jistgħu wkoll jidentifikaw jew jistabbilixxu oqfsa amministrattivi, bħalma huma Gruppi ta' Ħidma Reġjonali dwar is-Sajd bil-għan li jorganizzaw fuq livell prattiku l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, partikolarment fid-dawl tal-promozzjoni u l-iffaċilitar tal-adozzjoni tal-miżuri minn kull wieħed mill-Istati Membri.*** **[Em. 126]**

Artikolu 22

Notifika ta' miżuri tekniċi mill-Istati Membri

L-Istati Membri li jadottaw miżuri tekniċi skont l-Artikolu 21 għandhom ***jippubblikaw tali miżuri u*** jinnotifikaw b'dawn il-miżuri lill-Kummissjoni, lil Stati Membri oħra interessati u lill-Kunsilli Konsultattivi rilevanti. **[Em. 127]**

Artikolu 23

Valutazzjoni

***1.*** Il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe żmien tevalwa l-kompatibbiltà u l-effikaċja tal-miżuri tekniċi adottati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 21 ***u għandha, fi kwalunkwe każ, tivvaluta u tirrapporta dwar dan mill-inqas darba kull tliet snin jew skont kemm ikun meħtieġ mill-qafas tal-miżuri tekniċi rilevanti***.

***1a. Skont id-Direttiva 2007/2/KE, u sabiex il-Kummissjoni tiġu megħjuna fl-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'aċċess u drittijiet tal-utent fir-rigward tal-materjal imħejji u d-data użata b'rabta mat-tfassil u l-adozzjoni tal-miżuri tekniċi skont l-Artikolu 21***

***Fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni ambjentali, għandhom japplikaw id-Direttiva 2003/4/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1049/2001 u (KE) Nru 1367/2006.*** **[Em. 128]**

***1b. Il-Kummissjoni għandha tippubblika kwalunkwe valutazzjoni magħmula skont dan l-Artikolu, u għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku billi tippubblikaha fuq il-websajts rilevanti jew inkella billi tipprovdi "hyperlink" diretta għaliha. Fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni ambjentali, għandhom japplikaw ir-Regolamenti (KE) Nru 1049/2001 u (KE)Nru 1367/2006.*** **[Em. 129]**

Artikolu 24

Miżuri default adottati taħt il-qafas tal-miżuri tekniċi

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 biex tispeċifika miżuri tekniċi koperti minn qafas ta' miżuri tekniċi, jekk l-Istati Membri awtorizzati biex jieħdu miżuri skont l-Artikolu 21 ma jinnotifikawx b'dawn il-miżuri lill-Kummissjoni fi żmien ~~tliet~~ ***il-perjodu previst fil-qafas ta' miżuri tekniċi jew, fin-nuqqas ta' dan, fi żmien sitt*** xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-qafas ta' miżuri tekniċi.

2. ***Fejn*** il-Kummissjoni ~~għandha jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 biex tispeċifika miżuri tekniċi, jekk il-miżuri tal-Istati Membri jitqiesu, abbażi ta' valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 23~~***tkun tal-fehma li*** l-miżuri tal-Istati Membri:

(a) mhumiex kompatibbli mal-għanijiet stipulati fil-qafas tal-miżuri tekniċi, jew

(b) li ma jilħqux l-objettivi stipulati f'qafas ta' miżuri tekniċi bħal dan b'mod effettiv.,

***hija għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li tagħtih ir-raġunijiet tagħha.***

***2a. F'każ li l-Kummissjoni tressaq opinjoni skont il-paragrafu 2, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkollu tliet xhur biex fihom jimmodifika l-miżuri tiegħu sabiex jagħmilhom kompatibbli mal-objettivi tal-qafas ta' miżuri tekniċi u biex fihom jintlaħqu dawk l-objettivi.***

***2b. F'każ li Stat Membru jonqos milli jimmodifika l-miżuri tiegħu skont il-paragrafu 2a, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 li jistabilixxi l-miżuri tekniċi koperti mill-qafas ta' miżuri tekniċi.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

3. Il-miżuri tekniċi adottati mill-Kummissjoni għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li jintlaħqu l-għanijiet tal-qafas tal-miżuri tekniċi. Mal-adozzjoni tal-att delegat mill-Kummissjoni, il-miżuri tal-Istati Membri għandhom jieqfu milli jkunu effettivi.

***3a. Qabel ma tadotta l-atti delegati msemmija f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Kunsilli Konsultattivi rilevanti, l-ICES u/jew l-STECF dwar abbozz tal-miżuri li għandhom jiġu adottati akkumpanjat minn memorandum ta' spjegazzjoni.*** **[Em. 130]**

TITOLU IV

MIŻURI NAZZJONALI

Artikolu 25

Miżuri tal-Istati Membri applikabbli biss għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom

***1.*** Stat Membru jista' jadotta miżuri għall-konservazzjoni ta' stokkijiet ta' ħut fl-ilmijiet tal-Unjoni bil-kundizzjoni li dawk il-miżuri:

(a) japplikaw ~~biss għal bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru jew, fil-każ ta' attivitajiet tas-sajd li ma jitwettqux minn bastiment tas-sajd, għal persuni stabbiliti fit-territorju~~ ***għall-bastimenti kollha li joperaw fir-rigward ta' stokkijiet fl-ilmijiet tagħhom li għalihom ikun ġew allokati opportunitajiet tas-sajd;*** **[Em. 131]**

(b) huma kompatibbli mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3; u

(c) mhumiex inqas stretti minn dawk li jeżistu fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

***1a. L-Istat Membru għandu, għal skopijiet ta' kontroll, jinforma lill-Istati Membri kkonċernati l-oħra dwar id-dispożizzjonijiet adottati skont il-paragrafu 1.*** **[Em. 132]**

***1b. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni relatata mal-miżuri adottati skont dan l-Artikolu pubblikament disponibbli.*** **[Em. 133]**

Artikolu 26

Miżuri tal-Istati Membri fi ħdan iż-żona ta' 12-il mil nawtiku

1. Stat Membru jista' jieħu miżuri mhux diskriminatorji għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet tal-ħut u biex ~~inaqqas l-effett tas-sajd fuq~~ ***jintlaħqu l-miri relatati ma' riżorsi akkwatiċi ħajjin oħra u ż-żamma jew it-titjib tal-istatus*** ~~il-~~ ta' konservazzjoni tal- ekosistemi tal-baħar sa 12-il mil nawtiku mil-linji bażi tiegħu bil-kundizzjoni li l-Unjoni ma tkunx adottat miżuri li jindirizzaw *il-konservazzjoni* u *l-ġestjoni* b'mod speċifiku għal dik iż-żona ***jew li jindirizzaw b'mod speċifiku l-problema identifikata mill-Istat Membru kkonċernat***. Il-miżuri tal-Istat Membru għandhom ikunu kompatibbli mal-għanijiet stipulati fl-Artikoli 2 u 3 u mhux inqas stretti minn dawk li jeżistu fil-leġislazzjoni tal-Unjoni. **[Em. 134]**

2. Fejn il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li għandhom jiġu adottati minn Stat Membru jistgħu jaffettwaw bastimenti tas-sajd ta' Stati Membri oħra, tali miżuri għandhom jiġu adottati biss wara ~~konsultazzjoni mal-Kummissjoni~~***notifika lill-Kummissjoni***, l-Istati Membri rilevanti u l-Kunsilli Konsultattivi rilevanti ~~dwar abbozz~~ tal-miżuri akkumpanjat minn memorandum ta' spjegazzjoni ***li għandu juri wkoll li dawk il-miżuri mhumiex diskriminatorji***. **[Em. 135]**

***2a. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni relatata mal-miżuri adottati skont dan l-Artikolu pubblikament disponibbli.*** **[Em. 136]**

**~~PARTI IV~~**

**~~AĊĊESS GĦAR RIŻORSI~~**

~~Artikolu 27~~

~~Stabbiliment tas-sistemi ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli~~

~~1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013 għal~~

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(a) il-bastimenti kollha tas-sajd b'tul globali ta' 12-il metru jew aktar; u

(b) il-bastimenti kollha tas-sajd b'tul globali ta' inqas minn 12-il metru b'irkaptu rmunkat.

2. L-Istati Membri jistgħu jestendu s-sistema tal-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għal bastimenti b'tul globali ta' inqas minn 12-il metru u li jużaw tipi oħra ta' rkaptu rmunkat u għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.

Artikolu 28

Allokazzjoni ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli

1. Konċessjoni tas-sajd trasferibbli għandha tistabbilixxi dritt għall-użu tal-opportunitajiet individwali tas-sajd allokati skont l-Artikolu 29(1).

2. Kull Stat Membru għandu jalloka konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti, għal kull stokk jew grupp ta' stokkijiet li għalihom jiġu allokati opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 16, esklużi l-opportunitajiet tas-sajd miksuba taħt ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli.

3. Għall-allokazzjoni ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli relatati ma' sajd imħallat, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kompożizzjoni probabbli tal-qbid tal-bastimenti li jipparteċipaw f'dan it-tip ta' sajd.

4. Il-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli jistgħu jiġu allokati biss minn Stat Membru lil sid ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' dak l-Istat Membru, jew minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-iskop li jintużaw fuq tali bastiment. Il-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli jistgħu jinġabru flimkien għal ġestjoni kollettiva minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi jew organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-produttur. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-eliġibbiltà għar-riċeviment ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi.

5. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-perjodu ta' validità tal-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għal perjodu ta' mill-inqas 15-il sena, għall-fini tal-allokazzjoni mill-ġdid ta' konċessjonijiet bħal dawn. Fejn l-Istati Membri ma llimitawx il-perjodu ta' validità tal-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli, huma jistgħu isejħu lura konċessjonijiet bħal dawn b'notifika ta' mill-inqas 15-il sena.

6. L-Istati Membri jistgħu jirtiraw konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli b'avviż iqsar f'każ ta' ksur serju stabbilit li jkun twettaq mid-detentur tal-konċessjonijiet. Sejħiet lura bħal dawn jistgħu jitħaddmu b'mod li jagħti l-effett sħiħ lill-Politika Komuni tas-Sajd, il-prinċipju ta' proporzjonalità u, fejn hu meħtieġ, b'effett immedjat.

7. Minkejja l-paragrafi 5 u 6, l-Istati Membri jistgħu jirtiraw konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli li ma jkunux intużaw fuq bastiment tas-sajd għal perjodu ta' tliet snin konsekuttivi.

Artikolu 29

Allokazzjoni ta' opportunitajiet individwali tas-sajd

1. L-Istati Membri għandhom jallokaw opportunitajiet individwali tas-sajd lil detentur ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli, kif imsemmi fl-Artikolu 28, fuq il-bażi tal-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Istati Membri, jew stabbiliti fil-pjani ta' ġestjoni adottait mill-Istati Membri skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu opportunitajiet tas-sajd li, abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, jistgħu jiġu allokati lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom għal speċijiet li għalihom il-Kunsill ma jkunx stabbilixxa opportunitajiet tas-sajd.

3. Il-bastimenti tas-sajd għandhom iwettqu attivitajiet tas-sajd biss meta jkollhom opportunitajiet individwali ta' sajd suffiċjenti sabiex ikopru l-qabda potenzjali kollha tagħhom.

4. L-Istati Membri jistgħu jirriservaw sa 5 % tal-opportunitajiet tas-sajd. Huma għandhom jistabbilixxu għanijiet u kriterji trasparenti għall-allokazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet tas-sajd riservati. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd jistgħu jiġu allokati biss lil detenturi eliġibbli ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli kif stipulat fl-Artikolu 28(4).

5. Meta jalloka konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli skont l-Artikolu 28 u meta jalloka opportunitajiet tas-sajd skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, Stat Membru jista' jipprovdi inċentivi lil bastimenti tas-sajd li jużaw irkaptu tas-sajd selettiv li jelimina l-qbid aċċidentali mhux mixtieq fi ħdan l-opportunitajiet ta' sajd assenjati lil dak l-Istat Membru.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

~~6. L-Istati Membri jistgħu jiffissaw tariffi għall-użu ta' opportunitajiet individwali tas-sajd sabiex jikkontribwixxu għall-ispejjeż relatati mal-ġestjoni tas-sajd.~~

~~Artikolu 30~~

~~Reġistru ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli u ta' opportunitajiet individwali tas-sajd~~

~~L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu reġistru tal-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli u tal-opportunitajiet individwali tas-sajd.~~

~~Artikolu 31~~

~~Trasferiment ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli~~

~~1. Il-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli jistgħu jiġu trasferiti kollha jew parzjalment ġewwa Stat Membru bejn detenturi eliġibbli ta' konċessjonijiet bħal dawn.~~

~~2. Stat Membru jista' jawtorizza t-trasferiment ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli lejn u mingħand Stati Membri oħra.~~

~~3. L-Istati Membri jistgħu jirregolaw it-trasferiment ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli billi jipprovdu għall-kundizzjonijiet tat-trasferiment tagħhom abbażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi.~~

~~Artikolu 32~~

~~Kiri ta' opportunitajiet individwali tas-sajd~~

~~1. L-opportunitajiet individwali tas-sajd jistgħu jiġu mikrija b'mod sħiħ jew parzjali ġewwa Stat Membru.~~

~~2. Stat Membru jista' jawtorizza l-kiri ta' opportunitajiet individwali tas-sajd lejn u mingħand Stati Membri oħra.~~

~~Artikolu 33~~

~~Allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd li mhumiex suġġetti għal sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli~~

~~1. Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi kif l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lilu skont l-Artikolu 16, u li mhumiex suġġetti għal sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli, jistgħu jiġu allokati lil bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu. Huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar il-metodu tal-allokazzjoni.~~ **[Em. 137]**

PARTI V

ĠESTJONI TAL-KAPAĊITÀ TAS-SAJD

Artikolu 34

Aġġustament tal-kapaċità tas-sajd

1. L-Istati Membri***, meta jkun neċessarju,*** għandhom idaħħlu miżuri sabiex jaġġustaw il-kapaċità tas-sajd tal-flotot tagħhom ~~biex jiksbu~~***, bl-objettiv li jilħqu*** bilanċ ~~effettiv~~ ***stabbli u dejjiemi*** bejn ~~dik~~ il-kapaċità *tas-sajd* ***tagħhom*** u l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom***, skont l-objettivi ġenerali spjegati fl-Artikolu 2***.

***1a. Bil-għan li jintlaħaq l-objettiv speċifikat fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom imexxu valutazzjonijiet annwali tal-kapaċità u jittrażmettu r-riżultati lill-Kummissjoni sat-30 ta' Mejju ta' kull sena. Il-valutazzjonijiet tal-kapaċità għandhom jinkludu analiżi tal-kapaċità totali tal-flotta għal kull tip ta' sajd u għal kull taqsima tal-flotta fil-ħin tal-valutazzjoni, u l-impatt tagħha fuq l-istokkijiet u fuq l-ekosistema tal-baħar aktar wiesgħa. Il-valutazzjonijiet tal-kapaċità għandhom jinkludu wkoll analiżi tal-profitabilità tal-flotta fuq medda twila ta' żmien. Biex jiġi żgurat approċċ komuni għal valutazzjonijiet bħal dawn fl-Istati Membri kollha, il-valutazzjonijiet għandhom jitwettqu bi qbil mal-linji gwida tal-Kummissjoni għal analiżi mtejba tal-bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd u għandhom iqisu wkoll il-profitabilità tal-flotta. Il-valutazzjonijiet għandhom jitqiegħdu għad-disponibilità tal-pubbliku.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***1b. Jekk il-valutazzjonijiet juru diskrepanza bejn il-kapaċità tas-sajd tagħhom u l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom, l-Istati Membri għandhom jadottaw fi żmien sena minn dik il-valutazzjoni programm dettaljat, inkluża skeda taż-żmien vinkolanti, għal kwalunkwe aġġustament meħtieġ tal-kapaċità tas-sajd tal-flotot tagħhom f'dawk li huma għadd ta' bastimenti u l-karatteristiċi tagħhom li jkun meħtieġ sabiex jintlaħaq bilanċ stabbli u dejjiemi bejn il-kapaċità tas-sajd tagħhom u l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom. Dan il-programm għandu jiġi trażmess lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri l-oħra.***

***1c. J ekk ma tiġi pprovduta l-ebda valutazzjoni bħal din, jew jekk Stat Membru jkun mitlub jadotta programm biex inaqqas il-kapaċità u jonqos milli jagħmel dan, jew jekk l-Istat Membru jonqos milli jimplimenta tali programm, dan jirriżulta fl-interruzzjoni tal-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni lil dak l-Istat Membru taħt il-Politika Komuni tas-Sajd.***

***Meta ma jkunx fadal soluzzjoni oħra, jekk it-twettiq ta' kwalunkwe mill-passi msemmija fl-ewwel subparagrafu jiddewwem b' sentejn jew iktar, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-opportunitajiet tas-sajd tat-taqsimiet tal-flotta kkonċernati.***

2. M'għandu jkun permess l-ebda ħruġ mill-flotta sostnut minn għajnuna pubblika skont il-qafas tal-Fond Ewropew għas-Sajd għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 sakemm ma jkunx hemm qabel l-irtirar tal-liċenzja tas-sajd u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

3. Il-kapaċità tas-sajd li tikkorrispondi għall-bastimenti tas-sajd irtirati b'għajnuna pubblika m'għandhiex tiġi sostitwita.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-1 ta' Jannar 2013 il-kapaċità tas-sajd tal-flotta tagħhom ma taqbiżx, fi kwalunkwe ħin, il-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd stabbiliti skont l-Artikolu 35.

***4a. Sabiex ikunu intitolati għal liċenzja jew awtorizzazzjoni tas-sajd, il-bastimenti tal-Unjoni għandhom ikunu fil-pussess ta' ċertifikat tal-magna validu, maħruġ skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009.*** **[Em. 138 u 241]**

***Artikolu 34a***

***Skema ta' dħul/ħruġ***

***L-Istati Membri għandhom jiġġestixxu d-dħul fil-flotot tagħhom u l-ħruġ mill-flotot tagħhom b'tali mod li d-dħul fil-flotta ta' kapaċità ġdida mingħajr għajnuna pubblika jiġi kkumpensat billi, qabel, jiġi rtirat mingħajr għajnuna pubblika tal-inqas l-istess ammont ta' kapaċità.*** **[Em. 139]**

Artikolu 35

Ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd

1. Kull flotta ta' Stat Membru għandha tkun ***strettament*** suġġetta għall-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd stipulati fl-Anness II.

2. ~~L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni teskludi bastimenti tas-sajd suġġetti għal sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli stabbilita skont l-Artikolu 27 mil-limiti massimi għall-kapaċità tas-sajd stabbiliti skont il-paragrafu 1. F'dak il-każ il-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd għandha tiġi kkalkulata mill-ġdid biex jitqiesu l-bastimenti tas-sajd li mhumiex suġġetti għal sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli.~~***Sat-31 ta' Diċembru …*** (*), ***il-Kummissjoni għandha tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġi emendat l-Anness II ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (KEE) 2930/86 bil-għan li tiġi definita l-kapaċità tas-sajd fir-rigward ta' kwalunkwe parametru li jista' jitkejjel tal-bastiment li jista' jkun li jaffettwa l-abilità tiegħu li jaqbad il-ħut.***

***Din id-definizzjoni ġdida għandha tqis il-kriterji soċjali u ekonomiċi kif ukoll l-isforzi ta' kontroll li jsiru min-naħa tal-Istati Membri. F'din il-proposta l-kapaċità tal-flotta ta' kull Stat Membru għandha titniżżel fid-dettall skont it-taqsimiet tal-flotta, inkluż tqassim fid-dettall speċifiku għall-bastimenti li joperaw fir-reġjuni ultraperiferiċi u għall-bastimenti li joperaw esklussivament barra mill-ilmijiet tal-Unjoni.***

~~3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 dwar il-kalkolu mill-ġdid tal-limiti massimi għall-kapaċità tas-sajd kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2.~~ **[Em. 140]**

---

(*) ***Is-sena ta' wara dik tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Artikolu 36

Reġistri tal-flotot tas-sajd

1. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw l-informazzjoni meħtieġa għall-ġestjoni tal-miżuri stabbiliti skont dan ir-Regolament dwar ***is-sieda,*** il-karatteristiċi ***tal-bastiment u tal-irkaptu*** u ***dwar*** l-attività tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom ***u għandhom jippubblikaw din l-informazzjoni, filwaqt li jiżguraw li d-data personali tiġi mħarsa b'mod adegwat***.

2. L-Istati Membri għandhom ~~ipoġġu għad-dispożizzjoni~~ ***iressqu*** ~~tal~~***-lill-***Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi reġistru tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni li jkun fih l-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafu 2.

4. L-informazzjoni li tinsab fir-reġistru tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni għandha tkun disponibbli għall-Istati Membri kollha ***u għall-Parlament Ewropew***. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 dwar id-definizzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

5. Il-Kummissjoni għandha ~~tistabbilixxi~~ ***tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu*** rekwiżiti tekniċi operattivi għall-modalitajiet għat-trasmissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56***(2)***. **[Em. 141]**

PARTI VI

BAŻI XJENTIFIKA GĦALL-ĠESTJONI TAS-SAJD

Artikolu 37

Rekwiżiti ta' data għall-ġestjoni tas-sajd

1. ***Il-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar għandhom ikunu bbażati fuq l-aqwa informazzjoni disponibbli. Għal dan il-għan,*** Stati Membri għandhom jiġbru data bijoloġika, teknika, ambjentali u soċjoekonomika meħtieġa għal ~~ġestjoni tas-sajd ibbażata~~ fuq l-ekosistema, jimmaniġġjawha u jagħmluha disponibbli għall-utenti finali ta' data xjentifika, inklużi korpi maħtura mill-Kummissjoni. ~~Dik~~ ***L-Unjoni għandha tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja adegwata, permezz tal-FEMS, li tkun biżżejjed biex tiffinanzja l-akkwist ta' din id-data. Id-***data għandha b'mod partikolari tippermetti l-valutazzjoni ta': **[Em. 142]**

(a) l-istat ***attwali*** tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar sfruttati, **[Em. 143]**

(b) il-livell ta' sajd***, b'distinzjoni ċara bejn is-sajd industrijali u s-sajd li mhuwiex,*** u l-impatt li l-attivitajiet tas-sajd ikollhom fuq ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u fuq l-ekosistemi tal-baħar, **[Em. 224]**

(c) il-prestazzjoni soċjoekonomika ***attwali*** tas-setturi tas-sajd, l-akkwakultura u l-ipproċessar ġewwa u barra l-ilmijiet tal-Unjoni. **[Em. 144]**

2. L-Istati Membri għandhom:

(a) jiżguraw li d-data miġbura tkun preċiża ~~u~~, affidabbli ***u komprensiva, u miġbura f'waqtha u b'mod armonizzat fl-Istati Membri kollha***; **[Em. 145]**

***(aa) jiżguraw li d-data u l-metodoloġiji xjentifiċi jikkunsidraw fatturi bħalma huma l-aċidifikazzjoni u t-temperaturi tal-baħar meta jkunu qed jiġbru d-data, u b'hekk jiġi żgurat li d-data tinġabar minn reġjuni differenti matul is-sena kollha;*** *[Em. 146]*

(b) ~~jevitaw id-duplikazzjoni~~ ***jistabbilixxu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bil-ħsieb li tiġi evitata d-duplikazzjoni*** tal-ġbir ta' data għal skopijiet differenti; **[Em. 147]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(c) jiżguraw ħażna sigura tad-data miġbura ~~u fejn applikabbli, protezzjoni u kunfidenzjalità xierqa tad-data miġbura~~***, filwaqt li jagħmluha pubblikament disponibbli ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali fejn ikunu meħtieġa protezzjoni u kunfidenzjalità xierqa, u bil-kundizzjoni li r-raġunijiet għal tali restrizzjonijiet jiġu ddikjarati***; **[Em. 148]**

(d) jiżguraw li l-Kummissjoni, jew l-entitajiet maħtura minnha, ikollhom aċċess għall-bażijiet tad-data nazzjonali u s-sistemi ***kollha*** użati għall-ipproċessar tad-data miġbura sabiex tiġi verifikata l-eżistenza u l-kwalità tad-data; **[Em. 149]**

***(da) iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati d-data rilevanti u l-metodoloġiji rispettivi li permezz tagħhom tiġi miksuba, filwaqt li jqisu kwalunkwe data kumplementari li tista' tingħata minn tali partijiet.*** *[Em. 150]*

***2a. L-Istati Membri kull sena għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport sommarju li jagħti lista tal-attivitajiet ta' sajd li għalihom ikunu mitluba jiġbru d-data u għandhom jindikaw, għal kull kategorija u każ, jekk ir-rekwiżiti ġewx issodisfati. Ir-rapport sommarju għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.*** **[Em. 151]**

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinament nazzjonali tal-ġbir u l-ġestjoni tad-data xjentifika***, inkluża data soċjoekonomika,*** għall-ġestjoni tas-sajd. Għal dan il-għan, huma għandhom jaħtru korrispondent nazzjonali u jorganizzaw laqgħa annwali ta' koordinazzjoni nazzjonali. ~~Il-Kummissjoni~~ ***Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni*** għandhom jiġu nfurmati bl-attivitajiet ta' koordinazzjoni nazzjonali u ~~tiġi mistiedna~~ għal-laqgħat ta' koordinazzjoni. **[Em. 152]**

4. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw***, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni,*** l-attivitajiet tagħhom ta' ġbir *tad-data* ma' Stati Membri oħra fl-istess reġjun, u jagħmlu kull sforz sabiex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi li jkollhom sovranità jew ġurisdizzjoni fuq ilmijiet fl-istess reġjun. **[Em. 153]**

5. Il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data għandhom jitwettqu fil-qafas ta' programm multiannwali sa mill-2014. Programm multiannwali bħal dan għandu jinkludi miri għall-preċiżjoni tad-data li għandha tinġabar u għandu jiddefinixxi livelli ta' aggregazzjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dik id-data.

6. Il-Kummissjoni *għandu* jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55, biex tispeċifika l-miri għall-preċiżjoni *tad-data* li għandha tinġabar u biex tiddefinixxi l-livelli ta' aggregazzjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* bħal din, għall-programm multiannwali msemmi fil-paragrafu 5***, u biex tiżgura l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri tal-ġbir u tal-preżentazzjoni tad-data***. **[Em. 154]**

7. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rekwiżiti operattivi tekniċi għall-modalitajiet ta' trażmissjoni tad-data miġbura. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56.

***7a. Jekk Stat Membru jonqos milli josserva r-rekwiżiti tal-ġbir tad-data, l-għajnuna pubblika għandha tiġi rtirata u sussegwentement għandhom jiġu imposti penalitajiet addizzjonali mill-Kummissjoni.*** **[Em. 155]**

### *Artikolu 37a*

### ***Korpi xjentifiċi konsultattivi***

***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lil korpi xjentifiċi xierqa f'intervalli regolari dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd, inklużi kunsiderazzjonijiet bijoloġiċi, ekonomiċi, ambjentali, soċjali u tekniċi, filwaqt li titqies il-ġestjoni xierqa ta' fondi pubbliċi, bl-objettiv li jiġi evitat l-irduppjar tax-xogħol minn korpi xjentifiċi differenti.*** **[Em. 156]**

### Artikolu 38

### Programmi ta' riċerka

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw programmi nazzjonali ta' ġbir ta' data xjentifika, riċerka u innovazzjoni dwar is-sajd u l-akkwakultura. Huma għandhom jikkoordinaw il-ġbir tad-data tas-sajd, ir-riċerka u l-attivitajiet ta' innovazzjoni tagħhom ma' ~~oqfsa~~ ***Stati Membri oħra, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, fil-kuntest tal-oqfsa*** ta' riċerka u innovazzjoni ~~oħra ta' Stati Membri u~~ tal-Unjoni***, filwaqt li, meta jkun xieraq, jinvolvu l-Kunsilli Konsultattivi rilevanti. L-Unjoni għandha tiżgura finanzjament adegwat għal dawn il-programmi, permezz tal-istrumenti disponibbli fl-oqsma tar-riċerka u tas-sajd***. **[Em. 157 u 285]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

2. L-Istati Membri***, bl-involviment tal-partijiet interessati xjentifiċi rilevanti***, għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' kompetenzi u riżorsi umani rilevanti sabiex ikunu involuti fil-proċess konsultattiv xjentifiku. **[Em. 158]**

***2a. L-Istati Membri għandhom iressqu rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' ġbir ta' data, riċerka u innovazzjoni dwar is-sajd.*** **[Em. 159]**

***2b. Is-sejbiet tal-programmi ta' riċerka għandhom isiru disponibbli għall-komunità xjentifika Ewropea kollha kemm hi.*** **[Em. 160]**

## PARTI VII

## Politika esterna

## TITOLU I

## Organizzazzjonijiet internazzjonali tas-sajd

### Artikolu 39

### Għanijiet

1. ***Bil-ħsieb li jiġu żgurati l-isfruttar u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar,*** l-Unjoni għandha ***tippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tal-istrumenti u r-regolamenti internazzjonali tas-sajd,*** tipparteċipa ~~fl-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet~~ ***fl-organizzazzjonijiet*** internazzjonali ~~relatati mas-sajd, fosthom~~***li jittrattaw is-sajd u tappoġġja l-attivitajiet tagħhom, inklużi*** l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ~~(RFMOs) b'mod konformi mal-obbligi~~***. Meta tkun qed tagħmel dan, l-Unjoni għandha tagħixxi skont l-impenji, l-obbligi u l-objettivi politiki*** internazzjonali u ~~l-għanijiet tal-politika u konsistenti mal-għanijiet~~ ***konsistentement skont l-objettivi*** stipulati fl-Artikoli 2~~u~~, 3 ***u 4 ta' dan ir-Regolament u f'politiki oħra tal-Unjoni***.

2. ~~Il-pożizzjonijiet tal-Unjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali relatati mas-sajd u l-RFMOs għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli sabiex ikun żgurat li r-riżorsi tas-sajd jinżammu 'l fuq jew jerġgħu jinġiebu 'l fuq minn livelli li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli.~~***B'mod partikolari l-Unjoni għandha:***

***(a) tappoġġja, tippromwovi u tikkontribwixxi b'mod attiv għall-iżvilupp tal-aqwa għarfien xjentifiku disponibbli;***

***(b) tippromwovi miżuri biex tiżgura li r-riżorsi tas-sajd jinżammu f'konsistenza mal-objettivi tal-Artikolu 2, b'mod partikolari l-paragrafu 2, u l-Artikolu 4;***

***(c) tippromwovi l-istabbiliment u t-tisħiħ tal-kumitati ta' konformità tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, reviżjonijiet perjodiċi indipendenti tal-prestazzjonijiet u azzjonijiet xierqa ta' rimedju, inklużi penalitajiet dissważivi u effettivi, li jeħtieġ li jiġu applikati b'mod trasparenti u nondiskriminatorju;***

***(d) ittejjeb il-koerenza politika tal-inizjattivi tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-attivitajiet ambjentali, ta' żvilupp u dawk kummerċjali;***

***(e) tippromwovi u tappoġġja, fl-oqsma internazzjonali kollha, l-azzjoni neċessarja biex jinqered is-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat, filwaqt li tiżgura, għal dan il-għan, li ebda prodott mis-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat ma jidħol fis-suq tal-Unjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-attivitajiet sostenibbli tas-sajd li jkunu vijabbli ekonomikament u li jippromwovu l-impjiegi fl-Unjoni;***

***(f) tinkoraġġixxi u tieħu sehem attiv fi sforzi internazzjonali konġunti biex tiġi miġġielda l-piraterija fuq il-baħar, bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sikurezza tal-ħajja umana u jiġi evitat l-isfrattar tal-attivitajiet tas-sajd marittimi;***

***(g) tippromwovi l-implimentazzjoni effettiva ta' strumenti u regolamenti internazzjonali tas-sajd;***

***(h) tiżgura li l-attivitajiet ta' sajd lil hinn mill-ilmijiet tal-Unjoni jkunu bbażati fuq l-istess prinċipji u standards applikabbli għall-ilmijiet tal-Unjoni, filwaqt li tippromwovi l-applikazzjoni tal-istess prinċipji u standards applikati fl-ilmijiet tal-Unjoni min-naħa tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***2a. L-Unjoni għandha b'mod attiv tappoġġja l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ekwi u trasparenti għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.***

~~3. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi attivament għal, u tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u parir xjentifiku fl-RFMOs u l-organizzazzjonijiet internazzjonali.~~ **[Em. 161]**

***3a. L-Unjoni għandha trawwem rabtiet ta' kooperazzjoni bejn l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd biex tallinja, tarmonizza u twessa' l-qafas għal azzjoni multilaterali u tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien xjentifiku u ta' pariri fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u f'organizzazzjonijiet internazzjonali u għandha taderixxi ma' rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn dan.*** **[Em. 162]**

Artikolu 40

Konformità ma' dispożizzjonijiet internazzjonali

L-Unjoni***, megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd,*** għandha tikkoopera ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali relatati mas-sajd, fosthom l-RFMOs, sabiex issaħħaħ il-konformità mal-miżuri, ***speċjalment dawk dwar il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat,*** adottati minn dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali***, biex jiġi żgurat li dawk il-miżuri jiġu rispettati b'mod strett***.

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tagħhom josservaw il-miżuri msemmija fl-ewwel paragrafu.*** **[Em. 163]**

TITOLU II

FTEHIMIET DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI

Artikolu 41

Prinċipji u għanijiet tal-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli

1. Il-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli ma' pajjiżi terzi għandhom jistabbilixxu qafas ta' governanza legali, ekonomiku u ambjentali għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi ***skont il-miżuri relevanti adottati mill-organizzazzjonijiet internazzjonali inklużi l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd***. ***Tali oqfsa jistgħu jinkludu:***

***(a) żvilupp u appoġġ għall-istituzzjonijiet meħtieġa fil-qasam tax-xjenza u r-riċerka;***

***(b) kapaċitajiet ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza; kif ukoll***

***(c) elementi oħra tal-bini tal-kapaċitajiet li jikkonċernaw l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli tal-pajjiż terz.***

***Huma għandhom ukoll ikun fihom dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-attivitajiet tas-sajd isiru f'kundizzjonijiet ta' ċertezza ġuridika.*** **[Em. 164]**

***1a. Sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi ħajjin tal-baħar jiġu sfruttati b'mod sostenibbli, l-Unjoni għandha tkun gwidata mill-prinċipju li għandhom jiġu stabbiliti Ftehimiet ta' Sajd Sostenibbli ma' pajjiżi terzi għall-ġid reċiproku taż-żewġ partijiet u dawn għandhom jikkontribwixxu biex tkompli titwettaq l-attività tal-flotot tal-Unjoni billi jinkiseb sehem mill-eċċess tal-pajjiż terz li jkun fi proporzjon mal-interess tal-flotot tal-Unjoni.*** **[Em. 165]**

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jaqbdu biss l-eċċess tal-qabda permessibbli determinata mill-pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 62(2) tal-Unclos, u identifikata***, b'mod ċar u trasparenti,*** abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli u informazzjoni rilevanti skambjata bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz dwar l-isforz totali tas-sajd fuq l-istokkijiet affettwati ***mill-flotot kollha***, sabiex ikun żgurat li r-riżorsi tas-sajd jibqgħu ('l fuq mil-livelli kapaċi li jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli). **[Em. 166]**

***2a. Il-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli u ftehimiet dwar l-aċċess reċiproku għandhom jinkludu:***

***(a) rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju ta' limiti fuq l-aċċess għar-riżorsi li jkun intwera xjentifikament li huma żejda għall-Istat tal-kosta, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Unclos;***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

*(b)* ***klawsola li tipprojbixxi l-għoti ta' kundizzjonijiet iktar favorevoli lill-flotot differenti li jistadu f'dawk l-ilmijiet minn dawk mogħtija mill-atturi ekonomiċi tal-Unjoni, inklużi dawk li jirrigwardaw il-konservazzjoni, l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' riżorsi jew ftehimiet finanzjarji, tariffi u drittijiet oħra, b'rabta mal-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd;***

*(c)* ***klawsola ta' kundizzjonalità, li tikkundizzjona l-ftehim għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem bi qbil mal-ftehimiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; kif ukoll***

*(d)* ***klawsola ta' esklussività.*** *[Em. 167]*

***2b. Il-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli u l-ftehimiet dwar aċċess reċiproku għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd tal-UE jkunu jistgħu joperaw fl-ilmijiet tal-pajjiż terz li miegħu jkun ġie konkluż ftehim biss jekk ikollhom awtorizzazzjoni tas-sajd, li tkun inħarġet skont proċedura miftiehma miż-żewġ partijiet tal-ftehim.*** **[Em. 168]**

***2c. Il-bastimenti li jtajru bandiera tal-Unjoni li jkunu ħallew temporanjament mir-reġistru ta' Stat Membru biex ifittxu opportunitajiet ta' sajd band'oħra m'għandhomx jitħallew jibbenefikaw, għal perjodu ta' 24 xahar, mill-opportunitajiet ta' sajd skont il-Ftehim dwar is-Sajd Sostenibbli jew il-protokolli fis-seħħ meta jkunu ħallew ir-reġistru, jekk jirritornaw sussegwentement f'reġistru tal-Unjoni, u l-istess għandu japplika fir-rigward tal-għoti mill-ġdid ta' bandiera, filwaqt li jistadu taħt organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd;*** **[Em. 169]**

***2d. Il-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli għandhom jipprovdu li l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd ta' kwalunkwe tip għandhom jingħataw biss lil bastimenti tas-sajd ġodda u lil bastimenti li qabel kienu jtajru bandiera tal-Unjoni għal tal-inqas l-24 xahar ta' qabel ma saret it-talba għal awtorizzazzjoni tas-sajd u li juru x-xewqa li jimmiraw għal speċijiet koperti mill-Ftehim dwar is-Sajd Sostenibbli.*** **[Em. 170]**

***2e. Meta jkunu qed jiġu determinati l-opportunitajiet tas-sajd fir-rigward tal-ftehimiet li jkopru stokkijiet ta' ħut transżonali jew stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna, għandhom jitqiesu kif dovut il-valutazzjonijiet xjentifiċi li jsiru fil-livell reġjonali kif ukoll il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-ORGS.*** **[Em. 171]**

***2f. Għandu jsir sforz fil-livell tal-Unjoni biex jiġu mmonitorjati l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw f'ilmijiet mhux tal-Unjoni barra mill-ambitu tal-qafas tal-ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli. Tali bastimenti għandhom jirrispettaw l-istess prinċipji gwida li huma applikati għal dawk il-bastimenti li jistadu fl-Unjoni.*** **[Em. 172]**

***2 g. Il-basitmenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw barra mill-ilmijiet tal-Unjoni għandhom jiġu mgħammra b'kameras tas-CCTV jew ekwivalenti biex tkun tista' ssir dokumentazzjoni kompleta tal-prattiki tas-sajd u tal-qabdiet.*** **[Em. 173]**

***2h. Għandhom isiru valutazzjonijiet indipendenti tal-impatt li għandu kull protokoll qabel ma l-Kummissjoni tingħata mandat għan-negozjati għall-protokolli suċċedenti u dawn għandhom jinkludu informazzjoni dwar il-qabdiet u l-attivitajiet tas-sajd. Tali valutazzjonijiet għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.*** **[Em. 174]**

***2i. Sabiex jiġi żgurat li l-istokkijiet kondiviżi ma' pajjiżi ġirien jiġu ġestiti b'mod sostenibbli, jeħtieġ li jkunu jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.*** **[Em. 175]**

Artikolu 42

Għajnuna finanzjarja

L-Unjoni għandha tipprovdi għajnuna finanzjarja lil pajjiżi terzi permezz ta' Ftehimiet dwar is-Sajd sostenibbli sabiex:

(a) issostni parti mill-ispiża tal-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi;

(b) tistabbilixxi qafas ta' governanza, inklużi l-iżvilupp u ż-żamma ta' istituzzjonijiet xjentifiċi u ta' riċerka neċessarji, il-kapaċità ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza***, trasparenza, parteċipazzjoni u mekkaniżmi tal-obbligu ta' għoti ta' rendikont*** u elementi oħra ta' bini tal-kapaċità li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli mmexxija mill-pajjiż terz. Għanjuna finanzjarja bħal din tkun ikkundizzjonata mill-kisba ta' riżultati ***soċjoekonomiċi u ambjentali*** speċifiċi ***u għandha tikkomplementa u tkun konsistenti mal-proġetti u programmi ta' żvilupp implimentati fil-pajjiż terz ikkonċernat***. **[Em. 176]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***Artikolu 42a***

***Attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni barra mill-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli***

***L-Istati Membri għandhom jiksbu informazzjoni dwar kwalunkwe arranġament bejn ċittadini ta' Stat Membru u ta' pajjiż terz li jippermettu bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru li jipparteċipaw f'attivitajiet tas-sajd f'ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni jew fis-sovranità ta' pajjiż terz, kif ukoll dettalji dwar il-bastimenti kkonċernati u l-attivitajiet relevanti tagħhom. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.*** **[Em. 230]**

PARTI VIII

AKKWAKULTURA

Artikolu 43

Promozzjoni tal-akkwakultura ***sostenibbli*** **[Em. 177]**

1. Bil-ħsieb li ~~jiġu promossi~~ ***tiġi promossa*** s-sostenibbiltà~~, il-kontribuzzjoni għas-sigurtà~~ ***u jingħata kontribut għas-sikurezza u l-provvisti*** tal-ikel, it-tkabbir u l-impjiegi, sal-2013 il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida strateġiċi mhux vinkolanti tal-Unjoni dwar prijoritajiet u miri komuni għall-iżvilupp tal-attivitajiet tal-akkwakultura ***sostenibbli***. Linji gwida strateġiċi bħal dawn għandhom ***jiddistingwu bejn, minn banda, akkwakultura żgħira sa ta' daqs medju, u mill-banda l-oħra, akkwalkultura fuq skala industrijali, għandhom*** iqisu l-pożizzjonijiet tal-bidu rilevanti u ċ-ċirkustanzi differenti madwar l-Unjoni, ***u*** għandhom jiffurmaw il-bażi għal pjani strateġiċi nazzjonali multiannwali u għandhom jimmiraw lejn: **[Em. 178]**

(a) ~~it-titjib tal-kompetittività tal-industrija tal-akkwakultura u s-sostenn għall-iżvilupp tagħha u l-innovazzjoni;~~***is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni fis-settur u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fil-livell tal-Unjoni;***

(b) ~~l-inkoraġġiment tal-attività ekonomika;~~***-inkoraġġiment tal-użu ta' speċijiet li ma jkunux karnivori u t-tnaqqis tal-użu tal-prodotti tas-sajd bħala għalf għall-ħut;***

(c) ~~id-diversifikazzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni kostali u rurali;~~***l-integrazzjoni ta' attivitajiet tal-akkwakultura f'politiki oħra, bħalma huma l-politiki taż-żoni kostali, strateġiji tal-baħar u linji gwida għall-ippjanar tal-ispazju marittimu, l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma*** ([1]) ***(id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) u l-politika ambjentali.***

~~(d) kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-akkwakultura fir-rigward tal-aċċess għall-ilmijiet u l-ispazju.~~

2. ~~L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjan strateġiku nazzjonali multiannwali għall-iżvilupp ta' attivitajiet ta' akkwakultura fuq it-territorju tagħhom sal-2014.~~***L-Unjoni għandha tappoġġja l-produzzjoni u l-konsum tal-prodotti tal-akkwakultura sostenibbli tal-Unjoni billi:***

***(a) tistabbilixxi kriterji kwalitattivi trasparenti u ġenerali għall-akkwakultura sal-2014 biex jiġu valutati u minimizzati l-impatti ambjentali tal-attivitajiet tal-akkwakultura u tal-biedja;***

***(b) tiżgura li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli;***

***(c) tistabbilixxi regoli dwar it-traċċabilità, is-sikurezza u l-kwalità tal-prodotti tal-akkwakultura tal-Unjoni u importati, permezz ta' mmarkar jew ittikkettar adegwati kif stabbilit fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru …/2013 [dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura]*** (*)***;*** **[Em. 179 u 242]**

3. Il-pjan strateġiku nazzjonali multiannwali għandu jinkludi l-għanijiet tal-Istat Membru u l-miżuri ***u l-iskedi taż-żmien meħtieġa*** sabiex ***dawn*** jintlaħqu. **[Em. 180]**

---

([1]) ***ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.***

(*) In-numru, d-data u l-isem ta' dan ir-Regolament (2011/0194(COD))

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

4. Il-pjani strateġiċi nazzjonali multiannwali għandhom ~~jimmiraw b'mod partikolari għal~~ ***jindirizzaw speċifikament il-ħtieġa għal*** dan li ġej:

(a) ***tnaqqis tal-burokrazija u*** simplifikazzjoni amministrattiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-liċenzji;

(b) ċertezza għall-operaturi tal-akkwakultura fir-rigward tal-aċċess għall-ilmijiet u l-ispazju***, bi qbil mal-politika tal-Unjoni dwar il-ġestjoni taż-żoni kostali u l-ippjanar tal-ispazju marittimu***;

(c) indikaturi ***għall-kwalità u*** għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali;

***(ca) miżuri biex jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' akkwakultura jkunu konformi għalkollox mal-leġiżlazzjoni ambjentali eżistenti tal-Unjoni;***

(d) valutazzjoni ta' effetti transkonfinali oħra li jista' jkun hemm ***fuq riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u fuq ekosistemi tal-baħar u*** fuq Stati Membri ġirien;

***(da) il-promozzjoni tar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni (RŻI) u kollaborazzjoni bejn l-industrija u d-dinja xjentifika;***

***(db) is-sikurezza tal-ikel;***

***(dc) is-saħħa u l-benessri tal-annimali;***

***(dd) is-sostenibilità ambjentali.*** *[Em. 181]*

5. L-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni u l-aqwa prassi permezz ta' metodu miftuħ ta' koordinazzjoni tal-miżuri nazzjonali kontenuti fi pjani strateġiċi multiannwali.

Artikolu 44

Konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi

Għandu jiġi stabbilit Kunsill Konsultattiv skont l-Artikolu 53.

## PARTI IX

## ORGANIZZAZZJONI KOMUNI TAS-SUQ

Artikolu 45

Għanijiet

1. Għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura sabiex:

(a) tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3;

(b) l-industrija tas-sajd u l-akkwakultura tkun tista' tapplika l-Politika Komuni tas-Sajd fil-livell xieraq;

(c) issaħħaħ il-kompetittività ***u tippromwovi l-politiki ta' kwalità*** tal-industrija tas-sajd u l-akkwakultura tal-Unjoni~~,~~ ~~b'mod~~ ***billi timplimenta pjani ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzar, filwaqt li tagħti attenzjoni*** partikolari ~~l-produtturi~~***lill-produtturi***; **[Em. 183]**

(d) ittejjeb it-trasparenza ***u l-istabilità*** tas-swieq, b'mod partikolari fir-rigward tal-għarfien u l-fehim tas-swieq tal-Unjoni għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tul il-katina tal-provvista, ***id-distribuzzjoni ġusta tal-valur miżjud tul il-katina tal-valur tas-settur, kif ukoll informazzjoni*** u l-għarfien għall-konsumatur***, permezz ta' notifiki u/jew ittikkettjar li jipprovdu informazzjoni li tista' tinftiehem***; **[Em. 184]**

(e) tikkontribwixxi lejn l-iżgurar ta' għoti ta' opportunitajiet indaqs***, inklużi r-rekwiżiti tas-saħħa, dawk soċjali u dawk ambjentali indaqs,*** għall-prodotti kollha kkumerċjalizzati fl-Unjoni billi tippromwovi l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd; **[Em. 185]**

***(ea) tiżgura li l-konsumaturi jkollhom provvista varja ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li l-kwalità u l-oriġini tagħhom ikunu ċertifikati, u b'informazzjoni suffiċjenti sabiex id-deċiżjonijiet tagħhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

***(eb) tiżgura li l-prodotti importati minn pajjiżi terzi jiġu minn sajd u industriji li jissodisfaw l-istess rekwiżiti ambjentali, ekonomiċi, soċjali u tas-saħħa bħal dawk meħtieġa mill-flotot u n-negozji tal-Unjoni, u li l-prodotti jirriżultaw minn sajd legali, iddikjarat u regolat li jsir bi qbil mal-istess standards bħal dawk meħtieġa mill-bastimenti tal-Unjoni.***

***(ec) tiżgura li t-traċċabilità tal-prodotti kollha tas-sajd u tal-akkwakultura fil-katina tal-provvista kollha kemm hi tkun tipprovdi informazzjoni verifikabbli u eżatta rigward l-oriġini tal-prodott u l-mod ta' produzzjoni tiegħu u għandha tittikketta l-prodott f'dan is-sens, b'enfasi fuq tikkettar ekoloġiku affidabbli.*** *[Em. 186 u 270]*

2. Il-Politika tas-Suq għandha tapplika għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru …/2013 [dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura] (*), li jiġu kummerċjalizzati fl-Unjoni.

3. L-organizzazzjoni komuni tas-swieq għandhom tinkludi b'mod partikolari:

(a) l-organizzazzjoni tal-industrija fosthom miżuri għall-istabbilizzazzjoni tas-suq;

(b) standards komuni għat-tqegħid fis-suq, ***billi jitqiesu l-karatteristiċi partikolari tal-komunitajiet lokali***; **[Em. 187]**

***(ba) regoli komuni bil-ħsieb tal-introduzzjoni ta' skema tal-ekotikkettar għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni;***

***(bb) informazzjoni għall-konsumatur;***

***(bc) it-teħid ta' miżuri ta' kummerċ kontra l-pajjiżi terżi li ma jipprattikawx sajd sostenibbli.*** *[Em. 188]*

## PARTI X

## KONTROLL U INFURZAR

### Artikolu 46

### Għanijiet

1. Il-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd għandha tiġi żgurata permezz ta' sistema effettiva tal-Unjoni għall-kontroll tas-sajd, li tinkludi l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

2. Is-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni għandha tkun ibbażata b'mod partikolari fuq:

(a) approċċ globali u integrat ***li għandu jirriżulta f'għadd ta' kontrolli marbuta mad-daqs tal-flotot fi Stati Membri differenti***; **[Em. 225]**

(b) ***użu iktar effiċjenti ta' sistemi li diġà jintużaw abbord kull bastiment tas-sajd u, meta jkun meħtieġ,*** l-użu ta' teknoloġiji ~~moderni~~ ta' kontroll għad-disponibbiltà u l-kwalità tad-data dwar is-sajd ***u l-akkwakultura***; **[Em. 189]**

***(ba) armonizzazzjoni fl-Unjoni kollha tar-regoli dwar il-kontrolli u l-penalitajiet;*** *[Em. 190]*

***(bb) kumplimentarjetà bejn il-kontrolli li jsiru fuq il-baħar u fuq l-art;*** *[Em. 191]*

(c) strateġija bbażata fuq ir-riskju ffukata fuq kontrolli sistematiċi u awtomatizzati tad-data rilevanti kollha disponibbli;

(d) l-iżvilupp ta' kultura ta' ***koresponsabbiltà,*** konformità ***u kooperazzjoni*** fost l-operaturi ***kollha tal-bastimenti tas-sajd, is-sidien tal-bastimenti u s-sajjieda***; **[Em. 192]**

(*) In-numru, d-data u l-isem ta' dan ir-Regolament (2011/0194(COD))

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***(da)*** ***reġim ta' konformità u infurzar standardizzat għal kull Stat Membru.*** *[Em. 193]*

(e) l-istabbiliment ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi.

***(ea)*** ***kundizzjonijiet ugwali, inklużi sanzjonijiet kummerċjali meta tiġi stabbilita mġiba mhux responsabbli min-naħa ta' pajjiżi terzi.*** *[Em. 226]*

***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-istabbiliment ta' penalitajiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, inkluż l-iffriżar ta' fondi mill-FEMS, b'kunsiderazzjoni tal-proporzjon tal-ispiża f'paragun mal-proporzjon tal-benefiċċju u l-prinċipju ta' proporzjonalità.*** **[Em. 195]**

***Artikolu 46a***

***Kumitat ta' Konformità***

***1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat ta' Konformità tal-Unjoni u dan għandu jinkludi rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija ta' Kontroll.***

***2. Il-Kumitat ta' Konformità tal-Unjoni għandu:***

***(a) iwettaq evalwazzjonijiet annwali ta' konformità ta' kull Stat Membru biex jiġu identifikati nuqqasijiet fil-konformità mal-PKS;***

***(b) jevalwa l-azzjonijiet meħuda b'rabta ma' ksur ta' konformità li jiġi identifikat; u***

***(c) jgħaddi l-konklużjonijiet tiegħu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** *[Em 243]*

Artikolu 47

Proġetti pilota dwar teknoloġiji ta' kontroll u sistemi ta' ġestjoni tad-data ġodda

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jwettqu proġetti pilota dwar teknoloġiji ta' kontroll u sistemi ta' ġestjoni tad-data ġodda.

2. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 fir-rigward ta' regoli għat-twettiq ta' proġetti pilota dwar teknoloġiji ta' kontroll u sistemi ta' ġestjoni tad-data ġodda.

Artikolu 48

Kontribuzzjoni għall-kosti ta' kontroll, spezzjoni u infurzar

L-Istati Membri jistgħu jesiġu li ~~d-detenturi ta' liċenzja tas-sajd għal bastimenti tas-sajd b'tul globali ta' 12-il metru jew aktar li jtajru l-bandiera~~ ***l-operaturi*** tagħhom jikkontribwixxu b'mod proporzjonali għall-ispejjeż ~~tal-implimentazzjoni~~ ***operattivi tal-implimentazzjoni*** tas-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni ***u tal-ġbir tad-data***. **[Em. 196]**

PARTI XI

STRUMENTI FINANZJARJI

Artikolu 49

Għanijiet

Tista' tingħata għajnuna finanzjarja mill-Unjoni sabiex tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet ***ta' sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali fit-tul*** stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3. ***L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni m'għandhiex tingħata biex tappoġġja operazzjonijiet li jitfgħu f'periklu s-sostenibbiltà u l-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi, bijodiversità, ħabitats u ekosistemi tal-baħar.*** **[Em. 197]**

Artikolu 50

Kundizzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri

1. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri għandha tkun ***trasparenti u*** kundizzjonali fuq il-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, ***mad-direttivi ambjentali msemmija fl-Artikolu 12 u mal-applikazzjoni tal-prinċipju prekawzjonarju*** mill-Istati Membri.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

2. In-nuqqas ta' konformità mill-Istati Membri, mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd~~, tista' twassal~~ flimkien ma***l-atti legali msemmija fl-ewwel paragrafu u l-applikazzjoni tal-prinċipju prekawzjonarju għandu jwassal immedjatament*** għall-interruzzjoni jew is-sospensjoni tal-ħlasijiet jew għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni skont il-Politika Komuni tas-Sajd. Dawn il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati man-natura, il-firxa, id-dewmien u r-ripetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità. ***Għandha tiġi stabbilita metodoloġija li tinkludi objettivi, indikaturi u miżuri omoġeni u trasparenti għall-Istati Membri kollha.*** **[Em. 302]**

Artikolu 51

Kundizzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja lill-operaturi

1. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-operaturi għandha tkun kundizzjonali fuq il-konformità ***min-naħa tal-operaturi*** mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ~~mill-operaturi~~***u mal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-direttivi fil-qasam ambjentali msemmija fl-Artikolu 12***. ***L-għajnuna finanzjarja m'għandhiex tingħata lil operazzjoni li tipperikola s-sostenibbiltà u l-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi, bijodiversità, ħabitats jew ekosistemi tal-baħar***.

2. Ksur serju mill-operaturi tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ***u tal-liġi nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1*** għandu jirriżulta fi projbizzjonijiet temporanji jew permanenti fuq l-aċċess għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni u/jew l-applikazzjoni ta' tnaqqis finanzjarju. Dawn il-miżuri***, meħuda mill-Istat Membru,*** għandhom ikunu ***dissważivi, effettivi u*** proporzjonati man-natura, il-firxa, id-dewmien u r-ripetizzjoni tal-ksur serju.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tingħata biss jekk ma ~~tkun ġiet imposta~~ ***jkun ġie kommess*** l-ebda ~~sanzjoni għal~~ ksur serju ~~lill-operatur~~ ***mill-operatur*** ikkonċernat sa perjodu ta' ~~sena (1)~~ ***mill-inqas 3 snin*** qabel id-data tal-applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni. **[Em. 199]**

PARTI XII

KUNSILLI KONSULTATTIVI

Artikolu 52

Kunsilli Konsultattivi

1. Huma stabbiliti Kunsilli Konsultattivi għal kull ~~qasam~~ *wahda miż-**żoni ġeografiċi jew oqsma*** ta' kompetenza ~~stipulat~~ ***stipulate*** fl-Anness III, sabiex jippromwovu rappreżentanza bilanċjata tal-partijiet interessati kollha***, bi qbil mal-Artikolu 54(1),*** u sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3.

***1a. B'mod partikolari, il-Kunsilli Konsultattivi ġodda li ġejjin għandhom jiġu stabbiliti skont l-Anness III:***

***(a) Kunsill Konsultattiv għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, maqsum fi tliet taqsimiet għal kull wieħed mill-baċiri tal-baħar li ġejjin: l-Atlantiku tal-Punent, l-Atlantiku tal-Lvant u l-Oċean Indja)***

***(b) Kunsill Konsultattiv għall-akkwakultura u s-sajd fl-ilmijiet interni***

***(c) Kunsill Konsultattiv għas-swieq***

***(d) Kunsill Konsultattiv għall-Baħar l-Iswed***

~~2. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 fir-rigward tal-emendi f'dak l-Anness b'rabta mal-bidliet fl-oqsma ta' kompetenza jew sabiex toħloq oqsma ta' kompetenza ġodda għall-Kunsilli Konsultattivi jew biex toħloq Kunsilli Konsultattivi ġodda.~~

3. Kull Kunsill Konsultattiv għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu. **[Em. 200]**

Artikolu 53

Kompiti tal-Kunsilli Konsultattivi

***-1. Qabel tlesti l-proċeduri interni tagħha li jwasslu għall-preżentazzjoni, bi qbil mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, ta' proposta skont l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, bħal pjani multiannwali jew oqfsa ta' miżuri tekniċi, jew li jwasslu għall-adozzjoni ta' atti delegati bi qbil mal-Artikolu 55, il-Kummissjoni għandha tfittex l-opinjoni tal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti. Din il-konsultazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-konsultazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) jew korpi xjentifiċi oħra adegwati.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

1. Il-Kunsilli Konsultattivi jistgħu:

(a) jissottomettu rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti dwar kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni tas-sajd u ***u l-aspetti soċjoekonomiċi u ta' konservazzjoni tas-sajd*** l-akkwakultura lill-Kummissjoni, ~~jew~~ ***u*** lill-Istat Membru kkonċernat;

(b) jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar problemi relatati mal-ġestjoni u ***l-aspetti soċjo-ekonomiċi u ta' konservazzjoni tas-sajd u, meta jkun xieraq,*** tal-akkwakultura fil-qasam ***jew sfera*** ta' kompetenza tagħhom ***u jipproponu soluzzjonijiet biex jingħelbu dawn il-problemi***;

(c) jikkontribwixxu, f'kooperazzjoni mill-qrib max-xjenzati, għall-ġbir, il-forniment u l-analiżi tad-data neċessarja għall-iżvilupp ta' miżuri ta' konservazzjoni.

***(ca) joħorġu opinjonijiet dwar abbozzi ta' miżuri ta' konservazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 17(2b) u l-abbozz ta' miżuri tekniċi kif imsemmi fl-Artikolu 21(1b), u jippreżentawhom lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li huma kkonċernati direttament fis-sajd jew fil-qasam ikkonċernat;***

2. Il-Kummissjoni u, fejn ikun rilevanti, l-Istat Membru kkonċernat, għandhom ***iqisu l-opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet, suġġerimenti jew kwalunkwe informazzjoni li jkunu rċevew mill-Kunsilli Konsultattivi skont il-paragrafi - 1 u 1 u għandhom*** iwieġbu ~~fi żmien raġonevoli ta' żmien~~ ***għal tali tressiq sa mhux aktar tard minn 30 jum tax-xogħol, u*** fi ***kwalunkwe każ qabel jiġu adottati l-miżuri finali. Meta l-miżuri finali adottati jmorru kontra l-opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti li jkunu ntagħtu mill-Kunsilli Konsultattivi skont il-paragrafi - 1 u 1, il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat għandhom jipprovdu raġunijiet dettaljati*** għal ~~kwalunkwe rakkomandazzjoni, suġġeriment jew informazzjoni riċevuti skont il-paragrafu 1~~ ***tali diverġenza***.

## Artikolu 54

## Kompożizzjoni, funzjonament u ffinanzjar tal-Kunsilli Konsultattivi

1. Il-Kunsilli Konsultattivi għandhom ikunu komposti minn:

***(a)*** organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-operaturi tas-sajd ***u, meta jkun xieraq, tal-akkwakultura***;

***(b)*** u gruppi oħra ta' interess affettwati mill-Politika Komuni tas-Sajd***, pereżempju organizzazzjonijiet ambjentali u gruppi tal-konsumaturi***.

***Fir-rigward ta' (a), min iħaddem, is-sajjieda li jaħdmu għal rashom u l-impjegati kif ukoll id-diversi mestieri tas-sajd għandhom jiġu rappreżentati kif xieraq.***

***Rappreżentanti tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali b'interessi fis-sajd fiż-żona kkonċernata u riċerkaturi mill-istituzzjonijiet ta' riċerka xjentifika u tas-sajd tal-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet xjentifiċi internazzjonali li jagħtu pariri lill-Kummissjoni għandhom jitħallew jipparteċipaw bħala osservaturi.***

***1a. Rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kunsill Konsultattiv bħala osservaturi. Meta jiġu diskussi kwistjonijiet li jaffettwawhom, ir-rappreżentanti tas-settur tas-sajd u gruppi ta' interess oħra minn pajjiżi terzi, inklużi rappreżentanti minn RMFOs, li għandhom interess fis-sajd fiż-żona jew sajd kopert minn Kunsill Konsultattiv, jistgħu jiġu mistiedna jieħdu sehem f'dak il-Kunsill Konsultattiv bħala osservaturi.***

2. Kull Kunsill Konsultattiv għandu jkun magħmul minn assemblea ġenerali u kumitat eżekuttiv u għandu jadotta l-miżuri neċessarji għall-organizzazzjoni tiegħu u biex jiżgura t-trasparenza u r-rispett tal-opinjonijiet kollha espressi.

3. Il-Kunsilli Konsultattivi jistgħu japplikaw għal għajnuna finanzjarja tal-Unjoni bħala korpi li qegħdin isegwu għan ta' interess Ewropew ġenerali.

4. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 fir-rigward tal-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi. Dawk l-atti delegati għandhom ikunu ***mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 u l-paragrafu 1a***. **[Em. 202]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

PARTI XIII

DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

Artikolu 55

Eżerċizzju tad-delegazzjoni

1. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija fl-Artikoli ~~12(2)~~***13(1)***, 15(6), 20(1) u (2b), 24(1) u (2b), ~~35(3)~~, 36(4), 37(6), 47 (2), ~~52(2),~~ 54(4) għandha tingħata għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Jannar 2013.

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa imsemmija fl-Artikoli ~~12(2)~~***13(1)***, 15(6), 20(1) u (2b), 24(1) u (2b), ~~35(3)~~, 36(4), 37(6), 47 (2), ~~52(2).~~, 54(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iżjed tard speċifikata fiha. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill..

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli ~~12(3), 15(4),~~***13(1)***, ***15(6)***, 20(1) u (2b), 24(1) u (2b), ~~35(3),~~ 36(4), ~~37(7),~~***37(6)***, 47 (2), ~~52(2),~~ 54(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ~~(2)~~ xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn ~~(2)~~ fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. **[Em. 203]**

***Artikolu 55a***

***Proċedura ta' urġenza***

***1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw, soġġetti għall-paragrafu 2, għal perjodu ta' sitt xhur. In-notifika tal-att delegat lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.***

***2. Jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 55(5). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.*** *[Em. 204]*

Artikolu 56

Implimentazzjoni

***1.*** Fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat tas-sajd u tal-akkwakultura. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

**2.** Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.*** *[Em. 205]*

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Parti XIV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 57

Tħassir

1. Ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jittieħdu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

2. Id-Deċiżjoni 2004/585/KE hija b'dan imħassra b'effett mid-dħul fis-seħħ tar-regoli adottati skont ~~l-Artikoli 51(4) u 52 (4).~~***l-Artikolu 54(4)***. **[Em. 206]**

3. L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003 għandu jitħassar.

~~4. Ir-Regolament (KE) Nru 199/2008 huwa mħassar.~~ **[Em. 207]**

5. Ir-Regolament (KE) Nru 639/2004 huwa mħassar.

***Artikolu 57a***

***Emenda għar-Regolament (KE) Nru 768/2005***

***Ir-Regolament (KE) Nru 768/2005 b'hekk huwa emendat kif ġej:***

***Fl-Artikolu 16, il-paragrafu li ġej huwa miżjud:***

***"3. L-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għandha tkun il-korp operazzjonali maħtur għall-iskambju ta' data f'forma elettronika u għall-kapaċità ta' sorveljanza marittima mtejba."***

**[Em. 273]**

~~Artikolu 58~~

~~Miżuri tranżitorji~~

~~Minkejja l-Artikolu 57(4), ir-Regolament (KE) Nru 199/2008 għandu jkompli japplika għall-programmi nazzjonali adottati għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data għas-snin 2011 — 2013.~~ **[Em. 208]**

***Artikolu 58a***

***Rieżami***

***1. Kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1 sa 5 u tippreżenta proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skont il-proċedura leġislattiva ordinarja skont l-Artikolu 43(2) TFUE, biex jiġi inkorporat il-progress u l-aqwa prattiki fil-ġestjoni tas-sajd.***

***2. Il-Kummmissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat tal-Politika Komuni tas-Sajd qabel tmiem l-2022.*** [Em. 209]

***Artikolu 58b***

***Rapport annwali***

***Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali li jinforma lill-pubbliku dwar is-sitwazzjoni tas-sajd fl-Unjoni, inkluża informazzjoni dwar il-livelli ta' bijomassa tal-istokkijiet tal-ħut, is-sostenibbiltà tar-rati ta' sfruttar u d-disponibbiltà ta' data xjentifika.*** **[Em. 210]**

Artikolu 59

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

ANNESS I

AĊĊESS GĦALL-ILMIJIET KOSTALI SKONT IT-TIFSIRA TAL-ARTIKOLU 6(2)

## 1. ILMIJIET KOSTALI TAR-RENJU UNIT

## A. AĊĊESS GĦAL FRANZA

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| **Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Berwick-upon-Tweed lejn il-Lvant<br>Coquet Island lejn il-Lvant | Aringa | Bla limitu |
| 2. Flamborough Head lejn il-Lvant<br>Spurn Head lejn il-Lvant | Aringa | Bla limitu |
| 3. Lowestoft lejn il-Lvant<br>Lyme Regis lejn in-Nofsinhar | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 4. Lyme Regis lejn in-Nofsinhar<br>Eddystone lejn in-Nofsinhar | Demersali | Bla limitu |
| 5. Eddystone lejn in-Nofsinhar<br>Longships lejn il-Lbiċ | Demersali<br>Arzell<br>Awwista<br>Crawfish | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |
| 6. Longships lejn il-Lbiċ<br>Hartland Point lejn il-Majjistral | Demersali<br>Crawfish | Bla limitu<br>Bla limitu |
| | Awwista | Bla limitu |
| 7. Hartland Point sa linja mit-Tramuntana ta' Lundy Island | Demersali | Bla limitu |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| 8. Minn linja lejn il-Punent ta' Lundy Island sa Cardigan Harbour | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 9. Point Lynas lejn it-Tramuntana<br>Morecambe Light Vessel lejn il-Lvant | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 10. County Down | Demersali | Bla limitu |
| 11. New Island lejn il-Grigal<br>Sanda Island lejn il-Lbiċ | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 12. Port Stewart lejn it-Tramuntana<br>Barra Head lejn il-Punent | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 13. Latitudni 57°40'N<br>Butt of Lewis lejn il-Punent | L-ispeċijiet kollha<br>Għajr il-frott tal-baħar bil-qoxra | Bla limitu |
| 14. St Kilda, Flannan Islands | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 15. Fil-Punent tal-linja li tgħaqqad il-fanal ta' Butt of Lewis mal-punt 59°30'N-5°45'W | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

**B. AĊĊESS GĦALL-IRLANDA**

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| **Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Point Lynas lejn it-Tramuntana<br>Mull of Galloway lejn in-Nofsinhar | Demersali<br>Nephrops | Bla limitu<br>Bla limitu |
| 2. Mull of Oa lejn il-Punent<br>Barra Head lejn il-Punent | Demersali<br>Nephrops | Bla limitu<br>Bla limitu |

**C. AĊĊESS GĦALL-ĠERMANJA**

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| **Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Lvant ta' Shetlands u Fair Isle bejn linji mpinġija lejn ix-Xlokk mill-fanal ta' Sumburgh Head lejn il-Grigal mill-fanal ta' Skroo u lejn il-Lbiċ mill-fanal ta' Skadan | Aringa | Bla limitu |
| 2. Berwick-upon-Tweed lejn il-Lvant, il-fanal Whitby High lejn il-Lvant | Aringa | Bla limitu |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| 3. Il-fanal North Foreland lejn il-Lvant, il-fanal ġdid Dungeness lejn in-Nofsinhar | Aringa | Bla limitu |
| 4. Iż-żona madwar St Kilda | Aringa<br>Kavall | Bla limitu<br>Bla limitu |
| 5. Il-fanal ta' Butt of Lewis lejn il-Punent sal-linja li tgħaqqad il-fanal ta' Butt of Lewis u l-punt 59°30'N-5°45'W | Aringa | Bla limitu |
| 6. Iż-żona madwar North Rona u Sulisker (Sulasgeir) | Aringa | Bla limitu |

## D. AĊĊESS GĦALL-PAJJIŻI L-BAXXI

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| **Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Lvant ta' Shetlands u Fair Isle bejn linji mpinġija fid-direzzjoni tax-Xlokk mill-fanal ta' Sumburgh Head fid-direzzjoni tal-Grigal mill-fanal ta' Skroo u fid-direzzjoni tal-Lbiċ mill-fanal ta' Skadan | Aringa | Bla limitu |
| 2. Berwick upon Tweed lejn il-Lvant, Flamborough Head lejn il-Lvant | Aringa | Bla limitu |
| 3. North Foreland lejn il-Lvant, il-fanal ġdid Dungeness lejn in-Nofsinhar | Aringa | Bla limitu |

## E. AĊĊESS GĦALL-BELĠJU

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| **Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Berwick upon Tweed lejn il-Lvant<br>Coquer Island lejn il-Lvant | Aringa | Bla limitu |
| 2. Cromer lejn it-Tramuntana<br>North Foreland lejn il-Lvant | Demersali | Bla limitu |
| 3. North Foreland lejn il-Lvant<br>Fanal il-ġdid ta' Dungeness lejn in-Nofsinhar | Demersali<br>Aringa | Bla limitu<br>Bla limitu |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| 4. Il-fanal ġdid Dungeness lejn in-Nofsinhar, Selsey Bill lejn in-Nofsinhar | Demersali | Bla limitu |
| 5. Straight Point lejn ix-Xlokk, South Bishop lejn il-Majjistral | Demersali | Bla limitu |

## 2. ILMIJIET KOSTALI TAL-IRLANDA

## A. AĊĊESS GĦAL FRANZA

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| **Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Erris Head lejn il-Majjistral<br>Sybil Point lejn il-Punent | Demersali<br>Nephrops | Bla limitu<br>Bla limitu |
| 2. Mizen Head lejn in-Nofsinhar<br>Stags lejn in-Nofsinhar | Demersali<br>Nephrops<br>Kavall | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |
| 3. Stags lejn in-Nofsinhar<br>Cork lejn in-Nofsinhar | Demersali<br>Nephrops<br>Kavall<br>Aringa | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |
| 4. Cork south, Carnsore Point lejn in-Nofsinhar | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 5. Carnsore Point south, Haulbowline lejn il-Lbiċ | L-ispeċijiet kollha,<br>għajr il-frott tal-baħar bil-qoxra | Bla limitu |

## B. AĊĊESS GĦAR-RENJU UNIT

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| **Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil)** | | |
| 1. Mine Head lejn in-Nofsinhar<br>Hook Point | Demersali<br>Aringa<br>Kavall | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| 2. Hook Point<br>Carlingford Lough | Demersali<br>Aringa<br>Kavall<br>Nephrops<br>Arzell | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |

## C. AĊĊESS GĦALL-PAJJIŻI L-BAXXI

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| **Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil)** | | |
| 1. Stags lejn in-Nofsinhar<br>Carnsore Point lejn in-Nofsinhar | Aringa<br>Kavall | Bla limitu<br>Bla limitu |

## D. AĊĊESS GĦALL-ĠERMANJA

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| **Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Old Head of Kinsale lejn in-Nofsinhar<br>Carnsore Point lejn in-Nofsinhar | Aringa | Bla limitu |
| 2. Cork lejn in-Nofsinhar<br>Carnsore Point lejn in-Nofsinhar | Kavall | Bla limitu |

## E. AĊĊESS GĦALL-BELĠJU

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| **Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Cork lejn in-Nofsinhar<br>Carnsore Point lejn in-Nofsinhar | Demersali | Bla limitu |
| 2. Wicklow Head lejn il-Lvant<br>Carlingford Lough lejn il-Lbiċ | Demersali | Bla limitu |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

### 3. ILMIJIET KOSTALI TAL-BELĠJU

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| 3 sa 12-il mil nawtiku | Il-Pajjiżi l-Baxxi | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| | Franza | Aringa | Bla limitu |

### 4. ILMIJIET KOSTALI TAD-DANIMARKA

| Żoni ġeografiċi | Stat Membru | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Il-kosta tal-Baħar tat-Tramuntana (il-fruntiera Daniża/Ġermaniża sa Hanstholm) (6 sa 12-il mil nawtiku) | Il-Ġermanja | Ħuta ċatta | Bla limitu |
| | | Gambli u gambli kbar | Bla limitu |
| Il-fruntiera Daniża/Ġermaniża sa Blåvands Huk | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Ħuta ċatta | Bla limitu |
| | | Ħuta tonda | Bla limitu |
| Blåvands Huk sa Bovbjerg | Il-Belġju | Merluzz | Bla limitu biss matul Ġunju u Lulju |
| | | Haddock | Bla limitu biss matul Ġunju u Lulju |
| | Il-Ġermanja | Ħuta ċatta | Bla limitu |
| | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Barbun tat-tbajja' | Bla limitu |
| | | Lingwata | Bla limitu |
| Thyborøn sa Hanstholm | Il-Belġju | Merlangu | Bla limitu biss matul Ġunju u Lulju |
| | | Barbun tat-tbajja' | Bla limitu biss matul Ġunju u Lulju |
| | Il-Ġermanja | Ħuta ċatta | Bla limitu |
| | | Laċċa kaħla | Bla limitu |
| | | Merluzz | Bla limitu |
| | | Pollakju (saithe) | Bla limitu |
| | | Haddock | Bla limitu |
| | | Kavall | Bla limitu |
| | | Aringa | Bla limitu |
| | | Merlangu | Bla limitu |
| | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Merluzz | Bla limitu |
| | | Barbun tat-tbajja' | Bla limitu |
| | | Lingwata | Bla limitu |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| Żoni ġeografiċi | Stat Membru | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Skagerrak<br>(Hanstholm sa Skagen)<br>(4 sa 12-il mil nawtiku) | Il-Belġju | Barbun tat-tbajja' | Bla limitu biss matul Ġunju u Lulju |
| | Il-Ġermanja | Ħuta ċatta<br>Laċċa kaħla<br>Merluzz<br>Pollakju (saithe)<br>Haddock<br>Kavall<br>Aringa<br>Merlangu | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |
| | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Merluzz<br>Barbun tat-tbajja'<br>Lingwata | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |
| Kattegat<br>(3 sa 12-il mil) | Il-Ġermanja | Merluzz<br>Ħuta ċatta<br>Nephrops<br>Aringa | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |
| Tramuntana of Zeeland sal-parallel tal-latitutni li tgħaddi minn ġol-fanal ta' Forsnæs | Il-Ġermanja | Laċċa kaħla | Bla limitu |
| Baħar Baltiku<br>(inklużi Belts, Sound, Bornholm) 3 sa 12-il mil nawtiku | Il-Ġermanja | Ħuta ċatta<br>Merluzz<br>Aringa<br>Laċċa kaħla<br>Sallura<br>Salamun<br>Merlangu<br>Kavall | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |
| Skagerrak<br>(4 sa 12-il mil) | L-Isvezja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| Kattegat<br>(3 (*) sa 12-il mil) | L-Isvezja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| Żoni ġeografiċi | Stat Membru | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Baħar Baltiku<br>(3 sa 12-il mil) | L-Isvezja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

(*) Imkejla mil-linja tal-kosta.

## 5. ILMIJIET KOSTALI TAL-ĠERMANJA

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Il-kosta tal-Baħar tat-Tramuntana<br>(3 sa 12-il mil nawtiku)<br>il-kosti kollha | Id-Danimarka | Demersali<br>Laċċa kaħla<br>Sallura tar-ramel | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |
| | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Demersali<br>Gambli u gambli kbar | Bla limitu<br>Bla limitu |
| Il-fruntiera Daniża/Ġermaniża sal-ponta ta' fuq ta' Amrum f'54°43′N | Id-Danimarka | Gambli u gambli kbar | Bla limitu |
| Iż-żona madwar Helgoland | Ir-Renju Unit | Merluzz<br>Barbun tat-tbajja' | Bla limitu<br>Bla limitu |
| Il-kosta Baltika<br>(3 sa 12-il mil) | Id-Danimarka | Merluzz<br>Barbun tat-tbajja'<br>Aringa<br>Laċċa kaħla<br>Sallura<br>Merlangu<br>Kavall | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |

## 6. ILMIJIET KOSTALI TA' FRANZA U D-DIPARTIMENTI EXTRA-EWROPEJ

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| **Grigal tal-kosta Atlantika (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | | |
| Il-fruntiera Belġjana/Franċiża sal-Lvant ta' Departement Manche (estwarju ta' Vire-Grandcamp les Bains 49° 23' 30" N-1° 2 'WNNE) | Il-Belġju | Demersali<br>Arzell | Bla limitu<br>Bla limitu |
| | Il-Pajjiżi l-Baxxi | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Dunkerque (2° 20' E) sa Cap d'Antifer (0° 10' E) | Il-Ġermanja | Aringa | Bla limitu biss matul Ottubru sa Diċembru |
| Il-fruntiera Belġjana/Franċiża sa Cap d'Alprech Punent (50° 42 30" N – 1° 33' 30" E) | Ir-Renju Unit | Aringa | Bla limitu |

**Kosta Atlantika (6 sa 12-il mil nawtiku)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-fruntiera Spanjola/Franċiża sa 46° 08′ N | Spanja | Inċova | Sajd dirett, bla limitu biss mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Ġunju<br><br>Sajd għal lixka ħajja mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru biss. |
| | | Sardin | Bla limitu biss mill-1 ta' Jannar sat-28 ta' Frar u mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru.<br><br>Barra minn hekk, l-attivitajiet relatati mal-ispeċijiet hawn fuq imsemmija jridu jiġu segwiti skont u fil-limiti tal-attivitajiet imwettqa matul l-1 984 |

**Kosta Mediterranja (6 sa 12-il mil nawtiku)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-fruntiera Spanjola Cap Leucate | Spanja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

**7. ILMIJIET KOSTALI TA' SPANJA**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|

**Kosta Atlantika (6 sa 12-il mil nawtiku)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-fruntiera Franċiża/Spanjola sal-fanal ta' Cap Mayor (3° 47' W) | Franza | Pelaġiċi | Bla limitu skont u fil-limiti tal-attivitajiet segwiti matul l-1984 |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| **Kosta Mediterranja (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | | |
| Il-fruntiera Franċiża/Cap Creus | Franza | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

**8. ILMIJIET KOSTALI TAL-PAJJIŻI L-BAXXI**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| (3 sa 12-il mil nawtiku) il-kosta kollha | Il-Belġju | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| | Id-Danimarka | Demersali | Bla limitu |
| | | Laċċa kaħla | Bla limitu |
| | | Sallura tar-ramel | Bla limitu |
| | | Sawrell | Bla limitu |
| | Il-Ġermanja | Merluzz | Bla limitu |
| | | Gambli u gambli kbar | Bla limitu |
| (6 sa 12-il mil nawtiku) il-kosta kollha | Franza | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| Il-punt fin-Nofsinhar ta' Texel, lejn il-Punent tal-fruntiera Olandiża/Ġermaniża | Ir-Renju Unit | Demersali | Bla limitu |

**9. ILMIJIET KOSTALI TAL-FINLANDJA**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Il-Baħar Baltiku (4 sa 12-il mil) (*) | L-Isvezja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

(*) 3 sa 12-il mil madwar Bogskär Isles.

**10. ILMIJIET KOSTALI TAL-ISVEZJA**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Skagerrak (4 sa 12-il mil nawtiku) | **Id-Danimarka** | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| Kattegat (3 (*) sa 12-il mil) | **Id-Danimarka** | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Il-Baħar Baltiku (4 sa 12-il mil) | **Id-Danimarka** | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| | **Il-Finlandja** | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

(*) Imkejla mil-linja tal-kosta

ANNESS II

LIMITI MASSIMI TAL-KAPAĊITÀ TAS-SAJD

**Limiti massimi (abbażi tas-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2010)**

| Stat Membru | TG | kW |
|---|---|---|
| Il-Belġju | 18 911 | 51 585 |
| Il-Bulgarija | 8 448 | 67 607 |
| Id-Danimarka | 88 528 | 313 341 |
| Il-Ġermanja | 71 114 | 167 089 |
| L-Estonja | 22 057 | 53 770 |
| L-Irlanda | 77 254 | 210 083 |
| Il-Greċja | 91 245 | 514 198 |
| Spanja (inklużi r-reġjuni l-aktar imbiegħda) | 446 309 | 1 021 154 |
| Franza (inklużi r-reġjuni l-aktar imbiegħda) | 219 215 | 1 194 360 |
| L-Italja | 192 963 | 1 158 837 |
| Ċipru | 11 193 | 48 508 |
| Il-Latvja | 49 067 | 65 196 |
| Il-Litwanja | 73 489 | 73 516 |
| Malta | 15 055 | 96 912 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 166 384 | 350 736 |
| Il-Polonja | 38 376 | 92 745 |
| Il-Portugall (inklużi r-reġjuni l-aktar imbiegħda) | 115 305 | 388 054 |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| Stat Membru | TG | kW |
|---|---|---|
| Ir-Rumanija | 1 885 | 6 716 |
| Is-Slovenja | 1 057 | 10 974 |
| Il-Finlandja | 18 187 | 182 385 |
| L-Isvezja | 42 612 | 210 744 |
| Ir-Renju Unit | 235 570 | 924 739 |
| L-aktar reġjuni imbiegħda tal-UE | TG | kW |
| Spanja | | |
| Il-Gżejjer Kanarji: L< 12 m. ilmijiet tal-UE | 2 649 | 21 219 |
| Il-Gżejjer Kanarji: L< 12 m. ilmijiet tal-UE | 3 059 | 10 364 |
| Il-Gżejjer Kanarji: L > 12 m. ilmijiet internazzjonali u ta' pajjiżi terzi | 28 823 | 45 593 |
| Franza | | |
| Il-Gżira Reunion: Speċijiet demersali u pelaġiċi. L < 12 m | 1 050 | 19 320 |
| Il-Gżira Reunion: Speċijiet pelaġiċi. L > 12 m | 10 002 | 31 465 |
| Il-Guyana Franċiża: Speċijiet demersali u pelaġiċi Tul < 12 m | 903 | 11 644 |
| Il-Guyana Franċiża: Bastimenti tal-gambli | 7 560 | 19 726 |
| Il-Guyana Franċiża: Speċijiet pelaġiċi. Bastimenti lil hinn mill-kosta | 3 500 | 5 000 |
| Martinique: Speċijiet demersali u pelaġiċi L < 12 m | 5 409 | 142 116 |
| Martinique: Speċijiet pelaġiċi. L > 12 m | 1 046 | 3 294 |
| Guadeloupe: Speċijiet demersali u pelaġiċi L < 12 m | 6 188 | 162 590 |
| Guadeloupe: Speċijiet pelaġiċi. L > 12 m | 500 | 1 750 |
| Il-Portugall | | |
| Madejra: Speċijiet demersali: L < 12 m | 617 | 4 134 |
| Madejra: Speċijiet demersali u pelaġiċi L > 12 m | 4 114 | 12 734 |
| Madejra: Speċijiet pelaġiċi. Tartarun. L > 12 m | 181 | 777 |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| L-aktar reġjuni imbiegħda tal-UE | TG | kW |
|---|---|---|
| Azores: Speċijiet demersali: L < 12 m | 2 626 | 29 895 |
| Azores: Speċijiet demersali u pelaġiċi L > 12 m | 12 979 | 25 721 |
| L tfisser tul ġenerali | | |

ANNESS III

KUNSILLI KONSULTATTIVI

| **Isem tal-Kunsill Konsultattiv** | **Żona ta' kompetenza** |
|---|---|
| Il-Baħar Baltiku | Iż-żoni tal-ICES [1] IIIb, IIIc u IIId |
| Il-Baħar Mediterran | L-ilmijiet Marittimi tal-Mediterran tal-Lvant tal-linja 5°36' Punent |
| Il-Baħar tat-Tramuntana | Iż-żoni tal-ICES IV u IIIa |
| L-ilmijiet tal-Majjistral | Iż-żoni tal-ICES V (eskluża Va u l-ilmijiet tal-Unjoni biss ta' Vb), VI u VII |
| L-ilmijiet tal-Lbiċ | Iż-żoni tal-ICES VIII, IX u X (ilmijiet madwar l-Azores), u żoni tas-CECAF [2] 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 (ilmijiet madwar Madejra u l-Gżejjer Kanarji) |
| L-istokkijiet pelaġiċi (stokkafixx, kavall, sawrell, aringa) | Il-kompetenza għaż-żoni kollha (esklużi l-Baħar Baltiku, il-Baħar Mediterran u l-Akkwakultura) |
| Il-flotta tal-baħar internazzjonali/distanzi twal | L-ilmijiet kollha mhux tal-Unjoni |
| L-akkwakultura ***u Sajd fl-Ilmijiet Interni*** | L-akkwakultura, kif definita fl-Artikolu 5 ***u l-ilmijiet interni kollha tal-Istati Membri tal-Unjoni*** |
| ***L-ibgħad reġjuni, maqsuma fi tliet baċiri tal-baħar: Il-Punent tal-Atlantiku, il-Lvant tal-Atlantiku, l-Oċean Indjan*** | ***Iż-żoni ICES kollha li jkopru baħar madwar ir-reġjuni l-iktar imbiegħda, partikolarment l-ilmijiet marittimi tal-Gwadelup, il-Gujana Franċiża, Martinique, il-Gżejjer Kanarji, l-Azores, Madejra u Reunion*** |
| ***Il-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar l-Iswed*** | ***Is-subżona ġeografika tal-GFCM kif iddefinita fir-Riżoluzzjoni GFCM/33/2009/2*** |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| Isem tal-Kunsill Konsultattiv | Żona ta' kompetenza |
|---|---|
| *Kunsilli Konsultattivi tas-Swieq* | *Iż-żoni kollha tas-suq* |

(1) Iż-żoni tal-ICES (Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma definiti fir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

(2) Iż-żoni tas-CECAF (Atlantiku Ċentrali tal-Lvant jew iż-żona ta' sajd prinċipali 34 tal-FAO) huma kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

**[Em. 211]**

P7_TA(2013)0041

# Il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur (COM(2011)0856 – C7-0487/2011 – 2011/0409(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 024/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0856),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0487/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' April 2012 (1),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0435/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

(1) ĠU C 191, 29.6.2012, p. 76.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

**P7_TC1-COD(2011)0409**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Frar 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ntbgħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Is-suq intern huwa magħmul minn żona mingħajr fruntieri interni li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment liberu tal-prodotti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital. Għal dak il-għan ġiet stabbilita sistema komprensiva tal-Unjoni għall-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur***, peress li l-vetturi tat-triq huma l-akbar għajn ta' storbju fis-settur tat-trasport***. Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u s-sistemi tal-egżost tagħhom fir-rigward tal-livelli permissibbli tal-ħoss għandhom jiġu armonizzati sabiex tiġi evitata l-adozzjoni ta' rekwiżiti li huma differenti minn Stat Membru għall-ieħor u sabiex ikun żgurat it-tħaddim tajjeb tas-suq intern filwaqt li, fl-istess ħin, ikun hemm livell għoli ta' ħarsien ambjentali u sikurezza pubblika, ***kif ukoll kwalità ta' għajxien u saħħa aħjar. Il-Kummissjoni għandha wkoll twettaq valutazzjoni tal-impatt dwar il-kundizzjonijiet tat-tikkettar applikabbli għal-livelli tat-tniġġis tal-arja u l-istorbju. Dik il-valutazzjoni tal-impatt għandha tqis it-tipi differenti ta' vetturi koperti b'dan ir-Regolament (inklużi vetturi elettriċi) kif ukoll l-effett li tali tikkettar jista' jkollu fuq l-industrija tal-karozzi. Tali tikkettar jista' jitqies għodda utli għas-sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi u għall-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom fir-rigward tat-trasparenza qabel ix-xiri ta' vettura.*** **[Em. 1]**

***(1a) Ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE diġà japplikaw għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni relevanti tal-Unjoni li tirregola l-emissjonijiet tas-$CO_2$ inklużi r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi ([3]), ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief ([4]), ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi ([5]), ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief ([6]). Ir-rekwiżiti tekniċi li japplikaw għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirregola l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-valuri ta' limitu ta' emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu għandhom ikunu konsistenti mar-rekwiżiti li japplikaw għal-leġiżlazzjoni li tirregola t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ħsejjes. Ir-rekwiżiti ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għaldaqstant għandhom jiġu stabbiliti b'mod li jiżgura li dawn l-għanijiet doppji jintlaħqu.*** **[Em. 2]**

([1]) ĠU C 191, 29.6.2012, p. 76.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013.
([3]) ***ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1.***
([4]) ***ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1.***
([5]) ***ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1.***
([6]) ***ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

*(1b)* ***L-istorbju tat-traffiku jaffettwa ħażin is-saħħa tal-bniedem f'ħafna modi. Stress marbut mal-espożizzjoni fit-tul għall-istorbju jista' jwassal għal għejja fiżika, ifixkel il-kapaċità regolatorja tal-funzjonijiet tal-organi u b'hekk jillimita l-effikaċja tagħhom. L-istorbju tat-traffiku huwa fattur ta' riskju potenzjali għall-iżvilupp ta' kundizzjonijiet u inċidenti mediċi bħalma huma l-pressjoni għolja u l-attakki tal-qalb. Għandha ssir riċerka ulterjuri dwar l-effetti fl-istess spirtu kif previst mid-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali*** [1]**.** **[Em. 3]**

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirigwardaw il-livell permissibbli tal-ħoss u tas-sistema tal-exhaust tal-vetturi bil-mutur [2] armonizzat ir-rekwiżiti tekniċi differenti tal-Istati Membri dwar il-livell permissibbli tal-ħoss ta' vetturi bil-mutur u s-sistemi tal-egżost tagħhom għat-twaqqif u t-tħaddim tas-suq intern. Għall-finijiet tat-tħaddim tajjeb tas-suq intern u sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi u konsistenti madwar l-Unjoni, huwa xieraq li din id-Direttiva tiġi ssostitwita b'Regolament.

(3) Dan ir-Regolament huwa regolament separat fil-kuntest tal-proċedura għall-approvazzjoni tat-tip skont id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) [3].

(4) Id-Direttiva 70/157/KEE tirreferi għar-Regolament Nru 51 [4] tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-emissjonijiet tal-istorbju, li fiha l-Unjoni hija Parti Kontraenti, li jispeċifika l-metodu tal-ittestjar għall-emissjonijiet tal-istorbju.

(5) Minn mindu ġiet adottata, id-Direttiva 70/157/KEE ġiet emendata sostanzjalment bosta drabi. It-tnaqqis tal-limiti tal-istorbju għall-vetturi bil-mutur li seħħ l-aktar riċenti, introdott fl-1995, ma kellux l-effetti mistennija. L-istudji wrew li l-metodu tal-ittestjar użat skont id-Direttiva ma baqax jirrifletti s-sewqan fit-traffiku urban fil-ħajja reali. B'mod partikolari, kif indikat fil-Green Paper dwar il-Politika Futura dwar l-Istorbju tal-1996 [5], il-kontribut tal-istorbju li ġej mid-tidwir tat-tajers għall-emissjoni totali tal-istorbju ġie sottovalutat fil-metodu tal-ittestjar.

(6) Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jintroduċi metodu differenti fir-rigward ta' wieħed obbligatorju tad-Direttiva 70/157/KEE. Dan il-metodu għandu jkun ibbażat fuq il-metodu ppubblikat mill-Grupp ta'Ħidma dwar l-Istorbju tal-UNECE (GRB) fl-2007 li inkorpora verżjoni tal-2007 tal-istandard ISO 362 [6]. Ir-riżultati tal-monitoraġġ ta' kemm il-metodu tal-ittestjar il-qadim kif ukoll dak ġdid ġew sottomessi lill-Kummissjoni. ***Barra minn hekk, sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet inerenti fil-metodu tal-ittestjar preċedenti, il-Kummissjoni għandha, fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tressaq valutazzjoni tal-impatt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kontribut effettiv ta' tagħmir relatat mad-dawrien tat-tajers għat-tnaqqis tal-livell tal-istorbju tal-vetturi, li tiffoka fuq l-impatt fuq l-uċuħ tat-toroq, u l-ħtiġijiet ta' riċerka f'dan il-qasam speċifiku, fid-dawl ta' adozzjoni ta' metodu ta' ttestjar Ewropew ġdid li jqis ukoll kif jirreaġixxu l-uċuħ tat-toroq.*** **[Em. 4]**

(7) Ir-rappreżentattività tal-metodu tal-ittestjar il-ġdid għall-emissjonijiet tal-istorbju fil-kundizzjonijiet normali tat-traffiku hija kkunsidrata tajba, imma hija inqas rappreżentattiva tal-emissjonijiet tal-istorbju fl-agħar kundizzjonijiet. Għalhekk, huwa neċessarju li f'dan ir-Regolament jiġu implimentati dispożizzjonijiet addizzjonali dwar l-emissjoni

[1] ***ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12.***
[2] ĠU L 42, 23.2.1970, p. 16.
[3] ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.
[4] ĠU L 137, 30.5.2007, p. 68.
[5] COM(1996)0540 finali.
[6] ISO 362-1, Measurement of noise emitted by accelerating road vehicles – Engineering method – Part 1 (Il-kejl tal-istorbju emess minn vetturi tat-triq li jaċċeleraw- Metodu ta' Inġinerija – Parti 1): Kategoriji M u N, ISO, Ġinevra, l-Isvizzera, 2007.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

tal-ħoss. Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu rekwiżiti preventivi maħsuba biex ikopru l-kundizzjonijiet tas-sewqan tal-vettura fi traffiku reali lil hinn miċ-ċiklu ta' sewqan tal-approvazzjoni tat-tip. Dawn il-kundizzjonijiet tas-sewqan huma rilevanti għall-ambjent u għandu jiġi assigurat li l-emissjoni tal-ħoss ta' vettura li tinstaq fil-kundizzjonijiet tas-sewqan fit-triq ma tvarjax b'mod sinifikanti minn dak li jista' jkun mistenni mir-riżultat tat-test tal-approvazzjoni tat-tip għal din il-vettura speċifika.

(8) Dan ir-Regolament għandu wkoll ikompli jnaqqas il-limiti tal-istorbju. Dan għandu jqis ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom ([1]), li introduċa rekwiżiti ġodda u aktar stretti dwar l-istorbju tat-tajers tal-vetturi bil-mutur, ***u li enfasizza l-ħtieġa li jkun hemm approċċ koerenti u komprensiv biex tiġi indirizzata l-problema tal-istorbju tat-toroq, inkluż billi jitqies il-kontribut sinifikanti li jagħmlu l-uċuħ tat-toroq għall-istorbju tat-toroq***. ***Dak l-approċċ orizzontali se jnaqqas b'mod aktar effiċjenti l-istorbju ġenerali ġġenerat mit-traffiku fit-triq meta mqabbel ma' approċċ settorjali u vertikali. It-tnaqqis tal-istorbju tat-traffiku fit-toroq għandu jitqies ukoll bħala objettiv tas-saħħa pubblika, fid-dawl ta' studji***. ~~Għandha tingħata attenzjoni lil dawk l-istudji~~ li jenfasizzaw il-fastidju u l-effetti fuq is-saħħa li jkollu l-istorbju ġġenerat mit-traffiku fit-triq ([2]) ([3]), u l-ispejjeż u l-benefiċċji assoċjati miegħu ([4]).***Dan ir-Regolament għandu jqis ukoll ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra*** ([5])***. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li t-tajers ikunu tikkettati fir-rigward tal-prestazzjoni tal-ħoss tagħhom. Barra minn hekk, għandha titqies il-komparabbiltà tal-mezzi tat-trasport mill-aspett ta' storbju ambjentali.*** [Em. 5]

***(8a) Il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida għal toroq "silenzjużi", għall-awtoritajiet tat-toroq sabiex tipprovdilhom strument utli biex ikunu konformi ma' rekwiżiti għal infrastruttura tat-toroq aktar sostenibbli.*** [Em. 6]

***(8b) Is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali stabbilixxa l-qafas għat-tfassil tal-politika ambjentali fl-Unjoni għall-perjodu 2002-2012. Il-programm talab azzjonijiet fil-qasam tal-istorbju biex "inaqqsu b'mod sostanzjali n-numru ta' nies regolarment affettwati minn livelli medji tal-istorbju fit-tul, b'mod partikolari dak iġġenerat mit-traffiku.*** [Em. 7]

***(8c) Il-miżuri tekniċi li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ħoss tal-vetturi bil-mutur jeħtieġu jissodisfaw sett ta' rekwiżiti konkorrenti, bħalma huma dawk li jnaqqsu l-istorbju u l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu u jtejbu s-sikurezza filwaqt li fl-istess ħin il-vettura inkwistjoni tinżamm kemm jista' jkun irħisa u effikaċi. Biex tissodisfa bl-istess mod dawn ir-rekwiżiti kollha u żżomm bilanċ bejniethom, l-industrija tal-karozzi ta' spiss tħabbat wiċċha mal-limiti ta' dak li hu fiżikament possibbli attwalment. Fil-każ tal-iżvilupp awtomobilistiku, dejjem kien possibbli li dan il-limitu jiġi xxiftjat permezz tal-użu ta' materjali u ta' metodi aktar moderni u innovattivi. Sabiex ikun hemm il-possibilità ta' innovazzjoni, jeħtieġ li jkun hemm qafas ċar u ffundat fiż-żmien mill-aspett leġiżlattiv. Dan ir-Regolament jistabbilixxi eżattament tali qafas u b'hekk jipprovdi inċentiv immedjat għall-innovazzjoni b'konformità mal-ħtiġijiet tas-soċjetà, filwaqt li fl-istess ħin ma jillimita bl-ebda mod il-libertà ekonomika tant vitali għall-industrija.*** [Em. 8]

***(8d) It-tniġġis tal-istorbju huwa primarjament problema lokali li teħtieġ soluzzjoni fil-livell tal-Unjoni. L-ewwel pass ta' kwalunkwe politika sostenibbli fir-rigward tal-emissjonijiet tal-istorbju għandu jkun dak li jiġu stabbiliti miżuri mmirati lejn is-sors tal-ħoss. Is-sors tal-istorbju, li huwa l-vettura, li għalih jirreferi dan ir-Regolament, huwa sors kompletament mobbli, għalhekk il-miżuri nazzjonali esklussivi ma jistgħux jaffrontawh b'mod xieraq.*** [Em. 9]

***(8e) Jistgħu jittieħdu passi maġġuri biex l-infrastruttura tiġi żviluppata u mtejba b'tali mod li jimmassimizza t-tnaqqis tal-istorbju tal-vetturi, bħal pereżempju permezz tal-użu fuq skala kbira ta' lqugħ kontra l-istorbju.*** [Em. 10]

---

([1]) ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1.

([2]) Knol, A.B., Staatsen, B.A.M., Trends in the environmental burden of disease in the Netherlands (Xejriet fil-piż ambjentali tal-mard fil-Pajjiżi l-Baxxi) 1980 – 2020, rapport RIVM 500029001, Bilthoven, il-Pajjiżi l-Baxxi, 2005; http://www.rivm.nl/bibliotheek/rapporten/500029001.html.

([3]) WHO-JRC study on the burden of disease from environmental noise, quantification of healthy life years lost in Europe (studju dwar il-piż tal-mard li ġej mill-istorbju ambjentali, kwantifikazzjoni ta' snin ta' ħajja b'saħħitha mitlufa fl-Ewropa); http://www.euro.who.int/en/what-we-do/health-topics/environment-and-health/noise/publications/2011/burden-of-disease-from-environmental-noise.-quantification-of-healthy-life-years-lost-in-europe.

([4]) Evalwazzjoni tal-Istorbju – Dokument ta' Pożizzjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa u l-Aspetti Soċjoekonomiċi, il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġeneral tal-Ambjent, Brussell, 4 ta' Diċembru 2003; www.ec.europa.eu/environment/noise/pdf/valuatio_final_12_2003.pdf

([5]) ***ĠU L 342, 22.12.2009, p. 46.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(9) Il-valuri ta' limitu globali għandhom jitnaqqsu fir-rigward tas-sorsi kollha tal-istorbju tal-vetturi bil-mutur inklużi d-dħul tal-arja fuq il-power train u l-egżost filwaqt li jitqies il-kontribut tat-tajers għat-tnaqqis tal-istorbju indirizzat fir-Regolament (KE) Nru 661/2009.

*(9a)* ***L-għoti ta' informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-ħoss lill-konsumaturi, lill-maniġers tal-flotot tal-karozzi u lill-awtoritajiet pubbliċi jista' jinfluwenza d-deċiżjonijiet ta' xiri u jħaffef il-bidla għal flotta tal-vetturi aktar silenzjuża. Sabiex tingħata l-informazzjoni meħtieġa lill-konsumaturi, il-manifattur għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-livelli tal-istorbju tal-vetturi b'konformità mal-metodi armonizzati ta' ttestjar fil-punt tal-bejgħ u fil-materjal promozzjonali tekniku. Tikketta li tkun komparabbli għat-tikketti użati għall-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil u l-istorbju tat-tajers, għandha tinforma lill-konsumaturi dwar l-emissjonijiet tal-ħoss ta' vettura.*** **[Em. 11]**

*(9b)* ***It-tagħrif relatat mal-istorbju, inkluża data tat-testijiet, għandu jkun disponibbli u espost b'mod ċar fil-punti ta' bejgħ u fil-materjal promozzjonali għall-vetturi.*** **[Em. 18]**

*(9c)* ***Sabiex jitnaqqas l-istorbju tat-traffiku, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jistabbilixxu miżuri u inċentivi biex jitħaffef ix-xiri u l-użu ta' vetturi anqas storbjużi.*** **[Em. 12]**

*(9d)* ***Il-livelli tal-istorbju tal-vetturi huma parzjalment dipendenti fuq l-ambjent li fihom ikunu qed jivvjaġġaw il-vetturi, b'mod partikolari l-kwalità tal-infrastruttura tat-toroq u l-ġestjoni intelliġenti tas-sistemi tat-traffiku fit-toroq. Għandha tiġi kkunsidrata, għalhekk, l-adozzjoni ta' approċċ integrat, b'mod partikolari fiż-żoni urbani l-aktar storbjużi u f'każijiet fejn tinħtieġ azzjoni ta' malajr.*** **[Em. 13]**

*(9e)* ***F'dak li jirrigwarda l-karozzi, fi vjaġġ li jsir b'veloċità medja ta' inqas minn 45 km/h, jippredomina l-istorbju tal-magna u tas-sistema tal-egżost, fil-każ ta' vjaġġi b'veloċità aktar minn 45 km/h, jiddomina l-istorbju tat-tajers u tar-riħ. Dan l-istorbju huwa preżenti indipendentement mit-tip ta' magna u mill-prestazzjoni tagħha. L-iżvilupp tal-vetturi sa mis-sebgħinijiet għamilha possibbli li jinbnew magni ħafna aktar silenzjużi, iżda bħala medja, aktar qawwija u itqal. Minħabba dan tal-aħħar, u sabiex ikun hemm aktar sigurtà tas-sewqan, kien hemm żieda fil-piż tal-vettura kollha, li kienet tinvolvi t-twessigħ tal-wiċċ ta' kuntatt tat-tajers bl-għan li tiżdied l-istabilità tas-sewqan. It-twessigħ ta' tali wċuħ jinvolvi żieda fl-istorbju tat-tidwir tat-tajers tal-vettura.*** **[Em. 14]**

*(9f)* ***L-istorbju huwa kwistjoni multidimensjonali b'diversi sorsi u fatturi li jaffettwaw il-ħoss li jesperjenzaw il-persuni u l-impatt tiegħu fuqhom. Il-leġiżlazzjoni biex jitnaqqas l-istorbju tat-traffiku teħtieġ li tirrifletti dawn l-aspetti billi tqis, l-istorbju ġġenerat mill-magna, mit-tajers u mill-vettura, l-uċuħ tat-toroq, l-imġiba fis-sewqan u l-ġestjoni tat-traffiku u għandha tiġi indirizzata f'leġiżlazzjoni bħar-Regolament (KE) Nru 1222/2009 u d-Direttiva 2002/49/KE.*** **[Em. 15]**

(10) Il-benefiċċji ambjentali mistennija minn vetturi tat-trasport fit-triq li huma elettriċi u ibridi u dawk li huma purament elettriċi rriżultaw fi tnaqqis sostanzjali tal-istorbju emess minn dawn it-tipi ta' vetturi. Dan irriżulta fit-tneħħija ta' sors importanti ta' sinjal bil-ħoss li jintuża minn persuni mexjin fit-triq u ċiklisti li huma għomja jew ma tantx jaraw, fost nies l-oħra li jużaw it-triq, biex ikunu aktar konxji tal-avviċinament, il-preżenza jew it-tluq ta' dawn il-vetturi. Għal dak il-għan, l-industrija qed tiżviluppa sistemi akustiċi sabiex tikkompensa għal dan in-nuqqas ta' sinjal bil-ħoss f'vetturi elettriċi u dawk elettriċi u ibridi. Il-prestazzjoni ta' sistemi li jagħmlu ħoss meta l-vettura tkun qed tavviċina u li jkunu mwaħħla mal-vetturi għandha tkun armonizzata. It-twaħħil ta' dawn is-sistemi għandu madankollu, jibqa' alternattiva għad-diskrezzjoni tal-manifatturi tal-vetturi.

*(10a)* ***Il-Kummissjoni għandha teżamina l-potenzjal ta' sistemi attivi ta' sikurezza f'vetturi aktar siekta bħalma huma l-vetturi ibridi u elettriċi biex isir konribut aħjar għall-objettiv li tittejjeb is-sikurezza ta' utenti vulnerabbli tat-toroq f'żoni urbani, bħal persuni mexjin fit-triq, ċiklisti u tfal għomja jew li jbagħtu viżwalment u mis-smigħ.*** **[Em. 16]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***(10b)*** ***Il-livelli tal-istorbju ta' vetturu għandhom impatt dirett fuq il-kwalità tal-għajxien taċ-ċittadini tal-Unjoni, b'mod partikolari fiż-żoni urbani fejn hemm ftit jew xejn mezzi tat-trasport pubbliku li jaħdmu bl-elettriku jew taħt l-art, ċikliżmu jew mixi. Għandu jitqies ukoll l-objettiv li ffissa l-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport*** [1]***, li jirdoppja l-għadd ta' utenti tal-mezzi tat-trasport pubbliku. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, jippromwovu t-trasport pubbliku, il-mixi u ċ-ċikliżmu, bl-għan li jitnaqqas it-tniġġis ikkawżat mill-istorbju fiż-żoni urbani.*** [Em. 17]

***(10c)*** ***Il-livell ta' storbju ta' vettura jiddependi parzjalment mill-mod ta' kif tiġi użata u minn kemm tinżamm tajjeb wara li tkun inxtrat. F'dan ir-rigward, għandhom jittieħdu passi biex titqajjem kuxjenza pubblika fl-Unjoni dwar kemm hu importanti li jiġi adottat stil ta' sewqan b'veloċità stabbli u li dak li jkun ma jaqbiżx il-limiti tal-veloċità li jkunu fis-seħħ f'kull Stat Membru.*** **[Em. 19]**

(11) Sabiex tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni, skont ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport CARS 21 tal-2007 [2], huwa xieraq li dan ir-Regolament ikun ibbażat fuq ir-Regolament tal-UNECE Nru 51 dwar l-emissjonijiet tal-istorbju fir-rigward tal-metodu tal-ittestjar u r-Regolament Nru 59 dwar is-sistemi tas-sajlensersajlensers [3] fir-rigward tas-sistemi tas-sajlensersajlensers tal-egżost ta' sostituzzjoni

(12) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' ~~tissostitwixxi~~***tadatta*** r-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament ~~b'referenza diretta għar-Regolamenti tal-UNECE Nru 51 u Nru 59 ġaladarba l-valuri ta' limitu dwar il-metodu tal-ittestjar ġdid ikunu stipulati f'dawn ir-Regolamenti, jew biex tkun tista' tadatta dawn ir-rekwiżiti~~ għal żviluppi tekniċi u xjentifiċi, il-Kummissjoni għandha tiġi delegata s-setgħa li tadotta atti b'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ~~fir-rigward tal-emenda tad-dispożizzjonijiet fl-Annessi ma'~~ ***biex temenda l-Annessi ta'*** dan ir-Regolament ~~dwar il-metodi tal-ittestjar u l-livelli ta' ħoss~~***relatati mal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-livell tal-ħoss tat-tipi ta' vetturi u tas-sistemi tal-egżost, il-metodi u l-istrumenti għall-kejl tal-istorbju li jagħmlu l-vetturi bil-mutur, is-sistemi tas-sajlenser, l-istorbju tal-arja kkumpressata, il-kontrolli tal-konformità tal-produzzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tas-siti tat-testjar, il-metodi ta' kejl għal dispożizzjonijiet addizzjonali fir-rigward tal-emissjoni tal-ħsejjes, u l-miżuri li jiżguraw il-livell tal-ħoss tal-vetturi elettriċi u ibridi***. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, ***inkluż fil-livell ta' esperti***. Meta tkun qiegħda tipprepara u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. **[Em. 20]**

***(12a)*** ***Il-potenzjal ta' tnaqqis tal-istorbju minn ras il-għajn, li hu l-għan ta' dan ir-Regolament, huwa inferjuri għal dak tal-kisi tat-triq li jiġu f'kuntatt magħha t-tajers. It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-istorbju fil-każ ta' dan tal-aħħar, ikun ħafna aktar sempliċi mill-aspett tekniku. Minħabba d-disponibilità tat-tipi ta' asfalt bħall-asfalt silenzjuż, l-asfalt bi kwalitajiet ta' tnaqqis tal-istorbju jew l-asfalt ottimizzat għall-istorbju, li jiġu integrati f'approċċ olistiku li jikkombina diversi miżuri sempliċi tal-bini, lokalment jista' jkun akkwistat tnaqqis ta' madwar 10 dB. Dan l-approċċ effikaċi għal sorsi ta' storbju esklussivament lokali ma jiġix ikkunsidrat fir-Regolament attwali għax l-applikazzjoni tkun ta' strapazz kbir għall-baġits statali, speċjalment għall-entitajiet lokali. Fiż-żminijiet tal-kriżi finanzjarja, ikun diffiċli li dan ikun sostnut u dan jista' jaffettwa, min-naħa l-oħra, is-setturi tal-politika reġjonali u strutturali.*** **[Em. 21]**

(13) B'konsegwenza tal-applikazzjoni ta' qafas regolatorju ġdid permezz ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva 70/157/KEE għandha tiġi rrevokata,

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

[1] ***Testi adottati P7_TA(2011)0584.***

[2] CARS 21: A Competitive Automotive Regulatory System for the 21st Century (Sistema Regolatorja Kompetittiva tal-Karozzi għas-seklu 21), 2006: http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/automotive/files/pagesbackground/competitiveness/cars21finalreport_en.pdf

[3] ĠU L 326, 24.11.2006, p. 43.

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-vetturi ġodda kollha msemmija fl-Artikolu 2 fir-rigward tal-livell tal-ħoss tagħhom u sistemi tal-egżost tagħhom u għall-bejgħ u t-tħaddim ta’ partijiet u tagħmir maħsub għal dawn il-vetturi.

Artikolu 2

Kamp ta’ applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-vetturi tal-kategoriji $M_1$, $M_2$, $M_3$, $N_1$, $N_2$ u $N_3$, kif iddefinit fl-Anness II mad-Direttiva 2007/46/KE u għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati mfassla u mibnija għal dawn it-tipi ta’ vetturi.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “approvazzjoni ta’ vettura” tfisser l-approvazzjoni tat-tip ta’ vettura fir-rigward tal-istorbju;

(2) “tip ta’ vettura” tfisser:

*(a)* ***għall-vetturi, ittestjati skont l-Anness II, paragrafu 4.1.2.1,*** sett ta’ vetturi kif iddefinit fl-Anness II Parti B mad-Direttiva 2007/46/KE.

***(b) għall-vetturi, ittestjati skont l-Anness II, paragrafu 4.1.2.2, sett ta’ vetturi li mhumiex essenzjalment differenti f’tali aspetti bħalma huma:***

***(i) l-għamla jew il-materjali tal-qafas (partikolarment il-kompartament tal-magna u l-protezzjoni kontra l-ħsejjes tagħha);***

***(ii) it-tip ta’ magna (pereżempju tqabbid bl-ispark plaggs jew tqabbid bil-kompressjoni, b’żewġ strowks jew b’erba’ strowks, b’pistun reċiprokanti jew rotatorju), in-numru u l-kapaċità taċ-ċilindri, it-tip ta’ sistema ta’ injezzjoni, l-arranġament tal-valvoli, il-veloċità kklassifikata tal-magna (S), jew it-tip ta’ mutur elettriku. Vetturi bl-istess tip ta’ magna iżda rapporti ġenerali bejn il-gerijiet differenti, jistgħu jitqiesu bħala vetturi tal-istess tip.***

***Madankollu, jekk id-differenzi ta’ hawn fuq jirriżultaw mill-użu ta’ metodu tal-ittestjar differenti, dawn id-differenzi għandhom jitqiesu bħala bidla tat-tip.*** **[Em. 22]**

(3) “massa massima” tfisser il-massa massima teknikament permissibbli ddikjarata mill-manifattur tal-vettura.

B’deroga mill-punt (3), il-massa massima tista’ tkun akbar mill-massa massima awtorizzata mill-amministrazzjoni tal-Istati Membri;

(4) “il-qawwa kkalkulata tal-magna” tfisser il-qawwa tal-magna espressa f’kW (UNECE) u mkejla bil-metodu tal-UNECE skont ir-Regolament tal-UNECE Nru 85 ([1]);

(5) “tagħmir standard” tfisser il-konfigurazzjoni bażika ta’ vettura inklużi l-karatteristiċi kollha li huma mwaħħla mingħajr ma tagħti lok għall-ebda speċifikazzjoni oħra dwar il-konfigurazzjoni jew il-livell tat-tagħmir iżda mgħammra bil-karatteristiċi kollha meħtieġa skont l-atti regolatorji msemmija fl-Anness IV jew l-Anness XI mad-Direttiva 2007/46/KE;

(6) “massa tas-sewwieq” tfisser massa kkalkulata fuq 75 kg li tinsab fil-punt ta’ referenza ta’ fejn qiegħed bilqiegħda s-sewwieq;

(7) “massa tal-vettura f’kundizzjoni ta’ sewqan” ($m_{ro}$) tfisser il-massa tal-vettura inkluża l-massa tas-sewwieq, tal-fjuwil u tal-likwidi, mgħammra bit-tagħmir standard skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur.

([1]) ĠU L 326, 24.11.2006, p. 55.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Meta mwaħħla, il-massa tal-karrozzerija, il-kabina, it-tagħmir tal-iggançjar u l-istepni(s) kif ukoll l-għodda għandhom jiġu inklużi.

It-tank(ijiet) tal-fjuwil għandu(għandhom) ikun(u) mimlija sa mill-inqas 90 % tal-kapaċità tiegħu(tagħhom);

(8) "il-veloċità kklassifikata tal-magna" (S) tfisser il-veloċità ddikjarata tal-magna f'$min^{1}$ (rpm) li fiha l-magna tiżviluppa l-qawwa netta massima kkalkulata tagħha skont ir-Regolament tal-UNECE Nru 85 jew, fejn il-qawwa netta massima kklassifikata tintlaħaq f'diversi veloċitajiet tal-magna, fl-ogħla veloċità;

(9) "l-indiċi tal-proporzjon tal-qawwa mal-massa" (PMR) tfisser kwantità numerika kkalkulata skont il-formola stipulata fil-punt 4.1.2.1.1. tal-Anness II;

(10) "punt ta 'referenza" tfisser wieħed mill-punti li ġejjin:

(a) fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji $M_1$, $N_1$:

(i) għall-vetturi bil-***magna*** quddiem, it-tarf ta' quddiem tal-vettura;

(ii) għall-vetturi bil-***magna*** fin-nofs, iċ-ċentru tal-vettura;

(iii) għall-vetturi bil-***magna*** wara, it-tarf ta' wara tal-vettura.

(b) fil-każ tal-vetturi tal-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ it-tarf tal-magna l-eqreb tal-parti ta' quddiem tal-vettura.

(11) "aċċelerazzjoni mira" tfisser aċċelerazzjoni f'kundizzjoni meta l-aċċelleratur ikun parzjalment miftuħ fi traffiku urban kif derivat minn investigazzjonijiet statistiċi;

(12) "aċċelerazzjoni ta' referenza" tfisser l-aċċelerazzjoni meħtieġa waqt it-test tal-aċċelerazzjoni fuq il-mogħdija tat-test;

(13) "fattur differenzjat tal-proporzjon tal-ger" (k) tfisser kwantità numerika li tintuża biex tiġbor flimkien ir-riżultati tat-test taż-żewġ proporzjonijiet tal-gerijiet għat-test tal-aċċelerazzjoni u għat-test tal-veloċità kostanti;

(14) "fattur ta' qawwa parzjali" ($k_P$) tfisser kwantità numerika bl-ebda dimensjoni li tintuża għall-kombinazzjoni differenzjata tar-riżultati tat-testijiet tat-test tal-aċċelerazzjoni u tat-test tal-veloċità kostanti għall-vetturi;

(15) "preaċċelerazzjoni" tfisser l-applikazzjoni ta' tagħmir għall-kontroll tal-aċċelerazzjoni qabel AA' sabiex tintlaħaq aċċelerazzjoni stabbli bejn AA' u BB' kif imsemmi fil-figura 1 fl-Appendiċi 1 tal-Anness II;

(16) proporzjonijiet ta' gerijiet illokjati" tfisser il-kontroll tat-trażmissjoni b'tali mod li matul test il-ger tat-trażmissjoni ma jistax jitbiddel;

(17) "familja tad-disinn ta' sistema ta' sajlensersajlensers jew komponenti ta' sistema ta' sajlensersajlensers" tfisser grupp ta' sistemi ta' sajlensersajlensers jew komponenti tagħhom li fihom il-karatteristiċi kollha li ġejjin huma l-istess:

(a) il-preżenza ta' fluss tal-gass nett tal-gassijiet tal-egżost permezz tal-materjal fibruż assorbenti meta f'kuntatt ma' dak il-materjal;

(b) it-tip tal-fibri;

(c) fejn applikabbli, speċifikazzjonijiet tal-materjal tal-lega;

(d) dimensjonijiet medji tal-fibra;

(e) id-densità minima tal-materjal bil-kwantità tal-imballaġġ f'$kg/m^3$;

(f) il-wiċċ ta' kuntatt massimu bejn il-fluss tal-gass u l-materjal assorbenti;

(18) "sistema ta' sajlenser" tfisser sett komplut ta' komponenti meħtieġa biex ikun limitat l-istorbju magħmul minn magna u l-egżost tagħha;

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(19) "sistema ta' sajlenser ta' tipi differenti" tfisser sistemi ta' sajlenser li huma differenti b'mod sinifikanti fir-rigward ta' mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ismijiet kummerċjali jew marki kummerċjali tal-komponenti tagħhom;

(b) il-karatteristiċi tal-materjali li jikkostitwixxu l-komponenti tagħhom, minbarra l-kisi ta' dawn il-komponenti;

(c) il-forma jew id-daqs tal-komponenti tagħhom;

(d) il-prinċipji operattivi ta' mill-inqas wieħed mill-komponenti tagħhom;

(e) l-armar tal-komponenti tagħhom;

(f) l-għadd ta' sistemi ta' sajlensers jew il-komponenti tagħhom;

(20) "sistema tas-sajlensers ta' sostituzzjoni jew il-komponenti tal-imsemmija sistema" tfisser kull parti tas-sistema ta' sajlensers definita fil-punt (17) maħsuba għall-użu fuq vettura, minbarra parti mit-tip imwaħħla fuq din il-vettura meta sottomessa għall-approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament;

(21) "Sistemi Akustika ta' Twissija tal-Vettura" (AVAS) huma sistemi għall-vetturi tat-trasport fit-triq elettriċi u dawk elettriċi u ibridi li jipprovdu informazzjoni dwar it-tħaddim tal-vetturi lil persuni mexjin fit-triq u lil dawk li jużaw it-triq u li huma vulnerabbli;

***(21a) "punt tal-bejgħ" tfisser post fejn il-vetturi jinħażnu u jiġu offruti għall-bejgħ lill-konsumaturi;*** **[Em. 23]**

***(21b) "materjal promozzjonali tekniku" tfisser fuljetti, katalogi u manwali tekniċi, (kemm jekk f'sura stampata, elettronika jew onlajn), kif ukoll siti fuq l-Internet, li l-għan tagħhom ikun li jippromwovu vetturi fost il-pubbliku ġenerali.*** **[Em. 24]**

Artikolu 4

Obbligi ġenerali tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri ma jistgħux, fuq kriterji relatati mal-livell permissibbli tal-ħoss u s-sistema ta' egżost, jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew dik nazzjonali fir-rigward ta' tip ta' vettura bil-mutur jew tip ta' sistema tal-egżost jew komponent ta' tali sistema meqjusa bħala unità teknika separata fejn il-kundizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:

(a) il-vettura tissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness I,

(b) is-sistema tal-egżost jew kull komponent tagħha, ikkunsidrata bħala unità teknika separata fi ħdan it-tifsira tal-punt (25) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/46/KE tissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness X ma' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri ma jistgħux, minħabba raġunijiet relatati mal-livell permissibbli tal-ħoss u s-sistema tal-egżost, jirrifjutaw jew jipprojbixxu l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' kull vettura li fiha l-livell tal-ħoss u s-sistema tal-egżost jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness I.

3. L-Istati Membri ma jistgħux, minħabba raġunijiet relatati mal-livell permissibbli tal-ħoss u s-sistema tal-egżost, jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' sistema tal-egżost jew kull komponent tagħha kkunsidrati bħala unità teknika separata fi ħdan it-tifsira tal-punt (25) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/46/KE jekk din tkun konformi ma' tip li fir-rigward tiegħu ngħatat approvazzjoni skont dan ir-Regolament.

***3a. Meta jkunu qegħdin iwettqu verifiki tekniċi fuq il-vetturi, l-Istati Membri għandhom ikejlu l-livell tal-istorbju abbażi ta' data fl-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal kull tip ta' vettura.*** **[Em. 25]**

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***Artikolu 4a***

***Monitoraġġ***

***L-Istati Membri għandhom, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti*** [1]***, jiggarantixxu l-monitoraġġ effettiv tas-suq tagħhom. Għandhom jagħmlu kontrolli adegwati fuq il-karatteristiċi ta' prodotti fuq skala adegwata, skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament.*** **[Em. 26]**

Artikolu 5

Obbligi ġenerali tal-manifatturi

1. Il-manifatturi għandhom jassiguraw li l-vettura, il-magna tagħha u s-sistema għat-tnaqqis tal-istorbju hija mfassla, mibnija u mmuntata b'tali mod li l-vettura, fl-użu normali, tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, minkejja l-vibrazzjoni li tista' tkun soġġetta għaliha.

2. Il-manifatturi għandhom jassiguraw li s-sistema għat-tnaqqis tal-istorbju tkun imfassla, mibnija u mmuntata b'tali mod li tkun tista' tirreżisti raġonevolment il-fenomeni korrożivi li tiġi esposta għalihom filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tal-użu tal-vettura ***u d-differenzi tal-klimi reġjonali***. **[Em. 27]**

3. Il-manifattur hu responsabbli quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċess ta' approvazzjoni u biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni, kemm jekk il-manifattur ikun involut direttament fl-istadji kollha tal-kostruzzjoni ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kif ukoll jekk le.

Artikolu 6

Valuri ta' limitu

***Il-kundizzjonijiet tal-ittestjar stipulati fl-Anness II għandhom iqisu l-kundizzjonijiet tipiċi tas-sewqan fit-triq u r-rekwiżiti tal-ittestjar tal-komponenti essenzjali oħra tal-vettura, li diġà huma koperti mir-Regolament (KE) Nru 661/2009.*** Il-livell tal-ħoss imkejjel skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II ***u mqarreb għall-eqreb numru sħiħ*** ma għandux jaqbeż il-limiti stipulati fl-Anness III. **[Em. 28]**

Artikolu7

Klawsola ta' reviżjoni

~~1.~~ ~~Fi żmien tliet snin~~ Wara d-data msemmija fl-Anness III, it-tielet kolonna, fażi 1, ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha ~~twettaq studju ddettaljat biex taċċerta jekk il-limiti~~***tlesti rieżami*** tal-limiti tal-istorbju ~~jkunux xierqa jew le~~. ***fl-Anness III. Dak ir-rieżami għandu jinkludi valutazzjoni tal-impatt li tinkludi valutazzjoni ġenerali tal-impatt fuq l-industrija tal-karozzi u b'mod partikolari fuq l-industriji li jiddependu minnha, filwaqt li titqies l-influwenza ta' Regolamenti oħra – bħal dawk fil-qasam tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$, u tas-sikurezza – fuq il-livell tal-ħoss ta' vetturi bil-mutur***. Abbażi ~~tal-konklużjonijiet tal-istudju,~~***ta' tali rieżami u tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha*** il-Kummissjoni ~~tista', fejn~~***għandha***, ***jekk ikun*** xieraq, ~~tippreżenta l-proposti għall-emenda ta'~~***tagħmel proposta sabiex temenda*** dan ir-Regolament ***b'mod li jkun newtrali kemm jista' jkun mill-aspett tal-kompetizzjoni. Il-valuri ta' limitu msemmija fl-Anness III, ir-raba' kolonna fażi 2, għandhom jidħlu fis-seħħ sitt snin wara l-konferma tal-valutazzjoni tal-impatt u t-tlestija tal-proċess ta' reviżjoni tal-Kummissjoni.*** **[Em. 29]**.

***Il-proposti għal emendi għal dan ir-Regolament imressqa skont l-ewwel paragrafu għandhom iqisu l-istandards il-ġodda stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, b'mod partikolari l-istandard ISO 10844:2011.*** **[Em. 30]**

---

[1] ***ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet dwar l-emissjoni tal-ħoss addizzjonali (ASEP)

1. Għandhom japplikaw il-paragrafu 2 sal-paragrafu 6 u t-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu għall-vetturi tal-kategoriji $M_1$ u $N_1$ mgħammra b'magna tal-kombustjoni interna.

***Il-vetturi għandhom awtomatikament jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness X jekk il-manifattur tal-vetturi jressaq id-dokumenti tekniċi lill-awtorità għall-approvazzjoni tat-tip li juru d-differenza bejn il-veloċità massima u minima tal-magna tal-vetturi għal BB'[1] ≤ 0,15 x S, għal kwalunkwe kundizzjoni ta' test fi ħdan il-firxa ta' kontroll ASEP iddefinita fil-punt 3.3. tal-Anness VIII rigward il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.***

***Il-vetturi tal-kategorija $N_1$ huma eżentati mill-ASEP jekk waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tiġi sodisfatta:***

***(a) Il-kapaċità tal-magna ≤ 660 ccm u l-indiċi tal-proporzjon bejn il-potenza u l-massa PMR ikkalkulati bl-użu tal-massa tal-vettura massima awtorizzata ≤ 35;***

***(b) Tagħbija ≤ 850 kg u l-indiċi tal-proporzjon bejn il-potenza u l-massa PMR ikkalkulat bl-użu tal-massa tal-vettura massima awtorizzata ≤ 40.*** **[Em. 31]**

Il-vetturi għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness X, jekk il-manifattur tal-vettura jipprovdi d-dokumenti tekniċi lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li juru li d-differenza bejn il-veloċità massima u dik minima tal-magna tal-vetturi f'BB' [1], għal kull kundizzjoni tat-test ġewwa l-medda ta' kontroll ASEP definita fil-punt 3.3. tal-Anness VIII, fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness II, mhijiex aktar minn 0,15 x S.

***Il-vetturi tal-kategorija $N_1$ huma eżentati mill-ASEP jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:***

***(a) Il-kapaċità tal-magna ma taqbiżx is-660 ccm u l-indiċi tal-proporzjon tal-qawwa mal-massa (PMR) ikkalkolat bl-użu tal-massa massima awtorizzata tal-vettura ma jaqbiżx il-35;***

***(b) It-tagħbija kummerċjali hija tal-anqas ta' 850 kg u l-indiċi tal-proporzjon tal-qawwa mal-massa (PMR) ikkalkolat bl-użu tal-massa massima awtorizzata tal-vettura ma jaqbiżx l-40;*** **[Em. 32]**

2. L-emissjoni tal-ħoss tal-vettura f'kundizzjonijiet tipiċi ta' sewqan fit-triq, li huma differenti minn dawk li fihom sar it-test għall-approvazzjoni tat-tip stipulat fl-Anness II, ma għandhomx jiddevjaw mir-riżultat tat-test ~~b'mod mhux raġonevoli~~. **[Em. 33]**

3. Il-manifattur tal-vettura ma għandux jibdel, jimmodifika, jew jintroduċi intenzjonalment tagħmir mekkaniku, elettroniku, termali jew tagħmir ieħor jew proċeduri li ma jintużawx fis-sewqan tipiku fit-triq skont il-kundizzjonijiet applikabbli għall-ASEP bl-intenzjoni biss li jissodisfa r-rekwiżiti għall-emissjoni tal-istorbju skont dan ir-Regolament. ***Dawn il-miżuri tipikament jissejħu 'cycle beating.*** **[Em. 34]**

4. Il-vettura għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness VIII ma' dan ir-Regolament.

5. Fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip, il-manifattur għandu jipprovdi dikjarazzjoni ***sostnuta bl-eżitu tar-riżultati xierqa tat-test,*** stabbilita b'konformità mal-mudell stipulat fl-Appendiċi 1 tal-Anness VIII, li t-tip ta' vettura li se tiġi approvata tikkonforma mar-rekwiżiti ~~tal-Artikoli 8(1) u 8(2).~~***tal-Artikolu 8.*** **[Em. 35]**

***Artikolu 8a***

***Informazzjoni għal konsumatur***

***Il-manifatturi u d-distributuri tal-vetturi għandhom jiżguraw li l-livell tal-istorbju f'decibels (dB(A)) b'konformità mal-metodi armonizzati ta' ttestjar tal-approvazzjoni tat-tip għal kull vettura jintwerew f'post prominenti fil-punt tal-bejgħ u fil-materjal promozzjonali tekniku.***

(1) Kif imsemmi fil-Figura 1 fl-Appendiċi 1 tal-Anness II ma' dan ir-Regolament.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

***Wara valutazzjoni tal-impatt komprensiva, il-Kummissjoni għandha, fi żmien sentejn mis-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, u b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar informazzjoni tal-konsumatur. Tali proposta tista' tiġi integrata fid-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 relatata mad-disponibilità ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u emissjonijiet tas-CO2 rigward il-marketing ta' karozzi tal-passiġġieri ġodd*** [1]. ***[Em. 36]***

***Artikolu 8b***

***Il-klassifikazzjoni u l-kwalità tas-superfiċje tat-triq***

***Il-Kummissjoni għandha, b'konformità mal-għażla taż-żmien għar-rieżami stipulata fid-Direttiva 2002/49/KE, tivvaluta l-possibilità li tiġi introdotta sistema ta' klassifikazzjoni tat-toroq li tikkaratterizza l-ħoss tipiku tad-dawrien fuq kull triq fl-Unjoni, u jekk ikun xieraq tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.***

***Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-inkorporazzjoni fil-proposta tagħha ta' rekwiżit fuq l-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kwalitajiet tas-superfiċje tat-triq fil-mapep strateġiċi tal-istorbju li hemm provvediment għalihom fid-Direttiva 2002/49/KE.*** **[Em. 37]**

Artikolu 9

Sistema Akustika ta' Twissija tal-Vettura (AVAS)

~~Meta~~ Il-manifatturi ~~jagħżlu~~***għandhom*** jinstallaw l-AVAS fil-vetturi ***Il-ħoss li jrid jiġi ġġenerat mill-AVAS għandu jkun ħoss kontinwu li jipprovdi informazzjoni lil persuni għaddejjin bil-mixi u utenti vulnerabbli tat-toroq, li vettura qiegħda titħaddem. Il-ħoss għandu jkun faċilment indikattiv tal-imġiba tal-vettura u jista' jkun simili għall-ħoss ta' vettura tal-istess kategorija mgħammra b'magna tal-kombustjoni interna u li topera fl-istess kundizzjonijiet, u r-rekwiżiti tal-Anness IX*** , ir-rekwiżiti ~~tal-Anness X~~ għandhom jiġu sodisfatti.

***Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tivvaluta l-ħtieġa li terġa' teżamina dan ir-Regolament, filwaqt li tqis, inter alia, jekk is-sistemi attivi ta' sikurezza jistgħux iservu aħjar l-objettiv li tittejjeb is-sikurezza tal-utenti vulnerabbli tat-toroq fiż-żoni urbani, flimkien ma', jew b'paragun ta', sistemi akustiċi li jwissu dwar il-preżenza ta' vettura u għandha, fejn ikun xieraq u b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li tipprevedi livell massimu tal-ħoss għall-AVAS installati fil-vetturi.*** **[Em. 66]**

Artikolu 10

Emenda tal-Annessi

1. Il-Kummissjoni għandha, ***sabiex tadatta r-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi,*** tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati ***b'konformità mal-Artikolu 11*** biex temenda ~~l-Annessi I sa XI.~~***l-Annessi I sa II u IV sa XII***. **[Em. 39]**

2. Meta il-valuri ta' limitu relatati mal-metodu tal-ittestjar ikunu stabbiliti fir-Regolament tal-UNECE Nru 51, il-Kummissjoni għandha ***tivvaluta l-possibilità li*** tissostitwixxi r-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-Anness III b'referenza diretta għar-rekwiżiti korrispondenti tar-Regolamenti tal-UNECE Nru 51 u Nru 59 ***bil-kundizzjoni li dawn ma jwasslux għal dgħufija tal-istandards ambjentali u tas-saħħa tal-Unjoni, u filwaqt li tqis kif xieraq l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u, jekk ikun xieraq, għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex l-Anness III jiġi emendat b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.*** **[Em. 40]**.

Artikolu 11

Eżerċitar tad-Delegazzjoni

1. ~~Is-setgħat tal-adozzjoni ta'~~ ***Is-setgħa li tadotta*** atti ddelegati ~~huma kkonferiti~~***hija kkonferita*** lill-Kummissjoni bla ħsara għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu. **[Em. 41]**

[1] ***ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16.***

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 10(1) għandhom ikunu kkonferiti lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ~~żmien indeterminat~~***ħames snin*** mid-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġġedded b'mod taċitu għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jopponi tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.*** **[Em. 42]**

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'din id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' ebda att iddelegat diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 10(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika tal-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ~~b'xahar~~ ***b'xahrejn*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. **[Em. 44]**

~~*Artikolu 12*~~

~~*Oġġezzjonijiet għal atti ddelegati*~~

~~1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att iddelegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.~~

~~2. Jekk, meta jiskadi dan il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att iddelegat, jew jekk, qabel din id-data, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu infurmaw lill-Kummissjoni Ewropea li huma ddeċidew li ma joġġezzjonawx, l-att iddelegat jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fid-dispożizzjonijiet tiegħu.~~

~~3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għall-att iddelegat adottat, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni għall-att iddelegat.~~ **[Em. 45]**

~~Artikolu 13~~

~~Proċedura ta' urġenza~~

~~1. L-atti ddelegati adottati skont l-Artikolu 10(1) għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att iddelegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.~~

~~2. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att iddelegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(5). F'tali każ, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att bla dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.~~**[Em. 46]**

Artikolu 14

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament ma għandu jinvalida l-ebda approvazzjoni tat-tip tal-UE mogħtija għal vetturi jew għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati qabel id-data stipulata fl-Artikolu 16.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom ikomplu jagħtu estensjoni tal-approvazzjonijiet lil dawk il-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati skont it-termini tad-Direttiva 70/157/KEE.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

3. Sa … (*), vetturi b'ingranaġġ tas-serje ibridi, li għandhom magna tal-kombustjoni addizzjonali bl-ebda gganċjar mekkaniku għall-ingranaġġ, għandhom ikunu esklużi mir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu 8.

Artikolu 15

Revoka

1. Id-Direttiva 70/157/KEE hija rrevokata.

2. Ir-referenzi għad-Direttiva rrevokata għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stipulata fl-Anness XII.

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Ghandu japplika minn… (**)

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …

*Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill*

*Il-President* | *Il-President*

ANNESS I

Approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-livell tal-ħoss ta' tip ta' vettura

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE TA' TIP TA' VETTURA

1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE skont l-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 2007/46/KE ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-livell tal-ħoss tagħha għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur tal-vettura.

1.2. Il-mudell ta' dokument ta' informazzjoni jinsab fl-Appendiċi 1.

1.3. Vettura rappreżentattiva tat-tip li għalih tintalab l-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi ppreżentata lis-servizz tekniku responsabbli għat-testijiet mill-manifattur tal-vettura.

1.4. Fuq talba tas-servizz tekniku, għandhom jiġu ppreżentati wkoll kampjun tas-sistema tal-egżost u magna ta' mill-anqas l-istess kapaċità ċilindrika u qawwa massima valorizzata bħal dik installata fil-vettura li għaliha tintalab l-approvazzjoni tat-tip.

2. IL-MARKI

2.1. Il-komponenti tas-sistema tal-egżost u tad-dħul, minbarra l-biċċiet għall-immuntar u l-pajpijiet, għandu jkollhom:

2.1.1. il-marka kummerċjali jew l-isem tal-manifattur tas-sistemi u l-komponenti tagħhom;

(*) Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
(**) Sentejn wara d-data tal-adozzjoni ta ' dan ir-Regolament.

2.1.2. id-deskrizzjoni kummerċjali tal-manifattur.

2.2. Dawn il-marki għandhom ikunu jistgħu jinqraw b'mod ċar u ma jitħassrux, anki meta s-sistema titwaħħal mal-vettura.

3. L-GĦOTI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE GĦAL TIP TA' VETTURA

3.1. Jekk ir-rekwiżiti rilevanti jkunu sodisfatti, għandha tingħata approvazzjoni tat-tip tal-UE b'konformità mal-Artikolu 9(3) u, jekk applikabbli, l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2007/46/KE.

3.2. Il-mudell ta' ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE jinsab fl-Appendiċi 2.

3.3. Numru tal-approvazzjoni skont l-Anness VII mad-Direttiva 2007/46/KE għandu jkun assenjat lil kull tip ta' vettura approvata. L-istess Stat Membru ma għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

4. EMENDI FL-APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP

Fil-każ ta' modifiki tat-tip approvat skont dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 13, 14, 15, 16 u 17(4) tad-Direttiva 2007/46/KE.

5. IL-KONFORMITÀ TAL-ARRANĠAMENTI TAL-PRODUZZJONI

5.1. Għandhom jittieħdu l-miżuri biex jiżguraw il-konformità tal-arranġamenti tal-produzzjoni skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2007/46/KE.

5.2. Dispożizzjonijiet speċjali:

5.2.1. It-testijiet stipulati fl-Anness VI ma' dan ir-Regolament jikkorrispondu għal dawk imsemmija fil-punt 2.3.5 tal-Anness X mad-Direttiva 2007/46/KE

5.2.2. Il-frekwenza tal-ispezzjonijiet imsemmija fil-punt 3 tal-Anness X mad-Direttiva 2007/46/KE normalment għandha tkun darba kull sentejn.

***5.2.2.a Il-valuri ta' limitu stipulati fit-tabella fl-Anness III japplikaw b'marġni ta' tolleranza raġonevoli waqt il-kejl.*** [Em. 47]

---

Appendiċi 1

Dokument ta' informazzjoni Nru … skont l-Anness I mad-Direttiva 2007/46/KE ([1]) li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura fir-rigward tal-livell permissibbli tal-ħoss u s-sistema tal-egżost

L-informazzjoni li ġejja, jekk applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi l-werrej. Kwalunkwe illustrazzjoni trid tiġi pprovduta fi skala xierqa u f'biżżejjed dettall fuq daqs A4 jew fuq fowlder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom ikunu dettaljati biżżejjed.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati għandhom xi kontrolli elettriċi, għandha tingħata l-informazzjoni dwar kif jaħdmu.

**0. Ġenerali**

0.1. L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. Tip u deskrizzjoni(ijiet) kummerċjali ġenerali:

0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk ikun immarkat fuq il-vettura ([b]):

0.3.1. Il-post fejn tinsab il-marka:

([1]) In-numri tal-entrati u n-noti ta' qiegħ il-paġna użati f'dan id-dokument ta' informazzjoni jikkorrispondu għal dawk stipulati fl-Anness I mad-Direttiva 2007/46/KE. L-entrati mhux rilevanti għall-għan ta' din id-Direttiva tħallew barra.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

0.4. Kategorija tal-vettura ([c]):

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:

0.8. Indirizz(i) tal-impjant(i) fejn isir l-immuntar:

**1. Il-karatteristiċi ġenerali tal-kostruzzjoni tal-vettura**

1.1. Ritratti u/jew illustrazzjonijiet ta' eżempju rappreżentattiv tal-vettura:

1.3.3. Fusien mgħammra (powered axles) (l-għadd, il-pożizzjoni, l-interkonnessjoni):

1.6. Il-pożizzjoni u l-arranġament tal-magna:

**2. Il-massa u d-dimensjonijiet ([e]) (f'kg u mm) (Irreferi għall-illustrazzjoni fejn applikabli)**

2.4. Firxa ta' dimensjonijiet tal-vettura (b'kollox)

2.4.1. Għal xażi mingħajr karrozzerija

2.4.1.1. Tul ([j]):

2.4.1.2. Wisa' ([k]):

2.4.2. Għal xażi bil-karrozzerija

2.4.2.1. Tul (j):

2.4.2.2. Wisa' (k):

2.6. Il-massa tal-vettura mixgħula? bil-karrozzerija, jew il-massa tax-xażi bil-kabina jekk il-fabbrikant ma jinstallax il-karozzerija (b'tagħmir standard, inkluż il-coolant, iż-żjut, il-fjuwil, l-għodda, l-istepni u s-sewwieq) (o) (massimu u minimu):

**3. Il-mutur ta' propulsjoni ([q])**

3.1. Il-manifattur:

3.1.1. Il-kodiċi tal-magna tal-manifattur: (Kif immarkat fuq il-magna, jew mezz ieħor ta' identifikazzjoni)

3.2. Magna li taħdem bil-kombustjoni interna

3.2.1.1. Il-prinċipju ta' tħaddim: tqabbid bl-ispark plaggs/tqabbid bil-kompressjoni, erba' strowks/żewġ strowks ([1])

3.2.1.2. In-numru u t-tqassim taċ-ċilindri:

3.2.1.2.3. L-ordni tal-qbid:

3.2.1.3. Il-kapaċità tal-magna (s): $cm^3$

3.2.1.8. Il-qawwa netta massima ([t]): kW at $min^{-1}$ (valur iddikjarat mill-manifattur)

3.2.4. L-alimentazzjoni tal-fjuwil

3.2.4.1. Bil-karburatur(i): iva/le ([2])

3.2.4.1.2. It-tip(i):

3.2.4.1.3. Numru mwaħħal:

3.2.4.2. B'injezzjoni tal-fjuwil (tqabbid bl-ispark plaggs biss): iva/le ([3])

3.2.4.2.2. Il-prinċipju ta' tħaddim: Injezzjoni diretta/pre-chamber/swirl chamber ([4])

---

([1]) Ħassar kif xieraq.
([2]) Ħassar kif xieraq.
([3]) Ħassar kif xieraq.
([4]) Ħassar kif xieraq.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

3.2.4.2.4. Ir-regolatur

3.2.4.2.4.1. It-tip:

3.2.4.2.4.2.1. Il-punt tal-qtugħ taħt tagħbija: $min^{-1}$

3.2.4.3. B'injezzjoni tal-fjuwil (tqabbid bl-ispark plaggs biss): iva/le ([1])

3.2.4.3.1. Il-prinċipju ta' tħaddim: Il-manifold tad-dħul (punt wieħed/ħafna punti ([2]))/injezzjoni diretta/oħrajn (speċifika) ([3])

3.2.8. Is-sistema tal-bokka (dħul tal-arja)

3.2.8.4.2. Il-filtru tal-arja, illustrazzjonijiet; jew

3.2.8.4.2.1. L-għamla(/iet):

3.2.8.4.2.2. It-tip(i):

3.2.8.4.3. Is-sajlenser tal-bokka (dħul tal-arja), illustrazzjonijiet; jew

3.2.8.4.3.1. L-għamla(/iet):

3.2.8.4.3.2. It-tip(i):

3.2.9. Is-sistema tal-egżost

3.2.9.2. Deskrizzjoni u/jew illustrazzjoni tas-sistema tal-egżost:

3.2.9.4. Is-sajlenser(s) tal-egżost:

Għas-sajlenser ta' quddiem, tan-nofs, ta' wara: binja, tip, marka, fejn rilevanti għal storbju estern: miżuri ta' tnaqqis fil-kompartiment tal-magna u fuq il-magna:

3.2.9.5. Fejn tinsab il-bokka tal-egżost:

3.2.9.6. Is-sajlenser tal-egżost li jkun fih materjali fibrużi:

3.2.12.2.1. Il-konvertitur katalittiku: iva/le ([4])

3.2.12.2.1.1. In-numru ta' konvertituri katalittiċi u elementi:

3.3. Il-mutur tal-elettriku

3.3.1. It-tip (koljatura, eċitazzjoni):

3.3.1.1. L-output massimu fis-siegħa: kW

3.3.1.2. Il-vultaġġ tat-tħaddim: V

3.4. Magni oħra jew muturi jew tlaqqigħ tagħhom (dettalji li għandhom x'jaqsmu mal-partijiet ta' dawn il-magni jew muturi):

---

([1]) Ħassar kif xieraq.
([2]) Ħassar kif xieraq.
([3]) Ħassar kif xieraq.
([4]) Ħassar kif xieraq.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

**4. It-trażmissjoni (v)**

4.2. It-tip (mekkanika, idrawlika, elettrika, eċċ.)

4.6. Il-proporzjonijiet tal-ger

| Il-ger | Il-proporzjonijiet interni tal-gerboks (il-proporzjonijiet tal-magna mat-tidwir tax-xaft tal-output tal-gerboks) | Il-proporzjon(ijiet) finali tas-sewqan (il-proporzjon tax-xaft tal-output tal-gerboks mat-tidwir tar-roti motorizzati) | It-total tal-proporzjonijiet tal-ger |
|---|---|---|---|
| Il-massimu għal CVT ([1]) | | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 3 | | | |
| … | | | |
| Il-minimu għal CVT ([1]) | | | |
| Ir-rivers | | | |

([1]) Trażmissjoni kontinwament varjabbli.

4.7. Il-veloċità massima tal-vettura (u l-ger li fih tinkiseb) (f'km/h) ([w]):

**6. Is-sospensjoni**

6.6. It-tajers u r-roti

6.6.2. Il-limiti ta' fuq u t'isfel tar-radji tad-dawrien

6.6.2.1. Fus 1:

6.6.2.2. Fus 2:

6.6.2.3. Fus 3:

6.6.2.4. Fus 4:

eċċ..

**9. Il-karrozzerija (mhux applikabbli għall-vetturi tal-kategorija $M_1$)**

9.1. It-tip ta' karrozzerija:

9.2. Il-materjali użati u l-metodi tal-binja

**12. Mixxellanji**

12.5. Dettalji ta' kull tagħmir mhux marbut mal-magna intiż biex inaqqas l-istorbju (jekk mhux koperti minn punti oħra):

Informazzjoni addizzjonali fil-każ ta' vetturi off-road:

1.3. In-numru ta' fusien u roti:

2.4.1. Għal xażi mingħajr karrozzerija

2.4.1.4.1. Angolu ta' avviċinament ([na]): … gradi

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

2.4.1.5.1. Angolu ta' tluq ([nb]): … gradi

2.4.1.6. Għoli mill-art (kif iddefinit fil-punt 4.5 tat-Taqsima A tal-Anness II mad-Direttiva 2007/46/KE)

2.4.1.6.1. Bejn il-fusien:

2.4.1.6.2. Taħt il-fus(ien) ta' quddiem:

2.4.1.6.3. Taħt il-fus(ien) ta' wara:

2.4.1.7. Angolu tar-rampa ([nc]): … gradi

2.4.2. Għal xażi bil-karrozzerija

2.4.2.4.1. Angolu ta' avviċinament ([na]): … gradi

2.4.2.5.1. Angolu ta' tluq ([nb]): … gradi

2.4.2.6. Għoli mill-art (kif iddefinit fil-punt 4.5 tat-Taqsima A tal-Anness II mad-Direttiva 2007/46/KE)

2.4.2.6.1. Bejn il-fusien:

2.4.2.6.2. Taħt il-fus(ien) ta' quddiem:

2.4.2.6.3. Taħt il-fus(ien) ta' wara:

2.4.2.7. Angolu tar-rampa ([nc]): … gradi

2.15. Kapaċità ta' aċċelerazzjoni minn wieqaf f'telgħa (vettura waħedha): … %

4.9. Lokk differenzjali: iva/le/possibbli ([1])

Data, Fajl

---

Appendiċi 2

## Mudell taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE

*(Format Massimu: A4 (210 × 297 mm))*

*Timbru tal-amministrazzjoni*

Komunikazzjoni li tikkonċerna

— l-approvazzjoni tat-tip ([1])

— l-estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ([2])

— ir-rifjut tal-approvazzjoni tat-tip ([3])

---

([1]) Ħassar kif xieraq.
([1]) Ħassar kif xieraq.
([2]) Ħassar kif xieraq.
([3]) Ħassar kif xieraq.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

— l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip (1)

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata (2) fir-rigward tad-Direttiva …/…/UE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva …/…/UE.

In-numru tal-approvazzjoni tat-tip:

Ir-raġuni għall-estensjoni:

*TAQSIMA I*

0.1. L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. It-tip u d-deskrizzjoni(ijiet) kummerċjali ġenerali:

0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata (3) (4)

0.3.1. Il-post fejn tinsab din il-marka:

0.4. Il-kategorija tal-vettura (5):

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:

0.7. Fil-kaz ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-post u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' approvazzjoni tal-UE:

0.8. L-indirizz(i) tal-impjant(i) fejn isir l-immuntar

*TAQSIMA II*

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn applikabbli): Ara l-Appendiċi 3.
2. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet:
3. Data tar-rapport tat-test:
4. Numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (jekk ikun hemm): Ara l-Appendiċi 3.
6. Post:
7. Data:
8. Firma:
9. L-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni ppreżentat lill-awtorità tal-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

---

Appendiċi 3

**Dejta dwar il-vettura u t-test** (1)

1. L-isem kummerċjali jew il-marka kummerċjali tal-vettura

2. It-tip ta' vettura

2.1. Il-massa massima inkluż is-semi-trejler (fejn ikun applikabbli)

(1) Ħassar kif xieraq.
(2) Ħassar kif xieraq.
(3) Ħassar kif xieraq.
(4) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti biċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: "?" (eż. ABC??123??).
(5) Kif iddefinit fl-Anness IIA mad-Direttiva 2007/46/KE.
(1) Mhemmx għalfejn tiġi ripetuta l-informazzjoni li ġiet irrapporta fl-Appendiċi 1 tal-Anness I

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur

4. Fejn rilevanti, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur

5. Il-magna:

5.1. Il-manifattur:

5.2. It-tip:

5.3. Il-mudell:

5.4. Il-potenza massima nominali (KEE): … kW at … $min^{-1}$ (rpm).

5.5. It-tip ta’ magna: eż. tqabbid bl-ispark plaggs, tqabbid bil-kompressjoni, eċċ. ([1])

5.6. Iċ-ċikli: two stroke jew four-stroke (jekk ikun applikabbli)

5.7. Iċ-ċilindrata (jekk ikun applikabbli)

6. It-trażmissjoni: gerboks mhux awtomatika/gerboks awtomatika ([2])

6.1. In-numru ta’ gerijiet

7. It-tagħmir:

7.1. Is-sajlenser tal-egżost:

7.1.1. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat (jekk ikun hemm)

7.1.2. Il-mudell:

7.1.3. It-tip: … skont id-disinn Nru..: …

7.2. Is-sajlenser tad-dħul:

7.2.1. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat (jekk ikun hemm)

7.2.2. Il-mudell:

7.2.3. It-tip: … skont id-disinn Nru.: …

7.3. L-elementi tal-kapsulazzjoni

7.3.1. L-elementi tal-enkapsulazzjoni tal-ħsejjes kif iddefiniti mill-manifattur tal-vettura

7.3.2. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat (jekk ikun hemm)

7.4. It-tajers

7.4.1. Id-daqs(ijiet) tat-tajers (skont il-fus):

8. Il-qisien:

8.1. It-tul tal-vettura (lveh): … mm

8.2. Il-punt meta jingħafas l-aċċeleratur: … m qabel il-linja AA’

8.2.1. Il-veloċità tal-magna fil-ger i bi:

AA’/PP’ ([1]) … $min^{-1}$ (rpm)

BB’ … $min^{-1}$ (rpm)

8.2.2. Il-veloċità tal-magna fil-ger (i+1) bi:

AA’/PP’ ([1]) … $min^{-1}$ (rpm)

BB’ … $min^{-1}$ (rpm)

---

([1]) Jekk tintuża magna mhux konvenzjonali, dan għandu jiġi ddikjarat.
([2]) Aqta’ barra dak li ma japplikax.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

8.3. In-numru ta' approvazzjoni tat-tip tat-tajer(s):

jekk ma jkunx disponibbli, għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja:

8.3.1. Il-manifattur tat-tajers

8.3.2. Id-deskrizzjoni(jiet) kummerċjali tat-tip ta' tajer (skont il-fus), (eż. l-isem kummerċjali, l-indiċi tal-veloċità, l-indiċi tat-tagħbija): …

8.3.3. Id-daqs tat-tajer (skont il-fus):

8.3.4. In-numru ta' approvazzjoni tat-tajer (jekk ikun disponibbli): …

8.4. Il-livell tal-ħoss ta' vettura li qed tiċċaqlaq:

Ir-riżultat tat-test ($L_{urban}$): … dB(A)

Ir-riżultat tat-test ($L_{wot}$): … dB(A)

Ir-riżultat tat-test ($L_{cruise}$): … dB(A)

Fattur $k_P$: …

8.5. Il-livell tal-ħoss ta' vettura wieqfa:

Il-pożizzjoni u l-orjentazzjoni tal-mikrofonu (skont il-Figura 2 fl-Appendiċi 1 għall-Anness II)

Ir-riżultat tat-test għal test b'vettura wieqfa:… dB(A)

8.6. Il-livell tal-istorbju tal-ħoss tal-arja kkompressata:

Ir-riżultat tat-test għal

— il-brejk tas-servizz: … dB(A)

— il-brejk tal-ipparkjar: … dB(A)

— waqt l-attwazzjoni tar-regolatur tal-pressjoni: … dB(A)

9. Il-vettura tressqet għall-approvazzjoni fi:

10. Is-servizz tekniku responsabbli mit-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip:

11. Id-data tar-rapport tat-test maħruġ minn dak is-servizz:

12. In-numru tar-rapport tat-test maħruġ minn dak is-servizz:

13. Il-pożizzjoni tal-marka ta' approvazzjoni fuq il-vettura

14. Il-post

15. Id-data

16. Firma

17. Id-dokumenti li ġejjin, li għandhom fuqhom in-numru ta' approvazzjoni li ntwera aktar 'il fuq, huma annessi ma' dan id-dokument:

…

…

disinji u/jew ritratti, dijagrammi u pjanijiet tal-magna u tas-sistema għat-tnaqqis tal-istorbju;

lista tal-komponenti, li ġew identifikati b'mod xieraq, li jikkostitwixxu s-sistema għat-tnaqqis tal-istorbju.

18. Ir-raġuni għal estensjoni tal-approvazzjoni:

19. Rimarki

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

ANNESS II

Il-metodi u l-istrumenti biex jitkejjel il-ħoss magħmul mill-vetturi bil-mutur

1. METODI TA' KEJL

1.1. Il-ħoss magħmul skont it-tip ta' vettura mressaq għall-approvazzjoni għandu jitkejjel biż-żewġ metodi li ġew deskritti f'dan l-Anness għall-vettura li qed tiċċaqlaq u għall-vettura meta tkun wieqfa [1]. Fil-każ ta' vettura li għandha magna tal-kombustjoni interna li ma taħdimx meta l-vettura tkun wieqfa, il-ħoss li tagħmel jiġi mkejjel biss meta l-vettura tkun qed tiċċaqlaq.

Il-vetturi li jkollhom massa massima permissibbli li taqbeż l-2 800 kg iridu jkunu soġġetti għal kejl addizzjonali tal-ħoss tal-arja kkompressata bil-vettura wieqfa skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-Anness V, jekk it-tagħmir korrispondenti tal-brejkijiet ikun parti mill-vettura.

1.2. Iż-żewġ valuri mkejla skont it-testijiet stabbiliti fil-punt 1.1. għandhom jitniżżlu fir-rapport tat-test u fuq formola li tikkonforma mal-mudell fl-Appendiċi 3 tal-Anness I.

2. L-ISTRUMENTI TAL-KEJL

2.1. Il-kejl akustiku

L-apparat li jintuża biex jitkejjel il-livell tal-ħoss irid ikun miter ta' preċiżjoni tal-livell tal-istorbju jew sistema ta' kejl ekwivalenti li tissodisfa r-rekwiżiti tal-istrumenti tal-Klassi 1 (inkluż il-windskrin rakkomandat, jekk jintuża). Dawn ir-rekwiżiti huma deskritti f'"IEC 61672-1:2002: Miters ta' preċiżjoni tal-livell tal-ħoss", it-tieni edizzjoni, tal-Kummissjoni Internazzjonali Elettroteknika (IEC).

Il-qisien għandhom jittieħdu billi tintuża r-reazzjoni "mgħaġġla" tal-istrument tal-kejl akustiku u l-kurva tat-tagħbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) għal "A" li kienet ukoll deskritta fl-"IEC 61672-1:2002". Meta tintuża sistema li tinkludi monitoraġġ perjodiku tal-livell iddifferenzjat-A tal-pressjoni tal-ħoss, għandu jittieħed qari f'intervall ta' ħin mhux itwal minn 30 ms (millisekondi).

L-istrumenti għandhom jinżammu f'kundizzjoni tajba u jiġu kkalibrati skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-istrument.

2.2. Il-konformità mar-rekwiżiti

Il-konformità tal-istrumentazzjoni tal-kejl akustiku għandha tkun ivverifikata permezz tal-eżistenza ta' ċertifikat validu ta' konformità. Għandu jitqies li dawn iċ-ċertifikati jkunu validi jekk iċ-ċertifikazzjoni ta' konformità mal-istandards tkun twettqet fit-12-il xahar preċedenti għal strument tal-kalibrazzjoni tal-ħoss u fil-perjodu preċedenti ta' 24 xahar għas-sistema ta' strumentazzjoni. L-ittestjar għall-konformità kollu jrid jitwettaq minn laboratorju, li huwa awtorizzat biex iwettaq il-kalibrazzjonijiet li jistgħu jitqabblu mal-istandards xierqa.

2.3. Il-kalibrazzjoni tas-Sistema ta' Kejl Akustiku kollha għal Sessjoni ta' Kejl

Fil-bidu u fi tmiem kull sessjoni ta' kejl, is-sistema ta' kejl akustiku kollha għandha tkun ikkontrollata permezz ta' kalibratur tal-ħoss li jissodisfa r-rekwiżiti għall-kalibraturi tal-ħoss tal-klassi ta' preċiżjoni 1 skont l-IEC 60942: 2003. Mingħajr ebda aġġustament ieħor, id-differenza bejn il-qari għandha tkun inqas minn jew daqs 0,5 dB. Jekk dan il-valur jinqabeż, ir-riżultati tal-kejl miksuba wara l-kontroll sodisfaċenti preċedenti ma għandux jitqies.

2.4. L-istrumentazzjoni għall-kejl tal-veloċità

Il-veloċità tal-magna għandha titkejjel bi strumentazzjoni li għandha preċiżjoni ta' ± 2 fil-mija jew aħjar bil-veloċitajiet tal-magna meħtieġa għall-qisien li qed jittieħdu.

Il-veloċità fit-triq tal-vettura għandha titkejjel bi strumentazzjoni li jkollha preċiżjoni ta' mill-inqas ± 0,5 km/siegħa, meta jintużaw strumenti ta' kejl kontinwu.

Jekk l-ittestjar juża qisien tal-veloċità indipendenti, din l-istrumentazzjoni trid tissodisfa l-limiti ta' speċifikazzjoni ta' mill-inqas ± 0,2 km/siegħa.

[1] Isir test fuq vettura wieqfa biex jipprovdi valur ta' referenza għall-amministrazzjonijiet li jużaw dan il-metodu biex jiċċekkjaw il-vetturi li jkunu qegħdin jintużaw

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

2.5. L-istrumentazzjoni meterjoloġika

L-istrumentazzjoni meterjoloġika li tintuża biex jiġu sorveljati l-kundizzjonijiet ambjentali matul it-test għandha tinkludi l-istrumenti li ġejjin, li jissodisfaw għall-inqas il-preċiżjoni tal-kejl kif elenkata hawn taħt:

— strument għall-kejl tat-temperatura, ±1 °C;

— strument għall-kejl tal-veloċità tar-riħ, ±1,0 m/s;

— strument għall-kejl tal-pressjoni barometrika, ± 5 hPa;

— strument għall-kejl tal-umdità relattiva, ± 5 fil-mija.

3. IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KEJL

3.1. Is-sit tat-test [1] u l-kundizzjonijiet ambjentali

Is-sit tat-test għandu jkun sostanzjalment invell. Il-wiċċ tal-mogħdija tat-test irid ikun niexef. Is-sit tat-test għandu jkun tali li meta sors ta' ħoss omni-direzzjonali jitqiegħed fuq il-wiċċ tiegħu fil-punt ċentrali (l-intersezzjoni tal-linja tal-mikrofonu PP' [2] u l-linja ċentrali tal-lejn tal-vetturi CC' [3]), id-devjazzjonijiet mid-diverġenza akustika emisferika ma għandhomx jaqbżu ± 1 dB.

Jitqies li din il-kundizzjoni ġiet sodisfatta jekk jiġu sodisfatti r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) F'radju ta' 50 m miċ-ċentru tal-mogħdija l-ispazju jkun ħieles minn oġġetti kbar li jirriflettu bħal xtiebi, ġebel, pontijiet jew bini;

(b) Il-mogħdija tat-test u l-wiċċ tat-sit ikunu niexfa u ħielsa minn materjali assorbenti bħal silġ f'forma ta' trab, jew reżidwi mhux magħqudin;

(c) Ma jkun hemm ebda ostaklu li jista' jinfluwenza l-kamp akustiku fil-viċinanzi tal-mikrofonu, u ma jkun hemm ebda persuna bejn il-mikrofonu u s-sors tal-ħoss. L-osservatur tal-miter joqgħod f'pożizzjoni li ma jinfluwenzax il-qari tal-miter.

Il-qisien ma għandhomx jittieħdu f'kundizzjonijiet tat-temp ħżiena. Irid ikun żgurat li r-riżultati ma jkunux affetwati mill-buffuri tar-riħ.

L-istrumentazzjoni meterjoloġika għandha titqiegħed f'pożizzjoni qrib iż-żona tat-test f'għoli ta' 1,2 m ± 0,02 m. Il-qisien għandhom jittieħdu meta t-temperatura tal-arja ambjentali tkun bejn + 5 °C u + 40 °C.

It-testijiet ma għandhomx jitwettqu jekk il-veloċità tar-riħ, inklużi l-buffuri, fl-għoli tal-mikrofonu jaqbżu l-5 m/s, matul l-intervall tal-kejl tal-ħoss.

Waqt l-intervall tal-kejl tal-ħoss għandu jkun irreġistrat valur rappreżentattiv tat-temperatura, tal-veloċità u tad-direzzjoni tar-riħ, tal-umdità relattiva, u tal-pressjoni barometrika.

Meta jittieħed il-qari, kull livell għoli ħafna ta' storbju li jidher li mhux relatat mal-karatteristiċi tal-livell ġenerali tal-ħsejjes tal-vettura għandu jkun injorat.

Il-ħsejjes fl-isfond għandhom jitkejlu għal 10 sekondi immedjatament qabel u wara serje ta' testijiet fuq vettura. Il-qisien għandhom jittieħdu bl-istess mikrofoni li ntużaw matul it-test u fil-postijiet fejn tqiegħed il-mikrofonu matul it-test. Il-livell massimu tal-pressjoni tal-ħoss iddifferenzjat-A għandu jiġi rrappurtat.

---

[1] Skont l-Anness VII ma' dan ir-Regolament.
[2] Kif imsemmi fil-Figura 1 fl-Appendiċi 1 tal-Anness II ma' dan ir-Regolament.
[3] Kif imsemmi fil-Figura 1 fl-Appendiċi 1 tal-Anness II ma' dan ir-Regolament.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Il-ħsejjes fl-isfond (inkluż kull ħoss tar-riħ) għandu jkun mill-inqas 10 dB taħt il-livell iddifferenzjat-A tal-pressjoni tal-istorbju prodott mill-vettura li qed tiġi ttestjata. Jekk id-differenza bejn il-ħsejjes ambjentali u l-ħoss imkejjel huwa bejn 10 u 15 dB(A), biex jiġu kkalkulati r-riżultati tat-test trid titnaqqas il-korrezzjoni rilevanti mill-qari fuq il-miter tal-livell tal-ħoss, bħal fit-tabella li ġejja:

| Id-differenza bejn il-ħsejjes ambjentali u l-istorbju li għandu jitkejjel dB(A) | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-korrezzjoni dB(A) | 0,5 | 0,4 | 0,3 | 0,2 | 0,1 | 0,0 |

3.2. Il-vettura

3.2.1. Il-vettura ttestjata għandha ~~tingħażel b'mod li l-vetturi kollha tal-istess tip~~***tirrappreżenta lill-vetturi*** li ***għandhom*** jitqiegħdu fis-suq ~~jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.~~***kif speċifikat mill-manifattur***. Il-qisien għandhom jittieħdu mingħajr trejler, ħlief fil-każ ta' vetturi li ma jistgħux jiġu sseparati. Il-qisien għandhom jittieħdu fuq vetturi bil-massa tat-test $m_t$ speċifikata skont it-tabella li ġejja: **[Em. 48]**

| Il-kategorija tal- vettura | Il-massa tat-test tal-vettura ($m_t$) |
|---|---|
| $M_1$ | $m_t = m_{ro}$ |
| $N_1$ | $m_t = m_{ro}$ |
| $N_2$, $N_3$ | $m_t$ = 50 kg għal kull kW ta' potenza tal-magna<br>It-tagħbija żejda biex tintlaħaq il-massa tat-test tal-vettura għandha titqiegħed 'il fuq mill-fus(fisien) ta' wara. It-tagħbija żejda hija limitata għal 75 fil-mija tal-massa massima permessa għall-fus ta' wara. Il-massa tat-test trid tinkiseb b'tolleranza ta' ± 5 fil-mija.<br>Jekk iċ-ċentru tal-gravità tat-tagħbija żejda ma jistax jiġi allinjat maċ-ċentru tal-fus ta' wara, il-massa tat-test tal-vettura ma għandiex taqbeż it-total tat-tagħbija tal-fus ta' quddiem u tal-fus ta' wara f'kundizzjoni mhux mgħobbija flimkien mat-tagħbija żejda.<br>Il-massa tat-test għall-vetturi b'aktar minn żewġ fisien għandha tkun l-istess bħal dik għall-vetturi b'żewġ fisien. |
| $M_2$, $M_3$ | $m_t = m_{ro}$ – massa tal-membru tal-ewkipaġġ (fejn applikabbli) |

3.2.2. L-emissjonijiet tal-ħoss tad-dawrien tat-tajers qegħdin stipulati fir-Regolament (KE) Nru 661/2009 dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur. It-tajers li għandhom jintużaw għat-test għandhom ikunu rappreżentattivi għall-vettura u għandhom jingħażlu mill-manifattur tal-vettura u jiġu rreġistrati fl-Appendiċi 3 tal-Anness I ma' dan ir-Regolament. Għandhom jikkorrispondu għal wieħed mid-daqsijiet tat-tajers maħsuba għall-vettura bħala tagħmir oriġinali. It-tajer huwa, jew se jkun, fis-suq, disponibbli għax-xiri fl-istess żmien tal-vettura ([1]). It-tyres għandhom jintefħu għall-pressjoni rakkomandata mill-manifattur għall-massa tat-test tal-vettura. It-tajers iridu jkollhom ~~mill-inqas~~ il-fond legali tal-flieli tal-wiċċ ta' barra.

([1]) Minħabba li l-kontribut tat-tajers għall-emissjonijiet tal-ħoss huwa sinifikanti, iridu jitqiesu d-dispożizzjonijiet attwali dwar l-emissjonijiet tal-ħoss tat-tajers mat-triq. It-tajers tat-trazzjoni, it-tajers għas-silġ u tajers ta' użi speċjali għandhom jiġu esklużi mit-teħid tal-qisien għall-approvazzjoni tat-tip u tal-konformità, fuq talba tal-manifattur, skont ~~ir-Regolament Nru 117 tal-UNECE (ĠU L 231, 29.8.2008, p. 19).~~***l-aħħar emendi għar-Regolament tal-UNECE Nru 117*** **[Em. 49]**

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

3.2.3. Qabel ma jibdew jittieħdu l-qisien, il-magna għandha tinġieb għall-kundizzjonijiet operattivi normali tagħha.

3.2.4. Jekk il-vettura tingaġġja b’aktar minn żewġ roti, għandha tiġi ttestjata bl-ingaġġ li għalih hija maħsuba għall-użu normali fit-triq.

3.2.5. Jekk il-vettura tkun mgħammra b’fann wieħed jew b’iżjed minn wieħed li jkollhom mekkaniżmu ta’ attwazzjoni awtomatiku, din is-sistema ma għandiex tkun imbagħbsa waqt il-kejl.

3.2.6. Jekk il-vettura tkun mgħammra b’sistema tal-egżost li fiha materjali fibrużi, is-sistema tal-egżost għandha tiġi kundizzjunata skont l-Anness IV qabel it-test.

4. IL-METODI TAL-ITTESTJAR

4.1. Il-kejl tal-ħsejjes tal-vetturi li qed jiċċaqilqu

4.1.1. Il-kundizzjonijiet ġenerali tat-test

Żewġ linji, AA’ u BB’, paralleli għal-linja PP’ u li jinsabu rispettivament 10 m ’il quddiem u 10 m lura mil-linja PP’ għandhom ikunu mmarkati fuq il-korsa tat-test.

Għandhom jittieħdu mill-inqas erba’ qisien fuq kull naħa tal-vettura u għal kull ger. Il-qisien preliminari jistgħu jittieħdu għal finijiet ta’ aġġustament, imma ma għandhomx jitqiesu.

Il-mikrofonu għandu jitqiegħed f’distanza ta’ 7,5 m ± 0,05 m mil-linja ta’ referenza CC’ tal-mogħdija u 1,2 m ± 0,02 m ’il fuq mill-art.

L-assi ta’ referenza għal kundizzjonijiet ta’ użu normali fit-triq (ara l-IEC 61672-1:2002) għandu jkun orizzontali u dirett b’mod perpendikulari lejn il-mogħdija tal-linja CC’ tal-vettura.

4.1.2. Il-kundizzjonjiet speċifiċi tat-test għall-vetturi

4.1.2.1. Il-vetturi tal-kategorija $M_1$, $M_2 \leq 3\,500$ kg, $N_1$

Il-mogħdija tal-linja ċentrali tal-vettura għandha ssegwi l-linja CC’ mill-aktar qrib possibbli waqt it-test kollu, minn meta l-vettura tavviċina l-linja AA’ sakemm il-parti ta’ wara tal-vettura tgħaddi l-linja BB’. Jekk il-vettura tingaġġja b’aktar minn żewġ roti, ittestjaha fl-għażla tal-ingaġġ li għalih hija maħsuba għall-użu normali fit-triq.

Jekk il-vettura hija mgħammra bi trażmissjoni manwali awżiljarja jew b’fus b’ħafna gerijiet, għandha tintuża l-pożizzjoni għas-sewqan normali urban. Fil-każi kollha, għandhom jiġu esklużi l-proporzjonijiet tal-ingranaġġ għal movimenti bil-mod, għall-ipparkjar jew għal meta jintużaw il-brejkijiet.

Il-massa tat-test tal-vettura għandha tkun dik stabbilita fit-Tabella fil-punt 3.2.1

Il-veloċità tat-test $v_{test}$ hija ta’ 50 km/siegħa ± 1 km/siegħa. Il-veloċità tat-test trid tintlaħaq meta l-punt ta’ referenza jkun mal-linja PP’.

4.1.2.1.1. L-indiċi tal-proporzjon tal-potenza mal-massa (PMR)

Il-PMR jiġi ddefinit kif ġej:

PMR = $(P_n/m_t) \times 1\,000$ fi [kW/1 000kg]

L-indiċi tal-proporzjon tal-potenza mal-massa (PMR) jintuża biex tkun ikkalkulata l-aċċelerazzjoni.

4.1.2.1.2. Il-kalkolu tal-aċċelerazzjoni

Il-kalkoli tal-aċċelerazzjoni huma applikabbli għal $M_1$, $N_1$ u $M_2$ għall-kategoriji $\leq 3\,500$ kg biss.

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

L-aċċelerazzjonijiet kollha jiġu kkalkulati billi jintużaw veloċitajiet differenti tal-vettura fuq il-mogħdija tat-test [1] Il-formuli mogħtija jintużaw għall-kalkolu ta’ test $a_{wot\ i}$, $a_{wot\ i+1}$ and $a_{wot}$ . Il-veloċità jew mal-linja AA jew mal-linja PP’ hija ddefinita bħala l-veloċità tal-vettura meta l-punt ta’ referenza jgħaddi l-linja AA’ ($v_{AA'}$) jew il-linja PP’ ($v_{PP'}$). Il-veloċità mal-linja BB’ hija ddefinita meta l-parti ta’ wara tal-vettura tgħaddi l-linja BB’ ($v_{BB'}$). Il-metodu li jintuża għad-determinazzjoni tal-aċċelerazzjoni għandu jkun indikat fir-rapport tat-test.

Minħabba d-definizzjoni tal-punt ta’ referenza għall-vettura, it-tul tal-vettura ($l_{veh}$) jitqies b’mod differenti fil-formula ta’ hawn taħt. Jekk il-punt ta’referenza jkun fin-naħa ta’ quddiem tal-vettura, mela $l = l_{veh}$, in-nofs: $l = ½\ l_{veh}$ u wara:: $l = 0$.

4.1.2.1.2.1 Il-proċedura ta’ kalkolu għall-vetturi bi trażmissjoni manwali, bi trażmissjoni awtomatika, bi trażmissjonijiet adattivi u bi trażmissjonijiet bi proporzjonijiet tal-gerijiet li jvarjaw (CVTs [2]) li ġew ittestjati bi proporzjonijiet ta’ gerijiet illokjati hija kif ġej:

$$a_{wot\ test} = ((v_{BB'}/3,6)^2 - (v_{AA'}/3,6)^2)/(2*(20+l))$$

$a_{wot\ test}$ użat fid-determinazzjoni tal-għażla tal-gerijiet għandu jkun il-medja ta’ erba’ $a_{wot\ test,\ i}$, waqt kull darba li jitkejjel qies validu.

Tista’ tintuża l-preaċċelerazzjoni. Il-punt ta’ meta jingħafas l-aċċeleratur qabel il-linja AA’ għandu jiġi irrappurtat fid-dejta tal-vettura u tat-test (ara l-Appendiċi 3 tal-Anness I).

4.1.2.1.2.2. Il-proċedura ta’ kalkolu għall-vetturi bi trażmissjonijiet awtomatiċi, bi trażmissjonijiet adattivi u bi trażmissjonijiet kontinwament varjabbli (CVTs) ittestjati bi proporzjonijiet tal-gerijiet mhux illokjati kif jif jidher hawn taħt:

$a_{wot\ test}$ użat fid-determinazzjoni tal-għażla tal-gerijiet għandu jkun il-medja ta’ erba’ $a_{wot\ test,\ i}$, waqt kull darba li jitkejjel qies validu.

Jekk l-istrumenti jew il-qisien li ġew deskritti fil-punt 4.1.2.1.4.2., jistgħu jintużaw biex ikun ikkontrollat it-tħaddim tat-trażmissjonijiet sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tat-test, ikkalkula $a_{wot\ test}$ billi tuża l-ekwazzjoni:

$$a_{wot\ test} = ((v_{BB'}/3,6)^2 - (v_{AA'}/3,6)^2)/(2*(20+l))$$

Tista’ tintuża l-pre-aċċelerazzjoni.

Jekk ma jintużawx l-istrumenti jew il-qisien deskritti fil-punt 4.1.2.1.4.2., ikkalkula $a_{wot}$ test billi tuża l-ekwazzjoni:

$$a_{wot_testPP-BB} = ((v_{BB'}/3,6)^2 - (v_{PP'}/3,6)^2)/(2*(10+l))$$

Tista’ tintuża l-pre-aċċelerazzjoni.

Il-post fejn jingħafas l-aċċeleratur għandu jkun fejn il-punt ta’ referenza tal-vettura jgħaddi l-linja AA’.

4.1.2.1.2.3. L-aċċelerazzjoni mmirata

L-aċċelerazzjoni mmirata $a_{urban}$ tiddefinixxi l-aċċelerazzjoni tipika fit-traffiku urban u hija derivata minn investigazzjonijiet statistiċi. Hija funzjoni li tiddependi mill-PMR ta’ vettura.

L-aċċelerazzjoni mmirata $a_{urban}$ hija ddefinita permezz ta’:

$$a_{urban} = 0,63 * \log10\ (PMR) - 0,09$$

---

[1] Ara l-figura 1 fl-Anness VII

[2] Trażmissjonijiet kontinwament varjabbli.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

4.1.2.1.2.4. L-aċċelerazzjoni ta' referenza

L-aċċelerazzjoni ta' referenza $a_{wot\ ref}$ tiddefinixxi l-aċċelerazzjoni meħtieġa waqt it-test aċċelerat fuq il-mogħdija tat-test. Hija funzjoni li tiddependi fuq il-proporzjon bejn il-potenza u l-massa ta' vettura. Dik il-funzjoni hija differenti għal kategoriji speċifiċi ta' vetturi.

L-aċċelerazzjoni ta' referenza $a_{wot\ ref}$ hija ddefinita permezz ta':

$a_{wot\ ref} = 1{,}59 * \log_{10}(PMR) - 1{,}41$ għal PMR ≥ 25

$a_{wot\ ref} = a_{urban} = 0{,}63 * \log_{10}(PMR) - 0{,}09$ għal PMR < 25

4.1.2.1.3. Il-fattur parzjali tal-potenza $k_P$

Il-fattur parzjali tal-potenza $k_P$ (ara l-punt 4.1.3.1.) jintuża għall-kombinazzjoni mgħobbija tar-riżultati tat-testijiet tat-test ta' aċċelerazzjoni u tat-test tal-veloċità kostanti għall-kategoriji ta' vetturi $M_1$ u $N_1$.

F'każijiet li mhumiex ta' test b'ger wieħed għandha tintuża $_{wot\ ref}$ minflok $_{awot\ test}$ (ara l-punt 3.1.3.1.).

4.1.2.1.4. L-għażla tal-proporzjonijiet tal-ingranaġġ

L-għażla tal-proporzjonijiet tal-gerijiet għat-test tiddependi mill-potenzjal għall-aċċelerazzjoni speċifiku tagħhom $a_{wot}$ meta il-valv tal-aċċelleratur jkun miftuħ kollu, skont l-aċċelerazzjoni ta' referenza $a_{wot\ ref}$ meħtieġa għat-test tal-aċċelerazzjoni il-valv tal-aċċelleratur miftuħ kollu.

Xi vetturi jistgħu jkollhom programmi ta' software jew modi ta' trażmissjoni differenti (pereżempju sportiva, tax-xitwa, addattiva). F'każi fejn il-vettura jkollha modi differenti li jwasslu għal aċċelerazzjonijiet validi, il-manifattur tal-vettura għandu jipprova għas-sodisfazzjon tas-servizz tekniku, li l-vettura qed tiġi ttesjata bil-mod li jikseb aċċelerazzjoni li tkun l-eqreb ta' $_{wot\ ref}$.

4.1.2.1.4.1. Il-vetturi bi trażmissjoni manwali, bi trażmissjonijiet awtomatiċi, bi trażmissjonijiet adattivi jew b'CVTs ittesjati bi proporzjonijiet tal-ingranaġġ illokjati

Huma possibbli l-kundizzjonijiet li ġejjin għall-għażla tal-proporzjonijiet tal-ingranaġġ:

(a) Jekk proporzjon tal-ingranagg wieħed speċifiku jagħti aċċelerazzjoni f'faxxa ta' tolleranzi ta' ± 5 % tal-aċċelerazzjoni ta' referenza $a_{wot\ ref}$, mingħajr ma jinqabżu it-~~3,0 $m/s^2$~~***2,0 $m/s^2$***, ittestja b'dak il-proporzjon tal-ingranaġġ.

(b) Jekk l-ebda wieħed mill-proporzjonijiet tal-ingranaġġ ma jagħti l-aċċelerazzjoni meħtieġa, mela agħżel proporzjon tal-gerijiet i, b'aċċelerazzjoni akbar u proporzjon tal-gerijiet i+1, b'aċċelerazzjoni iżgħar mill-aċċelerazzjoni ta' referenza. Jekk il-valur tal-aċċelerazzjoni fil-proporzjon tal-ingranaġġ i ma jaqbiżx it-~~3,0 $m/s^2$~~***2,0 $m/s^2$***, uża ż-żewġ proporzjonijiet tal-gerijiet għat-test. Il-proporzjon tat-tagħbija b'relazzjoni għall-aċċelerazzjoni ta' referenza $a_{wot\ ref}$ jiġi kkalkulat permezz ta':

$k = (a_{wot\ ref} - a_{wot\ (i+1)})/(a_{wot\ (i)} - a_{wot\ (i+1)})$

(c) jekk il-valur tal-aċċelerazzjoni tal-proporzjon tal-ingranaġġ i jaqbeż it-~~3,0 $m/s^2$~~ ***2,0 $m/s^2$***, għandu jintuża l-ewwel proporzjon tal-ingranaġġ li jagħti aċċelerazzjoni inqas minn ~~3,0 $m/s^2$~~ ***2,0 $m/s^2$*** ħlief jekk il-proporzjon tal-ingranaġġ i+1 jipprovdi aċċelerazzjoni iżgħar minn $a_{urban}$. F'dan il-każ, għandhom jintużaw żewġ gerijiet, i u i+1, inkluż il-ger i b'aċċelerazzjoni li taqbeż it-~~3,0 $m/s^2$~~ ***2,0 $m/s^2$***. F'każi oħra, ma għandu jintuża l-ebda ger ieħor. Għall-kalkolu tal-fattur parzjali tal-potenza $k_P$ għandha tintuża l-aċċelerazzjoni milħuqa waqt it-test $a_{wot\ test}$ minflok $a_{wot\ ref}$. **[Em. 50]**

(d) Jekk il-vettura għandha trażmissjoni fejn hemm għażla waħda għall-proporzjon tal-ingranaġġ, it-test ta' aċċelerazzjoni jitwettaq f'din l-għażla tal-gerijiet tal-vettura. Għall-kalkolu tal-fattur parzjali tal-potenza $k_P$ imbagħad tintuża l-aċċelerazzjoni milħuqa minflok $a_{wot\ ref}$.

(e) Jekk il-veloċità nominali tal-magna tinqabeż fi proporzjon tal-ingranaġġ qabel ma l-vettura tgħaddi l-linja BB', għandu jintuża l-ogħla ger li jmiss.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

4.1.2.1.4.2. Il-vetturi bi trażmissjoni awtomatika, bi tranżmissjonjiet adattivi u b'CVTs ittestjati bi proporzjonijiet tal-ingranaġġ mhux illokjati:

Għandha tintuża l-pożizzjoni tas-selettur tal-gerijiet għal operazzjoni għalkollox awtomatika.

Il-valur ta' aċċelerazzjoni $a_{wot}$ test għandu jiġi kkalkulat kif ġie ddefinit fil-punt 4.1.2.1.2.2.

It-test imbagħad jista' jinkludi bidla fil-gerijiet għal firxa aktar baxxa u aċċelerazzjoni akbar. Bidla fil-gerijiet għal firxa ogħla u aċċelerazzjoni iżgħar mhumiex permessi. Għandha tkun evitata bidla fil-gerijiet għal proporzjon tal-ingranaġġ li ma jintużax fi traffiku urban.

Għalhekk, huwa permess li jiġu stabbiliti u jintużaw strumenti elettroniċi jew mekkaniċi, inklużi pożizzjonijiet alternati tas-selettur tal-gerijiet, biex tkun ipprevenuta waqgħa fil-gerijiet għal proporzjon tal-ingranaġġ li tipikament ma jintużax fil-kondizzjoni speċifikata tat-test fi traffiku urban.

L-$a_{wot}$ test tal-aċċelerazzjoni milħuqa għandu jkun ikbar jew daqs $a_{urban}$.

Jekk ikun possibbli, il-manifattur għandu jieħu l-miżuri biex jevita valur ta' aċċelerazzjoni $a_{wot\ test}$ li jkun akbar minn 2,0 m/s$^2$.

Għall-kalkolu tal-fattur parzjali tal-potenza $k_p$ imbagħad tintuża l-aċċelerazzjoni milħuqa a $_{wot\ test}$ (ara l-punt 4.1.2.1.3.) minflok $a_{wot\ ref}$.

4.1.2.1.5. It-test tal-aċċelerazzjoni

Il-manifattur għandu jiddefinixxi l-pożizzjoni tal-punt ta' referenza quddiem il-linja AA' ta' meta jingħafas għalkollox l-aċċeleratur. L-aċċeleratur għandu jingħafas għalkollox (malajr skont kemm ikun prattiku) meta l-punt ta' referenza tal-vettura jilħaq il-punt iddefinit. L-aċċeleratur għandu jinżamm magħfus sakemm il-parti ta' wara tal-vettura tilħaq il-linja BB'. L-aċċeleratur mbagħad għandu jiġi rilaxxat malajr kemm jista' jkun. Il-punt fejn l-aċċeleratur jkun magħfus l-iżjed 'l isfel għandu jiġi rrappurtat fid-dejta tal-vettura u tat-test skont l-Appendiċi 3 tal-Anness II. Is-servizz tekniku għandu jkollu l-possibbiltà li jagħmel it-testijiet minn qabel.

Fil-każ ta' vetturi artikulati li jikkonsistu f'żewġ unitajiet li ma jistgħux jiġu sseparati li jitqiesu bħala vettura waħda, is-semi-trejler ma għandux jitqies fid-determinazzjoni ta' meta tinqasam il-linja BB'.

4.1.2.1.6. It-test tal-veloċità kostanti

It-test tal-veloċità kostanti għandu jitwettaq bl-istess ger(ijiet) li ġie(ġew) speċifikat(i) għat-test tal-aċċelerazzjoni u b'veloċità kostanti ta' 50 km/siegħa b'tolleranza ta' ± 1 km/siegħa bejn il-linji AA' u BB'. Waqt it-test tal-veloċità kostanti, il-kontroll tal-aċċelerazzjoni għandu jitqiegħed f'pożizzjoni biex tinżamm veloċità kostanti bejn il-linji AA' u BB' kif ġie speċifikat. Jekk għat-test ta' aċċelerazzjoni jiġi llokjat il-ger, l-istess ger għandu jiġi llokjat għat-test tal-veloċità kostanti.

It-test tal-veloċità kostanti mhux meħtieġ għall-vetturi b'PMR < 25.

4.1.2.2. Il-vetturi tal-kategoriji $M_2$ > 3 500 kg, $M_3$, $N_2$, $N_3$

Il-mogħdija tal-linja ċentrali tal-vettura għandha ssegwi l-linja CC' mill-aktar qrib possibbli matul it-test kollu, minn meta l-vettura tavviċina l-linja AA' sakemm il-parti ta' wara tal-vettura tgħaddi l-linja BB'. It-test għandu jitwettaq mingħajr trejler jew semi-trejler. Jekk trejler ma jistax jiġi sseparat faċilment mill-vettura tal-irmonk, it-trejler ma għandux jitqies meta ssir il-valutazzjoni ta' meta tinqasam il-linja BB'. Jekk il-vettura tinkorpora tagħmir bħal apparat li jħallat il-konkrit, kompressur, eċċ., dan it-tagħmir ma għandux ikun qed jaħdem waqt it-test. Il-massa tat-test tal-vettura għandha tkun skont it-tabella li tidher fil-punt 3.2.1.

Il-kundizzjonijiet mira tal-kategorija $M_2$ > 3 500 kg, $N_2$

Meta l-punt ta' referenza jgħaddi l-linja BB', il-veloċità tal-magna $n_{BB'}$ għandha tkun bejn 70 fil-mija u 74 fil-mija tal-veloċità S, fejn il-magna tiżviluppa l-potenza massima nominali tagħha, u l-veloċità tal-vettura għandha tkun ta' 35 km/siegħa ± 5 km/siegħa. Bejn il-linji AA' u BB' għandha tkun żgurata kundizzjoni ta' aċċelerazzjoni stabbli.

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

Il-kundizzjonijiet mira tal-kategoriji $M_3$, $N_3$:

Meta l-punt ta’ referenza jgħaddi l-linja BB’, il-veloċità tal-magna $n_{BB'}$ għandha tkun bejn 85 fil-mija u 89 fil-mija tal-veloċità S, fejn il-magna tiżviluppa l-potenza massima nominali tagħha, u l-veloċità tal-vettura għandha tkun ta’ 35 km/siegħa ± 5 km/siegħa. Bejn il-linji AA’ u BB’ għandha tkun żgurata kundizzjoni ta’ aċċelerazzjoni stabbli.

4.1.2.2.1. L-għażla tal-proporzjonijiet tal-ingranaġġ

4.1.2.2.1.1. Il-vetturi bi trażmissjonijiet manwali

Għandha tkun żgurata kundizzjoni ta’ aċċelerazzjoni stabbli. L-għażla tal-gerijiet tiġi ddeterminata mill-kundizzjonijiet mira. Jekk id-differenza fil-veloċità taqbeż it-tolleranza speċifika, għandhom jiġu ttestjati żewġ gerijiet, wieħed ’il fuq u l-ieħor taħt il-veloċità mira.

Jekk ikun hemm iżjed minn ger wieħed li jilħaq il-kundizzjonijiet mira, agħżel l-iżjed ger qrib il-35 km/siegħa. Jekk l-ebda ger ma jasal għall-kundizzjoni mira għall-$v_{test}$, għandhom jiġu ttestjati żewġ gerijiet, wieħed ’il fuq mill-$v_{test}$ u wieħed ’l isfel minnu. Il-veloċità mira tal-magna għandha tintlaħaq fi kwalunkwe kundizzjoni.

Għandha tkun żgurata kundizzjoni ta’ aċċelerazzjoni stabbli. Jekk ma tistax tkun żgurata aċċelerazzjoni stabbli, dan il-ger ma għandux jitqies.

4.1.2.2.1.2. Il-vetturi bi trażmissjonijiet awtomatiċi, bi trażmissjonijiet adattivi u bi trażmissjonijiet bi proporzjon varjabbli tal-ingranaġġ (CVTs)

Għandha tintuża l-pożizzjoni tas-selettur tal-gerijiet għal operazzjoni għalkollox awtomatika. It-test imbagħad jista’ jinkludi bidla fil-gerijiet għal firxa aktar baxxa u aċċelerazzjoni akbar. Bidla fil-gerijiet għal medda ogħla u aċċelerazzjoni iżgħar mhumiex permessi. Għandha tkun evitata bidla fil-gerijiet għal proporzjon tal-ingranaġġ li ma jintużax fit-traffiku urban, fil-kundizzjoni speċifikata tat-test. Għalhekk, huwa permess li jiġu stabbiliti u jintużaw strumenti elettroniċi jew mekkaniċi li jimpedixxu waqgħa fil-gerijiet għal proporzjon tal-ingranaġġ li tipikament ma jintużax fil-kundizzjoni speċifika tat-test fit-traffiku urban.

Jekk il-vettura tinkludi disinn tat-trażmissjoni, li jipprovdi biss għażla waħda ta’ ger (ingaġġ), li tillimita l-veloċità tal-magna waqt it-test, il-vettura għandha tkun ittesjata billi tintuża biss veloċità mira tal-vettura. Jekk il-vettura tuża kombinazzjoni ta’ magna u ta’ trażmissjoni li ma tissodisfax ir-rekwiżit tal-punt 4.1.2.2.1.1., il-vettura għandha tkun ittestjata billi tintuża l-veloċità mira biss tal-vettura. Il-veloċità mira tal-vettura ($v_{BB'}$) għat-test hija = 35 km/siegħa ± 5km/siegħa. Bidla fil-gerijiet għal medda ogħla u aċċelerazzjoni iżgħar jiġu permessi wara li l-punt ta’ referenza jgħaddi l-linja PP’. Għandhom jitwettqu żewġ testijiet, wieħed bil-veloċità aħħarija tal-$v_{test}$ = $v_{BB'}$ + 5 km/siegħa, u ieħor bil-veloċità aħħarija ta’ $v_{test}$ = $v_{BB'}$ – 5 km/siegħa. Il-livell ta’ ħoss irrappurtat huwa dak ir-riżultat li hu marbut mat-test bl-ogħla veloċità miksuba waqt it-test mil-linja AA’ għal-linja BB’.

4.1.2.2.2. It-test tal-aċċelerazzjoni

Meta l-punt ta’ referenza tal-vettura jilħaq il-linja AA’, il-kontroll tal-aċċeleratur għandu jingħafas għalkollox (mingħajr ma titħaddem il-waqgħa awtomatika tal-gerijiet għal firxa aktar baxxa minn dik normalment użata f’sewqan urban) u jinżamm magħfus għalkollox sakemm il-parti ta’ wara tal-vettura tgħaddi l-linja BB’, imma l-punt ta’ referenza għandu jkun mill-inqas 5 m wara l-linja BB’. Imbagħad għandu jiġi rilaxxat il-kontroll tal-aċċeleratur.

Fil-każ ta’ vetturi artikulati li jikkonsistu f’żewġ unitajiet li ma jistgħux jiġu sseparati li jitqiesu bħala vettura waħda, is-semitrejler ma għandux jitqies fid-determinazzjoni ta’ meta tinqasam il-linja BB’.

4.1.3. L-interpretazzjoni tar-riżultati

Għandu jkun innotat il-livell massimu u ddifferenzjat-A tal-pressjoni tal-ħoss li ġiet indikata waqt kull passaġġ tal-vettura bejn iż-żewġ linji AA’ u BB’. Jekk jiġi osservat livell għoli ferm tal-istorbju, li jidher biċ-ċar li ma jaqbilx mal-livell ġenerali tal-pressjoni tal-ħoss, il-qies ma għandux jitqies. Għandhom jittieħdu mill-inqas erba’qisien għal kull kundizzjoni tat-test fuq kull naħa tal-vettura u għal kull proporzjon tal-ingranaġġ. In-naħa xellugija u dik leminija jistgħu jitkejlu fl-istess ħin jew wara xulxin. Għall-kalkolu tar-riżultat finali għal naħa partikolari tal-vettura, għandhom jintużaw l-ewwel erba’ qisien konsekuttivi validi, (ara l-punt 3.1.), fit- 2 dB(A), fejn jitħalla spazju għat-taħsir tar-riżultati li ma jkunux validi. Il-medja tar-riżultati ta’ kull naħa għandha tiġi kkalkualata b’mod separat. Ir-riżultat intermedju huwa l-ogħla valur minn fost iż-żewġ medji li tqarrbu matematikament għall-ewwel post deċimali.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Il-qisien tal-veloċità mal-linji AA', BB', u PP' għandhom jiġu nnotati u jintużaw fil-kalkoli sal-ewwel numru sinifikanti wara l-punt deċimali.

L-aċċelerazzjoni kkalkulata $a_{wot\ test}$ għandha tiġi nnotata sat-tieni numru wara l-punt deċimali.

4.1.3.1. Il-vetturi tal-kategoriji $M_1$, $N_1$ u $M_2 \leq 3\ 500$ kg

Il-valuri kkalkulati għat-test tal-aċċelerazzjoni u għat-test tal-veloċità kostanti jingħataw permezz ta':

$L_{wot\ rep} = L_{wot\ (i+1)} + k * (L_{wot(i)}- L_{wot\ (i+1)})$

$L_{crs\ rep} = L_{crs(i+1)} + k * (L_{crs\ (i)} - L_{crs\ (i+1)})$

Fejn $k = (_{awot\ ref} - a_{wot\ (i+1)})/(a_{wot\ (i)} - a_{wot\ (i+1)})$

Fil-każ ta' test bi proporzjon wieħed tal-ingranaġġ, il-valuri huma r-riżultat tat-test ta' kull test.

Ir-riżultat finali jiġi kkalkulat billi jiġu kkombinati $L_{wot}$ rep u $L_{crs}$ rep. L-ekwazzjoni hija:

$L_{urban} = L_{wot\ rep} - k_P * (L_{wot\ rep}- L_{crs\ rep})$

Il-fattur tat-tagħbija kP jagħti l-fattur parzali tal-potenza għas-sewqan urban. F'każijiet għajr it-test b'ger wieħed, il-kP jiġi kkalkulat permezz ta':

$k_P = 1 - (a_{urban}/a_{wot\ ref})$

Jekk għat-test jiġi speċifikat ger wieħed biss, kP jingħata permezz ta':

$k_P = 1 - (a_{urban}/$awot test)

F'każijiet fejn awot test huwa inqas minn $a_{urban}$:

$k_P = 0$

4.1.3.2. Il-vetturi tal-kategoriji $M_2 > 3\ 500$ kg, $M_3$, $N_2$, $N_3$

Meta ger wieħed jiġi ttestjat, ir-riżultat finali huwa daqs ir-riżultat intermedju. Meta jiġu ttestjati żewġ gerijiet, għandu jiġi kkalkulat il-valur intermedju aritmetiku tar-riżultati intermedji.

4.2. Il-kejl tal-ħoss emess mill-vetturi wieqfa

4.2.1. Il-livell tal-ħoss fil-viċinanzi tal-vetturi

Ir-riżultati tal-kejl għandhom jitniżżlu fir-rapport tat-test li jissemma fl-Appendiċi 3 tal-Anness I.

4.2.2. Il-kejl akustiku

Għall-qisien għandu jintuża miter ta' preċiżjoni tal-livell tal-ħoss, jew sistema ta' kejl ekwivalenti, kif ġie ddefinit fil-punt 2.1..

4.2.3. Is-sit tat-test – kundizzjonijiet lokali kif deskritt fil-figura 1 tal-Appendiċi 2 tal-Anness II

4.2.3.1. Ma għandu jkun hemm l-ebda ostaklu li jista' jinfluwenza l-kamp akustiku qrib il-mikrofonu u l-ebda persuna ma għandha toqgħod bejn il-mikrofonu u s-sors tal-ħoss. L-osservatur tal-miter għandu joqgħod f'pożizzjoni fejn ma jinfluwenzax il-qari tal-miter.

4.2.4. Il-ħsejjes li jfixklu u l-interferenza mir-riħ

Il-qari fuq l-istrumenti tal-kejl prodotti mill-ħsejjes ambjentali u mir-riħ għandhom ikunu għall-inqas 10 dB (A) taħt il-livell tal-ħoss biex jitkejlu. Jistgħu jiġu mmuntati paraventi xierqa kontra r-riħ mal-mikrofonu, iżda l-effett tagħhom fuq is-sensittività tal-mikrofonu jrid jitqies (ara l-punt 2.1.).

4.2.5. Il-metodu ta' kejl

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

4.2.5.1. In-natura u n-numru ta' qisien

Waqt il-perjodu operattiv li jissemma fil-punt 4.2.5.3.2.1, għandu jitkejjel il-livell massimu tal-ħoss espress f'decibels iddifferenzjat-A (dB(A)).

Għandhom jittieħdu mill-inqas tliet qisien f'kull punt tal-kejl.

4.2.5.2. It-tqegħid f'pożizzjoni u l-preparazzjoni tal-vettura

Il-vettura għandha titqiegħed fil-parti ċentrali taż-żona tat-test bis-selettur tal-gerijiet fil-pożizzjoni newtrali u bil-klaċċ ingaġġjat. Jekk id-disinn tal-vettura ma jippermettix dan, il-vettura għandha tiġi ttestjata skont il-preskrizzjonijiet tal-manifattur għall-ittestjar fuq magna wieqfa. Qabel kull sensiela ta' qisien, il-magna trid tinġieb fil-kundizzjoni operattiva normali tagħha, kif ġie speċifikat mill-manifattur.

Jekk il-vettura hija mgħammra b'fann(ijiet) li jkollhom mekkaniżmu ta' attwazzjoni awtomatiku, din is-sistema ma għandiex tkun imbagħbsa matul il-kejl tal-livell tal-ħoss.

Il-kisi jew l-għata tal-kompartiment tal-magna, jekk imwaħħal b'dan il-mod, għandu jingħalaq.

4.2.5.3. Il-kejl tal-ħoss qrib l-egżost kif imsemmi fil-Figura 1 tal-Appendiċi 2 tal-Anness II.

4.2.5.3.1. Il-pożizzjonijiet tal-mikrofonu

4.2.5.3.1.1. Il-mikrofonu għandu jitqiegħed f'distanza ta' 0,5 m ± 0,01 m mill-punt ta' referenza tal-pajp tal-egżost li ġie ddefinit fil-Figura 1, f'angolu ta' 45°(± 5°) għall-assi tal-fluss tat-tarf tal-pajp. Il-mikrofronu għandu jkun fl-għoli tal-punt ta' referenza, imma mhux inqas minn 0,2 m minn wiċċ l-art. L-assi ta' referenza tal-mikrofonu għandu jkun fi pjan parallel għal wiċċ l-art u għandu jkun dirett lejn il-punt ta' referenza fuq l-iżbokk tal-egżost. Jekk huma possibbli żewġ pożizzjonijiet tal-mikrofonu, għandu jintuża l-post l-aktar 'il bogħod lateralment mil-linja ċentrali lonġitudinali tal-vettura. Jekk l-assi tal-fluss tal-pajp ta' żbokk tal-egżost tkun f'angolu ta' 90° għal-linja ċentrali lonġitudinali tal-vettura, il-mikrofonu għandu jitqiegħed f'dak il-punt, li huwa l-aktar 'il bogħod mill-magna.

4.2.5.3.1.2. Għall-vetturi li jkollhom egżost mogħni bi żbokki li jkollhom bejniethom spazju ta' 0,3 m, għandhom jittieħdu qisien għal kull żbokk. Għandu jiġi rreġistrat l-ogħla livell.

4.2.5.3.1.3. Fil-każ ta' egżost mogħni b'żewġ żbokki jew aktar bi spazju bejniethom ta' inqas minn 0,3 m u li jkunu konnessi mal-istess sajlenser, jittieħed qies wieħed biss; il-pożizzjoni tal-mikrofonu tkun relatata mal-iżbokk li jkun l-eqreb ta' tarf estrem wieħed tal-vettura jew, meta żbokk ta' din ix-xorta ma jkunx jeżisti, mal-iżbokk li jkun l-ogħla 'l fuq mill-art.

4.2.5.3.1.4. Għall-vetturi b'egżost vertikali (eż. il-vetturi kummerċjali), il-mikrofonu għandu jitqiegħed fl-għoli tal-iżbokk tal-egżost. L-assi tiegħu għandu jkun vertikali u orjentat 'il fuq. Għandu jitqiegħed f'distanza ta' 0,5 m ± 0,01 m mill-punt ta' referenza tal-pajp tal-egżost, imma qatt inqas minn 0,2 m min-naħa tal-vettura li tkun l-eqreb tal-egżost.

4.2.5.3.1.5. Għall-iżbokki tal-egżost li jinsabu taħt il-bodi tal-vettura, il-mikrofonu għandu jitqiegħed minimu ta' 0,2 m mill-eqreb parti tal-vettura, f'punt li huwa l-eqreb ta' 0,5 m mill-punt ta' referenza tal-pajp tal-egżost, imma qatt inqas minn hekk, u f'għoli ta' 0,2 m 'il fuq mill-art, u mhux f'linja mal-fluss tal-egżost. F'uħud mill-każi, ir-rekwiżit tal-angolarità fil-punt 4.2.5.3.1.1. jista' ma jkunx sodisfatt.

4.2.5.3.2. Il-kundizzjonijiet ta' tħaddim tal-magna

4.2.5.3.2.1. Il-veloċità mira tal-magna

Il-veloċità mira tal-magna tiġi ddefinita bħala:

— 75 fil-mija tal-veloċità tal-magna S għall-vetturi b'veloċità nominali tal-magna ta' ≤ 5 000 $min^{-1}$

— 3 750 $min^{-1}$ għall-vetturi b'veloċità nominali tal-magna akbar minn 5 000 $min^{-1}$ u iċken minn 7 500 $min^{-1}$

— 50 fil-mija tal-veloċità tal-magna S għall-vetturi b'veloċità nominali tal-magna ta' ≥ 7 500 $min^{-1}$.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Jekk il-vettura ma tistax tilħaq din il-veloċità tal-magna, il-veloċità mira tal-magna għandha tkun ħamsa fil-mija taħt il-veloċità massima possibbli tal-magna għal dak it-test meta l-vettura tkun wieqfa.

4.2.5.3.2.2. Il-proċedura tat-test

Il-veloċità tal-magna għandha tiżdied b'mod gradwali minn tħaddim tal-magna mhux ingranata (idle) għall-veloċità mira tal-magna, mingħajr ma tinqabeż faxxa ta' tolleranza ta' ± 3 fil-mija tal-veloċità mira tal-magna, u għandha tinżamm kostanti. Imbagħad il-kontroll tal-valv tal-aċċelleratur għandu jiġi rilaxxat malajr u l-veloċità tal-magna għandha titreġġa' għal tħaddim tal-magna mhux ingranata. Il-livell tal-ħoss għandu jitkejjel waqt perjodu ta' tħaddim li jikkonsisti f'li tinżamm veloċità kostanti tal-magna għal sekonda waħda u matul il-perjodu kollu ta' deċelerazzjoni, il-qari massimu tal-miter tal-livell tal-ħoss, imqarreb matematikament għall-ewwel post deċimali, jitqies bħala l-valur tat-test.

4.2.5.3.2.3. Il-validazzjoni tat-test

Il-kejl għandu jitqies bħala validu jekk il-veloċità tat-test tal-magna ma tiddevjax mill-veloċità mira tal-magna b'aktar minn ± 3 fil-mija għal mill-inqas sekonda waħda.

4.2.6. Ir-riżultati

Għandhom jittieħdu mill-inqas tliet qisien għal kull pożizjoni tat-test. Għandu jiġi rreġistrat il-livell massimu u ddifferenzjat-A tal-pressjoni tal-ħoss indikat waqt kull wieħed mit-tliet qisien. L-ewwel tliet riżultati konsekuttivi validi tal-kejl, fi ħdan 2 dB(A), fejn jitħalla spazju għat-taħsir tar-riżultati li ma jkunux validi (filwaqt li jiġu meqjusa l-ispeċifikazzjonijiet tas-sit tat-test kif imsemmi fil-punt 3.1.), għandhom jintużaw għad-determinazzjoni tar-riżultat finali għall-pożizzjoni partikolari tal-kejl. Il-livell massimu tal-ħoss, għall-pożizzjonijiet tal-kejl kollha, u tat-tliet riżultati tal-kejl, jikkostitwixxi r-riżultat finali.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Appendiċi 1




Figura 1: Il-pożizzjonijiet tal-kejl għall-vetturi mixjin

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**




T = id-dehra minn fuq

S = id-dehra mill-ġenb

A = pajp iggradat

B = pajp milwi 'l isfel

C = pajp dritt

D = pajp wieqaf

1 = punt ta' referenza

2 = il-wiċċ tat-triq

Figura 2: Punt ta' Referenza




Figura 3a




Figura 3b

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**




Figura 3c




Figura 3d

Il-Figuri 3 a – d: Eżempji tal-pożizzjoni tal-mikrofonu, skont il-pożizzjoni tal-pajp tal-egżost

---

ANNESS III

Valuri ta' limitu

Il-livell tal-ħoss imkejjel skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II, ***u mqarreb 'l isfel għall-eqreb numru sħiħ meta l-parti frazzjonali tkun inqas minn 0,5 u mqarreb 'il fuq għall-eqreb numru sħiħ jekk il-parti frazzjonali tkun daqs jew ikbar minn 0,5,*** ma għandux jaqbeż il-limiti li:

| ~~Il-kategorija tal-vettura~~ | ~~Deskrizzjoni tal-kategorija tal-vettura~~ | ~~Il-valuri ta' limitu espressi f'dB(A) [decibels(A)]~~ | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | ~~Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi~~ | | ~~Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi~~ | | ~~Valuri ta' limitu għal reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda~~ | |
| | | ~~L-ewwel fażi valida minn [sentejn wara l-pubblikazzjoni]~~ | | ~~It-tieni fażi valida minn [5 snin wara l-pubblikazzjoni]~~ | | ~~It-tielet fażi valida minn [7 snin wara l-pubblikazzjoni]~~ | |
| | | ~~Ġenerali~~ | ~~Off-road (*)~~ | ~~Ġenerali~~ | ~~Off-road (*)~~ | ~~Ġenerali~~ | ~~Off-road (*)~~ |
| ~~M~~ | ~~Vetturi użati għall-ġarr tal-passiġġieri~~ | | | | | | |
| ~~$M_1$~~ | ~~nru ta' sits ≤ 9~~ | ~~70~~ | ~~71 (**)~~ | ~~68~~ | ~~69 (**)~~ | ~~68~~ | ~~69 (**)~~ |
| ~~$M_1$~~ | ~~nru ta' sits ≤ 9;~~<br>~~Il-proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa > 150 kW/ton~~ | ~~71~~ | ~~71~~ | ~~69~~ | ~~69~~ | ~~69~~ | ~~69~~ |

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

| ~~Il-kategorija tal-vettura~~ | ~~Deskrizzjoni tal-kategorija tal-vettura~~ | ~~Il-valuri ta’ limitu espressi f’dB(A) [decibels(A)]~~ | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | ~~Valuri ta’ limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta’ tipi ġodda ta’ vetturi~~ | | ~~Valuri ta’ limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta’ tipi ġodda ta’ vetturi~~ | | ~~Valuri ta’ limitu għal reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta’ vetturi ġodda~~ | |
| | | ~~L-ewwel fażi valida minn [sentejn wara l-pubblikazzjoni]~~ | | ~~It-tieni fażi valida minn [5 snin wara l-pubblikazzjoni]~~ | | ~~It-tielet fażi valida minn [7 snin wara l-pubblikazzjoni]~~ | |
| | | ~~Ġenerali~~ | ~~Off-road (*)~~ | ~~Ġenerali~~ | ~~Off-road (*)~~ | ~~Ġenerali~~ | ~~Off-road (*)~~ |
| ~~$M_2$~~ | ~~nru ta’ sits > 9; massa ≤ 2 tunnellati~~ | ~~72~~ | ~~72~~ | ~~70~~ | ~~70~~ | ~~70~~ | ~~70~~ |
| ~~$M_2$~~ | ~~nru ta’ sits > 9; 2 tunnellati < massa ≤ 3,5 tunnellati~~ | ~~73~~ | ~~74~~ | ~~71~~ | ~~72~~ | ~~71~~ | ~~72~~ |
| ~~$M_2$~~ | ~~nru ta’ sits > 9; 3,5 tunnellata < massa ≤5 tunnellati~~<br>~~Potenza nominali tal-magna < 150 kW~~ | ~~74~~ | ~~75~~ | ~~72~~ | ~~73~~ | ~~72~~ | ~~73~~ |
| ~~$M_2$~~ | ~~nru ta’ sits > 9; 3,5 tunnellata < massa ≤ 5 tunnellati~~<br>~~Potenza nominali tal-magna ≥ 150 kW~~ | ~~76~~ | ~~78~~ | ~~74~~ | ~~76~~ | ~~74~~ | ~~76~~ |
| ~~$M_3$~~ | ~~nru ta’ sits > 9; massa > 5 tunnellati;~~<br>~~Potenza nominali tal-magna < 150 kW~~ | ~~75~~ | ~~76~~ | ~~73~~ | ~~74~~ | ~~73~~ | ~~74~~ |
| ~~$M_3$~~ | ~~nru ta’ sits > 9; massa > 5 tunnellati;~~<br>~~Potenza nominali tal-magna ≥150 kW~~ | ~~77~~ | ~~79~~ | ~~75~~ | ~~77~~ | ~~75~~ | ~~77~~ |
| ~~N~~ | ~~Vetturi użati għall-ġarr tal-merkanzija~~ | | | | | | |
| ~~$N_1$~~ | ~~massa ≤ 2 tunnellati~~ | ~~71~~ | ~~71~~ | ~~69~~ | ~~69~~ | ~~69~~ | ~~69~~ |
| ~~$N_1$~~ | ~~2 tunnellati ≤ massa < 3,5 tunnellati~~ | ~~72~~ | ~~73~~ | ~~70~~ | ~~71~~ | ~~70~~ | ~~71~~ |
| ~~$N_2$~~ | ~~3,5 tunnellata ≤ massa < 12-il tunnellata;~~<br>~~Potenza nominali tal-magna < 75 kW~~ | ~~74~~ | ~~75~~ | ~~72~~ | ~~73~~ | ~~72~~ | ~~73~~ |
| ~~$N_2$~~ | ~~3,5 tunnellata < massa ≤ 12-il tunnellata~~<br>~~75 ≤ potenza nominali tal-magna < 150 kW~~ | ~~75~~ | ~~76~~ | ~~73~~ | ~~74~~ | ~~73~~ | ~~74~~ |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| ~~Il-kategori-ja tal-vet-tura~~ | ~~Deskrizzjoni tal-kategorija tal-vettura~~ | ~~Il-valuri ta' limitu espressi f'dB(A) [decibels(A)]~~ | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | ~~Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi~~ | | ~~Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi~~ | | ~~Valuri ta' limitu għal reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda~~ | |
| | | ~~L-ewwel fażi valida minn [sentejn wara l-pubblikazzjoni]~~ | | ~~It-tieni fażi valida minn [5 snin wara l-pubblikazzjoni]~~ | | ~~It-tielet fażi valida minn [7 snin wara l-pubblikazzjoni]~~ | |
| | | ~~Ġenerali~~ | ~~Off-road (*)~~ | ~~Ġenerali~~ | ~~Off-road (*)~~ | ~~Ġenerali~~ | ~~Off-road (*)~~ |
| ~~$N_2$~~ | ~~3,5 tunnellata < massa ≤ 12-il tunnellata;~~<br>~~Potenza nominali tal-magna ≥ 150 kW~~ | ~~77~~ | ~~79~~ | ~~75~~ | ~~77~~ | ~~75~~ | ~~77~~ |
| ~~$N_3$~~ | ~~massa > 12-il tunnellata;~~<br>~~75 ≤ potenza nominali tal-magna < 150 kW~~ | ~~77~~ | ~~78~~ | ~~75~~ | ~~76~~ | ~~75~~ | ~~76~~ |
| ~~$N_3$~~ | ~~massa > 12-il tunnellata;~~<br>~~Potenza nominali tal-magna ≥ 150 kW~~ | ~~80~~ | ~~82~~ | ~~78~~ | ~~80~~ | ~~78~~ | ~~80~~ |

| *Il-kategori-ja tal-vet-tura* | *Deskrizzjoni tal-kategorija tal-vettura* | *Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi espressi f'dB(A) [decibels(A)]* (*) | *Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi u għal reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda espressi f'dB(A) [decibels(A)]* (*) |
|---|---|---|---|
| | | *L-ewwel fa ¿i valida minn [6 snin wara l-pubblikazzjoni]* | *It-tieni fa ¿i valida minn [8 snin wara l-pubblikazzjoni]* |
| *M* | *Vetturi użati għall-garr tal-passiġġieri* | | |
| *$M_1$* | *nru ta' sits ≤9; ≤ 125 kW/ton* | *68* | *68* |
| | *nru ta' sits ≤ 9; 125kW/ton < il-proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa ≤ 150kW/ton* | *70* | *70* |
| | *nru ta' sits ≤ 9, proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa > 150kW/ton* | *73* | *73* |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| *Il-kategori-ja tal-vet-tura* | *Deskrizzjoni tal-kategorija tal-vettura* | *Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi espressi f'dB(A) [decibels(A)]* (*) | *Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi u għal reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda espressi f'dB(A) [decibels(A)]* (*) |
|---|---|---|---|
| | | *L-ewwel fa ¿i valida minn [6 snin wara l-pubblikazzjoni]* | *It-tieni fa ¿i valida minn [8 snin wara l-pubblikazzjoni]* |
| ***$M_1$*** | ***nru ta' sits ≤ 4, inklu ¿ is-sewwieq; proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa > 200kW/ton; Punt R tas-sit tas-sewwieq < 450 mm mill-art*** | *74* | *74* |
| ***$M_2$*** | ***nru ta' sits > 9; massa ≤ 2,5 tunnellati*** | ***69*** | ***69*** |
| | ***nru ta' sits > 9; 2,5 tunnellati < massa < 3,5 tunnellati*** | *72* | *72* |
| | ***nru ta' sits > 9; 3,5 tunnellati < massa < 5 tunnellati;*** | *75* | *75* |
| ***$M_3$*** | ***nru ta' sits > 9; massa > 5 tunnellati; potenza nominali tal-magna ≤ 180kW*** | *74* | *74* |
| | ***nru ta' sits > 9; massa > 5 tunnellati; 180 kW < potenza nominali tal-magna ≤ 250kW*** | *77* | *77* |
| | ***nru ta' sits > 9; massa > 5 tunnellati; potenza nominali tal-magna > 250kW*** | *78* | *78* |
| ***N*** | ***Vetturi użati għall-ġarr tal-merkanzija*** | | |
| ***$N_1$*** | ***massa < 2,5 tunnellati*** | ***69*** | ***69*** |
| | ***2,5 tunnellati < massa < 3,5 tunnellati*** | ***71*** | ***71*** |
| ***$N_2$*** | ***3,5 tunnellati < massa < 12-il tunnellata;***<br>***potenza nominali tal-magna < 150 kW*** | *75* | *75* |
| | ***3,5 tunnellata < massa ≤ 12-il tunnellata; potenza nominali tal-magna < 150 kW*** | *76* | *76* |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| *Il-kategorija tal-vettura* | *Deskrizzjoni tal-kategorija tal-vettura* | *Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi espressi f'dB(A) [decibels(A)]* (*) | *Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi u għal reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda espressi f'dB(A) [decibels(A)]* (*) |
|---|---|---|---|
| | | *L-ewwel fa ¿i valida minn [6 snin wara l-pubblikazzjoni]* | *It-tieni fa ¿i valida minn [8 snin wara l-pubblikazzjoni]* |
| $N_3$ | ***massa > 12-il tunnellata; potenza nominali tal-magna ≤ 180 kW*** | *77* | *77* |
| | ***massa > 12-il tunnellata; 180 < potenza nominali tal-magna ≤ 250 kW*** | *79* | *79* |
| | ***massa > 12-il tunnellata; potenza nominali tal-magna < 250 kW*** | ***81*** | ***81*** |

(*) Il-valuri ta' limitu ~~miżjuda~~ għandhom ~~ikunu validi biss jekk il-vettura tikkonforma ma~~***jiżdiedu b'1db għall-vetturi li jissodisfaw*** d-definizzjoni rilevanti għall-vetturi off-road stabbilita fil-punt 4 tat-Taqsima A tal-Anness II għad-Direttiva tal-UE 2007/46/KE.

(**) ~~Għall-vetturi $M_1$ il-valuri ta' limitu miżjuda għall-vetturi off-road ikunu validi biss jekk il-massa massima awtorizzata tkun ta' > 2 tunnellati~~ **[Em. 61]**

---

ANNESS IV

Sistemi tas-Sajlenser li Fihom il-Materjali Fibrużi li Jtaffu l-Ħsejjes

1. Ġenerali

Il-materjali fibrużi li jtaffu l-ħsejjes jistgħu jintużaw fis-sistemi tas-sajlenser jew fil-komponenti tagħhom fejn jintlaħqu kwalunkwe waħda minn dawn il-kundizzjonijiet;

(a) il-gass tal-egżost ma jkunx f'kuntatt mal-materjali fibrużi;

(b) is-sistemi tas-sajlenser jew il-komponenti tagħhom ikunu tal-istess familja ta' tifsil tas-sistemi jew tal-komponenti tas-sistemi li għalihom ġie ppruvat, waqt il-proċess tal-approvazzjoni tat-tip skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għal tip ieħor ta' vettura, li mhumiex suġġetti għad-deterjorament.

Meta l-ebda waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tintlaħaq, is-sistema shiha tas-sajlenser jew il-komponenti tagħha jkollhom iġarrbu kundizzjonament konvenzjonali permezz ta' waħda fost tliet installazzjonijiet u proċeduri deskritti hawn taħt.

1.1. Tħaddim kontinwu fit-triq għal 10 000 km.

1.1.1. 50 ± 20 ta' din l-operazzjoni għandu jikkonsisti minn sewqan urban u l-bqija tal-operazzjoni għandha tkun ġirjiet ta' distanzi twal b'veloċità għolja; It-tħaddim kontinwu fit-triq jista' jiġi sostitwit bi programm korrispondenti ta' testijiet fil-mogħdija tat-test.

1.1.2. Iż-żewġ reġimi ta' veloċità għandhom jalternaw mill-inqas darbtejn.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

1.1.3. Il-programm tat-test kollu għandu jinkludi minimu ta' 10 waqfiet ta' mill-inqas tliet sigħat biex jiġu riprodotti l-effetti ta' tberrid u xi kondensazzjoni li tista' sseħħ.

1.2. L-ikkundizzjonar fuq bank tat-test

1.2.1. Il-partijiet standard tas-sistema tal-egżost jew il-komponenti tagħha jridu jitwaħħlu mal-vettura msemmija fil-punt 1.3. tal-Anness I jew mal-magna msemmija fil-punt 1.4. tal-Anness I filwaqt li wieħed isegwi l-istruzzjonijiet tal-manifattur. Fil-każ tal-vettura msemmija fil-punt 1.3 tal-Anness I, il-vettura trid tittella' fuq dinamometru tar-romblu. Fil-każ ta' magna msemmija fil-punt 1.4 tal-Anness I, il-magna trid tiġi mqabbda ma' dinamometru.

1.2.2. It-test għandu jkun imwettaq f'sitt perjodi ta' sitt sigħat b'waqfa ta' mill-anqas 12-il siegħa bejn kull perjodu biex jiġu riprodotti l-effetti tat-tberrid u xi kondensazzjoni li tista' sseħħ.

1.2.3. Waqt kull perjodu ta' sitt sigħat, il-magna għandha titħaddem, fil-kundizzjonijiet li ġejjin, waħda wara l-oħra:

(a) Ħames minuti b'veloċità mingħajr ingranaġġ;

(b) Sekwenza ta' siegħa taħt tagħbija ta' 1/4 bi 3/4 tal-veloċità massima nominali (S);

(c) Sekwenza ta' siegħa taħt tagħbija ta' 1/2 bi 3/4 tal-veloċità massima nominali (S);

(d) Sekwenza ta' 10 minuti b'tagħbija sħiħa bi 3/4 tal-veloċità massima nominali(S);

(e) Sekwenza ta' 15-il minuta b'1/2 tagħbija b'veloċità massima nominali(S);

(f) Sekwenza ta' 30 minuta b'1/4 tagħbija b'veloċità massima nominali(S).

It-tul totali tas-sitt sekwenzi: tliet sigħat.

Kull perjodu għandu jkun magħmul minn żewġ settijiet maqsumin f'sekwenza ta' dawk il-kundizzjonijiet f'ordni konsekuttiva minn (a) sa (f).

1.2.4. Matul it-test, is-sistema tas-sajlenser ma għandhiex titberred b'riħ sfurzat li jissimula l-arja li normalment tgħaddi madwar il-vettura. B'danakollu, fuq talba tal-manifattur, is-sistema tas-sajlenser jew il-komponenti tagħha jistgħu jitberrdu sabiex ma tinqabiżx it-temperatura reġistrata fil-bokka tagħha meta l-vettura tkun għaddejja b'veloċità massima.

1.3. L-ikkondizzjonar bil-pulsazzjoni

1.3.1. Is-sistema tas-sajlenser jew il-komponenti tagħha għandhom jitwaħħlu mal-vettura msemmija fil-punt 1.3. tal-Anness I jew mal-magna msemmija fil-punt 1.4. tal-Anness I. Fil-każ tal-ewwel, il-vettura trid tittella' fuq dinamometru tar-romblu.

Fit-tieni każ, il-magna trid tiġi mmuntata fuq dinanometru. L-apparat tat-test, li dijagramma dettaljata tiegħu qed tintwera fil-Figura 1 tal-Appendiċi għal dan l-Anness, irid jitwaħħal fl-iżbokk tas-sistema tal-egżost. Kull apparat ieħor li jipprovdi riżultati ekwivalenti huwa aċċettabbli.

1.3.2. L-apparat tat-test irid ikun aġġustat b'tali mod li l-fluss tal-gass tal-egżost ikun interrott u stabbilit mill-ġdid, b'mod alternat, permezz tal-valv ta' azzjoni rapida għal 2 500 ċiklu.

1.3.3. Il-valv trid tinfetaħ meta l-kontrapressjoni tal-gass tal-egżost, imkejla mill-inqas 100 mm 'l isfel mil-flanġ tad-dħul, tilħaq valur ta' bejn 0,35 u 0,40 $k_{p}a$. Għandha tingħalaq meta din il-pressa ma tvarjax b'aktar minn 10 % mill-valur stabilizzat bil-valv miftuħ.

1.3.4. It-time-delay switch għandu jkun iffissat għal kemm idum l-egżost f'forma ta' gass li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1.3.3.

1.3.5 Il-veloċità tal-magna għandha tkun ta' 75 % tal-veloċità (S) li fiha l-magna tiżviluppa l-potenza massima.

1.3.6. Il-potenza indikata mid-dinamometru għandha tkun ugwali għal 50 % tal-potenza bil-valv tal-aċċelleratur miftuħ kollu mkejjel f'75 % tal-veloċità tal-magna (S).

1.3.7. Kull toqba għall-iskular ta' likwidi għandha tingħalaq matul it-test.

1.3.8. It-test kollu għandu jkun imwettaq fi żmien 48 siegħa.

Jekk ikun meħtieġ, għandu jintuża perjodu wieħed ta' tberrid wara kull siegħa.

---

Appendiċi 1




Figura 1

L-apparat tat-test għall-ikkundizzjonar permezz tal-pulsazzjoni

1. Il-flanġ tal-bokka jew qoxra għall-konnessjoni man-naħa ta' wara tas-sistema tal-egżost tat-test.

2. Il-valv tar-regolazzjoni li jitħaddem bl-idejn.

3. Ir-riserva li tikkumpensa b'kapaċità massima ta' 40 l u ħin biex timtela ta' mhux inqas minn sekonda.

4. Is-swiċċ li jaħdem bil-pressjoni b'firxa operattiva ta' bejn 0,05 u 2,5 bar.

5. It-time-delay switch.

6. L-apparat li jgħodd il-pulsazzjonijiet.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

7. Il-valvola ta' azzjoni ta' malajr, bħall-valvola tal-egżost tal-brejk b'dijametru ta' 60 mm, li titħaddem permezz ta' ċilindru pnewmatiku b'output ta' 120 N f'4 bar. Il-ħin tar-rispons, kemm tal-ftuħ kif ukoll tal-għeluq, ma għandux jaqbeż iż-0,5 ta' sekonda.

8. L-evakwazzjoni tal-gass tal-egżost.

9. Pajp flessibbli.

10. L-apparat li jkejjel il-pressjoni.

---

L-ANNESS V

Il-ħoss tal-arja kkompressata

1. Il-metodu tal-kejl

Il-kejl jitwettaq fil-pożizzjonijiet tal-mikrofonu 2 u 6 skont il-Figura 1, bil-vettura wieqfa. L-ogħla livell tal-ħoss iddiferenzjat-A għandu jiġi rreġistrat waqt l-ivventjar tar-regolatur tal-pressjoni u waqt il-ventilazzjoni wara l-użu kemm tal-brejkijiet tas-servizz kif ukoll ta' dawk tal-ipparkjar.

Il-ħoss waqt l-ivventjar tar-regolatur tal-pressjoni jitkejjel bil-magna tkun bil-magna taħdem mingħajr ingranaġġ. Il-ħoss tal-ventilazzjoni jiġi rreġistrat waqt li jitħaddmu l-brejkijiet tas-servizz u tal-ipparkjar; qabel kull kejl, l-unità tal-kompressur tal-ajra trid tinġieb għall-ogħla pressjoni operattiva permissibbli, u mbagħad għandha tintefa' l-magna.

2. L-evalwazzjoni tar-riżultati

Għall-pożizzjonijiet tal-mikrofonu kollha jittieħdu żewġ qisien. Sabiex ikun hemm kumpens għan-nuqqasijiet fil-preċiżjoni tat-tagħmir tal-kejl, il-qari tal-miter jitnaqqas b'1 dB(A), u l-valur imnaqqas jitqies bħala r-riżultat tal-kejl. Ir-riżultati jitqiesu bħala validi jekk id-differenza bejn il-qisien f'pożizzjoni waħda tal-mikrofonu ma taqbiżx iż-2 dB (A). L-ogħla valur imkejjel jitqies bħala r-riżultat. Jekk dan il-valur jaqbeż il-limitu tal-istorbju b'1 dB(A), għandhom jittieħdu żewġ qisien addizzjonali fil-pożizzjoni tal-mikrofonu korrispondenti. F'dan il-każ, tlieta mill-erba' riżultati tal-kejl miksuba f'din il-pożizzjoni għandhom jikkonformaw mal-limitu tal-istorbju.

3. Il-valur li jillimita

Il-livell tal-ħoss ma għandux jaqbeż il-limitu ta' 72 dB(A).

---

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Appendiċi 1

Figura 1: Il-pożizzjonijiet tal-mikrofonu għall-kejl tal-ħoss tal-arja kkompressata




Il-kejl irid isir bil-vettura wieqfa skont il-Figura 1, bil-mikrofonu mqiegħed f'żewġ pożizzjonijiet f'distanza ta' 7 m mill-kontorn tal-vetturi, u 1,2 m 'l fuq mill-art.

---

ANNESS VI

Il-kontrolli tal-konformità tal-produzzjoni għall-vetturi

1. Ġenerali

Dawn ir-rekwiżiti jaqblu mat-test li jsir biex tiġi kkontrollata l-konformità tal-produzzjoni (COP) skont il-punt 5 tal-Anness I.

2. Il-proċedura tal-ittestjar

Is-sit tat-test u l-istrumenti tal-kejl għandhom ikunu dawk li ġew deskritti fl-Anness II.

2.1. Il-vetturi li qed jiġu ttestjati għandhom ikunu soġġetti għat-test tal-kejl tal-ħoss tal-vettura miexja kif stabbilit fil-punt 4.1. tal-Anness II.

2.2. Il-ħoss tal-arja kkompressata

Il-vetturi li għandhom massa massima li taqbeż l-2 800 kg u li huma mgħammra b'sistemi tal-arja kkompressata iridu jiġu soġġetti għal test addizzjonali għall-kejl tal-ħoss tal-arja kkompressata kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness V.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

2.3. Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar l-emissjonijiet tal-ħoss

Il-manifattur tal-vettura għandu jagħmel stima tal-konformità mal-ASEP permezz ta' valutazzjoni xierqa, jew jista' jwettaq it-test deskritt fl-Anness VIII.

3. Teħid tal-kampjuni u evalwazzjoni tar-riżultati

Trid tintgħażel vettura waħda li mbagħad tiġi soġġetta għat-testijiet stabbiliti fil-punt 2. Jekk ir-riżultati tat-testijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-COP tal-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE, il-vettura għandha titqies li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-COP. ***Ir-rekwiżiti tal-COP applikabbli huma l-valuri ta' limitu stipulati fl-Anness III bil-marġni addizzjonali ta' 1 dB(A).*** **[Em. 52]**

Jekk ikun hemm wieħed mir-riżultati tat-testijiet li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-COP tal-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE, għandhom jiġu ttestjati żewġ vetturi oħra tal-istess tip skont il-punt 2 ta' dan l-Anness.

Jekk ir-riżultati tat-testijiet tat-tieni u tat-tielet vetturi jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-COP tal-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE, il-vettura għandha titqies li tikkonforma mal-COP.

Jekk wieħed mir-riżultati tat-testijiet tat-tieni jew it-tielet vetturi ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-COP tal-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE, it-tip tal vettura jitqies li ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-manifattur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa li jwasslu mill-ġdid għall-konformità.

---

## ANNESS VII

## L-ispeċifikazzjonijiet għas-sit tat-test

1. Introduzzjoni

Dan l-Anness jiddeskrivi l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-karatteristiċi fiżiċi u mat-tqegħid tal-mogħdija tat-test. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet, li huma bbażati fuq standard ([1]) jiddeskrivu l-karatteristiċi fiżiċi meħtieġa kif ukoll il-metodi tat-test għal dawn il-karatteristiċi.

2. Il-karatteristiċi meħtieġa tas-superfiċje

Wiċċ jitqies li jikkonforma ma' dan l-istandard jekk il-kompożizzjoni u l-ispazji jew il-ko-efficjent tal-assorbiment tal-ħoss ikunu tkejlu u nstabu li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-punti 2.1. sa 2.4., u jekk ikunu ntlaħqu wkoll ir-rekwiżiti tad-disinn stabbiliti fil-punt 3.2.

2.1. Il-kontenut tal-ispazji vojta residwi

Il-kontenut tal-ispazji vojta residwi, $V_C$, tat-taħlita għall-pavimentar tal-mogħdija tat-test ma għandux jaqbeż it-8 %. Għall-proċedura tat-tikjil, ara l-punt 4.1.

2.2. Il-koeffiċjent ta' assorbiment tal-ħoss

Jekk il-wiċċ ma jikkonformax mar-rekwiżit tal-kontenut tal-ispazji vojta residwi, ikun aċċettabbli biss jekk il-koeffiċjent tal-assorbiment tal-ħoss tiegħu jkun $\alpha \leq 0,10$. Għall-proċedura tat-tikjil, ara l-punt 4.2. Ir-rekwiżiti tal-punt 2.1. u ta' dan il-punt għandhom jitqiesu li ntlaħhqu wkoll jekk ġie mkejjel l-assorbiment tal-ħoss biss u nstab li hu $\alpha \leq 0,10$.

---

([1]) ~~ISO10844:1994.~~***Għall-ewwel ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-manufatturi jistgħu jużaw il-mogħdijiet tat-test ċertifikati skont l-ISO 10844:1994 jew l-ISO 10844:2011. Wara dik id-data, il-manufatturi għandhom jużaw biss il-mogħdijiet tat-test li jikkonformaw mal-ISO 10844:2011*** **[Em. 53]**

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

Ta’ min jinnota li l-aktar karatteristika rilevanti hija l-assorbiment tal-ħoss, għalkemm il-kontenut tal-ispazji residwi vojta huwa aktar familjari mal-kostrutturi tat-toroq. Madanakollu, jeħtieġ li l-assorbiment tal-ħoss jitkejjel biss jekk il-wiċċ ma jikkonformax mar-rekwiżit tal-ispazji. Ir-raġuni għal dan hi li l-ispazji huma konnessi ma’ inċertezzi relattivament kbar f’termini kemm ta’ qisien kif ukoll ta’ rilevanza u wħud mill-uċuħ għalhekk jistgħu jiġu rifjutati, b’mod żbaljat, fuq il-bażi biss tal-kejl tal-ispazji.

2.3. Il-fond tal-kompożizzjoni

Il-fond tal-kompożizzjoni (TD) imkejjel skont il-metodu volumetriku (ara l-punt 4.3. hawn taħt) għandu jkun:

TD $\geq$ 0,4 mm

2.4. L-omoġeneità tal-wiċċ

Għandu jsir kull sforz prattiku biex ikun żgurat li l-wiċċ ikun kemm jista’ jkun omoġenju fis-sit tat-test. Dan jinkludi l-kompożizzjoni u l-kontenut tal-ispazji, imma għandu jkun osservat ukoll li jekk il-proċess tal-irromblar jirriżulta f’irromblar aktar effettiv f’xi bnadi milli f’oħrajn, il-konsistenza tista’ tkun differenti u n-nuqqas ta’ uniformità jista’ jagħti lok għal ħotob.

2.5. Il-perjodu tal-ittestjar

Biex jiġi kkontrollat jekk il-wiċċ ikomplix jikkonforma mal-konsistenza u mal-kontenut tal-ispazji jew mar-rekwiżiti tal-assorbiment tal-ħoss stipulati f’dan l-istandard, għandu jsir ittestjar perjodiku fl-intervalli li ġejjin:

(a) Għall-kontenut tal-ispazji residwi jew għall-assorbiment tal-ħoss:

meta l-wiċċ ikun ġdid;

jekk il-wiċċ jissodisfa r-rekwiżiti meta jkun ġdid, mhuwiex meħtieġ ebda ttestjar perjodiku ieħor. Jekk ma jissodisfax ir-rekwiżit meta jkun ġdid, jista’ jissodisfahom aktar tard għaliex l-uċuħ għandhom it-tendenza li jinstaddu u jsiru kompatti maż-żmien.

(b) Għall-fond tal-kompożizzjoni (TD):

meta l-wiċċ ikun ġdid;

meta jibda l-ittestjar tal-ħoss (NB: mhux qabel ma jgħaddu erba’ ġimgħat wara li jkun tqiegħed);

imbagħad kull 12-il xahar.

3. Il-pjanta tal-wiċċ tat-test

3.1. Erja

Meta jiġi ppjanat l-arranġament tal-mogħdija tat-test huwa importanti li jkun żgurat, li bħala rekwiżit minimu, l-erja fejn jaqsmu l-vetturi li jgħaddu mill-istrixxa tat-test tkun miksija bil-materjal tat-test speċifikat b’marġnijiet xierqa għal sewqan sikur u prattiku. Dan jirrikjedi li l-wisà tal-mogħdija tkun ta’ mill-inqas 3 m u li t-tul tagħha jibqa’ ħiereġ ’il barra mil-linji AA u BB għal mill-inqas 10 m fuq kull naħa. Il-figura 1 turi pjanta ta’ sit tat-test addattat u tindika l-erja minima li trid titqiegħed titrassas bil-magni bil-materjal speċifikat għall-wiċċ tal-ittestjar. Skont il-punt 4.1.1. tal-Anness II, il-kejl għandu jittieħed minn kull naħa tal-vettura. Dan jista’ jsir jew billi jsir kejl b’żewġ pożizzjonijiet tal-mikrofoni (wieħed fuq kull naħa tal-mogħdija) u s-sewqan isir f’direzzjoni waħda, jew isir kejl b’mikrofonu biss fuq naħa waħda tal-mogħdija iżda l-vettura tinsaq f’żewġ direzzjonijiet. Jekk jintuża l-metodu tal-aħħar, ma jkunx hemm rekwiżiti dwar il-wiċċ fuq in-naħa tal-mogħdija fejn ma jitqiegħedx mikrofonu.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**




Key

Minimum area covered with test road surface, i.e. test area

Microphone (height 1,2 m)

NB – Ma għandux ikun hemm oġġetti kbar li jirriflettu l-ħsejjes f'dan ir-radju.

Figura 1. Ir-rekwiżiti minimi għall-erja tal-wiċċ tat-test. Il-parti skurata tissejjaħ l-"Erja tat-Test".

3.2. Id-disinn u t-tħejjija tal-wiċċ

3.2.1. Ir-rekwiżiti bażiċi tad-disinn

Il-wiċċ tat-test għandu jissodisfa erba' rekwiżiti tad-disinn.

3.2.1.1. Għandu jkun magħmul minn konkrit dens asfaltat.

3.2.1.2. Id-daqs massimu taż-żrar għandu jkun ta' 8 mm (it-tolleranzi jippermettu minn 6,3 sa 10 mm).

3.2.1.3. Il-ħxuna tal-kisi għandha tkun ta' > 30 mm.

3.2.1.4. Is-sustanza li tgħaqqad għandha tkun bitum mhux modifikat bi grad ta' penetrazzjoni diretta.

3.2.2. Il-linji ta' gwida għad-disinn

Bħala gwida għall-kostruttur tal-wiċċ, fil-Figura 2 qed tintwera kurva għall-gradazzjoni aggregata li se tagħti l-karatteristiċi mixtieqa. Barra minn hekk, it-Tabella 1 tagħti wħud mil-linji gwida għall-kisba tal-istruttura u d-durabilità mixtieqa. Il-kurva tal-gradazzjoni taqbel mal-formula li ġejja:

P (% ta' dak li jgħaddi) = 100 . $(d/d_{max})^{1/2}$

meta:

d = id-daqs tat-toqob kwadri tal-għarbiel, f'mm

$d_{max}$ = 8 mm għall-kurva medja

$d_{max}$ = 10 mm għall-kurva tat-tolleranza ta' taħt

$d_{max}$ = 6,3 mm għall-kurva ta' tolleranza ta' fuq

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**




Figura 2: Il-kurva ta' gradazzjoni tal-aggregat fit-taħlita tal-asfalt bit-toleranzi

Barra r-rekwiżiti stipulati taħt il-punti 1 sa 3.2.2, ir-rekwiżiti li ġejjin ***tal-ISO 108:2011*** għandhom jiġu *ssodisfati* ***jew għandu jsir riferiment għall-ISO 10844:1994 għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' 5 snin***: **[Em. 54]**

(a) Il-frazzjoni tar-ramel (0,063 mm < id-daqs tat-toqob kwadri tal-għarbiel < 2 mm) għandha tinkludi mhux aktar minn 55 % ramel naturali u mill-inqas 45 % ramel mitħun;

(b) Il-bażi u s-sottobażi għandhom jiżguraw stabbiltà u uniformità tajba, skont l-aħjar prattika fil-kostruzzjoni tat-toroq;

(c) Iż-żrar għandu jitfarrak (100 % tal-uċuħ imfarrka) u jkun ta' materjal b'reżistenza għolja għat-tifrik;

(d) Iż-żrar użat fit-taħlit għandu jinħasel;

(e) L-ebda żrara żejda ma għandha tiġi miżjuda mal-wiċċ;

(f) L-ebusija tas-sustanza li tgħaqqad espressa bħala l-valur PEN għandha tkun ta' 40-60, 60-80 jew saħansitra ta' 80-100, skont il-kundizzjonijiet klimatiċi tal-pajjiż. Għandu jintuża materjal li jgħaqqad li jkun iebes kemm jista' jkun, sakemm dan ikun konsistenti mal-prattika komuni;

(g) It-temperatura tat-taħlita qabel jgħaddi r-romblu minn fuqha għandha tingħażel b'mod li jinkiseb il-kontenut ta' spazji meħtieġ permezz ta' passati tar-romblu sussegwenti. Sabiex tiżdied il-probabbiltà li jiġu sodisfatti l-ispeċifikazzjonijiet tal-punti 2.1. sa 2.4., il-kumpattezza għandha tiġi studjata mhux biss permezz ta' għażla addattata tat-temperatura tat-taħlita, iżda wkoll permezz ta' numru adegwat ta' passati u permezz tal-għażla tal-vettura li trassas it-taħlita.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Tabella 1: Il-linji gwida għad-disinn

| | Il-valuri fil-mira | | Tolleranzi |
|---|---|---|---|
| | Bil-massa totali tat-taħlita | Bil-massa tal-aggregat | |
| Il-massa tal-ġebel, b'qies tax-xibka tal-għarbiel b'toqob kwadri (SM) > 2 mm | 47,6 % | 50,5 % | ± 5 |
| Massa ta 'ramel 0,063 < SM < 2 mm | 38,0 % | 40,2 % | ± 5 |
| Massa ta' filler SM < 0,063 mm | 8,8 % | 9,3 % | ± 2 |
| Il-massa tas-sustanza li tgħaqqad (bitum) | 5,8 % | Mhux applikabbli | ± 0,5 |
| Id-daqs massimu taż-żrar | 8 mm | | 6,3 – 10 |
| L-ebusija tas-sustanza li tgħaqqad | (ara l-punt 3.2.2. (f) | | |
| Il-valur tal-ġebel ippolixxjat (PSV) | > 50 | | |
| Kumpattezza, relattiva għall-kumpattezza Marshall | 98 % | | |

4. Il-metodu tat-test

4.1. Il-kejl tal-kontenut tal-ispazji vojta residwi

Għall-fini ta' dan il-kejl, għandhom jittieħdu kampjuni mill-mogħdija f'minn tal-inqas erba' pożizzjonijiet differenti li jkunu mqassma b'mod ugwali fiż-żona tat-test bejn il-linji AA u BB (ara l-Figura 1). Biex jiġi evitat in-nuqqas ta' omoġeneità u ta' uniformità fil-mogħdiji tar-roti, ma għandhomx jittieħdu kampjuni fil-mogħdiji tar-roti stess, imma qribhom. Żewġ kampjuni (bħala minimu) għandhom jittieħdu qrib il-mogħdija tar-roti, u kampjun ieħor (bħala minimu) għandu jittieħed bejn wieħed u ieħor fin-nofs bejn il-mogħdija tar-roti u l-pożizzjoni ta' kull mikrofonu.

Jekk ikun hemm xi suspett li l-ħtieġa tal-omoġeneità ma tkunx se tintlaħaq (ara l-punt 2.4.), għandhom jittieħdu kampjuni minn partijiet oħra addizzjonali tal-erja tat-test.

Il-kontenut ta' spazji residwi għandu jiġi stabbilit għal kull kampjun, imbagħad il-valur medju mill-kampjuni kollha għandu jiġi kkalkulat u mqabbel mar-rekwiżit tal-punt 2.1. Barra minn hekk, l-ebda kampjun uniku ma għandu jkollu valur ta' spazji ogħla minn 10 %. Il-kostruttur tal-wiċċ tat-test għandu jżomm f'moħħu l-problema li tista' tinqala' meta l-erja tat-test tkun imsaħħna b'pajpijiet jew b'wajers tal-elettriku, u jridu jittieħdu kampjuni minn din l-erja. Installazzjonijiet ta' din ix-xorta iridu jiġu ppjanati sew fejn għandhom x'jaqsmu l-postijiet futuri għat-tħaffir tal-kampjuni. Huwa rakkomandat li jitħallew ftit postijiet li jkunu bejn wieħed u ieħor tad-daqs 200 mm x 300 mm fejn ma jkunx hemm l-ebda wajer/pajp jew fejn tal-aħħar jinsabu biżżejjed fil-fond biex ma tiġrilhomx ħsara minħabba l-kampjuni li ttieħdu mis-saff tal-wiċċ.

4.2. Il-koeffiċjent ta' assorbiment tal-ħoss

Il-koeffiċjent ta' assorbiment tal-ħoss (inċidenza normali) għandu jitkejjel bil-metodu tat-tubu tal-impedenza fejn tintuża l-proċedura speċifikata fl-ISO 10534-1: "Acoustics – Determination of sound absorption coefficient and impedance by a tube method." ([1]) ("L-akustika – Id-determinazzjoni tal-koeffiċjent ta' assorbiment tal-ħoss u l-impedenza b'metodu tat-tubu").

Fir-rigward tal-kampjuni tat-test, għandhom jiġu segwiti l-istess rekwiżiti applikati għall-kontenut tal-ispazji vojta residwi (ara l-punt 4.1). L-assorbiment tal-ħoss għandu jitkejjel fl-iskala ta' bejn 400 Hz u 800 Hz u fl-iskala ta' bejn 800 Hz u 1,600 Hz (għal tal-inqas fil-frekwenzi tan-nofs ta' frekwenzi ta' terz ta' ottava), u l-valuri massimi għandhom jiġu identifikati għal dawn iż-żewġ skali ta' frekwenzi. Imbagħad għanda tiġi kkalkulata l-medja ta' dawn il-valuri, għall-kampjuni tat-test kollha, biex jiġi kkostitwit ir-riżultat finali.

4.3. Il-kejl volumetriku tal-makrostruttura

Għall-fini ta' dan l-istandard, il-qisien tal-fond tal-istruttura għandhom jittieħdu fuq mill-inqas 10 pożizzjonijiet li bejniethom hemm l-istess spazju tul il-mogħdija tar-roti tal-istrixxa tat-test, u għandu jittieħed il-valur medju biex jitqabbel mal-fond minimu tal-istruttura speċifikat. Ara l-~~ISO 10844:1994~~ ***ISO10844:2011*** għad-deskrizzjoni ta' din il-proċedura. **[Em. 55]**

([1]) Għandha tiġi ppubblikata.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

5. L-istabbiltà biż-żmien u l-manutenzjoni

5.1. L-influwenza taż-żmien

Bħal kwalunkwe wiċċ ieħor, huwa mistenni li l-livell tal-istorbju tat-tajers/triq imkejjel fuq il-wiċċ tat-test jista' jiżdied bi ftit matul l-ewwel 6 sa 12-il xahar wara l-kostruzzjoni.

Il-wiċċ jikseb il-karatteristiċi meħtieġa mhux qabel ma jgħaddu erba' ġimgħat wara l-kostruzzjoni. L-influwenza taż-żmien fuq l-istorbju mit-trakkijiet ġeneralment huwa inqas minn dawk mill-karozzi.

L-istabbilità biż-żmien tiġi ddeterminata prinċipalment bl-ippolixxjar u bil-kompattezza ikkawżati mill-vetturi li jinsaqu fuq il-wiċċ. Għandha tiġi ċċekkjata skont il-perjodu ta' testjar msemmi fil-punt 2.5.

5.2. Il-manutenzjoni tal-wiċċ

Fdalijiet mhux kompatti jew trabijiet li jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti il-fond effettiv tal-istruttura jridu jitneħħew mill-wiċċ. F'pajjiżi bi klimi xitwin, xi drabi jintuża l-melħ biex iħoll is-silġ. Il-melħ jista' jimmodifika l-wiċċ b'mod temporanju jew saħansitra b'mod permanenti b'tali mod li jżid l-istorbju u għalhekk, il-melħ mhux rakkomandat.

5.3. Il-pavimentar mill-ġdid tal-erja tat-test

Jekk ikun meħtieġ li l-mogħdija tat-test tiġi pavimentata mill-ġdid, normalment ikun meħtieġ li tiġi pavimentata mill-ġdid biss l-istrixxa tat-test (wiesgħa 3 m fil-Figura 1) fejn jinsaqu l-vetturi, sakemm l-erja tat-test barra l-istrixxa tkun issodisfat ir-rekwiżit tal-kontenut ta' spazji residwali jew tal-assorbiment tal-ħoss meta tkejlet.

6. Id-dokumentazzjoni tal-wiċċ tat-test u tat-testijiet imwettqa fuqha

6.1. Id-dokumentazzjoni tal-wiċċ tat-test

Id-dejta li ġejja għandha tingħata f'dokument li jiddeskrivi l-wiċċ tat-test

6.1.1. Fejn tinsab il-mogħdija tat-test.

6.1.2. It-tip ta' sustanza li tgħaqqad, l-ebusija tas-sustanza li tgħaqqad, it-tip tal-aggregat, id-densità massima teoretika tal-konkrit ($D_R$), il-ħxuna tal-kisi tal-wiċċ u l-kurva ta' gradazzjoni li ġiet iddeterminata minn kampjuni mill-mogħdija tat-test.

6.1.3. Il-metodu tal-kompatezza (eż. it-tip ta' romblu, il-massa tar-romblu, in-numru ta' passati).

6.1.4. It-temperatura tat-taħlita, it-temperatura tal-arja ambjentali u l-veloċità tar-riħ matul it-tqegħid tal-wiċċ.

6.1.5. Id-data ta' meta tqiegħed il-wiċċ u isem il-kuntrattur.

6.1.6. Ir-riżultati tat-testijiet kollha jew għall-inqas l-aktar wieħed reċenti, inkluż:

6.1.6.1. Il-kontenut tal-ispazji vojta residwi ta' kull kampjun.

6.1.6.2. Il-postijiet fl-erja tat-test minn fejn ittieħdu l-kampjuni biex jitkejlu l-ispazji vojta.

6.1.6.3. Il-koeffiċjent ta' assorbiment tal-ħoss ta' kull kampjun (jekk dan ikun tkejjel). Speċifika r-riżultati kemm għal kull kampjun kif ukoll għal kull firxa ta' frekwenzi u l-medja ġenerali.

6.1.6.4. Il-postijiet fiż-żona tat-test minn fejn ittieħdu l-kampjuni biex jitkejjel l-assorbiment.

6.1.6.5. Il-fond tal-istruttura, inkluż in-numru ta' testijiet u d-devjazzjoni standard.

6.1.6.6. L-istituzzjoni responsabbli mit-testijiet skont il-punti 6.1.6.1. u 6.1.6.2. u t-tip ta' tagħmir użat.

6.1.6.7. Id-data tat-test(ijiet) u d-data ta' meta ttieħdu l-kampjuni mill-mogħdija tat-test.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

6.2. Id-dokumentazzjoni tat-testijiet tal-istorbju tal-vetturi li twettqu fuq il-wiċċ

Fid-dokument li jiddeskrivi t-test(ijiet) tal-istorbju tal-vetturi, għandu jkun iddikjarat jekk ir-rekwiżiti kollha ta' dan l-istandard ġewx sodisfatti jew le. Skont il-punt 6.1. għandha ssir referenza għal dokument li jiddeskrivi r-riżultati li jivverifikaw dan.

ANNESS VIII

Metodu tal-kejl biex jevalwa l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-emissjoni tal-ħoss addizzjonali

1. Kummenti ġenerali

Dan l-Anness jiddeskrivi il-metodu ta' kejl li jevalwa l-konformità tal-vettura ma' dispożizzjonijiet tal-emissjoni tal-ħoss addizzjonali (ASEP) stipulati fl-Artikolu 8.

Mhux mandatorju li jitwettqu testijiet proprji mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip. Il-manifattur għandu jiffirma d-dikjarazzjoni tal-konformità stipulata fl-Appendiċi 1 ma' dan l-Anness. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' titlob informazzjoni addizzjonali dwar id-dikjarazzjoni ta' konformità u twettaq it-testijiet deskritti hawn taħt.

L-analiżi tal-Anness VIII teħtieġ li jsir test skont l-Anness II. It-test speċifikat fl-Anness II għandu jitwettaq fuq l-istess mogħdija tat-test f'kundizzjonijiet simili għal dawk meħtieġa fit-testijiet preskritti f'dan l-Anness.

2. Il-metodu tal-kejl

2.1. L-istrumenti tal-kejl u l-kundizzjoni tal-qisien

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, l-istrumenti tal-kejl, il-kundizzjonijiet tal-qisien u l-kundizzjoni tal-vettura huma ekwivalenti għal dawk speċifikati fil-punti 2 u 3 tal-Anness II.

Jekk il-vettura jkollha modalitajiet differenti li jaffettwaw l-emissjonijiet tal-ħsejjes, il-modalitajiet kollha għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti f'dan l-Anness. Fil-każijiet fejn il-manifattur ikun wettaq testijiet biex jingħataw provi lill-awtorità tal-approvazzjoni tal-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, il-modalitajiet użati matul dawk it-testijiet għandhom jiġu rrappurtati f'rapport tat-test.

2.2. Il-metodu tal-ittestjar

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet u l-proċeduri tal-punti 4.1 sa 4.1.2.1.2.2. tal-Anness II. Għall-iskop ta' dan l-Anness, għandhom jitkejlu u jiġu evaluwati testijiet tas-sewqan uniċi.

2.3. Firxa ta' kontroll

Il-kundizzjonijiet tal-operazzjoni huma kif ġej:

Il-veloċità tal-vettura $V_{AA_ASEP}$: $v_{AA} \geq 20$ km/h

L-aċċelerazzjoni tal-vettura $a_{WOT_ASEP}$: $a_{WOT} \leq$ ~~5,0~~ **4,0** m/s2 **[Em. 56]**

Il-veloċità tal-magna $n_{BB\ ASEP}$ nBB ≤ 2,0 * PMR-0,222 * s jew

$n_{BB} \leq 0{,}9$ * s, liema minnhom huwa l-inqas

Il-veloċità tal-vettura $V_{BB\ ASEP}$:

jekk l- $n_{BB\ ASEP}$ jintlaħaq f'ger wieħed $v_{BB} \leq 70$ km/h

fil-każijiet l-oħra kollha: $v_{BB} \leq 80$ km/h

il-ġerijiet, k ≤ il-proporzjon tal-ingranaġġ i kif iddeterminat fl-Anness II

Jekk il-vettura, fl-inqas ger validu, ma tiksibx il-veloċità massima tal-magna ta' inqas minn 70 km/h, il-limitu tal-veloċità tal-vettura ikun ta' 80 km/h.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

2.4. Il-proporzjonijiet tal-ingranaġġ

Ir-rekwiżiti ASEP li japplikaw għal kull proporzjon ta' ingranaġġ k li jwassal għal riżultati tat-test fi ħdan firxa ta' kontroll kif iddefinita fil-punt 2.3. ta' dan l-Anness.

Fil-każ ta' vetturi bi trasmissjonijiet awtomatiċi, trasmissjonijiet adattivi u CVTs ([1]) ittestjati ma' proporzjonijiet tal-ingranaġġ mhux illokjati, it-test jista' jinkludi bidla fil-proporzjon tal-ingranaġġ għal firxa iktar baxxa u aċċellerazzjoni ogħla. Bidla fil-gerijiet għal firxa ogħla u aċċelerazzjoni iżgħar mhijiex permessa. Taqlib tal-ger (gear shift) li jwassal għal kundizzjoni li mhijiex skont il-kundizzjonijiet ta' limitu għandu jiġi evitat. F'każ bħal dan, huwa permess li jiġu stabbiliti u jintużaw mezzi mekkaniċi jew elettroniċi, inklużi pożizzjonijiet alternati tas-selettur tal-gerijiet.

***Sabiex it-test ASEP ikun rappreżentattiv u ripetibbli (għall-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip), il-vetturi għandhom ikunu ttestjati bl-użu tal-kalibrar tal-gerboks ta' produzzjoni.*** **[Em. 57]**

2.5. Kundizzjonijiet fil-mira

L-emissjoni tal-ħoss għandha titkejjel f'kull proporzjon tal-ingranaġġ validu fl-erba' punti tat-test kif speċifikat hawn taħt.

L-ewwel punt tat-test $P_1$ huwa ddefinit billi tintuża l-veloċità tad-dħul $v_{AA}$ ta' 20 km/h. Jekk ma' tkunx tista' tintlaħaq kundizzjoni ta' aċċelerazzjoni stabbli, il-veloċita għandha tiżdied kull darba b'żieda ta' 5km/h sakemm tintlaħaq aċċelerazzjoni stabbli.

Ir-raba' punt tat-test $P_4$ huwa ddefinit permezz tal-veloċità massima tal-vettura fil-linja BB' f'dak il-proporzjon tal-ingranaġġ fil-kundizzjonijiet ta' limitu skont il-punt 2.3.

Iż-żewġ punti tat-test l-oħra huma ddefiniti bil-formula segwenti:

Punt tat-test $P_j$: $v_{BB_j} = v_{BB_1} + ((j - 1)/3) * (v_{BB_4} - v_{BB_1})$ għal j = 2 u 3

Meta:

$v_{BB_1}$ = il-veloċità tal-vettura fil-linja BB' tal-punt tat-test $P_1$

$v_{BB_4}$ = il-veloċità tal-vettura fil-linja BB' tal-punt tat-test $P_4$

Tolleranza għal $v_{BB_j}$:: ±3 km/h

Għal kull punt tat-test għandhom jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet ta' limitu kif speċifikat fil-punt 2.3.

2.6. It-test tal-vettura

Il-mogħdija tal-linja ċentrali tal-vettura għandha ssegwi l-linja CC' mill-aktar qrib possibbli waqt it-test kollu, minn meta l-vettura tavviċina l-linja AA' sakemm il-parti ta' wara tal-vettura tgħaddi l-linja BB'.

Fuq il-linja AA' l-aċċeleratur għandu jkun magħfus għal kollox. Biex tinkiseb aċċelerazzjoni aktar stabbli jew biex jiġi evitat taqlib 'l isfel tal-ger bejn il-linja AA' u BB' tista' tintuża l-preaċċellerazzjoni qabel il-linja AA'. L-aċċeleratur għandu jinżamm magħfus sakemm il-parti ta' wara tal-vettura tilħaq il-linja BB'.

Għal kull prova tat-test separata, il-parametri li ġejjin għandhom ikunu determinati u nnutati:

Il-livell massimu tal-pressjoni tal-ħoss differenzjat-A taż-żewġ naħat tal-vettura, indikat matul kull passaġġ tal-vettura bejn iż-żewġ linji AA' u BB', għandha tkun matematikament imqarrba sal-ewwel ċifra wara l-punt deċimali ($L_{wot,\ kj}$). Jekk jiġi osservat livell għoli ferm fil-ħoss, li jidher biċ-ċar li ma jaqbilx mal-livell ġenerali tal-pressjoni tal-ħoss, il-kejl ma għandux jitqies. Il-naħa xellugija u dik leminija jistgħu jitkejlu f'daqqa jew separatament.

Il-qari tal-veloċità tal-vettura fil-linja AA' u l-linja BB' għandhom jiġu rrappurtati bl-ewwel ċifra sinifikanti wara l-punt deċimali. ($v_{AA,\ kj}$; $v_{BB,\ kj}$)

([1]) Trasmissjonijiet Kontinwament Varjabbli.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Fejn hu applikabbli, il-qari tal-veloċità tal-magna fil-linja AA' u l-linja BB' għandu jiġi rrappurtat bħala valur ta' numru sħiħ ($n_{AA,\ kj}$; $n_{BB,\ kj}$).

L-aċċelerazzjoni ikkalkulata għandha tkun iddeterminata skont il-formula fil-punt 4.1.2.1.2. tal-Anness II u rrapurtata bit-tieni ċifra wara l-punt deċimali ($a_{wot,\ test,\ kj}$).

3. Analiżi tar-riżultati

3.1. Determinazzjoni tal-anchor point (punt ta' rbit) għal kull proporzjon tal-ingranaġġ

Fir rigward tal-qisien fil-ger i jew ger iżjed baxx, l-anchor point (il-punt ta' rbit) jikkonsisti minn livell massimu tal-ħoss $L_{woti}$, il-veloċità tal-magna rrapportata u l-veloċità tal-vettura $n_{woti}$ fil-linja BB' tal-proporzjon tal-ingranaġġ i tat-test tal-aċċelerazzjoni fl-Anness II.

$L_{anchor,\ i} = L_{woti,\ Anness\ II}$

$n_{anchor,\ i} = n_{BB,\ woti,\ Annex\ II}$

$v_{anchor,\ i} = v_{BB,\ woti,\ Anness\ II}$

Fir-rigward tal-qisien fil-ger i+1, l-anchor point (il-punt ta' rbit) jikkonsisti minn livell massimu tal-ħoss $L_{woti}$, il-veloċità tal-magna rrapportata u l-veloċità tal-vettura nwoti+1 f'BB' tal-proporzjon tal-ingranaġġ i+1 tat-test tal-aċċelerazzjoni fl-Anness II.

$L_{anchor,\ i+1} = L_{woti+1,\ Anness\ II}$

$n_{anchor,\ i+1} = n_{BB,\ woti+1,\ Anness\ II}$

$v_{anchor,\ i+1} = n_{BB,\ woti+1,\ Anness\ II}$

3.2. L-Inklinazzjoni (Slope) tal-linja tar-rigressjoni għal kull ger

Il-qisien tal-ħoss għandhom jiġu vvalutati bħala funzjoni tal-veloċità tal-magna skont il-punt 3.2.1.

3.2.1. Il-kalkolu tal-inklinazzjoni (Slope) tal-linja ta' rigressjoni għal kull ger

Il-linja ta' rigressjoni lineari hija kkalkolata bl-użu tal-anchor point (il-punt ta' rbit) u l-erba' qisien addizzjonali kkorrelati.

$$Slope_k = \frac{\sum_{j=1}^{5}(n_j - \overline{n})(L_i - \overline{L})}{\sum_{j=1}^{5}(n_j - \overline{n})^2}$$

(f'dB/1000 $min^{-1}$)

Bi: $\overline{L} = \frac{1}{5}\sum_{j=1}^{5} L_j$ u $\overline{n} = \frac{1}{5}\sum_{j=1}^{5} n_j$

fejn $n_j$ = veloċità tal-magna mkejla fuq il-linja BB'

3.2.2. L-inklinazzjoni (Slope) tal-linja tar-rigressjoni għal kull ger

L-inklinazzjoni$_k$ (Slope) partikolari tal-ger għal aktar kalkolazzjoni hija ir-riżultat idderivat minn kalkolu fil-punt 3.2.1 imqarrab sal-ewwel ċifra wara l-punt deċimali, iżda mhux ogħla minn 5 dB/1000 $min^{-1}$."

3.3. Il-kalkolu taż-żieda lineari tal-livell tal-istorbju mistennija għal kull kejl

Il-livell tal-ħoss $L_{ASEP,\ kj}$ għall-punt tal-kejl j u l-ger k għandhom jiġu kkalkolati bl-użu tal-veloċitajiet tal-magna mkejla għal kull punt tal-kejl, bl-użu tal-iSlope (inklinazzjoni) speċifikat fil-punt 3.2. għall-anchor point (punt ta' rbit) speċifiku għal kull proporzjon tal-ingranaġġ.

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

Għal $n_{BB_k,\ j} \leq n_{anchor,\ k}$:

$$L_{ASEP_k,\ j} = L_{anchor_k} + (Slope_k - Y) * (n_{BB_k,\ j} - n_{anchor,\ k})/1000$$

Għal $n_{BB_k,\ j} \leq n_{anchor,\ k}$:

$$L_{ASEP_k,\ j} = L_{anchor_k} + (Slope_k - Y) * (n_{BB_k,\ j} - n_{anchor,\ k})/1000$$

Meta Y = 1

3.4. Kampjuni

Fuq talba tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jitwettqu żewġ testijiet addizzjonali fil-limitu tal-kundizzjonijet skont il-punt 2.3 ta’ dan l-Anness.

4. Interpretazzjoni tar-riżultati

Kull kejl ta’ strobju individwali għandu jiġi evalwat.

Il-livell tal-ħoss ta’ kull punt tal-kejl speċifikat ma għandux jaqbeż il-limiti mogħtija hawn taħt:

$$L_{kj} \leq L_{ASEP_k.j} + x$$

Meta:

x = 3 dB(A) għal vettura bi trasmissjoni awtomatika jew CVTs li ma jillokkjawx

x = 2 dB(A) + valur ta’ limitu $L_{urban}$ tal-Anness II għall-vetturi kollha

Jekk il-livell tal-istorbju imkejjel f’ċertu punt jaqbeż il-limitu, għandu jittieħed il-kejl darbtejn oħra fl-istess punt biex tkun ivverifikata l-inċertezza tal-kejl. Il-vettura tkun għadha konformi mal-ASEP, jekk il-medja tat-tliet qisien validi f’dan il-punt speċifiku tissodisfa l-ispeċifikazzjoni.

5. Referenza għal valutazzjoni tal-ħoss

Il-ħoss ta’ referenza huwa vvalutat f’punt wieħed f’ger wieħed diskret, billi ssir simulazzjoni ta’ kundizzjoni ta’ aċċelerazzjoni li tibda b’veloċita ta’ dħul ta’ $v_{aa}$ ugwali għal 50 km/h u li tassumi veloċità ta’ ħruġ ta’ $v_{bb}$ ugwali għal 61 km/h. Il-konformità tal-ħsejjes f’dan il-punt tista’ tiġi kkalkulata jew permezz tal-użu tar-riżultati fil-punt 3.2.2 u l-ispeċifikazzjoni ta’ hawn taħt jew jiġu evalwati permezz tal-kejl dirett billi jintuża l-ger kif speċifikat hawn taħt.

5.1. Id-determinazzjoni tal-ger k huwa kif ġej:

k = 3 għal kull trasmissjoni manwali u għal trasmissjoni awtomatika b’sa 5 gerijiet;

k = 4 għal trasmissjoni awtomatika b’6 gerijiet jew iktar

Jekk l-ebda ger diskret ma jkun disponibbli, eż. għal trasmissjonijiet awtomatiċi jew għal CVTs li ma jillokkjawx, il-proporzjon tal-ingranaġġ għal aktar kalkolu għandu jkun iddeterminat mir-riżultat tat-test tal-aċċelerazzjoni fl-Anness II bl-użu tal-veloċità rrapportata tal-magna u l-veloċità tal-vettura fuq il-linja BB’.

5.2. Determinazzjoni ta’ veloċità ta’ referenza tal-magna $n_{ref_k}$

Il-veloċità ta’ referenza tal-magna, $n_{ref_k,}$ għandha tkun ikkalkolata bl-użu tal-proporzjon tal-ingranaġġ K fil-veloċità ta’ referenza ta’ $v_{ref}$ = 61 km/h.

5.3. Kalkolu ta’ $L_{ref}$

$$L_{ref} = L_{anchor_k} + Slope_k * (n_{ref_k} - n_{anchor_k})/1000$$

$L_{ref}$ għandu jkun inqas minn jew ugwali għal 76 dB(A).

Għall-vetturi mgħammra b’gerboks manwali li jkollha aktar minn erba gerijiet ’il quddiem (forward gears) u mgħammra b’magna li tiżviluppa potenza massima akbar minn 140 kW (UNECE) u proporzjon ta’ potenza massima/massa massima ikbar minn 75 kW/t, l-$L_{ref}$ għandu jkun inqas minn jew ugwali għal 79 dB (A).

**L-Erbgħa 6 ta’ Frar 2013**

Għall-vetturi mgħammra b’gerboks manwali li jkollha aktar minn erba gerijiet ’il quddiem u mgħammra b’magna li tiżviluppa potenza massima akbar minn 140 kW (UNECE) u proporzjon ta’ saħħa massima/massa massima ikbar minn 75 kW/t, l-$L_{ref}$ għandu jkun inqas minn jew ugwali għal 78 dB (A).

6. Evalwazzjoni tal-ASEP bl-użu tal-prinċipju tal-L_Urban

6.1. Kummenti ġenerali

Din il-proċedura ta’ evalwazzjoni hija alternattiva magħżula mill-manifattur tal-vettura għall-proċedura deskritta fil-punt 3 ta’ dan l-Anness u hija applikabbli għat-teknoloġiji tal-vetturi kollha. Hija r-responsabbiltà tal-manifattur tal-vettura biex jiddetermina l-mod korrett tal-ittestjar. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-testijiet kollha u l-kalkulazzjoni għandha tkun kif speċifikat fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

6.2. Kalkolu tal-$L_{urban}$ ASEP

Minn kull $L_{wot}$ASEP kif imkejjel skont dan l-Anness, l-$L_{urban}$ ASEP għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

(a) Ikkalkula $a_{wot}$test ASEP bl-użu tal-kalkolu tal-aċċelerazzjoni mill-punt 4.1.2.1.2.1. jew mill-punt 4.1.2.1.2.2. tal-Anness II għal dan ir-Regolament, kif applikabbli;

(b) Iddetermina l-veloċità tal-vettura ($V_{BB}$ ASEP) f’BB matul it-test tal-$L_{wot}$ASEP;

(c) Ikkalkula l-kp ASEP kif ġej:

Kp ASEP = 1 – ($a_{urban}$/$a_{wot}$testASEP)

Ir-riżultati tat-test fejn l-$a_{wot}$testASEP ikunu inqas minn a_urban għandhom jitwarrbu.

(d) Ikkalkula l-$L_{urban\ measured}$ ASEP kif ġej:

$L_{urban\ measured}$ ASEP =

LwotASEP – kp_ASEP * ($L_{wot}$ASEP – $L_{crs}$)

Għal aktar kalkoli, uża l-$L_{urban}$ mill-Anness II għal dan ir-Regolament mingħajr it-tqarrib, inkluż in-numru wara d-deċimali (xx.x).

(e) Ikkalkula l-$L_{urban\ normalised}$ kif ġej:

$L_{urban\ normalized}$ = L_Urban_Measured_ASEP – L_Urban

(f) Ikkalkula l-$L_{urban}$ ASEP kif ġej:

$L_{urban}$ ASEP =

$L_{urban\ normalized}$ – (0,15 * ($V_{BB}$ASEP – 50))

g) Konformità mal-limiti:

$L_{urban}$ ASEP għandu jkun inqas minn jew ugwali għal 3,0 dB.

Appendiċi 1

**Dikjarazzjoni ta’ konformità mad-Dispożizzjonijiet Addizzjonali dwar l-Emissjonijiet tal-Ħsejjes**

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))

(L-isem tal-manifattur) jafferma li vetturi ta’ dan it-tip (tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-istorbju tagħha skont ir-Regolament tal-UE Nru. …) jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru. .

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(L-isem tal-manifattur) jagħmel din id-dikjarazzjoni in bona fede, wara li tkun saret evalwazzjoni xierqa dwar il-prestazzjoni tal-emissjoni tal-ħoss tal-vetturi.

Data:

L-isem tar-rappreżentant awtorizzat:

Firma tar-rappreżentant awtorizzat:

---

## Anness IX

## Miżuri li jiżguraw il-livell tal-ħsejjes tal-vetturi elettriċi u ibridi

Dan l-Anness jindirizza s-Sistema ta' Twissija Akustika ta' Vettura (AVAS) għal vetturi tat-trasport tat-triq elettriċi puri jew ibridi (HEV u EV).

A Sistema ta' Twissija Akustika ta' Vettura

1. Definizzjoni

Is-Sistema ta' Twissija Akustika ta' Vettura (AVAS) hija ~~mezz li tiġġenera l-ħoss maħluqa biex tinforma~~ ***sistema għall-vetturi tat-trasport fit-triq elettriċi ibridi u elettriċi, li tipprovdi informazzjoni dwar it-tħaddim tal-vettura*** lil min ikun bil-mixi fit-triq u l-utenti vulnerabbli tat-toroq. **[Em. 58]**

2. Prestazzjoni tas-sistema

Jekk l-AVAS tkun installata fuq il-vettura, għandha tissodisfa r-rekwiżiti msemmija hawn taħt.

3. Il-kundizzjonijiet tal-operat

(a) Metodu tal-ġenerazzjoni tal-ħoss

L-AVAS għandha awtomatikament tiġġenera ħoss fil-firxa minima tal-veloċità tal-vettura mill-bidu sa madwar 20 km/h u matul l-irriversjar jekk applikabbli għal dik il-kategorija ta' vetturi. Meta l-vettura tkun mgħammra b'magna ta' kombustjoni interna li qed topera fil-firxa tal-veloċità tal-vettura ddefinita hawn fuq, l-AVAS tista' ma jkollhiex bżonn li tiġġenera ħoss.

Għall-vetturi b'apparat ta' twissija bil-ħoss għar-rivers, ma huwiex neċessarju li l-AVAS tiġġenera ħoss matul r-rivers.

(b) Pause switch (Swiċċ għal pawża)

L-AVAS tista' jkollha swiċċ li jwaqqaf l-operazzjoni tagħha temporanjament ("pause switch").

Jekk il-pause switch jiġi introdott, madankollu, il-vettura għandha tkun mgħammra wkoll b'apparat li jindika l-istat ta' pawża tal-apparat li jinforma li qed toqrob vettura lis-sewwieq fis-sit tax-xufier.

L-AVAS għandha tibqa' kapaċi li topera mill-ġdid wara li tkun twaqqfet permezz tal-pause switch.

Jekk jitwaħħal fil-vettura, il-pause switch għandu jitqiegħed f'pożizzjoni tali li s-sewwieq ikun jista' jsibu u jimmanipulah faċilment.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(c) L-attenwazzjoni

Il-livell tal-ħoss tal-AVAS jista' jiġi mnaqqas matul il-perjodi ta' tħaddim tal-vettura.

4. It-tip u l-volum tal-ħoss

(a) Il-ħoss li jrid ikun iġġenerat mill-AVAS għandu jkun ħoss kontinwu li jipprovdi informazzjoni li vettura qed titħaddem lil min ikun miexi fit-triq u lill-utenti vulnerabbli tat-toroq. ***Il-ħoss għandu jkun faċilment indikattiv tal-imġiba tal-vettura u għandu jkun simili għall-ħoss ta' vettura tal-istess kategorija mgħammra b'magna tal-kombustjoni interna***.

~~Madankollu, l-ħsejjes li ġejjin u tipi simili ta' ħsejjes mhumiex aċċettabbli:~~

~~(i) Sirena, tromba, sett ta' qniepen intunati (chime), qanpiena u ħsejjes ta' vettura ta' emerġenza~~

~~(ii) Ħsejjes tal-allarm eż. allarm tan-nar, tas-serq, jew tad-duħħan~~

~~(iii) Ħoss intermittenti~~

~~Dawn il-ħsejjes li ġejjin u tipi simili ta' ħsejjes għandhom jiġu evitati:~~

~~(iv) Ħsejjes melodjużi, ħsejjes tal-annimali u l-insetti~~

~~(v) Ħsejjes li jfixklu l-identifikazzjoni ta' vettura u/jew tat-tħaddim tagħha (eż. aċċelerazzjoni, deċelerazzjoni, eċċ.)~~ **[Em. 59]**

(b) Il-ħoss li jrid jiġi ġġenerat mill-AVAS ~~għandu~~ ***jeħtieġ li*** jkun indikattiv faċilment tal-imġiba tal-vettura ***u d-direzzjoni tal-vettura***, per eżempju, permezz ta' varjazzjoni awtomatika tal-livell tal-ħoss jew il-karatteristiċi f'sinkronizzazzjoni mal-veloċità tal-vettura.

(c) Il-livell tal-ħoss li jrid jiġi ġġenerat mill-AVAS ma ~~għandux~~***jistax*** jaqbeż il-livell tal-ħoss approssimattiv għal vettura simili tal-istess kategorija mgħammra b'magna tal-kombustjoni interna u li topera fl-istess kundizzjonijiet.

Konsiderazzjonijiet għall-ambjent:

L-iżvilupp tal-AVAS għandu jagħti konsiderazzjoni għall-impatt tal-istorbju ġenerali tal-komunità. **[Em. 60]**

---

ANNESS X

L-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-livell tal-ħoss ta' sistemi tal-egżost bħala unitajiet tekniċi separati (sistemi tal-egżost ta' sostituzzjoni)

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP tal-UE

1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE skont l-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 2007/46/KE fir-rigward ta' sistema tal-egżost ta' sostituzzjoni jew ta' komponent tagħha bħala unità teknika separata għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur tal-vettura jew mill-manifattur tal-unità teknika separata kkonċernata.

1.2. L-Appendiċi 1 tinkludi mudell tad-dokument ta' informazzjoni.

1.3. Fuq talba tas-servizz tekniku kkonċernat, l-applikant għandu jippreżenta:

1.3.1. żewġ eżempji tas-sistema li għaliha saret l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE,

1.3.2. sistema tal-egżost tat-tip oriġinarjament installat fil-vettura meta ngħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE,

1.3.3. vettura rappreżentattiva tat-tip li fuqha għandha titwaħħal is-sistema, li tissodisfa r-rekwiżiti tal-punt 2.1 tal-Anness VI, għal dan ir-Regolament.

1.3.4. magna separata li tikkorrispondi għat-tip ta’ vettura deskritta hawn fuq.

2. IL-MARKI

2.4.1. Is-sistema tal-egżost ta’ sostituzzjoni jew il-komponenti tagħha, esklużi l-biċċiet għall-immuntar tal-komponenti mal-karozza u l-pajpijiet, għandu jkollhom:

2.4.1.1. il-marka kummerċjali jew l-isem kummerċjali tal-manifattur tas-sistema ta’ sostituzzjoni u l-komponenti tagħha,

2.4.1.2. id-deskrizzjoni kummerċjali tal-manifattur,

2.4.2. Dawn il-marki għandhom jinqraw biċ-ċar u ma jitħassrux, anki meta s-sistema titwaħħal mal-vettura.

3. L-GĦOTI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE

3.1. Jekk ir-rekwiżiti rilevanti jkunu sodisfatti, għandha tingħata l-approvazzjoni tat-tip tal-UE skont l-Artikolu 9 (3) u, fejn japplika, l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2007/46/KE.

3.2. L-Appendiċi 2 tinkludi mudell taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

3.3. Numru tal-approvazzjoni tat-tip skont l-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE għandu jiġi assenjat lil kull tip ta’ sistema tal-egżost ta’ sostituzzjoni jew komponent tagħha approvat bħala unità teknika separata; it-taqsima 3 tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip għandha tindika n-numru tad-Direttiva li temenda li kienet applikabbli fil-mument tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura. L-istess Stat Membru ma għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta’ sistema tal-egżost ta’ sostituzzjoni jew lil xi komponent tagħha.

4. IL-MARKA TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

4.1. Kull sistema tal-egżost ta’ sostituzzjoni, jew komponent tagħha, minbarra l-biċċiet għall-immuntar u l-pajpijiet, li tikkonforma ma’ tip approvat skont dan ir-Regolament għandu jkollha marka ta’ approvazzjoni tat-tip tal-UE.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

4.2. Il-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tikkonsisti f'rettangolu madwar l-ittra żgħira "e" u warajha l-ittra(i) jew numru distintiv(i) tal-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip:

"1" għall-Ġermanja

"2" għal Franza

"3" għall-Italja

"4" għall-Pajjiżi l-Baxxi

"5" għall-Isvezja

"6" għall-Belġju

"7" għall-Ungerija

"8" għar-Repubblika Ċeka

"9" għal Spanja

"11" għar-Renju Unit

"12" għall-Awstrija

"13" għal-Lussemburgu

"17" għall-Finlandja

"18" għad-Danimarka

"19" għar-Rumanija

"20" għall-Polonja

"21" għall-Portugall

"23" għall-Greċja

"24" għall-Irlanda

"26" għas-Slovenja

"27" għas-Slovakkja

"29" għall-Estonja

"32" għal-Latvja

"34" għall-Bulgarija

"36" għal-Litwanja

"49" għal Ċipru

"50" għal Malta

Għandha tinkludi wkoll fil-viċinanza tar-rettanglu "in-numru bażiku tal-approvazzjoni" li jinsab fit-taqsima 4 tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip imsemmmi fl-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE, ippreċedut biż-żewġ ċifri li jindikaw in-numru ta' sekwenza assenjat lill-emenda teknika maġġuri l-aktar reċenti għal dan ir-regolament li kienet applikabbli fil-mument tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura.

4.3. Il-marka għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar anke meta s-sistema tal-egżost ta' sostituzzjoni, jew komponent tagħha, tkun installata fil-vettura.

4.4. Eżempju tal-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE jidher fl-Appendiċi 3.

5. L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET

5.1. L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

5.1.1. Is-sistema tal-egżost ta' sostituzzjoni, jew il-komponenti tagħha, għandhom ikunu iddisenjati, mibnija u li kapaċi jkunu mmuntati b'tali mod li jassiguraw li l-vettura tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva waqt il-kundizzjonijiet normali tal-użu, minkejja xi vibrazzjonijiet li għalihom tista' tkun soġġetta.

5.1.2. Is-sistema tas-sajlenser, jew il-komponenti tagħha, għandhom ikunu ddisinjati, kostruwiti u kapaċi li jiġu mmuntati b'tali mod li jkun hemm resistenza raġjonevoli għall-fenomenu tal-korużjoni li għalih ikunu esposti wara li jitqiesu l-kundizzjonijiet tal-użu tal-vettura.

5.1.3. Il-preskrizzjonijiet addizzjonali relatati mal-manipulazzjoni u s-sistemi ta' multimodalità manwalment aġġustabbli tal-egżost jew tas-sajlensers.

5.1.3.1. Is-sistemi tas-sajlensers jew tal-egżost kollha għandhom jinbnew b'tali mod li ma jippermettux it-tneħħija faċli tal-baffles, l-exit-cones u partijiet oħra li l-funzjoni primarja tagħhom hija bħala parti miċ-chambers tas-sajlensers/espansjoni. Meta l-inkorporazzjoni ta' parti bħal din tkun inevitabbli, il-metodu tat-twaħħil tagħha għandu jkun tali li t-tneħħija ma tkunx iffaċilitata faċilment (eż. bil-fixings bil-kamin konvenzjonali) u għandha tkun imwaħħla b'tali mod ukoll li t-tneħħija tagħha tikkawża ħsara permanenti/irrikoverabbli lill-assemblaġġ.

5.1.3.2. Sistemi tas-sajlensers jew tal-egżost, b'modalitajiet multipli operattivi manwalment aġġustabbli għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha fil-modalitajiet operattivi kollha. Il-livelli tal-istorbju rrapportati għandhom ikunu dawk li jirriżultaw mill-modalità bl-ogħla livelli ta' storbju.

5.2. L-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tal-livelli tal-istorbju

5.2.1. Il-kundizzjonijiet tal-kejl

5.2.1.1. It-test tal-istorbju tas-sistema tas-sajlenser u s-sistema tas-sajlenser tas-sostituzzjoni għandu jitwettaq bl-istess tajers "normali" (kif iddefinit fil-paragrafu 2.8. tar-Regolament tal-UNECE Nru 117 (ĠU L 231, 29.8.2008 p. 19). It-testijiet ma għandhomx jitħallew li jsiru b'tajers ta' "użu speċjali" jew tajers "tas-silġ" kif iddefinit fil-paragrafi 2.9 u 2.10 tar-Regolament tal-UNECE Nru 117. Tajers bħal dawn jistgħu jzidu l-livell tal-istorbju tal-vettura jew ikollhom effett ta' masking fuq it-tqabbil tal-prestazzjoni tat-tnaqqis tal-istorbju. It-tajers jistgħu jkunu ta' kundizzjoni użata iżda għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti legali għall-użu fit-traffiku.

5.2.2. Il-prestazzjoni tat-tnaqqis tal-istorbju tas-sistema tas-sajlensers ta' sostituzzjoni jew tal-komponenti ta' din is-sistema għandha tiġi vverifikata permezz tal-metodi deskritti fl-Artikolu 7 u 8 u l-punt 1 tal-Anness II. B'mod partikolari, għall-applikazzjoni ta' dan il-punt, se ssir referenza għal-livell ta' emendi ta' dan ir-Regolament li kien fis-seħħ fiż-żmien tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura l-ġdida.

(a) Il-kejl bil-vettura miexja

Meta sistema tas-sajlensers ta' sostituzzjoni, jew il-komponenti tagħha, jiġu mmuntati fuq il-vettura deskritta fil-punt 1.3.3., il-livelli tal-istorbju miksuba għandhom jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) Il-valur imkejjel (imqarrab sal-eqreb numru sħiħ) ma għandhux jaqbeż b'aktar minn 1 dB (A) il-valur tal-approvazzjoni tat-tip miksub skont dan ir-Regolament bit-tip ta' vettura kkonċernata.

(ii) Il-valur imkejjel (qabel kull tqarrib sal-eqreb numru sħiħ) ma għandux jaqbeż b'aktar minn 1 dB (A) il-valur imkejjel tal-istorbju (qabel kull tqarrib għall-eqreb numru sħiħ) fuq il-vettura msemmija fil-punt 1.3.3., meta din tkun mgħammra b'sistema ta' sajlenser li tikkorrispondi mat-tip mwaħħal mal-vettura meta tiġi ppreżentata għal approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament.

Meta jintgħażel li jsir tqabbil inkruċjat tas-sistema ta' sostituzzjoni mas-sistema oriġinali, għall-applikazzjoni tal-punt 4.1.2.1.4.2. u/jew il-punt 4.1.2.2.1.2. tal-Anness II ta' dan ir-Regolament, ikun permess li jkun hemm bidla fil-ger għal aċċellerazzjonijiet ogħla, u l-użu ta' mezzi mekkaniċi jew elettroniċi li jipprevjenu din il-waqgħa fil-ger mhuwiex obbligatorju. Jekk f'dawn il-kundizzjonijiet il-livell tal-istorbju tal-vettura tat-test jogħla iktar mill-valuri tal-konformità tal-produzzjoni (conformity of production – COP), is-servizz tekniku għandu jiddeċiedi dwar ir-rappreżentattività tal-vettura tat-test.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

(b) Kejl bil-vettura wieqfa

Meta s-sistema tas-sajlensers ta' sostituzzjoni, jew il-komponenti tagħha, jiġu mmuntati fuq il-vettura deskritta fil-punt 1.3.3., il-livelli tal-istorbju miksuba għandhom jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) Il-valur imkejjel (imqarrab sal-eqreb numru sħiħ) ma għandux jaqbeż b'aktar minn 2 dB(A) tal-valur tal-approvazzjoni tat-tip miksub skont dan ir-Regolament bit-tip ta' vettura kkonċernata.

(ii) Il-valur imkejjel (qabel kull tqarrib għall-eqreb numru sħiħ) ma għandhux jaqbeż b'aktar minn 2 dB (A) il-valur tal-ħoss imkejjel (qabel kull tqarrib għall-eqreb numru sħiħ) fuq il-vettura msemmija fil-punt 1.3.3., meta din tkun mgħammra b'sistema ta' sajlensers li tikkorrispondi għat-tip li jkun imwaħħal mal-vettura meta tiġi ppreżentata għall-approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament.

5.2.3. Barra mir-rekwiżiti tal-Anness II, kull sistema tas-sajlensers ta' sostituzzjoni, jew komponent, trid/irid t/jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli tal-Anness VIII ta' dan ir-Regolament. Għal tipi ta' vetturi approvati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari ir-rekwiżiti tal-Anness VIII (ASEP) l-ispeċifikazzjonijiet tal-punti 5.2.3.1. sa 5.2.3.3. ta' dan l-Anness ma japplikawx.

5.2.3.1. Meta s-sistema tas-sajlenser ta' sostituzzjoni, jew komponent tagħha, ikunu sistemi jew komponenti b'ġeometrija varjabbli, fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip il-manifattur għandu jipprovdi dikjarazzjoni (b'konformità mal-Appendiċi 1 tal-Anness VIII) li tgħid li t-tip ta' sistema ta' sajlensers li jrid jiġi approvat jikkonforma mar-rekwiżiti tal-punt 5.2.3 ta' dan l-Anness. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' tirrikjedi li kull test relevanti jivverifika l-konformità tat-tip tas-sistema tas-sajlensers mad-dispożizzjonijiet addizzjonali tal-emissjonijiet tal-ħsejjes.

5.2.3.2. Meta s-sistema tas-sajlensers ta' sostituzzjoni, jew komponent tagħha, ma jkunux sistemi b'ġeometrija varjabbli, huwa biżżejjed li għall-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip il-manifattur jipprovdi dikjarazzjoni (skont l-Appendiċi 1 tal-Anness VIII) li tistqarr li t-tip ta' sistema tas-sajlensers li jrid jiġi approvat huwa konformi mar-rekwiżiti tal-punt 5.2.3 ta' dan l-Anness.

5.2.3.3. Din id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha tgħid hekk: "(L-isem tal-manifattur) jixhed li s-sistema ta' sajlensers ta' dan it-tip tikkonforma mar-rekwiżiti tal-punt 5.2.3. tal-Anness X tar-Regolament (UE) Nru …. [dan ir-Regolament]. (L-isem tal-manifattur) jagħmel din id-dikjarazzjoni in bona fede, wara li ssir valutazzjoni xierqa ta' inġinerija tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tal-ħsejjes applikabbli fuq il-firxa applikabbli ta' kundizzjonijiet.

5.3. Kejl tal-prestazzjonijiet tal-vettura

5.3.1. Is-sistema tal-egżost tas-sostituzzjoni, jew il-komponenti tagħha, għandhom ikunu tali li jassiguraw li l-imġieba tal-vettura tkun komparabbli ma' dik miksuba bit-tgħamir oriġinali tas-sistema tas-sajlenser jew tal-komponenti tagħha.

5.3.2. Is-sistema tas-sajlenser ta' sostituzzjoni jew, skont l-għażla tal-manifattur, il-komponenti ta' din is-sistema għandhom jitqabblu mas-sistema tas-sajlenser oriġinali jew il-komponenti, li huma ukoll f'kundizzjoni tajba, suċċessivament immuntati fuq il-vettura msemmija fil-punt 1.3.3.

5.3.3. Il-verifika għandha titwettaq billi titkejjel il-kontrapressjoni skont il-punt 5.3.4.

Il-valur imkejjel bis-sistema tas-sajlensers ta' sostituzzjoni ma għandux jaqbeż il-valur imkejjel bit-tgħamir tas-sistema oriġinali tas-sajlenser b'aktar minn 25 % skont il-kundizzjonijiet imsemmija hawn taħt.

5.3.4. Il-metodu tat-test

5.3.4.1. Il-metodu tat-test bil-magna

Il-kejl għandu jitwettaq fuq il-magna msemmija fil-punt 1.3.4 igganċjata ma' dinamometru. Bil-valv tal-aċċeleratur kompletament miftuħ, il-bank għandu jkun aġġustat b'tali mod li jikseb il-veloċità tal-magna (S) li tikkorrispondi mal-potenza massima nominali tal-magna.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Għall-kejl tal-kontrapressjoni, id-distanza li fiha vit tal-pressjoni għandu jitqiegħed mill-manifold tal-eġżost hija indikata fl-Appendiċi 5.

5.3.4.2. Il-metodu tat-test bil-vettura

Il-kejl għandu jitwettaq fuq il-vettura msemmija fil-punt 1.3.3. It-test għandu jsir jew fuq it-triq jew fuq dinamometru romblu.

Bil-valv tal-aċċelleratur kompletament miftuħ, il-magna għandha tiġi mgħobbija b'tali mod li tikseb il-veloċità tal-magna (S) li tikkorrispondi mal-potenza massima nominali tal-magna.

Għall-kejl tal-kontrapressjoni, id-distanza li fiha il-vit tal-pressjoni għandu jitqiegħed mill-manifold tal-eġżost hija indikata fl-Appendiċi 5.

5.4. Speċifikazzjonijiet addizzjonali fir-rigward tas-sistemi tas-sajlensers ta' sostituzzjoni jew komponenti li fihom materjali fibrużi li jtaffu l-ħsejjes

5.4.1. Kummenti ġenerali

Il-materjali fibrużi li jtaffu l-ħsejjes jistgħu jintużaw biss fis-sistemi tas-sajlenser jew fil-komponenti tagħhom fejn titlaħaq kwalunkwe waħda minn dawn il-kundizzjonijiet;

(a) Il-gass tal-egżost ma jkunx f'kuntatt mal-materjali fibrużi;

(b) Is-sistema tas-sajlenser jew il-komponenti tagħha ikunu tal-istess familja ta' disinn tas-sistemi jew tal-komponenti tas-sistemi li għalihom ġie ppruvat, waqt il-proċess tal-approvazzjoni tat-tip skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, li mhumiex suġġetti għad-deterjorament.

Jekk l-ebda waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tintlaħaq, is-sistema sħiħa tas-sajlenser jew il-komponent tagħha jkollhom iġarrbu kundizzjonament konvenzjonali permezz ta' waħda fost tliet installazzjonijiet u proċeduri deskritti hawn taħt.

5.4.1.1. Tħaddim kontinwu fit-triq għal 10 000 km

5.4.1.1.1. 50 ± 20 % ta' din l-operazzjoni għandu jikkonsisti minn sewqan urban u l-bqija tal-operazzjoni għandha tikkonsisti minn ġirjiet ta' distanzi twal b'veloċità għolja; it-tħaddim kontinwu fit-triq jista' jiġi sostitwit minn programm korrispondenti fuq il-mogħdija tat-test.

Iż-żewġ reġimi ta' veloċità għandhom jalternaw mill-inqas darbtejn.

Il-programm komplut tat-test irid jinkludi minimu ta' 10 waqfiet ta' mill-inqas tliet sigħat sabiex ikunu riprodotti l-effetti ta' tberrid u ta' xi kondensazzjoni li tista' tkun iffurmat.

5.4.1.2. L-ikkondizzjonar fuq bank tat-test

5.4.1.2.1. Bl-użu ta' partijiet standard u billi jiġu osservati l-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vettura, is-sistema tas-sajlenser jew il-komponenti tagħha iridu jitwaħħlu mal-vettura li tissemma fil-punt 1.3.3. jew mal-magna li tissemma fil-punt 1.3.4.. Fl-ewwel każ, il-vettura trid tkun immuntata fuq dinanometru romblu. Fit-tieni każ, il-magna trid tkun igganċjata ma' dinanometru.

5.4.1.2.2. It-test għandu jitwettaq f'perjodi ta' sitt sigħat b'waqfa ta' mill-anqas 12-il siegħa bejn kull perjodu sabiex ikunu riprodotti l-effetti tat-tberrid u xi kondensazzjoni li tista' sseħħ.

5.4.1.2.3. Matul kull perjodu ta' sitt sigħat, il-magna għandha titħaddem skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Ħames minuti b'veloċità mingħajr ingranaġġ;

(b) Sekwenza ta' siegħa bi 1/4 tagħbija bi 3/4 tal-veloċità massima nominali (S);

(c) Sekwenza ta' siegħa b'1/2 tagħbija bi 3/4 tal-veloċità massima nominali (S);

(d) Sekwenza ta' 10 minuti b'tagħbija sħiħa bi 3/4 tal-veloċità massima nominali (S);

(e) Sekwenza ta' 15-il minuta b'1/2 tagħbija b'veloċità massima nominali (S);

(f) Sekwenza ta' 30 minuta bi 1/4 tagħbija b'veloċità massima nominali (S).

Kull perjodu għandu jkun magħmul minn żewġ settijiet maqsumin f'sekwenza ta' dawk il-kundizzjonijiet f'ordni konsekuttiva minn (a) sa (f).

5.4.1.2.4. Matul it-test, is-sistema tas-sajlenser jew il-komponenti tagħha ma għandhomx jitberrdu b'riħ sfurzat li jissimula l-arja li normalment tgħaddi madwar il-vettura.

Madankollu, fuq talba tal-manifattur, is-sistema tas-sajlenser tista' titberred sabiex ma taqbiżx it-temperatura rreġistrata fil-bokka tagħha meta l-vettura tkun għaddejja b'veloċità massima.

5.4.1.3. L-ikkondizzjonar bil-pulsazzjoni

5.4.1.3.1. Is-sistema tas-sajlenser jew il-komponenti tagħha għandhom ikunu mmuntati mal-vettura msemmja fil-punt 1.3.3 jew mal-magna imsemmija fil-punt 1.3.4. Fl-ewwel każ, il-vettura għandha titqiegħed fuq dinanometru romblu, u, fit-tieni każ, il-magna għandha titqiegħed fuq dinamometru.

5.4.1.3.2. L-apparat tat-test, li dijagramma dettaljata tiegħu qed tintwera fil-Figura 1 tal-Appendiċi 1 tal-Anness IV, irid jitwaħħal fil-bokka tas-sistema tas-sajlenser. Kwalunkwe apparat ieħor li jipprovdi riżultati ekwivalenti huwa aċċettabbli.

5.4.1.3.3. L-apparat tat-test għandu jkun aġġustat b'tali mod li l-fluss tal-gass tal-egżost ikun interrott alternattivament u jerġa jitqabbad permezz ta' valv ta' azzjoni rapida għal 2 500-il ċiklu.

5.4.1.3.4. Il-valv għandu jiftaħ meta l-kontrapressjoni tal-gass tal-egżost, imkejjel mill-anqas 100 mm 'l isfel mil-flanġ tad-dħul, jilħaq valur ta' bejn 35 u 40 kPa. Għandu jagħlaq meta din il-pressa ma tvarjax b'aktar minn 10 % mill-valur stabilizzat tiegħu bil-valv miftuħ.

5.4.1.3.5. It-time-delay switch għandu jkun stabbilit għad-dewmien tal-ħruġ tal-gass tal-egżost li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 5.4.1.3.4.

5.4.1.3.6. Il-veloċità tal-magna għandha tkun ta' 75 % tal-veloċità (S) li fiha l-magna tiżviluppa l-potenza massima.

5.4.1.3.7. Il-potenza indikata mid-dinamometru għandha tkun ugwali għal 50 % tal-potenza bil-valv tal-aċċeleratur miftuħ kollu mkejla b'75 % tal-veloċità tal-magna (S).

5.4.1.3.8. Kull toqba għall-iskular tal-likwidi għandha tingħalaq matul it-test.

5.4.1.3.9. It-test kollu għandu jitwettaq fi żmien 48 siegħa. Jekk jinħtieġ, wara kull siegħa se jkun osservat perjodu wieħed ta' tberrid.

5.4.1.3.10. Wara l-kondizzjonament, il-livell tal-ħoss jiġi kkontrollat skont il-punt 5.2.

6. Estensjoni tal-approvazzjoni

Il-manifattur tas-sistema tas-sajlenser jew ir-rappreżentant debitament akkreditat tiegħu jistgħu jitolbu estensjoni tal-approvazzjoni għal tipi oħra ta' vetturi mingħand id-dipartiment amministrattiv li jkun ta l-approvazzjoni għas-sistema tas-sajlensers għal tip wieħed jew diversi tipi ta' vetturi.

Il-proċedura hija dik deskritta fil-punt 1. Avviż tal-estensjoni tal-approvazzjoni (jew ir-rifjut ta' estensjoni) għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri skont il-proċedura speċifikata fid-Direttiva 2007/46/KE.

7. Modifika tat-tip ta' sistema tas-sajlenser

Fil-każ ta' modifiki tat-tip approvat skont dan ir-Regolament, għandhom japplikaw l-Artikoli 13 sa 16 u l-Artikolu 17(4) tad-Direttiva 2007/46/KE.

8. Il-konformità tal-produzzjoni

8.1. Il-miżuri biex jiżguraw il-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2007/46/KE.

8.2. Dispożizzjonijiet speċjali:

8.2.1. It-testijiet imsemmija fil-punt 2.3.5 tal-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE huma dawk preskritti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

8.2.2. Il-frekwenza tal-ispezzjonijiet imsemmija fil-punt 3 tal-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE normalment hija darba kull sentejn.

---

Appendiċi 1

**Dokument ta' Informazzjoni Nru … rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-UE bħala unità teknika separata ta' sistemi tal-egżost għal vetturi bil-mutur (ir-Regolament …)**

L-informazzjoni li ġejja, jekk applikabbli, għandha tiġi ppreżentata fi tliet kopji u għandha tinkludi werrej. Kull illustrazzjoni għandha tiġi ppreżentata fi skala xierqa u b'dettall suffiċjenti fuq daqs ta' A4 jew f'folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom ikunu ddettaljati biżżejjed.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati ikollhom il-kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar kif jaħdmu.

0. Kummenti ġenerali

0.1. L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. It-tip u d-deskrizzjoni(ijiet) kummerċjali ġenerali:

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur

0.7. Fil-kaz ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-post u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' approvazzjoni tal-UE:

0.8. L-indirizz(i) tal-impjant(i) fejn isir l-immuntar:

1. Id-deskrizzjoni tal-vettura li għaliha huwa maħsub it-tagħmir (jekk it-tagħmir huwa maħsub li jiġi installat fuq aktar minn tip wieħed ta' vettura, l-informazzjoni mitluba taħt dan il-punt għandha tingħata għal kull tip ikkonċernat)

1.1. L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

1.2. It-tip u d-deskrizzjoni(ijiet) kummerċjali ġenerali:

1.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk ikun immarkat fuq il-vettura:

1.4. Il-kategorija tal-vettura:

1.5. In-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-livell tal-ħoss:

1.6. L-informazzjoni kollha msemmija fil-punti 1.1. sa 1.4. taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip li jikkonċerna l-vettura (l-Anness I, l-Appendiċi 2 ta' dan ir-Regolament):

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1. Il-kompożizzjoni tal-unità teknika separata:

1.2. Il-marka kummerċjali jew l-isem kummerċjali tat-tip(i) ta' vettura bil-mutur li magħha għandu jiġi installat is-sajlenser (1)

1.3. It-tip(i) ta' vettura u n-numru(i) tal-approvazzjoni tat-tip tagħha/tagħhom:

1.4. Il-magna

1.4.1. It-tip (tqabbid bl-ispark plaggs, dijżil):

1.4.2. Iċ-ċikli: two-stroke, four-stroke:

1.4.3. Il-kapaċità ċilindrika totali:

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

1.4.4. Il-potenza massima nominali tal-magna … kW at … $min^{-1}$

1.5. In-numru ta' proporzjonijiet tal-ingranaġġ:

1.6. Il-proporzjonijiet tal-ingranaġġ użati:

1.7. Il-proporzjonijiet(s) tal-fusijiet motorizzati:

1.8. Il-valuri tal-livell tal-ħsejjes:

vettura miexja: … dB (A), veloċità stabbilizzata qabel l-aċċelerazzjoni

fi … km/h;

vettura wieqfa dB (A), bil- … $min^{-1}$

1.9. Il-valur tal-kontrapressjoni:

1.10. Kull restrizzjoni fir-rigward ta' rekwiżiti ta' użu u ta' mmuntar:

2. Rimarki:

3. Deskrizzjoni tat-tagħmir

3.1. Deskrizzjoni tas-sistema tal-egżost ta' sostituzzjoni li tindika l-pożizzjoni relattiva ta' kull komponent tas-sistema, flimkien mal-istruzzjonijiet tal-immuntar:

3.2. Illustrazzjonijiet dettaljati ta' kull komponent, b'mod li jkunu jistgħu jinstabu u jiġu identifikati b'mod faċli, u referenza għall-materjali użati. Dawn l-illustrazzjonijiet għandhom jindikaw il-post li jkun hemm ipprovdut għat-twaħħil obbligatorju tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE

Data, Fajl

---

Appendiċi 2

MUDELL

**IĊ-ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE**

(Format Massimu: A4 (210 × 297 mm))

It-timbru tal-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna

— l-approvazzjoni tat-tip ([1])

— l-estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ([1])

— ir-rifjut tal-approvazzjoni tat-tip ([1])

— l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip ([1])

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) fir-rigward tar-Regolament Nru. .

In-numru tal-approvazzjoni tat-tip.

Ir-raġuni għall-estensjoni:

([1]) Ħassar kif xieraq.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

TAQSIMA I

0.1. L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. It-tip u d-deskrizzjoni(ijiet) kummerċjali ġenerali:

0.3. Il-meżżi tal-identifikazzjoni tat-tip jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) ([2]):

0.3.1. Fejn tinsab dik il-marka:

0.4. Il-kategorija tal-vettura ([3]):

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:

0.7. Fil-kaz ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-post u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' approvazzjoni tal-UE:

0.8. L-indirizz(i) tal-impjant(i) fejn isir l-immuntar:

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn applikabbli): Ara l-Addendum
2. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet:
3. Id-data tar-rapport tat-test:
4. In-numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (jekk ikun hemm): Ara l-Addendum
6. Post:
7. Data:
8. Firma:
9. L-indiċi għall-pakkett tal-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità tal-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż

---

([1]) Ħassar kif xieraq.

([2]) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tat-tip ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti biċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: "?" (eż.ABC??123??).

([3]) Kif iddefinit skont it-Taqsima A tal-Anness IIA tad-Direttiva 2007/46/KE

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

Appendiċi 3

**Mudell għall-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE**




Is-sistema tal-egżost, jew il-komponent tagħha, li jkollhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE kif tidher hawn fuq huwa tagħmir li ġie approvat fi Spanja (e 9) skont ir-Regolament Nru. bin-numru tal-approvazzjoni bażiku 0148.

Iċ-ċifri użati huma biss indikattivi.

---

Appendiċi 4

**L-apparat tat-test**




1. Flanġ tal-bokka jew sleeve – konnessjoni man-naħa ta' wara tas-sistema sħiħa tas-sajlenser li trid tiġi ttestjata.

2. Il-valv li jirregola (mħaddem bl-idejn).

3. Kompartiment kompensatorju minn 35 sa 40 l.

4. L-iswiċċ tal-pressa 5 $k_{P}a$ sa 250 $k_{P}a$ – biex jiftaħ il-komponent 7.

5. Time delay switch – biex jagħlaq il-komponent 7.

6. L-apparat li jgħodd l-impulsi.

7. Quick response valve (valv tar-reazzjoni rapida) – bħall-valv ta' sistema tal-brejk tal-egżost b'dijametru ta' 60 mm, imħaddem b'ċilindru pnewmatiku b'output ta' 120 N b'400 kPa. Il-ħin ta' reazzjoni, kemm biex jinfetaħ kif ukoll biex jingħalaq, ma jridx jaqbeż iż-0,5 ta' sekonda.

8. L-evakwazzjoni tal-gass tal-egżost.

9. Il-pajp flessibbli.

10. L-apparat li jkejjel il-pressjoni.

Appendiċi 5

**Il-punti tal-kejl – Kontrapressjoni**

Eżempji possibbli ta' punti ta' kejl għal testijiet għal telf ta' pressjoni. Il-punt preċiż tal-kejl għandu jiġi speċifikat fir-rapport tat-test. Għandu jkun f'erja fejn il-fluss tal-gass huwa regolari.

**1. Figura 1**

**Pajp wieħed**




**2. figura 2**

**Partly twin pipe** [1]




[1] Jekk mhux possibbli, irreferi għall-figura 3.

**3. Figura 3**

**Twin pipe**




[2] Żewġ punti ta' kejl, qari wieħed.

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

ANNESS XI

## Il-kontrolli fuq il-konformità tal-produzzjoni għal sistema tal-egżost bħala unità teknika separata

1. Kummenti ġenerali

Dawn ir-rekwiżiti jaqblu ma' testijiet li jsiru biex tiġi kkontrollata l-konformità ta' produzzjoni (COP) skont il-punt 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-proċeduri u l-ittestjar

Il-metodi tal-ittestjar, l-istrumenti tal-kejl u l-interpretazzjoni tar-riżultati għandhom ikunu dawk deskritti fil-punt 5 tal-Anness X. Is-sistema tal-egżost, jew il-komponent, li qed jiġu ttestjati għandhom ikunu suġġetti għat-test kif deskritt fil-punti 5.2, 5.3 u 5.4 tal-Anness X.

3. Il-kampjunar u l-evalwazzjoni tar-riżultati

3.1. Sistema waħda ta' sajlensers jew komponent wieħed għandhom jintgħażlu u jiġu sottoposti għat-testijiet tal-punt 2. Jekk ir-riżultati tat-test jissodisfaw il-konformità tal-ħtiġijiet tal-produzzjoni tal-punt 8.1. tal-Anness X, it-tip ta' sistema ta' sajlensers jew tal-komponent hu kkunsidrat li jkun konformi mas-COP.

3.2. Jekk wieħed mir-riżultati tat-test ma jissodisfax il-ħtiġijiet tal-konformità tal-produzzjoni tal-punt 8.1. tal-Anness X, żewġ sistemi jew aktar ta' sajlensers jew komponenti tal-istess tip għandhom ikunu ttestjati skont il-punt 2

3.3. Jekk ir-riżultati tat-test għat-tieni u t-tielet sistema ta' sajlensers jew komponent jissodisfaw il-konformità tal-ħtiġijiet tal-produzzjoni tal-punt 8.1 tal-Anness X, it-tip ta' sistema ta' sajlensers jew tal-komponent jitqiesu li jissodisfaw il-konformità tal-produzzjoni.

3.4. Jekk wieħed mir-riżultati tat-testijiet tat-tieni jew it-tielet sistema ta' sajlensers jew tal-komponent ma jissodisfawx il-konformità tal-ħtiġijiet tal-produzzjoni tal-punt 8.1. tal-Anness X, it-tip ta' sistema ta' sajlensers, jew il-komponent, għandhom jitqiesu li mhumiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tkun stabbilita l-konformità mill-ġdid.

ANNESS XII

## Tabella ta' korrelazzjoni

(Imsemmija fl-Artikolu 15.2)

| Id-Direttiva 70/157/KEE | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| — | Artikolu 1 |
| — | Artikolu 2 |
| — | Artikolu 3 |
| Artikolu 2 | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 2a | Artikolu 4(2) u (3) |
| — | Artikolu 5 |
| — | Artikolu 6 |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| Id-Direttiva 70/157/KEE | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| — | Artikolu 7 |
| — | Artikolu 8 |
| — | Artikolu 9 |
| — | Artikoli 10, 11, 12 u 13 |
| — | Artikolu 14 |
| — | Artikolu 15 |
| | Artikolu 16 |
| Anness I, punt 1 | Anness I, punt 1 |
| Anness I, punt 3 | Anness I, punt 2 |
| Anness I, punt 4 | Anness I, punt 3 |
| Anness I, punt 5 | Anness I, punt 4 |
| Anness I, punt 6 | Anness I, punt 5 |
| Anness I, Appendiċi 1, | Anness I, Appendiċi 1, |
| Anness I, Appendiċi 2 (mingħajr l-Addendum) | Anness I, Appendiċi 2 |
| — | Anness I, Appendiċi 3 |
| — | Anness II |
| Anness I, punt 2 | Anness III |
| — | Anness IV |
| — | Anness V |
| — | Anness VI |
| — | Anness VII |
| — | Anness VIII |
| | Anness IX |
| Anness II, punt 1, 2, 3 u 4 | Anness X, il-punti 1, 2, 3 u 4 |
| — | Anness X, il-punti 5 u 6 |
| Anness II, il-punti 5 u 6 | Anness X, il-punti 7 u 8 |

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

| Id-Direttiva 70/157/KEE | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Anness II, Appendiċi 1 | Anness X, Appendiċi 1 (+ informazzjoni addizzjonali) |
| Anness II, Appendiċi 2 (mingħajr l-Addendum) | Anness X, Appendiċi 2 |
| Anness II, Appendiċi 3 | Anness X, Appendiċi 3 |
| — | Anness X, Appendiċijiet 4 u 5 |
| | Anness XI |
| — | Anness XII |
| Anness III, il-punt 1 | — |
| Anness III, il-punt 2 | — |

P7_TA(2013)0042

## Il-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond Ewropew għar-Ritorn u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE, d-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE bil-ħsieb li tiżdied ir-rata ta' kofinanzjament għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond Ewropew għar-Ritorn u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-ġestjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbilità finanzjarja tagħhom (COM(2012)0526 – C7-0302/2012 – 2012/0252(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 024/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0526),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 78(2) u l-Artikolu 79(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0302/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-19 ta' Diċembru 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regola 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0004/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2012)0252

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Frar 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE bil-ħsieb li tiżdied ir-rata ta' kofinanzjament għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond Ewropew għar-Ritorn u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-ġestjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni Nru 258/2013/UE.)*

---

P7_TA(2013)0043

## Il-Fond tal-Fruntieri Esterni ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE bil-ħsieb li tiżdied ir-rata ta' kofinanzjament tal-Fond tal-Fruntieri Esterni għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbilità finanzjarja tagħhom (COM(2012)0527 – C7-0301/2012 – 2012/0253(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 024/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0527),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0301/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-19 ta' Diċembru 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regola 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0433/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

## P7_TC1-COD(2012)0253

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Frar 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE bil-ħsieb li tiżdied ir-rata ta' kofinanzjament tal-Fond għall-Fruntieri Esterni għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni Nru 259/2013/UE.)*

P7_TA(2013)0044

## Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1288/2009 (COM(2012)0298 – C7-0156/2012 – 2012/0158(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 024/26)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0298),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0156/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Settembru 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-7 ta' Novembru 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0342/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([2]);

([1]) ĠU C 351, 15.11.2012, p. 83.
([2]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-22 ta' Novembru 2012 (Testi adottati, P7_TA(2012)0448).

**L-Erbgħa 6 ta' Frar 2013**

2. Japprova d-dikjarazzjoni tal-Parlament mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jressaq il-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2012)0158

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Frar 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1434/98 li jispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jinħattu l-aringi għal skopijiet industrijali li mhux għall-konsum dirett tal-bniedem**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 227/2013.)*

---

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew dwar l-atti implimentattivi

Il-Parlament Ewropew jiddikjara li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward l-atti implimentattivi huma r-riżultat ta' kompromess delikat. Sabiex jintlaħaq ftehim fl-ewwel qari qabel ma jiskadi r-Regolament (KE) Nru 850/98 fi tmiem l-2012, il-Parlament Ewropew aċċetta l-possibilità li jintużaw l-atti ta' implimentazzjoni f'ċerti każijiet speċifiċi fir-Regolament (KE) Nru 850/98. Il-Parlament Ewropew jenfasizza madankollu li dawk id-dispożizzjonijiet m'għandhomx jittieħdu jew jintużaw bħala preċedent fl-ebda regolament adottat bi qbil mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, b'mod partikolari l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar.

---

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

P7_TA(2013)0051

# Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida kontra l-frodi tal-VAT *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida kontra l-frodi tal-VAT (COM(2012)0428 – C7-0260/2012 – 2012/0205(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2016/C 024/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2012)0428),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C7-0260/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0014/2013),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa - 1 (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(-1)* ***Il-ġlieda msaħħa kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa hija importanti ħafna biex jerġgħu jiġu stabbiliti u jinżammu l-istabilità u s-saħħa tal-finanzi pubbliċi madwar l-Unjoni.*** |

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-frodi tat-taxxa fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) ***twassal għal telf baġitarju*** konsiderevoli u tolqot il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u għaldaqstant taffettwa l-operat tas-suq intern. Dan l-aħħar, speċjalment permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi li jiffaċilitaw kummerċ illeġittimu rapidu fuq skala kbira, *żviluppaw forom speċifiċi ta' frodi tat-taxxa massivi u li jseħħu għall-għarrieda*. | (1) Il-frodi tat-taxxa fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) ***tirriżulta f'telf*** konsiderevoli ***għall-finanzi pubbliċi*** u tolqot ***b'mod negattiv*** il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u għaldaqstant taffettwa l-operat ***ġust u effiċjenti*** tas-suq intern. ***Telf bħal dan għandu jiġi limitat, b'mod partikolari matul żminijiet ta' awsterità fiskali***. Dan l-aħħar *żviluppaw forom speċifiċi ta' frodi tat-taxxa massivi u li jseħħu għall-għarrieda*, speċjalment permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi li jiffaċilitaw kummerċ illeġittimu rapidu fuq skala kbira ***u li ta' spiss jestendi lil hinn mill-fruntieri ta' Stat Membru partikolari***. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, tippermetti lill-Istati Membri li japplikaw għal deroga minn dik id-Direttiva sabiex jipprevjenu ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa. L-awtorizzazzjoni ta' tali deroga tirrikjedi proposta min-naħa tal-Kummissjoni u l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill. Esperjenza reċenti wriet li l-proċess għall-għoti ta' derogi mhux dejjem ikun flessibbli biżżejjed biex jiżgura reazzjoni xierqa u f'waqtha għal talbiet li jagħmlu l-Istati Membri. | (2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, tippermetti lill-Istati Membri li japplikaw għal deroga minn dik id-Direttiva sabiex jipprevjenu ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa. L-awtorizzazzjoni ta' tali deroga tirrikjedi proposta min-naħa tal-Kummissjoni u l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill. Esperjenza reċenti wriet li l-proċess għall-għoti ta' derogi mhux dejjem ikun ***rapidu jew*** flessibbli biżżejjed biex jiżgura reazzjoni xierqa u f'waqtha għal talbiet li jagħmlu l-Istati Membri. |

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) In-nomina tar-riċevitur bħala persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT (***reverse charge***) hija miżura effettiva biex jitwaqqfu *mal-ewwel* l-aktar tipi ta' evażjoni tat-taxxa magħrufa f'ċerti setturi. Madankollu, billi hemm ***mnejn li s-sitwazzjoni*** tevolvi maż-żmien, jista' jkun neċessarju wkoll li jiġi permess li jittieħdu miżuri oħrajn. Għal din ir-raġuni, ***il-Kunsill għandu***, fejn xieraq u ***fuq talba tal-Kummissjoni***, ***jqis*** kwalunkwe miżura oħra bħala li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida*. It-tip ta' miżuri li jistgħu jiġu awtorizzati għandhom jiġu stabbiliti bil-għan li jiġi mminimizzat l-ammont ta' żmien meħtieġ għall-awtorizzazzjoni tad-derogi mill-Kummissjoni. | (7) In-nomina tar-riċevitur bħala persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT (***"mekkaniżmu tar-reverse charge"***) hija miżura effettiva biex jitwaqqfu *mill-ewwel* l-aktar tipi ta' evażjoni tat-taxxa magħrufa f'ċerti setturi ***("frodi karużell")***. Madankollu, billi hemm ***dgħufijiet eżistenti fis-sistema tal-VAT u skont kif is-sitwazzjoni tista'*** tevolvi maż-żmien, jista' jkun neċessarju wkoll li jiġi permess li jittieħdu miżuri oħrajn. Għal din ir-raġuni, ***il-Kummissjoni għandha***, fejn xieraq, ***tipproponi*** kwalunkwe miżura oħra bħala li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *tal-mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida*. ***Dik il-miżura għandha tiġi approvata b'mod unanimu mill-Kunsill wara li jkun ikkonsulta lill-Parlament Ewropew.*** It-tip ta' miżuri li jistgħu jiġu awtorizzati għandhom jiġu stabbiliti ***b'mod sħiħ u trasparenti*** bil-għan li jiġi mminimizzat l-ammont ta' żmien meħtieġ għall-awtorizzazzjoni tad-derogi mill-Kummissjoni. |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Sabiex ittejjeb u tiżviluppa l-mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida fuq bażi kontinwa, il-Kummissjoni għandha tirraporta b'mod regolari lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tiegħu, waqt li teżamina, fost l-oħrajn, miżuri oħra li għandhom jiżdiedu mal-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu u modi ġodda biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qafas ġenerali tal-mekkaniżmu.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 9b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9b) Sabiex il-mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida jopera b'mod sodisfaċenti, il-Kummissjoni għandha dejjem tkun kapaċi taġixxi malajr u b'mod preċiż fuq dawn il-kwistjonijiet. Ir-riżorsi umani u r-riżorsi l-oħra tal-mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida għandhom għalhekk ikunu adegwati, u proċedura interna aċċellerata tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandha tiġi stabbilita u miżmuma.*** |

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 9c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(9c)* ***Peress li l-applikazzjoni ta' miżura speċjali fi Stat Membru wieħed jista' jkollha riperkussjonijiet fuq is-sistemi tal-VAT tal-Istati Membri l-oħra, il-Kummissjoni għandha, sabiex iżomm it-trasparenza, tinforma lill-Istati Membri kollha dwar it-talbiet kollha li qed isiru u dwar id-deċiżjonijiet kollha li qed jittieħdu fir-rigward ta' dawk it-talbiet.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 9d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(9d)* ***Fil-ħidma tagħha dwar it-titjib u l-irfinar tal-mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta b'mod estensiv l-impriżi fis-setturi suxxettibbli għall-frodi u partijiet interessati rilevanti oħra.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Billi l-objettiv tal-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri li jiġu indirizzati fenomeni ta' frodi massivi u li jseħħu għall-għarrieda fil-qasam tal-VAT li ħafna drabi jkollhom dimensjoni internazzjonali, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba li huma mhumiex f'pożizzjoni biex jiġġieldu individwalment kontra ċ-ċirkwiti tal-frodi relatati ma' forom ġodda ta' kummerċ li jinvolvu diversi pajjiżi fl-istess waqt, u għaldaqstant jista' jintlaħaq fil-livell tal-Unjoni li tiżgura rispons aktar mgħaġġel u b'konsegwenza ta' dan, rispons iktar xieraq u effettiv għal dawn il-fenomeni, l-Unjoni ***tista'*** tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, hekk kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, hekk kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-objettivi. | (10) Billi l-objettiv tal-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri li jiġu indirizzati fenomeni ta' frodi massivi u li jseħħu għall-għarrieda fil-qasam tal-VAT li ħafna drabi jkollhom dimensjoni internazzjonali, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba li huma mhumiex f'pożizzjoni biex jiġġieldu individwalment kontra ċ-ċirkwiti tal-frodi relatati ma' forom ġodda ta' kummerċ li jinvolvu diversi pajjiżi fl-istess waqt, u għaldaqstant jista' jintlaħaq fil-livell tal-Unjoni li tiżgura rispons aktar mgħaġġel u b'konsegwenza ta' dan, rispons iktar xieraq u effettiv għal dawn il-fenomeni, l-Unjoni ***għandha*** tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, hekk kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, hekk kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-objettivi. |

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1**

Direttiva 2006/112/KE

Taqsima 1a – Artikolu 395a – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) in-nomina tar-riċevitur bħala persuna responsabbli mill-ħlas tal-VAT fuq fornituri speċifiċi ta' prodotti u servizzi b'deroga mill-Artikolu 193, wara li ssir it-talba msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għal tali miżura; | (a) in-nomina tar-riċevitur bħala persuna responsabbli mill-ħlas tal-VAT fuq fornituri speċifiċi ta' prodotti u servizzi b'deroga mill-Artikolu 193 ***("mekkaniżmu tar-reverse charge")***, wara li ssir it-talba msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għal tali miżura; |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1**

Direttiva 2006/112/KE

Taqsima 1a – Artikolu 395a – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (b) kwalunkwe miżura oħra ***stabbilita mill-Kunsill li jaġixxi unanimament fuq proposta*** mill-Kummissjoni. | (b) kwalunkwe miżura oħra ***proposta*** mill-Kummissjoni***, u approvata b'mod unanimu mill-Kunsill wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew***. |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1**

Direttiva 2006/112/KE

Taqsima 1a – Artikolu 395a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Għall-finijiet ***tal-punt (a)***, ***il-miżura*** speċjali tkun soġġetta għal miżuri xierqa ta' kontroll mill-Istati Membri, fir-rigward ta' persuni taxxabbli li jipprovdu l-prodotti jew is-servizzi li għalihom tkun tapplika dik il-miżura. | Għall-finijiet ***tal-punti (a) u (b)***, ***kwalunkwe miżura*** speċjali ***użata għandha*** tkun soġġetta għal miżuri xierqa ta' kontroll mill-Istati Membri, fir-rigward ta' persuni taxxabbli li jipprovdu l-prodotti jew is-servizzi li għalihom tkun tapplika dik il-miżura. |

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1**

Direttiva 2006/112/KE

Taqsima 1a – Artikolu 395a – paragrafu 1 – subparagrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-proċedura stabbilita f'dan il-paragrafu għandha titlesta fi żmien tliet xhur.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1**

Direttiva 2006/112/KE

Taqsima 1a – Artikolu 395a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Stat Membru li jkun jixtieq jintroduċi miżura kif previst fil-paragrafu 1, għandu jibgħat l-applikazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni. L-Istat Membru ***jipprovdilha*** l-informazzjoni li tindika s-settur ikkonċernat, it-tip u l-fatturi tal-frodi, in-natura massiva tiegħu u l-fatt li jkun seħħ għall-għarrieda u l-konsegwenzi tiegħu f'dak li jirrigwarda t-telf finanzjarju konsiderevoli u rrimedjabbli. Jekk il-Kummisjoni tqis li m'għandhiex l-informazzjoni kollha meħtieġa, hi tikkuntattja lill-Istat Membru kkonċernat fi żmien ***xahar*** minn meta tirċievi l-applikazzjoni u tispeċifika x'informazzjoni addizzjonali jkollha bżonn. | 2. Stat Membru li jkun jixtieq jintroduċi miżura kif previst fil-paragrafu 1, għandu jibgħat l-applikazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni. L-Istat Membru ***għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, il-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew u l-Qorti tal-Awdituri*** l-informazzjoni li tindika s-settur ikkonċernat, it-tip u l-fatturi tal-frodi, in-natura massiva tiegħu u l-fatt li jkun seħħ għall-għarrieda u l-konsegwenzi tiegħu f'dak li jirrigwarda t-telf finanzjarju konsiderevoli u rrimedjabbli. Jekk il-Kummisjoni tqis li m'għandhiex l-informazzjoni kollha meħtieġa, hi tikkuntattja lill-Istat Membru kkonċernat fi żmien ***ġimagħtejn*** minn meta tirċievi l-applikazzjoni u tispeċifika x'informazzjoni addizzjonali jkollha bżonn. ***Il-Kummissjoni għandha wkoll tikkonsulta lis-settur kummerċjali rilevanti, fejn xieraq u meta jkun possibbli.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1**

Direttiva 2006/112/KE

Taqsima 1a – Artikolu 395a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ladarba l-Kummisjoni jkollha l-informazzjoni kollha li hi tqis bħala meħtieġa għall-valutazzjoni tat-talba, fi żmien xahar, hija tawtorizza l-miżura speċjali jew, *f'każ li l-Kummissjoni* toġġezzjona għall-miżura mitluba, tinforma lill-Istat Membru kkonċernat dwar dan. | Ladarba l-Kummisjoni jkollha l-informazzjoni kollha li hi tqis bħala meħtieġa għall-valutazzjoni tat-talba ***għandha:*** |

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(a)*** ***tinnotifika l-Istat Membru li qed jagħmel it-talba kif xieraq,*** <br> ***(b)*** ***tittrasmetti t-talba, fil-lingwa oriġinali tagħha, lill-Istati Membri l-oħra,*** <br> *(c)* fi żmien xahar, jew tawtorizza l-miżura speċjali jew, *jekk il-Kummissjoni* toġġezzjona għaliha, tinforma biha lill-Istat Membru kkonċernat, ***lill-Istati Membri l-oħra, lill-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew, u lill-Qorti tal-Awdituri, flimkien ma' ġustifikazzjoni dettaljata****.* |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1**

Direttiva 2006/112/KE

Taqsima 1a – Artikolu 395c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 395c*** <br><br> ***Kull tliet snin, u għall-ewwel darba sal-1 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida stabbilit taħt din it-Taqsima. Ir-rapport għandu jeżamina, fost l-oħrajn, miżuri speċjali oħra li għandhom jiżdiedu mal-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu u modi ġodda biex isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qafas ġenerali tal-mekkaniżmu.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 1a*** <br><br> ***Sal-1 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar kif il-proċedura ta' deroga regolari stabbilita fl-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112/KE tista' ssir aktar rapida. L-għan tar-rapport għandu jkun li jidentifika bidliet fl-istrutturi u r-rutini eżistenti li jiżguraw li l-Kummissjoni dejjem tlesti l-proċedura fi żmien ħames xhur minn meta tirċievi l-applikazzjoni minn Stat Membru. Ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi, jekk ikun xieraq.*** |

**Il-Ħamis 7 ta' Frar 2013**

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. | 2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ***lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. | Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. ***Din għandha tiġi kkonsolidata mad-Direttiva 2006/112/KE sa … (*).***<br>***(*) Tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT